IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI
IT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI
Id-dwana
Politika Doganali

Brussell, 19-04-2021

TAXUD/A1/TRA/005/2020-1-MT

MANWAL TAT-TRANŻITU

Commission européenne/Europese Commissie, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË
TAXUD-UNIT-A1@ec.europa.eu

Daħla

Il-pjan għat-tranżitu fl-Ewropa[1] appella għal manwal li jkun fih deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri ta' tranżitu Komuni u tal-Unjoni u li jiċċara r-rwol kemm tal-amministrazzjonijiet kif ukoll tan-negozjanti. L-iskop ta' dan il-manwal huwa li jispjega kif jaħdmu dawn il-proċeduri ta' tranżitu u r-rwoli tad-diversi parteċipanti. L-għan huwa li jiġi żgurat li r-regolamenti dwar it-tranżitu jiġu applikati b'mod konsistenti, bi trattament ugwali għall-operaturi kollha.

It-test huwa verżjoni kkonsolidata tal-manwal, li tinkorpora l-aġġornamenti varji magħmula minn meta kien ippubblikat għall-ewwel darba f'Mejju 2004, u huwa allinjat mal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li ilu japplika mill-1 ta' Mejju 2016. Se jiġi aġġornat kull meta żviluppi ġodda fis-sistemi ta' tranżitu komuni u tal-Unjoni jagħmlu dan neċessarju.

Il-manwal jipprovdi interpretazzjoni standard ta' kif ir-regolamenti ta' tranżitu għandhom jiġu implimentati mill-awtoritajiet doganali kollha li japplikaw tranżitu komuni/tal-Unjoni permezz ta' arranġament amministrattiv.

Iżda huwa ma jikkostitwixxix att legalment vinkolanti — għall-interpretazzjoni awtorevoli, dejjem għandek tikkonsulta d-dispożizzjonijiet legali dwar it-tranżitu kif ukoll leġiżlazzjoni doganali oħra, li jieħdu preċedenza fuq dan il-manwal. It-testi awtentiċi tal-Konvenzjonijiet u tal-istrumenti legali tal-UE huma dawk ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fir-rigward tas-sentenzi mill-Qorti Ġenerali u mill-Qorti tal-Ġustizzja, it-testi awtentiċi huma dawk ippubblikati fir-Rapporti tal-Kawżi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Minbarra dan il-manwal jistgħu jeżistu wkoll struzzjonijiet nazzjonali jew noti ta' spjegazzjoni nazzjonali. Dawn jistgħu jiġu inkorporati fil-paragrafu rilevanti f'kull kapitolu ta' dan il-manwal, meta jiġu ppubblikati fil-pajjiż inkwistjoni, jew jistgħu jiġu ppubblikati separatament. Jekk jogħġbok ikkuntattja lill-amministrazzjoni doganali nazzjonali tiegħek għal aktar dettalji.

Brussell, id-19 ta' April 2021

1 COM(97) 188 final, 30.4.1997.

Werrej ġenerali

Daħla

Werrej ġenerali

Parti I: Introduzzjoni ġenerali
Parti II: Status tal-merkanzija
Parti III: Garanziji
Parti IV: Proċedura standard ta' tranżitu
Parti V: Proċedura tal-kontinwità tal-operat
Parti VI: Simplifikazzjonijiet
Parti VII: Rilaxx tal-operazzjoni tat-tranżitu, il-proċedura ta' inkjesta
Parti VIII: Dejn u Rkupru
Parti IX: Il-Proċedura TIR

Lista ta' abbrevjazzjonijiet użati komunement

Lista tad-definizzjonijiet

Sorsi ta' informazzjoni ġenerali

MANWAL TAT-TRANŻITU 1

PARTI I – INTRODUZZJONI ĠENERALI 33

I.1 Kif jaħdem it-tranżitu 34

I.2 Status tal-merkanzija 37

I.3 Tranżitu komuni 37
I.3.1 Leġiżlazzjoni 37
I.3.2 Deskrizzjoni tal-proċedura 38

I.4 Tranżitu fl-Unjoni 40
I.4.1 Tranżitu tal-Unjoni 40
I.4.1.1 Leġiżlazzjoni 40
I.4.1.2 Deskrizzjoni tal-proċedura 41
I.4.1.2.1 Proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni 42
I.4.1.2.2 Proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni 43
I.4.1.3 Sistema ġdida ta' tranżitu kompjuterizzata (NCTS) 44
I.4.1.3.1 Punti jew messaġġi prinċipali użati f'operazzjoni tal-NCTS 45
I.4.1.3.2 Uffiċċju doganali tat-tluq 45
I.4.1.3.3 Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 47
I.4.1.3.4 Uffiċċju doganali tat-tranżitu 47
I.4.1.3.5 Bidla fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu jew tad-destinazzjoni 48
I.4.1.3.6 Proċeduri simplifikati: konsenjatur awtorizzat u konsenjatarju awtorizzat 48
I.4.2 Sistemi oħrajn ta' tranżitu fl-Unjoni Ewropea 49
I.4.2.1 Introduzzjoni 49
I.4.2.2 Proċedura TIR (Transport Internationaux Routiers) 50
I.4.2.3 ATA (dħul temporanju) 51
I.4.2.3.1 Sfond u leġiżlazzjoni 51
I.4.2.3.2 Deskrizzjoni tal-proċedura 52
I.4.2.4 Manifest tar-Renu 53
I.4.2.4.1 Sfond u leġiżlazzjoni 53
I.4.2.4.2 Deskrizzjoni tal-proċedura 53
I.4.2.5 Movimenti tan-NATO 54
I.4.2.5.1 Sfond u leġiżlazzjoni 54
I.4.2.5.2 Deskrizzjoni tal-proċedura 54
I.4.2.6 Pakketti postali 56
I.4.2.6.1 Sfond u leġiżlazzjoni 56
I.4.2.6.2 Deskrizzjoni tal-proċedura 57

I.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 58

I.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 58

I.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 58

I.8 Annessi 58
I.8.1 Regoli u prinċipji li jirregolaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar it-tranżitu tal-Unjoni 59

I.8.2 Regoli u prinċipji li jirregolaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar it-tranżitu komuni. 69

PARTI II - STATUS TAL-MERKANZIJA 75

II.1 Introduzzjoni 75

II.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 76
II.2.1 L-istatus doganali tal-merkanzija 76
II.2.1.1 Il-merkanzija tal-Unjoni 76
II.2.1.2 Merkanzija mhux tal-Unjoni 76
II.2.1.3 Liema proċedura ta' tranżitu? 76
II.2.2 It-trasport tal-merkanzija tal-Unjoni 77
II.2.2.1 Taħt proċedura doganali 77
II.2.2.2 Taħt proċedura doganali, iżda bi prova tal-istatus tal-Unjoni 78
II.2.2.3 Mingħajr ma tiġi applikata proċedura doganali u mingħajr prova tal-istatus tal-Unjoni 79
II.2.3 Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni 79
II.2.3.1 Preżunzjoni tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni 79
II.2.3.2 Rekwiżit ta' prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni 79
II.2.3.3 Rinunzja ta' prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni 80
II.2.3.4 Il-mezz ta' prova tal-istatus tal-Unjoni 80
II.2.3.4.1 Mezzi komuni 80
II.2.3.4.2 Sitwazzjonijiet speċifiċi 81
II.2.4 Ħarsa ġenerali lejn il-movimenti tal-merkanzija tal-Unjoni temporanjament barra mit-territorju 85

II.3 Movimenti ta' merkanzija tal-Unjoni bi prova tal-istatus tal-Unjoni 88
II.3.1 Użu tal-prova tal-Istatus tal-Unjoni 88
II.3.2 Mezzi komuni sabiex jiġi pprovat l-istatus tal-Unjoni — aktar dettalji 89
II.3.2.1 Dokumenti T2L jew T2LF 89
II.3.2.2 Manifest doganali tal-merkanzija 91
II.3.2.3 Il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir *(baħar biss — dispożizzjoni tranżizzjonali)* 92
II.3.2.4 Fattura jew dokument tat-trasport 94
II.3.2.5 Il-carnet TIR, ATA jew il-Formola 302 95
II.3.3 Emittent awtorizzat 96
II.3.3.1 Dispożizzjonijiet ġenerali 96
II.3.3.2 Dokument T2L/T2LF jew fattura jew dokument tat-trasport maħruġ minn emittent awtorizzat *(dispożizzjoni tranżizzjonali)* 97
II.3.3.2.1 Awtorizzazzjoni 97
II.3.3.2.2 Użu ta' dokumenti T2L/T2LF, ta' fatturi jew ta' dokumenti tat-trasport maħruġin minn emittent awtorizzat 99
II.3.3.3 Manifest doganali tal-merkanzija maħruġ minn emittent awtorizzat 102
II.2.3.4 Manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir maħruġ minn emittent awtorizzat *(dispożizzjoni tranżizzjonali)* 102
II.3.3.4.1 Awtorizzazzjoni 102
II.3.3.4.2 Tfassil tal-prova 104
II.3.3.4.3 Proċedura fil-port tat-tluq 105
II.3.3.4.4 Proċedura fil-port tad-destinazzjoni 105

II.3.3.4.5 Irregolaritajiet/reati 105
II.3.3.4.6 Ir-responsabbiltajiet tal-kumpanija tat-tbaħħir 106
II.3.4 Pajjiż ta' tranżitu komuni 106

II.4 Movimenti ta' merkanzija tal-Unjoni mingħajr prova tal-Istatus tal-Unjoni 109
II.4.1 Tinġarr bl-ajru 109
II.4.2 Servizz regolari tat-tbaħħir 109
II.4.2.1 Definizzjoni 109
II.4.2.2 Proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' servizzi regolari tat-trasport marittimu 110
II.4.2.3 Arranġamenti ta' noleġġ parzjali 112
II.4.2.4 Verifika tal-kundizzjonijiet għall-RSS 112
II.4.2.5 Servizz regolari tat-trasport marittimu u servizz mhux regolari tat-trasport marittimu 113
II.4.3 Kuritur T2 116

II.5 Dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw prodotti tas-sajd fil-baħar u merkanzija miksuba minn dawn il-prodotti 117

II.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 119

II.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 119
II.7.1 Dokument T2L(T2LF) awtentikat b'mezzi elettroniċi 119

II.8 Annessi 120
II.8.1 Eżempju ta' "noleġġ" li jinvolvi sottokuntrattar u arranġamenti ta' noleġġ parzjali 120
II.8.2 Manifest tat-trasport marittimu — Awtorizzazzjoni TC12 127
II.8.2.B Anness B - Lista tal-awtoritajiet kompetenti għall-konsultazzjoni 128
II.8.3 Prova tal-istatus doganali ta' vetturi tat-triq bil-mutur tal-Unjoni 129
II.8.4 Lista tal-awtoritajiet kompetenti għas-servizz regolari tat-trasport marittimu 153
II.8.5 Ċertifikat ta' non-manipulazzjoni għall-prodotti u għall-merkanzija tas-sajd fil-baħar 154
II.8.6 Ċertifikat ta' non-manipulazzjoni maħruġ minn Singapore 155

PARTI III — GARANZIJI 156

III.1 Introduzzjoni 156
III.1.1 L-iskop tal-garanzija 157
III.1.2 Il-forom ta' garanzija 157
III.1.3 Eżoneru mill-garanzija 157
III.1.4 Żona ta' validità 158
III.1.5 Tabella tal-garanzija 159
III.2 Dispożizzjonijiet ġenerali 160
III.2.1 Ħtieġa għal garanzija 160
III.2.1.1 Introduzzjoni 160
III.2.1.2 Nuqqasijiet 160
III.2.2 Kalkolu tal-ammont tal-garanzija 161
III.2.2.1 Introduzzjoni 161
III.2.2.2 Kalkolu 161

III.2.3 Garanti 162
III.2.3.1 Introduzzjoni 162
III.2.3.2 Stabbiliment u approvazzjoni 162
III.2.3.3 Obbligazzjoni 163
III.2.3.4 Revoka tal-approvazzjoni tal-garanti jew tal-impenn tiegħu u kanċellazzjoni tal-impenn 164

III.3 Garanzija individwali 165
III.3.1 Depożitu ta' flus 165
III.3.1.1 Introduzzjoni 165
III.3.1.2 Ħlas lura 165
III.3.2 Garanzija individwali fil-forma ta' impenn minn garanti 165
III.3.3 Garanzija individwali fil-forma ta' vawċers (TC32) 166
III.3.3.1 Obbligazzjoni u approvazzjoni 166
III.3.3.2 Notifika 167
III.3.3.3 Vawċer (TC32) 167

III.4 Garanzija komprensiva u eżoneru mill-garanzija 169
III.4.1 Dispożizzjonijiet ġenerali 169
III.4.1.1 Introduzzjoni 169
III.4.1.2 Kundizzjonijiet ġenerali 169
III.4.1.3 Kalkolu tal-ammont ta' referenza 169
III.4.1.4 L-ammont tal-garanzija 170
III.4.1.5 Ċertifikat tal-garanzija 170
III.4.1.6 Obbligi tad-detentur tal-proċedura u rieżami tal-ammont ta' referenza 171
III.4.1.7 L-użu tal-garanzija komprensiva 172
III.4.1.8 Projbizzjoni temporanja fuq l-użu ta' garanzija komprensiva 172
III.4.1.8.1 Garanzija individwali b'użu multiplu – pajjiżi ta' tranżitu komuni biss 173
III.4.1.8.2 Deroga mid-deċiżjoni li tipprojbixxi temporanjament l-użu tal-garanzija komprensiva jew tal-garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas (inkluż l-eżoneru) 174
III.4.1.9 Annullament u revoka tal-awtorizzazzjoni 175
III.4.2 Tnaqqis tal-ammont ta' garanzija u tal-eżoneru mill-garanzija 175
III.4.2.1 Introduzzjoni 175
III.4.2.2 Il-kriterji ta' tnaqqis 175

III.5 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 176

III.6 Parti ristretta għall-użu doganali biss 176

III.7 Annessi 176
III.7.1 Lista ta' garanti awtorizzati li joħorġu vawċers ta' garanzija individwali TC32 177
III.7.2 Lista ta' passaġġi fuq l-ilma 177

PARTI IV — PROĊEDURA TA' TRANŻITU STANDARD NCTS (SISTEMA ĠDIDA TA' TRANŻITU KOMPJUTERIZZATA) 179

KAPITOLU 1 — ID-DIKJARAZZJONI TAT-TRANŻITU STANDARD 180

IV.1.1 Introduzzjoni 180

IV.1.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 180

IV.1.3 NCTS 180
IV.1.3.1 L-organizzazzjoni tal-NCTS 180
IV.1.3.2 Ambitu tal-NCTS 182
IV.1.3.3 Aċċess għall-operaturi għall-NCTS 182

IV.1.4 Proċedura tad-dikjarazzjoni 182
IV.1.4.1 Tagħbija 182
IV.1.4.2 Dikjarazzjoni tat-tranżitu (IE015) 184
IV.1.4.2.1 Formola u mili tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu 184
IV.1.4.2.2 Konsenji mħalltin 185
IV.1.4.2.3 Preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu 185
IV.1.4.2.4 Dikjarazzjoni tat-tranżitu/ta' sigurtà 186

IV.1.5 Sitwazzjonijiet speċifiċi 188
IV.1.5.1 Ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi oħrajn dwar id-*data* ta' sikurezza u ta' sigurtà 188
IV.1.5.2 Regoli applikabbli għall-merkanzija bl-imballaġġ 189
IV.1.5.3 Merkanzija ttrasportata minn vjaġġaturi jew kontenut fil-bagalji tagħhom 193
IV.1.5.4 Trasport ta' merkanzija tal-Unjoni lejn, minn jew permezz ta' pajjiż ta' tranżitu komuni 193

IV.1.6 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 197

IV.1.7 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 197

IV.1.8 Parti ristretta għall-użu doganali biss 197

IV.1.9 Annessi 197

KAPITOLU 2 — FORMALITAJIET FL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAT-TLUQ 198

IV.2.1 Introduzzjoni 198

IV.2.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 198

IV.2.3 Deskrizzjoni tal-proċedura fl-uffiċċju doganali tat-tluq 198
IV.2.3.1 Aċċettazzjoni u reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu 199
IV.2.3.2 Emenda tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu 200
IV.2.3.3 Invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu 201
IV.2.3.4 Verifika tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu u kontroll tal-merkanzija 202
IV.2.3.5 Itinerarju għall-moviment tal-merkanzija 203
IV.2.3.6 Limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija 204
IV.2.3.7 Mezz ta' identifikazzjoni 205
IV.2.3.7.1 Introduzzjoni 205
IV.2.3.7.2 Metodi ta' ssiġillar 207
IV.2.3.7.3 Karatteristiċi tas-siġilli 207
IV.2.3.7.4 Użu ta' siġilli ta' tip speċjali 208

IV.2.3.8 Ir-rilaxx tal-merkanzija 209
IV.2.3.8.1 Dokumentazzjoni mar-rilaxx 210
IV.2.3.9 Rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu 210

IV.2.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi 210

IV.2.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 211

IV.2.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 211

IV.2.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 211
IV.2.7.1 ATIS 211
IV.2.7.2 SMS 211
IV.2.8 Annessi 211

KAPITOLU 3 — FORMALITAJIET U INĊIDENTI WAQT IL-MOVIMENT TA' MERKANZIJA TAĦT OPERAZZJONI TA' TRANŻITU KOMUNI/TAL-UNJONI 212

IV.3.1 Introduzzjoni 212

IV.3.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 212

IV.3.3 Formalitajiet għat-trattament ta' inċidenti u l-uffiċċju doganali tat-tranżitu 212
IV.3.3.1 Formalitajiet għall-indirizzar tal-inċidenti 213
IV.3.3.2 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu 214
IV.3.3.2.1 L-uffiċċju doganali tat-tranżitu 215
IV.3.3.2.2 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu 219
IV.3.3.2.3 Bidla tal-uffiċċju doganali tat-tranżitu 220
IV.3.3.2.4 Azzjoni fil-każ ta' irregolaritajiet gravi 221

IV.3.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*) 221

IV.3.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 221

IV.3.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 221

IV.3.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 221

IV.3.8 Annessi 221

KAPITOLU 4 — FORMALITAJIET FL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAD-DESTINAZZJONI 222

IV.4.1 Introduzzjoni 222

IV.4.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 222

IV.4.3 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 223
IV.4.3.1 Preżentazzjoni tal-merkanzija 223

IV.4.3.2 Kontroll tat-tmiem tal-proċedura ta' tranżitu 225

IV.4.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi 230
IV.4.4.1 Ħruġ ta' rċevuta 230
IV.4.4.2 Ħruġ ta' prova alternattiva 232
IV.4.4.3 Preżentazzjoni tal-merkanzija u tad-dokumenti barra l-ġranet u s-sigħat magħżulin u f'post li ma jkunx l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 232
IV.4.4.4 Irregolaritajiet 233
IV.4.4.4.1 Irregolaritajiet li jikkonċernaw is-siġilli 233
IV.4.4.4.2 Irregolaritajiet oħrajn 233
IV.4.4.5 Bidla fl-uffiċċju tad-destinazzjoni/diverżjoni 234

IV.4.5 Preżentazzjoni tal-merkanzija u tat-TAD wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien 236

IV.4.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 237

IV.4.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 237

IV.4.8 Annessi 237
IV.4.8.1 Messaġġi strutturati u kontenut ta' *data* għall-iskambju ta' informazzjoni 237
IV.4.8.2 Il-kodiċijiet tal-pajjiżi 237
IV.4.8.3 Il-kodiċijiet tal-pakketti 237

KAPITOLU 5 — ANDORRA, SAN MARINO U TERRITORJI MHUX FISKALI 238

IV.5.1 Introduzzjoni 238

IV.5.2 Andorra 238
IV.5.2.1 Sfond u leġiżlazzjoni 238
IV.5.2.2 Formalitajiet 239
IV.5.2.2.1 Merkanzija li taqa' taħt il-Kapitoli 1-24 SA 239
IV.5.2.2.2 Merkanzija li taqa' taħt il-Kapitoli 25-97 SA 241

IV.5.3 San Marino 245
IV.5.3.1 Sfond u leġiżlazzjoni 245
IV.5.3.2 Formalitajiet 245

IV.5.4 Territorji fiskali speċjali 247
IV.5.4.1 Sfond u leġiżlazzjoni 248
IV.5.4.2 Proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni 249

IV.5.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 250

IV.5.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 250

IV.5.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 250

IV.5.8 Annessi (*pro memoria*) 250

PARTI V — PROĊEDURA TAL-KONTINWITÀ TAL-OPERAT GĦAL TRANŻITU KOMUNI/TAL-UNJONI 251

KAPITOLU 1 — INTRODUZZJONI 251

V.1.1 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 251

V.1.2 Dikjarazzjoni tat-tranżitu għal proċedura tal-kontinwità tal-operat 251

V.1.3 Timbru għal proċedura tal-kontinwità tal-operat 252

V.1.4 Nuqqas temporanju ta' funzjonament tal-NCTS fl-uffiċċju doganali tat-tluq 252

V.1.5 Nuqqas temporanju ta' funzjonament tas-sistema kompjuterizzata użata mid-detentur tal-proċedura 252

V.1.6 Proċeduri 253
V.1.6.1 Tluq — proċedura standard 253
V.1.6.2 Tluq — konsenjatur awtorizzat 254
V.1.6.3 Destinazzjoni — proċedura standard 254
V.1.6.4 Destinazzjoni – konsenjatarju awtorizzat 254

V.1.7 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 255

V.1.8 Parti ristretta għall-użu doganali biss 255

V.1.9 Annessi 255
V.1.9.1 Timbru użat għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat 256

KAPITOLU 2 — STRUZZJONIJIET ĠENERALI RELATATI MAD-DOKUMENT AMMINISTRATTIV UNIKU U MAD-DOKUMENT TA' AKKUMPANJAMENT FIT-TRANŻITU 264

KAPITOLU 3 — ID-DIKJARAZZJONI TAT-TRANŻITU STANDARD 265

V.3.1 Introduzzjoni 265

V.3.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 266

V.3.3 Il-proċedura tad-dikjarazzjoni 266
V.3.3.1 Dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti 267
V.3.3.1.1 Forom u mili tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti fid-DAU 267
V.3.3.1.2 Listi tat-tagħbija, formola u mili 269
V.3.3.1.3 Forma u mili tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti fil-formola ta' TAD 271
V.3.3.1.4 Konsenji mħalltin 271
V.3.3.1.5 Iffirmar tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu 272

V.3.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*) 274

V.3.4.1 Regoli applikabbli għall-merkanzija bil-pakketti 274
V.3.4.2 Merkanzija ttrasportata minn vjaġġaturi jew kontenut fil-bagalji tagħhom 274
V.3.4.3 Trasport ta' merkanzija tal-Unjoni lejn, minn , jew permezz ta' pajjiż ta' tranżitu komuni 274
V.3.4.4 Duplikati 274

V.3.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 275

V.3.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 275

V.3.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 275

V.3.8 Annessi 275

KAPITOLU 4 — FORMALITAJIET FL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAT-TLUQ 276

V.4.1 Introduzzjoni 276

V.4.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 276

V.4.3 Deskrizzjoni tal-proċedura fl-uffiċċju doganali tat-tluq 276
V.4.3.1 Preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti 277
V.4.3.2 Preżentazzjoni ta' garanzija 278
V.4.3.3 Aċċettazzjoni u reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu 278
V.4.3.4 Emenda tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu 279
V.4.3.5 Invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu 280
V.4.3.6 Verifika tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu u l-kontroll tal-merkanzija 280
V.4.3.7 Itinerarju għall-moviment tal-merkanzija 281
V.4.3.8 Limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' merkanzija 282
V.4.3.9 Mezz ta' identifikazzjoni 283
V.4.3.9.1 Introduzzjoni 283
V.4.3.9.2 Metodi ta' ssiġillar 285
V.4.3.9.3 Karatteristiċi tas-siġilli 286
V.4.3.9.4 Użu ta' siġilli ta' tip speċjali 287
V.4.3.10 Ir-rilaxx tal-merkanzija 287

V.4.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*) 289
V.4.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 289
V.4.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 289
V.4.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 289
V.4.8 Annessi 289
V.4.8.1 "Tneħħija" tal-approvazzjoni 290
V.4.8.2 Approvazzjoni "sodisfaċenti" 290

KAPITOLU 5 — FORMALITAJIET U INĊIDENTI WAQT IL-MOVIMENT TA' MERKANZIJA TAĦT OPERAZZJONI KOMUNI TA' TRANŻITU/OPERAZZJONI TA' TRANŻITU TAL-UNJONI 291

V.5.1 Introduzzjoni 291
V.5.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 291

V.5.3 Formalitajiet fil-każ ta' inċidenti u fl-uffiċċju tat-tranżitu 291
V.5.3.1 Formalitajiet fil-każ ta' inċidenti waqt il-moviment ta' merkanzija 292
V.5.3.2 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu 293
V.5.3.2.1 L-uffiċċju doganali tat-tranżitu 294
V.5.3.2.2 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu 295
V.5.3.2.3 Azzjoni fil-każ ta' irregolaritajiet gravi 295
V.5.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*) 296
V.5.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 296
V.5.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 296
V.5.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 296
V.5.8 Annessi 296

KAPITOLU 6 — FORMALITAJIET FL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAD-DESTINAZZJONI 297

V.6.1 Introduzzjoni 297
V.6.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 297
V.6.3 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 298
V.6.3.1 Preżentazzjoni tal-merkanzija flimkien mad-dokumenti 298
V.6.3.2 Kontroll tat-tmiem tal-proċedura 299
V.6.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi 303
V.6.4.1 Ħruġ ta' rċevuta 304
V.6.4.2 Ħruġ ta' prova alternattiva 305
V.6.4.3 Preżentazzjoni tal-merkanzija u tad-dokumenti barra l-ġranet u s-sigħat magħżulin u f'post li ma jkunx l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 307
V.6.4.4 Irregolaritajiet 308
V.6.4.4.1 Irregolaritajiet li jikkonċernaw is-siġilli 308
V.6.4.4.2 Irregolaritajiet oħrajn 308
V.6.4.5 Bidla fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 309
V.6.5 Preżentazzjoni tal-merkanzija u d-dikjarazzjoni tat-tranżitu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien 311
V.6.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 311
V.6.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 311
V.6.8 Annessi 311
V.6.8.1 Approvazzjoni standard "sodisfaċenti" 312
V.6.8.2 Frażi "prova alternattiva" 312
V.6.8.3 Lista ta' uffiċċji ċentrali għar-ritorn tal-kopji 5 tad-DAU jew tat-tieni kopji tat-TAD 313
V.6.8.4 Frażi "differenza" 314
V.6.8.5 Frażi "diskrepanza" 317
V.6.8.6 Frażi "inkjesti li jkunu qed isiru" 317
V.6.8.7 Frażi "ħlasijiet miġbura" 317
V.6.8.8 Frażi "differenzi": uffiċċju fejn l-oġġetti kienu ppreżentati …. (isem u pajjiż)" 318
V.6.8.9 Frażi "ħruġ minn …. Soġġett għal restrizzjonijiet jew għal imposti skont ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni Nru……" 319

PARTI VI — SIMPLIFIKAZZJONIJIET 321

VI.1 Introduzzjoni 321

VI.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni 321
VI.2.1 Tipi ta' simplifikazzjonijiet u ta' kondizzjonijiet ta' tranżitu 322
VI.2.2 Proċedura ta' awtorizzazzjoni 329
VI.2.3 Il-monitoraġġ ta' awtorizzazzjoni 333
VI.2.4 L-annullament, r-revoka u l-emenda ta' awtorizzazzjoni 334
VI.2.5 Sospensjoni ta' awtorizzazzjoni 335
VI.2.6 Valutazzjoni mill-ġdid ta' awtorizzazzjoni 337

VI.3 Deskrizzjoni tas-simplifikazzjonijiet 337
VI.3.1 Garanzija komprensiva u eżoneru mill-garanzija 339
VI.3.2 Użu ta' siġilli ta' tip speċjali 339
VI.3.3 Konsenjatur awtorizzat 341
VI.3.3.1 Introduzzjoni 341
VI.3.3.2 Awtorizzazzjoni 341
VI.3.3.3 Proċeduri 343
VI.3.3.3.1 Proċedura ta' tranżitu standard – obbligi tal-konsenjatur awtorizzat 343
VI.3.3.3.2 Proċedura tal-kontinwità tal-operat – obbligi tal-konsenjatur awtorizzat 344
VI.3.4 Konsenjatarju awtorizzat 348
VI.3.4.1 Introduzzjoni 348
VI.3.4.2 Awtorizzazzjoni 349
VI.3.4.3 Ħażna temporanja 350
VI.3.4.4 Proċeduri 351
VI.3.4.4.1 Proċedura ta' tranżitu standard 351
VI.3.4.4.2 Proċedura tal-kontinwità tal-operat 351
VI.3.5 Merkanzija ttrasportata bil-ferrovija 353
VI.3.5.1 Simplifikazzjonijiet applikabbli għall-proċeduri ta' tranżitu bil-ferrovija 353
VI.3.5.2Il-proċedura standard għall-ferroviji u l-partikolaritajiet tagħha 354
VI.3.5.3 Proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji (dispożizzjoni tranżitorja) 356
VI.3.5.3.1 Introduzzjoni 356
VI.3.5.3.2 Kundizzjonijiet għall-użu tan-nota ta' konsenja CIM ibbażata fuq il-karti bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu 357
VI.3.5.3.3 Impriżi ferrovjarji awtorizzati 359
VI.3.5.3.4 L-użu tal-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti 361
VI.3.5.3.5 Superviżjoni tal-movimenti taħt il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji 372
VI.3.5.3.6 Garanzija fil-kuntest tal-proċedura simplifikata ta' tranżitu ferrovjarju 375
VI.3.5.3.7 Xenarji ta' każijiet 379
VI.3.5.4 Proċedura ta' tranżitu ferrovjarju oħra bbażata fuq il-karti (dispożizzjoni tranżitorja) 384
VI.3.5.5 Kuritur T2 384
VI.3.6 Merkanzija ttrasportata bl-ajru — bl-użu ta' manifesti bbażati fuq il-karti sabiex il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni 385
VI.3.6.1 Introduzzjoni 385
VI.3.6.2 L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru 386
VI.3.6.2.1 Awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru 387

VI.3.6.2.2 L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru 388
VI.3.6.2.3 L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru 390
VI.3.6.3 L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq manifest elettroniku għal merkanzija ttrasportata bl-ajru 392
VI.3.6.4 Każijiet partikolari (l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru) 392
VI.3.6.4.1 Trasport minn trasportaturi express 397
VI.3.7 Merkanzija ttrasportata bil-baħar 398
VI.3.7.1 Introduzzjoni 398
VI.3.7.2 L-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar 399
VI.3.7.2.1 L-awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar 400
VI.3.7.2.2 L-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar 401
VI.3.7.2.3 Eżempji 405
VI.3.7.4 Każijiet partikolari (l-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar) 406
VI.3.7.4.1 Groupage 406
VI.3.7.4.2 Trasport ta' merkanzija bil-baħar fuq bastimenti li jipprovdu servizzi oħra għajr servizz regolari tat-trasport marittimu 410
VI.3.8 Proċeduri simplifikati bbażati fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni 410
VI.3.9 Il-merkanzija ttrasportata bl-ajru — bl-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni 411
VI.3.9.1 Introduzzjoni 411
VI.3.9.2 Informazzjoni ġenerali 412
VI.3.9.3 Awtorizzazzjoni għall-użu tal-ETD 412
VI.3.9.4 Ir-regoli proċedurali għall-użu tal-ETD 416
VI.3.9.4.1 *Data* meħtieġa għall-ETD 416
VI.3.9.4.2 Il-proċedura fl-uffiċċju doganali tat-tluq 423
VI.3.9.4.3 Il-proċedura fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 426
VI.3.10 Il-merkanzija ttrasportata bil-baħar — bl-użu ta' ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni 429
VI.3.10.1 Introduzzjoni 429
VI.3.10.2 Informazzjoni ġenerali 430
VI.3.10.3 Awtorizzazzjoni għall-użu tal-ETD 430
VI.3.10.4 Ir-regoli proċedurali għall-użu tal-ETD 435
VI.3.10.4.1 *Data* meħtieġa għall-ETD 435
VI.3.10.4.2 Il-proċedura fl-uffiċċju doganali tat-tluq 440
VI.3.10.4.3 Il-proċedura fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 443

VI.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*) 446

VI.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 446

VI.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 446

VI.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 446

VI.8 Annessi 446
VI.8.1 Kampjun ta' timbru speċjali użat minn konsenjatur awtorizzat 447
VI.8.2 Derogi — timbru speċjali (IT) 447
VI.8.3 Lista ta' ajruporti u ta' uffiċċji doganali ta' kontroll 447
VI.8.4 Kampjun ta' awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq manifest elettroniku għal merkanzija ttrasportata bl-ajru 448
VI.8.5 Dijagramma sekwenzjali tal-groupage bl-ajru 448
VI.8.6 Kampjun ta' awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar 449
VI.8.7 Dijagramma sekwenzjali tal-groupage bil-Baħar 453
VI.8.8 Proċeduri ta' komunikazzjoni simplifikati 454
VI.8.9 Il-lista ta' awtoritajiet responsabbli għall-proċedura ta' konsultazzjoni jekk l-ETD użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-merkanzija jiġi ttrasportat bl-ajru 455
VI.8.10 Mudell tal-ittra ta' konsultazzjoni għall-ETD 456
VI.8.11 Il-lista ta' awtoritajiet responsabbli għall-proċedura ta' konsultazzjoni jekk l-ETD użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-merkanzija jiġi ttrasportat bil-baħar 458
VI.8.12 Tabella ta' korrispondenza ta' CIM — CIM/SMGS 459
VI.8.13 Dikjarazzjonijiet mill-impriżi ferrovjarji 460

PARTI VII — IR-RILAXX TAL-PROĊEDURA TA' TRANŻITU U L-PROĊEDURA TA' INKJESTA 462

VII.1 Introduzzjoni, leġiżlazzjoni u teorija ġenerali 463
VII.1.1 Introduzzjoni 463
VII.1.2 Leġiżlazzjoni u teorija ġenerali 463
VII.1.2.1 Sorsi legali 463
VII.1.2.2 Teorija ġenerali 463
VII.1.2.2.1 It-tmiem u r-rilaxx tal-operazzjoni ta' tranżitu 464
VII.1.2.2.2 Proċedura ta' inkjesta sabiex jiġi vverifikat it-tmien tal-proċedura 464
VII.1.2.2.3 Skambju ta' informazzjoni 465

VII.2 Rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu u talba għall-istatus 466
VII.2.1 Introduzzjoni 466
VII.2.2 Kundizzjonijiet tar-rilaxx 466
VII.2.3 Effetti tar-rilaxx 467
VII.2.4 Forma ta' rilaxx 467
VII.2.5 It-talba u t-tweġiba għall-istatus 468

VII.3 Proċedura ta' inkjesta 470
VII.3.1 Introduzzjoni 470
VII.3.2 Inkjesta mibdija mad-detentur tal-proċedura 471

VII.3.2.1 Objettivi tat-talba għal informazzjoni 471
VII.3.2.2 Proċedura ġenerali għat-talba għal informazzjoni lid-detentur tal-proċedura 472
VII.3.2.3 Proċedura għat-talba ta' informazzjoni fil-każ ta' proċeduri simplifikati speċifiċi għal ċerti modi tat-trasport 473
VII.3.3 Prova alternattiva tat-tmiem tal-proċedura 474
VII.3.3.1 Prova alternattiva li l-merkanzija ġiet ippreżentata lil uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lil konsenjatarju awtorizzat 475
VII.3.3.2 Prova alternattiva li l-merkanzija inkwistjoni tqiegħdet taħt proċedura doganali f'pajjiż terz 477
VII.3.4 Inkjesta fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 479
VII.3.4.1 L-awtorità kompetenti u l-perjodu ta' żmien sabiex titnieda t-talba għal inkjesta 479
VII.3.4.2 Bgħit tat-"Talba għal Inkjesta" (IE142) 480
VII.3.4.2.1 L-użu tal-messaġġi ta' skambju ta' informazzjoni 480
VII.3.4.3 Kanċellazzjoni tat-"Talba għal Inkjesta" (IE142) 481
VII.3.4.4 Reazzjoni tal-pajjiż tad-destinazzjoni 481
VII.3.4.4.1 Tfittxija tar-rekords 481
VII.3.4.4.2 Riżultat tat-tfittxija tar-rekords 482
VII.3.4.4.3 Limitu ta' żmien għal tweġiba jekk il-proċedura ta' inkjesta nbdiet mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 483
VII.3.4.4.4 Kodiċijiet ta' tweġiba għat-talba għal inkjesta 484
VII.3.4.5 Talba lid-detentur tal-proċedura wara li tinbeda l-inkjesta mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni 485
VII.3.4.6 Konsegwenzi tar-riżultati tal-proċedura ta' inkjesta 485

VII.4 Proċedura tal-kontinwità tal-operat 487
VII.4.1 Notifika ta' inkjesta fil-każ tal-proċedura tal-kontinwità tal-operat jew tal-proċedura simplifikata speċifika għal ċerti modi tat-trasport 487
VII.4.1.1 Introduzzjoni 488
VII.4.1.2 Inkjesta mibdija mad-detentur tal-proċedura 489
VII.4.1.3 L-awtorità kompetenti u l-perjodu ta' żmien sabiex titnieda n-notifika ta' inkjesta 489
VII.4.1.4 Notifika ta' inkjesta TC20 490
VII.4.1.5 Reazzjoni tal-pajjiż tad-destinazzjoni għan-notifika ta' inkjesta 491
VII.4.1.6 Reazzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tranżitu għan-notifika ta' inkjesta 493
VII.4.1.7 Konsegwenzi tal-proċedura ta' inkjesta 494

VII.5 Proċedura ta' verifika ta' wara r-rilaxx 496
VII.5.1 Objettivi u metodi ta' verifika ta' wara r-rilaxx 496
VII.5.2 Dokumenti soġġetti għal verifika 496
VII.5.2.1 Dikjarazzjonijiet tat-tranżitu (proċedura tal-kontinwità tal-operat) 496
VII.5.2.2 Dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu 497
VII.5.2.3 Prova alternattiva 498
VII.5.2.4 Dokumenti T2L 498
VII.5.2.5 Dokumenti kummerċjali ekwivalenti għal dokument T2L 498
VII.5.3 Konsegwenzi tal-verifika 499

VII.6 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 499

VII.7 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 499

VII.8 Annessi 499
VII.8.1 Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti 499
VII.8.2 Mudell ta' ittra ta' informazzjoni lid-detentur tal-proċedura 500
VII.8.3 Kampjun ta' notifika ta' inkjesta TC20 u noti ta' spjegazzjoni 502
VII.8.4 Mudell ta' kif tintbagħat l-informazzjoni TC20A 507
VII.8.5 Kampjun ta' talba ta' wara r-rilaxx TC21 508
VII.8.6 Kampjun ta' talba ta' wara r-rilaxx TC21A 510
VII.8.7 Eżempji ta' sitwazzjonijiet fil-proċedura tal-inkjesta 512

PARTI VIII — DEJN U RKUPRU 514

VIII.1 Kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet 514
VIII.1.1 Definizzjonijiet 514
VIII.1.2 Distinzjoni bejn id-dispożizzjonijiet finanzjarji u penali 515

VIII.2 Tiġrib/nuqqas ta' tiġrib ta' dejn, nuqqasijiet, u identifikazzjoni tad-debituri u tal-garanti 515
VIII.2.1 Tiġrib/nuqqas ta' tiġrib tad-dejn 515
VIII.2.1.1 Meta jiġġarrab dejn 515
VIII.2.1.1.1 Tneħħija illegali tal-merkanzija mill-proċedura 515
VIII.2.1.1.2 Nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet 516
VIII.2.2 Nuqqasijiet tal-proċedura 516
VIII.2.2.1 Sitwazzjonijiet ta' tneħħija illegali 516
VIII.2.2.2 Sitwazzjonijiet li ma jirrappreżentawx it-tneħħija illegali 517
VIII.2.2.3 Sitwazzjoni li fiha ma tiġix issodisfata kundizzjoni waħda jew aktar li tirregola t-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura 517
VIII.2.2.4 Dejn imġarrab b'rabta mal-proċedura ta' tranżitu 518
VIII.2.3 Estinzjoni ta' dejn 519
VIII.2.4 Identifikazzjoni tad-debituri u tal-garanti 520
VIII.2.4.1 Li huma d-debituri 520
VIII.2.4.2 Talbiet kontra d-debituri 521
VIII.2.4.3 Debituri differenti u r-responsabbiltà *in solidum* tagħhom 521
VIII.2.4.4 Notifika lid-debitur 522
VIII.2.4.5 Talbiet kontra l-garanti 522
VIII.2.4.5.1 Responsabbiltà u rilaxx tal-garanti 522
VIII.2.4.5.2 Limitazzjoni tar-responsabbiltà mill-garanti 522
VIII.2.4.5.3 Notifika lill-garanti 523
VIII.2.4.6 Kalkolu tal-ammont tad-dejn 525

VIII.3 Irkupru tad-dejn 527
VIII.3.1 Analiżi ġenerali 527
VIII.3.2 Identifikazzjoni tal-awtorità responsabbli għall-irkupru 528
VIII.3.2.1 Awtorità responsabbli għall-irkupru 528
VIII.3.2.2 Post fejn jirriżulta d-dejn 528
VIII.3.2.2.1 Post fejn iseħħu l-avvenimenti li jwasslu għad-dejn 528
VIII.3.2.2.2 Il-post fejn l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li l-merkanziji kienet f'sitwazzjoni li tat lok għad-dejn 529
VIII.3.2.2.3 Post determinat b'mod prestabbilit 529

VIII.3.3 Proċedura ta' rkupru 532
VIII.3.3.1 Messaġġi ta' skambju ta' informazzjoni 532
VIII.3.3.2 Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bl-għan ta' rkupru 532
VIII.3.3.3 Talba ta' rkupru mill-awtorità kompetenti tat-tluq 534
VIII.3.3.4 Talba ta' rkupru minn awtorità kompetenti oħra 534
VIII.3.3.5 Aċċettazzjoni tal-irkupru mill-awtorità li ssirilha t-talba 535
VIII.3.3.6 Komunikazzjoni tal-bidu tal-proċedura ta' rkupru 537
VIII.3.4 Identifikazzjoni sussegwenti tal-post fejn jirriżulta dejn 538
VIII.3.4.1 Evidenza ġdida wara l-bidu tal-proċeduri ta' rkupru 538
VIII.3.4.2 Awtorità kompetenti ġdida u miżuri ta' rkupru ġodda 539
VIII.3.4.3 Konsegwenzi għall-irkupru oriġinali 540
VIII.3.4.4 Konsegwenzi għall-irkupru 540
VIII.3.4.4.1 Notifika lill-uffiċċji doganali tat-tluq u l-garanzija tal-irkupru jew tar-rilaxx 540
VIII.3.4.4.2 Notifika lill-garanti dwar l-irkupru jew ir-rilaxx 541

VIII.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*) 541

VIII.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*) 541

VIII.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati) 541

VIII.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss 541

VIII.8 Annessi 541
VIII.8.1 Lista ta' awtoritajiet responsabbli għall-irkupru fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat 541
VIII.8.2 Notifika ta' informazzjoni TC24 u notifika ta' rkupru TC25 542
VIII.8.3 Talba għall-indirizz(i) TC30 547

PARTI IX — IL-PROĊEDURA TIR (APPLIKABBLI FL-L-UNJONI) 548

IX.1 TIR (Transport Internationaux Routiers) 548
IX.1.1 Sfond u leġiżlazzjoni 548
IX.1.2 Il-prinċipji tas-sistema TIR 549

IX.2 Awtorizzazzjonijiet 550
IX.2.1 Awtorizzazzjoni tal-assoċjazzjonijiet garanti 550
IX.2.1.1 Il-proċess ta' awtorizzazzjoni 550
IX.2.1.2 Il-kriterji għall-awtorizzazzjoni 551
IX.2.1.3 Ftehim bil-miktub 551
IX.2.1.4 Il-monitoraġġ tal-awtorizzazzjoni 551
IX.2.2 Awtorizzazzjoni tad-detenturi tal-carnet TIR 551
IX.2.2.1 Il-proċess ta' awtorizzazzjoni 552
IX.2.2.2 Kondiviżjoni tal-proċess ta' awtorizzazzjoni 552
IX.2.2.2.1 Kontrolli tal-awtoritajiet doganali 552
IX.2.2.2.2 Il-monitoraġġ tal-awtorizzazzjoni 553
IX.2.2.3 L-irtirar tal-awtorizzazzjoni 554
IX.2.2.3.1 Użu tal-Artikolu 38 kontra l-Artikolu 6.4 554
IX.2.2.3.2 Applikazzjoni tal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni TIR 554
IX.2.2.3.3 Applikazzjoni tal-Artikolu 6.4 tal-Konvenzjoni TIR 555

IX.2.2.3.4 Notifika lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri 555
IX.2.2.4 Notifika tad-deċiżjonijiet għall-istabbiliment mill-ġdid tal-aċċess għas-sistema TIR 556

IX.3 Garanziji 556
IX.3.1 Introduzzjoni 556
IX.3.2 L-ammont tal-garanzija 556
IX.3.2.1 L-ammont massimu tal-garanzija 556
IX.3.2.2 Regoli li jikkonċernaw ir-rata tal-kambju 557
IX.3.3 Ambitu tal-kopertura tal-garanzija 557
IX.3.4 Responsabbiltà tal-assoċjazzjonijiet garanti tal-Unjoni 558

IX.4 Il-formalitajiet fl-uffiċċju tat-tluq jew tad-dħul 558
IX.4.1 Introduzzjoni 558
IX.4.2 Aċċettazzjoni tad-*data* tal-carnet TIR 559
IX.4.3 Sigurtà tal-vettura/tal-kontejner 561
IX.4.3.1 Rakkomandazzjoni għall-użu ta' sistema ta' kodiċi għar-rapportar ta' rimarki ta' difetti fiċ-Ċertifikat tal-Approvazzjoni 561
IX.4.4 Azzjoni fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul 562
IX.4.4.1 Użu xieraq tal-carnet TIR 563
IX.4.4.2 Rakkomandazzjoni dwar l-użu tal-kodiċi SA 563
IX.4.4.3 Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni 563
IX.4.4.4 Preżentazzjoni ta' garanzija 564
IX.4.4.5 Issiġillar ta' vetturi/ta' kontejners 564
IX.4.4.6 Limitu ta' żmien 564
IX.4.4.7 Itinerarju għall-movimenti tal-merkanzija taħt operazzjoni TIR 565
IX.4.4.8 Rilaxx ta' operazzjoni TIR 566
IX.4.5 Tagħbija intermedja 566
IX.4.5.1 Sospensjoni temporanja tat-trasport TIR 567
IX.4.6 Diskrepanzi 567
IX.4.6.1 Trattament tad-diskrepanzi 567
IX.4.6.2 Diskrepanzi osservati mill-uffiċċju doganali tat-tluq 568
IX.4.6.3 Diskrepanzi osservati mill-uffiċċju doganali tad-dħul 568

IX.5 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ 569
IX.5.1 Introduzzjoni 570
IX.5.2 Rilaxx tal-operazzjoni TIR mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul 570
IX.5.3 Azzjoni fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ 570
IX.5.4 Bdil tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ 571
IX.5.5 Inċidenti matul il-moviment ta' merkanzija u l-użu tar-rapport iċċertifikat 573
IX.5.6 Irregolaritajiet identifikati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ 574
IX.5.6.1 Irregolaritajiet li jikkonċernaw il-merkanzija 574
IX.5.6.2 Irregolaritajiet li jikkonċernaw is-siġilli 575
IX.5.6.3 Irregolaritajiet oħrajn 575
IX.5.7 Sistema tal-kontroll għall-carnets TIR 575
IX.5.8 Ħatt intermedju 576
IX.5.9 Trattament tat-trasporti TIR irritornati 577

IX.6 Proċedura ta' inkjesta 577

IX.6.1 Azzjoni ta' qabel l-inkjesta 578
IX.6.2 Proċedura ta' inkjesta 578
IX.6.3 Prova alternattiva tat-terminazzjoni 580
IX.6.4 Dejn u rkupru 581
IX.6.4.1 Identifikazzjoni tal-persuna/i direttament responsabbli 581
IX.6.4.2 Irkupru ta' dejn u/jew ta' imposti oħrajn 581
IX.6.5 Pretensjoni kontra l-assoċjazzjoni garanti 582
IX.6.6 Applikazzjoni tal-Artikoli 163-164 IA 583
IX.6.6.1 Trasferiment tar-responsabbiltà għall-irkupru tad-dejn 583

IX.7 Konsenjatarju awtorizzat 583
IX.7.1 Introduzzjoni 584
IX.7.2 Awtorità għall-qtugħ u għat-tneħħija ta' siġilli doganali 584
IX.7.3 Wasla tal-merkanzija 584
IX.7.4 Preżentazzjoni tal-carnet TIR 585
IX.7.5 Approvazzjoni u ritorn tal-carnet TIR lid-detentur tal-carnet TIR 585

IX.8 Annessi tal-Parti IX 586
IX.8.1 Punti fokali fl-Unjoni 586
IX.8.2 It-tabella ta' korrelazzjoni 587
IX.8.3 Mili tal-carnet TIR 589
IX.8.4 Operazzjonijiet TIR f'ċirkostanzi partikolari (il-proċedura ta' riżerva/tal-kontinwità tal-operat) 597
IX.8.5 Notifika bil-miktub 599
IX.8.6 Mudell tan-notifika ta' inkjesta 601
IX.8.7 Mudell ta' Ftehim/Impenn tal-UE 603
IX.8.8 Kampjun tat-timbru għall-proċedura ta' riżerva/tal-kontinwità tal-operat 605
IX.8.9 Eżempji ta' sitwazzjonijiet ta' tidħil tad-*data* elettronika tal-carnet TIR 605

Lista ta' abbrevjazzjonijiet użati komunement

e-AD	Dokument Amministrattiv Elettroniku
AT	L-Awstrija
ATA	Carnet ATA (dħul temporanju)
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija / Bulgaru
PAK	Il-Politika Agrikola Komuni
TDK	It-Tariffa Doganali Komuni (KE)
CH	L-Iżvizzera
CIM	*Contrat de transport International ferroviaire des Marchandises* (Polza tal-vjeġġ internazzjonali għat-trasport ta' merkanzija bil-ferrovija)
CMR	*Contrat de transport international de Marchandises par Route* (Polza tal-vjeġġ internazzjonali għat-trasport ta' merkanzija bit-triq)
IL-KUMMISSJONI	Il-Kummissjoni Ewropea
Il-Konvenzjoni	Il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu tal-20 ta' Mejju +1987
CS	Iċ-Ċek
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DA	Id-Daniż
DA	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni
DE	Il-Ġermanja/Ġermaniż
DK	Id-Danimarka
EAD	Dokument ta' Akkumpanjament fl-Esportazzjonijiet
ECS	Sistema tal-Kontroll tal-Esportazzjoni
EDI	Skambju Elettroniku ta' *Data*
EE	L-Estonja/Estonjan
EFTA	L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

EL	Il-Grieg
EN	L-Ingliż
ENS	Dikjarazzjoni fil-Qosor tad-Dħul
ES	Spanja/Spanjol
FI	Il-Finlandja/Finlandiż
FR	Franza/Franċiż
GB	Il-Gran Brittanja
GR	Il-Greċja
SA	Is-Sistema Armonizzata ta' deskrizzjoni u ta' klassifikazzjoni tal-merkanzija
HR	Il-Kroazja/Kroat
HU	L-Ungerija/Ungeriż
IE	L-Irlanda
IA	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni
IRU	L-Unjoni Internazzjonali tat-Trasport bit-Triq
IS	L-Iżlanda/Iżlandiż
IT	L-Italja/Taljan
LT	Il-Litwanja/Litwan
LoI	Lista ta' Oġġetti
LU	Il-Lussemburgu
LV	Il-Latvja/Latvjan
LV	Ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq
MT	Malta/Malti
NCTS	Sistema ġdida ta' tranżitu kompjuterizzata
NL	In-Netherlands/Netherlandiż
LE	In-Norveġja/Norveġiż
ĠU	Il-Ġurnal Uffiċjali
PL	Il-Polonja/Pollakk

PT	Il-Portugall/Portugiż
RO	Ir-Rumanija/Rumen
RS	Is-Serbja/Serb
RSS	Servizz regolari tat-trasport marittimu
DAU	Dokument Amministrattiv Uniku
Konvenzjoni DAU	Il-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fil-merkanzija tal-20 ta' Mejju 1987
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Ir-Repubblika Slovakka/Slovakk
SL	Is-Sloven
SV	L-Iżvediż
ADT	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fejn is-sistemi rilevanti għadhom ma sarux operazzjonali u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 (ĠU L 69, 15.03.2016 p.1)
TR	It-Turkija/Tork
TAD	Dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu
TIR	Carnet TIR (*Transport Internationaux Routiers*) (it-Trasport Internazzjonali bit-Triq)
TSAD	Dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu/ta' sigurtà
TSLoi	Lista ta' Oġġetti ta' Tranżitu/ta' Sigurtà
KDU	Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, l-10 ta' Ottubru 2013)
UK	Ir-Renju Unit

Lista tad-definizzjonijiet

Dokument Amministrattiv Elettroniku (e-AD)	Għat-tranżitu fl-Unjoni biss — id-dokument ta' kontroll użat sabiex ikopri l-moviment ta' merkanzija soġġetta għas-sisa f'ċirkolazzjoni libera bejn żewġ punti fl-UE.
Carnet ATA	Dokument doganali użat għall-esportazzjoni temporanja, għat-tranżitu u għad-dħul temporanju ta' merkanzija għal skopijiet speċifiċi, eż. għall-wirjiet, għall-esibizzjonijiet u għall-fieri bħala tagħmir professjonali u bħala kampjuni kummerċjali.
Konsenjatur awtorizzat	Persuna awtorizzata li twettaq operazzjonijiet ta' tranżitu mingħajr ma tippreżenta l-merkanzija fl-uffiċċju doganali tat-tluq.
Konsenjatarju awtorizzat	Persuna awtorizzata li tirċievi (fil-post tagħha, jew fi kwalunkwe post speċifikat ieħor) merkanzija taħt proċedura ta' tranżitu mingħajr ma tippreżentaha fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Din il-merkanzija trid tkun akkumpanjata min-numru ta' referenza tal-moviment (MRN) għall-operazzjoni ta' tranżitu inkwistjoni.
Tranżitu komuni	Proċedura doganali għat-trasport ta' merkanzija bejn l-UE u l-pajjiżi ta' tranżitu komuni, u bejn il-pajjiżi ta' tranżitu komuni stess (ara d-definizzjoni hawn taħt).
Merkanzija tal-Unjoni	Merkanzija li taqa' taħt kwalunkwe waħda mill-kategoriji li ġejjin: – merkanzija miksuba għalkollox fit-territorju doganali tal-Unjoni u li ma tinkorporax merkanzija importata minn pajjiżi jew territorji barra dan it-territorju; –merkanzija miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni minn pajjiżi jew territorji barra minn dak it-territorju u rrilaxxata fiċ-ċirkolazzjoni libera; –merkanzija miksuba jew prodotta fit-territorju doganali tal-Unjoni jew biss minn merkanzija msemmija fit-tieni inċiż jew minn merkanzija msemmija fl-ewwel u t-tieni inċiżi
Proċedura ta' tranżitu tal-	Proċedura doganali li tippermetti li l-merkanzija tiġi

Unjoni	ttrasportata minn punt wieħed fl-UE għall-ieħor.
Awtorità kompetenti	L-awtorità doganali jew kwalunkwe awtorità oħra inkarigata bl-applikazzjoni tar-regoli doganali.
Parti kontraenti	Parti għall-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu tal-20 ta' Mejju 1987 u għall-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fuq il-kummerċ fil-merkanzija tal-20 ta' Mejju 1987. Hemm tmien Partijiet Kontraenti: l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, u s-Serbja .
Status doganali	L-istatus tal-merkanzija bħala merkanzija tal-Unjoni jew merkanzija mhux tal-Unjoni.
Territorju doganali tal-Unjoni	It-territorju doganali tal-Unjoni huwa magħmul minn dawn it-territorji li ġejjin, inklużi l-ilmijiet territorjali, l-ilmijiet interni u l-ispazju tal-ajru tagħhom: • it-territorju tar-Renju tal-Belġju, • it-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, • it-territorju tar-Repubblika Ċeka, • it-territorju tar-Renju tad-Danimarka, minbarra l-Gżejjer Faroe u Greenland, • it-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, minbarra l-Gżira ta' Heligoland u t-territorju ta' Buesingen (it-Trattat tat-23 ta' Novembru 1964 bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Konfederazzjoni Żvizzera), • it-territorju tar-Repubblika tal-Estonja, • it-territorju tal-Irlanda, • it-territorju tar-Repubblika Ellenika, • it-territorju tar-Renju ta' Spanja, minbarra Ceuta u Melilla, • it-territorju tar-Repubblika Franċiża u t-territorju ta' Monaco kif definit fil-Konvenzjoni Doganali ffirmata f'Pariġi fit-18 ta' Mejju 1963 minbarra t-territorji ekstra-Ewropej, u Saint-Pierre u Miquelon, • it-territorju tar-Repubblika Taljana, minbarra l-muniċipalitajiet ta' Livigno u l-ilmijiet nazzjonali tal-Lag ta' Lugano li huma bejn ix-xifer u l-fruntiera politika taż-żona bejn Ponte Tresa u Porto Ceresio,

- it-territorju tar-Repubblika ta' Ċipru, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Latvja,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Litwanja,
- it-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu,
- it-territorju tal-Ungerija,
- it-territorju ta' Malta,
- it-territorju tar-Renju tan-Netherlands fl-Ewropa,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Awstrija,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Polonja,
- it-territorju tar-Repubblika Portugiża,
- it-territorju tar-Rumanija,
- it-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja,
- it-territorju tar-Repubblika Slovakka,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Finlandja,
- it-territorju tar-Renju tal-Iżvezja,
- it-territorju tar-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gżejjer Channel u l-Isle of Man,
- it-territorju tar-Repubblika tal-Kroazja.

It-territorju doganali tal-Unjoni jinkludi wkoll it-territorji li ġejjin, inklużi l-ilmijiet territorjali, l-ilmijiet interni u l-ispazju tal-ajru tagħhom, li jinsabu **barra mit-territorju tal-Istati Membri**, filwaqt li jitqiesu l-konvenzjonijiet u t-trattati applikabbli għalihom:

(a) FRANZA

It-territorju ta' Monaco kif definit fil-Konvenzjoni Doganali ffirmata f'Pariġi fit-18 ta' Mejju 1963 (*Journal officiel de la République française* (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża) tas-27 ta' Settembru 1963, p. 8679);

(b) ĊIPRU

It-territorju taż-Żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit ta' Akrotiri u ta' Dhekelia kif definit fit-Trattat dwar l-Istabbiliment tar-Repubblika ta' Ċipru, iffirmat f'Nicosia fis-16 ta' Awwissu 1960 (it-Trattat tar-Renju Unit Serje Nru 4 (1961) Cmnd. 1252).

Dokument ta' akkumpanjament fl-

(*għall-UE biss*) Dokument li jakkumpanja l-merkanzija meta tiġi pproċessata dikjarazzjoni ta' esportazzjoni fl-uffiċċju

esportazzjonijiet (EAD)	doganali tal-esportazzjoni mis-Sistema ta' Kontroll tal-Esportazzjoni. L-EAD jikkorrispondi għall-mudell u għan-noti fl-Appendiċi H1 u H2, l-Anness 9 TDA
L-Unjoni Ewropea (UE)	L-Istati Membri huma l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja.
Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA)	Grupp ta' pajjiżi — l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein — li jikkondividu l-arranġamenti ta' kummerċ ħieles.
Pajjiż ta' tranżitu komuni	Kwalunkwe pajjiż, għajr l-Istati Membri tal-UE, li huwa parti kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu
Garanzija	Kopertura finanzjarja pprovduta mill-operatur li huwa d-detentur tal-proċedura komuni ta' tranżitu, sabiex jiġi żgurat li d-dazji doganali u imposti oħrajn jinġabru mill-awtoritajiet doganali,
Lista tat-tagħbija	Dokument li jista' jintuża minflok DAU-BIS meta aktar minn oġġett wieħed ikun qed jiċċaqlaq taħt tranżitu fi proċedura tal-kontinwità tal-operat. Il-lista ta' tagħbija tikkorrispondi għall-mudell u għan-noti fl-Anness B4, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni/l-Anness 72-04 IA.
Lista ta' Oġġetti (LoI)	L-LoI takkumpanja t-TAD (dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu) u l-merkanzija fejn dikjarazzjoni tat-tranżitu għal aktar minn oġġett wieħed ta' merkanzija tiġi pproċessata fl-uffiċċju doganali tat-tluq mill-NCTS (sistema ġdida ta' tranżitu kompjuterizzata). L-LoI tikkorrispondi għall-mudell u għan-noti fl-Annessi A5 u A6, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni/ l-Appendiċi F2, l-Anness 9, TDA.
Manifest	Għat-trasport marittimu u bl-ajru, dan huwa d-dokument li

jelenka l-merkanzija li tkun qed tinġarr. Id-dokument jista' jintuża għal skopijiet doganali, soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel, meta jkun fih id-*data* neċessarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus doganali tal-merkanzija u d-dettalji ta' identifikazzjoni.

Merkanzija mhux tal-Unjoni — Merkanzija oħra minbarra merkanzija tal-Unjoni.

Uffiċċju doganali tat-tluq — L-uffiċċju doganali fejn jiġu aċċettati d-dikjarazzjonijiet dwar it-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu.

Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni — L-uffiċċju doganali fejn il-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu trid tiġi ppreżentata sabiex tintemm il-proċedura.

Uffiċċju doganali ta' garanzija — L-uffiċċju fejn l-awtoritajiet doganali ta' kull pajjiż jiddeċiedu li għandhom jiġu ppreżentati l-garanziji.

Uffiċċju doganali tat-tranżitu — L-uffiċċju doganali li jinsab fil-punt tad-dħul jew tal-ħruġ, skont it-tip ta' skema ta' tranżitu li tapplika.Ara t-tabella għad-dettalji:

	Tranżitu komuni	**Tranżitu fl-Unjoni**
Punt tad-dħul	F'pajjiż ta' tranżitu komuni (parti kontraenti għall-konvenzjoni dwar it-tranżitu komuni)	Fit-territorju doganali tal-Unjoni — meta l-merkanzija tkun qasmet territorju 'l barra minn dan it-territorju waqt operazzjoni ta' tranżitu
Punt tal-ħruġ	Minn pajjiż ta' tranżitu komuni — meta l-merkanzija tkun qed titlaq mit-territorju doganali ta' dak il-pajjiż matul operazzjoni ta' tranżitu minn fruntiera bejn dak il-pajjiż u pajjiż terz (pajjiż ta' tranżitu mhux komuni)	Mit-territorju doganali tal-Unjoni — meta l-merkanzija tkun ħierġa minn dak it-territorju waqt operazzjoni ta' tranżitu minn fruntiera ma' territorju li ma jkunx pajjiż ta' tranżitu komuni

Persuna stabbilita f'parti kontraenti

- kwalunkwe individwu li għandu r-residenza abitwali tiegħu fil-parti kontraenti (pajjiż ta' tranżitu komuni)
- kwalunkwe organizzazzjoni (persuna ġuridika jew

assoċjazzjoni ta' persuni) b'uffiċċju reġistrat, bi kwartieri ċentrali jew bi stabbiliment permanenti ta' negozju fil-parti kontraenti (pajjiż ta' tranżitu komuni).

Detentur tal-proċedura ta' tranżitu	Il-persuna li tippreżenta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew li ssir dikjarazzjoni tat-tranżitu f'isimha.
Rappreżentazzjoni doganali	Kwalunkwe persuna maħtura minn persuna oħra sabiex twettaq l-atti u l-formalitajiet meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni doganali fin-negozjati tagħha mal-awtoritajiet doganali.
Dokument Amministrattiv Uniku (DAU)	Formola b'ħafna kopji użata madwar l-UE u fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni għat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu, bħala parti minn proċedura tal-kontinwità tal-operat (ara l-parti V).
DAU-BIS	Formola użata sabiex tissupplimenta l-kopji tad-DAU meta aktar minn oġġett wieħed ikun qed jiġi ddikjarat f'każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat.
Territorji fiskali speċjali	Parti mit-territorju doganali tal-Unjoni fejn ma japplikawx dawn iż-żewġ (2) Direttivi: – Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud – Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa. Dawn huma: il-Gżejjer Åland, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer Channel, Mount Athos u t-territorji Franċiżi (Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Réunion, Mayotte, Saint-Barthélémy u Saint-Martin).
Dokument ta' akkumpanjament fit-	Dokument stampat mill-NCTS sabiex jakkumpanja l-merkanzija, ibbażat fuq id-dettalji tad-dikjarazzjoni tat-

tranżitu (TAD)	tranżitu.It-TAD jikkorrispondi għall-mudell u għan-noti fl-Appendiċi III, l-Annessi A3 u A4, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni/l-Appendiċi F1, l-Anness 9, TDA.
Dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu/ta' sigurtà (TSAD)	***Għat-tranżitu tal-Unjoni biss***It-TSAD jakkumpanja l-merkanzija meta tiġi proċessata dikjarazzjoni tat-tranżitu fl-uffiċċju doganali tat-tluq mill-NCTS u jkun fiha kemm *data* dwar it-tranżitu kif ukoll *data* tas-sigurtà u tas-sikurezza.It-TSAD jikkorrispondi għall-mudell u għan-noti fl-Appendiċi F3, l-Anness 9 TDA. Madankollu, jista' jiġi stampat ukoll f'pajjiżi ta' tranżitu komuni, jekk l-uffiċċji doganali ta' tranżitu u/jew ta' destinazzjoni jkunu fl-UE.
Lista ta' Oġġetti ta' Tranżitu/ta' Sigurtà (TSLoI)	***Għat-tranżitu tal-Unjoni biss***It-TSLoI takkumpanja t-TSAD u l-merkanzija jekk:– dikjarazzjoni tat-tranżitu tiġi pproċessata fl-uffiċċju doganali tat-tluq mill-NCTS:– id-dikjarazzjoni jkun fiha aktar minn oġġett wieħed ta' merkanzija, u– id-dikjarazzjoni jkun fiha *data* dwar it-tranżitu u *data* tas-sigurtà u tas-sikurezza.It-TSLoi tikkorrispondi għall-mudell u għan-noti fl-Appendiċi F4, l-Anness 9 TDA. Madankollu, tista' tiġi stampata wkoll f'pajjiżi ta' tranżitu komuni, jekk l-uffiċċji doganali ta' tranżitu u/jew ta' destinazzjoni jkunu fl-UE.
Pajjiż terz	Kwalunkwe pajjiż li mhuwiex membru tal-UE jew parti kontraenti għall-konvenzjoni dwar it-tranżitu komuni.
Dikjarazzjoni tat-tranżitu	L-att li bih persuna tindika fil-forma u bil-mod prestabbiliti x-xewqa li tqiegħed il-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu.

Sorsi ta' informazzjoni ġenerali

L-Unjoni Ewropea
http://eur-lex.europa.eu/homepage.html

Il-leġiżlazzjoni doganali
http://ec.europa.eu/taxation_customs/customs/procedural_aspects/transit/index_en.htm

- Manwal tat-tranżitu
- Lista tal-Uffiċċji Doganali ta' Tranżitu
- Ktieb tal-indirizzi tan-Network ta' Tranżitu
- Sistemi Ġodda ta' Tranżitu Doganali għall-Ewropa (fuljett)
- Leġiżlazzjoni
- Konsultazzjoni kummerċjali
- Siti web doganali nazzjonali:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/common/links/customs/index_en.htm

Oħrajn:

L-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: L-Organizzazzjoni Dinjija Doganali
Konvenzjoni UNECE – TIR: http://www.unece.org/trans/bcf/welcome.html

PARTI I – INTRODUZZJONI ĠENERALI

Il-Parti I tagħti l-isfond storiku u ħarsa ġenerali lejn is-sistemi ta' tranżitu.

Il-Paragrafu I.1 jispjega l-karattru u l-iskop ta' tranżitu u fih storja qasira.

Il-Paragrafu I.2 jirreferi għall-istatus tal-merkanzija għal finijiet doganali.

Il-Paragrafu I.3 jipprovdi sommarju tal-proċedura komuni ta' tranżitu.

Il-Paragrafu I.4 jipprovdi sommarju tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni u ta' proċeduri ta' tranżitu oħrajn li japplikaw fl-UE.

Il-Paragrafu I.5 ikopri l-eċċezzjonijiet.

Il-Paragrafu I.6 huwa rriżervat għal struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu I.7 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu I.8 jinkludi l-Annessi.

I.1 Kif jaħdem it-tranżitu

Il-moviment tal-merkanzija

Meta l-merkanzija tidħol f'pajjiż/f'territorju, id-dwana titlob ħlas ta' dazji fuq l-importazzjoni u ta' imposti oħrajn u, fejn ikun xieraq, tapplika miżuri ta' politika kummerċjali (pereżempju dazji anti-dumping).

Dan huwa l-każ anki meta l-merkanzija tkun maħsuba biss sabiex tgħaddi (għat-tranżitu) minn dak il-pajjiż/it-territorju fi triqitha lejn ieħor. Taħt ċerti kondizzjonijiet it-taxxi u l-imposti mħallsin jistgħu jiġu rimborżati meta l-merkanzija titlaq minn dak il-pajjiż/it-territorju.

Fil-pajjiż/fit-territorju li jmiss, din il-proċedura jista' jkollha tiġi rripetuta. Il-merkanzija jista' jkollha tgħaddi minn serje ta' proċeduri amministrattivi kull darba li taqsam il-fruntieri, qabel ma tasal fid-destinazzjoni finali tagħha.

Kif jaħdem it-tranżitu

It-tranżitu jnaqqas din l-amministrazzjoni, u l-ispejjeż relatati, għall-operaturi. Huwa proċedura doganali li huma jistgħu jużaw sabiex iċaqilqu l-merkanzija bejn il-fruntieri jew it-territorji mingħajr ma jħallsu l-imposti normalment dovuti meta l-merkanzija tidħol fit-territorju (jew titlaq minnu). Jeħtieġ biss formalità doganali waħda, mal-ħruġ mit-territorju kopert mill-proċedura.

It-tranżitu huwa partikolarment rilevanti għall-UE, fejn territorju doganali uniku huwa kkombinat ma' diversi territorji fiskali: il-merkanzija tista' tgħaddi taħt tranżitu mill-punt tad-dħul tagħha fl-UE sal-punt tad-destinazzjoni finali tagħha.

F'dan il-punt, it-tranżitu jintemm, l-obbligi fiskali doganali u lokali jiġu rrispettati u l-merkanzija tiġi rrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera, jew titqiegħed taħt proċedura doganali sospensiva oħra.

Proċedura sospensiva tista' tintemm ukoll meta merkanzija mhux tal-Unjoni titqiegħed taħt tranżitu, pereżempju għal esportazzjoni mill-ġdid mit-territorju doganali tal-Unjoni.

Żvilupp ta' sistema ta' tranżitu

Wara t-tmiem tat-tieni gwerra dinjija, kien hemm tkabbir rapidu fil-kummerċ tal-merkanzija fl-Ewropa. Malajr deher ċar li l-proċeduri doganali twal u ineffiċjenti kull darba li l-merkanzija taqsam il-fruntiera jixħtu pressjoni qawwija u piż fuq il-kummerċ. Fi sfond

ta' kooperazzjoni dejjem akbar bejn in-nazzjonijiet, bdew in-negozjati taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Ekonomika tan-NU għall-Ewropa, bil-għan li jiġi preparat ftehim internazzjonali li jiffaċilita l-moviment tal-merkanzija fl-Ewropa.

Ftehim TIR

Fl-1949 tfassal l-ewwel att bħal dan, il-Ftehim TIR. Wassal għall-introduzzjoni ta' sistema ta' garanzija f'numru ta' pajjiżi Ewropej, li tkopri d-dazji u ħlasijiet oħrajn fir-riskju fuq merkanzija li tiġi ttrasportata fl-Ewropa, bħala parti mill-kummerċ internazzjonali.

Is-suċċess tal-Ftehim tal-1949 wassal għall-ħolqien tal-Konvenzjoni TIR fl-1959[2]. Il-Konvenzjoni ġiet riveduta fl-1975 u bħalissa għandha 76 Parti Kontraenti (Ġunju 2019).

Il-Komunità Ewropea

B'mod parallel għall-iżvilupp globali tal-kummerċ internazzjonali, instab li l-Komunità Ewropea emerġenti u li kienet qed tespandi kienet teħtieġ sistema ta' tranżitu speċifika li tiffaċilita l-moviment tal-merkanzija u l-formalitajiet doganali fi ħdan u bejn l-istati membri tagħha.

Il-Komunità Ewropea/L-Unjoni Ewropea

It-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea ġie konkluż fl-1957 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1958.

Il-membri fundaturi kienu: il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu u n-Netherlands.

Fl-1973 ssieħbu d-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit, segwiti fl-1981 mill-Greċja; fl-1986 mill-Portugall u minn Spanja; fl-1995 mill-Awstrija, mill-Finlandja u mill-Iżvezja; fl-2004 mir-Repubblika Ċeka, mill-Estonja, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Litwanja, mill-Ungerija, minn Malta, mill-Polonja, mis-Slovenja u mir-Repubblika Slovakka; fl-2007 mill-Bulgarija u mir-Rumanija; u fl-2013 mill-Kroazja. Ir-Renju Unit ħalla l-Unjoni Ewropea fl-2020.

Is-sistema ta' tranżitu Komunitarja

Il-ħtieġa għal sistema ta' tranżitu speċifika għall-Komunità Ewropea saret aktar evidenti fl-1968, meta ġiet introdotta t-Tariffa Doganali Komuni.

Is-sistema ta' tranżitu Komunitarja ġiet introdotta fl-1968. Iffaċilitat

2 Il-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti ta' Merkanzija li jaqgħu taħt il-Carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR, 1975).

il-moviment kemm ta' merkanzija Komunitarja kif ukoll ta' merkanzija mhux Komunitarja fil-Komunità Ewropea. Għall-ewwel darba, sar użu mis-simboli T1 għal merkanzija mhux Komunitarja u T2 għal merkanzija Komunitarja.

Moviment intra-Komunitarju ta' merkanzija permezz ta' pajjiżi tal-EFTA

Minħabba livelli ogħla ta' kummerċ u sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment tal-merkanzija fl-Ewropa, is-sistema ta' tranżitu Komunitarja ġiet estiża fl-1972 b'żewġ Ftehimiet sabiex tkopri l-kummerċ mal-Awstrija u mal-Iżvizzera. Dawn iż-żewġ pajjiżi, b'pożizzjonijiet ġeografiċi importanti fl-Ewropa, kienu membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA).

Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA)

Il-ftehim EFTA ġie konkluż fl-1959 u daħal fis-seħħ fl-1960. Il-membri oriġinali kienu l-Awstrija, id-Danimarka, in-Norveġja, il-Portugall, l-Iżvezja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit. L-Iżlanda u l-Finlandja saru membri tal-Assoċjazzjoni aktar tard.

L-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit ma għadhomx membri tal-EFTA.

Tranżitu komuni

Il-Ftehimiet tal-1972 mal-pajjiżi tal-EFTA l-Iżvizzera u (dak iż-żmien) l-Awstrija ġew issostitwiti fl-1987 minn żewġ Konvenzjonijiet imfasslin bejn il-Komunità Ewropea u l-pajjiżi kollha tal-EFTA.

Dawn il-Konvenzjonijiet jiffaċilitaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-moviment ta' merkanzija lejn, minn u bejn il-Komunità Ewropea u l-pajjiżi tal-EFTA, iżda wkoll bejn il-pajjiżi tal-EFTA individwali.

Konvenzjoni minnhom — magħrufa bħala l-"**Konvenzjoni**" — stabbiliet proċedura komuni ta' tranżitu[3].

L-oħra — il-"**Konvenzjoni DAU**" — introduċiet formalitajiet simplifikati għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għat-tranżitu, fuq il-bażi tad-Dokument Amministrattiv Uniku (DAU)[4].

3 Il-Konvenzjoni KE/EFTA dwar proċedura komuni ta' tranżitu tal-20 ta' Mejju 1987, ĠU L 226, 13.8.1987 + emendi.

4 Il-Konvenzjoni KE/EFTA dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija (inkluż Dokument Amministrattiv Uniku għall-użu f'tali kummerċ), ĠU L 134, 22.5.1987 + emendi.

Pajjiżi ta' Visegrad

Il-Konvenzjonijiet ġew estiżi fl-1 ta' Lulju 1996 sabiex jinkludu l-erba' pajjiżi ta' Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u r-Repubblika Slovakka) sakemm saru membri tal-UE.

Pajjiżi ta' tranżitu komuni oħrajn

Il-Konvenzjoni ġiet estiża wkoll għal pajjiżi oħrajn:

- Il-Kroazja fl-1 ta' Lulju 2012 (sakemm saret Stat Membru tal-UE);
- It-Turkija fil-1 ta' Diċembru 2012;
- Ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fl-1 ta' Lulju 2015;
- Is-Serbja fl-1 ta' Frar 2016;

Pajjiżi applikanti

Il-partijiet kontraenti futuri kollha għall-Konvenzjoni huma meqjusin bħala "pajjiżi applikanti".

Ħafna pajjiżi esprimew ix-xewqa li jissieħbu fis-sistema komuni ta' tranżitu (prinċipalment il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, bħall-Albanija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna).

Riforma tat-tranżitu

Il-ħolqien tas-suq uniku fl-1993, flimkien ma' ambjent politiku mibdul fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant, offrew sfidi ġodda li għamluha neċessarja li jiġu rrieżaminati s-sistemi ta' tranżitu.

I.2 Status tal-merkanzija

Sa mill-introduzzjoni ta' tranżitu Komunitarju fl-1968, l-istatus doganali tal-merkanzija essenzjalment sar il-fattur li jiddetermina jekk il-merkanzija timxix taħt dikjarazzjoni tat-tranżitu **T1** jew **T2**.

F'ċerti ċirkostanzi, trid tiġi prodotta prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

Aktar dettalji dwar l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni huma pprovduti fil-Parti II.

I.3 Tranżitu komuni

I.3.1 Leġiżlazzjoni

Il-bażi ġuridika għall-proċedura komuni ta' tranżitu hija l-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu tal-

20 ta' Mejju 1987 (ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna).

Il-pajjiżi komuni ta' tranżitu (*il-partijiet kontraenti kollha għall-Konvenzjoni, minbarra l-Liechtenstein, li għandu unjoni doganali mal-Iżvizzera*) huma:

- **L-Istati Membri tal-UE**
- **L-Iżvizzera**, **in-Norveġja** u **l-Iżlanda** (it-tliet pajjiżi tal-EFTA)
- **It-Turkija**
- **Ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq**
- **Is-Serbja**

Il-bażi ġuridika għall-formalitajiet simplifikati fil-kummerċ tal-merkanzija bejn il-pajjiżi tal-UE u l-pajjiżi ta' tranżitu komuni u wkoll bejn il-pajjiżi ta' tranżitu komuni nnifishom hija l-Konvenzjoni DAU ta' Mejju 1987 (ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna).

Spjegazzjoni tar-regoli u tal-proċeduri li jirregolaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar it-tranżitu komuni hija mogħtija fl-Anness I.8.2.

I.3.2 Deskrizzjoni tal-proċedura

Il-proċedura komuni ta' tranżitu tipprevedi li d-dazji tas-sisa u doganali, il-VAT u imposti oħrajn fuq merkanzija jiġu sospiżi matul il-moviment tagħha mill-uffiċċju doganali tat-tluq sal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Tista' tintuża mill-operaturi ekonomiċi sabiex imexxu l-merkanzija aktar faċilment minn Parti Kontraenti għall-oħra. Madankollu, ma hemm ebda obbligu li tintuża.

Il-proċedura hija ġestita mill-amministrazzjonijiet doganali tad-diversi Partijiet Kontraenti permezz ta' network ta' uffiċċji doganali:

- uffiċċji doganali tat-tluq
- uffiċċji doganali ta' tranżitu
- uffiċċji doganali tad-destinazzjoni
- uffiċċji doganali ta' garanzija.

Il-proċedura komuni ta' tranżitu tibda fl-uffiċċju doganali tat-tluq u tispiċċa meta l-merkanzija u t-TAD jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, f'konformità mar-regoli dwar it-tranżitu komuni.

Il-proċedura tinvolvi skambju ta' messaġġi fis-sistema kompjuterizzata dedikata tal-NCTS (ara t-Taqsima I.4.1.3), bejn l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni u l-uffiċċju doganali tat-tluq.

Fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat (ara l-parti V), kopja waħda tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu fuq karta (DAU jew TAD) tiġi rritornata mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni lill-uffiċċju doganali tat-tluq (jew lil uffiċċju ċentrali fil-pajjiż tat-tluq).

Meta jirċievi konferma permezz tal-NCTS jew kopja fuq karta tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, l-uffiċċju doganali tat-tluq jirrilaxxa l-proċedura ta' tranżitu u r-responsabbiltà tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu, sakemm ma jkunux ġew innotati diskrepanzi kbar.

Detentur tal-proċedura fi tranżitu komuni

Il-proċedura komuni ta' tranżitu tinbeda meta operatur jagħmel dikjarazzjoni tat-tranżitu fl-uffiċċju doganali tat-tluq, filwaqt li jitlob li l-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu.

Imbagħad, din il-persuna ssir id-"detentur tal-proċedura" għal tranżitu komuni.

Wara li l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għat-tranżitu, din il-persuna tkun meħtieġa tippreżenta l-merkanzija intatta (b'siġilli intatti, fejn xieraq), flimkien mad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, f'terminu predefinit.

Dak l-uffiċċju doganali japplika r-regoli doganali għall-proċedura komuni ta' tranżitu u għall-ħlas ta' kwalunkwe dejn (doganali) li jkun dovut jekk tkun seħħet irregolarità.

Id-detentur tal-proċedura għandu jagħti garanzija li tkopri l-ammont ta' dejn possibbli (jekk ma jkunx ġie eżentat mil-liġi jew mill-awtorizzazzjoni). Din tista' tkun depożitu ta' flus jew impenn minn istituzzjoni finanzjarja li taġixxi bħala garanti (ara l-Parti III għad-dettalji dwar garanziji u garanti).

L-Artikolu 2 il-Konvenzjoni

Hemm żewġ kategoriji ta' proċedura komuni ta' tranżitu, T1 u T2. Dawn jirriflettu l-istatus differenti tal-merkanzija li tkun qed tiġi ttrasportata.

T1

It-**T1** (**proċedura esterna ta' tranżitu**) — din tkopri l-moviment ta' merkanzija mhux tal-Unjoni, filwaqt li tissospendi l-miżuri normalment applikabbli għaliha f'każ ta' importazzjoni.

T2

It-**T2** (**proċedura esterna ta' tranżitu**) — din tkopri l-moviment

ta' merkanzija tal-Unjoni, filwaqt li tissospendi l-miżuri normalment applikabbli għaliha f'każ ta' importazzjoni lejn pajjiż ta' tranżitu komuni.

Simplifikazzjonijiet tat-tranżitu

Taħt ċerti ċirkostanzi, jekk tkun ingħatat awtorizzazzjoni mill-awtorità doganali rilevanti, il-proċedura komuni ta' tranżitu tal-Unjoni tista' tiġi ssimplifikata (ara l-Parti VI għal informazzjoni dwar simplifikazzjonijiet tat-tranżitu).

I.4 Tranżitu fl-Unjoni

Dan il-paragrafu huwa suddiviż kif ġej:

- informazzjoni dwar il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni (il-Paragrafu I.4.1);
- informazzjoni dwar sistemi ta' tranżitu oħrajn li japplikaw fl-Unjoni (il-Paragrafu I.4.2).

I.4.1 Tranżitu tal-Unjoni

I.4.1.1 Leġiżlazzjoni

It-tranżitu tal-Unjoni għandu l-bażi ġuridika tiegħu fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ir-Regolament (UE) Nru 952/2013) u fir-Regolament Delegat tiegħu (ir-Regolament (UE) Nru 2015/2446), fir-Regolament Delegat dwar il-miżuri tranżizzjonali (ir-Regolament (UE) Nru 2016/341) u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-Regolament (UE) Nru 2015/2447).

L-arranġamenti ta' tranżitu tal-Unjoni ġew estiżi sabiex jinkludu l-kummerċ f'ċerta merkanzija ma' Andorra taħt l-unjoni doganali bejn il-Komunità u Andorra.

Teżisti estensjoni simili għall-kummerċ bejn il-Komunità (issa l-Unjoni) u San Marino, skont l-arranġamenti għall-unjoni doganali ma' San Marino.(ara l-Parti IV, il-Kapitolu 5, għal aktar dettalji dwar Andorra u San Marino).

Spjegazzjoni tar-regoli u tal-proċeduri li jirregolaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar it-tranżitu tal-Unjoni hija mogħtija fl-Anness I.8.1.

I.4.1.2 Deskrizzjoni tal-proċedura

Dan il-paragrafu jiddeskrivi l-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni kif ġej:

- il-proċeduri ta' tranżitu estern tal-Unjoni (il-Paragrafu I.4.1.2.1);
- il-proċeduri ta' tranżitu intern tal-Unjoni (il-Paragrafu I.4.1.2.2).

Użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

Il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni tapplika għall-moviment ta' merkanzija mhux tal-Unjoni (u f'ċerti każijiet ta' merkanzija tal-Unjoni) bejn żewġ punti fl-Unjoni (ara wkoll il-Paragrafu I.4.2 għal proċeduri ta' tranżitu oħrajn fl-Unjoni).

Il-proċedura hija ġestita mill-amministrazzjonijiet doganali tad-diversi Stati Membri permezz ta' network ta' uffiċċji doganali, magħrufin bħala:

- uffiċċji doganali tat-tluq;
- uffiċċji doganali ta' tranżitu;
- uffiċċji doganali tad-destinazzjoni;
- uffiċċji doganali ta' garanzija.

Il-proċedura tibda fl-uffiċċju doganali tat-tluq u tispiċċa meta l-merkanzija u t-TAD jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar it-tranżitu.

F'dan il-punt, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni u l-uffiċċju doganali tat-tluq jiskambjaw messaġġi elettroniċi fl-NCTS sabiex jikkonfermaw li t-tranżitu ntemm.

Jekk tapplika wkoll proċedura tal-kontinwità tal-operat, kopja waħda tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu fuq karta (DAU jew TAD/TSAD) tiġi rritornata mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni lill-uffiċċju doganali tat-tluq (jew lil uffiċċju ċentrali fl-Istat Membru tat-tluq).

Meta jirċievi jew il-konferma permezz tal-NCTS jew il-kopja tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, l-uffiċċju doganali tat-tluq jirrilaxxa l-proċedura ta' tranżitu u r-responsabbiltà tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu, sakemm ma jkunux ġew innotati diskrepanzi kbar.

Detentur tal-proċedura fi tranżitu tal-Unjoni

Il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni tinbeda meta operatur jagħmel dikjarazzjoni tat-tranżitu fl-uffiċċju doganali tat-tluq, filwaqt li jitlob li l-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu.

Imbagħad, din il-persuna ssir id-"detentur tal-proċedura" għal tranżitu komuni.

Wara li l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għat-tranżitu, din il-persuna tkun meħtieġa tippreżenta l-merkanzija intatta (b'siġilli intatti, fejn xieraq), flimkien mad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, f'terminu predefinit.

Dak l-uffiċċju doganali japplika r-regoli doganali għall-proċedura komuni ta' tranżitu u għall-ħlas ta' kwalunkwe dejn (doganali) li jkun dovut jekk tkun seħħet irregolarità.

Id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jagħti garanzija li tkopri l-ammont ta' dejn possibbli (jekk ma jkunx ġie eżentat mil-liġi jew mill-awtorizzazzjoni). Din tista' tkun depożitu ta' flus jew impenn minn istituzzjoni finanzjarja li taġixxi bħala garanti (ara l-Parti III għad-dettalji dwar garanziji u garanti).

Tranżitu estern u intern

L-Artikoli 226 u 227 KDU

Hemm żewġ kategoriji tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, li ġeneralment jirriflettu l-istatus tal-merkanzija li tkun qed tiġi ttrasportata:

- T1 (tranżitu estern);
- T2 (tranżitu intern).

Simplifikazzjonijiet tat-tranżitu

Taħt ċerti ċirkostanzi, jekk tingħata awtorizzazzjoni mill-uffiċċju doganali rilevanti, il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni tista' tiġi ssimplifikata (ara l-Parti VI għal informazzjoni dwar simplifikazzjonijiet tat-tranżitu).

I.4.1.2.1 Proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni

T1

Il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni (T1), **tapplika prinċipalment għall-moviment ta' merkanzija mhux tal-Unjoni**. Tissospendi d-dazji fuq l-importazzjoni, imposti oħrajn u miżuri ta' politika kummerċjali sakemm il-merkanzija tilħaq id-destinazzjoni tagħha fl-Unjoni.

L-Artikolu 189 DA

Madankollu, il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni tkun obbligatorja wkoll:

– meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi esportata mit-territorju doganali

tal-Unjoni lejn pajjiż ta' tranżitu komuni; jew

– meta tiġi esportata u tgħaddi minn pajjiż ta' tranżitu komuni wieħed jew aktar — u tkun qed tintuża l-proċedura ta' tranżitu wara l-esportazzjoni

fil-każijiet kollha li ġejjin:

(a) il-merkanzija tal-Unjoni tkun għaddiet mill-formalitajiet tal-esportazzjoni doganali sabiex jinkisbu rifużjonijiet tad-dazji mħallsin għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi skont il-politika agrikola komuni;

(b) il-merkanzija tal-Unjoni tkun ġiet minn stokkijiet ta' intervent, tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll fir-rigward tal-użu jew tad-destinazzjoni tagħha, u tkun għaddiet mill-formalitajiet doganali mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi skont il-politika agrikola komuni;

(c) il-merkanzija tal-Unjoni tkun eliġibbli għal ħlas lura jew għal remissjoni tad-dazju fuq l-importazzjoni (f'konformità mal-Artikolu 118(4) KDU);

Barra minn hekk, meta tiġi esportata merkanzija li hija msemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/118/KE[5] li jkollha l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni, din tista' titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni.

I.4.1.2.2 Proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni

T2

Il-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni (T2) tapplika għal merkanzija tal-Unjoni mmexxija minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni, filwaqt li tgħaddi minn pajjiż jew minn territorju barra minn dak it-territorju, mingħajr ebda bidla fl-istatus doganali tagħha.

Il-proċedura T2 tapplika wkoll għal merkanzija ttrasportata mill-Unjoni lejn pajjiż ta' tranżitu komuni, fejn issegwi l-proċedura ta' esportazzjoni.

[5] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 009, 14.1.2009, p. 12).

T2 ma tintużax meta l-merkanzija tinġarr kollha kemm hi bil-baħar jew bl-ajru.

T2F

Il-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni T2F tapplika għall-merkanzija tal-Unjoni:

– immexxija minn territorju fiskali speċjali għal parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni li ma hijiex territorju fiskali speċjali;
– meta dak il-moviment jintemm f'post li jkun jinsab barra mill-Istat Membru fejn tkun daħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Madankollu, f'sitwazzjonijiet oħrajn, il-proċedura ta' tranżitu intern (T2F) hija possibbiltà. Il-merkanzija tista' tiġi ttrasportata wkoll jekk l-operatur ikollu prova li għandha l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

I.4.1.3 Sistema ġdida ta' tranżitu kompjuterizzata (NCTS)

L-NCTS hija għodda tal-IT komuni tal-UE għall-ġestjoni u għall-kontroll tas-sistema ta' tranżitu.

L-objettivi ewlenin tagħha huma li tagħmel il-proċeduri ta' tranżitu aktar rapidi, aktar effiċjenti, effettivi u siguri, filwaqt li tipprevjeni u tidentifika l-frodi.

Ġeneralment, l-NCTS hija **obbligatorja** għall-proċeduri ta' tranżitu (kemm esterni kif ukoll interni) tal-Unjoni u għall-proċeduri komuni ta' tranżitu.

Eċċezzjonijiet

– simplifikazzjonijiet li jikkonċernaw ċerti modi tat-trasport;

– proċedura tal-kontinwità tal-operat;

– il-vjaġġaturi intitolati li jużaw dikjarazzjoni bbażata fuq il-karti f'ċerti sitwazzjonijiet.

I.4.1.3.1 Punti jew messaġġi prinċipali użati f'operazzjoni tal-NCTS

Qabel ma nidħlu fid-dettall, huwa utli li wieħed isemmi l-punti u l-messaġġi prinċipali kollha fl-operat tal-NCTS.

- **Dikjarazzjoni tat-tranżitu** — formola elettronika (mibgħuta bħala messaġġ *IE015 "Data tad-Dikjarazzjoni")*.
- **In-numru ta' referenza prinċipali (MRN)** — numru ta' reġistrazzjoni uniku, mogħti mis-sistema għad-dikjarazzjoni li tidentifika l-moviment.
- **Id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu (TAD)** — jakkumpanja l-merkanzija mill-uffiċċju doganali tat-tluq sal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.
- **"*Avviż tal-wasla antiċipata*"** (messaġġ (IE001) — jintbagħat mill-uffiċċju doganali tat-tluq lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni indikat fid-dikjarazzjoni.
- **"*Avviż antiċipat tat-tranżitu*"** (messaġġ IE050) — jintbagħat mill-uffiċċju doganali tat-tluq lill-uffiċċju/i doganali ddikjarat(i) tat-tranżitu, għan-notifika tal-qsim antiċipat ta' fruntiera tal-merkanzija.
- ***"Avviż tal-qsim tal-fruntiera"*** (messaġġ IE118) — jintbagħat mill-uffiċċju doganali attwali tat-tranżitu użat, wara li jkun ivverifika l-merkanzija.
- ***"Avviż tal-wasla"*** (messaġġ IE006) — jintbagħat mill-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni lill-uffiċċju doganali tat-tluq meta tasal il-merkanzija.
- **"*Riżultati tal-kontroll*"** (messaġġ IE018) — jintbagħat mill-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni lill-uffiċċju doganali tat-tluq (wara li l-merkanzija tkun ġiet spezzjonata, fejn neċessarju).

Huwa importanti wkoll li wieħed jifhem li s-sistema tkopri l-kombinazzjonijiet possibbli kollha ta' proċeduri normali u simplifikati, fit-tluq (konsenjatur awtorizzat) kif ukoll fid-destinazzjoni (konsenjatarju awtorizzat).

L-Anness IV.4.8.1 fih aktar messaġġi (in-numri, l-ismijiet u l-abbrevjazzjonijiet tagħhom fis-sistema)

I.4.1.3.2 Uffiċċju doganali tat-tluq

Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu tintbagħat lill-uffiċċju doganali tat-tluq f'forma elettronika. Dikjarazzjonijiet elettroniċi jistgħu jsiru fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew mill-bini tal-operatur ekonomiku stess.

Id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha d-*data* kollha meħtieġa u tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema, ladarba s-sistema tikkodifika u tivvalida d-*data* awtomatikament.

Jekk ikun hemm inkonsistenza fid-*data*, dan jiġi indikat mis-sistema. Id-dikjarant jiġi informat sabiex ikun jista' jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa qabel ma d-dikjarazzjoni tiġi aċċettata finalment.

Innota li l-"korrezzjoni" ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu ma tfissirx "emenda" tagħha, kif imsemmi fl-Artikolu 31 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni/l-Artikolu 173 KDU (ara IV.2.3.2 dwar l-emenda ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu).

Ladarba l-korrezzjonijiet ikunu ddaħħlu u d-dikjarazzjoni tiġi aċċettata, is-sistema tipprovdi numru ta' reġistrazzjoni uniku lid-dikjarazzjoni — in-Numru ta' Referenza tal-Moviment (MRN).

Imbagħad, ladarba titwettaq kwalunkwe spezzjoni, jew fl-uffiċċju doganali tat-tluq innifsu jew f'xi bini tal-konsenjatur awtorizzat, u l-garanziji jiġu aċċettati, il-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu.

Is-sistema tistampa d-Dokument ta' Akkumpanjament fit-Tranżitu (TAD) u, jekk ikun hemm bżonn, il-Lista ta' Oġġetti (LoI) — jew fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew f'xi bini tal-konsenjatur awtorizzat.

It-TAD u l-LoI jridu jakkumpanjaw il-merkanzija u jiġu ppreżentati fi kwalunkwe uffiċċju doganali tat-tranżitu u fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Meta jiġu stampati t-TAD u l-LoI, l-uffiċċju doganali tat-tluq simultanjament jibgħat il-**messaġġ IE001** lill-uffiċċju doganali ddikjarat tad-destinazzjoni.

Dan il-messaġġ prinċipalment jinkludi l-informazzjoni meħuda mid-dikjarazzjoni, li tippermetti lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jikkontrolla l-merkanzija meta tasal. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġ li jkollu aċċess għad-*data* tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu sabiex jieħu deċiżjoni korretta u affidabbli

dwar liema azzjonijiet għandhom jittieħdu meta tasal il-merkanzija.

Jekk il-merkanzija jkollha tgħaddi wkoll minn uffiċċju doganali tat-tranżitu, l-uffiċċju doganali tat-tluq jibgħat ukoll il-**messaġġ IE050**, sabiex jagħti twissija bil-quddiem lil dak l-uffiċċju bl-għan li jkun jista' jivverifika l-passaġġ tal-merkanzija.

I.4.1.3.3 Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

Mal-wasla, il-merkanzija trid tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lill-konsenjatarju awtorizzat flimkien mat-TAD u mal-LoI, jekk ikun hemm bżonn.

L-uffiċċju doganali, li diġà jkun irċieva l-messaġġ IE001, ikollu d-dettalji kollha dwar id-*data* tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu u, għalhekk, ikollu l-opportunità li jiddeċiedi minn qabel liema kontrolli jkunu neċessarji.

Meta l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni idaħħal l-MRN fl-NCTS, huwa awtomatikament isib il-messaġġ IE001 għal din il-merkanzija, li jservi bħala bażi għal kwalunkwe azzjoni jew kontroll li jeżegwixxi.

Imbagħad l-uffiċċju tad-destinazzjoni jibgħat il-messaġġ IE006 minnufih lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Wara li jkunu twettqu l-kontrolli rilevanti, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jinnotifika lill-uffiċċju doganali tat-tluq dwar ir-riżultati tal-kontroll, billi juża l-messaġġ IE018, li jiddikjara liema irregolaritajiet ġew skoperti, jekk ikun hemm.

Il-messaġġi IE006 u IE018 huma meħtieġa sabiex l-uffiċċju doganali tat-tluq jirrilaxxa l-operazzjoni ta' tranżitu u jirrilaxxa l-garanziji użati għaliha.

I.4.1.3.4 Uffiċċju doganali tat-tranżitu

Meta l-merkanzija tgħaddi minn uffiċċju doganali tat-tranżitu, il-merkanzija, it-TAD u, fejn xieraq, l-LoI, iridu jiġu ppreżentati lil dak l-uffiċċju.

Il-messaġġ IE050 diġà għandu jkun iddaħħal fl-NCTS — l-uffiċċju doganali jista' jsibu billi jdaħħal l-MRN u, sussegwentement,

japprova l-passaġġ tal-merkanzija.

Imbagħad, jibgħat il-messaġġ IE118 lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

I.4.1.3.5 Bidla fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu jew tad-destinazzjoni

Jekk il-merkanzija tgħaddi minn uffiċċju doganali tat-tranżitu li ma jkunx dak iddikjarat, il-messaġġ li jkun inizjalment intbagħat lill-uffiċċju tat-tranżitu ddikjarat (IE050) ma jkun ta' ebda użu.

F'dan il-każ, l-uffiċċju doganali attwali tat-tranżitu jibgħat il-messaġġ ta' "Talba għal ATR" (IE114) lill-uffiċċju doganali tat-tluq, li jitlob lil dak l-uffiċċju l-messaġġ IE050, sabiex ikun jista' jaċċessa d-*data* tad-dikjarazzjoni.

Bħala tweġiba, l-uffiċċju doganali tat-tluq jibgħat il-messaġġ ta' "Tweġiba għal ATR" (IE115).

Bl-istess mod, il-merkanzija tista' tiġi ppreżentata f'uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, li jkun differenti minn dak iddikjarat.

F'dan il-każ, l-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni jibgħat il-messaġġ ta' "Talba għal AAR" (IE002) lill-uffiċċju doganali tat-tluq, li jitlob lil dak l-uffiċċju jibgħat il-messaġġ IE001. B'dan il-mod, l-uffiċċju doganali l-ġdid tad-destinazzjoni jkun jista' jikseb l-informazzjoni neċessarja dwar id-*data* tad-dikjarazzjoni.

Wara li jkun irċieva l-messaġġ ta' "Tweġiba għal AAR" (IE003) u wara li jkun ivverifika l-merkanzija, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jibgħat il-messaġġ IE018.

Jekk ikun hemm bidla fl-uffiċju doganali tat-tranżitu jew tad-destinazzjoni, il-messaġġi li jkunu ntbagħtu lill-uffiċċji doganali ddikjarati ma jkunu ta' ebda użu u jibqgħu miftuħin. Għall-ikklerjar tas-sistema, l-NCTS tibgħat messaġġ b'mod awtomatiku lill-uffiċċji doganali dikjarati, li jinnotifikahom fejn u meta l-merkanzija tkun ġiet ippreżentata, sabiex ikunu jistgħu jagħlqu l-messaġġi.

I.4.1.3.6 Proċeduri simplifikati: konsenjatur awtorizzat u konsenjatarju awtorizzat

L-użu taż-żewġ proċeduri simplifikati huwa l-aħjar mod kif tintuża l-NCTS. Il-possibbiltà li operatur iwettaq il-proċeduri kollha fil-bini tiegħu stess u jiskambja informazzjoni mad-dwana b'mod

elettroniku hija b'mod ċar l-aktar mod rapidu, komdu, sigur u ekonomiku ta' kif tista' ssir din il-ħidma.

Rekwiżit għall-użu ta' dawn il-proċeduri simplifikati huwa li kemm il-konsenjatur awtorizzat kif ukoll il-konsenjatarju awtorizzat ikollhom sistemi elettroniċi adegwati għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni fl-NCTS.

L-NCTS tippermetti lill-**konsenjaturi awtorizzati**:

- joħolqu dikjarazzjoni tat-tranżitu fis-sistema tal-kompjuter tagħhom stess;
- jibagħtu l-messaġġ IE015 lill-uffiċċju doganali tat-tluq, mingħajr ma l-merkanzija jkollha tiġi ppreżentata hemmhekk;
- jibagħtu u jirċievu notifiki li d-dikjarazzjoni ġiet aċċettata u l-merkanzija ġiet irrilaxxata. Dan iseħħ b'messaġġi sussegwenti oħrajn mill-uffiċċju doganali tat-tluq, li jinkludu talbiet sabiex tiġi emendata d-*data* tad-dikjarazzjoni.

L-NCTS tippermetti lil **konsenjatarji awtorizzati**:

- jirċievu l-merkanzija u t-TAD u l-LoI, jekk ikun xieraq, fil-bini tagħhom stess;
- jibagħtu l-messaġġ ta' "*Notifika tal-wasla*" (IE007) lill-uffiċċju doganali rilevanti tad-destinazzjoni;
- jirċievu u jibagħtu messaġġi sussegwenti li jikkonċernaw il-permess li jħottu l-merkanzija u jinnotifikaw ir-riżultati ta' dak il-ħatt.

I.4.2 Sistemi oħrajn ta' tranżitu fl-Unjoni Ewropea

I.4.2.1 Introduzzjoni

L-Artikoli 226(3) u 227(2) KDU

Apparti mit-tranżitu komuni u mill-proċeduri ta' tranżitu intern/estern tal-Unjoni, jintużaw ukoll il-proċeduri ta' tranżitu deskritti hawn taħt:

- TIR;
- Carnet ATA;
- Manifest tar-Renu;

- Moviment tan-NATO;
- Pakkett postali.

Il-**proċedura TIR** tuża sistema ta' garanzija internazzjonali bbażata fuq katina ta' assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' garanzija, b'kuntrast mal-proċeduri komuni ta' tranżitu u mal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni (ara l-Paragrafu I.4.2.2 u l-Parti IX għall-informazzjoni dwar it-TIR).

Il-**proċedura tal-carnet ATA** hija simili għat-TIR, iżda hija limitata għal ċerti tipi ta' merkanzija (ara l-Paragrafu I.4.2.3 għall-informazzjoni dwar l-ATA).

Il-**proċedura tal-manifest tar-Renu** tapplika għat-trasport bl-ilma ta' merkanzija mhux tal-Unjoni fuq ir-Renu u fuq it-tributarji assoċjati tiegħu (ara l-Paragrafu I.4.2.4 għall-informazzjoni dwar il-manifest tar-Renu).

Il-**proċedura ta' moviment tan-NATO** tapplika għal merkanzija ttrasportata għall-forzi tan-NATO (ara l-Paragrafu I.4.2.5 għall-informazzjoni dwar il-proċedura ta' moviment tan-NATO).

Il-**proċedura tal-pakketti postali** tapplika għal merkanzija mibgħuta bil-posta (ara l-Paragrafu I.4.2.6 għal informazzjoni dwar il-proċedura tal-pakketti postali).

Tapplika l-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni kif ukoll fejn il-merkanzija tal-Unjoni tiġi esportata lejn pajjiż terz u titmexxa fit-territorju doganali tal-Unjoni taħt operazzjoni TIR jew taħt proċedura ta' tranżitu f'konformità mal-Konvenzjoni ATA jew mal-Konvenzjoni ta' Instanbul.

I.4.2.2 Proċedura TIR (Transport Internationaux Routiers)

L-Artikoli 226(3)(b) u 227(2)(b) KDU

Il-leġiżlazzjoni prinċipali li tirregola l-proċedura TIR hija l-Konvenzjoni TIR tal-1975, imħejjija taħt il-patroċinju tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE). Għandha 77 parti kontraenti, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha.

Il-Konvenzjoni TIR tippermetti l-moviment internazzjonali tal-merkanzija minn uffiċċju doganali wieħed jew aktar tat-tluq għal uffiċċju doganali wieħed jew aktar tad-destinazzjoni (sa **total ta' erba' uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni**) u b'passaġġ

minn kemm-il pajjiż ikun neċessarju.

Skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-proċedura TIR tista' tintuża biss fl-Unjoni għall-moviment ta' tranżitu li jibda jew jispiċċa 'l barra mill-Unjoni, jew li jsir bejn żewġ postijiet fl-Unjoni wara moviment minn ġot-territorju ta' pajjiż terz.

Il-Konvenzjoni TIR tapplika għat-trasporti bil-vetturi tat-triq, għal kombinazzjonijiet ta' vetturi u ta' kontejners, u tippermetti għall-użu ta' carnet TIR għall-modi kollha tat-trasport, bil-kondizzjoni li parti mill-vjaġġ issir bit-triq.

Il-Konvenzjoni TIR fiha wkoll rekwiżiti tekniċi speċifiċi għall-kostruzzjoni tal-kompartimenti tat-tagħbija ta' vetturi jew ta' kontejners, sabiex jiġi evitat il-kuntrabandu. Barra minn hekk, it-trasportaturi awtorizzati mid-dwana biss jitħallew jittrasportaw merkanzija skont il-proċedura TIR.

Sabiex tkopri d-dazji u t-taxxi doganali f'riskju matul il-vjaġġ, il-Konvenzjoni TIR stabbiliet katina ta' garanzija internazzjonali li hija mmaniġġjata mill-Unjoni Internazzjonali għat-Trasport bit-Triq (IRU). L-IRU hija responsabbli wkoll għall-istampar u għad-distribuzzjoni tal-Carnet TIR, li jservi kemm ta' dikjarazzjoni doganali kif ukoll ta' prova ta' garanzija.

Is-superviżjoni kumplessiva tal-Konvenzjoni TIR u l-applikazzjoni tagħha fil-partijiet kontraenti kollha taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat Amministrattiv TIR, korp intergovernattiv li jinkludi l-partijiet kontraenti kollha u l-Bord Eżekuttiv TIR tiegħu (TIRExB), magħmul minn disa' membri eletti, kull wieħed minn parti kontraenti differenti.

Ara l-Parti IX għal dettalji dwar l-użu tal-proċedura TIR fl-Unjoni.

I.4.2.3 ATA (dħul temporanju)

I.4.2.3.1 Sfond u leġiżlazzjoni

L-Artikoli 226(3)(c) u 227(2)(c) KDU

Il-bażijiet ġuridiċi għal din il-proċedura huma l-Konvenzjoni ATA u l-Konvenzjoni dwar l-Ammissjoni Temporanja (magħrufa wkoll bħala l-Konvenzjoni ta' Istanbul).

Il-Konvenzjoni ATA tal-1961 għadha fis-seħħ u bħalissa għandha

63 parti kontraenti.

Il-Konvenzjoni ta' Istanbul li oriġinarjament kienet maħsuba sabiex tissostitwixxi l-Konvenzjoni ATA ġiet konkluża fis-26 ta' Ġunju 1990 f'Istanbul taħt l-awspiċji tal-Kunsill Kooperattiv Doganali — issa msejjaħ l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO). Hija mmaniġġjata minn Kumitat Amministrattiv u bħalissa għandha 69 parti kontraenti.

Ir-regoli dwar l-użu ta' carnet ATA bħala dokument ta' tranżitu fl-Unjoni jinsabu fl-Artikoli 283 u 284 IA.

I.4.2.3.2 Deskrizzjoni tal-proċedura

Għall-fini tal-carnet ATA, l-Unjoni hija meqjusa li tifforma territorju wieħed.

Fl-uffiċċju doganali tat-tluq

L-uffiċċju doganali tat-tluq jew l-uffiċċju doganali tad-dħul fl-Unjoni jeħtieġlu:

- jaqla' l-Vawċer tat-tranżitu nru 1;
- jimla l-kaxxa "H" (il-punti A-D);
- idaħħal fil-punt (E) tal-kaxxa "H" (kemm jista' jkun, bl-użu ta' timbru) l-isem u l-indirizz sħiħ tal-uffiċċju doganali li lilu jrid jiġi rritornat il-vawċer nru 2.

Dan l-uffiċċju jeħtieġlu wkoll jimla u jiċċertifika l-approvazzjoni għat-tranżitu (il-punti 1-7) tal-kontromarka ta' tranżitu korrispondenti qabel ma l-carnet jiġi rritornat lid-detentur.

Fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ mill-Unjoni, skont liema jkun xieraq, jeħtieġlu:

– jaqla' l-Vawċer tat-tranżitu nru 2;
– jiċċertifika l-kaxxa "H" (il-punt F);
– idaħħal kwalunkwe kumment fil-punt G;
– jibgħat il-vawċer mingħajr dewmien lill-uffiċċju doganali msemmi fil-Kaxxa H (il-punt E).

Dak l-uffiċċju jeħtieġlu wkoll jimla u jiċċertifika ċ-ċertifikat ta'

rilaxx (il-punti 1-6) tal-kontromarka ta' tranżitu, qabel ma jirritorna l-carnet lid-detentur.

Proċedura ta' inkjesta

L-inkjesti kollha dwar il-carnets ATA jiġu ttrattati minn uffiċċji ċentrali ddeżinjati f'kull Stat Membru (ara https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-procedures/what-is-customs-transit/customs-transit-ata-temporary-admission_en).

Id-dijagramma skematika li ġejja turi l-użu tal-carnet ATA bħala dokument ta' tranżitu għat-tmexxija tal-merkanzija li tgħaddi minn jew fit-territorju doganali tal-Unjoni taħt il-proċedura tal-carnet ATA.



I.4.2.4 Manifest tar-Renu

I.4.2.4.1 Sfond u leġiżlazzjoni

L-Artikoli 226(3)(d) u 227(2)(d) KDU

Il-bażijiet ġuridiċi għal din il-proċedura huma l-Konvenzjoni ta' Mannheim tas-17 ta' Ottubru 1868 u l-Protokoll adottat mill-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fit-22 ta' Novembru 1963.

I.4.2.4.2 Deskrizzjoni tal-proċedura

Il-proċedura tal-manifest tar-Renu tippermetti traffiku fuq ir-Renu u fuq it-tributarji tiegħu li jaqsmu fruntieri nazzjonali.

Il-Konvenzjoni ta' Mannheim tikkonċerna l-pajjiżi li ġejjin li jmissu mar-Renu: in-**Netherlands**, **il-Belġju**, **il-Ġermanja**, **Franza** u **l-Iżvizzera**. Għall-finijiet tal-Konvenzjoni, dawn il-pajjiżi huma kkunsidrati li jifformaw territorju uniku.

L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni jiddikjara li meta vapur jivvjaġġa fuq ir-Renu mingħajr tagħbija jew ħatt fit-territorju ta' dawn il-pajjiżi, jista' jkompli għaddej mingħajr kontroll doganali.

Il-proċedura tal-manifest tar-Renu tista' tintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, fejn xieraq.

I.4.2.5 Movimenti tan-NATO

I.4.2.5.1 Sfond u leġiżlazzjoni

L-Artikoli 226(3)(e) u 227(2)(e) KDU

Ir-regoli li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' merkanzija għall-forzi tan-NATO jinsabu fil-Ftehim bejn il-Partijiet għall-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana dwar l-istatus tal-forzi tagħhom, iffirmat f'Londra fid-19 ta' Ġunju 1951.

Id-dokument użat għat-trasport ta' merkanzija bħal din huwa l-**Formola 302 tan-NATO**. Din il-formola tista' tintuża biss meta l-merkanzija titmexxa taħt mandat u ordni tal-forzi tan-NATO.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE li tipprovdi sabiex il-Formola 302 tan-NATO tintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni tinsab fl-Artikoli 285-287 IA.

I.4.2.5.2 Deskrizzjoni tal-proċedura

Hemm 28 membru tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO): il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, ir-Renju Unit, il-Kanada, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, l-Iżlanda, in-Norveġja, il-Polonja, it-Turkija, l-Albanija, il-Kroazja u l-Istati Uniti tal-Amerika.

L-awtorità doganali f'kull wieħed mill-pajjiżi msemmija hawn fuq,

bi ftehim ma' kull unità tan-NATO stazzjonata fit-territorju tagħha, taħtar uffiċċju doganali (jew uffiċċju ċentrali) li jkun responsabbli għall-formalitajiet u l-kontrolli doganali li jikkonċernaw il-ġarr ta' merkanzija mwettaq minn kull unità tan-NATO jew f'isimha.

Kull uffiċċju doganali ddeżinjat fl-Istat Membru tat-tluq jeħtieġlu jipprovdi 302 formoli lill-unità(jiet) tan-NATO taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu, li għandhom jintużaw bħala dikjarazzjonijiet ta' tranżitu:

- awtentikati minn qabel bit-timbru u bil-firma tal-uffiċċju doganali;
- enumerati f'serje;
- ikollhom l-indirizz sħiħ ta' dak l-uffiċċju (għall-kopja ta' ritorn tal-formola 302).

L-uffiċċju doganali jeħtieġlu jżomm rekord tal-kwantità u tan-numri tas-serje tal-formoli 302 kollha awtentikati minn qabel maħruġin lill-unitajiet tan-NATO.

Kull konsenja trid tivvjaġġa b'formola 302 awtentikata minn qabel.

Mhux aktar tard miż-żmien tal-konsenja, l-awtorità kompetenti tan-NATO jeħtiġiliha tagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

- tibgħat id-*data* tal-formola 302 elettronikament lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul;
- timla l-formola 302 fuq karta billi żżid dikjarazzjoni li l-merkanzija qiegħda titmexxa taħt il-kontroll tagħha, u tawtentika d-dikjarazzjoni bil-firma tagħha, bit-timbru tagħha u bid-data.

Meta l-formola tiġi ppreżentata fuq karta, kopja ta' formola 302 mimlija u ffirmata trid tingħata mingħajr dewmien lill-uffiċċju doganali deżinjat responsabbli għall-formalitajiet u għall-kontrolli relatati mal-forzi tan-NATO li bagħtu l-merkanzija, jew li f'isimhom tintbagħat il-merkanzija.

Il-kopji l-oħrajn tal-formola 302 jakkumpanjaw il-merkanzija għall-forzi tan-NATO fid-destinazzjoni tagħha, fejn il-formoli jiġu ttimbrati u ffirmati minn dawk il-forzi.

Fil-ħin tal-wasla tal-merkanzija, żewġ kopji tal-formola jingħataw lill-uffiċċju doganali nominat. Dak l-uffiċċju doganali jżomm kopja waħda u jittimbra u jirritorna t-tieni kopja lill-uffiċċju doganali responsabbli għall-formalitajiet u għall-kontrolli tan-NATO

(imsemmija aktar 'il fuq). L-indirizz huwa dak indikat fil-formola 302.

Madankollu, kun af li meta merkanzija li tiċċirkola taħt il-formola 302 tiġi ttrasportata għall-vjaġġ kollu tagħha jew għal parti minnu permezz tal-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti applikabbli għal merkanzija ttrasportata bil-ferrovija, l-operazzjoni mwettqa taħt il-formola 302 tiġi sospiża matul dik il-parti tal-vjaġġ.

I.4.2.6 Pakketti postali

I.4.2.6.1 Sfond u leġiżlazzjoni

L-Artikoli 226(3)(f) u 227(2)(f) KDU

Il-prinċipju tal-libertà tat-tranżitu huwa stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni tal-UPU (1964) u fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tal-UPU (2008).

Dan il-prinċipju jobbliga lil kull operatur postali sabiex jgħaddi oġġetti mgħoddija lilu minn operatur postali ieħor bl-użu tal-aktar rotot rapidi u tal-aktar mezzi siguri.

Dan jippreserva l-monopolji postali nazzjonali iżda jobbliga lill-operatur postali nazzjonali sabiex iwassal l-oġġetti kollha mgħoddija lilu minn servizz postali f'pajjiż ieħor tal-UPU.

Il-proċedura tat-tranżitu taħt is-sistema postali hija miftuħa għad-detenturi tad-drittijiet tal-UPU ("operatur dežinjat" minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "operatur postali dežinjat"[6][7]). Il-leġiżlazzjoni postali nazzjonali tistabbilixxi min huwa l-operatur postali.

Meta l-posta fi tranżitu ma tgħaddix għand l-operatur postali dežinjat fil-pajjiż li tgħaddi minnu, iżda tiġi ttrasportata f'dak il-pajjiż minn operatur privat, japplikaw il-proċeduri doganali standard.

It-territorju doganali tal-Unjoni huwa meqjus li jifforma territorju wieħed għall-fini ta' tranżitu bil-posta. Għalhekk, operatur postali dežinjat minn Stat Membru wieħed jista' juża l-proċedura ta' tranżitu għall-posta sabiex iġorr merkanzija fit-territorju doganali

6 Fl-24 ta' Marzu 2021

7 "Operatur postali dežinjat" tfisser operatur stabbilit fi Stat Membru u awtorizzat minnu sabiex jipprovdi servizzi internazzjonali rregolati bil-Konvenzjoni tal-Unjoni Postali Universali li bħalissa hija fis-seħħ.

kollu tal-Unjoni.

Dan ifisser li dan l-operatur jista', iżda mhuwiex meħtieġ, jgħaddi l-konsenja lill-operatur postali dežinjat fl-Istat Membru ta' tranżitu.

Operatur postali dežinjat jista' jirranġa l-mezz tat-trasport sabiex iġorr il-merkanzija bejn il-fruntieri nazzjonali fl-UE.

Is-sottokuntratturi għandhom ikunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' trasport għal operatur postali dežinjat, dment li jkunu identifikaw kif xieraq l-operatur — pereżempju fid-dokument tat-trasport.

I.4.2.6.2 Deskrizzjoni tal-proċedura

L-Artikoli 288-290 IA

Ir-regoli tal-proċedura ta' tranżitu għall-merkanzija ttrasportata skont is-sistema postali huma speċifikati fl-Artikoli 288-290 IA.

Meta merkanzija mhux tal-Unjoni tinġarr bil-posta (inkluża l-posta tal-pakketti) minn punt għall-ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni taħt il-proċedura ta' tranżitu estern, il-pakkett u kwalunkwe dokument li jakkumpanjah irid ikollhom tikketta safra (l-Anness 72-01 IA).

Jekk pakkett, borża tal-posta jew kontenitur ikun fih diversi oġġetti, xorta jkun jeħtieġ tikketta safra waħda, fuq l-imballaġġ estern.

Jekk ma jkunx hemm tikketta safra jew evidenza oħra ta' status tal-merkanzija bħala mhux tal-Unjoni, hija titqies bħala merkanzija tal-Unjoni.

Jekk il-konsenja postali jkun fiha kemm merkanzija tal-Unjoni kif ukoll merkanzija mhux tal-Unjoni, prova tal-istatus doganali (T2L) tal-merkanzija tal-Unjoni (jew referenza għall-MRN tal-prova) trid tintbagħat separatament lill-operatur postali tad-destinazzjoni (jew tiġi mehmuża fil-konsenja).

Jekk il-**prova tintbagħat separatament** lill-operatur postali tad-destinazzjoni, dak l-operatur jeħtieġlu jippreżenta l-prova lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, flimkien mal-konsenja.

Jekk il-**prova jew l-MRN tagħha jkun jinsab fil-konsenja**, dan għandu jiġi indikat b'mod ċar fuq in-naħa ta' barra tal-pakkett. Dokument T2L jista' jinħareġ retrospettivament.

It-tikketti sofor iridu jitwaħħlu fuq barra tal-pakkett u man-nota ta'

konsenja. U għall-pakketti postali CN22/CN23, trid titwaħħal ukoll tikketta mad-dikjarazzjoni doganali.

Jekk il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata lejn, minn jew bejn territorji fiskali speċjali skont il-proċedura ta' tranżitu intern, il-konsenja postali u kull dokument mehmuż irid ikollu tikketta, kif stabbilit fl-Anness 72-02 IA.

Jekk il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata skont il-proċedura ta' tranżitu intern mit-territorju doganali tal-Unjoni għal pajjiż ta' tranżitu komuni, għal trażmissjoni suċċessiva lejn it-territorju doganali tal-Unjoni, trid tkun akkumpanjata mill-prova tal-istatus doganali tagħha bħala merkanzija tal-Unjoni, b'wieħed mill-mezzi elenkati fl-Artikolu 199 IA.

Din il-prova trid tiġi ppreżentata lil uffiċċju doganali meta l-merkanzija terġa' tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Bħala alternattiva, il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni hija rrakkomandata ħafna għal tali merkanzija tal-Unjoni, sabiex jiġi evitat dewmien meta jinqasmu l-fruntieri. Madankollu, il-proċedura komuni ta' tranżitu ma tapplikax għall-konsenji postali (ara l-Artikolu 2 tal-Appendiċi 1 tas-CTC). Għalhekk, proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni tiġi sospiża waqt il-qsim ta' pajjiżi komuni ta' tranżitu.

I.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

I.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

I.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

I.8 Annessi

I.8.1 Regoli u prinċipji li jirregolaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar it-tranżitu tal-Unjoni

L-aħħar verżjoni tar-regoli ta' proċeduri għall-Kumitat tal-Kodiċi Doganali u għall-Grupp ta' Esperti tista' tinstab fuq:

https://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=23818&no=1

IR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-GRUPP TA' ESPERTI DOGANALI

IL-GRUPP TA' ESPERTI DOGANALI

Wara li kkunsidra l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-KDU (b'mod partikolari l-Artikolu 211(6) KDU u l-Artikolu 259 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-KDU),

Wara li kkunsidra t-termini ta' referenza tal-Grupp ta' Esperti Doganali,

Wara li kkunsidra r-regoli standard ta' proċedura tal-gruppi ta' esperti,

ADOTTA R-REGOLI TA' PROĊEDURA LI ĠEJJIN:

Artikolu 1

Rappreżentazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jitqies bħala membru wieħed tal-Grupp ta' Esperti Doganali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-grupp"). Kull membru tal-grupp għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tad-delegazzjoni tiegħu, filwaqt li jqis l-għarfien espert meħtieġ, u jinforma lill-President.

2. Sad-data msemmija fl-istedina u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħamest ijiem kalendarji qabel id-data ta' laqgħa tal-grupp, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni:

   a) il-kompożizzjoni ta' kull delegazzjoni, ħlief meta l-president ikun diġà jaf kif se tkun;

   b) in-nuqqas ta' delegazzjoni waqt laqgħa.

3. Delegazzjoni ta' membru tista' tirrappreżenta membru wieħed ieħor biss. Il-membru li jkun qed jiġi rrappreżentat għandu jinforma lill-President b'dan bil-miktub qabel il-

laqgħa, jew fil-każ ta' mandat permanenti, qabel l-ewwel laqgħa, li fiha dak il-mandat ikun validu.

Mandat għar-rappreżentazzjoni ta' membru ieħor jista' jkollu l-kontenut li ġej:

a) membru jista' jagħti mandat permanenti — sakemm jagħti avviż ieħor — lil membru ieħor, sabiex jirrappreżentah f'diskussjonijiet, li jkopri l-laqgħat kollha u dwar il-punti kollha fl-aġenda ta' dawk il-laqgħat;

b) membru jista' jagħti mandat uniku lil membru ieħor sabiex jirrappreżentah f'laqgħa speċifika, rigward il-punti kollha li jkunu fl-aġenda ta' dik il-laqgħa; jew

c) membru jista' jagħti mandat uniku lil membru ieħor għal punt wieħed speċifiku/diversi punti speċifiċi li jkunu fl-aġenda ta' laqgħa speċifika.

Artikolu 2

Segretarjat

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ segretarjali lill-grupp u lil kull sezzjoni jew sottogrupp maħluq skont l-Artikolu 6.

Artikolu 3

Is-sejħa għal-laqgħat

1. Il-grupp għandu jitlaqqa' mill-President, jew fuq l-inizjattiva tiegħu, jew fuq talba b'maġġoranza assoluta tal-membri, wara l-qbil tal-President.

2. Jistgħu jissejħu laqgħat konġunti tas-sezzjonijiet tal-grupp, jew tal-grupp ma' gruppi ta' esperti oħrajn, sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet li jaqgħu fl-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom.

Artikolu 4

L-Aġenda

1. Is-segretarjat għandu jfassal l-aġenda taħt ir-responsabbiltà tal-President u jippreżentaha lill-membri tal-grupp.

2. L-aġenda għandha tkun adottata mill-grupp fil-bidu tal-laqgħa.

3. L-aġenda għandha tagħmel distinzjoni bejn:

a) Abbozzi ta' Atti Delegati għal konsultazzjoni;

b) L-eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi b'rabta ma' applikazzjoni jew ma' awtorizzazzjoni għal proċedura speċjali skont l-Artikolu 211(6) KDU u f'konformità mal-Artikolu 259 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-KDU;

c) kwistjonijiet oħrajn ippreżentati lill-grupp għall-informazzjoni jew għal skambju tal-fehmiet, fuq inizjattiva tal-president jew fuq talba bil-miktub ta' membru tal-grupp.

Artikolu 5

Dokumentazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-membri tal-grupp

1. Is-segretarjat għandu — mhux aktar tard minn 14-il jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa — jissottometti lill-membri tal-grupp l-istedina għal-laqgħa, l-abbozz ta' aġenda u l-att delegat jew l-applikazzjoni jew l-awtorizzazzjoni għal proċedura speċjali li fuqha jiġi kkonsultat il-grupp.

2. Is-segretarjat għandu jissottometti lill-membri tal-grupp dokumenti oħrajn relatati mal-laqgħa, sa fejn ikun possibbli fl-istess terminu.

3. F'każijiet urġenti jew eċċezzjonali, it-termini li fih id-dokumenti indikati fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu ppreżentati jista' jitnaqqas għal ħamest ijiem kalendarji qabel id-data tal-laqgħa.

Artikolu 6

Sezzjonijiet u sottogruppi

1. Il-Grupp għandu jinkludi s-sezzjonijiet li ġejjin:

- Il-Leġiżlazzjoni Doganali Ġenerali

- L-Integrazzjoni u l-Armonizzazzjoni tad-*Data* – Il-Mudell tad-*Data* Doganali tal-UE

- Operatur Ekonomiku Awtorizzat
- Kontroll Doganali u l-Maniġjar tar-Riskji
- In-Nomenklatura Tariffarja u Statistika
- Il-Miżuri Tariffarji
- L-Eżenzjoni mid-Dazju
- L-Oriġini
- Il-Valutazzjoni Doganali
- Id-Dejn Doganali u l-Garanziji
- Il-Formalitajiet għall-Importazzjoni u għall-Esportazzjoni
- L-Istatus Doganali u t-Tranżitu
- Il-Konvenzjoni TIR u Konvenzjonijiet doganali oħrajn tal-UNECE
- Proċeduri Speċjali għajr it-tranżitu
- L-Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali
- Kwistjonijiet Doganali Internazzjonali

2. Is-sezzjoni tal-Leġiżlazzjoni Doganali Ġenerali għandha tippreserva l-istruttura ġenerali u l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni doganali.

3. Il-konsultazzjonijiet fi kwistjoni li taqa' taħt l-ambitu ta' żewġ sezzjonijiet jew aktar għandhom isiru fis-sezzjoni tal-Leġiżlazzjoni Doganali Ġenerali, filwaqt li jitqiesu l-konklużjonijiet milħuqa fis-sezzjonijiet rispettivi.

4. F'każijiet debitament ġustifikati u fuq il-proposta tal-President, fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 3, is-sezzjoni tal-Leġiżlazzjoni Doganali Ġenerali tista' tiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 7, li l-konsultazzjoni ssir f'sezzjoni oħra li ma tkunx it-taqsima tal-Leġiżlazzjoni Doganali Ġenerali.

5. Minbarra t-taqsimiet, il-President jista', wara li jikkonsulta lill-grupp, jistabbilixxi sottogruppi *ad hoc* sabiex jeżaminaw mistoqsijiet speċifiċi fuq il-bażi ta' termini speċifiċi ta' referenza; dawn is-sottogruppi għandhom jiġu xolti malli jeżegwixxu l-mandat tagħhom.

6. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli u ħlief meta jkun previst mod ieħor, ir-referenzi għall-"grupp" għandhom jinkludu kwalunkwe sezzjoni jew sottogrupp ikkonċernat.

Artikolu 7

Konklużjonijiet tal-grupp

1. Sa fejn ikun possibbli, il-grupp għandu jilħaq il-konklużjonijiet b'kunsens.

2. Fin-nuqqas ta' kunsens, u jekk il-President jitlob lill-grupp jivvota, il-konklużjonijiet tal-grupp għandhom jiġu adottati b'maġġoranza assoluta tal-membri. Il-membri għandu jkollhom id-dritt li jkollhom dokument li jiġbor fil-qosor ir-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħhom mehmuż mar-rapport tal-laqgħa.

Artikolu 8

Avviż tal-grupp dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ekonomiċi

Jekk, skont l-Artikolu 211(6) tal-KDU u l-Artikolu 259 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-KDU, il-grupp jintalab jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet ekonomiċi humiex issodisfati b'rabta ma' applikazzjoni jew ma' awtorizzazzjoni għal proċedura speċjali, japplikaw ir-regoli speċifiċi li ġejjin:

a) Il-grupp jintalab jagħti pariri lill-Kummissjoni biss wara li jkun ġie vverifikat li l-kundizzjonijiet rilevanti l-oħrajn kollha (minbarra l-għoti ta' garanzija) għall-għoti tal-awtorizzazzjoni jkunu ġew issodisfati u, fejn applikabbli, kemm il-membri kif ukoll il-Kummissjoni jkunu wettqu l-konsultazzjonijiet neċessarji l-oħrajn kollha dwar l-applikazzjoni, b'mod partikolari dawk relatati mal-miżuri anti-dumping jew kompensatorji.

b) Qabel il-votazzjoni tal-grupp, il-grupp għandu jesprimi l-fehma preliminari/indikattiva tiegħu dwar l-applikazzjoni jew l-awtorizzazzjoni. Jekk din il-fehma tkun li l-kundizzjonijiet ekonomiċi ma humiex issodisfati, il-membru kkonċernat għandu jikkomunika lill-applikant jew lid-detentur tal-awtorizzazzjoni r-raġunijiet li għalihom il-grupp ħa din il-fehma.

c) Jekk il-grupp ma jilħaqx kunsens, il-membri għandhom jivvotaw dwar l-applikazzjoni jew l-awtorizzazzjoni.

d) Il-parir tal-grupp għandu jkun li l-kundizzjonijiet ekonomiċi jiġu ssodisfati jekk ikun hemm aktar membri preżenti (jew rappreżentati) li jivvotaw favur l-applikazzjoni jew l-awtorizzazzjoni milli membri preżenti (jew rappreżentati) li jivvotaw kontra. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-parir tal-grupp għandu jkun li l-kundizzjonijiet ekonomiċi

ma humiex issodisfati jew ma għadhomx issodisfati. L-astensjonijiet ma għandhomx jiġu kkunsidrati.

e) Il-membri li jivvotaw kontra għandhom jagħtu r-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħhom.

f) Jekk membru ma jkunx ikkonkluda l-proċedura ta' konsultazzjoni interna tiegħu u, għalhekk, ma jkunx jista' jagħti opinjoni dwar applikazzjoni jew awtorizzazzjoni fil-ħin tal-laqgħa, dan il-membru jista', bil-permess tal-President, jagħti l-opinjoni tiegħu bil-miktub fi żmien ġimagħtejn wara l-laqgħa. Jekk opinjoni bil-miktub ma tkunx permessa mill-President, il-membru kkonċernat ikollu l-għażla li jivvota matul il-laqgħa tal-grupp jew li jastjeni milli jivvota.

Artikolu 9

Relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill

1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament u lill-Kunsill bl-istess dokumentazzjoni dwar it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni li hija tibgħat lill-membri għal-laqgħat. Din tinkludi liġi mhux vinkolanti u atti delegati. L-esperti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għandu jkollhom aċċess għal-laqgħa tal-grupp.

2. Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u l-aċċess għaliha huma rregolati bl-Anness II tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea.

3. Meta tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-abbozzi tal-atti jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien xieraq, u fl-istess ħin.

Artikolu 10

Pajjiżi terzi u esperti

1. Il-President għandu jistieden fuq bażi *ad hoc*, bħala osservaturi:

a) Ir-rappreżentanti tat-Turkija, sabiex jattendu għal-laqgħat tal-grupp dwar kwistjonijiet li jaffettwaw id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali;

b) Ir-rappreżentanti ta' Andorra, sabiex jattendu għal-laqgħat tal-grupp dwar kwistjonijiet li jaffettwaw id-Deċiżjoni Nru 1/2003 tal-Kumitat Konġunt KE-Andorra tat-3 ta' Settembru 2003, dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-

dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-funzjonament xieraq tal-Unjoni Doganali;

c) Ir-rappreżentanti tal-Iżvizzera, sabiex jattendu għal-laqgħat tal-grupp dwar kwistjonijiet li jaffettwaw il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u dwar miżuri doganali ta' sigurtà, iffirmat fi Brussell fil-25 ta' Ġunju 2009;

d) Ir-rappreżentanti tan-Norveġja, sabiex jattendu għal-laqgħat tal-grupp dwar kwistjonijiet li jaffettwaw il-Ftehim ŻEE dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija, kif emendat bid-Deċiżjoni 76/2009 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

e) Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi aderenti, sabiex jattendu għal-laqgħat tal-grupp mid-data tal-iffirmar tat-Trattat tal-Adeżjoni.

3. Il-President jista' jiddeċiedi li jistieden partijiet oħrajn sabiex jipparteċipaw fil-ħidma tal-grupp jew tas-sezzjonijiet — jiġifieri rappreżentanti ta' partijiet terzi oħrajn, jew esperti minn barra l-grupp li jkollhom kompetenza speċifika f'suġġett fl-aġenda. Dan jista' jsir fuq inizjattiva proprja tal-President jew fuq it-talba ta' membru tal-grupp.

Il-President għandu jinnotifika lill-membri tal-grupp dwar kwalunkwe waħda minn dawn il-partijiet mistiedna fl-istedina għal-laqgħa. Il-parteċipazzjoni minn dawn il-partijiet tista' tiġi pprevenuta jekk maġġoranza assoluta tal-membri komponenti tal-grupp jopponuha, sa mhux aktar tard mid-data msemmija fl-istedina.

Artikolu 11

Proċedura bil-miktub

1. Jekk ikun neċessarju, il-grupp jista' jiġi kkonsultat permezz ta' proċedura bil-miktub. Għal dan l-għan, is-segretarjat jibgħat lill-membri tal-grupp id-dokument(i) li fuqu/fuqhom jiġi kkonsultat il-grupp, sal-iskadenzi msemmijin fl-Artikolu 5.

2. Madankollu, jekk maġġoranza assoluta tal-membri tal-grupp titlob li l-kwistjoni tkun eżaminata matul laqgħa tal-grupp, il-proċedura bil-miktub għandha tiġi tterminata mingħajr riżultat u l-President għandu jlaqqa' l-grupp mill-aktar fis possibbli.

3. Il-President għandu jgħarraf lill-membri tal-grupp dwar l-eżitu ta' proċedura bil-miktub mhux aktar tard minn 14-il jum kalendarju wara li tgħaddi l-iskadenza għall-votazzjoni.

Artikolu 12

Il-minuti tal-laqgħat

1. Il-minuti dwar id-diskussjoni ta' kull punt fl-aġenda u l-konklużjonijiet mogħtijin mill-grupp, f'konformità mal-Artikolu 8, għandhom ikunu sinifikanti u kompluti. Għandhom jiġu abbozzati mis-segretarjat taħt ir-responsabbilità tal-President.

2. Il-minuti għandhom jiġu ppreżentati lill-membri mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard minn ħamest ijiem kalendarji qabel il-laqgħa li jmiss tal-istess sezzjoni.

3. Il-membri tal-grupp jistgħu jitolbu korrezzjonijiet għall-minuti.

Artikolu 13

Lista ta' attendenza

F'kull laqgħa, is-segretarjat għandu jistabbilixxi, taħt ir-responsabbiltà tal-President, lista ta' attendenza li tispeċifika, fejn xieraq, l-awtoritajiet, l-organizzazzjonijiet jew l-entitajiet li għalihom jappartjenu l-parteċipanti.

Artikolu 14

Kunflitti ta' interess

Jekk jinħoloq kunflitt ta' interess fir-rigward ta' espert estern mistieden bħala espert indipendenti għal laqgħa skont l-Artikolu 9(3), il-President għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha, f'konformità mar-regoli ġenerali tal-Kummissjoni dwar il-gruppi ta' esperti.

Artikolu 15

Korrispondenza

1. Il-korrispondenza relatata mal-grupp għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni, għall-attenzjoni tal-President.

2. Il-korrispondenza għall-membri tal-grupp għandha tiġi ppreżentata lill-indirizz(i) tal-posta elettronika li huma jipprovdu għal dak l-għan u li tista' tinkludi r-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri.

Artikolu 16

Aċċess għal dokumenti

L-applikazzjonijiet għall-aċċess għal dokumenti miżmumin mill-grupp ta' esperti jkunu ttrattati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u mar-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tiegħu.

Artikolu 17

Deliberazzjonijiet

Bi ftehim mal-President, il-grupp jista', b'maġġoranza assoluta tal-membri tiegħu, jiddeċiedi li jiftaħ id-deliberazzjonijiet tiegħu għall-pubbliku.

Artikolu 18

Protezzjoni ta' *data* personali

Il-proċessar kollu ta' *data* personali għall-fini ta' dawn ir-regoli ta' proċedura għandu jkun f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 19

Applikazzjoni

Dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom japplikaw mid-data ta' adozzjoni mill-grupp.

I.8.2 Regoli u prinċipji li jirregolaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar it-tranżitu komuni.

Kumitati Konġunti bejn l-UE u l-Pajjiżi ta' Tranżitu Komuni u gruppi ta' ħidma u dwar it-tranżitu komuni u dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija

Dispożizzjonijiet tal-Kumitati Konġunti bejn l-UE u l-Pajjiżi ta' Tranżitu Komuni dwar it-tranżitu komuni u s-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija li jistabbilixxu r-regoli ta' proċedura rispettivi tagħhom u li jwaqqfu grupp ta' ħidma

IL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-PAJJIŻI TA' TRANŻITU KOMUNI dwar it-tranżitu komuni ("KUMITAT KONĠUNT dwar it-tranżitu komuni");

wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu tal-20 ta' Mejju 1987 u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4) u (5) tagħha,

u

IL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-PAJJIŻI TA' TRANŻITU KOMUNI dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija ("KUMITAT KONĠUNT dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija");

wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) u (5) tagħha,

ADOTTA D-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

Kapitolu I

Il-Kumitat Konġunt

Artikolu 1

Il-Kumitat Konġunt għandu jkun ippresedut għal sena kalendarja minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u minn rappreżentant ta' wieħed mill-pajjiżi tal-EFTA.

Artikolu 2

Il-kompiti tas-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt għandhom jitwettqu min-naħa tagħhom minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u minn rappreżentant tal-pajjiż tal-EFTA li jkun qed jippresjedi l-Kumitat Konġunt.

Artikolu 3

Ladarba jkun kiseb il-kunsens tal-Partijiet, il-President tal-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi d-data u l-post tal-laqgħat.

Artikolu 4

Qabel kull laqgħa, il-President għandu jkun informat bil-kompożizzjoni ta' kull delegazzjoni.

Artikolu 5

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi. Il-Kumitat Konġunt jista', skont is-suġġetti li jkun se jittratta, jistieden kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni kkonċernata minn dawn is-suġġetti.

Artikolu 5 a

1. Meta l-Kumitat Konġunt jiddeċiedi li pajjiż terz se jkun mistieden jaderixxi mal-Konvenzjonijiet, dan il-pajjiż terz jista' jkun rappreżentat minn osservaturi fil-Kumitat Konġunt, fis-sottokumitati u fil-gruppi ta' ħidma, f'konformità mal-Artikolu 15(6) tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu u mal-Artikolu 10(6) tal-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija, rispettivament.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' jistieden pajjiżi terzi oħrajn sabiex ikunu rappreżentati minn osservaturi informali fil-Kumitat Konġunt, fis-sottokumitati u/jew fil-gruppi ta' ħidma, qabel id-data msemmija fl-Artikolu 15(6) tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu u fl-Artikolu 10(6) tal-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija, rispettivament.

   Din l-istedina ssir bil-miktub mill-President u tista' tkun limitata fiż-żmien jew limitata għal ċerti gruppi jew punti fl-aġenda. Tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe waqt.

Artikolu 6

Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt rigward kwistjonijiet urġenti jistgħu jittieħdu permezz ta' proċedura bil-miktub.

Artikolu 7

F'konformità ma' dawn ir-regoli ta' proċedura, il-komunikazzjonijiet kollha mill-President u mill-Partijiet Kontraenti għandhom ikunu indirizzati lill-Partijiet u lis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 8

1. Il-President għandu jfassal l-aġenda proviżorja għal kull laqgħa. Hija għandha tintbagħat lill-Partijiet Kontraenti sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa.

2. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li l-President ikun intalab jinkludi fiha — sakemm din it-talba tasal mhux aktar tard minn 21 jum qabel il-bidu tal-laqgħa, u d-dokumentazzjoni relatata tintbagħat mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda proviżorja.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-aġenda fil-bidu ta' kull laqgħa. Fl-aġenda jistgħu jiddaħħlu punti oħrajn minbarra dawk li jkunu fl-aġenda proviżorja.

4. Il-President jista', bi qbil mal-Partijiet Kontraenti, iqassar il-perjodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 sabiex jitqiesu r-rekwiżiti.

Artikolu 9

Il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu u l-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija jistgħu jorganizzaw laqgħat konġunti.

Artikolu 10

1. Is-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt għandu jfassal rekord fil-qosor ta' kull laqgħa. Dan għandu jinkludi, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet li jasal għalihom il-Kumitat Konġunt.

2. Ladarba jiġi approvat mill-Kumitat Konġunt, ir-rapport fil-qosor għandu jiġi ffirmat mill-President u mis-Segretarjat tal-Kumitat Konġunt u għandu jiġi arkivjat fir-rekords tal-Kummissjoni Ewropea.

3. Għandha tintbagħat kopja tar-rapport fil-qosor lill-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 11

L-atti tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu ffirmati mill-President.

Artikolu 12

Ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet mill-Kumitat Konġunt, skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija, rispettivament, għandhom ikunu intitolati "Rakkomandazzjoni" jew "Deċiżjoni", segwita minn numru tas-serje u minn referenza għas-suġġett tagħhom.

Artikolu 13

1. Ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet mill-Kumitat Konġunt, skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija, rispettivament, għandhom ikunu mqassmin f'artikoli. Bħala regola ġenerali, id-deċiżjonijiet għandhom jinkludu dispożizzjoni li tistabbilixxi d-data li fiha jidħlu fis-seħħ.

2. Ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet imsemmijin fl-ewwel paragrafu għandhom jintemmu bil-kliem "Magħmul fi ..... (data)", bid-data li tkun dik li fiha jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt rispettiv.

3. Ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet imsemmijin fl-ewwel paragrafu għandhom jintbagħtu lid-destinatarji msemmijin fl-Artikolu 7 hawn fuq.

Artikolu 14

Kull waħda mill-Partijiet għandha ġġarrab il-kost tal-ispejjeż li tinkorri b'riżultat tal-parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Kumitat Konġunt — kemm rigward spejjeż tal-persunal, tal-ivvjaġġar u ta' sussistenza kif ukoll kostijiet postali u tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 15

1. L-ispejjeż għall-interpretazzjoni fil-laqgħat u għat-traduzzjoni tad-dokumenti — fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u minnhom — għandhom jiġġarrbu mill-Unjoni Ewropea.

2. Jekk pajjiż ta' tranżitu komuni juża lingwa li ma tkunx lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, dak il-pajjiż għandu jġarrab l-ispejjeż tal-interpretazzjoni jew tat-traduzzjoni f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

3. L-ispejjeż prattiċi relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandhom jiġġarrbu mill-Parti Kontraenti li jkollha l-Presidenza, f'konformità mal-Artikolu 1.

Artikolu 16

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn applikabbli f'dan ir-rigward, il-ħidma tal-Kumitat Konġunt għandha tkun kunfidenzjali.

Kapitolu II

Grupp ta' Ħidma

Artikolu 17

Għandu jiġi stabbilit Grupp ta' Ħidma sabiex jgħin lill-Kumitat Konġunt iwettaq il-kompiti tiegħu u li fih għandhom ikunu rrappreżentati l-Partijiet Kontraenti kollha tal-Konvenzjoni rispettiva.

Artikolu 18

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun inkarigata bil-Presidenza u bis-Segretarjat tal-Grupp ta' Ħidma.

Artikolu 19

L-Artikoli 3 sa 5, 7 sa 10 u 14 sa 16 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Grupp ta' Ħidma.

Adottati mill-Kumitati Konġunti bejn l-UE u l-Pajjiżi ta' Tranżitu Komuni dwar it-tranżitu komuni u dwar is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ fil-merkanzija fil-5 ta' Diċembru 2017, f'Oslo.

PARTI II - STATUS TAL-MERKANZIJA

II.1 Introduzzjoni

Il-Parti II tindirizza l-kunċett tal-istatus tal-merkanzija, kif u meta jkun neċessarju li jiġi pprovat l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, u l-impatt tal-istatus fuq is-sistemi ta' tranżitu.

Il-Paragrafu II.2 jinkludi t-teorija ġenerali u l-leġiżlazzjoni dwar l-istatus doganali tal-merkanzija.

Il-Paragrafu II.3 jagħti dettalji dwar il-mezzi komuni użati sabiex jiġi pprovat l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

Il-Paragrafu II.4 jittratta l-movimenti ta' merkanzija tal-Unjoni mingħajr ma tkun meħtieġa prova tal-istatus tal-Unjoni.

Il-Paragrafu II.5 jagħti d-dettalji dwar kif jiġi pprovat l-istatus doganali ta' prodotti tas-sajd fil-baħar tal-Unjoni.

Il-Paragrafu II.6 huwa rriżervat għal struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu II.7 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu II.8 jinkludi l-Annessi tal-Parti II.

II.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

II.2.1 L-istatus doganali tal-merkanzija

II.2.1.1 Il-merkanzija tal-Unjoni

L-Artikolu 5(23) KDU
L-Artikolu 2, il-Konvenzjoni

Merkanzija tal-Unjoni hija dik:

1. **miksuba għalkollox fit-territorju doganali tal-Unjoni**; jew
2. miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni minn pajjiżi jew minn territorji barra minn dak it-territorju u **rrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera**; jew
3. **miksuba jew prodotta fit-territorju doganali tal-Unjoni**, unikament minn merkanzija miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni minn pajjiżi jew territorji 'l barra minn dak it-territorju li ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera jew minn taħlita ta' din il-merkanzija u l-merkanzija miksuba għalkollox fit-territorju doganali tal-Unjoni.

L-Artikolu 153(3) KDU

Jekk il-merkanzija tinkiseb kompletament minn merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu estern, hija ma jkollhiex l-istatus tal-Unjoni. Dan huwa l-każ, pereżempju, għall-annimali. Dawn li jkunu għadhom jitwieldu jitqiesu bħala merkanzija mhux tal-Unjoni.

II.2.1.2 Merkanzija mhux tal-Unjoni

L-Artikolu 5(24) KDU

Merkanzija mhux tal-Unjoni hija merkanzija oħra minbarra dik imsemmija iktar 'il fuq jew li tilfet l-istatus doganali tagħha bħala merkanzija tal-Unjoni.

L-Artikolu 154 KDU
L-Artikolu 2(3)(a) Konvenzjoni

Merkanzija tal-Unjoni titlef l-istatus tagħha meta:

- tinħareġ mit-territorju doganali tal-Unjoni, ħlief għall-każijiet dettaljati fit-Taqsima II.2.2;
- titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern, taħt il-proċedura ta' żona libera, taħt il-proċedura ta' ħażna doganali jew taħt il-proċedura ta' proċessar attiv; jew
- meta tiqiegħed skont il-proċedura tal-użu aħħari u jew titħalla lill-Istat jew tinqered u jibqa' l-iskart.

II.2.1.3 Liema proċedura ta' tranżitu?

Jekk il-merkanzija tiġi ddikjarata għat-tranżitu, id-distinzjoni ta' hawn fuq fl-istatus doganali tal-merkanzija tiddetermina jekk tkunx titqiegħedx taħt proċedura T1, jew T2/T2F.

Ara wkoll it-Taqsimiet I.4.1.2.1 u I.4.1.2.2 għal kjarifika ulterjuri dwar l-użu ta' dawn il-kodiċijiet.

L-Artikolu 227(1) KDU

Il-proċeduri ta' tranżitu T2 jistgħu jsiru biss meta jkun involut pajjiż terz. Jekk il-merkanzija tal-Unjoni titlaq temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni u l-ebda pajjiż terz ma jkun involut f'tali moviment, allura din il-merkanzija tista', alternattivament, tiġi ttrasportata skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istatus tal-merkanzija tal-Unjoni kif deskritt aktar 'il quddiem fit-Taqsima II.2.2.

II.2.2 It-trasport tal-merkanzija tal-Unjoni

L-Artikolu 154(a) KDU u l-Artikolu 119(2) u (3) DA

Meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni, li jista' jinvolvi li din il-merkanzija tiġi ttrasportata temporanjament barra minn dak it-territorju, hija titlef l-istatus tal-Unjoni tagħha mill-mument li titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni. Madankollu, f'każijiet speċifiċi, din il-merkanzija tal-Unjoni tista' tiġi ttrasportata temporanjament barra mit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma jinbidel l-istatus tagħha bħala merkanzija tal-Unjoni. Aħna niddistingwu tliet xenarji possibbli:

1. taħt proċedura doganali;
2. mingħajr proċedura doganali, iżda bi prova tal-istatus tal-Unjoni;
3. mingħajr ma tiġi applikata proċedura doganali u mingħajr ma tiġi ppreżentata prova tal-istatus tal-Unjoni.

Dawn it-tliet possibbiltajiet huma elaborati fit-taqsimiet li ġejjin.

II.2.2.1 Taħt proċedura doganali

Il-**merkanzija tal-Unjoni** tista' **tiġi ttrasportata** minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni u **temporanjament 'il barra** minn dak it-territorju meta titqiegħed **taħt il-proċedura ta' tranżitu intern**.

L-Artikolu 155(1) KDU

Meta l-proċedura ta' tranżitu intern tkun qed isseħħ taħt waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin, il-merkanzija żżomm l-istatus tagħha bħala merkanzija tal-Unjoni biss jekk dak l-istatus ikun stabbilit taħt ċerti kundizzjonijiet u permezz ta' mezzi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni doganali:

- f'konformità mal-Konvenzjoni TIR;

- f'konformità mal-Konvenzjoni ATA/mal-Konvenzjoni ta' Istanbul;
- taħt il-Manifest tar-Renu;
- taħt il-formola 302;
- skont is-sistema postali f'konformità mal-atti tal-UPU.

Ara wkoll: It-Taqsimiet II.2.3.4.2. u II.3.2.5.

L-Artikolu 154(b) UCC

Kun af li meta l-merkanzija tal-Unjoni titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern (T1) minflok il-proċedura ta' tranżitu intern (T2), hija titlef l-istatus tal-Unjoni tagħha u tiġi ttrattata bħala merkanzija mhux tal-Unjoni.

Id-dettalji dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' tranżitu huma deskritti fil-partijiet l-oħrajn kollha ta' dan il-manwal.

II.2.2.2 Taħt proċedura doganali, iżda bi prova tal-istatus tal-Unjoni

L-Artikolu 119(3) DA

Il-**merkanzija tal-Unjoni** tista' **tiġi ttrasportata** minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni u **temporanjament barra** minn dak it-territorju **mingħajr** ma tkun soġġetta għal **proċedura doganali** u mingħajr ma jinbidel l-istatus tagħha **jekk** l-**istatus** doganali tagħha ta' merkanzija tal-Unjoni **jiġi pprovat** fil-każijiet speċifiċi li ġejjin:

- titlaq temporanjament mit-territorju bl-ajru jew bil-baħar;
- tkun qed tinġarr taħt dokument uniku tat-trasport maħruġ fi Stat Membru u ma tkunx qed tiġi trasbordata barra mit-territorju tal-Unjoni;
- tiġi trasbordata barra mit-territorju tal-Unjoni fuq mezz tat-trasport li ma jkunx dak li fuqu kienet inizjalment mgħobbija, bil-ħruġ ta' dokument ġdid tat-trasport li jkopri t-trasport minn barra l-Unjoni, dment li dan id-dokument il-ġdid ikun akkumpanjat minn kopja tad-dokument uniku tat-trasport oriġinali;
- tkun vetturi tat-triq bil-magna rreġistrati fi Stat Membru;
- jekk l-imballaġġ, il-palits u tagħmir simili ieħor, minbarra l-kontejners, li jappartjenu għal persuna stabbilita fl-Unjoni, jintużaw għat-trasport ta' merkanzija li temporanjament tkun ħarġet mit-territorju; jew
- tkun merkanzija f'bagalji li jinġarru minn passiġġieri li ma tkunx maħsuba għal użu kummerċjali.

II.2.2.3 Mingħajr ma tiġi applikata proċedura doganali u mingħajr prova tal-istatus tal-Unjoni

L-Artikolu 119(2) DA

Il-**merkanzija tal-Unjoni** tista' **tiġi ttrasportata** minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni u **temporanjament barra** minn dak it-territorju **mingħajr** ma tgħaddi minn **proċedura doganali** u **mingħajr ma jinbidel l-istatus tagħha** fil-każijiet speċifiċi li ġejjin:

- tinġarr bl-ajru u titgħabba jew tiġi trasbordata f'ajruport tal-UE għall-konsenja f'ajruport ieħor tal-UE taħt dokument uniku tat-trasport maħruġ fi Stat Membru (ara t-Taqsima II.4.1.);
- tinġarr bil-baħar fuq bastiment ta' servizz regolari tat-trasport marittimu (RSS) u tiġu ttrasportata bejn żewġ (2) portijiet tal-UE (ara t-Taqsima II.4.2.); jew
- tinġarr bil-ferrovija u tiġi ttrasportata permezz ta' parti kontraenti għall-Konvenzjoni taħt il-kopertura ta' dokument uniku tat-trasport maħruġ fi Stat Membru u previst fi ftehim internazzjonali (ara l-Parti VI.3.5).

II.2.3 Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni

II.2.3.1 Preżunzjoni tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni

L-Artikolu 153(1) UCC

B'mod ġenerali, il-merkanzija kollha fit-territorju doganali tal-Unjoni tiġi preżunta li għandha status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni, sakemm ma jkunx stabbilit li ma tkunx merkanzija tal-Unjoni.

Madankollu, hemm ċirkostanzi, kif deskritti fit-taqsima li jmiss, fejn minkejja din ir-regola ġenerali, il-preżunzjoni li jkun hemm l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni ma tapplikax u l-istatus tal-merkanzija jrid jiġi pprovat.

II.2.3.2 Rekwiżit ta' prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni

L-Artikolu 119(1) DA

Il-preżunzjoni ġenerali tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni ma tapplikax:

- meta l-merkanzija tinġieb fit-territorju doganali tal-Unjoni u tkun għadha taħt superviżjoni doganali, bl-awtoritajiet li jkunu għadhom qed jiddeterminaw l-istatus doganali tagħha;
- meta l-merkanzija tkun f'ħażna temporanja;
- meta l-merkanzija titqiegħed taħt kwalunkwe waħda mill-proċeduri speċjali, bl-eċċezzjoni tal-proċeduri ta' tranżitu intern,

ta' pproċessar passiv u tal-użu aħħari;

- meta prodotti tas-sajd fil-baħar maqbudin minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, f'ilmijiet għar l-ilmijiet territorjali ta' pajjiż terz, jiġifieri ilmijiet internazzjonali, jinġiebu fit-territorju doganali tal-Unjoni;
- meta l-merkanzija miksuba mill-prodotti tas-sajd fil-baħar imsemmijin hawn fuq abbord dak il-bastiment jew bastiment fabbrika tal-Unjoni, li fil-produzzjoni tagħha setgħu ntużaw prodotti oħrajn bl-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni, tinġieb fit-territorju doganali tal-Unjoni; jew
- meta prodotti tas-sajd fil-baħar u prodotti oħrajn jittieħdu jew jinqabdu minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz fit-territorju doganali tal-Unjoni.

L-Artikolu 2(2), l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Merkanzija li l-istatus doganali tagħha ta' merkanzija tal-Unjoni ma jistax jiġi pprovat, fejn meħtieġ aktar 'il fuq, titqies bħala merkanzija mhux tal-Unjoni.

II.2.3.3 Rinunzja ta' prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni

Madankollu, mhuwiex meħtieġ li jiġi pprovat l-istatus tal-Unjoni tal-merkanzija meta din tkun ġiet ittrasportata kif deskritt aktar 'il fuq fit-Taqsima II.2.2.3.

II.2.3.4 Il-mezz ta' prova tal-istatus tal-Unjoni

II.2.3.4.1 Mezzi komuni

L-Artikolu 199 IA
L-Artikolu 4, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Meta jkun meħtieġ li jiġi pprovat l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni kif elenkat fit-Taqsima II.2.3.2 u l-merkanzija tal-Unjoni tkun ġiet ittrasportata f'konformità mal-movimenti deskritti fit-Taqsima II.2.2.2, jista' jintuża wieħed mill-mezzi li ġejjin sabiex jiġi pprovat l-istatus tal-Unjoni tagħha:

- id-**dokument T2L jew T2LF** (għad-dettalji, ara t-Taqsimiet II.3.2.1. u II.3.3.2.);
- il-**manifest doganali tal-merkanzija** (għad-dettalji, ara t-Taqsimiet II.3.2.2. u II.3.3.3.);
- **manifest ta' kumpanija tat-tbaħħir**, li juri s-simboli għall-merkanzija (dispożizzjoni tranżizzjonali, għad-dettalji ara t-Taqsimiet II.3.2.2. u II.3.3.4.);
- **fattura jew dokument tat-trasport** komplut kif xieraq, li jista' jkun fih merkanzija tal-Unjoni biss, li jindika jew il-kodiċi "T2L" jew "T2LF" (għad-dettalji ara t-Taqsimiet II.3.2.4. u II.3.3.2.);

Ara t-Taqsima II.3.2 għal aktar dettalji dwar l-użu ta' dawn il-mezzi komuni ta' prova.

II.2.3.4.2 Sitwazzjonijiet speċifiċi

Mezzi speċifiċi adattati għal ċerti operazzjonijiet jistgħu jintużaw bħala prova tal-istatus tal-Unjoni fil-każijiet elenkati hawn taħt. Madankollu, id-disponibbiltà ta' dawn il-mezzi speċifiċi ma tipprekludix il-mezzi komuni ta' hawn fuq milli jintużaw meta l-istatus ma jkunx jista' jitqies bħala ppruvat f'konformità mal-mezzi speċifiċi.

- **Id-*data* tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu intern bħala prova tal-istatus tal-Unjoni**

L-Artikolu 199(1)(a) IA

Id-*data* tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu intern hija prova tal-istatus tal-Unjoni fis-sens li l-merkanzija tal-Unjoni biss tista' titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu intern. Għalhekk, meta tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni T2, id-dwana tista' tassumi li din il-merkanzija jkollha status tal-Unjoni.

Madankollu, tali prova ma tistax tintuża għall-movimenti ta' merkanzija kif deskritti fit-Taqsima II.2.2.2.

- **Movimenti TIR jew ATA tal-merkanzija:**

L-Artikolu 207 IA
L-Artikolu 12, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata skont il-konvenzjoni TIR jew ATA, vawċer tal-carnet TIR jew ATA li jindika jew il-kodiċi "T2L" jew "T2LF" u awtentikat mill-uffiċċju tat-tluq iservi bħala prova tal-istatus tal-Unjoni. Għal aktar dettalji, ara Taqsima II.3.2.5.

- **Mobilità militari:**

L-Artikolu 207 IA

Meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata skont il-formola 302, din il-formola li tindika jew il-kodiċi "T2L" jew "T2LF" u awtentikata mill-uffiċċju tat-tluq isservi bħala prova tal-istatus tal-Unjoni. Aktar dettalji dwar l-użu tal-formola 302 jinsabu fid-"Dokument ta' Gwida dwar il-mobilità militari għall-Istati Membri u għall-Forzi Militari tagħhom".

- **Konsenji postali:**

L-Artikoli 199(1)(h) u 290 IA
L-Anness 72-02 IA

Meta l-pakketti taħt is-sistema postali jinġarru lejn, minn jew bejn iż-żoni mhux fiskali, trid titwaħħal tikketta speċjali stabbilita fl-Anness 72-02 IA mal-pakketti u mad-dokumenti ta' akkumpanjament.

L-Artikolu 2(3), l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Nota: f'ċirkostanzi oħrajn, ma hija stabbilita l-ebda tikketta speċifika għall-merkanzija tal-Unjoni taħt is-sistema postali. Għalhekk, meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata:

(1) direttament minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-

Unjoni u titlaq temporanjament mit-territorju bl-ajru, tibbenefika mill-preżunzjoni ta' status doganali tal-merkanzija tal-Unjoni meta terġa' tidħol;

(2) minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni u, barra mit-territorju, tiġi ddistribwita mill-ġdid għat-trażmissjoni suċċessiva lejn l-UE, l-istatus tal-Unjoni tagħha jrid jiġi pprovat bl-użu ta' wieħed mill-mezzi "komuni" stabbiliti aktar 'il fuq fit-Taqsima II.2.3.4.1 meta terġa' tidħol.

L-Artikolu 208 IA

- **Vetturi bħala mezz tat-trasport:**
Meta l-vetturi tat-triq bil-mutur jitilqu temporanjament u jerġgħu jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, il-pjanċi tar-reġistrazzjoni u d-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru jservu bħala prova tal-istatus tal-Unjoni. Għal aktar dettalji, ara l-Anness II.8.3.

L-Artikolu 119(3)(e) DA u l-Artikolu 209 IA

- **Imballaġġ użat għat-trasport tal-merkanzija:**
Meta l-kontenituri, l-ippakkjar, il-palits u tagħmir simili ieħor, minbarra l-kontejners, jintużaw għat-trasport ta' merkanzija li titlaq temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni, iridu jkunu identifikati, permezz ta' dikjarazzjoni, bħala li jappartjenu għal persuna stabbilita fl-UE u din isservi bħala prova tal-istatus tal-Unjoni sakemm ma jkunx hemm dubju dwar il-veraċità tad-dikjarazzjoni.

Nota:
Il-paragrafu ta' hawn fuq japplika biss għall-pakketti użati għat-trasport tal-merkanzija f'konformità mal-Artikolu 119(3)(e) DA.

Jekk il-pakketti vojta jiġu rritornati mingħajr ma jerġgħu jintużaw għat-trasport tal-merkanzija, irid jintuża wieħed mill-mezzi l-oħrajn elenkati fl-Artikolu 199 IA.

Meta l-pakketti jintużaw fit-trasport ta' merkanzija lejn pajjiż terz, huma jitilfu l-istatus tagħhom ta' merkanzija tal-Unjoni. F'dan il-każ, japplikaw id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-merkanzija rritornata (l-Artikolu 203 KDU). Pereżempju, il-merkanzija tiġi esportata lejn l-Iżvizzera u l-imballaġġ jirritorna vojt fl-UE.

L-Artikolu 199(4) IA

Nota: Imballaġġ li ma jkollux status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni
Għal merkanzija li jkollha status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni f'imballaġġ li ma jkollux status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni, id-dokument li jiċċertifika l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni jrid ikollu wieħed mit-timbri li ġejjin:

BG	опаковка N
CS	obal N

DA	N-emballager
DE	N-Umschließungen
EE	N-pakendamine
EL	Συσκευασία N
EN	N packaging
ES	envases N
FI	N-pakkaus
FR	emballages N
HR	N pakiranje
HU	N csomagolás
IT	imballaggi N
LT	N pakuoté
LV	N iepakojums
MT	ippakkjar N
NL	N-verpakkingen
PL	opakowania N
PT	embalagens N
RO	ambalaj N
SI	N embalaža
SK	N - obal
SV	N förpackning

- **Merkanzija mhux kummerċjali fil-bagalji**

L-Artikolu 119(3)(f) DA u l-Artikolu 210 IA L-Artikolu 13, l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni

Meta l-passiġġieri jġorru merkanzija mhux kummerċjali fil-bagalji tagħhom, u jitilqu temporanjament u mbagħad jerġgħu jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, id-dikjarazzjoni tal-passiġġieri tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni tkun biżżejjed sakemm ma jkunx hemm dubju dwar il-veraċità tad-dikjarazzjoni tagħhom.

L-Artikolu 205(2) IA

F'każ li vjaġġatur ikun meħtieġ jippreżenta talba għat-timbru ta' T2L/T2LF, huwa għandu jużа l-formola stabbilita fl-Anness 51-01 IA.

- **Merkanzija soġġetta għas-sisa**

L-Artikolu 199(1)(g) IA

Fil-każ ta' merkanzija soġġetta għas-sisa, il-verżjoni stampata tad-dokument amministrattiv elettroniku (e-AD), kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE u fir-Regolament Nru 684/2009, użat sabiex jakkumpanja l-moviment ta' merkanzija soġġetta għas-sisa rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera iżda taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa, bejn żewġ punti fl-Unjoni, jista' jintuża bħala mezz ta' prova tal-istatus tal-Unjoni.

- **Prodotti miksubin mis-sajd**

L-Artikolu 199(1)(e) IA

Ġurnal ta' abbord tas-sajd, dikjarazzjoni tal-ħatt, dikjarazzjoni tat-trasbord u *data* ta' monitoraġġ tal-bastiment, kif xieraq, għal prodotti tas-sajd fil-baħar u l-merkanzija miksuba minn prodotti bħal dawn li jinqabdu minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni f'ilmijiet li mhumiex l-ilmijiet territorjali ta' pajjiż terz, jistgħu jintużaw bħala mezz

sabiex jiġi pprovat l-istatus tal-Unjoni. (Ara wkoll it-Taqsima II.5.)

- **Merkanzija għall-esportazzjoni**

L-Artikolu 199(6) IA
L-Artikolu 2(2)(a), l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Dokumenti tal-istatus jew regoli ma jistgħux jintużaw fir-rigward ta' merkanzija li għaliha jkunu tlestew il-formalitajiet ta' esportazzjoni jew li tkun tqiegħdet taħt il-proċedura ta' proċessar passiv.

- **Ħruġ b'mod retrospettiv ta' prova**

L-Artikolu 199(5) IA
L-Artikolu 4(2), l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tad-dokumenti li jipprovaw l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni, dawn id-dokumenti jistgħu jinħarġu b'mod retrospettiv. Meta dan ikun il-każ, irid ikollha waħda mill-frażijiet li ġejjin bl-aħmar:

BG	Издаден впоследствие
CS	Vystaveno dodatečně
DA	Udstedt efterfølgende
DE	Nachträglich ausgestellt
EE	Välja antud tagasiulatuvalt
EL	Εκδοθέν εκ των υστέρων
EN	Issued retrospectively – [code 98201] 99210
ES	Expedido a posteriori
FI	Annettu jälkikäteen
FR	Délivré a posteriori
HR	Izdano naknadno
HU	Kiadva visszamenőleges hatállyal
IS	Útgefið eftir á
IT	Rilasciato a posteriori
LT	Retrospektyvusis išdavimas
LV	Izsniegts retrospektīvi
MT	Maħruġ b'mod retrospettiv
NL	Achteraf afgegeven
LE	Utstedt i etterhånd
PL	Wystawione retrospektywnie
PT	Emitido a posteriori
RO	Eliberat ulterior
SI	Izdano naknadno
SK	Vyhotovené dodatočne
SV	Utfärdat i efterhand

Għal aktar dettalji dwar il-ħruġ retrospettiv ta' prova, ikkonsulta t-taqsimiet dettaljati dwar il-prova relatata, jiġifieri t-Taqsima II.3.2.1 għad-dokument T2L/T2LF, it-Taqsima II.3.2.2 għall-manifest doganali tal-merkanzija, it-Taqsima II.3.2.3 għall-manifest tal-kumpanija tat-trasport marittimu u t-Taqsima II.3.2.4 għad-dokument tal-fattura jew tat-trasport.

II.2.4 Ħarsa ġenerali lejn il-movimenti tal-merkanzija tal-Unjoni temporanjament barra mit-territorju

Speċifikazzjonijiet	Prova	Dikjarazzjoni doganali	Rekwiżiti oħrajn	Dispożizzjoni legali
Ajru				
• Minn ajruport tal-UE għal ieħor mingħajr waqfa barra mill-UE	Mhux meħtieġa	Xejn	Polza tal-vjeġġ bl-ajru (AWB) waħda maħruġa fi Stat Membru	Art 119(2)(a) DA
• Minn ajruport tal-UE għal ieħor b'waqfa possibbli barra mill-UE	Hija meħtieġa prova	Xejn	AWB	Art 119(3)(a) u (b) DA
• Minn ajruport tal-UE għal ieħor u trasbord barra mill-UE	Hija meħtieġa prova	Xejn	AWB ġdida + kopja tal-AWB oriġinali maħruġa fi Stat Membru	Art 119(3)(c) DA
Baħar				
• Minn port tal-UE għal ieħor mingħajr waqfa barra mill-UE	Mhux meħtieġa	Xejn	Awtorizzazzjoni tal-RSS	Art 119(2)(b) DA
• Minn port tal-UE għal port ieħor tal-UE b'waqfa possibbli barra mill-UE	Meħtieġa	Xejn	B/L	Art 119(3)(a) u (b) DA
• Minn port tal-UE għal ieħor u trasbord barra mill-UE	Meħtieġa	Xejn	B/L ġdida + kopja tal-B/L oriġinali maħruġa fi Stat Membru	Art 119(3)(c) DA
Ferrovija				

Speċifikazzjonijiet	Prova	Dikjarazzjoni doganali	Rekwiżiti oħrajn	Dispożizzjoni legali
• Minn stazzjon tal-UE għal ieħor, ittrasportata minn pajjiż terz li huwa parti kontraenti għall-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu	Mhux meħtieġa	Xejn*	- Ftehim internazzjonali li jappoġġa l-applikazzjoni tal-Artikolu 119(2)(c) DA. Eż. Kuritur T2 f'CH - Nota ta' konsenja tas-CIM maħruġa fi Stat Membru	Art 119(2)(c) DA
• Minn stazzjon tal-UE għal ieħor, ittrasportata minn pajjiż terz li mhuwiex parti kontraenti għall-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu, mingħajr trasbord barra mill-UE	Meħtieġa	Xejn*	Nota ta' konsenja tas-CIM maħruġa fi Stat Membru	Art 119(3)(b) DA
• Minn stazzjon tal-UE għal ieħor u trasbord barra mill-UE	Meħtieġa	Xejn*	Nota ta' konsenja tas-CIM ġdida + kopja tan-nota ta' konsenja tas-CIM oriġinali maħruġa fi Stat Membru	Art 119(3)(c) DA
Triq				
• Minn punt għal ieħor fl-UE mingħajr trasbord barra mill-UE	Meħtieġa	Xejn*	CMR maħruġa fi Stat Membru	Art 119(3)(b) DA
• Minn punt għal ieħor fl-UE u trasbord barra mill-UE	Meħtieġa	Xejn*	CMR ġdida + kopja tal-CMR oriġinali maħruġa fi Stat Membru	Art 119(3)(c) DA
Mezz tat-trasport**				

Speċifikazzjonijiet	Prova	Dikjarazzjoni doganali	Rekwiżiti oħrajn	Dispożizzjoni legali
• Vetturi tat-triq irreġistrati fi Stat Membru	Meqjusa bħala pprovata	Xejn	Pjanċa tar-reġistrazzjoni u dokumenti tar-reġistrazzjoni	Art 119(3)(d) DA, Art 208(1) IA
• Vetturi tat-triq irreġistrati fi Stat Membru	Meħtieġa	Xejn	Xejn	Art 119(3)(d) DA, Art 208(2) IA
• Imballaġġ, palits, u tagħmir simili ieħor	Meqjusa bħala pprovata	Xejn	- Identifikazzjoni ta' appartenenza għal persuna tal-UE - Dikjarazzjoni ta' pussess ta' status tal-Unjoni - Ebda dubju dwar il-veraċità	Art 119(3)(e) DA, Art 209(1) IA
	Meħtieġa jekk l-istatus tal-Unjoni ma jkunx jista' jitqies bħala pprovat	Xejn	Xejn	Art 119(3)(e) DA, Art 209(2) IA
• Kontejner	Merkanzija dejjem ritornata!	ATA	F'konformità mal-Konvenzjoni ta' Istanbul	Konvenzjoni ATA
Vjaġġaturi **				
• Merkanzija mhux kummerċjali ttrasportata minn vjaġġatur	Meqjusa bħala pprovata	Xejn	- Dikjarazzjoni mill-passiġġier - Ebda dubju dwar il-veraċità	Art 119(3)(f) DA
Kunsinni postali				
• Trasport ta' konsenja postali minn punt għal ieħor fl-UE mingħajr trasbord barra mill-UE	Xejn	T2	Identifikazzjoni bħala konsenja postali	

Speċifikazzjonijiet	Prova	Dikjarazzjoni doganali	Rekwiżiti oħrajn	Dispożizzjoni legali
• Trasport ta' konsenja postali minn punt għal ieħor fl-UE bi trasferiment ulterjuri minn CTC	Meħtieġa	T2	Identifikazzjoni bħala konsenja postali	Art 290(2) IA
• Trasport ta' konsenja postali minn, bejn jew lejn territorju fiskali speċjali	Tikketta stabbilita fl-Anness 72-02 IA	T2F	Identifikazzjoni bħala konsenja postali	Art 290(1) IA

* L-indikazzjoni li l-ebda dikjarazzjoni doganali ma hija meħtieġa hija relatata biss mat-territorju doganali tal-UE. Pajjiż terz jista' jirrikjedi li l-merkanzija tal-Unjoni titqiegħed taħt proċedura ta' tranżitu doganali meta tgħaddi mit-territorju tiegħu. Pereżempju, il-Kuritur T2 huwa proċedura ta' tranżitu fit-territorju Żvizzeru.

** Il-mezzi tat-trasport u l-merkanzija mhux kummerċjali li tinġarr mill-vjaġġaturi ma jitilfux l-istatus tal-Unjoni tagħhom biss jekk jiġu ttrasportati f'konformità mal-Artikolu 119(3) DA. Pereżempju, meta jsir trasport mill-Ġermanja, li jgħaddi minn ġol-Iżvizzera, għall-Italja. F'sitwazzjonijiet oħrajn, tapplika l-proċedura għall-merkanzija ritornata skont l-Artikolu 203 KDU.

II.3 Movimenti ta' merkanzija tal-Unjoni bi prova tal-istatus tal-Unjoni

It-taqsima preċedenti spjegat li l-**merkanzija tal-Unjoni** tista' **tiġi ttrasportata** minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni u **temporanjament barra** minn dak it-territorju **mingħajr** ma tkun soġġetta għal **proċedura doganali** u mingħajr ma jinbidel l-istatus tagħha **jekk** l-**istatus** doganali tagħha ta' merkanzija tal-Unjoni **jiġi pprovat** (ara t-Taqsima II.2.2.2). It-Taqsima II.2.3.4 tispjega l-mezzi li jistgħu jintużaw sabiex jiġi pprovat l-istatus tal-Unjoni.
Din it-taqsima tagħti aktar dettalji dwar il-partikolaritajiet u l-applikazzjoni tal-mezzi komuni ta' prova tal-istatus tal-Unjoni.

II.3.1 Użu tal-prova tal-Istatus tal-Unjoni

Il-prova tal-istatus tal-Unjoni hija **stabbilita** kif ġej:

1. il-persuna kkonċernata tipprovdi l-prova tal-istatus tal-Unjoni billi tuża wieħed mill-mezzi elenkati fit-Taqsima II.2.3.4;
2. fit-tluq, l-awtorità doganali tapprova l-prova, jekk tkun meħtieġa;
3. fit-tluq, l-awtorità doganali tirreġistra l-prova, jekk tkun

meħtieġa.

B'mod konsekuttiv, il-mezzi ta' prova **jintużaw** kif ġej.

1. Il-persuna kkonċernata tista' tittrasporta l-merkanzija. Meta terġa' tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni, il-mezzi ta' prova jiġu ppreżentati lill-awtorità doganali mal-wasla.
2. Fil-punt tad-dħul mill-ġdid, l-awtorità doganali jeħtiġilha timmonitorja l-użu xieraq tal-mezzi ta' prova, jiġifieri l-awtentiċità tal-prova, l-użu xieraq tagħha, eċċ.
   Sabiex jiġi ffaċilitat dan il-kompitu ta' monitoraġġ, fil-punt tad-dħul mill-ġdid fejn ġiet ippreżentata l-prova, l-uffiċċju doganali għandu jittimbra l-formola għad-dħul mill-ġdid, fejn applikabbli, sabiex ma tkunx tista' terġa' tintuża.

II.3.2 Mezzi komuni sabiex jiġi pprovat l-istatus tal-Unjoni — aktar dettalji

II.3.2.1 Dokumenti T2L jew T2LF

L-Artikolu 124a DA
L-Artikoli 5 u 6, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Sakemm titnieda s-sistema elettronika ta' Prova tal-Istatus tal-Unjoni (PoUS), id-dokument T2L/T2LF użat sabiex jagħti prova tal-istatus tal-Unjoni jikkonsisti f'dawn:

- id-dokument T2L: il-kopja 4 tad-Dokument Amministrattiv Uniku (DAU) (għal aktar dettalji ara l-Paragrafu V.3.3.1.1); jew
- id-dokument T2LF: kopja 4 tad-DAU għall-merkanzija ttrasportata lejn, minn jew bejn iż-żoni mhux fiskali (għal aktar dettalji ara l-Paragrafu IV.5.4); u
- il-lista tat-tagħbija, f'każijiet speċifiċi.

Fir-rigward tar-rekwiżiti fir-rigward — il-formola tad-dokumenti T2L/T2LF, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Parti IV.1.4.2.1 "Formola u tlestija tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu".

L-Artikolu 124a DA
L-Artikoli 6 u 8, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

NEGOZJU

Il-persuna kkonċernata ddaħħal "T2L" jew "T2LF" fis-subdiviżjoni tal-lemin tal-Kaxxa 1 tal-formola u "T2Lbis" jew "T2LFbis" fis-subdiviżjoni tal-lemin tal-Kaxxa 1 għal kwalunkwe skeda ta' kontinwazzjoni użata u l-listi tat-tagħbija, fejn applikabbli.

Id-dokument irid jitfassal f'oriġinal wieħed.

L-Artikoli 200 u

Id-dokumenti T2L/T2LF, l-iskedi ta' kontinwazzjoni u l-lista tat-

202 IA tagħbija jridu jiġu approvati u rreġistrati mid-dwana.

L-Artikolu 124a DA
L-Artikolu 8, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

DWANA

L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu japprova u jirreġistra d-dokument u jindika fil-Kaxxa C ta':

- il-formola:
  - l-isem u t-timbru tal-uffiċċju, il-firma ta' uffiċjal minn dak l-uffiċċju, id-data tal-approvazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni jew in-numru tad-dikjarazzjoni tad-dispaċċ fejn tkun meħtieġa;
- l-iskedi ta' kontinwazzjoni jew il-listi tat-tagħbija:
  - in-numru li jidher fuq id-dokument T2L/T2LF permezz ta' timbru jew bl-idejn. It-timbri jridu jinkludu l-isem tal-uffiċċju kompetenti; jew id-dħul għandu jkun akkumpanjat mit-timbru uffiċjali tal-uffiċċju kompetenti.

Id-dokumenti għandhom jiġu rritornati lill-persuna kkonċernata.

L-Artikolu 123 DA Ladarba d-dokument T2L/T2LF jiġi approvat, il-perjodu ta' validità tiegħu jkun limitat għal 90 jum. Fuq it-talba tal-persuna kkonċernata u għal raġunijiet ġustifikati, id-dwana tista' tistabbilixxi l-validità għal perjodu itwal.

Użu ta' darba tal-prova

L-Artikolu 205(1) IA Id-dokumenti T2L/T2LF jistgħu jintużaw darba biss, meta jiġu ppreżentati għall-ewwel darba. Jekk id-dokumenti jintużaw biss għal sehem mill-merkanzija meta tiġi ppreżentata għall-ewwel darba, trid tiġi stabbilita prova ġdida għall-bqija tal-merkanzija f'konformità mal-proċedura deskritta hawn fuq.

Sostituzzjoni

Dokument T2L/T2LF jista' jiġi ssostitwit b'dokument wieħed jew aktar fejn iċ-ċirkostanzi jeħtieġu, mill-awtorità doganali li tkun approvat id-dokument T2L/T2LF oriġinali.

Kopji żejda

Jekk tliet kopji jkunu neċessarji, dawn jistgħu jiġu forniti fil-forma ta' oriġinal u ta' żewġ fotokopji, dment li dawn tal-aħħar jkunu mmarkati bħala "kopja".

Ħruġ b'mod retrospettiv ta' T2L/T2LF

L-Artikolu 199(5) IA
L-Artikolu 4(2), l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Dokument T2L/T2LF jista' jinħareġ b'mod retrospettiv, sakemm ma jkunx speċifikament eskluż mil-leġiżlazzjoni, sakemm il-ħruġ tiegħu jiġi skrutinizzat bir-reqqa sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha għall-għoti ta' tali dokument.

L-Artikolu 212 IA
L-Artikolu 21, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Madankollu, id-dokumenti T2L/T2LF maħruġa b'mod retrospettiv iridu jiġu aċċettati mill-awtoritajiet doganali mingħajr ma jaffettwaw l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll retrospettiv jew ta' proċeduri amministrattivi oħrajn ta' assistenza amministrattiva, b'mod partikolari jekk ikun hemm suspett ta' frodi jew ta' irregolaritajiet.

Id-dokumenti T2L/T2LF maħruġin b'mod retrospettiv irid ikollhom fuqhom il-frażi xierqa kif indikata fit-Taqsima II.2.3.4.2.

L-awtorità doganali responsabbli għad-dokument T2L/T2LF maħruġ b'mod retrospettiv tkun l-istess awtorità responsabbli għall-approvazzjoni tad-dokument T2L/T2LF oriġinali.

L-Artikolu 148(4)(b) DA

Dikjarazzjoni T1 imħejjija bi żball

Dokument T2L/T2LF jista' jinħareġ b'mod retrospettiv fir-rigward ta' merkanzija li għaliha tkun tfasslet dikjarazzjoni T1 bi żball.

F'każ bħal dan, id-dokument T2L/T2LF irid ikun fih referenza għal din id-dikjarazzjoni T1.

Duplikati

Jista' jinħareġ dokument T2L/T2LF duplikat, sakemm dan ma jkunx speċifikament eskluż mil-leġiżlazzjoni, dment li dan id-duplikat jiġi skrutinizzat bir-reqqa sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha għall-ħruġ ta' tali dokument. Aktar dettalji dwar il-ħruġ ta' duplikati huma pprovduti fil-Parti V.3.4.4.

II.3.2.2 Manifest doganali tal-merkanzija

Din it-taqsima timtela meta tiġi implimentata l-PoUS u jitwaqqaf l-użu tal-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir bħala prova tal-istatus tal-Unjoni.

II.3.2.3 Il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir *(baħar biss — dispożizzjoni tranżizzjonali)*

L-Artikolu 199(2) IA
L-Artikolu 10, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Sakemm tintuża s-sistema elettronika PoUS, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jkomplu jużaw il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir bħala mezz ta' prova tal-istatus tal-Unjoni.

L-Artikolu 126a DA
L-Artikolu 10, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

NEGOZJU

Il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir (fuq servizz mhux regolari tat-trasport marittimu) irid jinkludi l-informazzjoni li ġejja:
- l-isem u l-indirizz sħiħ tal-kumpanija tat-tbaħħir;
- l-isem tal-bastiment;
- il-post u d-data tat-tagħbija tal-merkanzija;
- il-post tal-ħatt;
- il-firma tal-konsenjatur.

U għal kull konsenja:
- referenza għall-polza ta' kargu jew għal dokument kummerċjali ieħor;
- in-numru, id-deskrizzjoni, il-marki u n-numri ta' referenza tal-pakketti;
- id-deskrizzjoni kummerċjali normali tal-merkanzija f'biżżejjed dettall sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati;
- il-massa grossa f'kilogrammi;
- in-numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner, jekk ikun xieraq; u
- l-entrati li ġejjin marbutin mal-istatus tal-merkanzija, kif xieraq:
    - l-ittra "C" (ekwivalenti għal T2L) għal merkanzija li jista' jintwera l-istatus doganali tagħha ta' merkanzija tal-Unjoni;
    - l-ittra "F" (ekwivalenti għal T2LF) għal merkanzija li jista' jintwera l-istatus doganali tagħha ta' merkanzija tal-Unjoni, ikkonsenjata lil jew minn parti tat-territorju doganali tal-Unjoni, fejn ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE, jiġifieri ż-żoni mhux fiskali; jew
    - l-ittra "N" għall-merkanzija l-oħra kollha.

L-Artikolu 203 IA
L-Artikolu 10, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Fuq it-talba tal-kumpanija tat-tbaħħir, il-manifest li jitħejja u jiġi ffirmat debitament għandu jkun approvat mill-uffiċċju kompetenti.

L-Artikolu 126a DA
L-Artikolu 10, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

DWANA

Jekk il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir jiġi approvat, l-uffiċċju kompetenti jinkludi dawn li ġejjin:

- l-isem u t-timbru tal-uffiċċju kompetenti;
- il-firma ta' uffiċjal ta' dak l-uffiċċju; u
- id-data tal-approvazzjoni.

L-Artikolu 199(5) IA *L-Artikolu 4(2), l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni*	Jekk il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir jinħareġ b'mod retrospettiv, huwa jrid ikollu l-fraġi xierqa kif prevista fit-Taqsima II.2.3.4.2.

II.3.2.4 Fattura jew dokument tat-trasport

L-Artikolu 126 DA
L-Artikolu 9, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

NEGOZJU

Il-fattura jew id-dokument tat-trasport irid jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

- l-isem u l-indirizz sħaħ tal-konsenjatur, jew tal-persuna kkonċernata fejn dik il-persuna ma tkunx il-konsenjatur;
- in-numru u t-tip ta' pakketti, il-marki u n-numri ta' referenza tal-pakketti;
- deskrizzjoni tal-merkanzija;
- il-massa grossa f'kilogrammi;
- il-valur tal-merkanzija;
- in-numri tal-kontejners, jekk ikun xieraq;
- il-kodiċi T2L jew T2LF, kif ikun xieraq; u
- il-firma miktuba bl-idejn tal-persuna kkonċernata.

Nota: il-fattura jew id-dokument tat-trasport irid jirrelata biss mal-merkanzija tal-Unjoni.

Fatturi jew dokumenti tat-trasport fejn il-valur totali tal-merkanzija koperta ma jaqbiżx il-EUR 15 000

L-Artikolu 199(1) d) u 211 KDU IA
L-Artikolu 9, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Jekk il-valur totali tal-merkanzija tal-Unjoni koperta mill-fattura jew mid-dokument tat-trasport ma jaqbiżx il-EUR 15 000, ma tkun meħtieġa l-ebda approvazzjoni mill-uffiċċju kompetenti. Madankollu, l-isem u l-indirizz tal-uffiċċju kompetenti jridu jkunu murija fuq il-fattura jew fuq id-dokument, minbarra d-dettalji ta' hawn fuq.

Fatturi jew dokument tat-trasport fejn il-valur totali tal-merkanzija koperta jaqbeż il-EUR 15 000

L-Artikolu 126 DA u l-Artikolu 201 IA
L-Artikolu 9, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Fuq it-talba tal-persuna kkonċernata, il-fattura jew id-dokument tat-trasport debitament mimli li tiffirma jrid jiġi approvat mill-uffiċċju kompetenti. Jekk il-fattura jew id-dokument tat-trasport ma jiġux approvati, ma jistax iservi bħala prova tal-istatus tal-Unjoni.

L-Artikolu 126 DA
L-Artikolu 9, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

DWANA

L-approvazzjoni tal-fattura jew tad-dokument tat-trasport mill-uffiċċju kompetenti tinkludi dawn li ġejjin:

- l-isem u t-timbru tal-uffiċċju kompetenti;
- il-firma ta' uffiċjal ta' dak l-uffiċċju;
- id-data tal-approvazzjoni; u
- jew in-numru tar-reġistrazzjoni jew, jekk meħtieġ, in-numru tad-dikjarazzjoni tad-dispaċċ.

L-Artikolu 199(5) IA
L-Artikolu 4(2), l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Id-dokumenti tal-fattura jew tat-trasport maħruġin b'mod retrospettiv irid ikollhom il-frażi xierqa kif prevista fit-Taqsima II.2.3.4.2.

II.3.2.5 Il-carnet TIR, ATA jew il-Formola 302

L-Artikolu 127 DA
L-Artikolu 207 IA
L-Artikolu 12, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Meta l-merkanzija ttrasportata taħt kopertura ta' carnet TIR, carnet ATA jew Formola 302 tkun kollha kemm hi merkanzija tal-Unjoni, id-dikjarant jeħtieġlu jdaħħal b'mod ċar il-kodiċi "T2L" jew "T2LF" fl-ispazju rriżervat għad-deskrizzjoni tal-merkanzija, flimkien mal-firma tiegħu, fuq il-vawċers kollha rilevanti tal-carnet u jippreżenta l-carnet lill-uffiċċju tat-tluq għall-approvazzjoni.

Jekk il-carnet TIR, il-carnet ATA jew il-Formola 302 tkopri kemm merkanzija tal-Unjoni kif ukoll merkanzija mhux tal-Unjoni, iż-żewġ kategoriji ta' merkanzija jridu jiġu indikati b'mod separat, u s-simbolu "T2L" jew "T2LF" rispettivament irid jiddaħħal b'mod ċar li jkun relatat biss mal-merkanzija tal-Unjoni.

DWANA

Meta carnet TIR, carnet ATA jew Formola 302 tiġi ppreżentata lill-uffiċċju tat-tluq għall-approvazzjoni sabiex jiġi pprovat l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, hija meħtieġa attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-merkanzija tal-Unjoni tintwera separatament mill-merkanzija l-oħra u li l-kodiċi "T2L" jew "T2LF" jiddaħħal b'tali mod li jkun relatat biss mal-merkanzija tal-Unjoni.

Il-kodiċi xieraq "T2L" jew "T2LF" irid ikun awtentikat bit-timbru tal-uffiċċju doganali tat-tluq akkumpanjat mill-firma tal-uffiċjal kompetenti.

II.3.3 Emittent awtorizzat

II.3.3.1 Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 128 DA L-Artikolu 14, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lil persuna, li tkun magħrufa bħala l-"emittent awtorizzat", toħroġ il-mezzi ta' prova tal-istatus tal-Unjoni li ġejjin:

1. dokumenti T2L u T2LF mingħajr approvazzjoni (ara t-Taqsima II.3.3.2) (tranżizzjonali):
    a) b'awtentikazzjoni minn qabel mid-dwana;
    b) b'awtoawtentikazzjoni;
    c) b'awtoawtentikazzjoni elettronika mingħajr firma;
2. manifest doganali tal-merkanzija mingħajr approvazzjoni u mingħajr reġistrazzjoni (ara t-Taqsima II.3.3.3);
3. manifesti tal-kumpanija tat-tbaħħir mingħajr approvazzjoni (ara t-Taqsima II.3.3.4) (dispożizzjoni tranżizzjonali):
    a) manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir bħala prova;
    b) manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir wara t-tluq;
4. fatturi jew dokumenti tat-trasport għal merkanzija li taqbeż il-EUR 15 000 mingħajr approvazzjoni (dispożizzjoni tranżizzjonali) (ara t-Taqsima II.3.3.2).

Kun af li l-awtorizzazzjoni għall-ħruġ ta' dokumenti T2L/T2LF mingħajr approvazzjoni hija dispożizzjoni tranżizzjonali sa fejn il-prova tkun tikkonsisti f'dokumenti T2L/T2LF minflok *data* mdaħħla fis-sistema PoUS.

L-awtorizzazzjoni għall-ħruġ ta' ċerti mezzi ta' prova tal-istatus tal-Unjoni mingħajr approvazzjoni (u reġistrazzjoni) mid-dwana hija deċiżjoni doganali wara applikazzjoni. Dan ifisser li japplikaw ir-regoli ġenerali tad-deċiżjonijiet doganali kif deskritti fil-Parti VI, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor.

Il-proċedura li għandha tiġi segwita trid tkun konformi mat-Taqsima 2.2 tal-Parti VI, sakemm ma jiġux ipprovduti dettalji addizzjonali hawn taħt.

L-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata lill-awtorità doganali li tkun responsabbli għall-post fejn jinżammu jew huma aċċessibbli l-kontijiet ewlenin tal-applikant għal finijiet doganali u fejn għandha titwettaq tal-anqas parti mill-attivitajiet koperti mill-awtorizzazzjoni.

L-applikant jeħtieġlu jissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi.

Il-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli fiċ-ċirkostanzi kollha huma elenkati fit-tabella ta' hawn taħt. Il-kundizzjonijiet speċifiċi l-oħrajn huma elenkati fit-taqsimiet ta' hawn taħt relatati ma' kull mezz jew faċilità speċifika.

Kundizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 128(1) DA
L-Artikolu 14, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

- l-applikant ikun stabbilit fl-UE jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni;
- l-applikant jeħtieġlu jkollu n-numru tar-reġistrazzjoni u tal-identifikazzjoni (EORI) ta' operatur ekonomiku, jekk ikun stabbilit fl-UE
- il-persuna kkonċernata ma tkunx wettqet xi reat serju jew ripetut ipprojbit mil-leġiżlazzjoni doganali jew fiskali;
- l-awtoritajiet doganali kompetenti jkunu jistgħu jissorveljaw il-proċedura u jwettqu kontrolli mingħajr sforz amministrattiv sproporzjonat għall-ħtiġijiet tal-persuna kkonċernata;
- il-persuna kkonċernata żżomm rekords li jippermettu lill-awtoritajiet doganali jwettqu kontrolli effettivi.

II.3.3.2 Dokument T2L/T2LF jew fattura jew dokument tat-trasport maħruġ minn emittent awtorizzat *(dispożizzjoni tranżizzjonali)*

II.3.3.2.1 Awtorizzazzjoni

Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali elenkati hawn fuq fit-Taqsima II.3.3.1., l-applikant jeħtieġlu jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi li ġejjin sabiex ikun awtorizzat joħroġ dokumenti T2L/T2LF, fatturi jew dokumenti tat-trasport bħala prova tal-istatus tal-Unjoni mingħajr l-approvazzjoni tad-dwana.

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-ħruġ ta' dokumenti T2L/T2LF, ta' fatturi jew ta' dokumenti tat-trasport

L-Artikolu 128(2) u (4), DA
L-Artikolu 14, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

- il-persuna kkonċernata toħroġ regolarment il-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, jew l-awtoritajiet doganali jkunu jafu li hija tista' tissodisfa l-obbligi legali għall-użu ta' dawn il-mezzi ta' prova.

Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali elenkati hawn fuq fit-

Taqsima II.3.3.1. u l-kundizzjonijiet speċifiċi, l-applikant jeħtieġlu jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi li ġejjin sabiex ikun awtorizzat joħroġ dokumenti elettroniċi ta' awtoawtentikazzjoni T2L/T2LF, bħala prova tal-istatus tal-Unjoni mingħajr l-approvazzjoni tad-dwana.

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtoawtentikazzjoni elettronika mingħajr firma

L-Artikolu 128b DA

L-Artikolu 17, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

- L-emittent awtorizzat ikun ta impenn bil-miktub li jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu għall-konsegwenzi legali li jirriżultaw mid-dokumenti T2L/T2LF kollha jew mill-ħruġ ta' dokumenti kummerċjali li jkollhom it-timbru speċjali.

L-Artikolu 128a(2) DA

L-Artikolu 15, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

DWANA

B'mod partikolari, l-awtorizzazzjoni trid tispeċifika:

a) ir-responsabbiltà assenjata mill-uffiċċju doganali għall-awtentikazzjoni minn qabel tal-formoli "T2L" jew "T2LF";
b) il-mod kif l-emittent awtorizzat jistabbilixxi li l-formoli ntużaw kif suppost;
c) il-kategoriji jew il-movimenti tal-merkanzija eskluži;
d) il-perjodu li matulu u l-mod li bih l-emittent awtorizzat għandu jinnotifika lill-uffiċċju doganali kompetenti sabiex ikun jista' jwettaq kwalunkwe kontroll neċessarju qabel it-tluq tal-merkanzija;
e) jekk il-mezz ta' prova jeħtieġx li jkun:
   (i) awtentikat minn qabel mid-dwana;
   (ii) awtoawtentikat mill-emittent awtorizzat b'firma;
   (iii) awtoawtentikat b'mod elettroniku mill-emittent awtorizzat (mingħajr firma);
f) li l-konsenjatur awtorizzat jeħtieġlu jimla u jiffirma l-formola qabel ma tintbagħat il-merkanzija.
g) jekk l-awtorità doganali tawtorizzax l-użu ta' listi tat-tagħbija li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha.

II.3.3.2.2 Użu ta' dokumenti T2L/T2LF, ta' fatturi jew ta' dokumenti tat-trasport maħruġin minn emittent awtorizzat

Meta l-mezz ta' prova jiġi awtentikat minn qabel mid-dwana:

L-Artikolu 128a DA
L-Artikolu 16, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

DWANA
Id-dwana tittimbra u tiffirma bil-quddiem:

- in-naħa ta' quddiem tal-fatturi jew tad-dokumenti tat-trasport; jew
- il-Kaxxa ,"C. Uffiċċju tat-tluq" fuq quddiem tad-dokumenti T2L/T2LF u, fejn xieraq, tal-iskedi ta' kontinwazzjoni.

Il-firma tal-uffiċjal mill-uffiċċju responsabbli għall-awtentikazzjoni ta' qabel ma għandhiex għalfejn tinkiteb bl-idejn u t-timbru ta' dik il-kariga jista' jiġi stampat minn qabel jekk l-awtentikazzjoni ta' qabel tingħata ċentralment minn awtorità doganali unika.

Meta l-mezz ta' prova jkun awtoawtentikat minn emittent awtorizzat:

L-Artikolu 128a DA u l-Parti II, il-Kapitolu II tal-Anness 72-04 IA
L-Artikolu 16, l-Appendiċi II u l-Anness B9, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni

NEGOZJU
L-emittent awtorizzat jittimbra b'timbru speċjali:

- in-naħa ta' quddiem tal-fatturi jew tad-dokumenti tat-trasport; jew
- il-Kaxxa "C. Uffiċċju tat-tluq" fuq quddiem tad-dokumenti T2L/T2LF u, fejn xieraq, tal-iskedi ta' kontinwazzjoni.

It-timbru jista' jiġi stampat minn qabel fuq il-formoli meta l-istampar ikun fdat lil stampatur approvat għal dak l-għan. Il-Kaxxi 1 u 2 u 4 sa 6 tat-timbru speċjali għandhom jimtlew bl-informazzjoni li ġejja:

— l-istemma araldika jew kwalunkwe sinjal ieħor jew ittra oħra li jikkaratterizzaw il-pajjiż;
— l-uffiċċju doganali kompetenti;
— id-data;
— l-emittent awtorizzat; u
— in-numru tal-awtorizzazzjoni.

Nota: L-istampar minn qabel tat-timbru jiġi approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż fejn l-emittent awtorizzat ikun stabbilit u mhux mill-awtoritajiet tal-pajjiż fejn l-istampatur ikun stabbilit.

Tlestija ulterjuri tal-prova minn emittent awtorizzat:

L-Artikolu 128a DA
L-Artikoli 16(4), 19 u 20, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

NEGOZJU

Qabel ma tintbagħat il-merkanzija, l-emittent awtorizzat jeħtieġlu jimla u jiffirma l-formola billi jdaħħal:

- spazju identifikabbli b'mod ċar fuq id-dokument kummerċjali jew
- il-Kaxxa "D. Kontroll mill-uffiċċju tat-tluq" tad-dokumenti T2L/T2LF, u fejn xieraq, tal-iskedi ta' kontinwazzjoni,

id-*data* li ġejja:

- l-isem tal-uffiċċju doganali kompetenti,
- id-data tat-tlestija tad-dokument u l-firma tal-emittent awtorizzat, u
- waħda mill-approvazzjonijiet li ġejjin:

BG	Одобрен издател
CS	Schválený vydavatel
DA	Autoriseret udsteder
DE	Zugelassener Aussteller
EL	Εγκεκριμένος εκδότης
EN	Authorised issuer
ES	Emisor autorizado
ET	Volitatud väljastaja
FI	Valtuutettu antaja
FR	Emetteur agréé
HR	Ovlaštenog izdavatelja
HU	Engedélyes kibocsátó
IT	Emittente autorizzato
LT	Įgaliotasis išdavėjas
LV	Atzītais izdevējs
MT	Emittent awtorizzat
NL	Toegelaten afgever
PL	Upoważnionego wystawcę
PT	Emissor autorizado
RO	Emitent autorizat
SK	Schválený vystaviteľ
SL	Pooblaščeni izdajatelj
SV	Godkänd utfärdare

L-emittent awtorizzat jeħtieġlu:

- jagħmel kopja ta' kull prova maħruġa,
- jippreżenta l-kopji lid-dwana kif stabbilit fl-awtorizzazzjonijiet għall-finijiet ta'

kontroll u
- iżommhom għal tal-anqas tliet snin

Jekk ikun ġie awtoawtentikat b'mod elettroniku minn emittent awtorizzat mingħajr iffirmar:

L-Artikolu 128b DA
L-Artikolu 17, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

NEGOZJU

Qabel ma tintbagħat il-merkanzija, l-emittent awtorizzat jeħtieġlu jimla u jiffirma l-formola kif indikat fil-kaxxa "Kummerċ" preċedenti bl-eċċezzjoni ta' dawn li ġejjin. Id-dokumenti T2L/T2LF jew id-dokumenti kummerċjali jeħtieġ li jkun fihom waħda mill-approvazzjonijiet li ġejjin minflok il-firma tal-emittent awtorizzat:

BG	Освободен от подпис
CS	Podpis se nevyžaduje
DA	Fritaget for underskrift
DE	Freistellung von der Unterschriftsleistung
EE	Allkirjanõudest loobutud
EL	Δεν απαιτείται υπογραφή
EN	Signature waived
ES	Dispensa de firma
FI	Vapautettu allekirjoituksesta
FR	Dispense de signature
HR	Oslobodeno potpisa
HU	Aláírás alól mentesítve
IS	Undanþegið undirskrift
IT	Dispensa dalla firma
LT	Leista nepasirašyti
LV	Derīgs bez paraksta
MT	Firma mhux meħtiega
NL	Van ondertekening vrijgesteld
LE	Fritatt for underskrift
PL	Zwolniony ze składania podpisu
PT	Dispensada a assinatura
RO	Dispensă de semnătură
SI	Opustitev podpisa
SK	Oslobodenie od podpisu
SV	Befrielse från underskrift

Għal aktar dettalji dwar l-użu ta' dawn il-mezzi ta' prova, ara wkoll it-Taqsima II.3.2.1. għad-dokumenti T2L/T2LF u t-Taqsima II.3.2.4. għall-fatturi u għad-dokumenti tat-trasport.

II.3.3.3 Manifest doganali tal-merkanzija maħruġ minn emittent awtorizzat

Din it-taqsima timtela meta tiġi implimentata l-PoUS u jitwaqqaf l-użu tal-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir bħala prova tal-istatus tal-Unjoni.

II.2.3.4 Manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir maħruġ minn emittent awtorizzat *(dispożizzjoni tranżizzjonali)*

II.3.3.4.1 Awtorizzazzjoni

Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali elenkati hawn fuq fit-Taqsima II.3.3.1., l-applikant jeħtieġlu jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi li ġejjin sabiex ikun awtorizzat ifassal **manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir** bħala prova tal-istatus tal-Unjoni mingħajr l-approvazzjoni tad-dwana.

Kundizzjonijiet speċifiċi

L-Artikolu 128(2) u (4), DA

- il-persuna kkonċernata toħroġ regolarment il-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, jew li l-awtoritajiet doganali kompetenti tagħha jkunu jafu li hija tista' tissodisfa l-obbligi legali għall-użu ta' dawk il-provi

Madankollu, għal raġunijiet loġistiċi, il-manifest xi drabi ma jkunx disponibbli għall-awtentikazzjoni fil-ħin tat-tbaħħir. F'każijiet bħal dawn, kumpanija tat-tbaħħir tista' tibgħat il-kontenut tal-manifest elettronikament mill-port tat-tluq wara li l-bastiment ikun baħħar sabiex ikunu disponibbli fil-port tad-destinazzjoni qabel ma jasal il-bastiment. L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lill-kumpanija tat-tbaħħir **tfassal** dawn il-manifesti sa mhux aktar tard mill-**għada** li l-bastiment jitlaq iżda qabel ma jasal fil-port tad-destinazzjoni — l-awtorizzazzjoni tat-TC12 (ara l-Anness 8.2). Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali elenkati hawn fuq fit-Taqsima II.3.3.1, l-applikant jeħtieġlu jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi li ġejjin.

Kundizzjonijiet speċifiċi

L-Artikolu 128d(1) u (2) DA, l-Artikolu 18, l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni

- huma kumpanija internazzjonali tat-tbaħħir;
- jużaw is-sistemi tal-iskambju elettroniku tad-*data* sabiex jibagħtu informazzjoni bejn il-portijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni;
- joperaw numru sinifikanti ta' vjaġġi bejn il-portijiet tal-Istati Membri jew il-pajjiżi ta' tranżitu komuni fuq rotot rikonoxxuti.

Applikazzjoni

L-Artikoli 128c u 128d DA
L-Artikolu 18, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

L-applikazzjoni tal-kumpanija tat-tbaħħir għandha telenka l-pajjiżi kollha u l-portijiet kollha tat-tluq u tad-destinazzjoni kkonċernati.

Fl-applikazzjoni tagħha, il-kumpanija tat-tbaħħir għandha tindika wkoll l-isem/ismijiet tar-rappreżentant(i) tagħha f'dawk il-portijiet.

Proċedura ta' konsultazzjoni għall-awtorizzazzjoni

Malli jirċievu applikazzjoni, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fejn hija stabbilita l-kumpanija tat-tbaħħir jeħtieġilhom jinnotifikaw b'dik l-applikazzjoni lill-Istati Membri l-oħrajn li fihom jinsabu l-portijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni maħsubin. Il-persuni ta' kuntatt rilevanti huma elenkati fl-Anness II.8.2 — l-Anness B.

Imbagħad, l-awtoritajiet doganali fil-portijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni jeżaminaw mal-uffiċċji lokali tal-kumpanija tat-tbaħħir jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet għall-użu tal-proċedura simplifikata, b'mod partikolari r-rekwiżit li għandu jkun hemm numru sinifikanti ta' vjaġġi bejn il-pajjiżi tul rotot magħrufa.

Meta titlesta din il-proċedura ta' konsultazzjoni, l-awtoritajiet doganali fil-portijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar jekk dawn il-portijiet humiex mgħammra sabiex jużaw sistema ta' skambju elettroniku ta' *data* u jekk il-kumpanija tat-tbaħħir tissodisfax il-kriterji elenkati hawn fuq.

Jekk ma tasal l-ebda oġġezzjoni fi żmien 60 jum (l-Istati Membri) jew fi żmien 45 jum (il-pajjiżi ta' tranżitu komuni) mid-data tan-notifika, l-awtoritajiet doganali jeħtieġilhom jawtorizzaw l-użu tal-proċedura simplifikata għat-tfassil ta' manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir bħala prova tal-istatus tal-Unjoni mingħajr l-approvazzjoni tad-dwana.

Din l-awtorizzazzjoni tkun valida fl-Istati Membri kkonċernati u

għandha tapplika biss għall-operazzjonijiet tat-trasport bejn il-portijiet li tirreferi għalihom. Is-simplifikazzjoni tkopri l-ġarr tal-merkanzija kollha li l-kumpanija tat-tbaħħir tittrasporta bil-baħar bejn il-portijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni u l-pajjiżi ta' tranżitu komuni elenkati fl-awtorizzazzjoni.

II.3.3.4.2 Tfassil tal-prova

Manifest bħal dan irid jiġi awtentikat mill-kumpanija tat-tbaħħir qabel ma l-bastiment iħalli l-port tat-tluq.

Madankollu, għal raġunijiet loġistiċi, il-manifest xi drabi ma jkunx disponibbli għall-awtentikazzjoni fil-ħin tat-tbaħħir. F'każijiet bħal dawn, kumpanija tat-tbaħħir tista' tibgħat il-kontenut tal-manifest elettronikament mill-port tat-tluq wara li l-bastiment ikun baħħar sabiex ikunu disponibbli fil-port tad-destinazzjoni qabel ma jasal il-bastiment.

L-Artikoli 128c u 128d DA
L-Artikolu 18 tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 128c u 128d DA (l-Artikolu 18 tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni) jippermetti li l-manifest jinħareġ b'mod retrospettiv bħala prova tal-istatus u, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, jintbagħat lill-port tad-destinazzjoni permezz ta' sistema ta' skambju elettroniku ta' *data*.

L-Artikolu 126a DA
L-Artikolu 18, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Meta jintuża bħala prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir irid tal-anqas jinkludi d-dettalji li ġejjin:

- l-indirizz sħiħ tal-kumpanija tat-tbaħħir;
- l-isem tal-bastiment;
- il-post u d-data tat-tagħbija tal-merkanzija;
- il-post tal-ħatt;
- u għal kull konsenja:
  - ir-referenza għall-polza ta' kargu jew għal dokumenti kummerċjali oħrajn;
  - in-numru, id-deskrizzjoni, il-marki u n-numri ta' referenza tal-pakketti;
  - id-deskrizzjoni kummerċjali normali tal-merkanzija, inkluż biżżejjed dettall sabiex tkun tista' tiġi identifikata;
  - il-massa grossa f'kilogrammi;
  - fejn applikabbli, in-numri ta' identifikazzjoni tal-kontejners; u
  - l-entrati li ġejjin għall-istatus tal-merkanzija:
    - l-ittra "C" (ekwivalenti għal "T2L") għal merkanzija li jista' jintwera l-istatus doganali tagħha ta' merkanzija tal-Unjoni; jew

- l-ittra “F” (ekwivalenti għal “T2LF”), għal merkanzija, minn jew bejn iż-żoni mhux fiskali, li jista’ jintwera l-istatus doganali tagħha ta’ merkanzija tal-Unjoni; jew
- l-ittra “N” għall-merkanzija l-oħra kollha.

II.3.3.4.3 Proċedura fil-port tat-tluq

Il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtieġilha tfassal il-manifest li jipprova l-istatus doganali ta’ merkanzija tal-Unjoni mhux aktar tard mill-għada tat-tluq tal-bastiment u, fi kwalunkwe każ, qabel il-wasla tiegħu fil-port tad-destinazzjoni.

Imbagħad, il-kumpanija tat-tbaħħir tibgħat il-manifest bi skambju elettroniku ta’ *data* lill-port tad-destinazzjoni.

Fuq talba, il-kumpanija tat-tbaħħir tibgħat il-manifest lill-awtoritajiet doganali fil-port tat-tluq jew b’sistema ta’ skambju elettroniku ta’ *data* jew, jekk l-awtoritajiet doganali ma jkunux mgħammra sabiex jirċievu *data* bil-posta elettronika, bil-karti stampati.

L-awtoritajiet kompetenti tal-port tat-tluq iwettqu l-ispezzjonijiet fuq il-bażi ta’ analiżi tar-riskju.

II.3.3.4.4 Proċedura fil-port tad-destinazzjoni

Il-kumpanija tat-tbaħħir tippreżenta kopja tal-manifest lill-awtoritajiet doganali fil-port tad-destinazzjoni jew b’sistema ta’ skambju elettroniku ta’ *data*, jew, jekk l-awtoritajiet doganali ma jkunux mgħammra sabiex jirċievu *data* b’mezzi elettroniċi, bil-karti stampati.

L-awtoritajiet kompetenti fil-port tad-destinazzjoni jiċċekkjaw l-istatus doganali ddikjarat ta’ merkanzija tal-Unjoni, billi jwettqu spezzjonijiet fuq il-bażi ta’ analiżi tar-riskju u jekk ikun hemm bżonn kontroverifika mal-awtoritajiet kompetenti fil-port tat-tluq.

II.3.3.4.5 Irregolaritajiet/reati

Il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtieġilha tirrapporta kull irregolarità jew reat skopert lill-awtoritajiet kompetenti fil-portijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni. Hija obbligata wkoll tgħin sabiex jitneħħew irregolaritajiet jew ksur misjub mill-awtoritajiet kompetenti fil-portijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni.

Jekk ma jkunx possibbli li jitneħħew l-irregolaritajiet u l-ksur fil-port tad-destinazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti fil-port tad-destinazzjoni tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti fil-port tat-tluq u lill-awtorità li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni, li mbagħad jieħdu l-azzjoni neċessarja.

II.3.3.4.6 Ir-responsabbiltajiet tal-kumpanija tat-tbaħħir

Il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtieġilha:

- iżżomm rekords xierqa li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jikkontrollaw l-operazzjonijiet fil-portijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni;
- tagħmel ir-rekords rilevanti kollha disponibbli għall-awtoritajiet doganali;
- tieħu impenn li taċċetta r-responsabbiltà sħiħa għall-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-obbligi tagħha u għar-rapportar u għall-għajnuna fit-tneħħija ta' kwalunkwe reat jew irregolarità.

II.3.4 Pajjiż ta' tranżitu komuni

L-Artikolu 9, il-Konvenzjoni

Meta l-merkanzija tal-Unjoni tkun waslet f'pajjiż ta' tranżitu komuni taħt proċedura T2, hija tippreserva l-istatus tal-Unjoni tagħha dment li:

- baqgħet taħt proċedura T2 jew proċedura ta' ħażna fil-pajjiż ta' tranżitu komuni; u
- il-perjodu li għalih inħażnet il-merkanzija f'maħżen ma qabiżx il-5 snin (jew 6 xhur għal xi kategoriji speċifiċi ta' merkanzija); u
- baqgħet taħt il-kontroll tal-awtorità doganali f'kull ħin.

Il-merkanzija tal-Unjoni f'pajjiżi ta' tranżitu komuni

L-Artikoli 2(3)(b) u 9, il-Konvenzjoni
L-Artikolu 2, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Il-merkanzija tal-Unjoni f'pajjiżi ta' tranżitu komuni tista' titqiegħed biss taħt il-proċedura T2 meta:

- il-merkanzija tkun waslet f'dak il-pajjiż skont il-proċedura T2;
- il-merkanzija tiġi kkonsenjata mill-ġdid taħt kundizzjonijiet li bihom:
    - tkun baqgħet taħt il-kontroll tal-awtorità doganali f'kull ħin sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda bidla fl-identità jew fl-istat;
    - ma tkunx tqiegħdet taħt proċedura ta' tranżitu doganali

ġħajr proċedura ta' tranżitu jew ta' ħażna; u

- jekk tkun tqiegħdet taħt proċedura ta' ħażna:
  - il-perjodu ma jaqbiżx il-5 snin;
  - għall-merkanzija li taqa' fil-Kapitoli 1 sa 24 tan-Nomenklatura għall-Klassifikazzjoni tal-Merkanzija, il-perjodu ma jistax jaqbeż is-6 xhur;
  - il-merkanzija tkun inħażnet fi spazji speċjali u ma tkunx irċiviet xi trattament minbarra dak meħtieġ għall-preservazzjoni tagħha fl-istat oriġinali tagħha, jew għat-tqassim f'konsenji mingħajr tibdil fl-imballaġġ; u
  - kwalunkwe trattament li jseħħ taħt superviżjoni doganali;

u

- il-proċedura T2 il-ġdida fiha r-referenza tal-proċedura preċedenti bħal din li taħtha l-merkanzija tal-Unjoni waslet f'dak il-pajjiż ta' tranżitu komuni, inklużi l-approvazzjonijiet speċjali kollha u l-pairing fuqhom.

L-għoti ta' provi tal-istatus tal-Unjoni f'pajjiż ta' tranżitu komuni

L-Artikoli 5, 9, 10 u 18a, il-Konvenzjoni

Il-mezzi ta' prova li ġejjin jistgħu jinħarġu f'pajjiż ta' tranżitu komuni:

- dokument T2L;
- fattura jew dokument tat-trasport;
- manifest ta' kumpanija tat-tbaħħir.

Għal aktar dettalji dwar il-forniment u l-użu ta' dawn il-mezzi ta' prova, ara t-Taqsimiet II.3.2 u II.3.3.

Kwalunkwe dokument maħruġ minn uffiċċju kompetenti ta' pajjiż ta' tranżitu komuni sabiex jiċċertifika l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni jrid ikollu referenza għad-dikjarazzjoni T2 korrispondenti jew għal dokument li jiċċertifika l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni li taħtu waslet il-merkanzija f'dak il-pajjiż ta' tranżitu komuni u jrid inkludi l-approvazzjonijiet speċjali kollha li jidhru hemm.

Merkanzija tal-Unjoni esportata mill-ġdid minn pajjiż ta' tranżitu komuni

L-Artikolu 9, il-Konvenzjoni
L-Artikolu 12, l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni

Meta merkanzija tal-Unjoni, li tkun daħlet f'pajjiż ta' tranżitu komuni, tkun se tiġi esportata mill-ġdid taħt proċedura ta' tranżitu għajr tranżitu komuni, it-T2L/T2LF ma hemmx għalfejn tiġi mġedda dment li l-merkanzija ma tinħażinx qabel il-konsenja mill-

ġdid. Sabiex jintwera li l-merkanzija tkun baqgħet taħt is-superviżjoni permanenti tal-awtoritajiet doganali, l-uffiċċju doganali kompetenti tal-pajjiż ta' tranżitu komuni jittimbra l-parti ta' quddiem ta' fuq tad-dokument, u jżid id-data tal-esportazzjoni mill-ġdid.

Pereżempju: Il-merkanzija tal-Unjoni tasal f'pajjiż ta' tranżitu komuni fuq bastiment mhux tal-RSS u tiġi esportata mill-ġdid permezz ta' trakk skont proċedura TIR. Kun af li l-perjodu ta' validità għad-dokument T2L/T2LF huwa limitat għal 90 jum.

Il-ħruġ ta' prova f'pajjiżi ta' tranżitu komuni

L-Artikolu 2, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Il-prova għall-merkanzija tal-Unjoni li tinġarr minn pajjiż ta' tranżitu komuni tista' tiġi pprovduta biss jekk il-merkanzija tiġi ttrasportata direttament minn dak il-pajjiż ta' tranżitu komuni lejn pajjiż ta' tranżitu komuni ieħor jew Stat Membru:

- mingħajr ma tgħaddi minn pajjiż terz; jew
- meta tgħaddi minn pajjiż terz, tiġi ttrasportata taħt dokument uniku tat-trasport maħruġ f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

Merkanzija tal-Unjoni esportata minn pajjiż ta' tranżitu komuni

L-Artikolu 2, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Prova tal-istatus tal-Unjoni ma tistax tintuża għal merkanzija tal-Unjoni maħsuba għall-esportazzjoni minn pajjiż ta' tranżitu komuni jew mill-UE.

Prežunzjoni tal-istatus ta' merkanzija tal-Unjoni

Dħul temporanju

L-Artikolu 9(2), il-Konvenzjoni

Madankollu, prova tal-istatus tal-Unjoni ma hijiex meħtieġa għal merkanzija tal-Unjoni f'pajjiż ta' tranżitu komuni mqiegħda taħt dħul temporanju u li ma tkun irċiviet l-ebda trattament għajr dak meħtieġ għall-preservazzjoni tagħha fl-istat oriġinali tagħha jew għall-qsim tal-konsenji.

Kuritur T2

L-Artikolu 2a, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni

Il-merkanzija li jkollha l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bil-ferrovija tista' tiġi ttrasportata minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni, mingħajr ma tkun soġġetta għal proċedura doganali, u tista' tiġi ttrasportata fit-territorju ta' pajjiż ta' tranżitu komuni mingħajr alterazzjoni tal-istatus doganali tagħha.

Għal aktar dettalji dwar il-Kuritur T2, ara l-Parti VI — it-Taqsima 3.5.5

II.4 Movimenti ta' merkanzija tal-Unjoni mingħajr prova tal-Istatus tal-Unjoni

II.4.1 Tinġarr bl-ajru

L-Artikolu 119(2)(a) DA

Il-merkanzija tal-Unjoni li tinġarr bl-ajru minn ajruport tal-UE għal ieħor mingħajr waqfa barra mill-UE, tibbenefika mill-preżunzjoni ta' status tal-Unjoni bil-kundizzjoni li tkun koperta minn dokument uniku tat-trasport, jiġifieri l-AWB maħruġ fi Stat Membru. Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi, ma hija meħtieġa l-ebda prova għall-merkanzija tal-Unjoni.

II.4.2 Servizz regolari tat-tbaħħir

II.4.2.1 Definizzjoni

L-Artikolu 120 DA

Il-kumpaniji tat-tbaħħir li joperaw biss servizzi (fuq distanzi qosra) bejn żewġ portijiet tal-UE jew aktar u li jġorru merkanzija tal-Unjoni, jistgħu japplikaw sabiex jingħataw awtorizzazzjoni bħala servizz regolari tat-trasport marittimu (RSS).

Merkanzija tal-Unjoni li tinġarr abbord bastiment approvat tal-RSS bejn żewġ portijiet tal-UE jew aktar iżżomm l-istatus tal-Unjoni tagħha, mingħajr rekwiżit li turi dak l-istatus lid-dwana fil-portijiet tal-wasla tal-UE. Il-bastiment assenjat l-RSS ma huwiex permess li jieqaf:

- fi kwalunkwe port barra mit-territorju doganali tal-Unjoni;
- f'port li ma huwiex parti mir-rotot approvati għall-RSS;
- f'port f'żona libera ta' port tal-UE;
- iwettaq kwalunkwe trasbord ta' merkanzija fuq il-baħar.

L-Artikolu 119(2)(b) DA

Għalhekk, l-RSS jistgħu jitqabblu ma' pont fuq l-art bejn żewġ portijiet tal-UE jew aktar mingħajr kontrolli doganali fuq kwalunkwe naħa tal-pont. Madankollu, merkanzija mhux tal-Unjoni li tinġarr minn bastiment approvat għall-RSS trid titqiegħed taħt proċedura ta' tranżitu T1.

Meta bastiment mhux tal-RSS isalpa bejn il-portijiet tal-UE u jħalli t-territorju doganali tal-Unjoni, il-merkanzija tal-Unjoni abbord titlef l-istatus tal-Unjoni tagħha. Mal-wasla lura fl-Unjoni, l-istatus tal-merkanzija tal-Unjoni jrid jiġi pprovat, inkella d-dwana tqis li l-

merkanzija kollha abbord hija merkanzija mhux tal-Unjoni.

Meta s-servizzi tat-trasport marittimu joperaw bejn portijiet tal-UE u mhux tal-UE, dawn ma jingħatawx awtorizzazzjoni sabiex isiru RSS għal dawk ir-rotot. Merkanzija tal-Unjoni li tinġarr abbord bastiment mhux tal-RSS ikollha bżonn tagħti prova tal-istatus doganali ta' dik il-merkanzija meta tinħatt f'port tal-UE.

Il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu ma tkoprix il-faċilitazzjoni tal-RSS u lanqas l-użu ta' dokument tat-trasport elettroniku (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-trasport marittimu.

Dan il-kunċett ta' RSS ma għandux jitħallat mat-terminu "servizz regolari" kif użat mill-operaturi tat-trasport marittimu.

II.4.2.2 Proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' servizzi regolari tat-trasport marittimu

L-Artikoli 120 u 121 DA
L-Artikolu 39(a) KDU

L-awtorizzazzjoni tingħata biss lill-kumpaniji tat-tbaħħir li:

- ikunu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni;
- ma jkollhom l-ebda rekord ta' ksur serju jew ta' ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli dwar it-tassazzjoni, inkluż li ma jkollhom l-ebda rekord ta' reati kriminali serji marbuta mal-attività ekonomika tagħhom (nota: din il-kundizzjoni titqies issodisfata għal dawk li jkollhom status ta' operatur ekonomiku awtorizzat (AEO));
- jieħdu impenn li jikkomunikaw, ladarba tinħareġ l-awtorizzazzjoni, lill-awtorità doganali li tkun tat l-awtorizzazzjoni:
    - l-ismijiet tal-bastimenti assenjati għall-RSS;
    - il-port fejn il-bastiment jibda l-operat tiegħu bħala RSS; u
    - il-portijiet ta' waqfa;
- jieħdu impenn li ma jiqfux f'xi port barra mit-territorju doganali tal-Unjoni jew f'xi żona ħielsa f'port tal-UE, u li ma jwettqu l-ebda trasbord ta' merkanzija fuq il-baħar;

Ir-regoli ġenerali li jirregolaw id-deċiżjonijiet doganali mal-applikazzjoni japplikaw bis-sħiħ għall-awtorizzazzjoni sabiex jiġu stabbiliti servizzi regolari tat-trasport marittimu. Għalhekk, il-linji gwida deskritti fit-Taqsimiet 2.2 sa 2.5 tal-Parti VI, japplikaw bl-istess mod minbarra l-ispeċifikazzjonijiet deskritti aktar 'il quddiem.

NEGOZJU

L-applikazzjoni trid tispeċifika l-Istati Membri fejn jopera l-RSS u tista' tispeċifika l-Istati Membri ddikjarati mill-applikant fir-rigward tal-pjanijiet għal servizzi futuri.

L-Artikolu 195 IA

Wara li teżamina t-talba, l-awtorità doganali kompetenti (l-awtorità doganali tal-awtorizzazzjoni) għandha tinnotifika, permezz tas-Sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali, lill-awtoritajiet doganali (l-awtoritajiet doganali kkonsultati) tal-Istati Membri l-oħrajn fejn jopera s-servizz tat-trasport marittimu li jitlob il-qbil tagħhom, jew fejn potenzjalment jista' jopera fil-futur. L-amministrazzjonijiet l-oħrajn jeħtiġilhom jindikaw il-qbil tagħhom jew ir-rifjut fi żmien 15-il jum minn meta jiġu nnotifikati mill-awtorità doganali tal-awtorizzazzjoni. Jekk l-Istat Membru kkonsultat jirrifjuta t-talba, jeħtieġlu jikkomunika r-raġuni(jiet) u d-dispożizzjonijiet legali korrispondenti dwar ir-reat imwettaq permezz tas-Sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali. L-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tkun saret l-applikazzjoni jeħtiġilhom jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni u jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-applikant billi jiddikjaraw ir-raġunijiet għar-rifjut.

L-Artikolu 195 IA

Jekk ma tasalx tweġiba jew rifjut fi żmien 15-il jum mir-riċevuta tan-notifika, l-awtoritajiet doganali tal-awtorizzazzjoni jeħtiġilhom joħorġu awtorizzazzjoni għall-kumpanija tat-tbaħħir ikkonċernata.

L-awtorizzazzjoni trid tiġi aċċettata mill-Istati Membri l-oħrajn fejn jopera s-servizz tat-trasport marittimu, jew jista' jopera potenzjalment fil-futur.

L-Artikolu 121 DA

NEGOZJU

Wara li tiġi awtorizzata tistabbilixxi servizzi regolari tat-trasport marittimu, il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtieġilha tirreġistra mal-awtorità doganali tal-awtorizzazzjoni:

a) l-ismijiet tal-bastimenti assenjati għall-RSS;
b) l-ewwel port fejn il-bastiment jibda l-operat tiegħu bħala RSS;
c) il-portijiet ta' waqfa;

u tinnotifika lill-awtorità doganali tal-awtorizzazzjoni dwar:

d) kwalunkwe emenda għall-informazzjoni f'a), f'b) u f'c);
e) id-data u l-ħin meta jidħlu fis-seħħ l-emendi;

u, fejn xieraq:

f) l-ismijiet tan-noleġġaturi parzjali.

DWANA

L-emendi kollha għall-awtorizzazzjoni kkomunikata mill-kumpanija tat-tbaħħir iridu jiġu rreġistrati fis-Sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali fi żmien jum ta' xogħol mill-jum tal-komunikazzjoni u jridu jkunu aċċessibbli għall-awtoritajiet doganali involuti fl-RSS. Ir-reġistrazzjoni emendata tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' xogħol wara li tiġi rreġistrata.

Il-korrispondenza kollha ma' amministrazzjonijiet doganali oħrajn involuti fl-RSS trid issir permezz tas-Sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali.

L-Anness II.8.4 fih il-lista tal-awtoritajiet responsabbli għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni u għall-komunikazzjoni rigward l-RSS.

DWANA

Awtorizzazzjoni => reġistrazzjoni fis-sistema elettronika ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni tal-RSS.

Fejn xieraq, imla l-kaxxa "Informazzjoni oħra" fl-awtorizzazzjoni tal-RSS bl-isem/bl-ismijiet tan-noleġġatur(i) parzjali għal kull bastiment.

*Din l-informazzjoni timtela wara l-aġġornament tas-*Sistema ta' Ġestjoni tad-Deċiżjonijiet Doganali *ppjanat għal tmiem l-2020.*

II.4.2.3 Arranġamenti ta' noleġġ parzjali

Fil-każ ta' arranġamenti ta' noleġġ parzjali, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' RSS tiġi ppreżentata mill-persuna (lokatur jew noleġġatur), li tiddefinixxi l-RSS, jiġifieri li tiddetermina l-bastiment(i) li għandu jintuża għall-RSS u li tispeċifika l-port tal-waqfa, jew mir-rappreżentant tagħha. L-awtoritajiet doganali tal-awtorizzazzjoni jistgħu jitolbu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex jipproċessaw l-applikazzjoni.

Eżempji ta' "noleġġ" li jinvolvi arranġamenti ta' sottonoleġġ u ta' noleġġ parzjali huma mogħtija fl-Anness II.8.1.

II.4.2.4 Verifika tal-kundizzjonijiet għall-RSS

L-awtoritajiet doganali jistgħu jirrikjedu li l-kumpanija tat-tbaħħir tipprovdi evidenza li hija tosserva d-dispożizzjonijiet relatati mal-operat tal-RSS, jiġifieri li l-RSS jitħaddem fuq il-bażi tal-informazzjoni rreġistrata mal-awtorità doganali kompetenti u jieqaf biss fil-portijiet ta' waqfa rreġistrati.

Meta awtorità doganali tistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tal-RSS

ma jkunux ġew osservati, din tinforma minnufih, permezz tas-sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali, lill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri oħrajn li fihom jitħaddem l-RSS sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa.

II.4.2.5 Servizz regolari tat-trasport marittimu u servizz mhux regolari tat-trasport marittimu

Merkanzija mhux tal-Unjoni, u f'ċerti każijiet merkanzija tal-Unjoni wkoll, li tinġarr fuq bastiment tal-RSS, trid tiġi ttrasportata taħt proċedura doganali ("trakk fuq mezz ta' trasport tul korp tal-ilma") jew trid titqiegħed taħt proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni (T1 jew T2F) għall-ġarr fuq l-RSS. Għal dak l-għan, RSS jista' jagħżel jekk jiġix awtorizzat li juża ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-trasport marittimu jew jekk jużax il-proċedura standard ta' tranżitu (bl-użu tad-dikjarazzjoni tal-NCTS ibbażata fuq id-DAU u ta' garanzija) għall-merkanzija T1 jew T2F. Jekk jintuża l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-trasport marittimu, il-manifesti tal-RSS jistgħu jintużaw għal dak l-għan u ma tkun meħtieġa l-ebda garanzija.

Fejn is-servizzi tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra joperaw bejn żewġ portijiet tal-UE jew aktar u <u>jġorru prinċipalment merkanzija mhux tal-Unjoni</u>, dawn l-operaturi għandhom jikkunsidraw l-isforz amministrattiv involut. Għandhom jivvalutaw jekk huwiex utli li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti amministrattivi meħtieġa sabiex ikun hemm awtorizzazzjoni(jiet) għall-użu tal-RSS u tal-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-trasport marittimu u li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti operazzjonali meħtieġa għall-użu ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet. Inkella, l-operaturi jistgħu, minflok, jikkunsidraw li jagħmlu użu minn mhux-RSS. Għalhekk, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa għal awtorizzazzjoni tal-RSS u, minflok, l-operatur ikun jista' jipprovdi prova sempliċi tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, fejn applikabbli.

Ċirkostanzi mhux previsti matul it-trasport tal-RSS

Meta bastiment irreġistrat għal RSS ikun sfurzat minn ċirkostanzi mhux previsti li jittrasborda merkanzija fuq il-baħar, li jidħol jew jgħabbi jew iħott merkanzija f'port mhux tal-UE, f'port mhux tal-RSS jew f'żona libera f'port tal-UE, il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtieġilha tinforma minnufih lill-awtoritajiet doganali tal-portijiet sussegwenti kollha tal-UE ta' waqfa tul ir-rotta skedata tal-

bastiment.

L-istatus doganali tal-merkanzija abbord dak il-bastiment ma jistax jinbidel sakemm din ma tkunx merkanzija ġdida mgħobbija jew merkanzija li tinħatt u li titħalla f'dawk il-postijiet.

Eżempju 1 **New York/Le Havre/Antwerp fuq servizz mhux regolari tat-trasport marittimu**

Il-merkanzija kollha titqies li tkun merkanzija mhux tal-Unjoni meta tasal f'Le Havre.

- Għal merkanzija tal-Unjoni (li ma tkunx merkanzija soġġetta għal dazji tas-sisa) mgħobbija f'Le Havre: irid jintuża dokument T2L jew, fuq it-talba tal-kumpanija tat-tbaħħir, il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir bil-kodiċi "C".
- Għal merkanzija tal-Unjoni soġġetta għal dazji tas-sisa mgħobbija f'Le Havre: trid tintuża verżjoni stampata tad-dokument amministrattiv elettroniku (e-AD) (kif previst mill-Artikoli 21 u 34 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE u mir-Regolament Nru 684/2009).

Eżempju 2 **Le Havre/Pointe à Pitre (Guadeloupe) fuq mhux-RSS**

Il-merkanzija kollha titqies li hija merkanzija mhux tal-Unjoni meta tasal fi Pointe à Pitre.

- Għal merkanzija tal-Unjoni: irid jintuża dokument T2LF jew, fuq it-talba tal-kumpanija tat-tbaħħir, il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir bil-kodiċi "F".

Eżempju 3 **Ġenova/Marsilja fuq mhux-RSS**

Il-merkanzija kollha titqies li hija merkanzija mhux tal-Unjoni meta tasal f'Marsilja.

- Għal merkanzija tal-Unjoni (li ma hijiex merkanzija soġġetta għal dazji tas-sisa) mgħobbija f'Ġenova: irid jintuża dokument T2L jew, fuq it-talba tal-kumpanija tat-tbaħħir, il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir bil-kodiċi "C".
- Għal merkanzija mhux tal-Unjoni soġġetta għas-sisa mgħobbija f'Ġenova: trid tintuża verżjoni stampata tal-e-AD (kif prevista fl-Artikoli 21 u 34 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE u fir-Regolament Nru 684/2009).

Eżempju 4 **New York/Le Havre/Antwerp fuq mhux-RSS**

Mal-wasla tal-bastiment f'Le Havre, il-merkanzija kollha titqies

bħala merkanzija mhux tal-Unjoni.

Parti minnha tinħatt f'Le Havre filwaqt li l-bqija tibqa' abbord.

Hemm żewġ possibbiltajiet.

- *Il-merkanzija tinħatt f'le Havre u tinġarr bit-triq lejn Antwerp*: hija meħtieġa proċedura ta' tranżitu T1 għat-trasport bit-triq u trid tiġi pprovduta garanzija.
- *Il-merkanzija ma tinħattx f'le Havre u tinġarr bil-baħar lejn Antwerp*: ma tkunx meħtieġa proċedura ta' tranżitu T1. Mal-wasla f'Antwerp il-merkanzija kollha titqies bħala merkanzija mhux tal-Unjoni sakemm ma tiġix ippreżentata evidenza tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

Eżempju 5 **Esportazzjoni ta' merkanzija fejn issir applikazzjoni għal rifużjoni**

Le Havre/Antwerp/New York fuq mhux-RSS

Il-formalitajiet ta' esportazzjoni jitwettqu f'Le Havre, fejn il-merkanzija titqiegħed fuq bastiment taħt kuntratt uniku ta' trasport lejn pajjiż terz, u tinġarr lejn Antwerp fejn titgħabba fuq bastiment ieħor dirett lejn pajjiż terz.

Peress li din il-merkanzija tiġi ttrasportata fuq mhux-RSS, titqies li hija merkanzija mhux tal-Unjoni.

Prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni fil-każ ta' trasbord

Il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata taħt RSS (ara t-Taqsima II.4.2.). Jekk il-merkanzija tiġi sussegwentement ittrasbordata f'port tal-UE fuq bastiment li ma jkunx RSS, l-istatus jintilef u l-merkanzija titqiegħed f'ħażna temporanja. Din tippreżenta problema fil-port tal-UE tad-destinazzjoni finali (rilaxx). Il-problema hija murija permezz tad-dijagramma kif ġej:

DUBLIN
Titgħabba l-merkanzija tal-Unjoni
→
Bastiment A (RSS)
→
MARSILJA
trasbord
→
Bastiment B (mhux-RSS)

→
TARANTO
prova tal-istatus tal-Unjoni meħtieġa

F'każijiet bħal dawn, il-prova meħtieġa tal-istatus fil-port tal-UE tad-destinazzjoni finali (rilaxx), eż. Taranto, tkun T2L, maħruġa u awtentikata mill-awtoritajiet kompetenti mhux aktar tard mill-port tat-trasbord, eż. Marsilja.

F'dawn il-każijiet, huwa rrakkomandat li l-prova tal-status takkumpanja l-merkanzija mill-bidu tal-operazzjoni tat-trasport (bastiment A).

Alternattivament, il-prova meħtieġa tista' tintwera mill-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir (ara l-Paragrafu II.4.2).

II.4.3 Kuritur T2

Ara l-Parti VI.3.5.5

II.5 Dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw prodotti tas-sajd fil-baħar u merkanzija miksuba minn dawn il-prodotti

Prova tal-istatus doganali għall-prodotti tas-sajd fil-baħar tal-Unjoni u prodotti oħrajn meħudin mill-baħar permezz ta' bastimenti

L-Artikolu 213 IA

Ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, dikjarazzjoni tal-ħatt, dikjarazzjoni tat-trasbord u *data* ta' monitoraġġ tal-bastiment, kif xieraq, iridu jiġu ppreżentati bħala prova tal-istatus tal-Unjoni ta':

- prodotti tas-sajd fil-baħar maqbudin minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, f'ilmijiet differenti mill-ilmijiet territorjali ta' pajjiż terz; u
- merkanzija miksuba minn tali prodotti abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni jew bastiment fabbrika tal-Unjoni, li l-produzzjoni tagħhom setgħet kienet tinvolvi prodotti oħrajn li jkollhom l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

L-Artikolu 129 DA

Il-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, dikjarazzjoni tal-ħatt, dikjarazzjoni tat-trasbord u *data* ta' monitoraġġ tal-bastiment, kif xieraq, iridu jiġu ppreżentati minn:

1. il-bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jkun qabad il-prodotti u, fejn applikabbli, ipproċessahom; jew
2. bastiment ieħor tas-sajd tal-Unjoni, jew vapur fabbrika tal-Unjoni li pproċessa l-prodotti wara t-trasbord tagħhom mill-bastiment li hemm referenza dwaru fil-punt 1; jew
3. minn xi bastiment ieħor li għal fuqu l-imsemmija prodotti u merkanzija kienu ġew trasbordati mill-bastimenti li hemm referenza dwarhom fil-punti 1 u 2, mingħajr ma jkun sar aktar tibdil; jew,
4. mezz tat-trasport kopert minn dokument uniku tat-trasport maħruġ fil-pajjiż jew fit-territorju li ma jifformax parti mit-territorju doganali tal-Unjoni fejn il-prodotti jew il-merkanzija tħattet l-art mill-bastimenti li hemm referenza dwarhom fil-punt 1, 2 jew 3.

L-Artikolu 214 IA

Meta prodotti tas-sajd fil-baħar jew merkanzija miksuba minn tali prodotti jiġu ttrasbordati u ttrasportati minn territorju barra l-UE qabel ma jiġu ttrasportati lejn l-UE, il-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni trid tiġi ppreżentata għal dawk il-prodotti u l-merkanzija mad-dħul tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni. Dan jista' jsir permezz ta' verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd inkluża ċertifikazzjoni mill-awtorità doganali ta' dak

il-pajjiż jew it-territorju li l-prodotti jew il-merkanzija kienet:

- taħt superviżjoni doganali waqt li kienet f'dak il-pajjiż jew it-territorju; u
- ma kinitx soġġetta għal xi trattament għajr dak neċessarju għall-preservazzjoni tagħha.

Il-verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni attwali tista' tfisser jew:

- il-verżjoni stampata tal-partijiet rilevanti tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd (jiġifieri silta), inkluża d-*data* dwar it-trasbord(i), fejn applikabbli; jew
- il-verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd sħiħ, dment li dan jippermetti li tiġi identifikata l-konsenja rispettiva tal-prodotti tas-sajd fil-baħar jew tal-merkanzija u jinkludi referenza għall-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd rilevanti.

L-amministrazzjonijiet doganali ta' pajjiżi terzi ma humiex legalment obbligati jiċċertifikaw in-non-manipulazzjoni tal-prodotti tas-sajd fil-baħar u tal-merkanzija ttrasbordati u ttrasportati minn dawk il-pajjiżi fuq verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd. Għalhekk, tista' tiġi aċċettata ċertifikazzjoni oħra għajr dik ibbażata fuq karta stampata tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd.

Il-forma tad-dokument ta' ċertifikazzjoni hija libera; fl-Anness II.8.5 hemm eżempju li tat l-industrija tas-sajd. Eżempju ieħor, fl-Anness II.8.6, huwa ċertifikat ta' nonmanipulazzjoni maħruġ minn Singapore.

L-Artikoli 130 u 133 DA

L-Artikolu 130 DA jistabbilixxi r-rekwiżiti tad-*data* għall-prova tal-istatus doganali tal-Unjoni għall-prodotti tas-sajd fil-baħar u għall-merkanzija, kemm imwassla direttament jew permezz ta' trasbord lejn it-territorju doganali tal-Unjoni.

L-Artikolu 133 DA jistabbilixxi r-rekwiżiti tad-*data* għaċ-ċertifikazzjoni ta' nonmanipulazzjoni tal-prodotti tas-sajd fil-baħar u tal-merkanzija trasbordati u ttrasportati minn pajjiż terz jew minn territorju terz, li hi parti integrali mill-prova tal-istatus doganali tal-Unjoni għal dawk il-prodotti u l-merkanzija.

Jekk, għall-finijiet taċ-ċertifikazzjoni ta' nonmanipulazzjoni, jintużaw dokumenti oħrajn, minbarra verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, jew verżjoni stampata tal-partijiet rilevanti tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, dawk il-mezzi l-oħrajn ta' prova jrid ikun fihom:

- id-*data* rilevanti kollha stabbilita fl-Artikoli 130 u 133 DA;
- referenza għall-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd.

Dawn il-mezzi ta' prova jridu jkunu akkumpanjati mill-verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd rilevanti, jew mill-verżjoni stampata tal-partijiet rilevanti tal-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, meta jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri mad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Rigward l-informazzjoni dwar il-post fejn inqabdu l-prodotti tas-sajd fil-baħar kif stabbilit l-Artikolu 130(1)(a), huwa mifhum li l-informazzjoni dwar il-post eżatt tal-qabda titqies bħala waħda sensittiva u l-kondiviżjoni ta' din l-informazzjoni mal-awtoritajiet doganali tal-pajjiżi terzi għall-fini ta' ċertifikazzjoni jaf toħloq il-problemi. Għalhekk, l-obbligu li dik l-informazzjoni tiġi inkluża fid-dokumenti ppreżentati għaċ-ċertifikazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiżi terzi ma għandux ikun meħtieġ, dment li l-informazzjoni dwar il-post eżatt tal-qabda tingħata lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri mad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni.

II.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

II.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

II.7.1 Dokument T2L(T2LF) awtentikat b'mezzi elettroniċi

II.8 Annessi

II.8.1 Eżempju ta' "noleġġ" li jinvolvi sottokuntrattar u arranġamenti ta' noleġġ parzjali

Noleġġ parzjali

Dan il-paragrafu jispjega l-aspetti kummerċjali tan-noleġġ parzjali, b'enfasi partikolari fuq it-trasport tal-kontejners u fuq il-konsegwenzi għat-tranżitu tal-Unjoni.

1. Introduzzjoni

Fit-traffiku tal-kontejners, in-noleġġ parzjali normalment ikun magħruf bħala "noleġġ ta' slotts". "Slott" hija parti ta' spazju tal-merkanzija ta' bastiment b'daqs preċiż li tikkorrispondi għal kontejner wieħed jew għal unità ta' kontejner waħda. Hemm żewġ tipi ta' kontejner:

a) TEU = l-ekwivalenti ta' għoxrin pied
u
b) FEU = l-ekwivalenti ta' erbgħin pied (aka żewġ (2) kontejners TEU)

Nota: tipi oħrajn ta' kontejners huma 10 piedi, highcube, 45 pied, eċċ.

2. Tipi ta' noleġġ ta' slotts

Hemm żewġ tipi ewlenin:

a) noleġġ ta' slotts ordinarju

b) ftehim ta' kondiviżjoni tal-bastimenti

3. Noleġġ ta' slotts ordinarju

Taħt il-noleġġ ta' slotts ordinarju, in-noleġġatur (linja tat-tbaħħir) jinnoleġġa numru ta' "slotts" mingħand sid ta' vapur (linja tat-tbaħħir oħra b'eċċess ta' kapaċità fuq bastiment). In-noleġġatur (normalment) iħallas somma għan-numru totali ta' slotts li jkun innoleġġa, irrispettivament minn jekk ikunx kapaċi jużahom kollha jew le. In-noleġġ ta' slotts ordinarju (normalment) jiġi konkluż fuq bażi ta' vjaġġ bi vjaġġ.

4. Ftehim ta' kondiviżjoni tal-bastimenti

Taħt il-ftehim ta' kondiviżjoni tal-bastimenti, żewġ linji tat-tbaħħir (jew aktar) jaqblu li jqiegħdu numru fiss ta' slotts għad-dispożizzjoni ta' xulxin fuq il-bastimenti jew fuq ir-rotot dežinjati. Dawn il-ftehimiet normalment ikunu fuq livell reċiproku u l-linji kkonċernati ma jħallsux lil xulxin għall-islotts.

5. Il-konsegwenzi kummerċjali

(a) Minbarra l-fatt li noleġġ ta' slotts ordinarju jinvolvi ħlas u li l-ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-bastimenti ma jinvolvux ħlas, l-implimentazzjoni legali taż-żewġ tipi ta' noleġġ hija l-istess.

(b) Is-sistema topera bħal noleġġ ordinarju, jiġifieri l-merkanzija li tivvjaġġa bin-noleġġ ta' slotts/bi ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-bastimenti tivvjaġġa f'isem in-noleġġatur, fuq il-polza ta' kargu u l-manifesti tiegħu. Sid il-bastiment joħroġ Polza waħda ta' Kargu fl-Oċean li tkopri n-numru totali ta' slotts utilizzati - mhux Polza waħda ta' Kargu għal kull kontejner/konsenja. Sid il-bastiment ma jkollu l-ebda dokumentazzjoni sottostanti (minbarra dikjarazzjonijiet dwar merkanzija perikoluża, eċċ.) għall-konsenji individwali: il-konsenjatur, il-konsenjatarju, il-kontenut, eċċ.

(c) Merkanzija li tiġi ttrasportata b'noleġġ ta' slotts/bi ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-bastimenti tkun *de facto* qed tiġi ttrasportata daqslikieku abbord wieħed mill-bastimenti tan-noleġġatur stess.

(d) Il-konsenjatur/il-konsenjatarju ma għandux għalfejn ikun jaf — jew li jiġi informat — li parti mit-trasport qed issir abbord bastiment b'noleġġ ta' slotts/bi ftehim ta' kondiviżjoni tal-bastimenti.

(e) Il-konsenjatur/il-konsenjatarju jirċievi Polza ta' Kargu maħruġa mil-linja tat-tbaħħir li magħha jkun ikkuntratta t-twettiq tat-trasport.

6. Il-konsegwenzi għal tranżitu tal-Unjoni

Meta jkunu joperaw arranġamenti kummerċjali ta' noleġġ parzjali, kull kumpanija tat-tbaħħir tista' taġixxi bħala d-detentur tal-proċedura dment li l-manifesti kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikoli 50 u 51 tat-TDA fl-intier tagħha.

Barra minn hekk, l-oġġett tal-Polza ta' Kargu fl-Oċean fuq il-manifest tal-bastiment li jittrasporta l-merkanzija jrid jindika, lill-awtoritajiet kompetenti fil-port tad-destinazzjoni, li l-kontrolli ta' tranżitu jkunu bbażati fuq il-manifesti u fuq il-poloz ta' kargu tan-noleġġatur.

7. Il-konsegwenzi għall-approvazzjoni ta' servizzi regolari tat-trasport marittimu (RSS)

a) Fil-każ ta' arranġamenti ta' noleġġ parzjali, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' RSS trid tiġi sottomessa mill-persuna (lokatur jew noleġġatur) li tiddefinixxi l-RSS.

L-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu kull informazzjoni li jeħtieġu sabiex jivvalutaw lill-applikant u b'mod partikolari lill-parti tan-noleġġ.

b) Eżempji:

Eżempju 1:

- Bastiment imsejjaħ “Goodwill” jappartjeni għal sid il-vapur A, li jikkonkludi noleġġ biż-żmien stipulat mal-kumpanija tat-tbaħħir B. Skont in-noleġġ, A jagħmel il-bastiment tiegħu disponibbli għal B.

- B hija responsabbli għall-ġestjoni kummerċjali tal-bastiment li tkun noleġġat. Tispeċifika l-portijiet li għandhom jiġu servuti mill-bastiment tiegħu (RSS). B tikkonkludi ftehim ta’ kondiviżjoni tal-bastimenti (noleġġ parzjali) ma’ Ċ, kumpanija tat-tbaħħir oħra, sabiex jiżgura li l-bastiment jimtela. Dan ifisser li daħlu f’arranġamenti ta’ noleġġ parzjali. B tikkonċedi l-użu kummerċjali ta’ parti minn Goodwill lil C, iżda żżomm l-użu operazzjonali tal-bqija tal-bastiment. B tapplika għal **awtorizzazzjoni sabiex topera RSS li juża Goodwill.**

Eżempju 2:

Servizzi (1)	Bastimenti (2)	Persuni responsabbli sabiex jiddefinixxu s-servizz (3)	Noleġġaturi parzjali (4)
Rotterdam — Dublin — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Lisbona — Leixoes — Vigo	Corvette u Caravel	A	B: fuq il-Corvette: Rosslare — Antwerp — Le Havre — Lisbona; fuq il-Caravel: Rosslare — Antwerp - Le Havre — Lisbona — Vigo
			Ċ: fuq il-Corvette: Rotterdam — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Lisbona; fuq il-Caravel: Rosslare — Antwerp — Le Havre — Lisbona — Vigo
			D: fuq il-Corvette: Rotterdam — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Lisbona
Rotterdam — Dublin — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Bilbao — Lisbona — Leixoes — Vigo	Douro	B	A: Rotterdam — Dublin — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Bilbao
			Ċ: Rosslare — Antwerp — Le Havre — Bilbao — Lisbona — Leixoes
			D: Antwerp — Le Havre — Bilbao — Lisbona — Leixoes — Vigo

Servizzi (1)	Bastimenti (2)	Persuni responsabbli sabiex jiddefinixxu s-servizz (3)	Noleġġaturi parzjali (4)
Rotterdam — Dublin — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Lisbona — Leixoes — Vigo	Angela J	C	A: Rotterdam — Dublin — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Lisbona
			B: Rotterdam — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Lisbona
			D: Antwerp — Le Havre — Lisbona — Leixoes — Vigo
Rotterdam — Dublin — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Bilbao — Lisbona — Leixoes — Vigo	Goodwill	D	A: Rotterdam — Dublin — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Lisbona
			B: Rotterdam — Rosslare — Antwerp — Le Havre — Lisbona
			Ċ: Antwerp — Le Havre — Lisbona — Leixoes — Vigo

- Il-kolonna 1 telenka s-servizzi, bil-portijiet li għandhom jintużaw mill-bastiment(i) ikkonċernat(i). Hija għal dawn is-servizzi li ssir applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għal RSS.
- Il-kolonna 2 issemmi l-bastiment(i) assenjat(i) lis-servizzi varji. Sabiex jiġu koperti minn applikazzjoni waħda għall-awtorizzazzjoni għall-RSS, il-bastiment iridu jieqfu fil-portijiet li huma msemmijin fiha.
- Il-kolonna 3 fiha l-isem tal-persuna responsabbli għad-definizzjoni tas-servizz (portijiet tal-waqfa, eċċ.). Din hija l-persuna li tapplika għall-awtorizzazzjoni u jeħtiġilha tinforma lin-noleġġaturi parzjali (ara l-Kolonna 4) dwar l-istatus "regolari" tas-servizz. Din il-persuna tista' naturalment tittrasporta wkoll merkanzija billi tuża dan is-servizz.
- Il-kolonna 4 ssemmi n-noleġġaturi parzjali diversi li jkunu nnoleġġaw spazju fuq bastiment ta' lokatur. Dawn il-persuni mhumiex meħtieġa japplikaw għal awtorizzazzjoni iżda jeħtiġilhom jikkonformaw, jew jiżguraw li l-klijenti tagħhom jikkonformaw, mal-proċeduri doganali applikabbli (skont l-istatus doganali tal-merkanzija li tkun qed tiġi ttrasportata) għas-servizzi "regolari".

c) Kontenut tal-applikazzjoni u tal-awtorizzazzjoni tal-RSS

L-awtorizzazzjoni għall-RSS titwettaq f'konformità mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- Ġenerali:
  Il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jeħtiġilhom jaħżnu u jkollhom aċċess għall-awtorizzazzjoni, inklużi kwalunkwe emendi għaliha, bl-użu tas-sistema elettronika ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni tal-RSS.

- Kaxxi:

Kaxxa 1: Daħħal l-isem tal-kumpanija tat-tbaħħir, jew ir-rappreżentant tagħha, u l-indirizz sħiħ.

Jekk il-ġestjoni kummerċjali ta' bastiment tkun kondiviża bejn diversi kumpaniji, li flimkien jispeċifikaw il-portijiet li għandhom jiġu servuti, daħħal l-isem ta' kull kumpanija tat-tbaħħir ikkonċernata, jew tar-rappreżentant tagħha, u l-indirizz sħiħ.

F'dak il-każ, kull kumpanija tat-tbaħħir interessata trid tkun nominata bħala l-applikant fuq l-applikazzjoni unika għal servizz regolari tat-trasport marittimu.

Kaxxa 2: Daħħal il-portijiet kollha tal-waqfa fl-ordni tal-waqfiet għal rotta partikolari. L-isem ta' kull port jiġi segwit mill-kodiċi tal-pajjiż xieraq tal-ISO (pereżempju: Rotterdam (NL), Dublin (IE), Le Havre (FR)).

Meta l-awtorizzazzjoni tinħareġ għal aktar minn rotta waħda, kull rotta trid tiġi distinta b'numru (pereżempju: 1. Rotterdam (NL) — Dublin (IE) — Le Havre (FR), 2. Lisbona (PT) — Vigo (ES) — Bilbao (ES), eċċ.).

Kaxxa 3: Daħħal l-isem/l-ismijiet tal-bastiment(i) assenjat(i) għar-rotta speċifikata fil-Kaxxa 2. Jekk ikun hemm aktar minn rotta waħda elenkata fil-Kaxxa 2 il-bastimenti jridu jiġu distinti permezz tan-numru tar-rotta li jservu (pereżempju: 1. Neptune, Goodwill, 2. Corvette, 3. Douro, eċċ.).

Kaxxa 4: Daħħal l-isem/l-ismijiet tan-noleġġatur(i) parzjali (mhux l-ismijiet tal-bastimenti). Il-persuna li titlob l-awtorizzazzjoni jeħtiġilha tagħti l-isem/l-ismijiet tan-noleġġatur(i) parzjali lill-awtoritajiet doganali. Kun af li n-noleġġatur(i) parzjali ma humiex id-detenturi taċ-ċertifikat u ma humiex elenkati fil-Kaxxa 1.

Kaxxa 5: Din il-kaxxa trid tingħata data u tiġi ffirmata mill-kumpanija/i tat-tbaħħir jew mir-rappreżentant(i) imsemmi(jin) fil-Kaxxa 1.

Kaxxa A: L-isem tal-Istat Membru jiġi segwit fil-parentesi mill-kodiċi tal-pajjiż tal-ISO tiegħu: (AT), (BE), (BG), (CY), (CZ), (DE), (DK), (EE), (ES), (FI), (FR), (GR), (HR), (HU), (IE), (IT), (LT), (LU), (LV), (MT), (NL), (PL), (PT), (RO), (SE), (SI), jew (SK).

II.8.2 Manifest tat-trasport marittimu — Awtorizzazzjoni TC12

Awtorizzazzjoni sabiex tintuża s-simplifikazzjoni prevista fl-Artikolu 128d 5(c) DA (l-Artikolu 18, l-Appendiċi II, il-Konvenzjoni). Ara t-Taqsima II.3.3.4.

Kampjun tal-awtorizzazzjoni TC 12

<table>
<tr><td rowspan="2">1. Detentur tal-awtorizzazzjoni</td><td>(Numru tal-awtorizzazzjoni)
…….</td></tr>
<tr><td>Awtorizzazzjoni sabiex tintuża s-simplifikazzjoni prevista fl-Artikolu 128d 5(c) DA (l-Artikolu 18 tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni)</td></tr>
<tr><td colspan="2">2. Pajjiżi u portijiet tat-tluq li għalihom tirreferi din l-awtorizzazzjoni u l-isem/l-ismijiet tar-rappreżentant(i) tal-kumpanija tat-tbaħħir.</td></tr>
<tr><td colspan="2">3. Pajjiżi u portijiet tad-destinazzjoni li għalihom tirreferi din l-awtorizzazzjoni, u l-isem/l-ismijiet tar-rappreżentant(i) tal-kumpanija tat-tbaħħir.</td></tr>
<tr><td colspan="2">4. Informazzjoni oħra</td></tr>
</table>

5. Awtorità tal-Ħruġ Timbru Isem: Data: Indirizz: Pajjiż: (Firma)

II.8.2.B Anness B - Lista tal-awtoritajiet kompetenti għall-konsultazzjoni

Għall-aħħar verżjoni ta' din il-lista, jekk jogħġbok ikklikkja fuq waħda mil-links li ġejjin:

EUROPA:

https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-procedures/what-is-customs-transit/common-union-transit_en

II.8.3 Prova tal-istatus doganali ta' vetturi tat-triq bil-mutur tal-Unjoni

Sabiex jiġi ddeterminat l-istatus doganali tal-vetturi tat-triq bil-mutur fit-territorju doganali tal-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu rrispettati r-regoli li ġejjin.

1. Ir-regoli dwar il-ġarr tal-merkanzija minn punt għal punt ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni jiġu applikati ugwalment għall-moviment ta' trasport tat-triq bil-mutur, ta' opri tal-baħar għar-rikreazzjoni u ta' inġenji tal-ajru privati.

2. It-terminu moviment ma jkoprix biss l-użu tal-vettura meta jsir trasport fit-territorju doganali tal-Unjoni iżda wkoll, bħal kull merkanzija oħra tal-Unjoni, it-trasferiment tas-sjieda (konsenja/akkwiżizzjoni) u bidla fir-residenza li tinvolvi r-rilokazzjoni tal-vettura mingħajr bidla tas-sjieda.

3. L-Artikolu 153 KDU jiddikjara li "[l-]merkanzija kollha fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha tkun meqjusa bħala merkanzija li għandha status doganali tal-Unjoni, sakemm ma jkunx stabbilit li mhijiex merkanzija tal-Unjoni." Din il-preżunzjoni tapplika wkoll għaċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi.

4. Għalhekk, meta l-vetturi jiġu importati minn pajjiż terz u jkunu daħlu f'ċirkolazzjoni libera mingħajr reġistrazzjoni fi Stat Membru jistgħu jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor bħala merkanzija tal-Unjoni peress li tkun ġiet issodisfata l-preżunzjoni bażika tal-Artikolu 153 tal-KDU. Għal skopijiet ta' reġistrazzjoni, dawn il-vetturi jridu jiġu ttrattati eżattament bl-istess mod bħal vetturi manifatturati fl-Unjoni.

5. F'ċirkostanzi bħal dawn, ir-reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda ma tistax tkun dipendenti fuq prova tal-istatus doganali tal-vettura tal-Unjoni.

6. F'każijiet ta' dubju ġenwin, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni taħt assistenza reċiproka. Madankollu, talbiet bħal dawn ma għandhomx isiru fuq bażi ta' rutina.

7. Konsegwentement, il-vetturi tal-Unjoni jridu jkunu kapaċi jiċċaqilqu ġewwa t-territorju doganali tal-Unjoni taħt l-istess kundizzjonijiet bħal merkanzija oħra tal-Unjoni. Ma huwa previst l-ebda intervent mill-uffiċċju doganali.

8. Dawn ir-regoli ma jaffettwawx id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-qasam fiskali notevolment b'rabta mar-rekwiżit li s-sid ikun irreġistrat fil-pajjiż tar-residenza tiegħu.

9. Mingħajr impatt fuq ir-regoli ta' hawn fuq, kwalunkwe vettura tat-triq bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru titqies li għandha status tal-Unjoni bil-kundizzjoni li:

   (a) id-dokument ta' reġistrazzjoni tagħha jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih tiġi introdotta l-vettura;

   (b) ir-reġistrazzjoni tal-vettura kif muri bid-dokument kif ukoll mill-pjanċa tar-reġistrazzjoni tkun tikkorrispondi eżattament mad-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt, skont il-pajjiż tar-reġistrazzjoni.

Fin-nuqqas ta' dan, il-prova ta' status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 199 IA.

10. Prova ta' status doganali ta' vetturi tat-triq bil-mutur tal-Unjoni permezz ta' referenza għan-numru tar-reġistrazzjoni (l-Artikolu 208 IA):

L-Awstrija:

Fl-Awstrija, is-sistema ta' numerazzjoni tikkonsisti f'"sinjal distintiv" u f'"sinjal riżervat".

Is-sinjal distintiv jikkonsisti f'ittra waħda jew f'żewġ ittri u jidentifika d-distrett amministrattiv (distrett politiku), il-belt statutorja, il-gvern tal-Istat jew l-awtoritajiet federali; il-prefiss jikkonsisti f'taħlita ta' numri u ta' ittri.

Il-pjanċi tar-reġistrazzjoni juru kitba bl-iswed fuq sfond abjad kif ukoll strixxi dojoq fit-tarf ħomor-bojod-ħomor fin-naħa ta' fuq u ta' isfel. Il-pjanċi tal-liċenzja jridu jikkonsistu f'ittri Latini u f'numri Għarab. Minn Novembru 2002, il-pjanċi tar-reġistrazzjoni fuq in-naħa tax-xellug għandhom biċċa blu b'"A" bajda taħt il-girlanda tal-istilel tal-UE.

L-ittri u s-simboli ta' identifikazzjoni huma sseparati b'emblema. Fil-każ ta' pjanċi normali, hija l-istemma araldika tal-istat federali rispettiv u taħt l-isem tal-istat federali b'ittri kapitali suwed.

Pjanċi tar-reġistrazzjoni — l-aktar f'format mimdud rettangolari b'kantunieri fit-tond — għandhom id-dimensjonijiet li ġejjin (wisa' × għoli):

- Linja waħda: 520 × 120 mm, għoli tal-karattri 67 mm
- Żewġ linji: 300 × 200 mm, għoli tat-tipa ta' 67 mm

Illustrazzjonijiet ta' eżempju:

Il-Belġju:

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fil-Belġju huma kkunsidrati li għandhom status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni minbarra fix-xenarji ppreżentati hawn taħt.

1. Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, kif muri hawn taħt, ikollu l-abbrevjazzjoni T1, li:

a. meta jkun inħareġ qabel is-16 ta' Novembru 2010, tkun ippreżentata fuq in-naħa ta' wara tal-paġna tat-titolu, fuq in-naħa tax-xellug fit-taqsima ddedikata għad-dħul temporanju;



b. meta jkun inħareġ mis-16 ta' Novembru 2010, tkun ippreżentata fuq quddiem tal-Parti 1, fit-tabella dwar id-dħul temporanju fir-rokna ta' isfel fuq ix-xellug.



2. Jekk il-vettura jkollha pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' "negozjant", **ma jistax** ikollha l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni. F'dan il-każ, l-awtorizzazzjoni għad-dħul temporanju trid tkun fil-vettura. Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkollu, minflok il-karatteristiċi tal-vettura, in-numru tar-reġistrazzjoni, id-data tal-validità, it-tip ta' "pjanċa tan-negozjant", in-numru tar-Reġistru Nazzjonali jew in-numru tal-kumpanija u ċ-ċilindrata massima jew il-potenza massima mitluba mid-detentur.

Il-pjanċi tar-reġistrazzjoni kkonċernati jkollhom numru ta' indiċi, grupp ta' tliet ittri u grupp ta' tliet ċifri fil-kombinazzjonijiet li ġejjin:

- *– "pjanċi tan-negozjant" għall-karozzi: 1 - Z + 2 ittri oħrajn + 3 ċifri;*
- *– "pjanċi tan-negozjant" għall-muturi: 1 - ZM jew 1 – ZW + ittra oħra + 3 ċifri (id-dimensjonijiet ivarjaw minn pjanċi oħrajn; l-indiċi u l-ittri fuq, iċ-ċifri taħt);*
- *– "pjanċi tan-negozjant" għall-mopeds: 1 - SZ + ittra oħra + 3 ċifri (id-dimensjonijiet ivarjaw minn pjanċi oħrajn; l-indiċi u l-ittri fuq, iċ-ċifri taħt);*
- *– "pjanċi tan-negozjant" għall-karrijiet: 1 - ZQ jew 1 - ZU + ittra oħra + 3 ċifri.*

Iċ-ċifri u l-ittri huma ħodor fuq sfond abjad. Trid titwaħħal ukoll stiker li teħel weħidha f'post speċifikament dežinjat li tindika s-sena.

3. Jekk il-vettura jkollha pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' "test", **ma jistax** ikollha l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni. F'dan il-każ, l-awtorizzazzjoni għad-dħul temporanju trid tkun fil-vettura. Madankollu, dawn il-vetturi ma humiex permessi jiċċirkolaw barra mit-territorju Belġjan. Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkollu, minflok il-karatteristiċi tal-vettura, in-numru tar-reġistrazzjoni, id-data tal-validità, it-tip ta' "pjanċi tan-negozjant" u n-numru tar-Reġistru Nazzjonali jew in-numru tal-kumpanija.

   Il-pjanċi tar-reġistrazzjoni kkonċernati jkollhom numru ta' indiċi, grupp ta' tliet ittri u grupp ta' tliet ċifri (żewġ ċifri għall-mopeds) fil-kombinazzjonijiet li ġejjin:

   - *għall-karozzi: 1 - ZZ + ittra oħra + 3 ċifri;*
   - *għall-muturi: 1 - ZZM jew 1 - ZZW + 3 ċifri (id-dimensjonijiet ivarjaw minn pjanċi oħrajn; ittri fuq, ċifri taħt);*
   - *għall-mopeds: 1 - SZZ + 2 ċifri (id-dimensjonijiet ivarjaw minn pjanċi oħrajn; ittri fuq, ċifri taħt);*
   - *għall-karrijiet: 1 - ZZQ jew 1 - ZZU + 3 ċifri.*

   Iċ-ċifri u l-ittri huma ħodor fuq sfond abjad. Trid titwaħħal ukoll stiker li teħel weħidha f'post speċifikament dežinjat li tindika s-sena.

Il-Bulgarija

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fil-Bulgarija huma kkunsidrati li għandhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk ikollhom pjanċa rettangolari b'reġistrazzjoni li tikkonsisti f'kombinazzjoni ta' ittri u ta' ċifri bl-iswed fuq sfond abjad li jirrifletti bi strixxa blu fuq in-naħa tax-xellug.

L-istrixxa l-blu tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni jkollha l-bandiera tal-Bulgarija u l-ittri bojod BG.

Ir-reġistrazzjoni hija kombinazzjoni ta' tliet gruppi (eż. C 5027 AB).

- L-ewwel grupp huwa magħmul minn ittri u jikkorrispondi għad-dipartiment territorjali.
- It-tieni grupp huwa magħmul minn erba' numri Għarab.
- It-tielet grupp huwa serje (ittra jew tnejn).

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fil-Bulgarija ma humiex ikkunsidrati li għandhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk:

- ikollhom pjanċa rettangolari b'reġistrazzjoni li tikkonsisti f'taħlita ta' sitt ċifri separati fin-nofs bl-ittra "B" bl-iswed fuq sfond abjad u s-sena tal-validità tkun immarkata fuq sfond aħmar fuq il-lemin.
- ikollhom pjanċa rettangolari b'reġistrazzjoni li tikkonsisti f'kombinazzjoni ta' sitt ċifri separati fin-nofs bl-ittra "T" jew "H" bl-iswed fuq sfond abjad.
- ikollhom pjanċa rettangolari b'reġistrazzjoni li tikkonsisti f'kombinazzjoni tal-ittri "C", "CC" jew "CT" u b'ċifri bl-abjad fuq sfond aħmar; jew
- ikollhom pjanċa rettangolari b'reġistrazzjoni li tikkonsisti f'kombinazzjoni tal-ittri "XX" b'ċifri bl-abjad fuq sfond blu.

Vetturi bil-mutur bi pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' dan it-tip jista' jkollhom jew ma jkollhomx status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

L-istatus tagħhom jista' jiġi vverifikat biss billi tiġi kkonsultata d-dokumentazzjoni rilevanti.

Il-Kroazja

1. Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fil-Kroazja huma kkunsidrati li għandhom status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni meta jkollhom il-pjanċi tal-liċenzja rispettivi.

Il-pjanċi tal-liċenzja għall-vetturi huma magħmulin mill-metall, miksija b'fojl li jirrifletti, li jidentifikaw id-distrett amministrattiv, u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura jintwera b'ittri suwed fuq sfond abjad. L-istemma araldika Kroata tinsab fl-ispazju bejn l-indikazzjoni tad-distrett amministrattiv u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Eċċezzjonalment, il-pjanċi tal-liċenzja tal-*vetturi li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stipulati* li jikkonċernaw il-qisien (tul, wisa', għoli) jiġifieri li l-piż massimu permess tagħhom jaqbeż dak stabbilit, jiġifieri l-piż tal-fus permess, ikollhom ittri u numri bl-aħmar.

Pjanċi tal-liċenzja għall-vetturi li huma proprjetà ta' ċittadini barranin li jingħataw residenza temporanja jew permanenti (vetturi rreġistrati temporanjament, vetturi ta' kummerċ barrani, it-traffiku, uffiċċji kulturali u rappreżentattivi oħrajn, l-uffiċċji korrispondenti barranin u l-korrispondenti barranin permanenti) ikollhom ittri u numri bl-aħdar.

2. Il-pjanċi tal-liċenzja għall-*vetturi li jappartjenu għall-aġenziji diplomatiċi u konsulari, għall-missjonijiet ta' pajjiżi barranin u għall-aġenziji ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u għall-persunal tagħhom* fil-Kroazja huma blu u għandhom ittri u numri sofor. Juru wkoll kodiċi numeriku tal-pajjiż li tappartjeni għalih l-aġenzija, u l-ittra li tikkorrispondi għall-attività tal-aġenzija, jiġifieri l-istatus tal-persuna rispettiva fl-aġenzija u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Ċipru

Id-Dipartiment tat-Trasport bit-Triq ta' Ċipru ilu kompjuterizzat minn Jannar 1997. Iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni maħruġin minn dak iż-żmien 'l hawn ġew stampati bil-kompjuters.

a. Vetturi rreġistrati b'mod permanenti f'Ċipru

Il-vetturi kollha rreġistrati b'mod permanenti f'Ċipru għandhom numru tar-reġistrazzjoni li jikkombina karattru Latin wieħed jew żewġ jew tliet karattri latini u numru tas-serje minn 1 sa 999. Kull vettura għandha żewġ pjanċi tar-reġistrazzjoni, waħda fuq quddiem bi sfond abjad li jirrifletti u waħda fuq wara bi sfond isfar jew abjad li jirrifletti, it-tnejn b'ittri u b'numri suwed.

Sabiex jiġi determinat l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni għall-maġġoranza tal-vetturi, li jkollhom numri tar-reġistrazzjoni bħal LLNNN (eż. YW764) jew LLLNNN (eż. EAY857), inti trid tiċċekkja d-dettalji korrispondenti li jidhru fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni kif spjegat fit-Tabella A.

b. Vetturi rreġistrati għad-diplomatiċi (CD jew AT)

Il-vetturi rreġistrati għad-diplomatiċi għandhom żewġ numri tar-reġistrazzjoni miktubin fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni. L-ewwel numru jiddenota r-reġistrazzjoni permanenti. It-tieni numru jindika li l-vettura tappartjeni għall-korp diplomatiku.

In-numru ta' reġistrazzjoni għall-vetturi diplomatiċi jikkonsisti f'kombinazzjoni ta' żewġ numri li jindikaw il-kodiċi tal-ambaxxata jew tal-kummissjoni segwiti mill-ittri "CD" jew "AT" u n-numru tal-vettura fl-ambaxxata jew kummissjoni partikolari.

Dawn il-vetturi jiċċirkolaw bin-numru tar-reġistrazzjoni diplomatiku tagħhom għall-perjodu li għandhom status diplomatiku. Meta l-istatus diplomatiku ma jibqax jeżisti, huma jużaw in-numru tar-reġistrazzjoni permanenti. L-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni ta' dawn il-vetturi jista' jiġi vverifikat permezz ta' konsultazzjoni tad-dokumentazzjoni tagħhom.

Tabella A

	Informazzjoni (dettalji tat-tassazzjoni) (Bl-Ingliż u bil-Grieg kif miktuba fuq iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni)	Forma possibbli ta' informazzjoni bit-traduzzjoni bl-Ingliż miktuba b'ittri żgħar
1	Dazju doganali Τελωνειακός Δασμός	Mingħajr dazju, Dazju parzjalment imħallas, Dazju mħallas

		ΠΛΗΡΗΣ ΑΠΑΛΛΑΓΗ, ΜΕΡΙΚΗ ΑΠΑΛΛΑΓΗ, ΚΑΤΑΒΛΗΘΗΚΕ
2	R.C Doganali (Kodiċi ta' Eżenzjonijiet Doganali) K.E Δασμών (Κωδικός Εξαίρεσης Δασμών)	01.01, 01.18, 01.19, 07.02, 07.03, 07.05, 07.06, 07.07, 11(4)α, 11(4)β, 11(4)γ

Ir-Repubblika Ċeka

1. Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fir-Repubblika Ċeka jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk ir-reġistrazzjoni tagħhom tkun f'waħda mis-serje speċjali ta' hawn taħt.

   - Pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda li jkollha iskrizzjoni li tikkonsisti f'tal-anqas ħames sa seba' ċifri (tal-anqas ittra waħda u numru wieħed) bl-iswed eż.: 1K3 2246. L-ewwel ittra tikkorrispondi għad-dipartiment territorjali. **Pjanċa tar-reġistrazzjoni "fuq talba" li tikkonsisti f'ħames, f'seba' jew fi tmien ċifri (tal-anqas ittra waħda u numru wieħed) fuq sfond iswed fuq abjad. Il-vetturi tal-armata għandhom pjanċi tar-reġistrazzjoni li jikkonsistu f'seba' numri Għarab (mingħajr ittri) fuq sfond abjad.** Vetturi bil-mutur speċjali u tratturi agrikoli u forestali għandhom sfond isfar rettangolari fuq il-pjanċa tar-reġistrazzjoni.

     Vetturi tat-triq bil-mutur huma fiċ-ċirkolazzjoni bi pjanċi tar-reġistrazzjoni bojod li jappartjenu għal serje preċedenti li kkombinat żewġ ittri jew tlieta u erba' numri bl-iswed separati f'pari permezz ta' sing (eż. CHA 63-46). Trakkijiet, xarabanks, karrijiet li jappartjenu għal serje preċedenti għandhom sfond isfar rettangolari fuq il-pjanċa tar-reġistrazzjoni.

   - Pjanċa tan-numru bajda rettangolari b'ċifri suwed reġistrati għal skopijiet ta' esportazzjoni li jkollhom kamp aħmar bid-data ta' skadenza.
   - **Pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda speċjali b'ċifri suwed li tikkonsisti fl-ittri "EL" segwiti minn tliet, minn erba' jew minn ħames ċifri (vetturi elettriċi).**
   - **Pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda speċjali b'ċifri ħodor li tikkonsisti f'żewġ numri Għarab, segwiti mill-ittra "V" u minn żewġ, minn tliet jew minn erba' numri Għarab (vetturi storiċi).**
   - **Pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda speċjali b'ċifri ħodor li tikkonsisti f'żewġ numri Għarab, segwiti mill-ittra "R" u minn tliet jew minn erba' numri Għarab (karozzi u muturi tat-tiġrija).**
   - Pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda speċjali b'ċifri ħodor irreġistrata għall-manipulazzjoni permanenti li tikkonsisti f'tal-anqas ħames sa seba' ċifri bl-ewwel ittra li tikkorrispondi għad-dipartiment territorjali segwita minn numri Għarab.
   - Pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda speċjali b'ċifri ħodor irreġistrata għal skopijiet ta' testijiet li jikkonsistu f'ħames ċifri bl-ittra "F" segwita minn numri Għarab.

2. Il-vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fir-Repubblika Ċeka ma jiġux ikkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk ikollhom pjanċa tar-

reġistrazzjoni rettangolari **bajda** li jkollha **tliet numri Għarab segwiti mill-ittri "CD" jew "XX" jew "XS" jew "HC" u minn żewġ numri Għarab bil-blu** (korp diplomatiku jew missjoni barranija) sakemm l-istatus tal-Unjoni ma jiġix ivverifikat billi tiġi kkonsultata d-dokumentazzjoni tagħhom.

Id-Danimarka

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fid-Danimarka jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk il-kaxxa ta' isfel taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jkun fiha l-entrata li ġejja: "IKKE TOLDDOKUMENT VED OMREGISTRERING" (traduzzjoni: ma għandu bżonn jiġi prodott l-ebda dokument doganali fil-każ ta' bidla tas-sjieda).

L-Estonja

Il-vetturi tat-triq bil-mutur huma rreġistrati fl-Estonja fuq il-bażi tar-regolament għall-vetturi tat-triq bil-mutur. Il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' vetturi tat-triq bil-mutur hija kombinament ta' tliet ittri u ta' tliet numri. Minn Mejju 2004, ix-xellug tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ġie mmarkat b'"EST".

Il-Finlandja

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fil-Finlandja jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni sakemm ma jkunux irreġistrati temporanjament għal skopijiet ta' esportazzjoni (reġistrazzjoni ta' esportazzjoni), f'liema każijiet dawn ikollhom pjanċa tar-reġistrazzjoni li jkun fiha ittra waħda u mhux aktar minn erba' ċifri suwed fuq abjad li jirrifletti. Barra minn hekk, ix-xahar u s-sena meta tiskadi r-reġistrazzjoni jintwerew fuq it-tarf tal-lemin ta' dawn il-pjanċi, bl-abjad fuq aħmar riflettiv għas-sena.

Barra minn hekk, il-vetturi bil-mutur jiġu kkunsidrati li ma jkollhomx l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk dawn ikollhom:

1. pjanċa tat-trasport li jkollha ittra waħda u mhux aktar minn erba' ċifri bl-aħmar fuq abjad li jirrifletti;
2. pjanċa tat-test li jkollha, bl-iswed, il-kelma "KOE" (test) allinjata b'mod vertikali, b'ittra waħda u mhux aktar minn tliet ċifri fuq isfar li jirrifletti.

Franza

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fi Franza jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni sakemm ma jkunux irreġistrati f'waħda mis-serje speċjali li ġejjin:

- CMD, CD, C, K (status diplomatiku jew simili)
- TT (residenza temporanja)
- IT (residenza temporanja)
- WW (garaxx).

Il-Ġermanja

Il-prova tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Unjoni għar-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur fil-Ġermanja (vetturi tat-triq bil-mutur u l-karrijiet tagħhom) **tiġi kkunsidrata bħala valida**, jekk ikun inħareġ ċertifikat tar-reġistrazzjoni Ġermaniż u jekk il-vettura tkun iġġorr il-pjanċa tal-liċenzja tar-reġistrazzjoni rettangolari, li tikkonsisti f'**kombinazzjoni distintiva ta' ittri** għad-distrett amministrattiv (sa tliet ittri) u f'**numru għar-rikonoxximent** (li jikkonsisti fi grupp ta' ittri u ta' numri). **(Ara l-eżempju 1).**

Wara n-**numru ta' identifikazzjoni** tal-vettura, dawn il-pjanċi tal-liċenzja tar-reġistrazzjoni jistgħu jġorru wkoll l-ittra għall-identifikazzjoni "H"("Pjanċa tal-liċenzja tar-reġistrazzjoni għall-antiki" għall-vetturi storiċi — **ara l-eżempju 2**) jew jistgħu jindikaw perjodu speċifiku għas-sewqan tal-karozza fi staġun speċifiku ("Pjanċa tal-liċenzja tar-reġistrazzjoni għal staġun" — **ara l-eżempju 3**).

Il-prova tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Unjoni **tiġi kkunsidrata bħala mhux valida** għall-vetturi, jekk il-pjanċa tal-liċenzja tar-reġistrazzjoni:

- ikollha biss in-numru "0" fir-rigward ta' kombinament distintiv ta' ittri għad-distrett amministrattiv (pjanċa speċjali tal-liċenzja tar-reġistrazzjoni għall-korp diplomatiku u għal organizzazzjonijiet internazzjonali privileġġati);
- ikollha biss numri għan-numru ta' identifikazzjoni li jkun segwit minn ittra ta' identifikazzjoni, eż. "A" u minn data ta' skadenza, indikata fi sfond aħmar;
- tkun għall-esportazzjoni (– **ara l-eżempju 4**);

- tkun valida għal perjodu ta' żmien qasir (pjanċa tar-reġistrazzjoni għal żmien qasir): in-numru ta' identifikazzjoni tagħha jkun jikkonsisti biss f'numri u jkun fih data ta' skadenza, indikata fuq sfond isfar;
- tintuża speċifikament għal karozza li tkun qed tittieħed għal proċedura ta' ttestjar, għal sewqan ta' prova, jew għal sewqan ta' trasferiment (– **ara l-eżempju 5)**;
- ikollha ittri ħomor minflok suwed

- In-numri tar-reġistrazzjoni jistgħu jikkonsistu f'linja waħda jew f'żewġ linji.

Eżempju 1

Kombinament distintiva ta' ittri għan-numru tad-distrett amministrattiv għar-rikonoxximent



Eżempju 2 ("Pjanċa tal-liċenzja tar-reġistrazzjoni għall-antiki" għall-vetturi storiċi)



Eżempju 3 ("Pjanċa tal-liċenzja tar-reġistrazzjoni għal staġun")



Eżempju 4 (“Pjanċa tal-liċenzja tar-reġistrazzjoni għall-esportazzjoni”)



Eżempju 5 (Pjanċa tal-liċenzja tar-reġistrazzjoni użata meta karozza tittieħed għal proċedura ta’ ttestjar, għal sewqan ta’ prova, jew għal sewqan ta’ trasferiment)



Il-Greċja

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fil-Greċja jiġu kkunsidrati li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-Artikoli 9 u 10 tat-Trattat KEE fil-Greċja jekk ikollhom pjanċa rettangolari bajda b’reġistrazzjoni li tikkombina tliet ittri u erba’ ċifri (eż. BAK 7876) jew f’sitt ċifri biss (eż. 237.568 — il-pjanċa ta’ qabel tkun għadha valida) u d-dokument tar-reġistrazzjoni tagħhom tkun forma T-01-19.

Ma jkunux ikkunsidrati li jkollhom status doganali ta’ merkanzija tal-Unjoni jekk ikollhom pjanċa rettangolari li jkun fiha:

(a) l-ittri CD jew ΔΣ (korpi diplomatiċi) qabel in-numru (pjanċa ħadra);
(b) l-ittri Ξ A (missjoni barranija) qabel in-numru (pjanċa safra);
(c) l-ittri EX (dħul temporanju) qabel in-numru (pjanċa safra).

L-Ungerija

Vetturi bil-mutur irreġistrati fl-Ungerija jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni meta ma jkunux ġew irreġistrati f'waħda mis-serje speċjali li ġejjin:

- V (residenza temporanja);
- E (proviżorja).

L-Irlanda

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fl-Irlanda jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni biss jekk ikunu rreġistrati f'serje minbarra s-serje ZZ (sistema ta' reġistrazzjoni temporanja, li tikkonsisti fl-ittri ZZ segwiti minn numru uniku b'ħames ċifri) u l-karta tar-reġistrazzjoni ma jkollha ebda approvazzjoni speċjali marbuta mad-dwana (eż. ikollha referenza għall-Kummissarji għall-Introjtu). Din l-approvazzjoni tkun ivvalidata b'timbru doganali.

L-Italja

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fl-Italja jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni sakemm:

1. huma rreġistrati f'waħda mis-serje speċjali li ġejjin:

   - E E (Escursionisti Esteri)
   - CD (Corpo diplomatico)

2. il-pjanċa tar-reġistrazzjoni jkollha l-kelma "PROVA";

3. il-pjanċa tar-reġistrazzjoni jkollha l-indikazzjoni "SO" u wkoll jekk id-dokument tar-reġistrazzjoni (libretto di circolazione) jkollu l-istqarrija li ġejja:

   "veicolo soggetto a formalità doganali nel caso di transferimento diproprieta o di transferimento di residenza del proprietario dal territorio di Livigno ad altro comune. Produrre documento doganale al p.r.a. di Sondrio."

Il-Latvja

Vetturi bil-mutur irreġistrati fil-Latvja jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni meta jkollhom pjanċa rettangolari bajda b'reġistrazzjoni li (normalment) tikkombina żewġ ittri suwed u bejn ċifra waħda u erba' ċifri suwed (eż. EP-6037), iżda li tista' tkun ukoll tikkonsisti f'ittri jew f'ċifri biss, u jekk ikun inħareġ dokument tar-reġistrazzjoni Latvjan għall-vettura. Il-pjanċi tal-liċenzja jkollhom ukoll il-bandiera nazzjonali tal-Latvja jew il-

bandiera blu tal-KE bil-girlanda bi 12-il stilla (mill-1 ta' Mejju 2004 'il quddiem) u żewġ ittri suwed (LV) fuq il-lemin.

Il-Litwanja

Il-vetturi tat-triq bil-magna rreġistrati fil-Litwanja jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk ikun inħareġ ċertifikat tar-reġistrazzjoni u jekk il-vettura jkollha pjanċa rettangolari tal-liċenzja ta' reġistrazzjoni (dimensjonijiet: 520x110 mm jew 300x150 mm), li tkun bajda, tirrifletti d-dawl u jkollha marka ta' sikurezza ripetittiva. Hemm strixxa blu fuq it-tarf tax-xellug tagħha, u t-truf, l-ittri u n-numri huma suwed. Is-simbolu tal-UE u marka distintiva bajda li tindika "LT", għal-Litwanja, jinsabu fl-istrixxa l-blu fuq ix-xellug tal-pjanċa tal-liċenzja. L-iskrizzjonijiet tal-pjanċi tal-liċenzji tal-Litwanja u l-kompożizzjoni tagħhom huma deskritti hawn taħt.

- Tliet ittri u tliet numri għall-karozzi, żewġ ittri u tliet numri għall-karrijiet u għas-semitrejlers, tliet numri u żewġ ittri għall-muturi (dimensjonijiet: 250x150 mm, 185x210 mm jew 520x110 mm), żewġ numri u tliet ittri għall-mopeds (muturi) (dimensjonijiet: 145x120 mm jew 520x110 mm) u żewġ numri u żewġ ittri għal kwadriċikli b'saħħithom (dimensjonijiet: 250x150 mm) ara l-eżempju 1);. L-ittra "H" u ħames numri li jindikaw numru tas-serje għad-deżinjazzjoni bħala karozza storika. Dawn it-tipi ta' pjanċi tal-liċenzja ilhom disponibbli mit-3 ta' April 2018 (ara l-eżempju 2).

- Wieħed sa sitt karattri, li wieħed minnhom irid ikun numru, għal pjanċa tal-liċenzja personali (li jkollha kitba magħmula skont kif jitlob l-applikant) (ara l-eżempju 3).

- Żewġ ittri (l-ittra "E" u kwalunkwe ittra oħra mill-alfabett f'ordni axxendenti) u erba' numri li jindikaw numru tas-serje għal vettura elettrika. Dawn it-tipi ta' pjanċi tal-liċenzja ilhom disponibbli mill-1 ta' Lulju 2016 (ara l-eżempju 4).

- L-ittra "T" u ħames numri għat-taxi. Dawn it-tipi ta' pjanċi tal-liċenzja ilhom disponibbli mit-3 ta' April 2018 (ara l-eżempju 5).

Eżempju 1

Għall-karozzi



Għall-karrijiet jew għas-semitrejlers

Għall-muturi



Eżempju 2



Eżempju 3





Eżempju 4



Eżempju 5



Il-vetturi tat-triq bil-magna rreġistrati fil-Litwanja ma jiġux ikkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk il-vettura jkollha t-tipi ta' pjanċi tal-liċenzja tan-numru tar-reġistrazzjoni li ġejjin.

- Il-pjanċa tal-liċenzja tan-numru tar-reġistrazzjoni rettangolari **diplomatika** għal missjonijiet barranin u għal organizzazzjonijiet internazzjonali.

  Is-superfiċe ta' din il-pjanċa tal-liċenzja hija ħadra, tirrifletti d-dawl u għandha marka tas-sikurezza ripetittiva. It-truf, l-ittri u n-numri huma bojod. L-iskrizzjonijiet ta' dawn it-tipi ta' pjanċi tal-liċenzja huma magħmulin minn sitt numri. L-ewwel żewġ numri jindikaw kodiċi tal-missjoni barranija mogħtija mid-Dipartiment tal-Protokoll tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin skont l-ordni ta' akkreditazzjoni tal-missjoni barranija fil-Litwanja. It-tielet numru jindika l-kategorija tal-vettura (l-istatus tal-persuna li teżerċita s-sjieda tal-vettura). L-aħħar tliet numri jindikaw numru tas-serje maħruġ għall-pjanċi tal-liċenzja. Dawn it-tipi ta' pjanċi tal-liċenzja ilhom disponibbli mill-11 ta' Ottubru 2004 (ara l-eżempju 6).

- Il-pjanċa **kummerċjali temporanja** rettangolari tal-liċenzja tan-numru tar-reġistrazzjoni.

  Is-superfiċe ta' din il-pjanċa tal-liċenzja hija bajda, tirrifletti d-dawl u għandha marka tas-sikurezza ripetittiva. Hemm strixxa blu fuq it-tarf tax-xellug tagħha, u t-truf, l-ittri u n-numri huma ħomor. Is-simbolu tal-UE u marka distintiva bajda li tindika "LT" għal-Litwanja jinsabu fl-istrixxa l-blu fuq ix-xellug tal-pjanċa tal-liċenzja. Jistgħu jinħarġu pjanċi temporanji tal-liċenzja tan-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura għal karozzi, għal

karrijiet u għal muturi. Il-karozzi u l-karrijiet jiġu ddeżinjati bl-ittra "P" u b'ħames numri li jindikaw numru tas-serje, filwaqt li l-muturi jiġu ddeżinjati bl-ittra "P" u b'erba' numri li jindikaw numru tas-serje. Il-pjanċi temporanji tal-liċenzja tan-numru tar-reġistrazzjoni tal-vetturi ilhom disponibbli mit-30 ta' Settembru 2004. Mit-3 ta' April 2018, dawn it-tipi ta' pjanċi tal-liċenzji nħarġu għal perjodu mhux limitat. Dawn il-pjanċi tal-liċenzja temporanji jistgħu jintużaw biss sabiex jiġu ddeżinjati l-vetturi li jkunu fil-pussess tagħhom, u jistgħu jintużaw fil-pubbliku biss fit-territorju tal-Litwanja (ara l-eżempju 7);

- Il-pjanċa **temporanja (ta' tranżitu)** rettangolari tal-liċenzja tan-numru tar-reġistrazzjoni.

  Is-superfiċe ta' din il-pjanċa tal-liċenzja hija bajda, tirrifletti d-dawl u għandha marka tas-sikurezza ripetittiva. Hemm strixxa blu fuq it-tarf tax-xellug tagħha, u t-truf, l-ittri u n-numri huma ħomor. Is-simbolu tal-UE u marka distintiva bajda li tindika "LT" għal-Litwanja jinsabu fl-istrixxa l-blu fuq ix-xellug tal-pjanċa tal-liċenzja. Dawn it-tipi ta' pjanċi tal-liċenzja jistgħu jinħarġu għall-karozzi, għall-karrijiet u għall-muturi li jiġu esportati mil-Litwanja (ara l-eżempju 8).

Vetturi bil-mutur bit-tipi ta' pjanċi tal-liċenzja msemmijin hawn fuq jista' jkollhom jew ma jkollhomx status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni. L-istatus tagħhom jista' jiġi vverifikat biss billi tiġi kkonsultata d-dokumentazzjoni rilevanti.

Eżempju 6

Għall-karozzi u għall-karrijiet:

Format 1 520x110 mm

Format 2 300x150 mm

Għall-muturi

Format 3 250x150 mm

Format 5 182x210 mm

Għall-mopeds

Format 4 145x120 mm

Eżempju 7

Għall-karozzi u għall-karrijiet:

520x110 mm

300x150 mm

Għall-muturi:

250x110 mm

Eżempju 8

Għall-karozzi u għall-karrijiet:

520x110 mm

300x150 mm

Għall-muturi

250x110 mm

Il-Lussemburgu

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fil-Lussemburgu jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni sakemm:

1. il-karta tar-reġistrazzjoni ("carte grise") ikollha:

"DOUANE — ADMISSION TEMPORAIRE
Duties when sold"

Malta

Vetturi bil-mutur irreġistrati f'Malta jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni meta jkollhom żewġ pjanċi tar-reġistrazzjoni rettangolari.

Waħda trid titwaħħal fuq quddiem u l-oħra fuq wara tal-vettura f'tali pożizzjoni li kull ittra u ċifra fuq il-pjanċa tkun wieqfa.

Il-pjanċi tar-reġistrazzjoni Maltin jikkonsistu fi tliet kombinamenti numeriċi, alfabetiċi jew alfanumeriċi.

Il-pjanċi tar-reġistrazzjoni għandhom ukoll l-emblema tal-UE bil-girlanda bi 12-il stilla u b'M taħtha. Għandhom ukoll ologramma bin-numru tas-serje tal-pjanċa taħtha.

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati f'Malta ma għandhomx jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk il-pjanċa tar-reġistrazzjoni tkun tikkonsisti f'xi waħda mill-kombinamenti li ġejjin.

CD* ***	**Diplomatiċi**
TRIAL RN ***	**Importaturi tal-karozzi bil-mutur**
DDV ***	**Mistednin diplomatiċi distinti**
PRO ***	**Protokoll**
DMS ***	**Missjonijiet diplomatiċi**
***** **X**	**Esportazzjoni minn negozjanti**
TF* ***	**Mingħajr taxxa**
GV* ***	**Vetturi tal-gvern**
**GM ** **	**Vetturi tal-ministri**

In-Netherlands

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fin-Netherlands jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni sakemm id-dokument ta' reġistrazzjoni ("kentekenbewijs") ma jkollux waħda mill-ittri u ċ-ċifri li ġejjin:

CD- xx-xx
xx-CD-xx
CDJ-xxx
BN — xx-xx
GN — xx-xx

Il-Polonja

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fil-Polonja jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk:

1. ikollhom pjanċa rettangolari b'reġistrazzjoni li tikkombina ittri u ċifri (sa seba' ċifri b'tal-anqas ittra waħda) bl-iswed fuq abjad li jirrifletti jew fuq isfar li jirrifletti (għal vetturi storiċi), bl-aħmar fuq abjad li jirrifletti (għal vetturi tat-test), bl-abjad fuq blu li jirrifletti (għal status diplomatiku jew simili), bl-abjad fuq l-iswed (għal pjanċa preċedenti li tkun għadha valida); u
2. ikun inħareġ dokument ta' reġistrazzjoni Pollakk għall-vettura kkonċernata.

Il-Portugall

1. Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fil-Portugall jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni meta jkollhom pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda li jkollha iskrizzjoni li tikkonsisti f'żewġ ittri u f'erba' numri bl-iswed, separati f'pari permezz ta' sing (eż.: AB-32-46). Id-dokument tar-reġistrazzjoni jkun fil-forma "LIVRETE 1227".

2. Madankollu, vetturi tat-triq bil-mutur li jkollhom pjanċa bajda, ukoll rettangolari, li jkollha l-ittri CD, CC jew FM, jappartjenu għal korpi diplomatiċi varji u jista' jkollhom jew ma jkollhomx l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni. L-istatus jista' jiġi vverifikat biss billi tiġi kkonsultata d-dokumentazzjoni tagħhom.

Ir-Rumanija

Fir-Rumanija hemm tliet tipi ta' reġistrazzjonijiet tal-vetturi tat-triq: permanenti, temporanji u għall-korpi diplomatiċi.

Il-vetturi tat-triq **irreġistrati b'mod permanenti** fir-Rumanija jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

Il-pjanċi tar-reġistrazzjoni permanenti jkollhom l-istruttura li ġejja: LL NN XXX, fejn LL tindika d-distrett, magħmul minn ittra jew tnejn, NN hija l-ewwel parti min-numru tal-ordni minn 01 sa 99, u XXX hija t-tieni parti tan-numru tal-ordni, magħmul minn tliet ittri minn AAA sa ZZZ.

Il-pjanċa jkollha morsa tal-aluminju u sfond abjad li jirrifletti, filwaqt li l-ittri u ċ-ċifri jkunu bl-iswed u jkunu jinsabu fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Il-vetturi tat-triq b'**reġistrazzjoni temporanja** jew li jappartjenu **għall-korp diplomatiku** ma jiġux ikkunsidrati bħala vetturi tal-Unjoni, sakemm dan ma jkunx jista' jiġi pprovat mid-dokumenti ta' akkumpanjament.

Il-pjanċi għar-reġistrazzjoni temporanja jiġu assenjati għall-vetturi barranin u għall-karrijiet li jibbenefikaw minn proċedura doganali ta' dħul temporanju, jew għall-vetturi maħsubin sabiex jiġu esportati.

Il-pjanċi tar-reġistrazzjoni temporanji jkollhom l-istruttura li ġejja: LL NNNNNN F, fejn LL tindika d-distrett, magħmul minn ittra jew minn żewġ ittri, NNNNNN hija n-numru tal-ordni 101 sa 999999, u F hija frazzjoni fuq sfond aħmar, li jkun fiha x-xahar u s-sena meta tiskadi r-reġistrazzjoni, kull waħda espressa b'żewġ ittri.

Il-pjanċa jkollha morsa tal-aluminju u sfond abjad li jirrifletti, filwaqt li l-ittri u ċ-ċifri jkunu bl-iswed u jkunu jinsabu fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Iċ-ċertifikat ma jkunx fih xi indikazzjoni dwar jekk il-vettura tkunx toriġina mill-UE jew minn barra.

Il-pjanċi tar-reġistrazzjoni għall-vetturi tat-triq li jappartjenu għall-missjonijiet diplomatiċi, għall-uffiċċji konsulari u għall-persunal tagħhom, kif ukoll għal organizzazzjonijiet oħrajn u għal ċittadini barranin bi status diplomatiku, li joperaw fir-Rumanija, ikollhom l-istruttura li ġejja: wieħed mill-indikaturi jkun CD, CO jew CD, u n-numru tal-ordni jkun magħmul minn żewġ settijiet ta' tliet ċifri.

Il-pjanċa jkollha sfond abjad li jirrifletti, l-ittri u ċ-ċifri jkunu blu u jkunu jinsabu fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Ir-Repubblika Slovakka

1. Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fir-Repubblika Slovakka jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk ir-reġistrazzjoni tagħhom tkun f'waħda mis-serje speċjali ta' hawn taħt.

    - Pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda li jkollha iskrizzjoni li tikkonsisti f'żewġ ittri u f'ħames ċifri (tliet numri u par ittri) bl-iswed, separati b'sing (eż.: BA-858BL). L-ewwel par ta' ittri jindika d-dipartiment territorjali. It-tieni grupp ta' ċifri wara s-sing jista' jikkonsisti f'ħames ittri, jew f'ittri fl-ewwel

erba' pożizzjonijiet u f'numru fil-ħames pożizzjoni, jew f'ittri fl-ewwel tliet pożizzjonijiet u f'numri fir-raba' u fil-ħames pożizzjonijiet.

- Vetturi tat-triq bil-mutur li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni anki bi pjanċi tar-reġistrazzjoni bojod li jappartjenu għal serje preċedenti, li jkunu ffurmati minn kombinament ta' żewġ jew ta' tliet ittri u ta' erba' numri f'pari bl-iswed, separati b'sing (eż.: BA 12-23).

- Pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda speċjali b'ċifri ħomor fuq żewġ linji. L-ewwel linja tikkonsisti f'żewġ ittri li jindikaw id-dipartiment territorjali u t-tieni linja tikkonsisti fl-ittra "M" segwita minn tliet ċifri. Tista' tiżdied ukoll ittra oħra wara l-"M". Dawn il-pjanċi jinħarġu għal vetturi ġodda, għal vetturi li jkunu għadhom kemm jinxtraw jew għal vetturi użati għal skopijiet ta' ttestjar.

- Pjanċi tar-reġistrazzjoni rettangolari sofor speċjali b'ċifri suwed fuq żewġ linji. L-ewwel linja tikkonsisti f'żewġ ittri li jindikaw id-dipartiment territorjali u t-tieni linja tikkonsisti fl-ittra "V" segwita minn tliet ċifri. Tista' tiżdied ukoll ittra oħra wara l-"V". Dawn il-pjanċi jistgħu jinħarġu għal vetturi rreġistrati għal skopijiet ta' esportazzjoni. Fuq ir-rokna tal-lemin ta' fuq ikun hemm l-ispazju għad-data ta' skadenza.

- Pjanċi tar-reġistrazzjoni rettangolari sofor speċjali b'ċifri ħomor fuq żewġ linji. L-ewwel linja tikkonsisti f'żewġ ittri li jindikaw id-dipartiment territorjali u t-tieni linja tikkonsisti fl-ittra "H" segwita minn tliet ċifri. Tista' tiżdied ukoll ittra oħra wara l-"H". Dawn il-pjanċi jistgħu jinħarġu għal vetturi storiċi.

- Pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda speċjali b'ċifri blu fuq żewġ linji. L-ewwel linja tikkonsisti f'żewġ ittri li jindikaw id-dipartiment territorjali u t-tieni linja tikkonsisti fl-ittra "S" segwita minn tliet ċifri. Tista' tiżdied ukoll ittra oħra wara s-"S". Dawn il-pjanċi jistgħu jinħarġu għal vetturi użati għal skopijiet ta' sport.

- Pjanċa tar-reġistrazzjoni rettangolari bajda speċjali b'ċifri ħodor fuq żewġ linji. L-ewwel linja tikkonsisti fl-ittra "C", possibbilment segwita b'ittra oħra u t-tieni linja tikkonsisti f'ħames ċifri. Dawn il-pjanċi jistgħu jinħarġu għal vetturi importati individwalment fir-Repubblika Slovakka li l-eliġibbiltà teknika tagħhom ma tkunx ġiet approvata, jew għal vetturi oħrajn.

2. Madankollu, vetturi tat-triq bil-mutur li jkollhom pjanċa rettangolari blu, li jkollha l-ittri "EE" jew "ZZ" segwiti minn ħames numri bl-isfar, jappartjenu għal korpi diplomatiċi varji jew għal missjonijiet barranin u jista' jkollhom jew ma jkollhomx l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni. L-istatus tal-Unjoni jista' jiġi vverifikat biss billi tiġi kkonsultata d-dokumentazzjoni tagħhom.

Is-Slovenja

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fis-Slovenja jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk ikunu mgħammrin bi pjanċa rettangolari li jkollha kodiċi tal-liċenzja (li jikkorrispondi għar-reġjuni) alfanumeriku (minn tlieta sa sitt ittri jew kombinament ta' ittri u ta' numri), u dokument tar-reġistrazzjoni tas-Slovenja li jkun inħareġ għall-vettura kkonċernata.

Spanja

1. Il-pjanċa tar-reġistrazzjoni għall-vetturi tat-triq bil-mutur tgħaqqad żewġ gruppi ta' ittri. L-ewwel wieħed jindika d-dipartiment territorjali, eż.: MA — Malaga, M — Madrid; it-tieni wieħed huwa ffurmat minn ittra waħda jew minn żewġ ittri u minn grupp ta' numri (0000 sa 9999) bejn iż-żewġ gruppi ta' ittri (eż. MA-6555-AT).

   Hemm ukoll vetturi tat-triq bil-mutur fiċ-ċirkolazzjoni bi pjanċi tar-reġistrazzjoni li jappartjenu għal serje preċedenti li jikkombinaw ittra jew żewġ ittri u sa sitt numri eż. M-636.454.

   Minn Ottubru 2002, vetturi tat-triq bil-mutur ikollhom pjanċa tar-reġistrazzjoni li tikkonsisti f'erba' numri segwiti minn tliet ittri, mingħajr indikazzjoni tad-dipartiment territorjali (eż. 4382 BRT).

   Vettura tat-triq bil-mutur irreġistrata fi Spanja skont is-serje ta' hawn fuq tiġi kkunsidrata bħala li jkollha l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

2. Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fis-Spanja ma jiġux ikkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jekk ir-reġistrazzjoni tagħhom tkun f'waħda mis-serje speċjali li ġejjin.

- "CD", "CC".
- Pjanċa tat-turisti li jkollha numru li jikkombina żewġ gruppi ta' numri (l-ewwel wieħed bejn 00 u 99; it-tieni wieħed bejn 0000 u 9999) u grupp ta' ittri (wieħed jew tnejn skont il-każ), bil-gruppi kollha sseparati b'sing, eż. 00-M-0000.
- Il-pjanċa tat-turisti jkollha strixxa ħamra vertikali twila 3 cm li jkollha l-aħħar żewġ ċifri tas-sena inkwistjoni bl-abjad (waħda fuq l-oħra) u x-xahar bin-numri Rumani (taħt in-numri Għarab). Eż. 00-M-0000 — 86VI. L-iskop ta' tali pjanċa huwa li tiġi stabbilita d-data li fiha jiskadi l-permess għall-moviment temporanju.

L-Iżvezja

Vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fl-Iżvezja jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni sakemm ma jkunux irreġistrati temporanjament għal skopijiet ta' esportazzjoni (reġistrazzjoni ta' esportazzjoni). F'dawn il-każijiet, il-pjanċi tar-reġistrazzjoni jkunu ħomor b'karattri bojod. Id-data ta' skadenza (is-sena, ix-xahar u l-jum) tar-reġistrazzjoni temporanja tintwera jew fuq in-naħa tal-lemin jew fuq in-naħa tax-xellug tal-pjanċi. Minbarra din il-pjanċa tar-reġistrazzjoni, is-sid ikollu deċiżjoni speċjali li tiddeskrivi t-tip attwali ta' reġistrazzjoni temporanja.

Vetturi tat-triq bil-mutur oħrajn irreġistrati temporanjament jiġu kkunsidrati li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq biss)

F'konformità mal-Artikolu 13, l-NIP (il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq), il-vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fl-Irlanda ta' Fuq jitqiesu li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni meta l-pjanċi tar-reġistrazzjoni jkollhom l-informazzjoni li ġejja u d-dokumenti jew iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni ma jkunux approvati bil-kliem "Customs restriction" jew "Customs concession" jew "Warning: Customs duty and tax have not been paid on this vehicle". Il-pjanċa tar-reġistrazzjoni fuq quddiem tal-vettura turi karattri suwed fuq sfond abjad. Il-pjanċa tar-reġistrazzjoni fuq wara tal-vettura turi karattri suwed fuq sfond isfar.

- **L-Irlanda ta' Fuq**

  Tliet ittri sa erba' ċifri eż. CDZ 1277.

II.8.4 Lista tal-awtoritajiet kompetenti għas-servizz regolari tat-trasport marittimu

Għall-aħħar verżjoni ta' din il-lista, jekk jogħġbok ikklikkja fuq waħda mil-links li ġejjin:

EUROPA:

https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-procedures/what-is-customs-transit/common-union-transit_en

II.8.5 Ċertifikat ta' non-manipulazzjoni għall-prodotti u għall-merkanzija tas-sajd fil-baħar

Reference to the Fishing Trip:

Vessel Information

Vessel name: Radio Callsign: Register and Page:

CERTIFICATE OF NON-MANIPULATION

The undersigned Customs Authority hereby certifies that the products of sea-fishing and/or goods obtained from the said products have remained under customs supervision throughout their stay and have undergone no handling other than that necessary for their preservation.

Products of sea-fishing (name and type):

Gross mass (kg):

Goods obtained from products of sea-fishing (kind):

Description of the goods:

Gross mass (kg):

Date of arrival of the products/goods:

Date of departure of the products/goods:

Means of transport used for reconsignment to the customs territory of the Union:

Address of the Customs Authority:

Country or territory:
Date:

Captain of the Fishing Vessel

Signature and Stamp

Customs Authority

Signature and Stamp

Certification of non-manipulation for products of sea-fishing and/or goods obtained from said products transhipped and transported through a country or territory that is not part of the customs territory of the Union (Articles 130 and 133 of Commission Delegated Regulation (EU) 2015/2446 of 28 July 2015 and Article 214 of Commission Implementing Regulation (EU) 2015/2447 of 24 November 2015).

Il-formola hija dokument estern u mhux bilfors tirrifletti l-pożizzjoni jew l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma hijiex responsabbli għall-akkuratezza tagħha jew għall-istat aġġornat jew mhux aġġornat tagħha.

II.8.6 Ċertifikat ta' non-manipulazzjoni maħruġ minn Singapore

Original

1. Name & Address of Shipping Agent/ Freight Forwarder	SINGAPORE CUSTOMS 55 Newton Road #07-01 Revenue House Singapore 307987 Tel : 6355 2000 Fax : 6337 6361 E-mail: customs_cnmcfsHQ@customs.gov.sg **CERTIFICATE OF NON-MANIPULATION** No. .....

2. Details of Consignment

Item(s) Description		Quantity/ Gross Weight	
Country of Origin of Goods		Outward Bill of Lading No./ Air Waybill No.	
Date of Discharge in Singapore		Date of Departure from Singapore	
Country of Final Destination		Outgoing Vessel/ Vehicle/ Flight No.	

3. Declaration by Shipping Agent/Freight Forwarder

I/We undertake that

a) The goods indicated, when transshipped via Singapore, will not undergo operations beyond the following:
   i. ensuring the preservation of goods in good condition for the purpose of transport or storage;
   ii. facilitating shipment or transportation; and
   iii. packaging or presenting goods for sale.

b) all information provided for above is true and correct.

Authorised Signature:

Name:

Designation:

Date: (company stamp)

4. Certification by Singapore Customs

We certify that, to the best of our knowledge, the declaration by the shipping agent/ freight forwarder is true and correct.

This Certificate is issued without any prejudice or liability whatsoever on our part arising from any circumstances.

Authorised Signature:

Name:

Designation:

Date: (stamp)

SC-A-009 (Ver 3 – 01/17)

Ċaħda ta' responsabbiltà: Din il-formola hija dokument estern u mhux bilfors tirrifletti l-pożizzjoni jew l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma hijiex responsabbli għall-akkuratezza tagħha jew għall-istat aġġornat jew mhux aġġornat tagħha.

PARTI III — GARANZIJI

III.1 Introduzzjoni

Il-Parti III tikkonċerna garanziji ta' tranżitu.

Il-Paragrafu III.1.1 fih l-introduzzjoni u r-referenzi legali fir-rigward tal-garanziji ta' tranżitu.

Il-Paragrafu III.1.2 fih id-dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-garanziji ta' tranżitu.

Il-Paragrafu III.1.3 jiddeskrivi l-garanzija individwali.

Il-Paragrafu III.1.4 jiddeskrivi l-garanzija komprensiva u l-eżoneru mill-garanzija.

Il-Paragrafu III.1.5 huwa rriżervat għal struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu III.1.6 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu III.1.7 jinkludi l-Annessi.

III.1.1 L-iskop tal-garanzija

Id-dazji doganali u imposti oħrajn applikabbli għal merkanzija jkunu temporanjament sospiżi meta din il-merkanzija tiġi rrilaxxata għal tranżitu komuni/tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li d-dazji u imposti oħrajn jitħallsu meta jiġġarrab dejn (doganali) matul l-operazzjoni ta' tranżitu, id-detentur tal-proċedura jkun meħtieġ iforni garanzija.

Il-bażijiet ġuridiċi għall-garanziji ta' tranżitu huma:

- L-Artikolu 10, il-Konvenzjoni;
- L-Artikoli 9 -13 u 74-80, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni;
- L-Anness I, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni;
- L-Annessi C1 sa C7 tal-Appendiċi III, il-Konvenzjoni;
- L-Artikoli 89-98, KDU;
- L-Artikoli 82 u 85, DA;
- L-Artikoli 148, 150-152, 154-162, IA;
- L-Annessi 32-01, 32-02, 32-03 u 32-06, IA;
- L-Anness 72-04, IA.

.

III.1.2 Il-forom ta' garanzija

L-Artikoli 11 u 55(a), l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikoli 89(5) u 92(1) KDU

Il-garanzija tista' tingħata bħala depożitu fi flus jew minn garanti. Trid tkun jew garanzija individwali li tkopri operazzjoni unika ta' tranżitu jew garanzija komprensiva li tkopri diversi operazzjonijiet. Il-garanzija individwali minn garanti tista' tkun fil-forma ta' vawċers li l-garanti joħroġ lid-detenturi tal-proċedura u fil-forma ta' impenn tal-garanti. L-użu tal-garanzija komprensiva huwa simplifikazzjoni tar-regoli standard u, għalhekk, huwa soġġett għal awtorizzazzjoni.

III.1.3 Eżoneru mill-garanzija

Artikolu 13 Appendiċi I Il-Konvenzjoni

L-Artikolu 89(7), (8) u (9) KDU

L-Artikolu 24(2) TDA

Bħala eċċezzjoni, ma għandha tingħata l-ebda garanzija fil-każijiet li ġejjin:

- eżoneru mill-garanzija bil-liġi:
  - merkanzija li tinġarr fuq ir-Renu, fuq il-passaġġi fuq l-ilma tar-Renu, fuq id-Danubju jew fuq il-passaġġi fuq l-ilma tad-Danubju;

- merkanzija li tinġarr permezz ta' installazzjoni fissa tat-trasport;
- merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bl-użu tas-simplifikazzjoni tal-ETD għat-trasport bl-ajru u bil-baħar (din tal-aħħar tikkonċerna biss il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni);
- fl-Unjoni — meta l-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni ma jaqbiżx il-valur limitu statistiku għad-dikjarazzjonijiet stabbilit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 471/2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23);
- fl-Unjoni — stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali jew korpi oħrajn irregolati bil-liġi pubblika, fir-rigward tal-attivitajiet li jimpenjaw ruħhom fihom bħala awtoritajiet pubbliċi.

Il-lista fl-Anness III.7.2 tiddefinixxi l-passaġġi fuq l-ilma tar-Renu. L-informazzjoni ġiet fornita mill-amministrazzjonijiet doganali tal-pajjiżi kkonċernati.

- eżoneru mill-garanzija b'deċiżjoni nazzjonali li tapplika biss għal pajjiżi ta' tranżitu komuni:

L-Artikolu 10(2)(a), il-Konvenzjoni

- fuq il-bażi ta' ftehim bilaterali jew multilaterali tal-Partijiet Kontraenti għal operazzjonijiet li jinvolvu biss it-territorji tagħhom;

L-Artikolu 10(2)(b), il-Konvenzjoni

- għall-parti ta' operazzjoni bejn l-uffiċċju doganali tat-tluq u l-ewwel uffiċċju doganali tat-tranżitu skont deċiżjoni tal-Parti Kontraenti kkonċernata.

III.1.4 Żona ta' validità

L-Artikolu 10(1), il-Konvenzjoni

L-Artikoli 19(2) u 21(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

B'mod ġenerali, il-garanzija trid tkun valida biss għall-Partijiet Kontraenti involuti fl-operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni. Bħala eċċezzjoni, garanziji individwali fil-forma ta' depożitu fi flus jew permezz ta' vawċers ikunu validi għall-Partijiet Kontraenti kollha.

Meta l-garanzija tkun valida biss għall-Partijiet Kontraenti involuti, hija possibbli restrizzjoni taż-żona tal-validità. Il-garanti jista' jħassar l-isem tal-Parti jew Partijiet Kontraenti jew Andorra jew San Marino fl-impenn tal-garanti. Bħala riżultat, il-garanzija tkun valida fil-Partijiet Kontraenti kollha u fl-Istati li ma jkunux ġew ingassati. Madankollu, garanzija ma tkoprix operazzjonijiet ta' tranżitu komuni lejn u minn Andorra jew San Marino peress li l-Konvenzjoni ma hijiex applikabbli.

Għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, garanzija tkun valida fl-Istati Membri kollha u f'Andorra u f'San Marino. Dment li l-UE jew Andorra jew San Marino ma jkunux ġew ingassati fl-impenn tal-garanti u d-detentur tal-proċedura josserva l-kundizzjonijiet għall-użu tal-garanzija, id-detentur tal-proċedura jkun awtorizzat jagħti garanzija aċċettata jew mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti ta' Parti Kontraenti minbarra l-UE għal operazzjoni ta' tranżitu tal-Unjoni fl-Unjoni u/jew bejn l-Unjoni u wieħed minn dawk l-Istati.

III.1.5 Tabella tal-garanzija

	Garanzija individwali			**Garanzija komprensiva**
	Depożitu fi flus	**b'impenn tal-garanti**	**b'vawċer**	
Kopertura	operazzjoni unika	operazzjoni unika	operazzjoni unika	diversi operazzjonijiet
Żona	validità mhux ristretta	restrizzjoni possibbli	validità mhux ristretta	restrizzjoni possibbli
Ammont meħtieġ bħala garanzija	100 % ta' dejn (doganali)	100 % ta' dejn (doganali)	100 % ta' dejn (doganali)	100 % 50 % 30 % 0 % tal-ammont ta' referenza
Perjodu ta' validità taċ-ċertifikati	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Massimu ta' sena wara d-data tal-ħruġ	Sentejn (estensjoni ta' sena jew ta' sentejn possibbli)

	Garanzija individwali			Garanzija komprensiva
	Depożitu fi flus	**b'impenn tal-garanti**	**b'vawċer**	
Prova li l-garanzija ġiet ippreżentata	Depożitu fi flus ipprovdut mid-detentur tal-proċedura	Impenn tal-garanti (il-mudell fl-Anness C1, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni/ l-Anness 32-01 IA)	Impenn tal-garanti (il-mudell fl-Anness C2, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni/ l-Anness 32-02 IA)	Impenn tal-garanti (il-mudell fl-Anness C4, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni/ l-Anness 32-03 IA)

III.2 Dispożizzjonijiet ġenerali

III.2.1 Ħtieġa għal garanzija

III.2.1.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 10(1), l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

Il-provvista ta' garanzija li tiżgura l-ħlas ta' kwalunkwe dejn (doganali) li jista' jirriżulta, hija kundizzjoni sabiex tinġarr merkanzija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

L-Artikolu 89(2) KDU

Il-ħlas tal-ammonti involuti jiġi żgurat meta l-ammont tal-garanzija jiġi kkalkolat f'konformità mad-dispożizzjonijiet adatti dwar il-garanzija użata.

III.2.1.2 Nuqqasijiet

L-Artikolu 30, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 89(2), 94(3) u 95 KDU

F'każijiet fejn ma tingħata l-ebda *data* dwar garanzija, id-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew, f'każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, id-dokument ta' garanzija meħtieġ ma jiġix ippreżentat fl-uffiċċju doganali tat-tluq, id-dikjarazzjoni ma tistax tiġi aċċettata.

F'każijiet li fihom l-ammont ta' garanzija jinstab li ma jkunx suffiċjenti, l-uffiċċju doganali tat-tluq ma jistax jirrilaxxa l-merkanzija għal tranżitu sakemm ma tiġix ipprovduta garanzija li tkopri l-ammont sħiħ tad-dejn (doganali) li jista' jirriżulta.

L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu wkoll jirrifjuta r-rilaxx meta, f'każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, id-dokumenti ppreżentati juru li l-garanzija ma tkunx inħarġet lid-detentur tal-

proċedura tal-operazzjoni ta' tranżitu kkonċernata.

III.2.2 Kalkolu tal-ammont tal-garanzija

III.2.2.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 10(1), l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 89(2) KDU

L-ammont ta' garanzija jrid jiġi kkalkulat b'tali mod li jkopri l-ammont sħiħ tad-dejn (doganali) li jista' jirriżulta.

III.2.2.2 Kalkolu

L-Artikoli 18 u 74, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 148 u 155 IA

B'mod ġenerali, il-garanzija għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-ogħla rati applikabbli għal dik il-merkanzija fil-pajjiż tat-tluq. Il-kalkolu għandu jinkludi d-dazji doganali kollha u imposti oħrajn, eż. dazji tas-sisa u l-VAT li jkunu applikabbli għal dik il-merkanzija li tkun qed tiġi importata. L-ogħla rati għad-dazji doganali jirriżultaw mir-rati konvenzjonali. Il-privileġġi, pereżempju, li huma soġġetti għall-għoti ta' prova fiż-żmien tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, eż. rata preferenzjali jew kwota, ma għandhomx jitqiesu.

Il-kalkolu għandu jsir fuq il-bażi tad-dazji fuq l-importazzjoni li jkunu applikabbli għall-merkanzija tal-istess tip fil-pajjiż tat-tluq fil-każ ta' rilaxx tal-merkanzija għaċ-ċirkolazzjoni libera. Merkanzija li tkun f'ċirkolazzjoni libera fil-Parti Kontraenti għandha tkun ittrattata bħala merkanzija li tiġi importata minn pajjiż terz.

Dan japplika wkoll meta merkanzija tal-Unjoni titqiegħed taħt proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni b'destinazzjoni lejn pajjiż ta' tranżitu komuni. Dik il-merkanzija tiġi preżunta li tkun merkanzija mhux tal-Unjoni sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-garanzija bl-għan li jiġi żgurat il-ħlas possibbli ta' dejn (doganali) f'Parti Kontraenti oħra minbarra l-Unjoni.

L-Artikolu 74(2), l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 155(3) IA

Il-merkanzija kkonċernata għandha tiġi kklassifikata fuq il-bażi tariffarja doganali, iżda jekk il-klassifikazzjoni ma tkunx possibbli jew xierqa, l-ammont tal-garanzija jista' jiġi vvalutat. Din il-valutazzjoni trid tiżgura li l-garanzija tkopri l-ammont sħiħ tad-dejn (doganali) li jista' jirriżulta. F'każijiet eċċezzjonali fejn tali valutazzjoni ma tkunx possibbli, l-ammont ta' garanzija jista' jiġi preżunt li jkun ta' EUR 10 000. Din l-idea bażika tapplika kemm għal garanzija komprensiva kif ukoll għal garanzija individwali.

III.2.3 Garanti

III.2.3.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 12, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 94 KDU

Il-garanti jeħtieġlu jkun terza persuna fiżika jew ġuridika.

Il-garanti u d-detentur tal-proċedura jeħtiġilhom ma jkunux l-istess persuna.

III.2.3.2 Stabbiliment u approvazzjoni

Il-garanti jeħtieġlu jkun stabbilit fil-Parti Kontraenti fejn tkun ipprovduta l-garanzija u fejn din tkun approvata mill-awtoritajiet doganali li jeħtieġu l-garanzija.

Tali approvazzjoni sseħħ skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-pajjiż ikkonċernat. Għalhekk il-liġi nazzjonali tiddetermina r-relazzjoni legali ġenerali bejn il-garanti u l-awtoritajiet kompetenti fil-qafas ġenerali tar-regoli tat-tranżitu

Fl-Unjoni l-garanti ma jeħtieġx li jkun approvat mill-awtoritajiet doganali sakemm il-garanti ma jkunx istituzzjoni ta' kreditu, istituzzjoni finanzjarja jew kumpanija tal-assigurazzjoni akkreditata fl-Unjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fis-seħħ.

L-awtoritajiet doganali jistgħu jirrifjutaw milli japprovaw lil garanti li ma jidhirx li hemm ċertezza li jiżgura l-ħlas tal-ammont tad-dejn (doganali) fil-perjodu stabbilit.

Garanti jeħtieġlu jkollu indirizz għan-notifika f'kull pajjiż li għalih tkun valida l-garanzija tiegħu jew, jekk il-liġijiet ta' pajjiż ma jagħmlu l-ebda dispożizzjoni għal indirizz bħal dak, jeħtieġlu jaħtar aġent. L-indirizz għan-notifika jipprovdi post tan-negozju, irreġistrat f'konformità mal-liġijiet tal-pajjiż inkwistjoni, li fih l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkonduċu l-formalitajiet u l-proċeduri kollha relatati mal-garanti bil-miktub f'forma legalment vinkolanti. L-aġent jeħtieġlu jkun persuna fiżika jew ġuridika maħtura mill-garanti.

Dan jiżgura li komunikazzjonijiet miktubin kif ukoll proċeduri legali li jinvolvu lil garanti jkunu jistgħu jiġu nnotifikati b'mod ivverifikat fi kwalunkwe pajjiż li fih jista' jirriżulta xi dejn (doganali) b'rabta ma' merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu.

1) Il-garanti jeħtieġlu jimpenja ruħu bil-miktub li jħallas l-ammont tad-dejn (doganali).

2) Il-garanti jimpenja ruħu li ma jibdilx l-indirizzi tiegħu għan-notifika mingħajr ma jippreżenta l-anness għall-impenn bl-indirizzi l-ġodda għan-notifika lill-uffiċċju doganali tal-garanzija.

III.2.3.3 Obbligazzjoni

L-Artikolu 117, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 94 KDU

L-Artikolu 85 DA

L-obbligazzjoni tal-garanti hija bbażata fuq l-impenn tiegħu li jiġi aċċettat mill-uffiċċju doganali tal-garanzija. Din l-obbligazzjoni tkun effettiva mid-data meta l-uffiċċju doganali tat-tluq jirrilaxxa l-merkanzija għal operazzjoni ta' tranżitu koperta minn din il-garanzija.

L-obbligazzjoni tal-garanti hija limitata għall-ammont massimu muri fl-impenn tal-garanti. Ma jistgħux isiru talbiet lil hinn minn dan l-ammont.

Meta l-proċedura komuni ta' tranżitu/l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni ma tkunx ġiet irrilaxxata, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilhom, fi żmien disa' xhur mill-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, jinnotifikaw lill-garanti li l-proċedura ma tkunx ġiet irrilaxxata.

Meta l-proċedura tkun għadha miftuħa wara dak il-perjodu ta' disa' xhur, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-tluq, fi żmien tliet snin mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-garanti li huwa jkun jew jista' jkun meħtieġ iħallas id-dejn (doganali). In-notifika tiddikjara l-MRN u d-data tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, l-isem tal-uffiċċju doganali tat-tluq, l-isem tad-detentur tal-proċedura u l-ammont involut.

Il-garanti għandu jinħeles mill-obbligi tiegħu jekk ma tkunx intbagħtitlu waħda minn dawk in-notifiki qabel l-iskadenza tat-terminu. Iżda jekk tkun intbagħtet waħda minn dawk in-notifiki, il-garanti jeħtieġlu jkun informat dwar l-irkupru tad-dejn jew ir-rilaxx tal-proċedura.

III.2.3.4 Revoka tal-approvazzjoni tal-garanti jew tal-impenn tiegħu u kanċellazzjoni tal-impenn

L-Artikolu 23, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 93 KDU

L-Artikolu 82 DA

L-uffiċċju doganali tal-garanzija jista' jirrevoka l-approvazzjoni tal-garanti jew l-impenn fi kwalunkwe ħin. L-uffiċċju doganali jeħtieġlu jinnotifika r-revoka lill-garanti u lid-detentur tal-proċedura. Ir-revoka tieħu effett fis-16-il ġurnata wara d-data li fiha l-garanti jkun irċieva d-deċiżjoni jew jitqies li jkun irċieva d-deċiżjoni dwar ir-revoka.

Dment li l-awtoritajiet doganali ma kinux jeħtieġu li l-forma ta' garanzija magħżula għandha tinżamm għal perjodu speċifiku, garanti jista' jikkanċella l-impenn fi kwalunkwe ħin. Il-garanti jeħtieġlu jinnotifika l-kanċellazzjoni lill-uffiċċju tal-garanzija doganali.

Il-kanċellazzjoni ma għandhiex taffettwa l-merkanzija li, fil-mument meta tieħu effett il-kanċellazzjoni, tkun diġà tqiegħdet u tkun għadha taħt proċedura komuni ta' tranżitu/proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni permezz tal-impenn ikkanċellat.

Il-kanċellazzjoni tal-impenn mill-garanti trid tieħu effett fis-16-il ġurnata wara d-data li fiha l-garanti jinnotifika lill-uffiċċju tal-garanzija doganali dwar il-kanċellazzjoni.

Meta l-impenn tal-garanti jiġi rrevokat jew ikkanċellat, l-uffiċċju tal-garanzija jeħtieġlu jżomm l-impenn tal-garanti għal tal-anqas disa' xhur ħlief meta d-dejn (doganali) jispiċċa jew ma jkunx jista' jerġa' jirriżulta, jew il-garanti jkun ġie nnotifikat dwar l-irkupru tad-dejn (doganali) jew ir-rilaxx tal-proċedura.

Fil-każ li l-garanti jkun ġie nnotifikat li proċedura ta' tranżitu ma tkunx ġiet irrilaxxata, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jeħtieġlu jżomm dak l-impenn fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta sakemm jitlesta l-irkupru jew ir-rilaxx jew, jekk ikun xieraq, il-garanti jiġi rrilaxxat mill-obbligazzjoni tiegħu.

L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż responsabbli għall-uffiċċju doganali relevanti tal-garanzija jeħtiġilhom jintroduċu fis-sistema elettronika informazzjoni ta' kwalunkwe revoka jew kanċellazzjoni ta' garanzija u d-data meta ssir effettiva.

III.3 Garanzija individwali

III.3.1 Depożitu ta' flus

III.3.1.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 19, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 92(1)(a) KDU

L-Artikolu 150 IA

Garanzija fil-forma ta' depożitu fi flus tista' tingħata lill-uffiċċju doganali tat-tluq f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-pajjiż tat-tluq u titħallas lura meta tiġi rrilaxxata l-proċedura.

III.3.1.2 Ħlas lura

B'mod ġenerali, l-uffiċċju doganali tat-tluq ikun responsabbli għall-ħlas lura. Dak l-uffiċċju doganali tat-tluq għandu jinforma lid-detentur tal-proċedura dwar dan il-ħlas lura meta jiġi ppreżentat id-depożitu fi flus jew mezz ekwivalenti ieħor ta' ħlas u jitolbu liema mezz jippreferi għall-ħlas lura. Jekk id-detentur tal-proċedura jiddeċiedi dwar trasferiment ta' flus, l-uffiċċju doganali tat-tluq għandu jieħu nota tad-dettalji tal-kont bankarju tad-detentur tal-proċedura u jinformah li se jġarrab il-kostijiet tat-trasferiment.

Jekk il-garanzija tkun f'forma ta' depożitu ta' flus, ma jkun pagabbli l-ebda imgħax mill-awtoritajiet doganali.

III.3.2 Garanzija individwali fil-forma ta' impenn minn garanti

L-Artikolu 20 L-Appendiċi I, Il-Konvenzjoni

L-Artikolu 92 KDU

L-Artikoli 152 u 154 IA

L-impenji mogħtija minn garanti għall-fini ta' garanzija individwali jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tal-garanzija u jiġu approvati. Iridu jkunu rreġistrati fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Garanziji (GMS) minn dak l-uffiċċju. Il-GMS hija konnessa mal-NCTS.

Għal kull impenn, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jeħtieġlu jikkomunika lid-detentur tal-proċedura l-informazzjoni li ġejja:

- numru ta' referenza tal-garanzija (GRN);
- kodiċi ta' aċċess assoċjat mal-GRN.

Id-detentur tal-proċedura ma jistax jimmodifika dak il-kodiċi ta' aċċess.

Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali, din irid ikun fiha GRN u l-kodiċi ta' aċċess korrispondenti. L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jivverifika l-eżistenza u l-validità tal-garanzija fis-sistema.

F'każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, l-impenn tal-garanti jrid jiġi ppreżentat fl-uffiċċju doganali tat-tluq. Meta l-uffiċċju doganali tal-garanzija ma jkunx l-uffiċċju doganali tat-tluq u, għalhekk, ikun żamm kopja tal-impenn tal-garanti, l-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jinforma lill-uffiċċju doganali tal-garanzija meta jkun bagħat lura l-oriġinali tal-impenn lid-detentur tal-proċedura.

Il-mudell tal-impenn huwa stabbilit fl-Anness C1, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni/l-Anness 32-01 IA. Iżda meta meħtieġ minn liġi, minn regolament jew minn dispożizzjoni amministrattiva nazzjonali, jew f'konformità ma' prattika komuni, pajjiż jista' jippermetti li l-impenn jieħu l-forma ta' mudell differenti, dment li jkollu l-istess effett legali bħall-mudell stabbilit fl-Anness C1 jew fl-Anness 32-01.

III.3.3 Garanzija individwali fil-forma ta' vawċers (TC32)

III.3.3.1 Obbligazzjoni u approvazzjoni

L-Artikolu 21, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikoli 160 u 161 IA

L-impenji mogħtija minn garanti għall-finijiet ta' garanzija individwali fil-forma ta' vawċers (TC32) jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tal-garanzija u jiġu approvati. Dawn jinżammu f'dak l-uffiċċju doganali għall-perjodu ta' validità tiegħu. Barra minn hekk, dak l-uffiċċju doganali jrid jirreġistra dawn l-impriżi u l-vawċers fil-GMS.

L-impenn ma fihx ammont massimu ta' obbligazzjoni. L-uffiċċju doganali ta' garanzija għandu jiżgura li l-garanti jkollu riżorsi finanzjarji suffiċjenti sabiex iħallas kwalunkwe dejn (doganali) li jista' jirriżulta. B'mod partikolari, l-uffiċċju doganali jista' jikkunsidra li jillimita n-numru ta' vawċers maħruġin minn garanti partikolari.

Il-mudell tal-impenn huwa stabbilit fl-Anness C2, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni/l-Anness 32-02 IA. Iżda meta meħtieġ minn liġi, minn regolament jew minn dispożizzjoni amministrattiva nazzjonali, jew f'konformità ma' prattika komuni, pajjiż jista' jippermetti li l-impenn jieħu l-forma ta' mudell differenti, dment li jkollu l-istess effett legali bħall-mudell stabbilit fl-Anness C2 jew fl-Anness 32-02.

III.3.3.2 Notifika

Kull pajjiż jeħtieġlu jinforma lill-Kummissjoni bl-ismijiet u bl-indirizzi tal-garanti li huma awtorizzati joħorġu garanziji individwali fil-forma ta' vawċers.

Il-lista ta' garanti awtorizzati tingħata fl-Anness III.7.1.

Fil-każ ta' revoka tal-awtorizzazzjoni, il-pajjiż responsabbli għall-uffiċċju doganali tal-garanzija jeħtieġlu jinnotifika lill-Kummissjoni minnufih u jagħti d-data li fiha ssir effettiva.

Il-Kummissjoni tinforma lill-pajjiżi l-oħrajn.

III.3.3.3 Vawċer (TC32)

Il-vawċers isiru minn garanti u jiġu pprovduti lil individwi li jkollhom il-ħsieb li jkunu d-detentur tal-proċedura. Il-garanti jista' jikkombina l-vawċer ma' kontromarka u, jekk ikun xieraq, ma' rċevuta.

Jekk il-firma tad-detentur tal-proċedura ma tkunx fuq il-vawċer, dan ma jaffettwax il-validità tal-vawċer u l-firma tal-garanti fuq il-vawċer ma teħtieġx li tkun saret bl-idejn.

Kull vawċer ikopri ammont ta' EUR 10 000 li l-garanti jkollu obbligazzjoni għalih. Il-perjodu ta' validità ta' vawċer huwa ta' sena mid-data tal-ħruġ.

Kull vawċer irid jiġi rreġistrat fil-GMS u, għal kull vawċer, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jeħtieġlu jikkomunika lid-detentur tal-proċedura l-informazzjoni li ġejja:

- GRN;
- kodiċi ta' aċċess assoċjat mal-GRN.

Id-detentur tal-proċedura ma jistax jimmodifika dak il-kodiċi ta' aċċess.
Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali, din irid ikun fiha GRN u kodiċi ta' aċċess ta' kull vawċer. L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jivverifika l-eżistenza u l-validità tal-garanzija fis-sistema.

Dikjarant jissottometti fl-uffiċċju doganali tat-tluq numru ta' vawċers li jikkorrispondu għall-ammont ta' EUR 10 000 sabiex ikopri l-ammont ta' dejn (doganali) li jista' jirriżulta (eż. jekk l-ammont ta' dejn (doganali) ikun ta' EUR 8 000, vawċer wieħed ikun biżżejjed, iżda jekk ikun ta' EUR 33 000, ikunu meħtieġa erba'

vawċers)

F'każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, il-vawċer jew il-vawċers iridu jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tat-tluq u jinżammu minn dak l-uffiċċju.

Il-mudell tal-vawċer jikkorrispondi għall-kampjun fl-Anness C3, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni/Anness 32-06 IA.

NEGOZJU
Fuq il-vawċer TC 32, il-garanti jdaħħal id-data sa liema l-vawċer jibqa' validu. Din ma tistax tkun aktar minn sena mid-data tal-ħruġ.

III.4 Garanzija komprensiva u eżoneru mill-garanzija

III.4.1 Dispożizzjonijiet ġenerali

III.4.1.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 55(a) l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikoli 89(5) u 95 KDU

L-Artikolu 84 DA

L-użu ta' garanzija komprensiva jew ta' garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas, inkluż eżoneru mill-garanzija, huwa simplifikazzjoni mogħtija fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni. Dan jirrikjedi li l-applikant jimla applikazzjoni u li l-awtorità kompetenti tagħti awtorizzazzjoni.

III.4.1.2 Kundizzjonijiet ġenerali

L-applikant jeħtieġlu jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 57 u 75, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni/l-Artikolu 95 KDU u l-Artikolu 84 DA (għal aktar dettalji, ara t-Taqsimiet VI.2.1. u VI.3.1.).

III.4.1.3 Kalkolu tal-ammont ta' referenza

L-Artikolu 74, L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 155 IA

L-użu tal-garanzija komprensiva jew ta' garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas, inkluż l-eżoneru mill-garanzija, jingħataw sa ammont ta' referenza. Sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Partijiet Kontraenti u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-detentur tal-proċedura, l-ammont ta' referenza jrid jiġi kkalkolat bl-akbar attenzjoni.

L-ammont ta' referenza jrid jikkorrispondi għall-ammont tad-dejn (doganali) li jista' jkollu jitħallas b'rabta ma' kull operazzjoni komuni ta' tranżitu/operazzjoni ta' tranżitu tal-Unjoni li tiġi pprovduta garanzija fir-rigward tagħha, fil-perjodu bejn it-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni u l-mument meta tiġi rilaxxata l-proċedura. Dak il-perjodu għandu jkun jirrappreżenta l-operazzjonijiet ta' tranżitu tad-detentur tal-proċedura. Il-kalkolu tal-ammont ta' referenza għandu jinkludi wkoll it-trasport ta' merkanzija matul il-perjodi l-aktar intensivi jew dik il-merkanzija li ma jiddikjarax b'mod regolari għat-tranżitu, sabiex jiġu koperti l-eżiti kollha possibbli.

Għall-fini ta' dak il-kalkolu, iridu jitqiesu l-ogħla rati ta' dejn (doganali) applikabbli għall-merkanzija tal-istess tip fil-pajjiż tal-

uffiċċju doganali tal-garanzija.

L-uffiċċju doganali tal-garanzija jeħtieġlu jistabbilixxi l-ammont ta' referenza f'kooperazzjoni mad-detentur tal-proċedura fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni fit-12-il xahar preċedenti u fuq l-istima tal-volum tal-operazzjonijiet intiżi fil-futur. Bi ftehim mal-applikant, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jista' jivvaluta l-ammont ta' referenza billi jarrotonda s-somom sabiex ikopri l-ammont meħtieġ. Meta dik l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, dak l-ammont irid jiġi stabbilit għal EUR 10 000 għal kull operazzjoni ta' tranżitu.

L-uffiċċju doganali tal-garanzija għandu jirrieżamina l-ammont ta' referenza fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew wara talba mid-detentur tal-proċedura u għandu jaġġustah, jekk dan ikun neċessarju.

III.4.1.4 L-ammont tal-garanzija

L-ammont ta' referenza tal-garanzija komprensiva jrid ikun daqs l-ammont massimu muri fl-impenn tal-garanti li jippreżenta l-applikant fl-uffiċċju doganali tal-garanzija għall-aċċettazzjoni.

III.4.1.5 Ċertifikat tal-garanzija

L-Artikolu 79, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Anness 72-04 IA

L-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom joħorġu ċertifikat (ċertifikat tal-garanzija komprensiva TC31 u ċertifikat ta' eżoneru mill-garanzija TC33) lid-detentur tal-proċedura. Sabiex ikun evitat l-użu ħażin taċ-ċertifikati u tal-garanzija, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu aktar ċertifikati biss f'każijiet ġustifikati u fin-numru ġustifikat mid-detentur tal-proċedura (pereżempju, meta d-detentur tal-proċedura jippreżenta regolarment dikjarazzjonijiet ta' tranżitu f'diversi uffiċċji doganali).

Ċertifikat tal-garanzija komprensiva u ċertifikat ta' eżoneru mill-garanzija jiġu ppreżentati biss f'każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat.

Il-mudelli taċ-ċertifikati huma stabbilit fl-Annessi C5 u C6, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni / il-Kapitolu VI u VII, l-Anness 72-04 IA).

Iċ-ċertifikati huma validi għal sentejn, iżda huwa possibbli li jiġu

estiżi għal sentejn oħrajn (l-Anness 72-04 IA, 19.3).

III.4.1.6 Obbligi tad-detentur tal-proċedura u rieżami tal-ammont ta' referenza

L-Artikolu 74(5) u (6), l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikoli 156 u 157 IA

Id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jiżgura li l-ammont li jkun pagabbli jew li jista' jsir pagabbli ma jaqbiżx l-ammont ta' referenza.

Il-monitoraġġ tal-ammont ta' referenza huwa żgurat mis-sistemi (GMS u NCTS) għal kull operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni meta l-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

Fil-każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, l-awtoritajiet kompetenti jridu jiddeskrivu l-mezz ta' monitoraġġ fl-awtorizzazzjoni. Huma jistgħu jikkunsidraw il-proposti mid-detentur tal-proċedura rigward il-mezzi ta' monitoraġġ. Fi kwalunkwe każ, il-metodu ta' monitoraġġ irid jippermetti lid-detentur tal-proċedura sabiex jiddetermina jekk l-ammont ta' referenza jkunx se jinqabeż bħala riżultat tal-operazzjoni ta' tranżitu li ssir applikazzjoni għaliha.

F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu b'mod speċifiku li d-detentur tal-proċedura jżomm rekords ta' kull dikjarazzjoni tat-tranżitu ppreżentata fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat u tal-ammont ta' dazji doganali u ta' imposti oħrajn jew ikkalkolati jew ivvalutati. B'mod partikolari, id-detentur tal-proċedura jista' jimmonitorja jekk jaqbiżx l-ammont ta' referenza billi jiddebitah bl-ammont għal kull operazzjoni ta' tranżitu meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għal tranżitu. Sussegwentement, huwa jikkredita l-ammont ta' referenza b'dak l-ammont fil-mument li jirċievi informazzjoni li l-operazzjoni ta' tranżitu tkun intemmet. Id-detentur tal-proċedura jista' jassumi li l-operazzjoni tkun intemmet fid-data meta l-merkanzija trid tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Id-detentur jeħtieġlu jemenda l-kontijiet tiegħu b'mod retrospettiv jekk jirċievi informazzjoni li l-proċedura ma tkunx ġiet irrilaxxata jew tkun spiċċat wara l-iskadenza stabbilita mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Meta d-detentur tal-proċedura jistabbilixxi li jista' jaqbeż l-ammont ta' referenza, jeħtieġlu jieħu miżuri fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u, jekk ikun neċessarju, fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' tranżitu

fil-futur.

Jekk id-detentur tal-proċedura ma jinformax lill-uffiċċju doganali tal-garanzija li l-ammont ta' referenza jkun inqabeż fi proċedura tal-kontinwità tal-operat, l-awtorizzazzjoni tista' tiġi rrevokata.

III.4.1.7 L-użu tal-garanzija komprensiva

L-Artikolu 76, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-impenji mogħtija minn garanti għall-fini ta' garanzija komprensiva jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tal-garanzija u jiġu approvati. Dak l-uffiċċju doganali jrid jirreġistra dawn l-impriżi fis-sistema tal-GMS.

L-Artikolu 154 IA

Għal kull impenn, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jeħtieġlu jikkomunika lid-detentur tal-proċedura l-informazzjoni li ġejja:

- GRN;
- kodiċi ta' aċċess assoċjat mal-GRN.

Fuq talba tad-detentur tal-proċedura, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jeħtieġlu jagħti kodiċi ta' aċċess addizzjonali wieħed jew aktar għal din il-garanzija sabiex tintuża mid-detentur jew mir-rappreżentanti tiegħu.

Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali, din irid ikun fiha GRN u l-kodiċi ta' aċċess xieraq. L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jivverifika l-eżistenza u l-validità tal-garanzija fis-sistema.

Fil-każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat għandu jiġi ppreżentat ċertifikat tal-garanzija komprensiva jew ċertifikat tar-rinunzja ta' garanzija (għal aktar dettalji, ara t-Taqsima III.4.1.5).

Il-mudell tal-impenn tal-garanti huwa stabbilit fl-Anness C4, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni/l-Anness 32-03 IA. Iżda meta meħtieġ minn liġi, minn regolament jew minn dispożizzjoni amministrattiva nazzjonali, jew f'konformità ma' prattika komuni, pajjiż jista' jippermetti li l-impenn jieħu l-forma ta' mudell differenti, dment li jkollu l-istess effett legali bħall-mudell stabbilit fl-Anness C4 jew fl-Anness 32-03.

III.4.1.8 Projbizzjoni temporanja fuq l-użu ta' garanzija komprensiva

L-Artikolu 77, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni
L-Anness I, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-użu tal-garanzija komprensiva jew tal-garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas, inkluż l-eżoneru mill-garanzija, jista' jkun ipprojbit temporanjament fil-każijiet li ġejjin:

- f'ċirkustanzi speċjali;
- għall-merkanzija li għaliha ġiet provata frodi fuq skala kbira li involviet l-użu tal-garanzija.

L-Artikolu 96 KDU

Fir-rigward tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, id-deċiżjoni dwar il-

projbizzjoni tittieħed mill-Kummissjoni Ewropea, u fir-rigward tal-proċedura komuni ta' tranżitu — mill-Kumitat Konġunt tal-UE-CTC.

Iċ-**ċirkustanzi speċjali** msemmijin aktar 'il fuq jirreferu għal sitwazzjoni li fiha jkun ġie stabbilit li l-garanzija komprensiva jew garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas, inkluż l-eżoneru mill-garanzija, ma tkunx aktar suffiċjenti sabiex tiżgura ħlas, fit-terminu mogħti, tad-dejn (doganali) li jirriżulta meta ċerta merkanzija titneħħa mill-proċedura komuni ta' tranżitu/mill-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni. F'numru sinifikanti ta' każijiet, dan involva aktar minn detentur wieħed tal-proċedura u poġġa f'riskju l-funzjonament bla xkiel tal-proċedura.

Il-**frodi fuq skala kbira** msemmi aktar 'il fuq jirreferi għal sitwazzjoni li fiha jiġi stabbilit li l-garanzija komprensiva jew il-garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas, inkluż l-eżoneru mill-garanzija, ma tkunx aktar suffiċjenti sabiex tiżgura ħlas, fit-terminu mogħti, tad-dejn (doganali) li jirriżulta meta ċerta merkanzija titneħħa mill-proċedura komuni ta' tranżitu/mill-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni. Meta sseħħ sitwazzjoni bħal din, għandu jingħata każ tal-volum tal-merkanzija mneħħija u taċ-ċirkustanzi tat-tneħħija tagħha, partikolarment jekk dawn jirriżultaw minn attivitajiet kriminali organizzati internazzjonalment.

III.4.1.8.1 Garanzija individwali b'użu multiplu – pajjiżi ta' tranżitu komuni biss

L-Anness I, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni
L-Anness A2, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni

Fil-każ ta' projbizzjoni temporanja tal-garanzija komprensiva (inkużi t-tnaqqis u l-eżoneru), id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-garanzija komprensiva jistgħu, fuq talba, jużaw garanzija individwali b'użu multiplu, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' hawn taħt.

- Il-garanzija individwali trid tkun fil-forma ta' dokument tal-garanzja speċifiku li jkopri biss it-tipi ta' merkanzija msemmija fid-deċiżjoni dwar il-projbizzjoni.
- Il-garanzija individwali tista' tintuża biss fl-uffiċċju doganali tat-tluq identifikat fid-dokument tal-garanzija.
- Il-garanzija individwali tista' tintuża sabiex tkopri diversi operazzjonijiet simultanji jew suċċessivi, dment li s-somma tal-ammonti involuti fl-operazzjonijiet attwali li għalihom tkun għadha ma ġietx irrilaxxata l-proċedura ma taqbiżx l-ammont ta' referenza tal-garanzija individwali. F'dak il-każ, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jassenja kodiċi ta' aċċess inizjali għall-garanzija lid-detentur tal-proċedura. Id-detentur

tal-proċedura jista' jassenja kodiċi ta' aċċess wieħed jew aktar għal din il-garanzija sabiex jintuża mid-detentur jew mir-rappreżentanti tiegħu.

- Kull darba li tiġi rrilaxxata l-proċedura għal operazzjoni ta' tranżitu koperta minn din il-garanzija individwali, l-ammont li jikkorrispondi għal dik l-operazzjoni jrid jiġi rrilaxxat u jista' jerġa' jintuża sabiex ikopri operazzjoni oħra sal-ammont massimu tal-garanzija.

Garanzija individwali b'użu multiplu tiġi applikata biss għall-operazzjonijiet ta' tranżitu komuni mibdija f'pajjiżi ta' tranżitu komuni fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew dawk mibdijin minn konsenjaturi awtorizzati. Ma tistax tintuża għall-operazzjonijiet ta' tranżitu tal-Unjoni mibdijin fl-UE.

Il-kodiċi "9" għandu jiġi indikat f'dikjarazzjoni tat-tranżitu bħala l-kodiċi tal-garanzija. Dan il-kodiċi ma jeżistix fil-leġiżlazzjoni tal-UE.

III.4.1.8.2 Deroga mid-deċiżjoni li tipprojbixxi temporanjament l-użu tal-garanzija komprensiva jew tal-garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas (inkluż l-eżoneru)

Minkejja d-deċiżjoni dwar il-projbizzjoni temporanja tal-użu tal-garanzija komprensiva jew tal-garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas (inkluż l-eżoneru mill-garanzija), l-użu tal-garanzija komprensiva jista' xorta waħda jiġi awtorizzat jekk id-detentur tal-proċedura jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

- jista' juri li ma jkun irriżulta l-ebda dejn (doganali) fir-rigward tal-merkanzija inkwistjoni matul l-operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni li jkun wettaq fis-sentejn ta' qabel id-deċiżjoni dwar il-projbizzjoni; jew jekk ikun irriżulta dejn (doganali) matul dak il-perjodu, jista' juri li dawk id-djun tħallsu kompletament mid-debitur/mid-debituri jew mill-garanti fit-terminu mogħti;
- juri livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u fuq il-fluss ta' merkanzija permezz ta' sistema ta' mmaniġġjar tar-rekords kummerċjali u tat-trasport, li tippermetti kontrolli doganali xierqa;
- is-solvenza finanzjarja tiegħu titqies li ġiet ipprovata billi jkollu kapaċità finanzjarja tajba, li tippermettilu jissodisfa l-impenji tiegħu, b'kunsiderazzjoni dovuta tal-karatteristiċi tat-tip ta' attività tan-negozju kkonċernat.

Dawn l-użi eċċezzjonali tal-garanzija komprensiva jikkonċernaw l-

operazzjonijiet ta' tranżitu kemm komuni kif ukoll tal-Unjoni.

F'każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, il-Kaxxa 8 taċ-Ċertifikat tal-garanzija TC31 għandha tiġi approvata bil-frażi: "UŻU MHUX RISTRETT — 99209". Il-verżjonijiet lingwistiċi differenti għal din il-frażi jinsabu fl-Anness B6, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni/l-Appendiċi D1, l-Anness 9, TDA.

III.4.1.9 Annullament u revoka tal-awtorizzazzjoni

L-Artikolu 80, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikoli 27 u 28 KDU

F'każ ta' annullament jew ta' revoka tal-awtorizzazzjoni, ċertifikati maħruġin aktar kmieni ma jistgħux jintużaw għat-tqegħid ta' merkanzija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni u jridu jingħataw lura mid-detentur tal-proċedura lill-uffiċċju doganali tal-garanzija mingħajr dewmien.

Il-pajjiż responsabbli għall-uffiċċju doganali tal-garanzija jeħtieġlu jgħaddi lill-Kummissjoni l-mezzi li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu identifikati dawk iċ-ċertifikati li jkunu għadhom validi iżda li ma jkunux għadhom ġew irritornati.

Il-Kummissjoni tinforma lill-pajjiżi l-oħrajn.

Għal aktar dettalji, ara l-Parti VI.2.3.

III.4.2 Tnaqqis tal-ammont ta' garanzija u tal-eżoneru mill-garanzija

III.4.2.1 Introduzzjoni

L-ammont massimu ta' garanzija li, bħala prinċipju, huwa ugwali għall-ammont ta' referenza, jista' jitnaqqas, dment li d-detentur tal-proċedura jkun konformi ma' ċerti kriterji ta' affidabilità. L-ammont jista' jitnaqqas għal 50 % jew għal 30 % tal-ammont ta' referenza jew jista' jingħata eżoneru mill-garanzija.

III.4.2.2 Il-kriterji ta' tnaqqis

Għal aktar dettalji, ara l-Parti VI.3.1.

III.5 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

III.6 Parti ristretta għall-użu doganali biss

III.7 Annessi

III.7.1 Lista ta' garanti awtorizzati li joħorġu vawċers ta' garanzija individwali TC32

Għall-aħħar verżjoni ta' din il-lista, jekk jogħġbok ikklikkja fuq waħda mil-links li ġejjin:

EUROPA:

https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-procedures/what-is-customs-transit/common-union-transit_en

III.7.2 Lista ta' passaġġi fuq l-ilma

Il-Belġju	(a) Il-kanal Terneuzen (b) Scheldt 'l isfel lejn Antwerp (c) Il-kanali li jgħaqqdu Seermaas jew Petit-Lanaye u Liège (d) Il-kanal ġdid Scheldt-Renu mill-port ta' Antwerp għal Krammer fin-Netherlands minn Scheldt tal-Lvant, Eendracht, Slaakdam u Prins Hendrikpolder (e) Il-kanal Albert (f) Il-kanal Willebroek
Il-Ġermanja	Il-passaġġi fuq l-ilma kollha magħqudin mar-Renu, inkluż il-"Main-Donau-Kanal", minbarra d-Danubju u l-passaġġi fuq l-ilma tad-Danubju.
Franza	(a) Il-Grand Canal d'Alsace (b) Il-Moselle bejn Apach u Neuves-Maisons (c) Il-livelli ta' Marckolsheim, ta' Rhinau, ta' Gerstheim, ta' Strasbourg u ta' Gambsheim fuq ix-xatt tax-xmara Franċiża tar-Renu bejn Kembs u Vogelgrun
Il-Lussemburgu	Il-parti tal-Moselle kanalizzata bejn ix-xatba ta' Apach-Schengen u Wasserbillig
In-Netherlands	1. Il-passaġġi fuq l-ilma tar-Renu fit-tifsira stretta tat-terminu: (a) il-konnessjoni Lobith-Amsterdam: - Renu, Waal, Amsterdam — il-kanal Renu (b) il-konnessjoni taż-żona tal-port Lobith-Rotterdam: - Renu, Waal, Merwede, Noord, Nieuwe Maas, Nieuwe Waterweg - Renu, Lek, Nieuwe Maas, Nieuwe Waterweg

	(c) il-konnessjoni Lobith-Dordrecht-Hansweert-Antwerp: ir-Renu, Waal, Merwede, Dordtse Kil jew Nieuwe Merwede, Hollands Diep, Volkerak, Krammer, Zijpe, Mastgat, Keeten, Oosterschelde (kanal Scheldt tal-Lvant), minn Zuid-Beveland, Westerschelde (Western Scheldt), Scheldt (d) il-konnessjoni Lobith-Dordrecht-Hansweert-Ghent: ir-Renu, Waal, Merwede, Dordtse Kil jew Nieuwe Merwede, Hollands Diep, Volkerak, Krammer, Zijpe, Mastgat, Keeten, Oosterschelde (Scheldt tal-Lvant), il-kanal Zuid-Beveland, Westerschelde (Scheldt tal-Punent), il-kanal Terneuzen (e) il-konnessjoni Lobith-De Kempen-Smeermaas jew St.Pieter: il-passaġġi fuq l-ilma kollha użati komunament bejn dawn il-postijiet u l-ġonot mal-passaġġi fuq l-ilma li ġejjin; ir-Renu, Waal, Juliana-kanaal, Dieze, Zuid-Willemsvaart, Wessem-Nederweert Canal. 2. Il-bastimenti li ġejjin huma kkunsidrati li jużaw il-passaġġi fuq l-ilma tar-Renu: - bastimenti li jkunu ġejjin mir-Renu fi triqithom għal Antwerp jew għal Ghent, jew - bastimenti li jkunu ġejjin minn Antwerp jew minn Ghent u jkollhom iħallu n-Netherlands mir-Renu meta jgħaddu mill-port ta' Rotterdam sabiex jittrasbordaw merkanzija fi tranżitu koperta minn manifest tar-Renu jew sabiex jiġbru l-merkanzija li jridu jħallu n-Netherlands permezz tal-passaġġi fuq l-ilma tar-Renu li jwasslu għal Antwerp jew għal Ghent permezz tar-Renu. 3. Fil-prattika, il-passaġġ fuq l-ilma li ilu jeżisti sa mill-1975 li jwassal għal Antwerp permezz tax-xatbiet ta' Kreekrak huwa wkoll meqjus bħala passaġġ fuq l-ilma tar-Renu.
L-Iżvizzera	Ir-Renu sa Basel

PARTI IV — PROĊEDURA TA' TRANŻITU STANDARD NCTS (SISTEMA ĠDIDA TA' TRANŻITU KOMPJUTERIZZATA)

Din il-parti tiddeskrivi l-proċedura ta' tranżitu standard taħt is-sistema l-ġdida ta' tranżitu kompjuterizzata (NCTS).

Nota: Il-Parti V tiddeskrivi l-proċedura tal-kontinwità tal-operat jekk ma tkunx tista' tintuża l-NCTS.

Il-Kapitolu IV.1 jittratta l-proċedura ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu standard.

Il-Kapitolu IV.2 jittratta l-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

Il-Kapitolu IV.3 jittratta l-formalitajiet u l-inċidenti waqt it-trasport.

Il-Kapitolu IV.4 jittratta l-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Il-Kapitolu IV.5 jittratta Andorra, San Marino u territorji fiskali speċjali.

Nota:

Dan it-test ma huwiex sostituzzjoni għal gwida jew għal għajnuna teknika dwar l-użu tal-applikazzjonijiet tekniċi u tas-software tal-NCTS (FTSS + DDNTA).

KAPITOLU 1 — ID-DIKJARAZZJONI TAT-TRANŻITU STANDARD

IV.1.1 Introduzzjoni

Dan il-kapitolu jiddeskrivi l-proċedura ta' tranżitu standard bl-użu tal-NCTS.

Il-Paragrafu IV.1.2 jagħti t-teorija ġenerali u l-leġiżlazzjoni dwar proċedura ta' tranżitu standard.

Il-Paragrafu IV.1.3 jiddeskrivi kif tintuża l-NCTS.

Il-Paragrafu IV.1.4 ikopri t-tagħbija tal-merkanzija u l-mili tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Il-Paragrafu IV.1.5 jittratta sitwazzjonijiet speċifiċi.

Il-Paragrafu IV.1.6 ikopri eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali.

Il-Paragrafu IV.1.7 huwa rriżervat għal regoli nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu IV.1.8 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu IV.1.9 fih l-Anness tal-Kapitolu 1.

IV.1.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

Is-sorsi legali jinsabu f'dawn:

- L-Artikolu 3(c),(d) u (e) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- It-Titolu I, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni;
- L-Annessi A1 u A2; L-Appendiċi III tal-Konvenzjoni;
- L-Artikoli 5, il-punti 12, 6(1), 158, 162, 163 u 170-174, il-KDU;
- L-Artikoli 143 u 148 DA;
- L-Artikoli 294 u 296 IA;
- L-Appendiċi D1, D2, F1, F2, G1 u G2, l-Anness 9, TDA.

IV.1.3 NCTS

IV.1.3.1 L-organizzazzjoni tal-NCTS

L-NCTS hija sistema ta' tranżitu kompjuterizzata għall-iskambju ta' messaġġi elettroniċi. Dawn il-messaġġi jissostitwixxu dokumenti

stampati varji u ċerti formalitajiet tas-sistema ta' tranżitu.

Dawn il-messaġġi jiġu skambjati b'mod elettroniku fuq tliet livelli:

- bejn l-operaturi ekonomiċi u d-dwana ("dominju estern");
- bejn l-uffiċċji doganali ta' pajjiż ("dominju nazzjonali");
- bejn l-amministrazzjonijiet doganali nazzjonali nfushom u mal-Kummissjoni ("dominju komuni").

Il-punti u l-messaġġi prinċipali kollha fl-operat tal-NCTS huma:

- id-dikjarazzjoni tat-tranżitu, li tiġi ppreżentata f'forma elettronika — il-messaġġ ta' "*Data* tad-Dikjarazzjoni" (IE015);
- in-numru ta' referenza tal-moviment (MRN), li huwa numru ta' reġistrazzjoni uniku allokat mill-awtorità kompetenti għal dikjarazzjoni tat-tranżitu u stampat fuq id-dokument ta' akkumpanjament ta' tranżitu (TAD) / id-dokument ta' akkumpanjament ta' tranżitu/ta' sigurtà (TSAD) u lista ta' oġġetti (LoI) / lista ta' tranżitu/ta' sigurtà tal-oġġetti (TSLoI) sabiex tiġi identifikata operazzjoni ta' tranżitu;
- it-TAD/TSAD, li jiġi stampat fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew f'xi bini tan-negozjanti ladarba l-merkanzija tiġi rrilaxxata u jakkumpanja l-merkanzija mit-tluq sad-destinazzjoni;
- il-messaġġ ta' "Avviż tal-wasla antiċipata — AAR" (IE001), li jintbagħat mill-uffiċċju doganali tat-tluq lill-uffiċċju doganali ddikjarat tad-destinazzjoni indikat fid-dikjarazzjoni;
- il-messaġġ ta' "Avviż antiċipat tat-tranżitu — ATR" (IE050), li jintbagħat mill-uffiċċju doganali tat-tluq lill-uffiċċju/i doganali ddikjarat(i) tat-tranżitu li jinnotifika l-qsim tal-fruntieri antiċipat tal-merkanzija;
- il-messaġġ ta' "Notifika ta' qsim tal-fruntiera — NCF" (IE118), li jintbagħat mill-uffiċċju doganali attwali tat-tranżitu lill-uffiċċju doganali tat-tluq sabiex jinnotifikah dwar il-passaġġ tal-merkanzija;
- il-messaġġ ta' "Notifika tal-Wasla — AA" (IE006), li jintbagħat mill-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni lill-uffiċċju doganali tat-tluq meta tasal il-merkanzija;
- il-messaġġ ta' "Riżultati tal-kontroll tad-destinazzjoni" (IE018), li jintbagħat mill-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni lill-uffiċċju doganali tat-tluq (wara li l-merkanzija tkun ġiet spezzjonata, fejn neċessarju);

IV.1.3.2 Ambitu tal-NCTS

L-NCTS hija applikabbli għall-operazzjonijiet ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni kollha, irrispettivament mill-mod tat-trasport użat, bl-eċċezzjoni ta' proċeduri ta' tranżitu fejn dokument kummerċjali jservi bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu (pereżempju fil-proċeduri ta' tranżitu bl-ajru, bil-baħar, jew bil-ferrovija fejn id-dokumenti tat-trasport/bl-ajru/bil-baħar jew in-nota ta' konsenja CIM iservu bħala dikjarazzjonijiet ta' tranżitu).

IV.1.3.3 Aċċess għall-operaturi għall-NCTS

B'mod ġenerali, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jaċċessaw l-NCTS bil-modi li ġejjin:

- Input Dirett minn Negozjant (inkluż l-input permezz ta' sit tal-internet doganali);
- Skambju Elettroniku ta' *Data* (EDI);
- dħul ta' *data* fl-uffiċċju doganali.

Ikkuntattja lill-awtoritajiet doganali nazzjonali għal aktar dettalji dwar l-aċċess tal-operaturi.

IV.1.4 Proċedura tad-dikjarazzjoni

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- it-tagħbija tal-merkanzija (il-Paragrafu IV.1.4.1);
- id-dikjarazzjoni tat-tranżitu (il-Paragrafu IV.1.4.2)

IV.1.4.1 Tagħbija

L-Artikolu 24, l-Appendiċi I il-Konvenzjoni,

L-Artikolu 296 IA

Kull dikjarazzjoni tat-tranżitu trid tinkludi biss merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni li tiġi ttrasportata jew li se jiġu ttrasportati minn uffiċċju doganali tat-tluq wieħed għal uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ieħor fuq mod wieħed tat-trasport, f'kontejner jew f'pakkett (eż. tmien pakketti mgħobbija f'karru wieħed).

Madankollu, dikjarazzjoni tat-tranżitu waħda tista' tinkludi merkanzija ttrasportata jew li se tiġi ttrasportata minn uffiċċju doganali tat-tluq wieħed għal uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ieħor f'aktar minn kontejner wieħed jew f'aktar minn pakkett wieħed li jitgħabbew fuq mezz wieħed tat-trasport.

Dawn li ġejjin li jikkostitwixxu mezz uniku tat-trasport dment li l-merkanzija ttrasportata tintbagħat f'daqqa:

- vettura tat-triq flimkien mal-karru/karrijiet jew mas-semitrejler(s) tagħha;
- linja ta' karrijiet jew ta' vaguni ferrovjarji marbutin flimkien;
- dgħajjes li jikkostitwixxu katina waħda.

Jekk konsenja tinqasam bejn żewġ mezzi tat-trasport, tkun meħtieġa dikjarazzjoni tat-tranżitu separata għal kull mezz tat-trasport, anki jekk il-merkanzija kollha tkun ittrasportata bejn l-istess uffiċċju doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni.

Fuq in-naħa l-oħra, mezz uniku tat-trasport jista' jintuża għal tagħbija ta' merkanzija f'aktar minn uffiċċju doganali tat-tluq wieħed u għall-ħatt f'aktar minn uffiċċju doganali tad-destinazzjoni wieħed.

Jekk il-merkanzija titgħabba fuq mezz uniku tat-trasport f'aktar minn uffiċċju doganali wieħed tat-tluq, iridu jiġu ppreżentati dikjarazzjonijiet ta' tranżitu separati għal kull waħda mill-konsenji f'kull uffiċċju doganali tat-tluq, sabiex tiġi koperta l-merkanzija mgħobbija f'dak l-uffiċċju.

<u>Eżempju 1:</u>

Fl-uffiċċju doganali tat-tluq A, tliet pakketti mgħobbija fuq trakk huma koperti minn dikjarazzjoni tat-tranżitu waħda, u dawk il-pakketti jridu jitwasslu lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni Ċ. Fl-uffiċċju doganali tat-tluq B li jmiss żdiedu u tgħabbew ħames pakketti fuq l-istess trakk, li wkoll iridu jitwasslu fl-istess uffiċċju doganali tad-destinazzjoni Ċ. Dawk il-ħames pakketti jridu jiġu koperti minn dikjarazzjoni tat-tranżitu ġdida.

Mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(3) tal-Konvenzjoni, diversi dikjarazzjonijiet ta' tranżitu jistgħu jinħarġu għall-istess detentur tal-proċedura għal merkanzija li tinġarr fuq mezz uniku tat-trasport u diretta lejn l-istess destinazzjoni jew diversi destinazzjonijiet. Trid tiġi pprovduta garanzija għal kull dikjarazzjoni bħal din.

<u>Eżempju 2:</u>

Fl-uffiċċju doganali tat-tluq A żewġ pakketti mgħobbija fuq trakk huma koperti minn dikjarazzjoni tat-tranżitu waħda ddestinata għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni Ċ u tliet pakketti huma koperti minn dikjarazzjoni tat-tranżitu oħra ddestinata għall-uffiċċju doganali

tad-destinazzjoni D. Fl-uffiċċji doganali tad-destinazzjoni (Ċ u D), il-pakketti jitħattu u l-operazzjonijiet ta' tranżitu jintemmu.

IV.1.4.2 Dikjarazzjoni tat-tranżitu (IE015)

IV.1.4.2.1 Formola u mili tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu

L-Annessi A1 u B1, L-Appendiċi III il-Konvenzjoni,

L-Artikolu 5, il-punt 12 KDU

Huwa importanti li wieħed jinnota li t-terminu "**dikjarazzjoni tat-tranżitu"** għandu żewġ tifsiriet. L-ewwel, "dikjarazzjoni tat-tranżitu" tfisser dikjarazzjoni li biha persuna tindika x-xewqa li tqiegħed merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu fil-forma u fil-mod stipulati. It-tieni, tfisser id-*data* bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu, jiġifieri l-messaġġ ta' "*Data* tad-Dikjarazzjoni" (IE015) u l-verżjoni stampata ta' tali dikjarazzjoni fil-forma ta' TAD. Il-kapitoli li ġejjin jużaw l-ewwel tifsira għat-terminu "dikjarazzjoni tat-tranżitu".

Għandhom jiġu pprovduti elementi tad-*data*, kif imsemmi fl-Anness A1 tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni/fl-Appendiċi C2, l-Anness 9, TDA.

Sabiex tiġi ppreżentata dikjarazzjoni tat-tranżitu, iridu jiġu pprovduti l-elementi tad-*data* obbligatorji kollha (IE015).

Id-dikjarazzjonijiet ta' tranżitu jridu jimtlew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti li hija aċċettabbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.

Huwa importanti li l-operaturi ekonomiċi jimlew id-dikjarazzjoni tat-tranżitu b'mod korrett sabiex jiġi evitat li d-dikjarazzjoni tiġi rrifjutata mill-NCTS.

Jekk dikjarazzjoni tat-tranżitu tiġi rrifjutata mill-NCTS, id-dikjarant jiġi nnotifikat bir-raġuni tar-rifjut u jitħalla jagħmel il-korrezzjonijiet neċessarji jew jissottometti dikjarazzjoni ġdida.

Operazzjoni ta' tranżitu jista' jkun fiha massimu 999 oġġett tal-merkanzija. Kull oġġetti tal-merkanzija ta' dikjarazzjoni jrid jiddaħħal fl-NCTS u jiġi stampat fuq it-TAD jew il-LoI. Tiġi stampata LoI meta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu tkopri aktar minn oġġett wieħed tal-merkanzija. Tiġi mehmuża mad-TAD, li jkun fih referenza għal-LoI fil-Kaxxa 31. Il-mudell tad-TAD u n-noti ta' spjegazzjoni tiegħu jinsabu fl-Annessi A3-A4, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni/fl-Appendiċi F1, l-Anness 9 TDA. Il-mudell tal-LoI u n-noti ta' spjegazzjoni tiegħu jinsabu fl-Annessi A5-A6, l-

Appendiċi III tal-Konvenzjoni/fl-Appendiċi F2, l-Anness 9 TDA.

IV.1.4.2.2 Konsenji mħalltin

L-Artikolu 28, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 294 IA

L-Appendiċi D1, l-Anness 9, TDA

L-Anness B IA

Ġeneralment, il-konsenji magħmulin minn merkanzija mhux tal-Unjoni li tiġi ttrasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu T1 u minn merkanzija tal-Unjoni li tinġarr taħt il-proċedura T2/T2F ikunu koperti b'dikjarazzjoni tat-tranżitu waħda, li tkun mehmuża mat-TAD flimkien mal-LoI. It-TAD jipprovdi informazzjoni u sommarju tal-LoI użata għall-merkanzija bi statuses differenti.

Inkella, jistgħu jsiru dikjarazzjonijiet ta' tranżitu separati (pereżempju: dikjarazzjoni tat-tranżitu T1 għal merkanzija mhux tal-Unjoni u dikjarazzjoni tat-tranżitu T2 jew T2F għal merkanzija tal-Unjoni).

Nota: Huwa possibbli li merkanzija tal-Unjoni li ma tkunx imqiegħda taħt tranżitu (u li tinġarr fit-territorju doganali tal-Unjoni) tiġu ttrasportata bl-istess mezz tat-trasport bħal merkanzija mqiegħda taħt tranżitu. F'dak il-każ, id-dikjarazzjoni tat-tranżitu tkopri biss il-merkanzija mqiegħda taħt tranżitu.

NEGOZJU

Għal konsenji mħalltin, jiddaħħal il-kodiċi "T-" fil-livell tad-dikjarazzjoni bħala tip ta' dikjarazzjoni li tkopri d-dikjarazzjoni kollha. L-istatus attwali (T1, T2, T2F) ta' kull oġġett tal-merkanzija jiddaħħal fl-NCTS fil-livell tal-oġġetti u jiġi stampat fuq l-LoI.

IV.1.4.2.3 Preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu

Il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu (IE015 permezz ta' teknika ta' pproċessar tad-*data*) tagħmel lid-detentur tal-proċedura responsabbli għal:

(a) l-akkuratezza tal-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni;

(b) l-awtentiċità tad-dokumenti mehmużin;

(c) il-konformità tal-obbligi kollha marbutin mat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni/il-proċedura

komuni ta' tranżitu.

L-awtentikazzjoni tad-dikjarazzjoni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li japplikaw fil-pajjiż tat-tluq.

NEGOZJU
Id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jikkuntattja d-dwana sabiex jiġi stabbilit il-mod li bih tiġi awtentikata dikjarazzjoni tat-tranżitu sottomessa f'forma elettronika.

IV.1.4.2.4 Dikjarazzjoni tat-tranżitu/ta' sigurtà

L-Artikoli 127 u 128 KDU

Qabel ma l-merkanzija tasal fit-territorju doganali tal-Unjoni, trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul (ENS) fl-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul.

L-Artikoli 104, 105 sa 109 DA

L-Artikolu 182 IA

Imbagħad, l-uffiċċju doganali jiżgura li titwettaq valutazzjoni tar-riskju tat-tranżazzjoni abbażi tad-dikjarazzjoni billi jevalwa d-*data* skont il-kriterji tar-riskju.

L-Artikolu 106(3) kif emendat bit-TDA

Il-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni tal-ENS huma direttament relatati mal-mod tat-trasport u huma kif ġej:

(a) trasport tat-triq — sa mhux aktar minn siegħa qabel il-wasla;

(b) linji ferrovjarji:
- meta l-vjaġġ ferrovjarju mill-aħħar stazzjon ferrovjarju li jinsab f'pajjiż terz għall-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul jieħu anqas minn sagħtejn — mhux aktar minn siegħa qabel il-wasla,
- fil-każijiet l-oħrajn kollha — mhux aktar minn sagħtejn qabel il-wasla;

(c) passaġġi tal-ilma interni — mhux aktar minn sagħtejn qabel il-wasla;

(d) merkanzija fil-kontejners marittimi — mhux aktar minn 24 siegħa qabel it-tagħbija fil-port tat-tluq;

(e) merkanzija bl-ingrossa marittima/merkanzija li titgħabba

individwalment — mhux aktar minn 4 sigħat qabel il-wasla;

(f) meta l-merkanzija tkun ġejja minn xi wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:

- Greenland,
- il-Gżejjer Faeroe,
- l-Iżlanda,
- portijiet fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar l-Iswed u fil-Baħar Mediterran,
- il-portijiet kollha fil-Marokk

mhux aktar minn sagħtejn qabel il-wasla;

(g) għal moviment tal-merkanzija bejn territorju 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u d-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, l-Azores, Madeira jew il-Gżejjer Kanarji, fejn id-durata tal-vjaġġ tkun ta' anqas minn 24 siegħa — mhux aktar minn sagħtejn qabel il-wasla;

(h) għat-trasport bl-ajru bil-limiti ta' ħin li ġejjin:

- għal titjiriet b'durata ta' anqas minn 4 sigħat — mhux aktar mill-ħin tat-tluq reali tal-inġenju tal-ajru;
- għal titjiriet oħrajn — mhux aktar minn 4 sigħat qabel il-wasla.

L-ENS mhijiex meħtieġa:

(a) Għall-merkanzija elenkata fl-Art. 104 DA;

(b) Jekk ftehimiet internazzjonali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jipprevedu r-rikonoxximent ta' kontrolli ta' sigurtà u ta' sikurezza mwettqin f'dawn il-pajjiżi bħala pajjiżi tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 127(2)(b) tal-KDU. Dan jikkonċerna l-pajjiżi li ġejjin: in-Norveġja, l-Iżvizzera, il-Liechtenstein, Andorra u San Marino.

L-ENS tiġi ppreżentata mit-trasportatur jew, irrispettivament mill-obbligu tat-trasportatur, mill-persuni li ġejjin:

(a) l-importatur jew il-konsenjatarju jew persuna oħra li f'isimha jew li għan-nom tagħha jaġixxi t-trasportatur; jew

(b) kwalunkwe persuna li tkun kapaċi tippreżenta l-merkanzija inkwistjoni jew li tara li tiġi ppreżentata fl-uffiċju doganali tad-dħul.

Is-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni tintuża sabiex l-ENS tiġi ppreżentata b'mod elettroniku.

Bħala alternattiva, tista' tintuża l-NCTS dment li:

(a) proċedura ta' tranżitu tibda fil-fruntiera esterna tal-Unjoni mad-dħul;

(b) id-*data* tinkludi d-dettalji meħtieġa għal ENS.

F'dan il-każ, fl-uffiċċju doganali tad-dħul — li jkun ukoll l-uffiċċju doganali tat-tluq — id-dikjarazzjoni tat-tranżitu/ta' sigurtà (IE015) tiġi ppreżentata b'*data* ta' tranżitu kif ukoll b'*data* ta' sigurtà u ta' sikurezza. Wara l-valutazzjoni tar-riskju u r-rilaxx tal-merkanzija għat-tranżitu, jiġu stampati t-TSAD u t-TSLoI. Il-kampjuni tat-TSAD u tat-TSLoI huma inklużi fl-Appendiċijiet G1 u G2, l-Anness 9, TDA.

Ir-referenzi kollha għat-TAD u għal-LoI japplikaw ukoll għat-TSAD u għat-TSLoI.

IV.1.5 Sitwazzjonijiet speċifiċi

IV.1.5.1 Ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi oħrajn dwar id-*data* ta' sikurezza u ta' sigurtà

Pajjiżi ta' tranżitu komuni, minbarra n-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, ma kkonkludewx ftehimiet speċifiċi mal-Unjoni dwar ir-rikonoxximent ta' kontrolli ta' sigurtà u ta' sikurezza li jsiru f'dawn il-pajjiżi bħala pajjiżi tal-esportazzjoni.

Dan ifisser li meta l-merkanzija tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni minn dawk il-pajjiżi li ma jkunux ikkonkludew ftehimiet speċifiċi mal-Unjoni, l-operaturi ekonomiċi huma meħtieġa jissottomettu ENS skont l-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni. Huma jistgħu jew:

- jużaw is-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni sabiex jissottomettu l-ENS: jew
- jibbenefikaw mill-NCTS, fejn jistgħu jinkludu *data* ta' sigurtà u ta' sikurezza f'dikjarazzjoni tat-tranżitu.

It-tieni għażla hija possibbli jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-NCTS f'dawk il-pajjiżi taċċetta dikjarazzjoni ppreżentata minn operaturi ekonomiċi, li fiha *data* ta' tranżitu u *data* tal-ENS;
- it-TSAD u t-TSLoI jiġu stampati bħala ekwivalenti għat-TAD u għal-LoI;
- l-NCTS f'dawk il-pajjiżi tkun tista' tirċievi u tibgħat *data* tal-ENS

flimkien ma' *data* ta' tranżitu lill-pajjiżi tal-UE u lil Partijiet Kontraenti oħrajn u anke tirċievi *data* tal-ENS trażmessa mill-pajjiżi tal-UE u minn Partijiet Kontraenti oħrajn għal dawk il-pajjiżi (li jaġixxu bħala pajjiż ta' tranżitu u ta' destinazzjoni);

- il-pajjiżi tal-UE jirrikonoxxu u jaċċettaw tali *data* ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu komuni għall-finijiet kemm tal-proċedura ta' tranżitu komuni kif ukoll tad-*data* tal-ENS, mingħajr ebda emenda jew estensjoni legali tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet relevanti tal-KDU;
- Partijiet Kontraenti oħrajn jirrikonoxxu *data* ta' tranżitu u tal-ENS kif ukoll it-TSAD u t-TSLoI, meta jiġu ppreżentati lil wieħed mill-uffiċċji doganali tagħhom, bħala ekwivalenti għal TAD u għal LoI dment li jkun fiha d-*data* ta' tranżitu neċessarja kollha.

IV.1.5.2 Regoli applikabbli għall-merkanzija bl-imballaġġ

Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-merkanzija bl-imballaġġ:

a) Merkanzija mhux tal-Unjoni bl-imballaġġ li ma jkollhiex l-istatus tal-Unjoni

Dikjarazzjoni T1 waħda għandha timtela għall-merkanzija u għall-imballaġġ tagħha.

b) Merkanzija mhux tal-Unjoni bl-imballaġġ li jkollha l-istatus tal-Unjoni

Fil-każijiet kollha, għandha timtela dikjarazzjoni T1 waħda għall-merkanzija u għall-imballaġġ tagħha.

c) Merkanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 189 DA bl-imballaġġ li ma jkollhiex l-istatus tal-Unjoni

Dikjarazzjoni T1 waħda għandha timtela għall-merkanzija u għall-imballaġġ tagħha.

Madankollu, meta tali merkanzija tiġi rrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera minflok ma tiġi esportata mit-territorju doganali, l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni jista' jiġi applikat għaliha biss mal-preżentazzjoni ta' dokument T2L maħruġ b'mod retrospettiv.

Meta titħalla barra l-kunsiderazzjoni tal-ħlas lura possibbli tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni fuq prodotti agrikoli, dokument T2L jista' jinkiseb biss wara l-ħlas tad-dazji doganali applikabbli għall-imballaġġ.

d) Merkanzija tal-Unjoni bl-imballaġġ li ma jkollhiex status tal-Unjoni esportata mit-territorju doganali tal-UE lejn pajjiż terz, li ma jkunx

pajjiż ta' tranżitu komuni

Dikjarazzjoni T1 għandha timtela għall-imballaġġ sabiex, jekk l-imballaġġ jitqiegħed f'ċirkolazzjoni libera, ma jibbenefikax mill-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni. Dan id-dokument irid ikollu waħda mill-approvazzjonijiet li ġejjin:

BG	Общностни стоки
CS	zboží Unie
DA	fælleskabsvarer
DE	Unionswaren
EE	Ühenduse kaup
EL	κοινοτικά εμπορεύματα
ES	mercancías communitarias
FR	marchandises communautaires
IT	merci unionali;
LV	Savienības preces
LT	Bendrijos prekės
HU	közösségi áruk
MT	Merkanzija Komunitarja
NL	communautaire goederen
PL	towary unijne
PT	mercadorias comunitárias
RO	Mărfuri unionale
SI	skupnostno blago
SK	Tovar Únie
FI	unionitavaroita
SV	gemenskapsvaror
EN	Union goods
HR	Roba Unije

e) Merkanzija tal-Unjoni bl-imballaġġ li ma jkollhiex status tal-Unjoni esportata mit-territorju doganali tal-UE lejn pajjiż ta' tranżitu komuni

Dikjarazzjoni T1 waħda għandha timtela għall-merkanzija u għall-imballaġġ tagħha. Din irid ikollha l-approvazzjonijiet "merkanzija tal-Unjoni" kif muri aktar 'il fuq u "ippakkjar T1" kif mur aktar 'il quddiem.

Ikkonsenjata fi Stat Membru ieħor fil-każ imsemmi fl-Artikolu 227 tal-KDU.

Dikjarazzjoni T2 waħda għandha timtela għall-merkanzija u għall-imballaġġ tagħha wara l-ħlas tad-dazju doganali applikabbli għall-imballaġġ.

Meta l-persuna kkonċernata ma tkunx tixtieq tħallas id-dazju doganali fuq l-imballaġġ, id-dikjarazzjoni T2 irid ikollha waħda mill-approvazzjonijiet li ġejjin:

BG	T1 колети
CS	obal T1
DA	T1 emballager
DE	T1-Umschließungen
EE	T1-pakend
EL	συσκευασία T1
ES	envases T1
FR	emballages T1
IT	imballaggi T1
LV	T1 iepakojums
LT	T1 pakuotė
HU	T1 göngyölegek
MT	Ippakkjar T1
NL	T1-verpakkingsmiddelen
PL	opakowania T1
PT	embalagens T1
RO	Ambalaje T1
SI	pakiranje T1
SK	Obal T1
FI	T1-pakkaus
SV	T1-förpackning
EN	T1 packaging
HR	T1 pakiranje

f) Konsenji mħallta

1) Konsenji li jinkludu merkanzija taħt il-proċedura T1 u merkanzija taħt il-proċedura T2 f'pakkett wieħed.

Għandhom isiru dikjarazzjonijiet separati f'konformità mal-istatus tal-merkanzija. Fil-Kaxxa 31, il-kwantitajiet ta' konsenji maqsumin iridu jintwerew, fil-porzjon ta' fuq ta' din il-kaxxa, flimkien mad-deskrizzjoni u man-numri ta' dokumenti oħrajn kompluti għall-konsenji mħalltin inkwistjoni. Id-dikjarazzjonijiet irid ikollhom waħda mill-approvazzjonijiet li ġejjin:

BG	Общностни колети
CS	obal Unie
DA	fælleskabsemballager
DE	gemeinschaftliche Umschließungen
EE	Ühenduse pakend

EL	κοινοτική συσκευασία
ES	envases comunitarios
FR	emballages communautaires
IT	imballaggi unionali
LV	Savienības iepakojums
LT	Bendrijos pakuotė
HU	közösségi göngyölegek
MT	Ippakkjar Komunitarju
NL	communautaire verpakkingsmiddelen
PL	opakowania unijne
PT	embalagens comunitárias
RO	Ambalaje unionale
SI	skupnostno pakiranje
SK	Obal Únie
FI	yhteisöpakkaus
SV	gemenskapsförpackning
EN	Union packaging
HR	Pakiranje Unije

Jekk konsenja mħallta tkun ippakkjata f'imballaġġ T1, għandha timtela dikjarazzjoni unika T1 għall-merkanzija u għall-imballaġġ tagħha.

2) Konsenji mħalltin li jinkludu merkanzija taħt il-proċedura T1 u merkanzija ttrasportata barra mill-proċedura ta' tranżitu f'pakkett wieħed.

Għandha tintuża dikjarazzjoni waħda. Fil-Kaxxa 31, il-kwantitajiet u t-tipi ta' merkanzija f'konsenji maqsumin taħt il-proċedura T1 iridu jintwerew flimkien ma' waħda mill-approvazzjonijiet li ġejjin:

BG	Стоки не обхванати от транзитен режим
CS	zboží není v režimu tranzitu
DA	varer ikke omfattet af forsendelsesprocedure
DE	nicht im Versandverfahren befindliche Waren
EE	Kaubad ei ole transiidi protseduuril
EL	Εμπορεύματα εκτός διαδικασίας διαμετακόμισης
ES	mercancías fuera del procedimento de tránsito
FR	marchandises hors procédure de transit
IT	merci non vincolate ad una procedura di transito
LV	Precēm nav piemērota tranzīta procedūra
LT	Prekės, kurioms neįforminta tranzito procedūra
HU	nem továbbítási eljárás alá tartozó áruk
MT	Merkanzija mhux koperta bi proċedura ta' tranżitu

NL	geen douanevervoer
PL	towary nieprzewożone w procedurze tranzytu
PT	mercadorias não cobertas por um procedimento de trânsito
RO	Mărfuri neplasate în regim de tranzit
SI	blago, ki ni krito s tranzitnim postopkom
SK	Tovar nie je v tranzitnom režime
FI	tavaroita, jotka eivät sisälly passitusmenettelyyn
SV	varor ej under transitering
EN	goods not covered by a transit procedure
HR	Roba koja nije u postupku provoza

IV.1.5.3 Merkanzija ttrasportata minn vjaġġaturi jew kontenut fil-bagalji tagħhom

L-Artikolu 210 IA

L-amministrazzjonijiet huma meħtieġa li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 210 IA (li jistabbilixxi l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni) fil-każ ta' merkanzija f'bagalji li tinġarr mill-passiġġieri u mhux maħsuba għall-użu kummerċjali.

Madankollu, mad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni, il-passiġġieri li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jistgħu jqiegħdu l-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

IV.1.5.4 Trasport ta' merkanzija tal-Unjoni lejn, minn jew permezz ta' pajjiż ta' tranżitu komuni

Meta merkanzija tal-Unjoni tinġarr lejn jew mit-territorju ta' pajjiż ta' tranżitu komuni wieħed jew aktar, huwa rakkomandabbli li jiġu segwiti r-regoli li ġejjin sabiex jiġi żgurat qsim tal-fruntieri fil-pront:

a) Merkanzija li tinġarr bejn żewġ punti li jinsabu fit-territorju doganali tal-Unjoni tul it-territorju ta' pajjiż ta' tranżitu komuni wieħed jew aktar, jew mit-territorju doganali tal-Unjoni fit-territorju ta' pajjiż ta' tranżitu komuni, għandha titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni/il-proċedura komuni ta' tranżitu fl-uffiċċju doganali kompetenti fejn ikun stabbilit id-detentur tal-proċedura, jew fejn il-merkanzija titgħabba għat-trasport taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni/il-proċedura komuni ta' tranżitu, jew mhux aktar tard minn qabel il-ġonta taż-żona tal-fruntieri tal-pajjiż ta' tranżitu tal-Unjoni/komuni sabiex jiġi evitat dewmien fil-qsim tal-fruntieri. B'mod simili, huwa rakkomandabbli li jintemmu l-movimeneti taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni/komuni barra ż-żona tal-fruntieri tal-pajjiż ta' tranżitu tal-

Unjoni/komuni kull meta jkun possibbli.

b) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi ta' tranżitu komuni jeħtiġilhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jkunu informati uffiċjalment dwar id-dispożizzjonijiet u jkunu konxji mill-vantaġġi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu a) sabiex jevitaw sa fejn ikun possibbli diffikultajiet prattiċi fil-fruntieri tal-pajjiżi ta' tranżitu tal-Unjoni/komuni.

Tranżitu mit-territorju ta' pajjiż ta' tranżitu komuni

Il-ġarr ta' merkanzija tal-Unjoni minn punt fl-Unjoni għal ieħor permezz ta' pajjiż ta' tranżitu komuni jista' jsir taħt il-proċedura ta' tranżitu T2, T2F jew T1 (ara l-Parti I, il-Paragrafu 4.1.2.1).

Ġarr ta' merkanzija tal-Unjoni lejn pajjiż ta' tranżitu komuni

L-Artikolu 189 DA

Meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi esportata mit-territorju doganali tal-Unjoni għal pajjiż ta' tranżitu komuni u tibda proċedura ta' tranżitu fl-Unjoni wara l-esportazzjoni, il-merkanzija tkun koperta minn proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni (T2) fl-Unjoni u, sussegwentement, dik il-proċedura tkompli bħala proċedura komuni ta' tranżitu fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni.

Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, tkun tapplika proċedura esterna ta' tranżitu tal-Unjoni (T1) u din tkompli bħal proċedura komuni ta' tranżitu fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni. Tkopri l-każijiet li ġejjin:

a) il-merkanzija tal-Unjoni tkun għaddiet mill-formalitajiet tal-esportazzjoni doganali bl-għan li jingħataw rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi skont il-politika agrikola komuni;

b) il-merkanzija tal-Unjoni tkun ġiet minn stokkijiet ta' intervent, tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll fir-rigward tal-użu jew tad-destinazzjoni tagħha, u tkun għaddiet mill-formalitajiet doganali mal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi skont il-politika agrikola komuni;

c) il-merkanzija tal-Unjoni tkun eliġibbli għal ħlas lura jew għal remissjoni ta' dazji fuq l-importazzjoni bil-kundizzjoni li titqiegħed taħt transitu estern f'konformità mal-Artikolu 118(4) tal-KDU;

d) il-merkanzija tal-Unjoni li hija msemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/118/KE (ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna) tiġi

esportata; ikkonsenjar mill-ġdid ta' merkanzija tal-Unjoni minn pajjiż ta' tranżitu komuni:

i) merkanzija tal-Unjoni li tkun iddaħħlet fit-territorju ta' pajjiż ta' tranżitu komuni taħt il-proċedura T2 tista' tiġi kkonsenjata mill-ġdid taħt dik il-proċedura dment li:

- tibqa' taħt il-kontroll tal-awtoritajiet doganali ta' dak il-pajjiż sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda bidla fl-identità jew fl-istat tagħha;

- ma tkunx tqiegħdet, f'dak il-pajjiż ta' tranżitu komuni, taħt proċedura doganali li ma tkunx tranżitu jew ħażna* ħlief meta l-merkanzija tkun iddaħħlet temporanjament sabiex tintwera f'esibizzjoni jew f'wirja pubblika simili;

  * merkanzija li kienet maħżuna, il-konsenja mill-ġdid trid issir fi żmien 5 snin (jew merkanzija li taqa' taħt il-Kapitoli 1-24 tas-Sistema Armonizzata u maħżuna għal anqas minn 6 xhur) bil-kundizzjoni li l-merkanzija kienet maħżuna fi spazji speċjali u li ma rċiviet l-ebda trattament minbarra dak meħtieġ għall-preżervazzjoni tagħha fl-istat oriġinali tagħha, jew għat-tqassim f'konsenji mingħajr tibdil fl-imballaġġ u li kwalunkwe trattament ikun seħħ taħt superviżjoni doganali.

- id-dikjarazzjoni T2 jew T2F jew kwalunkwe dokument li jkun il-prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni maħruġ minn pajjiż ta' tranżitu komuni jridu jkollhom referenza għan-numru ta' referenza tal-moviment tad-dikjarazzjoni jew il-prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni li skont din il-merkanzija tkun waslet f'dak il-pajjiż ta' tranżitu komuni.

ii) b) Għal esportazzjonijiet mingħajr proċedura ta' tranżitu, pajjiżi ta' tranżitu komuni ma jistgħux joħorġu dikjarazzjoni T2 jew T2F billi qabel ma kien hemm ebda dikjarazzjoni tat-tranżitu. Konsegwentement, konsenja mill-ġdid trid issir taħt il-kopertura ta' proċedura T1. Meta l-konsenja tidħol mill-ġdid fl-Unjoni, trid tiġi ttrattata bħala importazzjoni ta' merkanzija mhux tal-Unjoni sakemm ma tkunx tista' tibbenefika mid-dispożizzjonijiet dwar merkanzija rritornata.

Azzjoni mad-dħul mill-ġdid ta' merkanzija kkonsenjata mill-ġdid

fit-territorju doganali tal-Unjoni

a) Meta merkanzija tal-Unjoni tiġi kkonsenjata mill-ġdid minn pajjiż ta' tranżitu komuni lejn destinazzjoni fl-Unjoni, tkun koperta minn dikjarazzjoni T2 jew T2F jew ekwivalenti (eż. nota ta' konsenja CIM-T2).

b) Sabiex jiġi ddeterminat, fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, jekk ikunx trasport ta' merkanzija bejn żewġ punti fl-Unjoni li jkun ġie interrott f'pajjiż ta' tranżitu komuni jew dħul mill-ġdid fit-territorju doganali tal-Unjoni wara esportazzjoni definittiva jew temporanja mill-Unjoni, iridu jiġu osservati r-regoli li ġejjin:

- il-merkanzija u d-dikjarazzjoni T2 jew T2F jew ekwivalenti jridu jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni sabiex titlesta l-operazzjoni ta' tranżitu;

- hija r-responsabbiltà ta' dan l-uffiċċju li jiddeċiedi jekk il-merkanzija tistax tiġi rrilaxxata immedjatament jew tridx titqiegħed taħt proċedura doganali;

L-Artikolu 9(4), il-Konvenzjoni

- il-merkanzija trid tiġi rrilaxxata immedjatament għaċ-ċirkolazzjoni libera meta d-dikjarazzjoni T2 jew T2F jew ekwivalenti ma jkollhiex referenza għal esportazzjoni preċedenti mit-territorju doganali tal-Unjoni.

  F'każijiet ta' dubju l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jista' jitlob evidenza mill-konsenjatarju (eż. fattura bin-numri ta' reġistrazzjoni tal-VAT tal-konsenjatur u tal-konsenjatarju f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE kif emendata, jew il-produzzjoni tad-dokument amministrattiv elettroniku (e-AD) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/118/KE).

- il-merkanzija trid tkun koperta mill-proċedura ta' tranżitu sussegwenti jew titqiegħed f'ħażna temporanja bil-konsegwenzi kollha marbutin magħha (ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni u tat-taxxi interni, fejn neċessarju):
  - meta l-merkanzija ġiet esportata mit-territorju doganali tal-Unjoni, jew
  - meta l-konsenjatarju jew ir-rappreżentant ma jkunx jista' jipprova, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, li jkun trasport ta' merkanzija bejn żewġ punti

fit-territorju doganali tal-Unjoni.

IV.1.6 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

IV.1.7 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

IV.1.8 Parti ristretta għall-użu doganali biss

IV.1.9 Annessi

KAPITOLU 2 — FORMALITAJIET FL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAT-TLUQ

IV.2.1 Introduzzjoni

Il-Paragrafu IV.2.2 jiddeskrivi t-teorija ġenerali u l-leġiżlazzjoni dwar il-formalitajiet tat-tluq.

Il-Paragrafu IV.2.3 jiddeskrivi l-proċedura fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

Il-Paragrafu IV.2.4 jittratta sitwazzjonijiet speċifiċi.

Il-Paragrafu IV.2.5 ikopri eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali.

Il-Paragrafu IV.2.6 huwa rriżervat għal regoli nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu IV.2.7 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu IV.2.8 fih l-Annessi tal-Kapitolu 2.

IV.2.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

Is-sorsi legali jinsabu f'dawn:

- L-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni;
- L-Artikoli 30-41 u 81-83, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Artikoli 162, 163 u 170-174 KDU;
- L-Artikoli 222, 226, 227 u 297-303 IA.

IV.2.3 Deskrizzjoni tal-proċedura fl-uffiċċju doganali tat-tluq

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- l-aċċettazzjoni u r-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu (il-Paragrafu IV.2.3.1);
- l-emenda tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu (il-Paragrafu IV.2.3.2);
- l-invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu (il-Paragrafu IV.2.3.3);
- il-verifika tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu u tal-kontroll tal-merkanzija (il-Paragrafu IV.2.3.4);
- l-itinerarju għall-moviment tal-merkanzija (il-Paragrafu IV.2.3.5);
- il-limitu ta' żmien (il-Paragrafu IV.2.3.6);
- il-mezz ta' identifikazzjoni (il-Paragrafu IV.2.3.7);

- ir-rilaxx tal-merkanzija (il-Paragrafu IV.2.3.8);
- ir-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu (il-Paragrafu IV.2.3.9).

IV.2.3.1 Aċċettazzjoni u reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu

L-Artikoli 27, 30 u 35, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 171-172 KDU,

L-Artikolu 143 DA

L-uffiċċju doganali tat-tluq jaċċetta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu — il-messaġġ ta' "*Data* tad-dikjarazzjoni" (IE015) — bil-kundizzjoni li:

- ikun fiha l-informazzjoni kollha neċessarja għall-fini tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni;
- tkun akkumpanjata mid-dokumenti neċessarji kollha;
- il-merkanzija li għaliha tirreferi d-dikjarazzjoni tat-tranżitu ġiet ippreżentata lill-uffiċċju doganali matul il-ħinijiet uffiċċjali tal-ftuħ.

L-NCTS awtomatikament tivvalida d-dikjarazzjoni. Dikjarazzjoni skorretta jew mhux kompluta tiġi rrifjutata bil-messaġġ ta' "Dikjarazzjoni Rrifjutata" (IE016). Rifjut isegwi wkoll meta d-*data* indikata ma tkunx kompatibbli mad-*data* rreġistrata fil-bażi ta' *data* ta' referenza nazzjonali.

Meta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu tiġi aċċettata, l-NCTS tiġġenera numru ta' referenza tal-moviment (MRN) (il-messaġġ IE028).

Imbagħad, id-dikjarazzjoni tirċievi l-istatus "Aċċettata" u l-uffiċċju doganali tat-tluq jiddeċiedi jekk jivverifikax jew le l-merkanzija qabel ir-rilaxx.

L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li d-dokumenti addizzjonali li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura doganali li għaliha l-merkanzija tiġi ddikjarata ma jiġux ippreżentati mad-dikjarazzjoni. F'dan il-każ id-dokumenti jinżammu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali. Il-Kaxxa 44 tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu timtela kif ġej:

- fl-attribut "tip ta' dokument" indika l-kodiċi li jikkorrispondi għad-dokument ikkonċernat (il-kodiċijiet huma mogħtija fl-Anness A2, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni; l-Appendiċi D1, l-Anness 9, TDA);
- fl-attribut "dokument ta' referenza", agħti d-deskrizzjoni u r-referenza tad-dokument.

L-awtoritajiet doganali nazzjonali jippermettu lill-vjaġġaturi jippreżentaw dikjarazzjoni tat-tranżitu stampata f'kopja waħda (bl-

użu tad-dokument amministrattiv uniku jew, fejn rilevanti, tat-tifsila tad-dokument ta' akkumpanjament ta' tranżitu) lill-uffiċċju doganali tat-tluq sabiex tkun tista' tiġi pproċessata mill-NCTS.

L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jkun kompetenti sabiex jittratta operazzjonijiet ta' tranżitu u t-tip ta' traffiku kkonċernat. Is-sit web li ġej fih lista ta' uffiċċji doganali:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/dds/csrdhome_en.htm.

IV.2.3.2 Emenda tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu

L-Artikolu 31, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 173 KDU

Id-dikjarant jista' jitlob permess sabiex tiġi emendata dikjarazzjoni doganali kif previst fl-Artikolu 173 KDU. Qabel ma tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni doganali, id-dikjarant jista' jikkoreġiha mingħajr applikazzjoni minn qabel.

Id-detentur tal-proċedura jista' jitlob permess sabiex jemenda d-dikjarazzjoni tat-tranżitu wara li d-dwana tkun aċċettatha. L-emenda ma tistax tagħmel id-dikjarazzjoni applikabbli għal merkanzija oħra barra dik li kienet tkopri oriġinarjament.

Id-detentur tal-proċedura jippreżenta emendi għad-*data* tad-dikjarazzjoni permezz tal-messaġġ ta' "Emenda tad-dikjarazzjoni" (IE013) trażmess lill-uffiċċju doganali tat-tluq, li jiddeċiedi jekk jaċċettax it-talba għal emenda (il-messaġġ ta' "Aċċettazzjoni tal-Emenda" (IE004)) jew jirrifjutahiex (il-messaġġ ta' "Rifjut tal-Emenda" (IE005)).

Ebda emenda ma tkun permessa meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu indikaw wara li jirċievu d-dikjarazzjoni tat-tranżitu li biħsiebhom jeżaminaw il-merkanzija, jew ikunu stabbilew li d-*data* hija żbaljata jew fejn huma jkunu diġà rrilaxxaw il-merkanzija għat-tranżitu.

L-emendi għad-dikjarazzjoni tat-tranżitu qabel ma tkun ġiet aċċettata mid-dwana ma humiex koperti mill-Artikolu 173 KDU u ma jeħtiġux applikazzjoni minn qabel mid-dikjarant.

L-Artikolu 29a, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 130, 171 KDU

Pereżempju, jekk id-dikjarazzjoni tat-tranżitu tkun għadha ma ġietx ippreżentata jew tkun ġiet ippreżentata minn qabel u tkun għadha ma ġietx aċċettata, tista' tiġi kkoreġuta mingħajr permess minn qabel peress li din ma titqiesx bħala emenda kif stipulata fl-Artikolu 173 KDU.

L-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tal-NCTS (T-TRA-DEP-A-002-Korrezzjoni) jiddikjaraw li l-korrezzjoni ta' dikjarazzjoni ppreżentata minn qabel għandha tiġi pproċessata permezz tal-istess messaġġ bħal dak għal emenda.

IV.2.3.3 Invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu

L-Artikolu 32 L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 174 KDU

L-Artikolu 148 DA

L-uffiċċju doganali tat-tluq jista' jinvalida dikjarazzjoni tat-tranżitu billi jibgħat il-messaġġ ta' "Notifika ta' Kanċellazzjoni" (IE010) lid-dikjarant fuq il-bażi tat-talba tiegħu magħmula bil-messaġġ ta' "Talba ta' Kanċellazzjoni tad-Dikjarazzjoni" (IE014) trażmessa lill-uffiċċju doganali tat-tluq biss qabel ma l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu. Imbagħad, l-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jinforma lid-dikjarant dwar ir-riżultat tat-talba tiegħu bl-użu tal-messaġġ ta' "Deċiżjoni ta' Kanċellazzjoni" (IE009).

Madankollu, jekk l-uffiċċju doganali tat-tluq ikun informa lid-dikjarant li jkollu l-intenzjoni li jeżamina l-merkanzija, it-talba għal invalidazzjoni ma tiġix aċċettata qabel ma tiġi eżaminata l-merkanzija.

Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu ma tistax tiġi invalidata wara li l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għat-tranżitu ħlief fil-każijiet eċċezzjonali li ġejjin:

- meta l-merkanzija tal-Unjoni tkun ġiet iddikjarata bi żball għal proċedura doganali applikabbli għal merkanzija mhux tal-Unjoni, u l-istatus doganali tagħha bħala merkanzija tal-Unjoni jkun ġie pprovat aktar tard permezz ta' T2L, T2LF jew manifest doganali tal-merkanzija;
- meta l-merkanzija tkun ġiet iddikjarata bi żball taħt aktar minn dikjarazzjoni doganali waħda.

Fil-każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat għal tranżitu, huwa importanti li jiġi żgurat li kwalunkwe dikjarazzjoni li tkun iddaħħlet fl-NCTS, iżda li ma tkunx ġiet ipproċessata ulterjorment minħabba n-nuqqas ta' funzjonament tas-sistema, jeħtieġ li tiġi invalidata.

L-operatur ekonomiku huwa obbligat jipprovdi informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kull darba li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni fl-NCTS, iżda sussegwentement ikun reġa' lura għal proċedura tal-kontinwità tal-operat.

F'xi każijiet, l-awtoritajiet doganali jistgħu jirrikjedu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ġdida. F'dan il-każ id-dikjarazzjoni preċedenti tiġi invalidata u d-dikjarazzjoni l-ġdida tingħata MRN ġdid.

IV.2.3.4 Verifika tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu u kontroll tal-merkanzija

L-Artikolu 35, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 188 KDU,

L-Artikoli 238 u 239 IA

Wara li l-uffiċċju doganali tat-tluq ikun aċċetta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu sabiex jivverifika l-akkuratezza tad-dettalji, huwa:

- jeżamina d-dikjarazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn;
- jesiġi li d-dikjarant jippreżenta dokumenti oħrajn, jekk ikun hemm;
- jeżamina l-merkanzija, jekk meħtieġ;
- jieħu kampjuni għall-analiżi jew għall-eżaminazzjoni dettaljata tal-merkanzija, jekk meħtieġ;
- jivverifika l-eżistenza u l-validità tal-garanzija.

L-eżistenza u l-validità tal-garanzija jiġu vverifikati permezz tan-numru ta' referenza tal-garanzija u l-kodiċi ta' aċċess (aktar dettalji fil-Parti III).

Qabel ir-rilaxx tal-merkanzija għal tranżitu, l-NCTS tivverifika fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Garanziji (GMS) l-integrità u l-validità ta' garanzija fir-rigward tal-informazzjoni li ġejja skont il-livell ta' monitoraġġ:

- l-ammont tal-garanzija huwiex biżżejjed (fil-każ ta' garanzija komprensiva, jekk l-ammont disponibbli tal-garanzija huwiex biżżejjed);
- il-garanzija hijiex valida għall-Partijiet Kontraenti kollha involuti fl-operazzjoni ta' tranżitu;
- il-garanzija hijiex f'isem id-detentur tal-proċedura.

Imbagħad, il-GMS tirreġistra l-użu u tinforma lill-NCTS.

Jekk il-merkanzija tiġi eżaminata, dan isir fil-postijiet iddeżinjati mill-uffiċċju doganali tat-tluq u matul il-ħinijiet allokati għal dan l-għan. Id-detentur tal-proċedura jiġi informat bil-post u bil-ħin. Madankollu, fuq talba tad-detentur tal-proċedura, l-awtoritajiet doganali jistgħu jeżaminaw il-merkanzija f'postijiet oħrajn jew barra

mill-ħinijiet uffiċjali tal-ftuħ.

Jekk jinstabu diskrepanzi minuri, l-uffiċċju doganali tat-tluq jinnotifika lid-detentur tal-proċedura. Sabiex jiġu solvuti dawn id-diskrepanzi, l-uffiċċju doganali tat-tluq jagħmel modifiki minuri (bi ftehim mad-detentur tal-proċedura) fid-*data* tad-dikjarazzjoni sabiex il-merkanzija tkun tista' tiġi rrilaxxata għat-tranżitu.

Jekk tinstab irregolarità serja, l-uffiċċju doganali tat-tluq jinforma lid-detentur tal-proċedura li l-merkanzija mhijiex se tiġi rrilaxxata bil-messaġġ ta' "Ebda rilaxx għal tranżitu" (IE051) u jirreġistra r-riżultat mhux sodisfaċenti.

L-uffiċċju doganali tat-tluq jirreġistra l-kodiċi li ġej għall-kontroll jirriżulta fil-messaġġ IE001:

- "A1" (Sodisfaċenti): meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu wara l-kontroll fiżiku (sħiħ jew parzjali) u ma tkun ġiet identifikata l-ebda diskrepanza;
- "A2" (Meqjusa sodisfaċenti): meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu wara kontroll tad-dokumenti biss (l-ebda kontroll fiżiku) u ma tkun ġiet identifikata l-ebda diskrepanza jew mingħajr ebda kontroll;
- "A3" (Proċedura simplifikata): meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu minn konsenjatur awtorizzat.

IV.2.3.5 Itinerarju għall-moviment tal-merkanzija

L-Artikolu 33, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

Ir-regola ġenerali hija li l-merkanzija sottoposta għall-proċedura ta' tranżitu trid tiġi ttrasportata għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni minn rotta ekonomikament ġustifikata.

L-Artikolu 298 IA

Madankollu, meta l-uffiċċju doganali tat-tluq jew id-detentur tal-proċedura jqis neċessarju, dak l-uffiċċju doganali jippreskrivi itinerarju għall-moviment tal-merkanzija matul proċedura ta' tranżitu, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni relevanti kkomunikata mid-detentur tal-proċedura.

DWANA

L-uffiċċju doganali tat-tluq, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni relevanti kkomunikata mid-detentur tal-proċedura, jispeċifika itinerarju predefinit billi jdaħħal l-informazzjoni tal-pajjiżi li minnhom ikun se jsir tranżitu fid-*data* tad-dikjarazzjoni fl-NCTS (il-kodiċijiet tal-pajjiżi jkunu biżżejjed).

Nota 1: Għall-Unjoni, ipprovdi l-kodiċijiet tal-pajjiżi tal-Istati Membri kkonċernati.

Nota 2: Ipprovdi l-kodiċijiet tal-pajjiżi ta' kwalunkwe pajjiż inkluż fl-itinerarju predefinit.

L-itinerarju predefinit jista' jinbidel matul l-operazzjoni ta' tranżitu. F'dan il-każ, it-trasportatur huwa obbligat jagħmel l-entrati meħtieġa fil-Kaxxa 56 tad-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu (TAD) u li jippreżentah bla dewmien żejjed wara li l-itinerarju jkun inbidel flimkien mal-merkanzija lill-eqreb awtorità doganali tal-pajjiż li l-mezzi tat-trasport ikunu jinsabu fit-territorju tiegħu. L-awtorità kompetenti tqis jekk l-operazzjoni ta' tranżitu tistax tkompli, tieħu kwalunkwe pass li jista' jkun neċessarju u tapprova t-TAD fil-Kaxxa G.

Il-Parti IV.3.3.1 fiha aktar dettalji dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għal inċidenti li jseħħu matul it-trasport.

IV.2.3.6 Limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija

L-Artikoli 34 u 45(2), l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikoli 297 u 306(3) IA

L-uffiċċju doganali tat-tluq jiffissa limitu ta' żmien li fih il-merkanzija trid tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Il-limitu ta' żmien stipulat minn dak l-uffiċċju huwa vinkolanti fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi li l-merkanzija tidħol fit-territorju tagħhom waqt operazzjoni ta' tranżitu. Ma jistgħux ibiddlu l-limitu ta' żmien.

Meta l-merkanzija tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni wara l-limitu ta' żmien stabbilit mill-uffiċċju doganali tat-tluq, id-detentur tal-proċedura jitqies li jkun ikkonforma mal-limitu ta' żmien jekk id-detentur jew it-trasportatur jipprovaw, għas-sodisfazzjon tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, li d-dewmien ma jistax jiġi attribwit lilhom.

DWANA

Meta jiffissa l-limitu ta' żmien, l-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jqis:

- il-mezz tat-trasport li għandu jintuża;
- l-itinerarju;
- kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar it-trasport jew leġiżlazzjoni oħra li jista' jkollha impatt fuq l-iffissar ta' limitu ta' żmien (pereżempju: il-leġiżlazzjoni soċjali jew ambjentali li taffettwa l-mod tat-trasport, ir-regolamenti tat-trasport dwar il-

ħinijiet tax-xogħol u l-perjodi obbligatorji ta' mistrieħ għas-sewwieqa);

- l-informazzjoni kkomunikata mid-detentur tal-proċedura, fejn xieraq.

L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jew jidħol, u/jew japprova meta jkun jaqbel mal-limitu ta' żmien imniżżel mid-detentur tal-proċedura, il-limitu ta' żmien fid-*data* tad-dikjarazzjoni (bl-użu tas-sistema SSSS-XX-JJ). Din hija d-data li sa din il-merkanzija u t-TAD iridu jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

IV.2.3.7 Mezz ta' identifikazzjoni

Dan il-paragrafu huwa suddiviż kif ġej:

- introduzzjoni (il-Paragrafu IV.2.3.7.1);
- metodi ta' ssiġillar (il-Paragrafu IV.2.3.7.2);
- il-karatteristiċi tas-siġilli (il-Paragrafu IV.2.3.7.3);
- l-użu ta' siġilli ta' tip speċjali (il-Paragrafu IV.2.3.7.4).

IV.2.3.7.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 11(2) Il-Konvenzjoni

L-Artikoli 36-39, l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 192 KDU

L-Artikolu 299 IA

Huwa importanti li jiġi żgurat li l-merkanzija ttrasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu tkun tista' tiġi identifikata. Bħala regola ġenerali, l-issiġillar jista' jintuża sabiex tiġi identifikata din il-merkanzija.

L-Artikolu 39, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni,

L-Artikolu 302 IA

Madankollu, l-uffiċċju doganali tat-tluq jista' jirrinunzja l-ħtieġa għall-issiġillar jekk id-deskrizzjoni tal-merkanzija fid-*data* tad-dikjarazzjoni jew fid-dokumenti supplimentari tkun preċiża biżżejjed sabiex tippermetti l-identifikazzjoni faċli tal-merkanzija u jiddikjara l-kwalità, in-natura u l-karatteristiċi speċjali tagħha (eż. billi jagħti n-numru tal-magna u tax-xażì għal karozzi ttrasportati taħt il-proċedura ta' tranżitu jew in-numri tas-serje tal-merkanzija).

Bħala eżenzjoni mhuma meħtieġa l-ebda siġilli (sakemm l-uffiċċju doganali tat-tluq ma jiddeċidix mod ieħor) jekk:

- il-merkanzija tinġarr bl-ajru, u jitwaħħlu tikketti ma' kull konsenja li jkollha n-numru tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru li jakkumpanjaha, jew inkella l-konsenja tikkostitwixxi unità ta' tagħbija li fuqha jkun indikat in-numru tal-polza tal-vjeġġ

bl-ajru li jakkumpanjaha;

- il-merkanzija tinġarr bil-ferrovija, u miżuri ta' identifikazzjoni jiġu applikati mill-kumpaniji ferrovjarji.

DWANA
L-uffiċċju doganali tat-tluq, li jkun waħħal is-siġilli, għandu jirreġistra n-numru tas-siġilli u l-identifikaturi tas-siġilli fid-*data* tad-dikjarazzjoni. Meta s-siġilli ma jkunux meħtieġa għall-identifikazzjoni, l-uffiċċju doganali tat-tluq iħalli l-kaxxa vojta. F'dan il-każ, l-NCTS awtomatikament tistampa "- -" fil-Kaxxa D tat-TAD.

Jekk merkanzija li ma hijiex soġġetta għall-proċedura ta' tranżitu li tkun qed tinġarr ma' merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu fuq l-istess mezz tat-trasport jew fil-kontejner, l-issiġillar tal-kompartiment tat-tagħbija jew l-ispazju li fih l-merkanzija normalment ma jsirx meta l-merkanzija tkun tista' tiġi identifikata permezz ta' siġillar tal-pakketti individwali jew b'deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija.

Nota: Il-merkanzija trid tkun separata b'mod ċar u ttikkettata sabiex jiġi faċilment identifikat liema merkanzija tkun qed tinġarr taħt proċedura ta' tranżitu u dik li ma tkunx.

Jekk l-identità tal-konsenja ma tkunx tista' tiġi żgurata bl-issiġillar jew bid-deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija, l-uffiċċju doganali tat-tluq jirrifjuta li jippermetti li l-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu.

L-Artikolu 38(5), L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

Is-siġilli ma jistgħux jitneħħew mingħajr l-approvazzjoni tal-awtoritajiet doganali kompetenti.

L-Artikolu 301(5) IA

Jekk vettura tkun ġiet issiġillata fl-uffiċċju doganali tat-tluq u ġġorr merkanzija lejn uffiċċji doganali differenti tad-destinazzjoni taħt il-kopertura ta' diversi TADs u jekk iseħħ ħatt suċċessiv f'diversi uffiċċji doganali tad-destinazzjoni li jinsabu f'pajjiżi differenti, l-awtoritajiet doganali fl-uffiċċji doganali intermedji tad-destinazzjoni fejn jitneħħew is-siġilli sabiex iħottu partijiet tat-tagħbija jridu jwaħħlu siġilli ġodda u jindikaw dan fil-Kaxxa F tat-TAD(s). F'dan il-każ l-awtoritajiet doganali jieħdu impenn li jissiġillaw mill-ġdid kif ikun neċessarju, b'siġill doganali b'tal-anqas karatteristika tas-sigurtà ekwivalenti.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jindika dan/dawn is-siġill(i)

il-ġdid/il-ġodda msemmi(ja) fit-TAD lill-uffiċċju doganali tat-tluq fil-messaġġ IE018 taħt "Informazzjoni dwar Siġilli Ġodda" u "ID ta' Siġilli Ġodda".

IV.2.3.7.2 Metodi ta' ssiġillar

L-Artikolu 11(2), il-Konvenzjoni,

L-Artikolu 299 IA

Hemm żewġ metodi ta' sssiġillar:

- l-ispazju li jkun fih il-merkanzija, fejn il-mezzi tat-trasport jew il-kontejner ikunu ġew irrikonoxxuti mill-uffiċċju doganali tat-tluq bħala adattati għall-issiġillar;
- f'każijiet oħrajn, kull pakkett individwali.

Fejn ikun hemm issiġillar tal-ispazji li jkun fihom il-merkanzija, il-mezz tat-trasport irid ikun adattat għall-issiġillar.

DWANA

(L-Artikolu 11(3) tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 300 IA)

L-uffiċċju doganali tat-tluq iqis il-mezzi tat-trasport bħala adattati għall-issiġillar jekk:

- is-siġilli jistgħu jitwaħħlu sempliċiment u effettivament mal-mezz tat-trasport jew mal-kontejner;
- il-mezz tat-trasport jew il-kontejner ma jkollux spazji moħbijin fejn tista' tinħeba l-merkanzija;
- l-ispazji rriżervati għall-merkanzija jkunu aċċessibbli faċilment għall-ispezzjoni mill-awtorità doganali.

Nota: Il-mezzi tat-trasport jew il-kontejners jitqiesu adattati għall-issiġillar jekk ikunu approvati għall-ġarr ta' merkanzija taħt siġilli doganali f'konformità ma' ftehim internazzjonali li jkunu aderixxew għalih il-Partijiet Kontraenti (pereżempju l-Konvenzjoni Doganali tal-14 ta' Diċembru 1975 dwar it-trasport internazzjonali ta' merkanzija li taqa' taħt il-carnets TIR).

IV.2.3.7.3 Karatteristiċi tas-siġilli

Is-siġilli kollha użati bħala mezz ta' identifikazzjoni jridu jikkonformaw ma' karatteristiċi speċifikati u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

L-Artikolu 38, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 301 IA

Is-siġilli jrid ikollhom il-karatteristiċi essenzjali li ġejjin:

- jibqgħu intatti u jissakkru tajjeb fl-użu normali;
- ikunu faċli li jiġu kkontrollati u li jintgħarfu;
- ikunu mmanifatturati b'tali mod li kwalunkwe ksur, tbagħbis jew tneħħija tħalli traċċi viżibbli għall-għajn;
- ikunu ddisinjati għal użu ta' darba biss jew, jekk ikunu

maħsubin għal aktar minn użu wieħed, ikunu ddisinjati b'tali mod li jistgħu jingħataw marka ċara u individwali għall-identifikazzjoni kull darba li jerġgħu jintużaw;
- ikollhom identifikaturi tas-siġill individwali li jkunu permanenti, jinqraw faċilment u b'numru uniku.

Barra minn hekk, is-siġilli jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi li ġejjin:
- il-forma u d-dimensjoni tas-siġilli tista' tvarja skont il-metodu tal-issiġillar użat, imma d-dimensjonijiet jridu jkunu tali li jassiguraw li marki tal-identifikazzjoni jkunu jistgħu jinqraw faċilment;
- il-marki ta' identifikazzjoni tas-siġill iridu jkunu infalsifikabbli u li ma jippermettux riproduzzjoni faċli;
- il-materjal li jintuża jrid ikun reżistenti għal ksur aċċidentali u li ma jippermettix il-falsifikazzjoni jew l-użu mill-ġdid b'qerq.

Is-siġilli għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' hawn fuq, jekk dawn ikunu ġew iċċertifikati mill-korp kompetenti f'konformità mal-Istandard Internazzjonali ISO Nru 17712:2013 "Kontejners Marittimi — Siġilli Mekkaniċi".

Għat-trasport fil-kontejners, iridu jintużaw sa fejn ikun possibbli siġilli b'karatteristiċi ta' sigurtà għolja.

Is-siġill doganali għandu jkollu l-indikazzjoni li ġejja:
- il-kelma "Dwana" f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni jew tal-pajjiż ta' tranżitu komuni jew abbrevjazzjoni korrispondenti;
- kodiċi tal-pajjiż, fil-forma tal-kodiċi tal-pajjiż ISO-alpha-2, li jidentifika l-pajjiż li fih twaħħal is-siġill.

Barra minn hekk, il-Partijiet Kontraenti jistgħu, bi qbil ma' xulxin, jiddeċiedu li jużaw karatteristiċi u teknoloġija ta' sigurtà komuni.

Kull Stat Membru jeħtieġlu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar it-tipi ta' siġill doganali li juża. Il-Kummissjoni tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pajjiżi kollha.

IV.2.3.7.4 Użu ta' siġilli ta' tip speċjali

L-Artikoli 81-83, l-Appendiċi I,

Sabiex id-detentur tal-proċedura juża siġilli ta' tip speċjali hija meħtieġa awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

il-Konvenzjoni

L-Artikoli 317-318 IA

Użu ta' siġilli ta' tip speċjali huwa simplifikazzjoni soġġett għal ċerti kundizzjonijiet (għal aktar dettalji, ara l-Parti VI, il-Paragrafu 3.3).

Jekk jintużaw dawn is-siġilli ta' tip speċjali, id-detentur tal-proċedura jdaħħal l-għamla, it-tip u n-numru tas-siġilli mwaħħlin fid-*data* tad-dikjarazzjoni (Kaxxa D). Is-siġilli jridu jitwaħħlu qabel ma tiġi rrilaxxata l-merkanzija.

IV.2.3.8 Ir-rilaxx tal-merkanzija

L-Artikolu 40, l-Appendiċi I Il-Konvenzjoni

L-Artikolu 303 IA

Wara li jitlestew il-formalitajiet li ġejjin fl-uffiċċju doganali tat-tluq:

- il-preżentazzjoni tad-*data* tad-dikjarazzjoni lill-uffiċċju doganali tat-tluq;
- il-verifika tad-*data* tad-dikjarazzjoni;
- l-aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu;
- it-tlestija tal-kontroll possibbli;
- l-għoti ta' garanzija, fejn meħtieġa (ara l-Parti III);
- l-iffissar tal-limitu ta' żmien;
- l-iffissar ta' itinerarju, fejn meħtieġ;
- it-twaħħil ta' siġilli, fejn meħtieġ;

il-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu. Jiġu trażmessi l-messaġġi relevanti:

- il-messaġġ ta' "Rilaxx għat-tranżitu" (IE029) lid-dikjarant:
- il-messaġġ IE001 lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;
- il-messaġġ IE050 lill-uffiċċju doganali tat-tranżitu, jekk applikabbli.

Il-kontenut ta' dawk il-messaġġi huwa dderivat mid-dikjarazzjoni tat-tranżitu (emendata, kif xieraq).

DWANA

Ladarba jitlestew il-formalitajiet, l-uffiċċju doganali tat-tluq:

- jivvalida d-dikjarazzjoni tat-tranżitu;
- iżomm rekord tar-riżultati tal-kontroll;
- jirreġistra l-garanzija;
- jibgħat lill-uffiċċju ddikjarat tad-destinazzjoni u lill-uffiċċju/i ta' tranżitu (jekk ikun hemm) il-messaġġ IE001 u, fejn xieraq, il-messaġġ IE050; u

- jistampa t-TAD (inkluża l-LoI, fejn xieraq).

IV.2.3.8.1 Dokumentazzjoni mar-rilaxx

L-Artikolu 41, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 303(4) IA

L-Artikolu 184(2) DA kif emendat bit-TDA

L-uffiċċju doganali tat-tluq jipprovdi lit-TAD bl-MRN lid-detentur tal-proċedura jew lill-persuna li ppreżentat il-merkanzija fl-uffiċċju doganali tat-tluq. It-TAD, issupplimentat mil-LoI, fejn xieraq, jakkumpanja l-merkanzija matul l-operazzjoni ta' tranżitu.

It-TAD jista' jiġi stampat ukoll minn dikjarant wara l-approvazzjoni mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

IV.2.3.9 Rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu

L-Artikolu 48(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 215(2) KDU

Il-proċedura ta' tranżitu tiġi rrilaxxata mill-awtoritajiet doganali meta jkunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu, abbażi ta' tqabbil tad-*data* disponibbli għall-uffiċċju doganali tat-tluq u tad-*data* disponibbli għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, li l-proċedura ntemmet kif suppost.

IV.2.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi

Għal numru kbir ta' oġġetti differenti tal-merkanzija fi kwantitajiet żgħar (eż. provvisti tad-dgħajsa, affarijiet tad-dar għall-ġarr internazzjonali) li jiġu kkonsenjati għall-istess konsenjatarju finali u li jridu jitqiegħdu taħt tranżitu komuni/tal-Unjoni, deskrizzjoni ġenerika tal-merkanzija hija biżżejjed sabiex jiġu evitati l-kostijiet addizzjonali meħtieġa sabiex ddaħħal id-*data* tat-tranżitu. Tali arranġament ikun soġġett għall-kundizzjoni addizzjonali li deskrizzjoni sħiħa tal-merkanzija fid-dettall tkun disponibbli għal finijiet doganali u takkumpanja l-konsenja.

Fi kwalunkwe każ, l-ewwel irid jiġi vverifikat li l-merkanzija kollha verament teħtieġ li titqiegħed taħt tranżitu komuni/tal-Unjoni.

IV.2.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

IV.2.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

IV.2.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

IV.2.7.1 ATIS

DWANA Sabiex taċċessa din il-parti tad-dokument, jekk jogħġbok mur fuq is-sit taċ-Ċentru ta' Riżorsi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għall-Amministraturi, in-Negozji u ċ-Ċittadini (CIRCABC): https://circabc.europa.eu/ui/group/fac511f0-681d-41af-b678-7d743f529c8f/library/d9bfedcd-976c-4e10-836b-5158b27518f7

IV.2.7.2 SMS

DWANA Sabiex taċċessa din il-parti tad-dokument, jekk jogħġbok mur fuq is-sit ta' CIRCABC: https://circabc.europa.eu/ui/group/fac511f0-681d-41af-b678-7d743f529c8f/library/d9bfedcd-976c-4e10-836b-5158b27518f7

IV.2.8 Annessi

KAPITOLU 3 — FORMALITAJIET U INĊIDENTI WAQT IL-MOVIMENT TA' MERKANZIJA TAĦT OPERAZZJONI TA' TRANŻITU KOMUNI/TAL-UNJONI

IV.3.1 Introduzzjoni

Dan il-kapitolu jiddeskrivi l-formalitajiet u l-inċidenti waqt il-moviment ta' merkanzija f'operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni.

Il-Paragrafu IV.3.2 jiddeskrivi t-teorija ġenerali u l-leġiżlazzjoni.

Il-Paragrafu IV.3.3 jiddeskrivi l-formalitajiet għall-indirizzar ma' inċidenti matul il-moviment ta' merkanzija taħt operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni u fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu.

Il-Paragrafu IV.3.4 jittratta sitwazzjonijiet speċifiċi.

Il-Paragrafu IV.3.5 ikopri eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali.

Il-Paragrafu IV.3.6 huwa rriżervat għal regoli nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu IV.3.7 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu IV.3.8 fih l-annessi għall-Kapitolu 3.

IV.3.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

Is-sorsi legali jinsabu f'dawn:

- L-Artikoli 43 u 44, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Artikoli 304 u 305, IA;
- L-Appendiċi F1, l-Anness 9, TDA.

IV.3.3 Formalitajiet għat-trattament ta' inċidenti u l-uffiċċju doganali tat-tranżitu

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- Il-formalitajiet li għandhom jiġu segwiti għal inċident li jseħħ matul il-moviment ta' merkanzija taħt operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni (il-paragrafu IV.3.3.1);
- il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu (il-paragrafu IV.3.3.2).

IV.3.3.1 Formalitajiet għall-indirizzar tal-inċidenti

L-eżempji l-aktar ta' spiss ta' dawk li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala inċidenti waqt il-moviment tal-merkanzija taħt operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni huma:

- l-itinerarju ma jistax jiġi segwit minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tat-trasportatur;
- is-siġilli doganali jinkisru b'mod aċċidentali jew jitbagħbsu għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tat-trasportatur;
- it-trasferiment ta' merkanzija minn mezz wieħed tat-trasport għal ieħor;
- bħala konsegwenza għal periklu imminenti, il-ħatt parzjali jew totali immedjat tal-mezz tat-trasport;
- aċċident li jista' jaffettwa l-abbiltà tad-detentur tal-proċedura jew tat-trasportatur sabiex jikkonforma mal-obbligi tiegħu;
- jinbidel kwalunkwe wieħed mill-elementi li jikkostitwixxu mezz uniku tat-trasport (pereżempju jiġi rtirat vagun).

L-Artikolu 44, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 305 IA

F'kull wieħed minn dawk il-każijiet, it-trasportatur jeħtieġlu jinforma immedjatament lill-eqreb uffiċċju doganali kompetenti fil-pajjiż li l-mezz tat-trasport ikun jinsab fit-territorju tiegħu. Wara l-inċident, it-trasportatur jeħtieġlu jagħmel ukoll l-entrati neċessarji mingħajr dewmien fil-Kaxxa 56 tat-TAD u jippreżenta l-merkanzija flimkien mat-TAD lill-uffiċċju doganali. Imbagħad, l-awtorita kompetenti ta' dak l-uffiċċju doganali tiddeċiedi jekk l-operazzjoni ta' tranżitu tistax tkompli jew le. Jekk l-operazzjoni tkun tista' tkompli, l-uffiċċju relevanti japprova l-Kaxxa G, fejn jispeċifika l-azzjoni meħuda.

Jekk is-siġilli jkunu nkisru barra mill-kontroll tat-trasportatur, l-awtorità kompetenti teżamina l-merkanzija u l-vettura. Jekk tiddeċiedi li tippermetti l-operazzjoni ta' tranżitu tkompli, jitwaħħlu siġilli ġodda u t-TAD jiġi approvat kif xieraq mill-awtorità doganali.

Il-merkanzija tista' tiġi ttrasferita biss b'mezz wieħed tat-trasport għal ieħor soġġetta għall-permess u għas-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti fil-post fejn għandu jsir it-trasferiment. F'dak il-każ, it-trasportatur jeħtieġlu jimla l-Kaxxa 55 "Trasbord" tat-TAD. Dan jista' jsir ukoll bl-idejn, bil-linka u b'ittri kbar. Fejn xieraq, id-dwana tapprova l-Kaxxa F tat-TAD. Meta jkunu seħħew aktar minn żewġ trasbordi u, għalhekk, il-Kaxxa F tkun mimlija, t-trasportatur jeħtieġlu jdaħħal l-informazzjoni meħtieġa fil-Kaxxa 56 tat-TAD.

Iżda, jekk il-merkanzija tiġi ttrasferita minn mezz tat-trasport li ma

jkunx issiġillat, minkejja l-iskrizzjonijiet magħmulin mit-trasportatur, il-merkanzija u t-TAD ma jkollhomx bżonn jiġu ppreżentati fl-eqreb uffiċċju doganali u ma ssir l-ebda approvazzjoni doganali.

Meta jinbidel element wieħed jew aktar li jikkostitwixxi mezz uniku tat-trasport, il-merkanzija u l-mezz tat-trasport ma jkollhomx bżonn jiġu ippreżentati fl-eqreb uffiċċju doganali u l-approvazzjoni ta' dak l-uffiċċju doganali ma tkunx neċessarja fil-każijiet li ġejjin:

- Meta karru jew vagun wieħed jew aktar jiġu rtirati minn sett ta' karrijiet jew ta' vaguni ferrovjarji akkoppjati minħabba problemi tekniċi. F'dan il-każ, it-trasportatur, wara li jagħmel l-iskrizzjonijiet meħtieġa fit-TAD, jista' jkompli bl-operazzjoni ta' tranżitu.
- Meta l-unità tat-trattur biss ta' vettura tat-triq tinbidel mingħajr il-karrijiet jew is-semitrejlers tagħha matul il-vjaġġ (mingħajr ma l-merkanzija tiġi mmaniġġjata jew ittrasbordata), it-trasportatur jeħtieġlu jdaħħal in-numru tar-reġistrazzjoni u n-nazzjonalità tal-unità tat-trattur il-ġdida fil-Kaxxa 56 tat-TAD u l-operazzjoni ta' tranżitu tkun tista' tkompli.

Meta, fil-każijiet imsemmijin hawn fuq, it-trasportatur ma jkunx meħtieġ jippreżenta l-merkanzija u t-TAD lill-awtorità doganali li l-mezz tat-trasport ikun jinsab fit-territorju tagħha, huwa ma għandux jinforma lill-awtorità dwar tali inċidenti.

Fil-każijiet kollha ta' hawn fuq, l-iskrizzjonijiet relevanti magħmulin mit-trasportaturi u approvazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali jridu jiġu rreġistrati fl-NCTS mill-uffiċċju doganali tat-tranżitu (jekk ikun hemm) jew mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Kwalunkwe qsim ta' konsenja jrid isir taħt il-kontroll tad-dwana u l-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni trid tiġi fi tmiemha. Trid timtela dikjarazzjoni tat-tranżitu ġdida għal kull parti tal-konsenja.

IV.3.3.2 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- l-uffiċċju doganali tat-tranżitu (il-Paragrafu IV.3.3.2.1);
- il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu (il-

Paragrafu IV.3.3.2.2);

- bidla tal-uffiċċju tat-tranżitu (il-Paragrafu IV.3.3.2.3);
- azzjoni fil-każ ta' irregolaritajiet (il-Paragrafu IV.3.3.2.4).

IV.3.3.2.1 L-uffiċċju doganali tat-tranżitu

L-Artikolu 3(h), L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 1(13) IA

L-uffiċċju doganali tat-tranżitu huwa l-uffiċċju doganali li jkun jinsab f'punt tad-dħul jew tal-ħruġ fil-Parti Kontraenti. It-tabella li ġejja tagħti l-possibilitajiet varji għat-tranżitu komuni u tal-Unjoni.

	Tranżitu komuni	Tranżitu fl-Unjoni
Punt tad-dħul	- f'Parti Kontraenti	- fit-territorju doganali tal-Unjoni meta l-merkanzija tkun qasmet it-territorju ta' pajjiż terz waqt operazzjoni ta' tranżitu.
Punt tal-ħruġ	- minn Parti Kontraenti meta l-merkanzija titlaq mit-territorju doganali ta' dik il-Parti Kontraenti waqt operazzjoni ta' tranżitu minn fruntiera bejn dik il-Parti Kontraenti u pajjiż terz.	- mit-territorju doganali tal-Unjoni meta l-merkanzija titlaq minn dak it-territorju waqt operazzjoni ta' tranżitu minn fruntiera bejn Stat Membru u pajjiż terz minbarra pajjiż ta' tranżitu komuni.

F'konformità mas-CTC, normalment, għandu jiġi installat uffiċċju tat-tranżitu bejn IE u NI. Peress li dan ma huwiex fattibbli skont il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (NIP)[8], ir-Renju Unit qabel[9] li japplika l-funzjonijiet tal-uffiċċju tat-tranżitu fil-fruntiera esterna tal-gżira tal-Irlanda, fil-portijiet tal-IE u tal-NI. Ma huwa meħtieġ l-ebda uffiċċju tat-tranżitu bejn l-IE u l-NI.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment ta' merkanzija tal-Unjoni bejn il-

[8] *ĠU C 384I , 12.11.2019, p. 92*

[9] Għalhekk, l-UE u r-Renju Unit ikkonkludew Memorandum ta' Qbil (MtQ) li skont dan ir-Renju Unit se jopera l-funzjoni tal-uffiċċju tat-tranżitu fil-fruntiera esterna tal-Gżira tal-Irlanda minflok fil-fruntiera bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq.

partijiet differenti tat-territorju doganali tal-Unjoni meta jkollha taqsam it-territorju ta' pajjiż terz li ma jkunx pajjiż ta' tranżitu komuni, l-Istati Membri jeħtiġilhom jintrabtu li jistabbilixxu, sa fejn ikun possibbli (meta ċ-ċirkostanzi lokali jippermettu), korsiji speċjali tul l-uffiċċji doganali tagħhom li jkunu jinsabu fil-fruntiera esterna tal-Unjoni u rriżervati għall-kontroll ta' merkanzija tal-Unjoni li tinġarr taħt il-kopertura ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu maħruġa fi Stat Membru ieħor.

Il-kontroll ta' din il-merkanzija jkun limitati għall-eżami tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni u, jekk neċessarju, għat-tmiem tal-operazzjoni tat-trasport, sakemm iċ-ċirkostanzi ta' dik l-operazzjoni ma jesiġux eżaminazzjoni aktar dettaljata.

Meta l-kontroll imsemmi hawn fuq ma jipproduċix irregolaritajiet, it-trasport jitħalla jipproċedi lejn id-destinazzjoni tiegħu.

Eżempji li jidentifikaw l-uffiċċji tat-tranżitu

Eżempju 1: DE minn BE għal GB

L-uffiċċju tat-tluq jinsab f'DE u l-merkanzija titlaq mill-UE permezz ta' port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma f'BE. L-uffiċċju tat-tranżitu jinsab fil-port f'GB.

Eżempju 2: DE minn FR u GB għal NI

L-uffiċċju tat-tluq jinsab f'DE u l-merkanzija titlaq mill-UE permezz ta' port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma f'FR. L-ewwel uffiċċju tat-tranżitu jinsab fil-port tal-wasla tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma f'GB. Il-proċedura ta' tranżitu tkompli f'GB lejn il-port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma fejn il-merkanzija tidħol f'mezz ta' trasport tul korp tal-ilma bid-destinazzjoni NI. Fil-port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma f'GB, fit-tluq minn GB ma tkun meħtieġa l-ebda formalità. Mad-dħul f'port f'NI, jiġu applikati l-formalitajiet tal-uffiċċju tat-tranżitu.

Eżempju 3: DE minn NL, GB u IE għal NI

L-uffiċċju tat-tluq jinsab f'DE u l-merkanzija titlaq mill-UE permezz ta' port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma f'NL. L-ewwel uffiċċju tat-tranżitu jinsab fil-port tal-wasla tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma f'GB. Il-proċedura ta' tranżitu tkompli f'GB lejn il-port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma fejn il-merkanzija tidħol f'mezz ta' trasport tul korp tal-ilma bid-destinazzjoni IE. Mal-wasla f'IE, jiġu

applikati l-formalitajiet tal-uffiċċju tat-tranżitu. Il-proċedura ta' tranżitu tkompli f'IE u l-merkanzija tgħaddi mill-fruntiera bejn IE u NI mingħajr ebda formalità doganali. Il-merkanzija tiġi ppreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni f'NI.

Użu tal-proċedura T1 jew T2 għall-merkanzija li tgħaddi mill-UE għal NI?

- Jekk il-merkanzija tal-Unjoni ma tkunx qed tgħaddi minn pajjiż ta' tranżitu komuni mill-UE għal NI, ma tkun meħtieġa l-ebda proċedura ta' tranżitu (ara wkoll l-eżempju 9).
- Jekk il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata għal NI, tintuża l-proċedura T2. Il-merkanzija tiġi ttrasportata bħala provvista intra-UE minn SM, u tgħaddi minn GB, għal NI. Fl-uffiċċju tad-destinazzjoni f'NI, il-proċedura ta' tranżitu tintemm u peress li l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni jiġi stabbilit mal-wasla permezz tal-proċedura T2, is-superviżjoni doganali tista' tintemm u ma tkunx meħtieġa proċedura doganali sussegwenti.
- Jekk il-merkanzija mhux tal-Unjoni tiġi ttrasportata għal NI, trid tintuża l-proċedura T1. Fl-uffiċċju tad-destinazzjoni f'NI, tkun meħtieġa proċedura doganali sussegwenti.

<u>Eżempju 4: NI għal GB</u>

L-uffiċċju tat-tluq jinsab f'NI u l-merkanzija titlaq minn NI permezz ta' port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma. L-ewwel uffiċċju tat-tranżitu jinsab fil-port f'GB.

Użu tal-proċedura T1 jew T2 għall-merkanzija li tgħaddi minn NI għal GB?

- L-użu tal-proċedura ta' tranżitu estern T1: għal merkanzija mhux tal-Unjoni (jew għall-esportazzjoni segwita minn proċedura ta' tranżitu, meta jkun applikabbli l-Artikolu 189 DA)
- L-użu tal-proċedura ta' tranżitu intern T2: il-merkanzija tal-Unjoni esportata u segwita bi proċedura ta' tranżitu

<u>Eżempju 5: GB għal NI</u>

L-uffiċċju tat-tluq jinsab f'GB u l-merkanzija titlaq minn GB permezz ta' port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma. L-ewwel uffiċċju tat-tranżitu jinsab fil-port f'NI.

Użu tal-proċedura T1 jew T2 għall-merkanzija li tgħaddi minn GB għal NI?

- L-użu tal-proċedura ta' tranżitu intern T2: fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9 CTC f'GB.

- L-użu tal-proċedura ta' tranżitu estern T1: fil-każijiet l-oħrajn kollha.

Eżempju 6: GB minn NI għal IE

L-uffiċċju tat-tluq jinsab f'GB u l-merkanzija titlaq minn GB permezz ta' port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma. L-ewwel uffiċċju tat-tranżitu jinsab fil-port f'NI. Il-merkanzija taqsam il-fruntiera bejn NI u IE mingħajr ebda formalità doganali oħra. Il-merkanzija tiġi ppreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni f'IE.

Użu tal-proċedura T1 jew T2 għall-merkanzija li tiġi ttrasportata minn GB?

- Ara l-eżempju 5.

Eżempju 7: GB minn NL għal DE

L-uffiċċju tat-tluq jinsab f'GB u l-merkanzija titlaq minn GB permezz ta' port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma. L-uffiċċju tat-tranżitu jinsab fil-port tal-wasla tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma f'NL, fl-UE. Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu u l-merkanzija jiġu ppreżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni f'DE.

Eżempju 8: IE, minn NI, minn GB, minn BE, minn FR, minn CH għal IT

L-uffiċċju tat-tluq jinsab f'IE. Il-merkanzija tgħaddi mill-fruntiera bejn IE u NI mingħajr ebda formalità doganali u l-proċedura ta' tranżitu tkompli f'NI. Il-merkanzija titlaq minn NI permezz ta' port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma. L-ewwel uffiċċju tat-tranżitu jinsab fil-port tal-wasla tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma f'GB. Il-proċedura ta' tranżitu tkompli f'GB lejn il-port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma fejn il-merkanzija tidħol f'mezz ta' trasport tul korp tal-ilma bid-destinazzjoni BE. Mal-wasla f'BE, jiġu applikati l-formalitajiet tat-tieni uffiċċju tat-tranżitu. Il-proċedura ta' tranżitu tkompli fl-UE. It-tielet uffiċċju tat-tranżitu huwa l-ewwel uffiċċju doganali f'CH. Ir-raba' uffiċċju tat-tranżitu huwa l-ewwel uffiċċju doganali f'IT. Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu u l-merkanzija jiġu ppreżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni f'IT.

Eżempju 9: NI minn IE għal FR (u viċi versa)

Il-merkanzija titlaq minn NI u taqsam il-fruntiera bejn NI u IE mingħajr ebda formalità doganali. Il-merkanzija titlaq minn IE permezz ta' port tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma. Il-port tal-

wasla tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma jinsab f'FR. Il-merkanzija tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali fil-port tal-wasla tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma f'FR.

L-użu tal-proċedura T1 jew T2, jew prova biss tal-istatus tal-Unjoni għal merkanzija ttrasportata bejn il-gżira tal-Irlanda u l-UE?

- F'dan l-eżempju, il-merkanzija tal-Unjoni ma tkunx qed tiġi ttrasportata minn pajjiż ta' tranżitu komuni. Konsegwentement, ma tistax tintuża l-proċedura T2. Jekk tkun meħtieġa, prova tal-istatus tal-Unjoni tkun biżżejjed meta l-merkanzija tiġi ppreżentata lid-dwana fil-port tal-wasla tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma.
- Jekk il-merkanzija mhux tal-Unjoni tiġi ttrasportata bejn il-gżira tal-Irlanda u l-UE, trid tintuża l-proċedura T1. Fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, tkun meħtieġa proċedura doganali sussegwenti.

IV.3.3.2.2 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu

L-Artikolu 43, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

It-TAD, li jinkludi l-MRN, u l-merkanzija, jiġu ppreżentati lil kull uffiċċju doganali tat-tranżitu.

L-Artikolu 304 IA

L-uffiċċju/i doganali tat-tranżitu jista' jispezzjona l-merkanzija jekk dan ikun neċessarju. Kwalunkwe spezzjoni titwettaq prinċipalment fuq il-bażi tad-dettalji ta' operazzjoni ta' tranżitu riċevuta mill-uffiċċju doganali tat-tluq fil-forma ta' messaġġ IE050.

DWANA

L-uffiċċju doganali tat-tranżitu:

- jirreġistra l-MRN;
- jirreġistra l-passaġġ tal-fruntiera; u
- jibgħat il-messaġġ IE118 lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Meta l-merkanzija tkun soġġetta għal restrizzjoni fuq l-esportazzjoni, it-TAD ikollu waħda minn dawn li ġejjin:

- fi tranżitu komuni:
  DG0 ("Esportazzjoni minn pajjiż soġġetta għal restrizzjoni"); jew
  DG1 ("Esportazzjoni minn pajjiż soġġetta għal dazji").
- fi tranżitu tal-Unjoni:
  DG0 ("Esportazzjoni mill-UE soġġetta għal restrizzjoni"); jew
  DG1 ("Esportazzjoni mill-UE soġġetta għal dazji").

IV.3.3.2.3 Bidla tal-uffiċċju doganali tat-tranżitu

Il-merkanzija tista' tiġi ttrasportata permezz ta' uffiċċju doganali tat-tranżitu li ma jkunx dak iddikjarat fit-TAD.

Jekk il-merkanzija u t-TAD jiġu ppreżentati lil uffiċċju doganali tat-tranżitu differenti minn dak iddikjarat u l-MRN imdaħħal mill-uffiċċju doganali attwali tat-tranżitu jkun relatat ma' operazzjoni ta' tranżitu li għaliha dak l-uffiċċju doganali ma jkollux il-messaġġ IE050 rilevanti, l-NCTS awtomatikament titlob mingħand l-uffiċċju doganali tat-tluq il-messaġġ ta' "Talba għal ATR" (IE114) li jintbagħat lill-uffiċċju doganali tat-tranżitu attwali.

L-NCTS fl-uffiċċju doganali tat-tluq awtomatikament tirrispondi permezz tal-messaġġ ta' "Tweġiba għal ATR" (IE115). Malli jasal il-messaġġ IE115, l-NCTS tiġi aġġornata u r-rekord tal-operazzjoni ta' tranżitu jkun disponibbli fl-istat "ATR Iġġenerat", u jkun lest għall-ipproċessar mid-dwana.

Meta l-operazzjoni ta' tranżitu tintemm fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, l-uffiċċju/i doganali tat-tranżitu ddikjarat(i) li jinqabeż/jinqabżu jiġi/u mgħarraf/mgħarrfin b'dan awtomatikament.

Jekk id-*data* tal-operazzjoni ta' tranżitu kkonċernata ma tistax tingħata għal raġunijiet diversi, il-messaġġ IE115 bil-"kodiċi tar-raġuni għal rifjut tal-ATR" u r-raġuni għar-rifjut (obbligatorja għall-kodiċi 4) jintbagħtu lill-uffiċċju doganali tat-tranżitu attwali, li mbagħad jieħu l-miżuri xierqa.

DWANA

Fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu attwali:

- l-MRN jiġi rreġistrat fl-NCTS;
- il-messaġġ IE114 jintbagħat lill-uffiċċju doganali tat-tluq;
- l-NCTS fl-uffiċċju doganali tat-tluq tirrispondi bil-messaġġ (IE115), inkluż l-informazzjoni mill-messaġġ IE050;
- l-NCTS fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu tiġi aġġornata u r-rekord tal-operazzjoni ta' tranżitu jkun disponibbli fl-istat "ATR Iġġenerat", u jkun lest għall-ipproċessar mid-dwana;
- l-uffiċċju doganali tat-tranżitu jirreġistra l-passaġġ tal-fruntieri u jibgħat il-messaġġ IE118 lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

IV.3.3.2.4 Azzjoni fil-każ ta' irregolaritajiet gravi

Meta uffiċċju doganali tat-tranżitu jsib irregolaritajiet kbar li għandhom x'jaqsmu mal-operazzjoni ta' tranżitu inkwistjoni, jeħtieġlu jtemm il-proċedura ta' tranżitu u jibda l-investigazzjonijiet neċessarji.

IV.3.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*)

IV.3.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

IV.3.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

IV.3.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

IV.3.8 Annessi

KAPITOLU 4 — FORMALITAJIET FL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAD-DESTINAZZJONI

IV.4.1 Introduzzjoni

Il-Kapitolu 4 jiddeskrivi l-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Il-Paragrafu IV.4.2 jiddeskrivi t-teorija ġenerali u l-leġiżlazzjoni.

Il-Paragrafu IV.4.3 jiddeskrivi l-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, inklużi t-tmiem u l-kontroll tal-proċedura.

Il-Paragrafu IV.4.4 jittratta sitwazzjonijiet speċifiċi.

Il-Paragrafu IV.4.5 ikopri eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali.

Il-Paragrafu IV.4.6 huwa rriżervat għal regoli nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu IV.4.7 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu IV.4.8 fih l-annessi għall-Kapitolu 4.

IV.4.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

Fl-aħħar tal-operazzjoni tat-tranżitu, il-merkanzija flimkien mat-TAD u mal-informazzjoni meħtieġa mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (eż. l-irċevuta maħruġa mill-pulizija f'każ ta' inċident, l-irċevuta mis-servizz ta' ħsara fil-vettura, CMR, eċċ.) iridu jiġu ppreżentati lil dak l-uffiċċju doganali. Dan ifisser it-tmiem tal-operazzjoni tat-tranżitu. Il-messaġġ ta' "Avviż tal-wasla" (IE006) jintbagħat mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni lill-uffiċċju doganali tat-tluq mingħajr dewmien.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jivverifika l-merkanzija fuq il-bażi ta' informazzjoni miksuba mill-NCTS, flimkien mat-TAD fejn rilevanti, jirreġistra r-riżultati tal-ispezzjoni u jibgħat il-messaġġ ta' "Riżultati tal-kontrolli " (IE018) lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Jekk ma tinstab l-ebda diskrepanza, l-uffiċċju doganali tat-tluq jirrilaxxa l-operazzjoni ta' tranżitu.

Fil-każ ta' diskrepanzi, ikunu neċessarji aktar miżuri.

Is-sorsi legali jinsabu f'dawn:

- L-Artikoli 8 u 45-51, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Anness B10, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni;
- L-Artikoli 215, 233(1), (2) u (3) KDU;
- L-Artikoli 306-312 IA;
- L-Anness 72-03 IA.

IV.4.3 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- il-preżentazzjoni tal-merkanzija flimkien mad-dokumenti fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (il-Paragrafu IV.4.3.1);

- il-kontroll tat-tmiem tal-proċedura (il-Paragrafu IV.4.3.2).

F'dan il-paragrafu, nassumu li ma seħħet l-ebda diskrepanza. Il-passi li jridu jittieħdu fil-każ ta' diskrepanzi huma deskritti fil-Paragrafu IV.4.4 ta' dan il-Kapitolu.

Nota: **It-tmiem** tal-proċedura ta' tranżitu fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma huwiex l-istess bħar-**rilaxx** tal-proċedura ta' tranżitu. Huwa l-uffiċċju doganali tat-tluq, fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, li jiddeċiedi jekk il-proċedura ta' tranżitu tista' tiġi rrilaxxata.

IV.4.3.1 Preżentazzjoni tal-merkanzija

L-Artikolu 8, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 233(1) u (2) KDU

Il-proċedura ta' tranżitu tintemm u l-obbligi tad-detentur tal-proċedura jkunu ssodisfati meta l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura, it-TAD u informazzjoni oħra meħtieġa jkunu disponibbli għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali.

Fil-prattika, it-tmiem tal-proċedura jfisser il-preżentazzjoni tal-merkanzija, tat-TAD u ta' informazzjoni oħra meħtieġa lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Mil-lat legali, ifisser li l-preżentazzjoni titwettaq f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali fuq il-bażi tat-tip ta' proċedura użata, jiġifieri regolari jew simplifikata[10]. Iż-żewġ

10 Minbarra d-definizzjoni ġenerali tat-tmiem tal-proċedura, hemm numru ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċjali li taħthom il-proċedura tintemm jew titqies bħala li waslet fi tmiemha fil-qafas tal-proċeduri bħal dawk dwar il-konsenjatarju awtorizzat u t-tranżitu bl-ajru bil-baħar u l-proċedura ta' tranżitu għat-trasport ta' merkanzija b'installazzjoni fissa tat-trasport (għal aktar informazzjoni ara l-Parti V).

azzjonijiet huma r-responsabbiltà u l-obbligu prinċipali tad-detentur tal-proċedura.

Meta l-proċedura tintemm, l-obbligi tad-detentur tal-proċedura skont il-proċedura jintemmu wkoll. Avveniment jew nuqqas ta' konformità mal-obbligi wara dik id-data jinvolvi destinazzjonijiet oħrajn u regoli doganali oħrajn aktar milli dawk relatati mat-tranżitu. Madankollu, dan ma jfissirx li r-responsabbiltà (finanzjarja jew ta' xorta oħra) tad-detentur tal-proċedura ma tistax tiġi ddubitata wara t-tmiem tal-proċedura, iżda biss sa fejn din tirrigwarda l-operazzjoni ta' tranżitu ta' qabel.

L-Artikolu 8, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 233(3) KDU

Minbarra d-detentur tal-proċedura, persuni oħrajn għandhom obbligi taħt il-proċedura ta' tranżitu. It-trasportatur u kwalunkwe persuna li jirċievu l-merkanzija li jafu li dawn kienu mqegħdin taħt il-proċedura ta' tranżitu huma wkoll responsabbli għall-preżentazzjoni intatta tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fit-terminu mogħti u f'konformità mal-miżuri meħudin mill-awtoritajiet doganali sabiex jiżguraw l-identifikazzjoni tagħhom.
Il-merkanzija, flimkien mat-TAD u ma' informazzjoni oħra meħtieġa, iridu jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Dan irid isir matul il-ħinijiet uffiċjali tal-ftuħ tal-uffiċċju doganali (għas-simplifikazzjonijiet, ara l-Parti VI).

Il-merkanzija trid tiġi ppreżentata sal-limitu ta' żmien stabbilit mill-uffiċċju doganali tat-tluq. Il-Kaxxa D tat-TAD turi l-limitu ta' żmien.
Il-limitu ta' żmien stabbilit mill-uffiċċju doganali tat-tluq huwa vinkolanti fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi li t-territorju tagħhom jintuża waqt operazzjoni ta' tranżitu. L-awtoritajiet kompetenti, inkluż l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, ma jistgħux jibdluh (għal aktar dettalji, ara l-Parti IV.2.3.6).
L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni juża l-MRN sabiex isib id-*data* mill-NCTS mgħoddija mal-messaġġ IE001.
Il-messaġġ IE006 jintbagħat lill-uffiċċju doganali tat-tluq meta l-uffiċjal tad-dwana fid-destinazzjoni jkun irreġistra l-MRN fl-NCTS sabiex jinforma lill-uffiċċju doganali tat-tluq li l-merkanzija tkun waslet. Il-messaġġ jintbagħat fil-jum li l-merkanzija u t-TAD jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Meta l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għal tranżitu fl-NCTS mat-tluq, iżda l-NCTS fid-destinazzjoni ma tkunx disponibbli mal-wasla tal-merkanzija, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jintemm il-proċedura fuq il-bażi tat-TAD u jwettaq l-entrati neċessarji fl-NCTS

meta terġa' ssir disponibbli sabiex jirrilaxxa l-proċedura ta' tranżitu.

IV.4.3.2 Kontroll tat-tmiem tal-proċedura ta' tranżitu

L-Artikolu 47, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 188 KDU

Artikoli 308-309 IA

Wara l-preżentazzjoni tal-merkanzija, it-TAD u informazzjoni oħra meħtieġa, **l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni** jirreġistra l-wasla u jdaħħal l-informazzjoni li ġejja fl-NCTS:

1. l-MRN (in-numru ta' reġistrazzjoni tal-operazzjoni ta' tranżitu);
2. id-data tal-wasla;
3. f'każ ta' inċidenti matul il-moviment tal-merkanzija (pereżempju: siġilli ġodda, trasbord), l-informazzjoni neċessarja kollha misjuba mit-TAD (jekk ma tkunx diġà rreġistrata minn uffiċċju doganali preċedenti).

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jiddeċiedi jekk il-merkanzija hijiex se tiġi eżaminata jew le u jżomm it-TAD. L-eżami jrid jitwettaq bl-użu tal-informazzjoni tal-messaġġ IE001 riċevut mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jdaħħal il-kodiċi xieraq tar-riżultat tal-kontroll fil-messaġġ IE018 u jibagħtu lill-uffiċċju doganali tat-tluq. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jrid jirreġistra l-kodiċi li ġej għar-riżultati tal-kontroll:

1. Il-kodiċi "A1" (Sodisfaċenti) għandu jiġi rreġistrat meta l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun wettaq kontroll fiżiku tal-merkanzija (sħiħa jew parzjali), u ma tkun instabet l-ebda diskrepanza. Minbarra kontroll fiżiku tal-merkanzija, tal-anqas irid jiġi vverifikat dan li ġej:

   - in-numru tar-reġistrazzjoni tal-mezz tat-trasport fit-tluq u fid-destinazzjoni billi titqabbel id-*data* tad-dikjarazzjoni ma' dik disponibbli fid-destinazzjoni;
   - il-kundizzjoni ta' kwalunkwe siġill imwaħħal.

2. Il-kodiċi "A2" (Meqjusa sodisfaċenti) għandu jiġi rreġistrat fil-każijiet li ġejjin:
   - meta l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun wettaq kontroll tad-dokumenti biss (l-ebda kontroll fiżiku tal-merkanzija) u ma ġiet identifikata l-ebda diskrepanza, jew meta ma jkun wettaq l-ebda kontroll. Il-verifika tal-kundizzjonijiet tas-siġilli mwaħħlin, mingħajr kontroll fiżiku tal-merkanzija, tiġi rreġistrata wkoll bil-kodiċi "A2" dment li

s-siġilli jkunu intatti.

- Meta l-merkanzija tkun ġiet ikkonsenjata lil konsenjatarju awtorizzat u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jiddeċiedi li ma jwettaq l-ebda kontroll tal-merkanzija u/jew tad-dokumenti, u l-messaġġ ta' "Kummenti dwar il-ħatt" (IE044) ma juri l-ebda irregolarità.

Huwa rrakkomandat li għall-kodiċi "A2", l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jibgħat il-messaġġ IE018 fl-istess jum li fih il-merkanzija tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew mhux aktar tard mill-jum ta' xogħol ta' wara.

3. Il-kodiċi "A5" (Diskrepanzi) għandu jiġi rreġistrat fil-każijiet li ġejjin:
   (a) meta jinstabu diskrepanzi żgħar, li però ma wasslux għal dejn.
   Eżempji:
   - siġilli neqsin, imkissrin jew bil-ħsara;
   - merkanzija kkonsenjata wara li jkun skada l-limitu ta' żmien;
   - identità/nazzjonalità skorretta tal-mezz tat-trasport;
   - in-nuqqas li jsiru l-entrati neċessarji għal inċidenti li jkunu seħħew matul il-moviment tal-merkanzija;
   - irregolarità fil-piż mingħajr tbagħbis viżibbli tal-merkanzija (differenzi żgħar fil-piż mal-arrotondament tal-piż).

   (b) meta jinstabu diskrepanzi żgħar, tkun meħtieġa multa amministrattiva fuq il-bażi tar-regolamenti nazzjonali.

   (c) meta tinstab merkanzija żejda (l-istess tip jew tip ieħor) bħal merkanzija mhux iddikjarata u meta ma jkunx jista' jiġi ddeterminat l-istatus tal-Unjoni ta' dik il-merkanzija/l-istatus ta' dik il-merkanzija bħala l-merkanzija tal-Parti Kontraenti.
   Jekk il-merkanzija ddikjarata f'dikjarazzjoni tat-tranżitu tkun ġiet ikkonsenjata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, il-fatt li tkun instabet merkanzija eċċessiva ma jżommx lill-uffiċċju doganali tat-tluq milli jirrilaxxa l-proċedura u jikkanċella l-moviment. Imbagħad, il-merkanzija ddikjarata oriġinarjament għat-tranżitu tkun tista' tiġi rrilaxxata. Għall-merkanzija eċċessiva, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jiċċara s-sitwazzjoni.

   L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jipprovdi deskrizzjoni dettaljata tad-diskrepanzi fil-messaġġ IE018. Kwalunkwe informazzjoni mdaħħla fil-kaxxa tat-test

liberu għandha ssir kemm jista' jkun b'lingwa li tinftiehem mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

4. Il-kodiċi "B1" (Mhux sodisfaċenti) ifisser diskrepanzi kbar li ma jippermettux ir-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu. L-operazzjoni ta' tranżitu ma tiġix ikkanċellata fl-NCTS u d-detentur tal-proċedura u l-garanti jibqgħu responsabbli sakemm il-każ jiġi solvut. Għalhekk, il-kodiċi għandu jintuża biss f'każijiet debitament ġustifikati meta l-merkanzija tkun nieqsa (kompletament jew parzjalment) jew f'avvenimenti simili bħal meta l-merkanzija ppreżentata fid-destinazzjoni tkun differenti b'mod sinifikanti mid-deskrizzjoni fid-dikjarazzjoni (tip u kwantità).

Hemm żewġ tipi ta' kodiċi B1:

(a) Kodiċi "B1" (Mhux sodisfaċenti) bil-marka "Stennija għar-riżoluzzjoni tad-diskrepanzi" għandha tiġi rreġistrata meta jiġi identifikat nuqqas ta' merkanzija jew preżentazzjoni ta' merkanzija differenti minn dik iddikjarata matul il-kontroll doganali fiżiku jew dokumentarju u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jissuspetta li dan seta' kien ikkawżat minn żball jew minn negligenza fil-post tat-tluq.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu:

- jitlob lill-uffiċċju doganali tat-tluq jinvestiga, b'mod partikolari billi jeżamina kwalunkwe dokument prodott mid-detentur tal-proċedura/mid-dikjarant u billi jqabblu mad-*data* tad-dikjarazzjoni; u
- ma jirrilaxxax il-merkanzija mit-tranżitu.

L-Artikoli 112 u 114(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-operazzjoni ta' tranżitu tiġi ssettjata għal "Stennija għar-riżoluzzjoni tad-diskrepanzi". Il-proċess jiġi sospiż fl-uffiċċju doganali tat-tluq sakemm jiġu ċċarati l-irregolaritajiet.

L-Artikoli 79, 87(1) u 87(4) u 124(1)(g) u (h) KDU

Ladarba l-każ jiġi solvut, l-uffiċċju doganali tat-tluq jinforma lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni billi jibgħat il-messaġġ ta' "Notifika ta' riżoluzzjoni tad-differenzi" (IE020) bil-kodiċi "1".

L-Artikolu 103I DA

Imbagħad, il-merkanzija tiġi rrilaxxata u l-operazzjoni tiġi rrilaxxata finalment, bl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li jikkanċellaha fl-NCTS.

Jekk il-każ ma jiġix solvut, l-uffiċċju doganali tat-tluq jinforma lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni billi jibgħat il-messaġġ ta' "Notifika ta' riżoluzzjoni tad-

differenzi"(IE020) bil-kodiċi "0". Wara li jirċievi l-messaġġ jew meta ma jkun wasal l-ebda messaġġ fi żmien sitt ijiem kalendarji mill-jum li fih intbagħat il-messaġġ IE018 bil-marka, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jibda l-investigazzjoni tiegħu stess sabiex isolvi l-każ[11].

(b) Kodiċi "B1" (Mhux sodisfaċenti) mingħajr il-marka "Stennija għar-riżoluzzjoni tad-diskrepanzi" għandha tiġi rreġistrata meta jiġi identifikat nuqqas ta' merkanzija jew preżentazzjoni ta' merkanzija differenti matul kontroll doganali fiżiku jew dokumentarju u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma jissuspettax li dan seta' kien ikkawżat minn żball jew minn negligenza fil-post tat-tluq.
L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jibda l-investigazzjoni tiegħu stess sabiex isolvi l-każ.

Fir-rigward ta' dejn imsemmi fil-punti 3 (merkanzija f'eċċess), 4(a) u 4(b), hemm żewġ għażliet:

- jinħoloq dejn f'konformità mal-Artikolu 79 tal-Kodiċi/mal-Artikolu 112(1)(b) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni (nuqqas ta' konformità ma' kundizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni jew taħt il-proċeduri komuni ta' tranżitu; it-tneħħija tal-merkanzija mis-superviżjoni doganali) u jrid jitħallas;
- inħoloq dejn iżda ġie eżawrit f'konformità mal-Artikolu 124(1)(g) u (h) tal-Kodiċi u mal-Artikolu 103I DA/mal-Artikolu 112(2) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni.

L-estinzjoni ta' dejn isseħħ meta:

- ✓ it-tneħħija tal-merkanzija mill-proċedura ta' tranżitu jew in-nuqqas ta' konformità ma' kundizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu jew l-użu tal-proċedura ta' tranżitu jirriżulta mill-qerda totali jew mit-telfien permanenti ta' dik il-merkanzija bħala riżultat tan-natura propja tal-merkanzija, taċ-ċirkustanzi imprevedibbli jew ta' *force majeure*, jew wara ordni mill-

[11] Jekk l-uffiċċju doganali tat-tluq ikun fil-pajjiżi li ġejjin: BG, CH, CZ, ES, MK u RS, jekk jogħġbok uża dak il-kodiċi kif indikat. F'pajjiżi oħrajn, il-proċedura hija differenti, u irrispettivament mill-kodiċi indikat fil-messaġġ IE020, l-operazzjoni tiġi kkanċellata awtomatikament fis-sistema. Ifisser li l-proċessar ulterjuri jsir barra mill-NCTS. Għalhekk, għal dawk il-pajjiżi l-oħrajn, huwa rrakkomandat li jintuża l-kodiċi "B1" bil-marka biss meta l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun kompletament konvint li nuqqas ta' merkanzija jew il-preżentazzjoni ta' merkanzija differenti minn dik iddikjarata tkun ġiet ikkawżata minn żball jew minn negligenza fil-post tat-tluq u jkollha tiġi ttrattata fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

awtorità doganali;

- ✓ in-nuqqas li wassal għal dak id-dejn ma jkollu l-ebda effett sinifikanti fuq it-tħaddim korrett tal-proċedura ta' tranżitu u ma jikkostitwix tentattiv ta' qerq, u sussegwentement ikunu twettqu l-formalitajiet kollha neċessarji għar-regolarizzazzjoni tas-sitwazzjoni tal-merkanzija.

L-Artikolu 103 DA jispeċifika li wieħed mill-każijiet fejn iseħħ dan in-nuqqas ikun meta s-superviżjoni doganali tkun ġiet sussegwentement irrestawrata għal merkanzija li ma tkunx koperta minn dikjarazzjoni tat-tranżitu, iżda qabel kienet f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura speċjali flimkien ma' merkanzija mqiegħda formalment taħt dik il-proċedura ta' tranżitu[12].

Għal aktar dettalji, ara l-Parti VIII.2.3.2.

Fiż-żewġ każijiet (dejn estint jew le), l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkompli l-investigazzjoni tiegħu u jsegwi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 87(1) tal-Kodiċi/l-Artikolu 114(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-awtorità doganali kompetenti għall-irkupru tad-dejn jew possibbilment għat-teħid ta' deċiżjoni dwar l-estinzjoni tad-dejn. Għal aktar dettalji, ara l-Partijiet VIII.2.1, VIII.2.2, VIII.2.3 u VIII.3.2.

Meta l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun preżunt li jkun kompetenti għall-irkupru, għandu jitlob li din ir-responsabbiltà tiġi ttrasferita mill-uffiċċju doganali tat-tluq billi jibgħat il-messaġġ IE150 (Talba għall-irkupru). Għal aktar dettalji, ara l-Partijiet VIII.3.3.3, VIII.3.3.4 u VIII.3.3.5.

Wara li jkun inġabar id-dejn, jekk l-uffiċċju doganali responsabbli għall-irkupru ma jkunx l-uffiċċju doganali tat-tluq, jeħtieġlu jinforma lill-uffiċċju doganali tat-tluq dwar dan l-irkupru billi jibgħat il-messaġġ IE152 (Avviż ta' Dispaċċ ta' Rkupru).

Meta d-dejn doganali jkun ta' anqas minn EUR 10 000, id-dejn jitqies li nħoloq fl-Istat Membru fejn tkun saret is-sejba, li jfisser li l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun responsabbli għall-irkupru (l-Artikolu 87(4) tal-Kodiċi)[13]. Madankollu, il-messaġġi IE150/151 xorta jridu jiġu skambjati sabiex l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun jista' jibda l-proċedura ta' rkupru. Ladarba jitlesta l-irkupru, l-uffiċċju

12 Proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni biss.

13 Proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni biss.

doganali tad-destinazzjoni jibgħat il-messaġġ IE152 lill-uffiċċju doganali tat-tluq. Għal aktar dettalji, ara l-Parti VIII.3.3.5.

Fil-każijiet imsemmijin fil-punti 1, 3 u 4 aktar 'il fuq, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jibgħat il-messaġġ IE018 mhux aktar tard minn:

- it-tielet jum wara l-jum li fih il-merkanzija tkun ġiet ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew f'post ieħor (f'każijiet eċċezzjonali, eż. serje ta' vaganzi pubbliċi, dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż b'sa sitt ijiem);
- fis-sitt jum wara l-jum li fih il-merkanzija tkun riċevuta minn konsenjatarju awtorizzat.

IV.4.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar sitwazzjonijiet speċifiċi fil-proċedura ta' tranżitu fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Dawn is-sitwazzjonijiet speċifiċi huma:

- il-ħruġ ta' rċevuta (il-Paragrafu IV.4.4.1);
- il-ħruġ ta' prova alternattiva (il-Paragrafu IV.4.4.2);
- il-preżentazzjoni tal-merkanzija u tad-dokumenti barra mill-ġranet u mill-ħinijiet stipulati u f'post li ma jkunx l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (il-Paragrafu IV.4.4.3);
- irregolaritajiet (il-Paragrafu IV.4.4.4);
- bidla fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (il-Paragrafu IV.4.4.5).

IV.4.4.1 Ħruġ ta' rċevuta

Fuq talba tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija u t-TAD fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, l-uffiċċju jeħtieġlu joħroġ irċevuta (TC11). Madankollu, l-irċevuta ma tistax tintuża bħala prova alternattiva tat-tmiem tal-proċedura.

L-Artikolu 46
L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 306(5) IA

L-irċevuta għandha żewġ funzjonijiet importanti. L-ewwel nett, tinforma lid-detentur tal-proċedura li t-trasportatur wassal il-merkanzija u d-dokumenti fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. It-tieni, l-irċevuta għandha rwol importanti fil-każ li titnieda inkjesta minħabba li l-uffiċċju doganali tat-tluq ma jkunx irċieva l-messaġġ (IE006). F'każijiet bħal dawn, id-detentur tal-proċedura jkun jista' jipproduċi l-irċevuta lill-uffiċċju doganali tat-tluq li tindika l-uffiċċju doganali li lilu jkunu ġew ippreżentati l-merkanzija u d-

dokumenti. Din tagħmel il-proċedura ta' inkjesta ħafna aktar effiċjenti.

L-Anness B10, L-Appendiċi III, il-Konvenzjoni

Il-forma tal-irċevuta trid tikkonforma mal-kampjun TC11 fl-Appendiċi III, l-Anness B10, il-Konvenzjoni/l-Anness 72-03 IA.

L-Anness 72-03 IA

Il-persuna li titlob l-irċevuta jeħtiġilha timlieha qabel it-trasferiment lil uffiċjal tad-dwana fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, għall-approvazzjoni.

NEGOZJU

Il-persuna li titlob irċevuta fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni timla l-formola TC11 b'mod leġibbli billi ddaħħal:

- il-post, l-isem u n-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;
- l-istatus tal-merkanzija kif speċifikat fit-TAD relatat (T1, T2, T2F);
- l-MRN;
- il-post, l-isem u n-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali tat-tluq;
- il-post.

Barra minn hekk, l-irċevuta jista' jkun fiha informazzjoni oħra relatata mal-merkanzija. Id-detentur tal-proċedura jista', pereżempju, ikun jixtieq li juri l-indirizz fejn it-trasportatur tal-merkanzija se jirritorna l-irċevuta wara l-approvazzjoni mid-dwana. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma huwiex meħtieġ jirritorna l-irċevuta bil-posta; madankollu, dan jista' jsir, jekk ikun neċessarju. Normalment id-detentur tal-proċedura jitlob lit-trasportatur jirritornalu l-irċevuta.
L-indirizz ta' ritorn jista' jiddaħħal fuq wara tal-irċevuta.

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jagħmel dan li ġej meta tintalab irċevuta:

- jivverifika jekk intużatx il-formola korretta jiġifieri (TC11);
- jivverifika li tkun leġibbli;
- jivverifika li tkun imtliet b'mod korrett;
- jivverifika jekk hemmx xi ċirkostanza li tipprevjeni milli tinħareġ l-irċevuta;
- jekk kollox ikun kif suppost, joħroġ l-irċevuta lill-persuna li titlobha.

IV.4.4.2 Ħruġ ta' prova alternattiva

L-Artikolu 45(4), L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 308(2) IA

Id-detentur tal-proċedura jista' jitlob lid-dwana sabiex tipprovdi prova alternattiva fuq il-kopja tat-TAD li l-proċedura ta' tranżitu tkun intemmet korrettement u li ma tkun ġiet identifikata l-ebda irregolarità. Dan jista' jsir meta l-merkanzija u t-TAD jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Nota: Il-paragrafu 3.3.1 tal-Parti VII fih informazzjoni dettaljata dwar l-aċċettazzjoni ta' prova alternattiva mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

NEGOZJU

Sabiex tinkiseb prova alternattiva kif previst fl-Artikolu 45(4), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni/fl-Artikolu 308 IA, tista' tiġi ppreżentata kopja tat-TAD u tal-LoI (fejn xieraq) lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għall-approvazzjoni.

Il-kopja, li tista' tkun fotokopja, trid tkun:

- immarkata bil-kelma "kopja";
- ikollha t-timbru tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, il-firma tal-uffiċjal, id-data u t-test li ġej: "Prova alternattiva — 99202".

L-Anness 8.3 fih l-approvazzjoni ta' "prova alternattiva" bil-lingwi kollha.

DWANA

It-TAD u l-LoI (fejn xierqa) jeħtieġ li jkunu approvati mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Dan jista' jinkludi approvazzjoni applikata minn sistema kompjuterizzata, iżda jrid ikun ċar għad-dwana tal-pajjiż tat-tluq li l-approvazzjoni tkun oriġinali.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni japprova l-prova alternattiva jekk ma tinstab l-ebda irregolarità. It-timbru, il-firma tal-uffiċjal u d-data jiddaħħlu fit-TAD.

Il-persuna li tippreżenta l-prova alternattiva mal-merkanzija u mat-TAD titqies li tkun ir-rappreżentant tad-detentur tal-proċedura. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jgħaddi l-kopja approvata tat-TAD lil din il-persuna.

IV.4.4.3 Preżentazzjoni tal-merkanzija u tad-dokumenti barra l-ġranet u s-sigħat magħżulin u f'post li ma jkunx l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

L-Artikolu 45(1), L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

Ġeneralment, il-merkanzija, it-TAD u l-informazzjoni meħtieġa jridu jiġu ppreżentati:

- lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, u

L-Artikolu 306(1) IA

- matul il-ġranet u s-sigħat magħżula ta' ftuħ.

Madankollu, l-uffiċċju doganali jista', fuq it-talba tad-detentur tal-proċedura jew ta' persuna oħra li tippreżenta l-merkanzija, jippermetti li l-preżentazzjoni ssir barra mill-ħinijiet uffiċjali tal-ftuħ jew fi kwalunkwe post ieħor.

IV.4.4.4 Irregolaritajiet

IV.4.4.4.1 Irregolaritajiet li jikkonċernaw is-siġilli

Il-merkanzija li tkun ġiet issiġillata biss tiġi rrilaxxata għall-proċedura komuni ta' tranżitu/għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jikkontrolla jekk is-siġilli għadhomx intatti. Jekk is-siġilli jitbagħbsu, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jindika din l-informazzjoni fil-messaġġ IE018, li huwa jibgħat lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jivverifika l-kundizzjoni tas-siġilli u jżomm rekord tar-riżultati fl-NCTS. Jekk is-siġilli jkunu neqsin, ikunu f'kundizzjoni ħażina, jew jekk ikun hemm evidenza li dawn ikunu ġew imbagħbsa, huwa rrakkomandat ħafna li dik id-dwana teżamina l-merkanzija u ddaħħal is-sejbiet fl-NCTS.

IV.4.4.4.2 Irregolaritajiet oħrajn

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jidentifika fl-NCTS l-irregolarità li jkun sab sabiex jinforma lill-uffiċċju doganali tat-tluq. Dak l-uffiċċju juża s-sejbiet ippreżentati sabiex jivvaluta l-irregolarità u jiddetermina l-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jista' jiskopri differenza bejn il-merkanzija ddikjarata fl-NCTS u l-merkanzija effettivament ippreżentata f'dak l-uffiċċju doganali. Kull każ għandu jiġi ttrattat individwalment bħala żball li jista' jkun seħħ fit-tluq.

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni:

- jirreġistra l-MRN; u
- jindika kwalunkwe irregolarità fil-messaġġ (IE018).

IV.4.4.5 Bidla fl-uffiċċju tad-destinazzjoni/diverżjoni

L-Artikolu 47(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni,

L-Artikoli 306(4) u 307(2) IA

Operazzjoni ta' tranżitu tista' tintemm f'uffiċċju doganali differenti minn dak iddikjarat fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu. Imbagħad, dak l-uffiċċju jitqies bħala l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Hekk kif l-NCTS turi li l-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni ma jkunx irċieva l-messaġġ IE001 għall-MRN ippreżentat, dak l-uffiċċju doganali jeħtieġlu jibgħat il-messaġġ ta' "Talba għal avviż tal-wasla antiċipata" (IE002).

Meta l-uffiċċju doganali tat-tluq isib l-operazzjoni permezz tal-MRN, jeħtieġlu jibgħat il-messaġġ ta' "Tweġiba għal avviż tal-wasla antiċipata" (IE003). L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jaċċetta l-bidla tal-uffiċċju u jibgħat il-messaġġ IE006 lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Fejn l-uffiċċju doganali tat-tluq ma jsibx l-operazzjoni permezz tal-MRN, jeħtieġlu jinkludi fil-messaġġ IE003 ir-raġunijiet (ikkodifikati 1 sa 4) għaliex il-messaġġ IE001 ma setax jintbagħat. L-NCTS tirrifjuta l-wasla u tinnotifika lill-operatur ekonomiku fid-destinazzjoni bil-messaġġ ta' "Notifika ta' avviż tal-wasla antiċipata rrifjutat" (IE021). Ir-raġunijiet għar-rifjut jistgħu jkunu:

1. il-merkanzija u t-TAD ikunu diġà waslu f'uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ieħor;
2. l-operazzjoni tkun ġiet ikkanċellata mill-uffiċċju doganali tat-tluq;
3. l-MRN ma jkunx magħruf (jew minħabba raġunijiet tekniċi jew minħabba irregolaritajiet); jew
4. raġunijiet oħrajn.

Jista' jkun hemm tliet każijiet:

1. L-uffiċċju doganali l-ġdid tad-destinazzjoni jkun fl-istess Parti Kontraenti/Stat Membru bħal dak imdaħħal fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu:

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni se:

- jirreġistra l-MRN;
- jitlob informazzjoni dwar id-dikjarazzjoni mill-uffiċċju doganali tat-tluq fuq il-bażi tal-MRN billi jibgħat il-messaġġ IE002;
- jibgħat il-messaġġ IE006 lill-uffiċċju doganali tat-tluq;
- jivverifika l-limitu ta' żmien, l-istat ta' kwalunkwe siġill (jekk imwaħħal) u l-itinerarju (jekk indikat);

- jiddeċiedi dwar il-livell ta' kontroll meħtieġ;
- wara li jikseb riżultat pożittiv mill-kontroll, jirreġistra r-riżultat tal-kontroll fl-NCTS;
- jibgħat il-messaġġ IE018 lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Wara li l-uffiċċju doganali tat-tluq ikun irċieva l-messaġġ IE006, huwa jinforma lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat u lill-uffiċċju/i doganali tat-tranżitu ddikjarat(i) (iżda mhux użat(i)) li l-operazzjoni ta' tranżitu tkun intemmet billi jibgħat il-messaġġ ta' "Notifika tal-wasla mgħoddija" (IE024).

2. L-uffiċċju doganali l-ġdid tad-destinazzjoni jkun f'Parti Kontraenti/fi Stat Membru differenti minn dak imdaħħal fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu:

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni se:
- jirreġistra l-MRN;
- jitlob informazzjoni dwar id-dikjarazzjoni mill-uffiċċju doganali tat-tluq fuq il-bażi tal-MRN billi jibgħat il-messaġġ IE002;
- jibgħat il-messaġġ IE006 lill-uffiċċju doganali tat-tluq;
- jivverifika l-limitu ta' żmien, l-istat ta' kwalunkwe siġill (jekk imwaħħal) u l-itinerarju (jekk indikat);
- jiddeċiedi dwar il-livell ta' kontroll meħtieġ;
- wara li jikseb riżultat pożittiv mill-kontroll, jirreġistra r-riżultat tal-kontroll fl-NCTS;
- jibgħat il-messaġġ IE018 lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Wara li l-uffiċċju doganali tat-tluq ikun irċieva l-messaġġ IE006, huwa jinforma lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat u lill-uffiċċju/i doganali tat-tranżitu ddikjarat(i) (iżda mhux użat(i)) li l-operazzjoni ta' tranżitu tkun intemmet billi jibgħat il-messaġġ ta' "Notifika tal-wasla mgħoddija" (IE024).

3. L-uffiċċju doganali l-ġdid tad-destinazzjoni jkun f'Parti Kontraenti/fi Stat Membru differenti minn dak imdaħħal fit-TAD, li jkollu wieħed minn dawn li ġejjin:
   - fi tranżitu komuni:
     - DG0 ("Esportazzjoni minn pajjiż soġġetta għal restrizzjoni")

     jew
     - DG1 ("Esportazzjoni minn pajjiż soġġetta għal dazji").
   - fi tranżitu tal-Unjoni:
     - DG0 ("Esportazzjoni mill-UE soġġetta għal restrizzjoni")

jew

- DG1 ("Esportazzjoni mill-UE soġġetta għal dazji").

DWANA
L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni se: • jirreġistra l-MRN; • jitlob informazzjoni dwar id-dikjarazzjoni mill-uffiċċju doganali tat-tluq fuq il-bażi tal-MRN billi jibgħat il-messaġġ IE002; • iżomm il-merkanzija taħt kontroll doganali u jiddeċiedi jekk: - jippermettix it-tneħħija tagħha għall-Parti Kontraenti/għall-Istat Membru li jkollu ġuriżdizzjoni fuq l-uffiċċju doganali tat-tluq; jew - jirrifjuta t-tneħħija tagħha sakemm awtorizzazzjoni speċifika bil-miktub għar-rilaxx tagħha tkun ġiet riċevuta mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

IV.4.5 Preżentazzjoni tal-merkanzija u tat-TAD wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien

L-Artikolu 45(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 306(3) IA

Meta l-preżentazzjoni tal-merkanzija u tat-TAD issir wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien stabbilit mill-uffiċċju doganali tat-tluq, id-detentur tal-proċedura jew it-trasportatur jitqies li jkun ikkonforma mal-limitu ta' żmien meta jagħti prova, għas-sodisfazzjon tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, li d-dewmien ma jkunx attribwibbli għalih.

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' prova ta' ċirkostanzi mhux previsti li jikkawżaw l-iskadenza tal-limitu ta' żmien iżda li għalihom it-tort ma jistax jiġi attribwit lid-detentur tal-proċedura jew lit-trasportatur:

- irċevuta maħruġa mill-pulizija (pereżempju minħabba inċident jew serq);
- irċevuta maħruġa mis-servizz tas-saħħa (pereżempju minħabba kura medika);
- irċevuta mis-servizz għal ħsara fil-vettura (pereżempju minħabba tiswija tal-vettura);
- kwalunkwe prova ta' dewmien dovut għal strajk, għal kundizzjonijiet avversi tat-temp jew għal xi ċirkostanza mhux prevista oħra.

Madankollu, huwa f'idejn l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li jiddeċiedi dwar il-validità tal-prova.

IV.4.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

IV.4.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

IV.4.8 Annessi

IV.4.8.1 Messaġġi strutturati u kontenut ta' *data* għall-iskambju ta' informazzjoni

Dan l-Anness tħassar peress li ma għadux rilevanti.

IV.4.8.2 Il-kodiċijiet tal-pajjiżi

IV.4.8.3 Il-kodiċijiet tal-pakketti

KAPITOLU 5 — ANDORRA, SAN MARINO U TERRITORJI MHUX FISKALI

IV.5.1 Introduzzjoni

Il-kapitoli preċedenti ddeskrivew il-proċedura standard ta' tranżitu. Il-Kapitolu 5 jiddeskrivi l-arranġamenti speċifiċi ta' tranżitu li jeżistu bejn:

- l-Unjoni Ewropea u Andorra (il-Paragrafu IV.5.2);
- l-Unjoni Ewropea u San Marino (il-Paragrafu IV.5.3);
- l-Unjoni Ewropea u t-territorji fiskali speċjali tagħha (il-Paragrafu IV.5.4).

Il-Paragrafu IV.5.5 ikopri l-eċċezzjonijiet.

Il-Paragrafu IV.5.6 huwa rriżervat għal struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu IV.5.7 huwa rriżervat għal użu doganali biss.

L-Annessi huma elenkati fil-Paragrafu IV.5.8.

IV.5.2 Andorra

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- sfond u leġiżlazzjoni (IV.5.2.1);

- formalitajiet (IV.5.2.2);

IV.5.2.1 Sfond u leġiżlazzjoni

Fl-1990, il-Komunità Ekonomika Ewropea u Andorra kkonkludew unjoni doganali billi ffirmaw ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri[14]. L-unjoni doganali tapplika għall-kummerċ f'merkanzija li taqa' taħt il-Kapitoli 25-97 tas-Sistema Armonizzata (SA).

14 Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra ffirmat fit-28 ta' Ġunju 1990, ĠU L 374, 31.12.1990, p. 14.

Id-Deċiżjoni Nru 1/96 tal-Kumitat Konġunt KE-Andorra[15] estendiet il-proċedura ta' tranżitu Komunitarja kif stabbilita fil-Kodiċi Doganali Komunitarju (CCC) u fid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu (IPC) sabiex ikun kopert il-kummerċ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-unjoni doganali. Sussegwentement, id-deċiżjoni nbidlet bid-Deċiżjoni Nru 1/2003 tal-Kumitat Konġunt KE-Andorra[16]. Fl-1 ta' Mejju 2016, il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni ssostitwiet il-proċedura ta' tranżitu Komunitarja hekk kif il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu saru s-suċċessuri tas-CCC u tal-IPC.

IV.5.2.2 Formalitajiet

IV.5.2.2.1 Merkanzija li taqa' taħt il-Kapitoli 1-24 SA

L-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' merkanzija li taqa' taħt dawn il-Kapitoli b'Andorra bħala destinazzjoni jew oriġini jiġu ttrattati bħala esportazzjonijiet jew importazzjonijiet minn pajjiż terz.

Għalhekk, tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali, bl-abbrevjazzjoni EX għall-esportazzjoni u IM għall-importazzjoni fil-Kaxxa 1.

Eżempji[17]:

a) Esportazzjoni ta' merkanzija tal-Unjoni b'Andorra bħala d-destinazzjoni

- prodotti agrikoli b'rifużjoni fuq l-esportazzjoni

Preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' esportazzjoni EX1 (fl-uffiċċju doganali fl-Istat Membru ta' esportazzjoni). Irid jiġi ppreżentat dokument ta' akkumpanjament fl-esportazzjonijiet (EAD) lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ mill-Unjoni (l-uffiċċju Franċiż jew Spanjol).

- prodotti agrikoli mingħajr rifużjoni fuq l-esportazzjoni

15 Id-Deċiżjoni Nru 1/96 tal-Kumitat Konġunt KE-Andorra tal-1 ta' Lulju 1996 dwar ċerti metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-KEE u l-Prinċipat ta' Andorra u t-tranżitu ta' merkanzija bejn dawn it-tnejn, ĠU L 184, 24.7.1996, p. 39.

16 Id-Deċiżjoni Nru 1/2003 tal-Kumitat Konġunt KE-Andorra tat-3 ta' Settembru 2003 dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-funzjonament xieraq tal-Unjoni Doganali, ĠU L 253, 7.10.2003, p. 3.

17 L-eżempji huma għat-trasport bit-triq.

Preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' esportazzjoni EX1 (fl-uffiċċju doganali fl-Istat Membru ta' esportazzjoni). L-EAD irid jiġi ppreżentat lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ mill-Unjoni (l-uffiċċju Franċiż jew Spanjol).

- merkanzija soġġetta għas-sisa li għaliha nħareġ dokument amministrattiv elettroniku (e–AD) li jakkumpanja l-merkanzija sal-fruntiera

Preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' esportazzjoni EX1 (fl-uffiċċju doganali fl-Istat Membru ta' esportazzjoni). L-EAD u l-e-AD iridu jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ mill-Unjoni (l-uffiċċju Franċiż jew Spanjol).

- prodotti agrikoli b'rifużjoni fuq l-esportazzjoni u soġġetti għad-dazju tas-sisa li għalihom inħareġ e-AD li jakkumpanja l-merkanzija sal-fruntiera

Preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' esportazzjoni EX1 (fl-uffiċċju doganali fl-Istat Membru ta' esportazzjoni). L-EAD u l-e-AD iridu jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ mill-Unjoni (l-uffiċċju Franċiż jew Spanjol).

b) Importazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni ta' merkanzija agrikola li tasal minn Andorra

Fl-uffiċċju doganali tad-dħul fl-Unjoni, il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura doganali bħal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni (T1) fejn l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun jinsab fl-Unjoni.

<u>Nota</u>: Merkanzija li toriġina f'Andorra, kif iddefinita mill-ftehim dwar l-unjoni doganali, hija eżentata mid-dazji fuq l-importazzjoni tal-Unjoni dment li l-merkanzija tiġi importata taħt il-kopertura ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew ta' dikjarazzjoni fuq fattura ta' esportatur (it-Titolu II tal-ftehim dwar l-unjoni doganali).

c) It-tranżitu mit-territorju doganali tal-Unjoni b'Andorra bħala d-destinazzjoni

Dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-proċedura esterna ta' tranżitu tal-Unjoni (T1) tiġi ppreżentata fil-punt tad-dħul fl-Unjoni (pereżempju l-Belġju) sabiex il-merkanzija ta' pajjiżi terzi tingħadda għal Andorra.

d) Tranżitu bejn żewġ punti fl-Unjoni minn Andorra

Il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni ma tkoprix il-passaġġ minn Andorra, li għalih tkun meħtieġa proċedura (Andorrana) separata.

Il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni titqies li tkun sospiża fit-territorju ta' Andorra, dment li l-passaġġ minn Andorra jsir taħt kopertura ta' dokument uniku tat-trasport.

Meta ma jkun hemm l-ebda dokument uniku tat-trasport li jkopri l-passaġġ minn Andorra, il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni tintemm fil-punt tal-ħruġ mill-Unjoni, qabel id-dħul f'Andorra.

IV.5.2.2.2 Merkanzija li taqa' taħt il-Kapitoli 25-97 SA

Id-Deċiżjoni Nru 1/2003 tipprovdi l-bażi għall-applikazzjoni tal-modifiki neċessarji (*mutatis mutandis*) għall-proċedura ta' tranżitu Komunitarja stabbilita fis-CCC u fl-IPC għall-kummerċ bejn il-Komunità u Andorra f'merkanzija li taqa' fil-Kapitoli 25-97 SA. Fl-1 ta' Mejju 2016, il-proċedura ta' tranżitu Komunitarja ġiet issostitwita mill-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni speċifikata fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, li huma s-suċċessuri tas-CCC u tal-IPC.

Formalitajiet doganali jridu jitlestew fil-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u Andorra b'mod simili għas-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel l-istabbiliment, fl-1993, tas-suq intern. Għalhekk, dikjarazzjoni doganali tiġi ppreżentata, bil-Kaxxa 1 ikun fiha l-abbrevjazzjoni EX għall-esportazzjoni u IM għall-importazzjoni.

F'dan il-kuntest, issir distinzjoni bejn il-każijiet li ġejjin:

- merkanzija f'ċirkolazzjoni libera, kif iddefinita mill-ftehim dwar l-unjoni doganali, tiġi ttrasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni (T2) jew tiġi ttrasportata bil-prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni;

- merkanzija mhux f'ċirkolazzjoni libera tiġi ttrasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni T1) — ara l-eżempju b) fil-Paragrafu 2.2.1;

- il-każ speċifiku tal-prodotti msemmijin fir-Regolament 3448/93[18] li jiġu ttrasportati taħt il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni (T1) — ara l-eżempju c).

Il-garanzija prevista taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni trid tkun valida kemm għall-Unjoni kif ukoll għal Andorra. Fl-impenn tal-garanti u fiċ-ċertifikati ta' garanzija, ma jistax jitħassar il-kliem "il-Prinċipat ta' Andorra".

Eżempji:

a) Dispaċċ ta' merkanzija f'ċirkolazzjoni libera (minbarra dik koperta bir-Regolament 3448/93) mill-Unjoni għal Andorra u viċi versa

- il-formalitajiet tad-dispaċċ jitlestew f'uffiċċju li jinsab fi Stat Membru/f'Andorra: jinħarġu dikjarazzjoni ta' esportazzjoni EX1 u dikjarazzjoni għal proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni (T2); jew

- il-formalitajiet tad-dispaċċ jitlestew fil-fruntiera bejn l-UE u Andorra: il-merkanzija tiċċirkola liberament sal-fruntiera, fejn tinħareġ dikjarazzjoni ta' esportazzjoni EX1 dment li tiġi ppreżentata l-prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

Madankollu, għandu jiġi nnotat li l-uffiċċju doganali tal-fruntiera li jservi bħala l-uffiċċju doganali tal-ħruġ jista' jirrifjuta li jqiegħed il-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu jekk dik il-proċedura tkun se tintemm fl-uffiċċju doganali tal-fruntiera ġar.

b) Dispaċċ ta' merkanzija mhux f'ċirkolazzjoni libera (minbarra dik koperta bir-Regolament 3448/93) mill-Unjoni għal Andorra u viċi versa

Merkanzija li ma hijiex f'ċirkolazzjoni libera tiġi ttrasportata permezz ta' proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni (T1) lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni f'Andorra jew fl-Unjoni.

c) Każ speċifiku ta' merkanzija msemmija fir-Regolament 3448/93

Il-proċeduri deskritti aktar 'il fuq japplikaw soġġetti għal dawn li

18 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli, ĠU L 318, 20.12.1993 p. 18. Eżempji ta' prodotti kkonċernati huma: mannitol, sorbitol, kaseina, kaseinati u derivattivi oħrajn tal-kaseina, destrini u kolla destrina, lamti jew kolla tal-lamtu, ħġieġ ippreparat u tlestiji b'bażi ta' sustanzi amilaċej.

ġejjin:

- Merkanzija agrikola pproċessata tal-Unjoni mibgħuta mill-Unjoni għal Andorra u li tibbenefika minn rifużjoni fuq l-esportazzjoni

  Jinħarġu dikjarazzjoni ta' esportazzjoni EX1 u dikjarazzjoni għal proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni (T1).

- Prodotti agrikoli pproċessati f'ċirkolazzjoni libera f'Andorra u mibgħuta għall-Unjoni

  Dawn il-prodotti jiġu ttrasportati taħt il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni (T1).

Peress li l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni huma meħtieġa jitolbu ħlas għall-komponent varjabbli, it-TAD tad-dikjarazzjoni għal proċedura ta' tranżitu estern (T1) irid jiġi approvat bil-frażi li ġejja, issottolinjata bl-aħmar: "*Ħlas għal komponenti agrikoli biss — Ftehim KEE-Andorra*".

<u>Proċeduri ta' tranżitu oħrajn</u>

Il-proċedura komuni ta' tranżitu ma tapplikax għall-kummerċ ma' Andorra.

Andorra ma hijiex Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni TIR.

Tabella sommarja tal-proċeduri magħżulin (tranżitu, esportazzjoni, importazzjoni)	Merkanzija ta' 01-24 SA	
	Merkanzija ġejja mill-UE	Merkanzija ġejja minn Andorra
B'rifużjoni fuq l-esportazzjoni	EX1	
Mingħajr rifużjoni fuq l-esportazzjoni	EX1 jew T1[19]	
Merkanzija soġġetta għas-sisa	EX1 + e-AD	
Merkanzija soġġetta għas-	EX1 + e-AD	

19 Sitwazzjoni ta' tranżitu ta' merkanzija mhux tal-Unjoni mit-territorju doganali tal-Unjoni.

sisa b'rifużjoni fuq l-esportazzjoni		
Il-merkanzija kollha		IM4[20] (+ EUR.1) (għal rilaxx f'ċirkolazzjoni libera), jew, T1

Merkanzija ta' 25-97 SA (minbarra l-prodotti msemmijin fir-Regolament 3448/93)		
	Merkanzija ġejja mill-UE	Merkanzija ġejja minn Andorra
Merkanzija f'ċirkolazzjoni libera	EX1 + T2 (T2F) (fl-uffiċċju intern) jew T2L, T2LF jew id-dokument li għandu effett ekwivalenti + EX1 (fil-fruntiera)	EX1 + T2 (T2F) (fl-uffiċċju intern) jew T2L, T2LF jew id-dokument li għandu effett ekwivalenti + EX1 (fil-fruntiera)
Merkanzija li ma hijiex f'ċirkolazzjoni libera	T1	T1 (tranżitu) jew "IM4" (rilaxx għal ċirkolazzjoni libera)

Prodotti agrikoli msemmijin fir-Regolament 3448/93		
	Merkanzija ġejja mill-UE	Merkanzija ġejja minn Andorra
B'rifużjoni fuq l-esportazzjoni	EX1 + T1	
F'ċirkolazzjoni libera		T1 + il-fraži "Ħlas għal komponenti agrikoli biss – Ftehim KEE-Andorra"

20 Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jsir mill-uffiċċju doganali tad-dħul fl-Unjoni.

IV.5.3 San Marino

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- sfond u leġiżlazzjoni (IV.5.3.1);
- formalitajiet (IV.5.3.2).

IV.5.3.1 Sfond u leġiżlazzjoni

Fl-1992, il-KE u San Marino kkonkludew ftehim interim dwar il-kummerċ u l-unjoni doganali[21]. Dan ġie ssostitwit mill-ftehim dwar il-kooperazzjoni u l-unjoni doganali[22], li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2002. L-unjoni doganali tapplika għall-merkanzija li taqa' taħt il-Kapitoli 1-97 tat-Tariffa Doganali Komuni (TDK).

Id-Deċiżjoni Nru 4/92 tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni KEE-San Marino[23] ddeterminat id-dispożizzjonijiet għall-moviment ta' merkanzija bejn il-Komunità u San Marino. Id-deċiżjoni bdiet tapplika mill-1 ta' April 1993 u ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 1/2002[24], li daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Marzu 2002.

Id-Deċiżjoni Nru 1/2010[25] tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-San Marino jinkludi l-lista aġġornata ta' uffiċċji doganali Taljani li jistgħu jwettqu l-formalitajiet doganali ta' merkanzija ddestinata għal San Marino.

IV.5.3.2 Formalitajiet

Id-Deċiżjoni Nru 4/92, kif emendata, tikkoordina l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn San Marino u l-UE fl-

21 Il-Ftehim interim dwar il-kummerċ u l-unjoni doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, ĠU L 359, 9.12.1992, p. 14.

22 Il-Ftehim dwar il-kooperazzjoni u l-unjoni doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, ĠU L 84, 28.3.2002, p. 43.

23 Id-Deċiżjoni Nru 4/92 tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni KEE-San Marino tat-22 ta' Diċembru 1992 dwar ċerti metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Ftehim Interim u l-proċedura biex tintbagħat merkanzija lejn ir-Repubblika ta' San Marino, ĠU L 42, 19.2.1993, p. 34.

24 Id-Deċiżjoni Nru 1/2002 li temenda d-Deċiżjoni Nru 4/92 tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni KEE-San Marino tat-22 ta' Diċembru 1992 dwar ċerti metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Ftehim Interim u l-proċedura biex tintbagħat merkanzija lejn ir-Repubblika ta' San Marino, ĠU L 99, 16.4.2002, p. 23.

25 Id-Deċiżjoni Nru 1/2010 tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni UE-San Marino tad-29 ta' Marzu 2010, li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni varji għall-Ftehim dwar Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, ĠU L156, 23.6.2010. p. 13.

applikazzjoni tar-regoli tal-proċedura ta' tranżitu Komunitarja li ġiet issostitwita fl-1 ta' Mejju 2016 mill-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni (il-KDU u l-atti relatati mal-KDU huma s-suċċessuri tas-CCC u tal-IPC).

Ir-regoli li ġejjin japplikaw għall-moviment ta' merkanzija li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-unjoni doganali UE-San Marino (il-Kapitoli 1-97 TDK bl-eċċezzjoni ta' "prodotti tal-KEFA"):

1. Merkanzija ttrasportata minn uffiċċji doganali tal-Unjoni ddeżinjati fl-Italja għal San Marino

Merkanzija ttrasportata taħt proċedura ta' tranżitu estern (T1) b'destinazzjoni f'San Marino trid tiġi rrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera f'wieħed mill-uffiċċji doganali tal-Unjoni ddeżinjati fl-Italja[26].

F'uffiċċju doganali ddeżinjat, tinbeda T2-SM (proċedura ta' tranżitu intern), jew jinħareġ dokument T2L-SM[27] (status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni) sabiex ikopri l-moviment tagħha lejn San Marino. L-awtoritajiet kompetenti ta' San Marino jeħtiġilhom jew itemmu l-proċedura ta' tranżitu intern T2-SM fl-NCTS jew jistampaw kopja tad-dokument T2L-SM u jirritornawha lill-uffiċċju doganali tat-tluq fl-Italja (jiġifieri wieħed mill-uffiċċji doganali tal-Unjoni ddeżinjati elenkati fid-Deċiżjoni Nru 1/2010).

2. Merkanzija ttrasportata mill-Unjoni [28] għal San Marino

Prova li l-merkanzija tkun f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni trid tiġi sottomessa lill-awtoritajiet kompetenti ta' San Marino. Din il-prova tista' tieħu l-forma tat-TAD (T2 jew T2F), il-prova oriġinali ta' status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni (T2L jew T2LF) jew dokument li jkollu effett ekwivalenti (b'mod partikolari d-dokument tal-e-AD imsemmi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009).

3. Merkanzija ttrasportata minn San Marino għall-Unjoni (ħlief l-Italja[29])

26 L-uffiċċji doganali huma elenkati fid-Deċiżjoni Nru 1/2010, ĠU L 156, 23.6.2010. Dawn huma: Ancona, Bologna, Forlì, Ġenova, Gioia Tauro, La Spezia, Livorno, Ravenna, Rimini, Ruma, Orio Al Serio, Milan, Taranto, Trieste u Venezja.

27 Id-dokument T2L-SM joħroġ fi tliet kopji b'approvazzjoni ta' kull kopja b'waħda mill-frażijiet li ġejjin: Rilasciato in tre essemplari ___ Délivré en trois exemplaires. L-oriġinal u kopja minnhom tad-dokument T2L-SM jintbagħtu lill-persuna kkonċernata u l-kopja l-oħra tinżamm fl-uffiċċju tat-tluq.

28 Skambji bejn l-Italja u San Marino jitwettqu taħt reġim fiskali (tal-VAT).

Merkanzija ttrasportata minn San Marino għall-Unjoni trid tiġi ttrasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu intern (T2 jew T2F) mibdija mill-awtoritajiet kompetenti ta' San Marino (l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jinsab fl-Unjoni), bil-prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni (T2L jew T2LF) jew b'dokument li jkollu effett ekwivalenti. It-TAD, it-T2L jew it-T2LF, jew dokument li jkollu effett ekwivalenti jrid jiġi ppreżentat lill-uffiċċju doganali tal-importazzjoni fl-Unjoni bħala prova li l-merkanzija tkun f'ċirkolazzjoni libera f'San Marino.

Jekk il-merkanzija li għandha tingħadda lill-Unjoni qabel kienet iddaħħlet San Marino taħt il-kopertura ta' T2F, ta' T2LF jew ta' dokument li jkollu effett ekwivalenti (b'mod partikolari d-dokument tal-e-AD imsemmi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009), l-awtoritajiet ta' San Marino jeħtiġilhom jinkludu referenza għad-dokument li jkun akkumpanja l-merkanzija fil-ħin tal-wasla tagħha f'San Marino.

Il-kliem "ir-Repubblika ta' San Marino" ma jistax jitħassar fuq l-impenji tal-garanti u fuq iċ-ċertifikati ta' garanzija.

Nota: "Prodotti tal-KEFA" jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-unjoni doganali. B'riżultat ta' dan, jiġu ttrattati bħala merkanzija mhux f'ċirkolazzjoni libera meta jaslu fl-Unjoni.

4. Proċeduri ta' tranżitu oħrajn

Il-proċedura komuni ta' tranżitu ma tapplikax għall-kummerċ ma' San Marino.

San Marino ma hijiex Parti Kontraenti għall-konvenzjoni TIR.

IV.5.4 Territorji fiskali speċjali

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- sfond u bażi ġuridika (IV.5.4.1);
- proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni (IV.5.4.2);
- dokumenti ta' status doganali (IV.5.4.3).

29 Idem.

IV.5.4.1 Sfond u leġiżlazzjoni

L-Artikolu 1, il-punt 35 IA

Id-Direttiva 2006/112/KE,

Id-Direttiva 2008/118/KE

It-territorji fiskali speċjali jfissru parti mit-territorju doganali tal-Unjoni fejn ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud jew tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li [t]ħassar id-Direttiva 92/12/KEE.

It-territorji li ġejjin huma t-territorji fiskali speċjali:

- Il-Gżejjer Kanarji;
- Id-Dipartimenti Franċiżi ekstra-Ewropej li ġejjin: Guadeloupe, Martinique, Mayotte, il-Guyana Franċiża, Réunion u Saint Martin;
- Il-Muntanja Athos;
- Il-Gżejjer Åland.

Għal informazzjoni aġġornata dwar dawn it-territorji fiskali speċjali, irreferi għal:

https://ec.europa.eu/taxation_customs/territorial-status-eu-countries-and-certain-territories_en

Sabiex ikun żgurat li t-tariffi fiskali (VAT u dazji tas-sisa) ikunu kkontrollati u ġġustifikati, merkanzija tal-Unjoni li tiġi ttrasportata għal, minn jew bejn it-territorji mhux fiskali tkun soġġetta għall-formalitajiet li ġejjin:

L-Artikolu 188 DA

- Meta merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata minn territorju fiskali speċjali għal parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni li ma tkunx territorju fiskali speċjali, u meta dak it-trasport jintemm f'post li jinsab barra mill-Istat Membru fejn ikun daħal f'dik il-parti tat-territorju doganali tal-Unjoni, dik il-merkanzija tal-Unjoni trid tiġi ttrasportata taħt proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni.

Eżempji:
1) Il-merkanzija daħlet fl-Unjoni fi Franza, imbagħad ġiet ittrasportata minn Franza lejn il-Gżejjer Kanarji u aktar tard iddaħħlet fi Spanja. Il-moviment tal-merkanzija bejn il-Gżejjer Kanarji u Spanja jrid jiġi pprovdut bil-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni.
2. Għall-merkanzija tal-Unjoni mċaqalqa mill-Gżejjer Åland għall-Iżvezja b'bastiment, il-proċedura ta' tranżitu intern tal-

Unjoni (T2F) ma teħtieġx li tiġi applikata peress li l-merkanzija tiġi ttrasportata minn territorju fiskali speċjali direttament lejn Stat Membru, fejn tibqa'. Madankollu, f'każ li l-istess merkanzija tiġi ttrasportata ulterjorment bit-triq lejn id-Danimarka, li hija parti oħra mit-territorju doganali tal-Unjoni, tiġi applikata l-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni (T2F).

- Madankollu, f'sitwazzjonijiet oħrajn (eż. il-merkanzija daħlet fl-Unjoni fi Franza, fejn ġiet irrilaxxata għal ċirkolazzjoni libera, imbagħad ġiet ittrasportata għall-Gżejjer Kanarji u fl-aħħar reġgħet ittieħdet lejn Franza, jew il-merkanzija tal-Unjoni mill-Iżvezja ġiet ittrasportata direttament għall-Gżejjer Åland), il-proċedura ta' tranżitu intern (T2F) tkun possibbli. Il-merkanzija tista' wkoll tiġi ttrasportata fuq il-bażi tal-prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

IV.5.4.2 Proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni

L-Artikoli 47, 50, 52 u 53 TDA

Il-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni għall-movimenti koperti bl-Artikolu 188 DA hija magħrufa bħala l-proċedura T2F u tapplika kif ġej:

- Dikjarazzjoni tat-tranżitu:

Daħħal il-kodiċi T2F fil-Kaxxa 1 tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

- Linja tal-ajru jew kumpanija tat-tbaħħir (dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru u bil-baħar):

Daħħal il-kodiċi T2F fuq il-manifest rilevanti.

- Linja tal-ajru jew kumpanija tat-tbaħħir (dokument tat-trasport elettroniku/ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-użu tal-proċedura ta' tranżitu għal merkanzija ttrasportata bl-ajru u bil-baħar):

Daħħal il-kodiċi T2F fir-rigward tal-merkanzija tal-Unjoni inkwistjoni.

IV.5.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

IV.5.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

IV.5.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

IV.5.8 Annessi (*pro memoria*)

PARTI V — PROĊEDURA TAL-KONTINWITÀ TAL-OPERAT GĦAL TRANŻITU KOMUNI/TAL-UNJONI

KAPITOLU 1 — INTRODUZZJONI

Il-proċedura tal-kontinwità tal-operat deskritta f'din il-parti tirregola sitwazzjonijiet li fihom is-sistema tal-IT tad-dwana jew tan-negozjant ma tkunx disponibbli.

L-użu tal-proċedura tal-kontinwità tal-operat huwa soġġett għal numru ta' **regoli ġenerali importanti**:

- Operazzjonijiet ta' tranżitu fl-NCTS u fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat għandhom jitqiesu b'mod ċar bħala proċeduri differenti. Dan ifisser li l-movimenti kollha li nbdew u ġew irrilaxxati b'suċċess fl-NCTS iridu jintemmu fl-NCTS ukoll, u l-movimenti kollha mibdijin taħt il-proċedura tal-kontinwità tal-operat iridu jintemmu f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-użu ta' dik il-proċedura.
- Meta tittieħed id-deċiżjoni li jsir treġġigħ lura għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat, huwa importanti li tiġi żgurata l-kanċellazzjoni ta' kwalunkwe dikjarazzjoni li tkun iddaħħlet fl-NCTS, iżda li ma tkunx ġiet ipproċessata ulterjorment minħabba nuqqas ta' funzjonament tas-sistema.

V.1.1 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

Is-sorsi legali jinsabu f'dawn:

- L-Artikolu 26, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Artikolu 6(3)(b) KDU;
- L-Artikolu 291 IA;
- L-Anness II, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Anness 72-04 IA.

V.1.2 Dikjarazzjoni tat-tranżitu għal proċedura tal-kontinwità tal-operat

Il-proċedura tal-kontinwità tal-operat hija bbażata fuq dokumenti stampati li jintużaw bħala dikjarazzjonijiet tat-tranżitu.

V.1.3 Timbru għal proċedura tal-kontinwità tal-operat

Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti użata għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat trid tkun tingħaraf mill-partijiet kollha involuti fl-operazzjoni ta' tranżitu sabiex jiġu evitati problemi fl-uffiċċju/i doganali tat-tranżitu u fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Għal dan l-għan, il-fatt li tkun qed tintuża proċedura tal-kontinwità tal-operat irid jiġi indikat fuq il-kopji tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti b'timbru (dimensjonijiet: 26 x 59 mm) fil-Kaxxa A tad-DAU jew fil-kaxxa tal-MRN fit-TAD. It-timbru jista' jiġi stampat minn qabel fuq id-DAU jew fuq it-TAD.

- Id-dokument irid jiġi ttimbrat jew mill-uffiċċju doganali tat-tluq, meta tintuża l-proċedura standard, jew mill-konsenjatur awtorizzat, meta tintuża l-proċedura simplifikata.
- Ara l-Anness V.1.8.1. għat-timbri tal-kontinwità tal-operat fil-lingwi differenti.

Jekk jogħġbok innota li ż-żewġ tipi ta' timbri huma aċċettabbli — it-timbru l-antik introdott bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali Komunitarju u t-timbru l-ġdid introdott mill-KDU. It-timbri l-antiki jistgħu jintużaw sakemm tispiċċa l-ħażna.

V.1.4 Nuqqas temporanju ta' funzjonament tal-NCTS fl-uffiċċju doganali tat-tluq

Hija r-responsabbiltà ta' kull amministrazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet eżatti li fihom l-awtorità kompetenti terġa' lura għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet iridu jiġu stabbiliti bil-quddiem u jiġu kkomunikati/ikunu disponibbli għall-operaturi ekonomiċi.

V.1.5 Nuqqas temporanju ta' funzjonament tas-sistema kompjuterizzata użata mid-detentur tal-proċedura

Il-każijiet li ġejjin huma koperti b'dan il-paragrafu:

- is-sistema kompjuterizzata tad-detentur tal-proċedura ma tkunx disponibbli;
- il-konnessjoni elettronika bejn is-sistema kompjuterizzata użata mid-detentur tal-proċedura u l-NCTS ma tkunx disponibbli.

Kull rikors għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat irid ikun approvat minn qabel mill-awtoritajiet doganali. Sabiex jikseb din l-

approvazzjoni, id-detentur tal-proċedura, kemm jekk juża l-proċedura standard kif ukoll jekk juża l-proċedura simplifikata, jeħtieġlu jinnotifika lid-dwana bil-fax, bil-posta elettronika, jew b'mezzi oħrajn dwar ir-raġuni għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat u dwar il-ħin tal-bidu tagħha.

Meta l-awtoritajiet doganali jkunu sodisfatti li l-konnessjoni tkun ġenwinament mhux disponibbli, huma jikkomunikaw lid-detentur tal-proċedura l-approvazzjoni tagħhom sabiex juża l-proċedura tal-kontinwità tal-operat. Barra minn hekk, jistgħu jitolbu prova jew jipproċedu għall-kontrolli. Madankollu, l-awtoritajiet doganali jirrifjutaw l-approvazzjoni tagħhom f'każijiet ta' avviżi sistematiċi ta' indisponibbilità mingħand l-istess detentur tal-proċedura.

L-awtorità doganali timmonitorja l-użu tal-proċedura tal-kontinwità tal-operat sabiex tevita l-użu ħażin tagħha.

Jekk konsenjatur awtorizzat jagħmel aktar minn 2 % tad-dikjarazzjonijiet annwali tiegħu taħt il-proċedura tal-kontinwità tal-operat minħabba nuqqas ta' funzjonament tas-sistema kompjuterizzata jew tal-konnessjoni elettronika bejn is-sistema kompjuterizzata u l-NCTS, l-awtorizzazzjoni tiġi rrieżaminata sabiex jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat ikunux għadhom issodisfati.

V.1.6 Proċeduri

V.1.6.1 Tluq — proċedura standard

Fil-proċedura standard, id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jimla dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti u jippreżentaha flimkien mal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

Għal aktar dettalji, ara V.2 u V.3.

L-operazzjoni ta' tranżitu trid tkun intemmet u ġiet irrilaxxata fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni stampata.

DWANA
Meta tittieħed id-deċiżjoni li jsir treġġigħ lura għal proċedura tal-kontinwità tal-operat, huwa importanti li jiġi żgurat li kwalunkwe dikjarazzjoni mdaħħla fl-NCTS iżda mhux ipproċessata aktar minħabba nuqqas ta' funzjonament tas-sistema **tiġi invalidata**. In-negozjant huwa obbligat jipprovdi informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kull darba li jissottometti dikjarazzjoni fis-sistema, iżda sussegwentement jerġa' lura għal proċedura tal-kontinwità tal-operat.

F'dawn il-każijiet, kwalunkwe *data* tat-tranżitu bl-LRN jew bl-MRN allokati għall-operazzjoni ta' tranżitu trid tiġi rtirata mill-NCTS.

V.1.6.2 Tluq — konsenjatur awtorizzat

L-approvazzjoni tal-awtoritajiet doganali tad-deċiżjoni ta' treġġigħ lura għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat tista' tiġi nnotifikata bil-metodu miftiehem minn qabel bejn il-konsenjatur awtorizzat u dawk l-awtoritajiet.

Id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jimla dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti.

Għal aktar dettalji, ara VI.3.3.3.2.

Meta s-sistema kompjuterizzata tal-konsenjatur awtorizzat terġa' ssir disponibbli, dik il-persuna jeħtiġilha tinforma lill-awtoritajiet doganali, u, jekk rilevanti, tikkomunika d-dettalji tad-dokumenti stampati użati.

V.1.6.3 Destinazzjoni — proċedura standard

Meta l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għal tranżitu fl-NCTS fl-uffiċċju doganali tat-tluq, iżda s-sistema fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma tkunx disponibbli mal-wasla tal-merkanzija, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jrid itemm il-proċedura fuq il-bażi tat-TAD u jdaħħal l-entrati neċessarji fl-NCTS meta terġa' ssir disponibbli. Dan jippermetti lill-uffiċċju doganali tat-tluq jirrilaxxa l-proċedura.

Dment li ma tkun instabet l-ebda irregolarità, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jagħti prova alternattiva lid-detentur tal-proċedura jew lit-trasportatur li l-proċedura tkun intemmet. Għal aktar dettalji, ara V.6.4.2.

V.1.6.4 Destinazzjoni – konsenjatarju awtorizzat

Jekk l-NCTS fid-destinazzjoni ma tibqax tiffunzjona, il-konsenjatarji awtorizzati jsegwu l-proċeduri għall-konsenjatarju awtorizzat kif stabbilit fil-Parti VI.

V.1.7 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

V.1.8 Parti ristretta għall-użu doganali biss

V.1.9 Annessi

V.1.9.1 Timbru użat għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat

A) It-timbru użat qabel u wara l-1 ta' Mejju 2016 (sakemm tispiċċa l-ħażna)

BG:

NCTS АВАРИЙНА ПРОЦЕДУРА
НЯМА НАЛИЧНИ ДАННИ В СИСТЕМАТА
ЗАПОЧНАТА НА _____
(Дата/час)

CH:

NCTS FALLBACK PROCEDURE
NO DATA AVAILABLE IN THE SYSTEM
*INITIATED ON*_____
(Date/hour)

CS:

NCTS HAVARIJNÍ POSTUP
DATA NEJSOU V SYSTÉMU
*ZAHÁJEN DNE*_____
(Datum/hodina)

DA:

NCTS NØDPROCEDURE
INGEN DATA TILGÆNGELIGE I SYSTEMET
*PÅBEGYNDT DEN*_____
(Dato/klokkeslæt)

DE:

NCTS NOTFALLVERFAHREN
KEINE DATEN IM SYSTEM VERFÜGBAR
*Begonnen am*_____
(Datum/Uhrzeit)
Ticket-Nr: _____

EE:

NCTS ASENDUSTOIMING
Süsteemi andmed ei ole kättesaadavad
Algatatud _____
(Kuup/kellaaeg)

EL:

ΕΚΤΑΚΤΗ ΔΙΑΔΙΚΑΣΙΑ NCTS
ΤΟ ΣΥΣΤΗΜΑ ΔΕΝ ΔΙΑΘΕΤΕΙ ΚΑΝΕΝΑ ΣΤΟΙΧΕΙΟ
*ΑΡΧΙΣΕ ΣΤΙΣ*_____
(Ημερομηνία/ώρα)

EN:

NCTS FALLBACK PROCEDURE
NO DATA AVAILABLE IN THE SYSTEM
*INITIATED ON*_____
(Date/hour)

ES:

PROCEDIMIENTO DE EMERGENCIA PARA CASOS DE FALLO DEL NCTS
DATOS NO DISPONIBLES EN EL SISTEMA
*INICIADO EL*_____
(Fecha/hora)

FI:

NCTS-VARAMENETTELY
JÄRJESTELMÄ EI KÄYTETTÄVISSÄ
ALOITETTU _____
(pvm/kellonaika)

FR: **PROCÉDURE DE SECOURS NSTI**
AUCUNE DONNÉE DISPONIBLE DANS LE SYSTÈME
ENGAGEE LE _____ _____
(Date/heure)

HU: **NCTS TARTALÉK ELJÁRÁS**
NINCS ELÉRHETŐ ADAT A RENDSZERBEN
INDÍTVA _____
(Dátum/óra)

IS:

IT: **PROCEDURA DI RISERVA DEL NCTS**
DATI NON DISPONIBILI NEL SISTEMA
*AVVIATA IL*_____
(Data/ora)

LV: **DTKS ALTERNATĪVĀ PROCEDŪRA**
DATI SISTĒMĀ NAV PIEEJAMI
UZSĀKTS _____
(Datums/stunda)

LT: **NCTS ATSARGINĖ PROCEDŪRA**
SISTEMOJE DUOMENŲ NĖRA
PRADĖTA _____
(data/valanda)

MK: **НКТС РЕЗЕРВНА ПОСТАПКА**
ТРАНЗИТ ВО УНИЈАТА/ЗАЕДНИЧКИ ТРАНЗИТ
НЕМА ДОСТАПНИ ПОДАТОЦИ ВО СИСТЕМОТ
*ЗАПОЧНАТО НА*_____
(датум/час)

MT: **PROĊEDURA TA' RIŻERVA NCTS**
L-EBDA DEJTA DISPONIBBLI FIS-SISTEMA
MIBDIJA FI _____
(Data/ħin)

NL: **NOODPROCEDURE NCTS**
GEGEVENS NIET BESCHIKBAAR IN HET SYSTEEM
*BEGONNEN OP*_____
(Datum/uur)

NO: **NCTS FALLBACK PROCEDURE**
NO DATA AVAILABLE IN THE SYSTEM
*INITIATED ON*_____
(Date/hour)

PL: **PROCEDURA AWARYJNA NCTS**
DANE NIE SĄ DOSTĘPNE W SYSTEMIE
*OTWARTO W DNIU*_____
(data/godzina)

PT: **PROCEDIMENTO DE CONTINGÊNCIA EM CASO DE FALHA DO NSIT**
DADOS NÃO DISPONÍVEIS NO SISTEMA
*INICIADO A*_____
(Data/hora)

RO: **PROCEDURA DE REZERVĂ NCTS**
NICIO DATĂ DISPONIBILĂ ÎN SISTEM
INIŢIATĂ LA _____
(Data/ora)

RS **NCTS РЕЗЕРВНИ ПОСТУПАК**
ТРАНЗИТ УНИЈЕ/ЗАЈЕДНИЧКИ ТРАНЗИТ
У СИСТЕМУ НЕМА ДОСТУПНИХ ПОДАТАКА
ПОКРЕНУТО ДАНА_____
(датум/час)

SI: **ALTERNATIVNI POSTOPEK NCTS**
PODATKI V SISTEMU NISO NA VOLJO
*ZAČETO DNE*_____
(Datum/ura)

SK: **NCTS HAVARIJNÝ STAV**
V SYSTÉME NIE SÚ K DISPOZÍCII ŽIADNE ÚDAJE
SPUSTENÝ _____
(Dátum/hodina)

SV: **RESERVRUTIN NÄR NCTS INTE FUNGERAR**
INGA DATA TILLGÄNGLIGA I SYSTEMET
*INLEDD DEN*_____
(Datum/klockslag)

HR **Timbru**

TR

NCTS KAĞIT USULÜ

BİRLİK TRANSİTİ/ORTAK TRANSİT

SİSTEMDE VERİ BULUNMAMAKTADIR

. . . . . .’DE *BAŞLATILMIŞTIR*

(Tarih/Saat)

B) It-timbru l-ġdid użat wara l-1 ta' Mejju 2016

BG:

TALITLUSPIDEVUSE PROTSEDUUR
LIIDU TRANSIIDIPROTSEDUUR/ÜHIS TRANSIIDIPROTSEDUUR
SÜSTEEMI ANDMED EI OLE KÄTTESAADAVAD
ALGATATUD _____
(Kuupäev/kellaaeg)

CS:

ZÁLOŽNÍ POSTUP
TRANZITNÍ REŽIM UNIE/SPOLEČNÝ TRANZITNÍ REŽIM
DATA NEJSOU V SYSTÉMU
ZAHÁJEN DNE _____
(datum/hodina)

DA:

BEREDSKABSPROCEDURE
EU-FORSENDELSE/FÆLLES FORSENDELSE
INGEN TILGÆNGELIGE DATA I SYSTEMET
INDLEDT DEN _____
(Dato/tidspunkt)

DE:

BETRIEBSKONTINUITÄTSVERFAHREN
UNIONSVERSANDVERFAHREN/GEMEINSAMES VERSANDVERFAHREN
KEINE DATEN IM SYSTEM VERFÜGBAR
EINGELEITET AM _____
(Datum/Uhrzeit)

EE:

TALITLUSPIDEVUSE PROTSEDUUR
LIIDU TRANSIIDIPROTSEDUUR/ÜHIS TRANSIIDIPROTSEDUUR
SÜSTEEMI ANDMED EI OLE KÄTTESAADAVAD
ALGATATUD _____
(Kuupäev/kellaaeg)

EL:

ΔΙΑΔΙΚΑΣΙΑ ΣΥΝΕΧΕΙΑΣ ΤΩΝ ΔΡΑΣΤΗΡΙΟΤΗΤΩΝ
ΕΝΩΣΙΑΚΗ ΔΙΑΜΕΤΑΚΟΜΙΣΗ/ΚΟΙΝΗ ΔΙΑΜΕΤΑΚΟΜΙΣΗ
ΔΕΝ ΥΠΑΡΧΟΥΝ ΔΙΑΘΕΣΙΜΑ ΣΤΟΙΧΕΙΑ ΣΤΟ ΣΥΣΤΗΜΑ
ΕΝΑΡΞΗ ΔΙΑΔΙΚΑΣΙΑΣ ΣΤΙΣ _____
(Ημερομηνία/ώρα)

EN:

BUSINESS CONTINUITY PROCEDURE
UNION TRANSIT/COMMON TRANSIT
NO DATA AVAILABLE IN THE SYSTEM
INITIATED ON _____
(Date/hour)

ES:

PROCEDIMIENTO DE CONTINUIDAD DE LAS ACTIVIDADES
TRÁNSITO DE LA UNIÓN/TRÁNSITO COMÚN
DATOS NO DISPONIBLES EN EL SISTEMA
INICIADO EL _____
(Fecha/hora)

FI:

TOIMINNAN JATKUVUUTTA KOSKEVA MENETTELY
UNIONIN PASSITUS / YHTEINEN PASSITUS
JÄRJESTELMÄSSÄ EI OLE TIETOJA
ALOITETTU _____
(Pvm/kellonaika)

FR:

PLAN DE CONTINUITÉ DES OPÉRATIONS
TRANSIT DE L'UNION/TRANSIT COMMUN
AUCUNE DONNÉE DISPONIBLE DANS LE SYSTÈME
ENGAGÉE LE _____
(Date/heure)

HU:

ÜZLETMENET-FOLYTONOSSÁGI ELJÁRÁS
UNIÓS/EGYSÉGES ÁRUTOVÁBBÍTÁS
A RENDSZERBEN NEM ÁLL RENDELKEZÉSRE ADAT
KEZDŐIDŐPONT _____
(Nap/óra)

IS:

IT:

PROCEDURA DI CONTINUITÀ OPERATIVA
TRANSITO UNIONALE/TRANSITO COMUNE
NESSUN DATO DISPONIBILE NEL SISTEMA
AVVIATA IL _____
(Data/ora)

LV:

DARBĪBAS NEPĀRTRAUKTĪBAS PROCEDŪRA
SAVIENĪBAS TRANZĪTS /KOPĒJAIS TRANZĪTS
DATI SISTĒMĀ NAV PIEEJAMI
SĀKUMA DATUMS _____
(Datums/laiks)

LT:

VEIKLOS TĘSTINUMO PROCEDŪRA
SĄJUNGOS TRANZITAS/BENDRASIS TRANZITAS
SISTEMOJE DUOMENŲ NĖRA
PRADĖTA _____
(Data ir laikas)

MK: **ПОСТАПКА ЗА ОБЕЗБЕДУВАЊЕ НА КОНТИНУИТЕТ ВО РАБОТЕЊЕТО**
ТРАНЗИТ НА УНИЈАТА/ЗАЕДНИЧКИ ТРАНЗИТ
НЕМА ДОСТАПНИ ПОДАТОЦИ ВО СИСТЕМОТ
*ЗАПОЧНАТО НА*_____
(датум/час)

MT:

IL-PROĊEDURA TAL-KONTINWITÀ TAL-OPERAT
IT-TRANŻITU TAL-UNJONI/IT-TRANŻITU KOMUNI
L-EBDA DEJTA DISPONIBBLI FIS-SISTEMA
INBDIET NHAR _____
(Id-data/il-ħin)

NL:

BEDRIJFSCONTINUÏTEITSPROCEDURE
UNIEDOUANEVERVOER/GEMEENSCHAPPELIJK DOUANEVERVOER
GEEN GEGEVENS BESCHIKBAAR IN HET SYSTEEM
BEGONNEN OP _____
(Datum/uur)

NO:

BUSINESS CONTINUITY PROCEDURE
UNION TRANSIT/COMMON TRANSIT
NO DATA AVAILABLE IN THE SYSTEM
INITIATED ON _____
(Date/hour)

PL:

PROCEDURA CIĄGŁOŚCI DZIAŁANIA
PROCEDURA TRANZYTU UNIJNEGO/WSPÓLNA PROCEDURA TRANZYTOWA
DANE NIE SĄ DOSTĘPNE W SYSTEMIE
OTWARTO W DNIU _____
(data/godzina)

PT:

PROCEDIMENTO DE CONTINUIDADE DAS ATIVIDADES
TRÂNSITO DA UNIÃO/TRÂNSITO COMUM
DADOS NÃO DISPONÍVEIS NO SISTEMA
INICIADO EM _____
(Data/hora)

RO:

PLANUL DE ASIGURARE A CONTINUITĂȚII ACTIVITĂȚII
TRANZIT UNIONAL/TRANZIT COMUN
NU EXISTĂ DATE DISPONIBILE ÎN SISTEM
INIȚIAT LA DATADE _____
(Data/ora)

SI:

POSTOPEK NEPREKINJENEGA POSLOVANJA
TRANZIT UNIJE / SKUPNI TRANZIT
PODATKI V SISTEMU NISO NA VOLJO
SPROŽEN DNE _____
(Datum/ura)

SK:

PLÁN NA ZABEZPEČENIE KONTINUITY ČINNOSTÍ
COLNÝ REŽIM TRANZITU ÚNIE/SPOLOČNÝ TRANZITNÝ REŽIM
V SYSTÉME NIE SÚ DOSTUPNÉ ŽIADNE ÚDAJE
ZAČATÝ _____
(dátum/hodina)

SV:

KONTINUITETSPLAN
UNIONSTRANSITERING/GEMENSAM TRANSITERING
INGA DATA ÄR TILLGÄNGLIGA I SYSTEMET
INLEDD DEN _____
(Datum/klockslag)

HR:

POSTUPAK OSIGURAVANJA KONTINUITETA POSLOVANJA
PROVOZ UNIJE / ZAJEDNIČKI PROVOZ
PODACI NISU RASPOLOŽIVI U SUSTAVU
POKRENUT DANA _____
(Datum/sat)

TR:

İŞ SÜREKLİLİĞİ USULÜ
BİRLİK TRANSİTİ/ORTAK TRANSİT
SİSTEMDE VERİ BULUNMAMAKTADIR
. . . . . *'DE BAŞLATILMIŞTIR*
(Tarih/Saat)

RS: **ОСИГУРАЊЕ КОНТИНУИТЕТА ПОСТУПКА**
ТРАНЗИТ УНИЈЕ/ЗАЈЕДНИЧКИ ТРАНЗИТ
У СИСТЕМУ НЕМА ДОСТУПНИХ ПОДАТАКА
ПОКРЕНУТО ДАНА_____
(датум/час)

KAPITOLU 2 — STRUZZJONIJIET ĠENERALI RELATATI MAD-DOKUMENT AMMINISTRATTIV UNIKU U MAD-DOKUMENT TA' AKKUMPANJAMENT FIT-TRANŻITU

L-Artikolu 3I, (d) u (v), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 5(12) u 6(3)(b) KDU

Il-Parti V tirrigwarda l-proċedura tal-kontinwità tal-operat ibbażata fuq l-użu tad-dokument amministrattiv uniku (DAU) jew tad-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu (TAD) bħala d-dikjarazzjonijiet tat-tranżitu bbażati fuq il-karti. Hija maqsuma f'sitt kapitoli.

Il-Kapitolu 3 jittratta l-proċedura standard ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Il-Kapitolu 4 jittratta l-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

Il-Kapitolu 5 jittratta aċċidenti waqt it-trasport.

Il-Kapitolu 6 jittratta l-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Nota:

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-espressjoni "**dikjarazzjoni tat-tranżitu**" għandha żewġ tifsiriet. L-ewwel nett, "**dikjarazzjoni tat-tranżitu**" tfisser id-dikjarazzjoni li persuna tagħti fil-forma u fil-mod stabbiliti sabiex tindika x-xewqa li l-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu. It-tieni, tfisser id-dokument użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu, jiġifieri l-"**kopji tad-DAU jew tat-TAD**" meħtieġa. Fil-kapitoli li ġejjin, l-espressjoni "dikjarazzjoni tat-tranżitu" tintuża bl-ewwel tifsira, bil-forma stabbilita li hija "DAU" jew "TAD".

KAPITOLU 3 — ID-DIKJARAZZJONI TAT-TRANŻITU STANDARD

V.3.1 Introduzzjoni

Dan il-kapitolu jiddeskrivi l-proċedura tal-kontinwità tal-operat ibbażata fuq l-użu tad-DAU jew tat-TAD bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti.

Il-Paragrafu V.3.2 jagħti t-teorija ġenerali u l-leġiżlazzjoni dwar id-dikjarazzjoni tat-tranżitu standard.

Il-Paragrafu V.3.3 jiddeskrivi l-proċedura standard tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu mit-tagħbija tal-merkanzija sal-mili u l-iffirmar tad-dikjarazzjoni.

Il-Paragrafu V.3.4 jittratta sitwazzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-proċedura tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Il-Paragrafu V.3.5 ikopri eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali.

Il-Paragrafu V.3.6 huwa rriżervat għal struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu V.3.7 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu V.3.8 fih l-Annessi tal-Kapitolu 3.

V.3.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti hija d-dikjarazzjoni doganali għat-tqegħid ta' merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu. Tista' tiġi ppreżentata fil-forom li ġejjin:

- dokument amministrattiv uniku (DAU); jew
- DAU stampat fuq karta komuni mis-sistema kompjuterizzata tal-operatur ekonomiku; jew
- dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu (TAD) supplimentat, jekk ikun hemm bżonn, b'lista ta' oġġetti (LoI).
  F'dak il-każ, it-TAD ma jkollux MRN.

Is-sorsi legali għad-dikjarazzjoni tat-tranżitu fil-formoli tad-DAU u tat-TAD huma kif ġej:

- il-Konvenzjoni DAU;
- l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni
  - ✓ L-Artikoli 3(c), (v) u 26;
- l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni:
  - ✓ it-Titolu II, l-Artikoli 5 u 6;
  - ✓ l-Annessi A3, A4, A5 u A6;
  - ✓ l-Anness B1, B4, B5 u B6;
- l-Artikoli 5(12) u 6(3)(b) KDU;
- l-Appendiċijiet B1-B6, C1, D1, F1 u F2, l-Anness 9, TDA;
- l-Anness 72-04, il-Kapitoli III u IV IA.

V.3.3 Il-proċedura tad-dikjarazzjoni

Dan il-paragrafu jagħti informazzjoni dwar:

- dikjarazzjonijiet tat-tranżitu bbażati fuq il-karti fil-forma ta' DAU u ta' skedi ta' kontinwazzjoni tad-DAU-BIS (il-Paragrafu V.3.3.1);
- il-listi tat-tagħbija, il-forma u l-użu (il-Paragrafu V.3.3.2);
- dikjarazzjonijiet tat-tranżitu bbażati fuq il-karti fil-forma ta' TADs (il-Paragrafu V.3.3.3);
- konsenji mħalltin (il-Paragrafu V.3.3.4);
- l-iffirmar tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu (il-Paragrafu V.3.3.5).

V.3.3.1 Dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti

V.3.3.1.1 Forom u mili tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti fid-DAU

Id-DAU jikkonsisti f'kopji nnumerati kif ġej:

- sett ta' kopja ta' tmien paġni li jikkonsisti f'kopji nnumerati wara xulxin (kopja 1 sa kopja 8); jew
- sett ta' kopja ta' erba' paġni li jikkonsisti f'kopji nnumerati wara xulxin (kopji 1/6, 2/7, 3/8 u 4/5).

Id-DAU jista' jkun issupplimentat, fejn neċessarju, mill-kontinwazzjoni tal-formoli DAU-BIS jew mil-listi tat-tagħbija. Il-formoli DAU-BIS huma nnumerati bħas-settijiet tal-kopji normali:

- sett ta' kopja ta' tmien paġni li jikkonsisti f'kopji 1 BIS sa 8 BIS;
- sett ta' kopja ta' erba' paġni li jikkonsisti f'kopji 1/6 BIS, 2/7 BIS, 3/8 BIS u 4/5 BIS.

Għal aktar informazzjoni dwar il-listi tat-tagħbija, ara V.3.3.1.2.

Għad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti huma meħtieġa tliet kopji tad-DAU — il-kopji 1, 4 u 5.

- il-kopja 1 tinżamm mill-uffiċċju doganali tat-tluq wara li tkun ġiet irreġistrata d-dikjarazzjoni;
- il-kopja 4 takkumpanja l-merkanzija sal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni u tinżamm hemmhekk;
- il-kopja 5 takkumpanja l-merkanzija sal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, li jirritornaha lill-pajjiż tat-tluq wara t-tmiem tal-proċedura ta' tranżitu.

Meta sett ta' kopji ta' erba' paġni jkun qed jintuża għad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti, iridu jintużaw żewġ settijiet: il-kopji 1 u 4 ta' sett wieħed u l-kopja 5 tas-sett l-ieħor. F'kull sett, in-numri tal-kopji li ma jkunux qed jintużaw iridu jiġu indikati billi fil-marġni jiġi indikat in-numru tal-kopja li ma tkunx qed tintuża. Pereżempju, fuq il-kopja 1/6, fejn in-numru 6 ikun ingassat, dan ifisser li qed tintuża l-kopja 1.

L-Appendiċi III, it-Titolu I, l-Artikolu 5 u 6, il-Konvenzjoni,

L-Anness II, il-

Il-formoli DAU użati bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi li ġejjin, minbarra fejn id-dikjarazzjoni ssir mis-sistema kompjuterizzata tal-operatur ekonomiku.

Konvenzjoni DAU

L-Appendiċijiet B1-B6 C1 u D1, l-Anness 9, TDA

Ir-regola ġenerali hija li d-dikjarazzjonijiet tat-tranżitu bbażati fuq il-karti jitfasslu fuq id-DAU jew bil-miktub bl-idejn (filwaqt li jiġi żgurat li jkunu kompletament leġibbli, bil-linka u b'ittri kbar) jew stampati minn sistema kompjuterizzata tal-operatur ekonomiku. Madankollu, jista' jkun permess li d-DAU jiġi stampat bl-użu ta' sistemi uffiċjali jew tas-settur privat għall-ipproċessar tad-*data*, jekk ikun neċessarju fuq karti komuni, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet (għal aktar dettalji, ara l-Appendiċi C1, l-Anness 9, TDA/l-Anness B6, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni).

L-Appendiċi 3, l-Anness II, il-Konvenzjoni DAU,

Sabiex timtela dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti, iridu jimtlew il-kaxxi obbligatorji kollha tal-kopji tad-DAU; il-kaxxi l-oħrajn ma humiex obbligatorji.

L-Anness B6, Appendiċi III tal-Konvenzjoni

Huwa meħtieġ li timtela l-ewwel kopja (ta' fuq) tad-DAU. Billi d-dokument użat irid ikun wieħed li jkun jista' jiġi kkupjat, id-dettalji jidhru fuq il-kopji l-oħrajn.

L-Appendiċi C1, l-Anness 9, TDA

Id-dikjarazzjonijiet ta' tranżitu jridu jimtlew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti li hija aċċettabbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.

Sabiex jiġi evitat dewmien fl-uffiċċju doganali tat-tluq/tad-destinazzjoni (jew fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu), huwa importanti li l-operaturi ekonomiċi jimlew tajjeb id-DAU.

L-uffiċċju doganali tat-tluq huwa obbligat jiżgura li d-DAU jkun mimli tajjeb u b'mod li jista' jinqara u li tiġi applikata stampa ċara tat-timbru tal-uffiċċju doganali tat-tluq fuq id-dikjarazzjoni.

DWANA

Il-kaxxi fuq id-DAU mmarkati b'ittri kbar B, C, D(/J), E(/J), F, G u I għandhom jimtlew mill-awtoritajiet doganali. Madankollu, il-parti tax-xellug tal-kaxxa I tista' tintuża wkoll għal entrati magħmula mill-konsenjatarju awtorizzat.

L-Appendiċi 3, l-Anness II, il-Konvenzjoni DAU

Tħassir jew kitba sovraposta ma hijiex permessa. L-emendi kollha jridu jsiru billi jiġu ingassati d-dettalji żbaljati, u fejn huwa xieraq, billi jiżdiedu dawk meħtieġa, u jridu jkunu inizjalati mill-persuna li tagħmilhom. Korrezzjonijiet bħal dawn iridu jiġu approvati mill-awtoritajiet doganali. F'xi każijiet, l-awtoritajiet doganali jistgħu

L-Appendiċi C1, l-Anness 9, TAD

jeħtieġu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ġdida.

Madankollu, l-ebda emenda ma għandha tkun permessa meta l-awtoritajiet kompetenti jindikaw, wara li jirċievu d-dikjarazzjoni tat-tranżitu, li jkun biħsiebhom jeżaminaw il-merkanzija, jew ikunu stabbilew li d-dettalji jkunu żbaljati jew fejn huma jkunu diġà rrilaxxaw il-merkanzija.

L-Artikolu 173 KDU,

L-Artikolu 31, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Id-DAU jista' jkun issupplimentat, meta neċessarju, minn skeda ta' kontinwazzjoni waħda jew aktar magħrufa bħala formoli DAU-BIS.

Il-formoli DAU-BIS jistgħu jintużaw fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

L-Appendiċi 3, l-Anness I, il-Konvenzjoni DAU

- meta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu tkun tirrelata ma' aktar minn oġġett wieħed; jew
- meta konsenja jkollha kemm merkanzija T1, T2 kif ukoll T2F;

L-Appendiċi B3, l-Anness 9, TDA

Imbagħad, il-formoli DAU-BIS jintużaw (bħal listi tat-tagħbija) għar-reġistrazzjoni tad-dettalji tal-merkanzija għal kull status doganali (T1, T2 jew T2F). Id-DAU jrid jinkludi wkoll sommarju tal-formoli DAU-BIS użati għall-merkanzija ta' kull status doganali.

Il-formoli DAU-BIS huma parti mid-dikjarazzjoni tat-tranżitu u jridu jissodisfaw l-istess rekwiżiti tekniċi.

Iridu jimtlew f'konformità mal-istruzzjonijiet għall-mili tal-formola DAU.

Nota: ma huwiex permess li tintuża taħlita tal-formoli DAU-BIS u tal-listi tat-tagħbija.

V.3.3.1.2 Listi tat-tagħbija, formola u mili

L-Annessi B4 u B5, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni

Il-listi tat-tagħbija jistgħu jintużaw bħala l-parti deskrittiva tad-DAU bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

L-Anness 11 TDA

L-użu ta' listi tat-tagħbija ma jaffettwax l-obbligi dwar il-proċedura tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni jew kwalunkwe proċedura fil-pajjiż tad-destinazzjoni jew li tikkonċerna l-formoli użati għal dawn il-formalitajiet.

Il-Kapitoli III u IV, l-Anness 72-04 IA

Il-faċċata biss tal-formoli tista' tintuża bħala lista tat-tagħbija.

Il-listi tat-tagħbija jridu jsiru fl-istess numru ta' kopji bħad-

dikjarazzjoni tat-tranżitu li għandha x'taqsam magħhom.

NEGOZJU

1. Kull entrata fil-lista tat-tagħbija jrid ikollha qabilha numru tas-serje.
2. Kull entrata trid tiġi segwita, fejn xieraq, minn kull referenza mitluba mil-leġiżlazzjoni, b'mod partikolari referenzi għal dokumenti, għal ċertifikati u għal awtorizzazzjonijiet ippreżentati.
3. Linja orizzontali trid tkun impinġija wara l-aħħar entrata u l-ispazju vojt li jibqa' jrid ikun maqtugħ sabiex ikun impossibbli li sussegwentement tinkiteb xi ħaġa oħra.
4. Meta jintużaw listi tat-tagħbija għal konsenja ta' żewġ tipi jew aktar ta' merkanzija, il-Kaxxa 31 "Pakketti u deskrizzjoni tal-merkanzija" fuq id-DAU ma tistax tintuża sabiex turi l-marki, in-numri, in-numru u t-tip ta' pakketti jew id-deskrizzjoni tal-merkanzija. Madankollu, f'din il-kaxxa trid issir referenza, kif xieraq, għan-numru tas-serje u għall-kodiċi (T1, T2, T2F) tal-listi tat-tagħbija mehmuża.

DWANA

L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jdaħħal in-numru tar-reġistrazzjoni fuq il-lista tat-tagħbija. Dan in-numru jkun l-istess bħan-numru tar-reġistrazzjoni tad-DAU li għandu x'jaqsam miegħu. In-numru jiddaħħal jew permezz ta' timbru li jinkorpora l-isem tal-uffiċċju doganali tat-tluq jew bl-idejn. Jekk jiddaħħal bl-idejn, it-timbru tal-uffiċċju doganali tat-tluq irid jakkumpanja n-numru. Madankollu, il-firma tal-uffiċjal tad-dwana ma hijiex obbligatorja.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li detenturi tal-proċedura jużaw listi tat-tagħbija speċjali, li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' hawn fuq ta' listi tat-tagħbija.

Dawn il-listi jistgħu jintużaw biss fejn:

- jiġu prodotti mill-kumpaniji li jużaw sistemi ta' pproċessar elettroniku tad-*data* sabiex iżommu r-reġistri tagħhom;
- ikunu maħsubin u kkompletati b'mod li jkunu jistgħu jintużaw mingħajr diffikultajiet mill-awtoritajiet kompetenti;
- jinkludu, għal kull oġġett, l-informazzjoni meħtieġa fil-listi tat-

tagħbija standard.

Meta żewġ listi tat-tagħbija jew aktar jakkumpanjaw DAU wieħed, kull waħda jrid ikollha fuqha numru tas-serje allokat mid-detentur tal-proċedura. In-numru totali ta' listi tat-tagħbija li jakkumpanjaw jintwera fil-Kaxxa 4 "listi tat-tagħbija" tad-DAU.

V.3.3.1.3 Forma u mili tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti fil-formola ta' TAD

L-Annessi A3, A4, A5 u A6, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni

Il-formola tad-dokument li jakkumpanja fit-tranżitu (TAD) tista' tintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti, issupplimentata, jekk neċessarju, mil-lista ta' oġġetti (LoI).

L-Appendiċi F1 u F2, l-Anness 9, TDA

It-TAD irid jimtela jew bil-miktub bl-idejn (filwaqt li jiġi żgurat li jkun kompletament leġibbli, bil-linka u b'ittri kbar) jew stampat bl-użu ta' sistema kompjuterizzata tal-operatur ekonomiku. Il-kaxxi obbligatorji kollha għad-dikjarazzjoni tat-tranżitu jridu jimtlew f'konformità mal-Anness B6, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni/mal-Appendiċi C1, l-Anness 9, TDA.

Meta t-TAD jintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti, ma jiġix allokat MRN għall-operazzjoni ta' tranżitu. Minflok, jintuża n-numru ta' referenza nazzjonali għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat u jiddaħħal fit-TAD fir-rokna ta' fuq tal-lemin.

Meta operazzjoni ta' tranżitu tkopri aktar minn oġġett wieħed, trid tiġi mehmuża lista ta' oġġetti waħda jew aktar mat-TAD. L-LoI jrid ikollha l-istess numru ta' referenza ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu bħal dak imqiegħed fuq it-TAD li tkun mehmuża miegħu. L-LoI trid timtela f'konformità mal-Anness A5, l-Appendiċi III, tal-Konvenzjoni/mal-Appendiċi F2, l-Anness 9, TDA.

LoI waħda jista' jkun fiha diversi oġġetti (il-kaxxi jistgħu jespandu b'mod vertikali). Il-massimu ta' oġġetti għal dikjarazzjoni tat-tranżitu waħda huwa ta' 99.

V.3.3.1.4 Konsenji mħalltin

L-Artikolu 28, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 294 IA L-Appendiċi D1,

L-Anness 9, TDA

Fil-każ ta' konsenji li jinkludu merkanzija mhux tal-Unjoni li tinġarr taħt il-proċedura ta' tranżitu T1 u merkanzija tal-Unjoni li tinġarr taħt il-proċedura ta' tranżitu T2/T2F koperta b'dikjarazzjoni waħda ta' tranżitu, id-DAU jkollu jew formoli DAU-BIS separati (ara V.3.3.2.2) jew listi tat-tagħbija (ara V.3.3.2.3) mehmużin miegħu. Id-DAU jipprovdi informazzjoni komuni u sommarju tal-formoli DAU-BIS jew listi tat-tagħbija użati għall-merkanzija ta' status differenti. Kull

L-Anness B IA

formola DAU-BIS jew lista tat-tagħbija jkun fiha merkanzija tal-istess status doganali. Il-kodiċi "T-" jidher fit-tielet subdiviżjoni tal-Kaxxa 1 tad-DAU, il-kodiċi "T1bis", "T2bis" jew "T2Fbis", kif xieraq, jiddaħħal fit-tielet subdiviżjoni tal-Kaxxa 1 "Dikjarazzjoni" tal-formola DAU-BIS.

Meta t-TAD jintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti, fis-subdiviżjoni tal-lemin tal-Kaxxa 1, irid jiġi indikat il-kodiċi "T-" u, għal kull oġġett fil-LoI fil-Kaxxa 1/3, irid jiddaħħal il-kodiċi rilevanti (T1, T2 jew T2F).

Sakemm il-konsenja ma tkunx imħallta, kwalunkwe Kaxxa 31 (għad-deskrizzjoni tal-merkanzija) li ma tintużax trid tkun ingassata sabiex jiġi evitat l-użu tagħha aktar tard.

Inkella, jista' jimtela DAU jew TAD separat (pereżempju: DAU/TAD T1 għal merkanzija mhux tal-Unjoni u d-DAU/TAD T2 jew T2F għal merkanzija tal-Unjoni).

Nota: huwa possibbli li merkanzija tal-Unjoni li ma tkunx imqiegħda taħt tranżitu (u li tinġarr fit-territorju doganali tal-Unjoni) tiġi ttrasportata bl-istess mezz tat-trasport bħal merkanzija mqiegħda taħt tranżitu. F'dak il-każ, id-dikjarazzjoni tat-tranżitu tkopri biss merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu.

V.3.3.1.5 Iffirmar tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu

L-Anness II, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni,

L-Anness 72-04 IA,

Billi jiffirma d-dikjarazzjoni tat-tranżitu, id-detentur tal-proċedura jieħu r-responsabbiltà għall-akkuratezza tal-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni, għall-awtentiċità tad-dokumenti ppreżentati u għall-konformità mal-obbligi kollha relatati mad-dħul tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu.

NEGOZJU
Id-detentur tal-proċedura jew ir-rappreżentant tiegħu jeħtieġlu jiffirma d-dikjarazzjoni tat-tranżitu fil-Kaxxa 50 tad-DAU jew tat-TAD.

L-Anness II, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni,

L-Annessi B6 u B9, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni

Il-konsenjaturi awtorizzati jistgħu jitħallew ma jiffirmawx dikjarazzjonijiet tat-tranżitu li jkollhom it-timbru speċjali. Din ir-rinunzja hija soġġetta għall-kundizzjoni li l-konsenjatur awtorizzat ikun ta minn qabel lill-awtorità doganali impenn bil-miktub li fih jirrikonoxxi li huwa d-detentur tal-proċedura għall-operazzjonijiet ta' tranżitu kollha mwettqin taħt id-dikjarazzjonijiet tat-tranżitu li

jkollhom it-timbru speċjali tagħhom.

Dikjarazzjonijiet tat-tranżitu mhux iffirmati jrid ikun fihom fil-kaxxa rriżervata għall-firma tad-detentur tal-proċedura l-fraži: "Firma mhux meħtieġa — 99207".

Għal aktar informazzjoni dwar din il-proċedura, li hija kkunsidrata bħala simplifikazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu standard, ara l-Parti VI.

V.3.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*)

V.3.4.1 Regoli applikabbli għall-merkanzija bil-pakketti

Għal aktar dettalji, ara IV.I.5.1.

V.3.4.2 Merkanzija ttrasportata minn vjaġġaturi jew kontenut fil-bagalji tagħhom

Għal aktar dettalji, ara IV.I.5.2.

V.3.4.3 Trasport ta' merkanzija tal-Unjoni lejn, minn , jew permezz ta' pajjiż ta' tranżitu komuni

Għal aktar dettalji, ara f'IV.I.5.3.

V.3.4.4 Duplikati

Fil-każ ta' serq, ta' telf jew ta' qerda ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu jew ta' dokument T2L/T2LF, l-uffiċċju doganali li jkun ħareġ id-dokument oriġinali jista' joħroġ duplikat.

Il-parti interessata li titlob id-duplikat jeħtiġilha tiġġustifika t-talba kif xieraq u tiddikjara bil-miktub li trodd lura l-oriġinal, jekk issibu.

Anki l-konsenjaturi awtorizzati u l-emittenti awtorizzati jistgħu joħorġu duplikat tad-dikjarazzjonijiet tat-tranżitu jew tad-dokumenti T2L/T2LF, dment li:

- huma jkunu dawk li ħarġu d-dokument oriġinali;
- huma jkunu ressqu talba debitament ġustifikata lill-awtorità kompetenti, sabiex jitolbu awtorizzazzjoni għall-ħruġ ta' duplikat tal-oriġinal; u
- l-awtorità kompetenti tkun aċċettat it-talba.

L-uffiċċju doganali għandu jgħarbel ir-riskju ta' abbuż u, b'mod partikolari, jinvestiga t-talbiet rikorrenti.

Id-duplikat għandu jkollu b'ittri kbar: (i) il-kelma "DUPLIKAT"; (ii) it-timbru tal-uffiċċju doganali, tal-konsenjatur awtorizzat jew tal-emittent awtorizzat li jkun ħareġ id-duplikat; u (iii) il-firma tal-persuna kompetenti.

V.3.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

V.3.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

V.3.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

V.3.8 Annessi

KAPITOLU 4 — FORMALITAJIET FL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAT-TLUQ

V.4.1 Introduzzjoni

Il-Paragrafu V.4.2 jagħti t-teorija ġenerali dwar il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tluq kif ukoll informazzjoni ġenerali dwar is-sorsi legali.

Il-Paragrafu V.4.3 jiddeskrivi l-proċedura fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

Il-Paragrafu V.4.4 jittratta sitwazzjonijiet speċifiċi.

Il-Paragrafu V.4.5 ikopri eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali.

Il-Paragrafu V.4.6 huwa rriżervat għal regoli nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu V.4.7 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu V.4.8 fih l-Annessi tal-Kapitolu 4.

V.4.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

Il-proċedura ta' tranżitu tibda fl-uffiċċju doganali tat-tluq bil-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti (f'forma ta' DAU jew ta' TAD) flimkien mal-merkanzija.

Is-sorsi legali huma kif ġej:

- L-Artikolu 26, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Artikolu 6(3)(b) KDU;
- L-Artikolu 291 IA;
- L-Anness II, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Anness 72-04 IA.

V.4.3 Deskrizzjoni tal-proċedura fl-uffiċċju doganali tat-tluq

Dan il-paragrafu jagħti informazzjoni dwar:

- il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti (il-Paragrafu V.4.3.1);
- il-preżentazzjoni ta' garanzija (il-Paragrafu V.4.3.2);
- l-aċċettazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti (il-Paragrafu V.4.3.3);

- l-emenda tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti (il-Paragrafu V.4.3.4);
- l-invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti (il-Paragrafu V.4.3.5);
- il-verifika tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti (il-Paragrafu V.4.3.6);
- l-itinerarju (il-Paragrafu V.4.3.7);
- il-limitu ta' żmien (il-Paragrafu V.4.3.8);
- il-miżuri ta' identifikazzjoni (il-Paragrafu V.4.3.9);
- ir-rilaxx tal-merkanzija għat-tranżitu (il-Paragrafu V.4.3.10).

V.4.3.1 Preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti

Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq il-karti u d-dokumenti kollha li jakkumpanjaw għandhom jiġu ppreżentati flimkien mal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tat-tluq matul il-jiem u s-sigħat li fihom ikunu miftuħin. Madankollu, fuq talba tad-detentur tal-proċedura, jistgħu jiġu ppreżentati f'ħinijiet oħrajn jew f'postijiet oħrajn approvati mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

NEGOZJU

Id-dokumenti li ġejjin iridu jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tat-tluq:

- il-kopji 1, 4 u 5 tad-DAU mimli kif suppost. Meta jintużaw il-formoli DAU-BIS jew il-listi tat-tagħbija, dawn iridu jiġu mehmużin mad-DAU;
- żewġ kopji tat-TAD, issupplimentati, jekk neċessarju, minn lista ta' oġġetti;
- garanzija (fejn meħtieġa: ara l-Parti III);
- dokumenti neċessarji oħrajn, jekk meħtieġa.

DWANA

L-uffiċċju doganali tat-tluq:

- jivverifika li l-kopji 1, 4 u 5 tad-DAU huma kkompletati kif suppost u, fejn jintużaw il-formoli DAU-BIS jew listi tat-tagħbija, li huma mehmużin mad-DAU;
- jivverifika li żewġ kopji tat-TAD huma kkompletati kif suppost u, fejn tintuża LoI, din tkun mehmuża mat-TAD;
- jivverifika l-validità u l-ammont tal-garanzija;
- jivverifika dokumenti neċessarji oħrajn.

V.4.3.2 Preżentazzjoni ta' garanzija

L-Artikolu 9, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Sabiex tinbeda proċedura ta' tranżitu, tkun meħtieġa garanzija (ħlief meta din tkun irrinunzjata bil-liġi jew bl-awtorizzazzjoni).

L-Artikolu 89(2) KDU

Aktar informazzjoni dwar il-garanziji tinstab fil-Parti III.

DWANA

L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jivverifika li:

- id-dettalji tal-garanzija murijin fil-Kaxxa 52 tad-DAU jew tat-TAD jaqblu mad-dokumenti ta' garanzija oriġinali ppreżentati;
- l-ammont tal-garanzija jkun biżżejjed;
- il-garanzija tkun valida fil-Partijiet Kontraenti kollha involuti fl-operazzjoni ta' tranżitu;
- il-garanzija tkun f'isem id-detentur tal-proċedura msemmi fil-Kaxxa 50 tad-DAU jew tat-TAD;
- il-garanzija ma tkunx skadiet (iċ-ċertifikati TC31 u TC33 ikunu għadhom validi);
- il-perjodu ta' validità ta' sena mid-data tal-ħruġ ma jkunx skada (il-validtà tal-vawċer TC32);
- il-firma fuq id-dikjarazzjoni fil-Kaxxa 50 tad-DAU jew tat-TAD tikkorrispondi għall-firma fuq in-naħa ta' wara taċ-ċertifikat tal-garanzija komprensiva TC31 jew taċ-ċertifikat ta' rinunzja tal-garanzija TC33.

Kun af li d-dokumenti tal-garanzija oriġinali jridu jiġu ppreżentati.

Għal garanziji individwali fil-forma ta' vawċers, il-vawċer tal-garanzija TC32 jinżamm u jiġi mehmuż mal-kopja 1 tad-DAU jew mal-ewwel kopja tat-TAD.

Għal garanzija individwali fil-forma ta' impenn, l-impenn jinżamm u jiġi mehmuż mal-kopja 1 tad-DAU jew mal-ewwel kopja tat-TAD.

Għal garanzija komprensiva jew għal eżoneru mill-garanzija, iċ-ċertifikat tal-garanzija oriġinali (TC31 jew TC33) jiġi ritornat lid-dikjarant.

V.4.3.3 Aċċettazzjoni u reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu

L-Artikoli 30 u 35, l-Appendiċi I tal-

L-uffiċċju doganali tat-tluq jaċċetta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu bil-kundizzjoni li:

Konvenzjoni

Artikoli 171-172 UCC

L-Artikolu 143 DA

- ikun fiha l-informazzjoni kollha neċessarja għall-fini tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni;
- tkun akkumpanjata mid-dokumenti neċessarji kollha;
- il-merkanzija msemmija fid-dikjarazzjoni li tirreferi għaliha ġiet ippreżentata lid-dwana matul il-ħinijiet tal-ftuħ uffiċjali.

DAU jew TAD apparentement mhux korrett (jew mhux komplut) ma jiġix aċċettat.

L-uffiċċju doganali tat-tluq jirreġistra d-dikjarazzjoni tat-tranżitu billi jqiegħed numru ta' reġistrazzjoni fil-Kaxxa C "Uffiċċju tat-tluq" tad-DAU jew tat-TAD u billi jdaħħal fil-kaxxa D(/J) "Kontroll mill-uffiċċju tat-tluq" tad-DAU jew tat-TAD id-dettalji tal-ispezzjonijiet imwettqin, tas-siġilli mwaħħlin u tal-limitu ta' żmien permess. Imbagħad iżid il-firma u t-timbru tiegħu.

Is-sistema ta' reġistrazzjoni tad-dikjarazzjonijiet użata fi proċedura tal-kontinwità tal-operat trid tkun differenti mis-sistema NCTS.

L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jkun kompetenti sabiex jittratta operazzjonijiet ta' tranżitu u t-tip ta' traffiku kkonċernat. Għal lista ta' uffiċċji tad-dwana kompetenti għall-operazzjonijiet tat-tranżitu komuni, ara:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/dds/csrdhome_en.htm

V.4.3.4 Emenda tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu

L-Artikolu 31, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 173 KDU

Id-detentur tal-proċedura jista' jitlob permess sabiex jemenda d-dikjarazzjoni tat-tranżitu wara li d-dwana tkun aċċettatha. L-emenda ma tistax trendi d-dikjarazzjoni applikabbli għal merkanzija oħra barra dik li kienet tkopri oriġinarjament.

L-emendi kollha jridu jsiru billi jiġu ingassati d-dettalji żbaljati, u fejn ikun xieraq, billi jiżdiedu dawk meħtieġa, u jridu jkunu inizjalati mid-dikjarant. L-emendi jridu approvati mill-awtoritajiet doganali. F'xi każijiet, l-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni ġdida. Tħassir u kitba sovraposta ma humiex permessi.

L-ebda emenda ma tkun permessa meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu indikaw, wara li jirċievu d-dikjarazzjoni tat-tranżitu li jkun biħsiebhom jeżaminaw il-merkanzija, jew ikunu stabbilew li d-dettalji jkunu żbaljati jew fejn huma jkunu diġà rrilaxxaw il-merkanzija, ħlief fil-każijiet koperti bl-Artikolu 173(3) KDU.

Jekk id-dikjarazzjoni tat-tranżitu tkun ġiet ippreżentata minn qabel iżda tkun għadha ma ġietx aċċettata, ma tistax tiġi emendata.

V.4.3.5 Invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu

Artikolu 32, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

Dikjarazzjoni tat-tranżitu tista' tiġi invalidata mill-uffiċċju doganali tat-tluq wara talba tad-dikjarant biss qabel ma l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu. Konsegwentement, id-dikjarant jiġi informat mill-uffiċċju doganali tat-tluq dwar ir-riżultat tat-talba tiegħu.

L-Artikolu 174 KDU

L-Artikolu 148 DA

Madankollu, meta l-uffiċċju doganali tat-tluq ikun informa lid-dikjarant li jkollu l-intenzjoni li jeżamina l-merkanzija, it-talba għal invalidazzjoni ma tiġix aċċettata qabel ma sseħħ l-eżaminazzjoni.

Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu ma tistax tiġi invalidata wara li l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għat-tranżitu ħlief f'każijiet eċċezzjonali:

- meta l-merkanzija tal-Unjoni tkun ġiet iddikjarata bi żball għal proċedura doganali applikabbli għal merkanzija mhux tal-Unjoni, u l-istatus doganali tagħha bħala merkanzija tal-Unjoni jkun ġie pprovat aktar tard permezz ta' T2L, T2LF jew manifest doganali tal-merkanzija;

- meta l-merkanzija tkun ġiet iddikjarata bi żball taħt aktar minn dikjarazzjoni doganali waħda;

Fil-każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat għal tranżitu, huwa importanti li jiġi żgurat li, kwalunkwe dikjarazzjoni li tkun iddaħħlet fl-NCTS iżda li ma tkunx ġiet ipproċessata ulterjorment minħabba n-nuqqas ta' funzjonament tas-sistema, jeħtieġ li tiġi invalidata.

L-operatur ekonomiku huwa obbligat jipprovdi informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kull darba li tiġi sottomessa dikjarazzjoni fl-NCTS u jsir rikors sussegwenti għall-proċedura tal-kontinwità tal-operat.

F'xi każijiet, l-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni ġdida. F'dan il-każ, id-dikjarazzjoni preċedenti tiġi invalidata u tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni l-ġdida.

V.4.3.6 Verifika tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu u l-kontroll tal-merkanzija

L-Artikolu 35, l-Appendiċi I tal-

Sabiex tiġi vverifikata l-akkuratezza tad-dettalji ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu, l-uffiċċju doganali tat-tluq jista', wara l-aċċettazzjoni

Konvenzjoni

L-Artikolu 188 KDU,

L-Artikoli 238 u 239 IA

tad-dikjarazzjoni, iwettaq l-ispezzjonijiet li ġejjin fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju jew b'mod aleatorju:

- jeżamina d-dikjarazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn;
- jesiġu li d-dikjarant jippreżenta dokumenti oħrajn;
- jeżamina l-merkanzija u jieħu kampjuni għal analiżi jew għal eżami dettaljat tal-merkanzija.

Il-merkanzija tiġi eżaminata fil-postijiet iddeżinjati mill-uffiċċju doganali tat-tluq u matul il-ħinijiet allokati għal dak l-għan. Id-detentur tal-proċedura jiġi informat bil-post u bil-ħin. Madankollu, l-awtoritajiet doganali jistgħu, fuq talba tad-detentur tal-proċedura, jitolbu li titwettaq l-eżaminazzjoni tal-merkanzija f'postijiet oħrajn barra mill-ħinijiet uffiċjali tal-ftuħ.

Jekk il-kontroll jiskopri diskrepanzi minuri, l-uffiċċju doganali tat-tluq jinnotifika lid-detentur tal-proċedura. Sabiex jiġu solvuti dawn id-diskrepanzi, l-uffiċċju doganali tat-tluq jagħmel modifiki minuri (bi ftehim mad-detentur tal-proċedura) fid-dikjarazzjoni sabiex il-merkanzija tkun tista' tiġi rrilaxxata għat-tranżitu.

Jekk il-kontroll jiskopri diskrepanzi kbar, l-uffiċċju doganali tat-tluq jinforma lid-detentur tal-proċedura li l-merkanzija ma tkunx se tiġi rrilaxxata.

Il-kodiċi li ġej dwar ir-riżultati tal-kontroll irid jiġi rreġistrat mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew minn konsenjatur awtorizzat fid-DAU jew fit-TAD**:**

- "A1" (Sodisfaċenti): meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu wara l-kontroll fiżiku (sħiħ jew parzjali) tagħha u ma tkun ġiet identifikata l-ebda diskrepanza;
- "A2" (Meqjusa sodisfaċenti): meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu wara li kontroll tad-dokumenti (l-ebda kontroll fiżiku) ma jkun identifika l-ebda diskrepanza jew meta ma jitwettaq l-ebda kontroll;
- "A3" (Proċedura simplifikata): meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu minn konsenjatur awtorizzat.

V.4.3.7 Itinerarju għall-moviment tal-merkanzija

L-Artikolu 33, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Ir-regola ġenerali hija li l-merkanzija sottoposta għall-proċedura ta' tranżitu trid tiġi ttrasportata għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni minn rotta ekonomikament ġustifikata.

L-Artikolu 298 IA

Madankollu, meta l-uffiċċju doganali tat-tluq jew id-detentur tal-proċedura jqis neċessarju, dak l-uffiċċju doganali jippreskrivi

itinerarju għall-movimenti tal-merkanzija matul il-proċedura ta' tranżitu, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni relevanti kkomunikata mid-detentur tal-proċedura.

Meta itinerarju jkun predefinit, l-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jdaħħal fil-Kaxxa 44 tad-DAU jew tat-TAD tal-anqas indikazzjoni tal-Istati Membri jew ta' Partijiet Kontraenti oħrakm (mill-pajjiżi ta' tranżitu komuni) li fihom tkun se sseħħ il-proċedura ta' tranżitu.

DWANA

L-uffiċċju doganali tat-tluq, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni relevanti kkomunikata mid-detentur tal-proċedura, jispeċifika itinerarju predefinit billi:

- fil-Kaxxa 44 tad-DAU jew tat-TAD idaħħal il-kliem "itinerarju predefinit" segwit mid-dettalji tal-pajjiżi fejn isir tranżitu (il-kodiċijiet tal-pajjiżi jkunu biżżejjed).

Nota 1: għall-Unjoni, jagħti l-kodiċijiet tal-pajjiżi tal-Istati Membri kkonċernati.

Nota 2: jagħti l-kodiċijiet tal-pajjiżi ta' kwalunkwe pajjiż inkluż fl-itinerarju predefinit.

L-Artikolu 44, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 305 IA

L-Anness 72-04 IA

L-itinerarju predefinit jista' jinbidel matul l-operazzjoni ta' tranżitu. F'dan il-każ, it-trasportatur huwa obbligat li jagħmel l-iskrizzjonijiet meħtieġa fil-Kaxxa 56 tal-kopji 4 u 5 tad-DAU jew fit-tieni kopja tat-TAD u li jippreżentahom bla dewmien żejjed wara li l-itinerarju jkun inbidel flimkien mal-merkanzija, lill-eqreb awtorità doganali tal-pajjiż li l-mezzi tat-trasport ikunu jinsabu fit-territorju tiegħu. L-awtorità kompetenti tqis jekk l-operazzjoni ta' tranżitu tistax tkompli, tieħu kwalunkwe pass li jista' jkun neċessarju u tapprova l-kopji 4 u 5 tad-DAU jew tat-tieni kopja tat-TAD fil-Kaxxa G.

Għal aktar dettalji dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' inċidenti matul il-moviment, ara V.5.3.1.

V.4.3.8 Limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' merkanzija

L-Artikoli 34 u 45(2), l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-uffiċċju doganali tat-tluq jiffissa limitu ta' żmien li sa dan il-merkanzija trid tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

L-Artikoli 297 u 306(3) IA

Il-limitu ta' żmien stipulat minn dak l-uffiċċju doganali huwa vinkolanti fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi li l-merkanzija tidħol fit-territorju tagħhom waqt operazzjoni ta' tranżitu. Dak il-limitu ta' żmien ma jistax jinbidel mill-awtoritajiet tal-pajjiżi

inkwistjoni.

Meta l-merkanzija tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien stabbilit mill-uffiċċju doganali tat-tluq, id-detentur tal-proċedura jitqies li jkun ikkonforma mal-limitu ta' żmien jekk huwa jew it-trasportatur jagħti prova, għas-sodisfazzjon tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, li d-dewmien ma jistax jiġi attribwit lilu.

DWANA

Meta jiffissa l-limitu ta' żmien, l-uffiċċju doganali tat-tluq iqis:

- il-mezz tat-trasport li għandu jintuża;
- l-itinerarju;
- kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar it-trasport jew leġiżlazzjoni oħra li jista' jkollha impatt fuq l-iffissar ta' limitu ta' żmien (pereżempju: il-leġiżlazzjoni soċjali jew ambjentali li taffettwa l-mod tat-trasport, ir-regolamenti tat-trasport dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-perjodi obbligatorji ta' mistrieħ għas-sewwieqa);
- l-informazzjoni kkomunikata mid-detentur tal-proċedura, fejn xieraq.

Meta, bi qbil mal-limitu ta' żmien imdaħħal mid-detentur tal-proċedura, l-uffiċċju doganali tat-tluq jidħol u/jew japprova l-limitu ta' żmien fil-Kaxxa D(/J) tad-DAU jew tat-TAD (bl-użu tas-sistema JJ-XX-SS). Din hija d-data li sa din il-merkanzija, id-dikjarazzjoni tat-tranżitu u kwalunkwe dokument ta' akkumpanjament iridu jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

V.4.3.9 Mezz ta' identifikazzjoni

Dan il-paragrafu huwa suddiviż kif ġej:

- introduzzjoni (il-Paragrafu V.4.3.9.1);
- metodi ta' ssiġillar (il-Paragrafu V.4.3.9.2);
- il-karatteristiċi tas-siġilli (il-Paragrafu V.4.3.9.3);
- l-użu ta' siġilli ta' tip speċjali (il-Paragrafu V.4.3.9.4).

V.4.3.9.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 36- 39,, l-Appendiċi I tal-

L-iżgurar tal-identifikazzjoni tal-merkanzija ttrasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu huwa importanti ħafna. Bħala regola ġenerali, l-identifikazzjoni ta' din il-merkanzija tiġi żgurata bl-issiġillar.

Kull dokument użat għall-identifikazzjoni tal-merkanzija jrid jiġi

Konvenzjoni

L-Artikolu 192 KDU

L-Artikolu 299 IA

mehmuż mad-DAU jew mat-TAD u ttimbrat b'tali mod li jiġi żgurat li s-sostituzzjoni ma tkunx possibbli.

L-Artikolu 39, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni,

L-Artikolu 302 IA

Madankollu, l-uffiċċju doganali tat-tluq jista' jirrinunzja l-ħtieġa għall-issiġillar meta d-deskrizzjoni tal-merkanzija fid-dikjarazzjoni jew fid-dokumenti supplimentari tkun preċiża biżżejjed sabiex tippermetti l-identifikazzjoni faċli tal-merkanzija u jiddikjara l-kwalità, in-natura u l-karatteristiċi speċjali tagħha (eż. billi jipprovdi n-numru tal-magna u tax-xażì meta karozzi jiġu ttrasportati taħt il-proċedura ta' tranżitu jew jipprovdi n-numri tas-serje tal-merkanzija). Din id-deskrizzjoni trid tiddaħħal fil-Kaxxa 31 tad-DAU jew tat-TAD.

Bħala eżenzjoni, ma huwa meħtieġ l-ebda siġill (sakemm l-uffiċċju doganali tat-tluq ma jiddeċidix mod ieħor) meta:

- il-merkanzija tinġarr bl-ajru, u jitwaħħlu tikketti ma' kull konsenja li jkollha n-numru tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru li jakkumpanjaha, jew inkella l-konsenja tikkostitwixxi unità ta' tagħbija li fuqha jkun indikat in-numru tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru li jakkumpanjaha;
- il-merkanzija tinġarr bil-ferrovija, u miżuri ta' identifikazzjoni jiġu applikati mill-kumpaniji ferrovjarji.

DWANA

L-uffiċċju doganali tat-tluq, li jkun waħħal is-siġilli, idaħħal faċċata tal-intestatura "siġilli mwaħħlin" fil-Kaxxa D(/J) tad-DAU jew tat-TAD, in-numru f'ċifri u l-marki ta' identifikazzjoni tas-siġilli mwaħħlin.

Meta s-siġilli ma jkunux meħtieġa għall-identifikazzjoni, l-uffiċċju doganali tat-tluq idaħħal il-frażi "RINUNZJA — 99201" fil-Kaxxa D(/J) tad-DAU jew tat-TAD faċċata tal-intestatura "siġilli mwaħħlin".

L-Anness V.4.8.1 fih l-approvazzjoni ta' "rinunzja" bil-lingwi kollha.

Jekk merkanzija mhux soġġetta għall-proċedura ta' tranżitu tinġarr flimkien ma' merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu fuq l-istess mezz tat-trasport, il-vettura normalment ma tkunx issiġillata, dment li l-identifikazzjoni tal-merkanzija tkun żgurata permezz ta' ssiġillar tal-pakketti individwali jew billi tiġi pprovduta deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija.

<u>Nota:</u> il-merkanzija trid tkun isseparata u ttikkettata b'mod ċar

sabiex jiġi faċilment identifikat liema merkanzija tkun qed tinġarr taħt tranżitu u liema le.

L-Artikolu 38(5), L-Appendiċi I, tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 301(5) IA

Jekk l-identità tal-konsenja ma tkunx tista' tiġi żgurata bl-issiġillar jew bid-deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija, l-uffiċċju doganali tat-tluq jirrifjuta li jippermetti li l-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu.

Is-siġilli ma jistgħux jitneħħew mingħajr l-approvazzjoni tal-awtoritajiet doganali kompetenti.

Meta vettura jew kontejner ikun ġie ssiġillat fl-uffiċċju doganali tat-tluq u jġorr merkanzija lejn uffiċċji doganali differenti tad-destinazzjoni taħt il-kopertura ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu, b'ħatt suċċessiv li jseħħ f'diversi uffiċċji doganali tad-destinazzjoni li jinsabu f'pajjiżi differenti, l-awtoritajiet doganali fl-uffiċċji doganali intermedji tad-destinazzjoni fejn jitneħħew is-siġilli sabiex iħottu partijiet tat-tagħbija jridu jwaħħlu siġilli ġodda u jindikaw dan fil-Kaxxa F tal-kopji 4 u 5 tad-DAU jew fuq żewġ kopji tat-TAD.

F'dan il-każ, l-awtoritajiet doganali jieħdu impenn li jissiġillaw mill-ġdid kif ikun neċessarju, b'siġill doganali tal-anqas b'karatteristiċi tas-sigurtà ekwivalenti.

V.4.3.9.2 Metodi ta' ssiġillar

L-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni,

L-Artikolu 299 IA

Fejn ikun hemm issiġillar tal-ispazji li jkun fihom il-merkanzija, il-mezz tat-trasport irid ikun adattat għall-issiġillar.

Hemm żewġ metodi ta' sssiġillar:

- l-ispazju li jkun fih il-merkanzija fejn il-mezzi tat-trasport jew il-kontejner ikunu ġew irrikonoxxuti mill-uffiċċju doganali tat-tluq bħala adattati għall-issiġillar;
- kull pakkett individwali f'każijiet oħrajn.

F'każijiet fejn l-ispazju li jkun fih il-merkanzija jiġi ssiġillat, il-mezz tat-trasport irid ikun adattat għall-issiġillar.

DWANA

L-uffiċċju doganali tat-tluq iqis il-mezzi tat-trasport bħala adattati għall-issiġillar meta:

- is-siġilli jistgħu jitwaħħlu sempliċiment u effettivament mal-mezz tat-trasport

jew mal-kontejner;

- il-mezz tat-trasport jew il-kontejner ma jkollux spazji moħbijin fejn tista' tinħeba l-merkanzija;
- l-ispazji rriżervati għat-tagħbija jkunu faċilment aċċessibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. *(L-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni/l-Artikolu 300 IA)*

Nota: Il-mezzi tat-trasport jew il-kontejners jitqiesu adattati għall-issiġillar meta jkunu approvati għall-ġarr ta' merkanzija taħt siġilli doganali f'konformità ma' ftehim internazzjonali li jkunu aderixxew għalih il-Partijiet Kontraenti (pereżempju l-Konvenzjoni Doganali tal-14 ta' Novembru 1975 dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Merkanzija li Taqa' Taħt il-Carnets TIR).

V.4.3.9.3 Karatteristiċi tas-siġilli

Is-siġilli kollha użati bħala mezz ta' identifikazzjoni jridu jikkonformaw ma' karatteristiċi speċifikati u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

L-Artikolu 38, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 301 IA

Is-siġilli jrid ikollhom il-karatteristiċi essenzjali li ġejjin:

- jibqgħu intatti u jissakkru tajjeb fl-użu normali;
- ikunu faċilment verifikabbli u rikonoxxibbli;
- ikunu prodotti b'tali mod li kwalunkwe ksur, tentattiv ta' ksur jew tneħħija tħalli traċċi viżibbli għall-għajn;
- ikunu ddisinjati għal użu ta' darba biss jew, jekk maħsubin għal aktar minn użu wieħed, ikunu ddisinjati b'tali mod li jistgħu jingħataw marka ċara, individwali għall-identifikazzjoni kull darba li jerġgħu jintużaw;
- ikollhom identifikaturi tas-siġill individwali li jkunu permanenti, jinqraw faċilment u b'numru uniku.

Barra minn hekk, is-siġilli jridu jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ġejjin:

- il-forma u d-dimensjoni tas-siġilli tista' tvarja skont il-metodu tal-issiġillar użat, imma d-dimensjonijiet jridu jkunu tali li jassiguraw li marki tal-identifikazzjoni jkunu jistgħu jinqraw faċilment;
- il-marki ta' identifikazzjoni tas-siġill iridu jkunu infalsifikabbli u li ma jippermettux riproduzzjoni faċli;
- il-materjal li jintuża jrid ikun reżistenti għal ksur aċċidentali u ma jippermettix il-falsifikazzjoni jew l-użu mill-ġdid inidentifikabbli.

Is-siġilli jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' hawn fuq, jekk dawn

ikunu ġew iċċertifikati mill-korp kompetenti f'konformità mal-Istandard Internazzjonali ISO Nru 17712:2013 "Kontejners Marittimi — Siġilli Mekkaniċi".

Għat-trasporti f'kontejners, is-siġilli b'karatteristiċi ta' sigurtà għolja jridu jintużaw sal-usa' każ possibbli.

Is-siġill doganali jrid ikollu l-indikazzjoni li ġejja:

- il-kelma "Dwana" f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni jew tal-pajjiż ta' tranżitu komuni jew abbrevjazzjoni korrispondenti;
- kodiċi tal-pajjiż, fil-forma tal-kodiċi tal-pajjiż ISO-alpha-2, li jidentifika l-pajjiż li fih twaħħal is-siġill.

Barra minn hekk, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jaqblu li użaw karatteristiċi u teknoloġija ta' sigurtà komuni.

Kull Stat Membru jeħtieġlu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar it-tipi ta' siġill doganali li użu. Il-Kummissjoni jeħtiġilha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pajjiżi kollha.

V.4.3.9.4 Użu ta' siġilli ta' tip speċjali

L-Artikoli 81- 83, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Sabiex id-detentur tal-proċedura użu siġilli ta' tip speċjali hija meħtieġa awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikoli 317-318 IA

Użu ta' siġilli ta' tip speċjali huwa simplifikazzjoni soġġett għal ċerti kundizzjonijiet (għal aktar dettalji ara VI.3.3.).

Meta jintużaw dawn is-siġilli ta' tip speċjali, id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jdaħħal l-għamla, it-tip u n-numru tas-siġilli mwaħħlin faċċata tal-intestatura "siġilli mwaħħlin" fil-Kaxxa D(/J) tad-DAU jew tat-TAD. Is-siġilli jridu jitwaħħlu qabel ir-rilaxx tal-merkanzija.

V.4.3.10 Ir-rilaxx tal-merkanzija

L-Artikolu 40, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 303 IA

Il-merkanzija tiġi rrilaxxata u d-data tar-rilaxx tiddaħħal fil-Kaxxa D(/J) tal-kopji tad-DAU jew tat-TAD wara li jitlestew il-formalitajiet kollha fl-uffiċċju doganali tat-tluq. "Tlestija tal-formalitajiet kollha" tfisser:

- mili kif xieraq tal-kopji xierqa tad-DAU jew tat-TAD;
- it-tlestija tal-kontroll possibbli;

- l-għoti ta' garanzija, fejn meħtieġa (ara l-Parti III);
- l-iffissar tal-limitu ta' żmien;
- l-iffissar ta' itinerarju predefinit, fejn meħtieġ;
- l-aċċettazzjoni u r-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni;
- il-verifika tad-dikjarazzjoni; u
- it-twaħħil ta' siġilli, fejn meħtieġ.

DWANA

Meta l-formalitajiet ikunu tlestew:

- l-uffiċċju doganali tat-tluq jindika l-kodiċi tar-riżultat tal-kontroll li ġej fil-Kaxxa D(/J) tal-kopja 1 tad-DAU jew tat-TAD;
- "A1" (Sodisfaċenti): meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu wara l-kontroll fiżiku (sħiħ jew parzjali) tagħha u ma tkun ġiet identifikata l-ebda diskrepanza;
- "A2" (Meqjusa sodisfaċenti): meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu wara li kontroll tad-dokumenti (l-ebda kontroll fiżiku) ma jkun identifika l-ebda diskrepanza jew mingħajr ma jsir xi kontroll;
- il-konsenjatur awtorizzat jindika l-kodiċi "A3" (Proċedura simplifikata) f'każijiet l fihom il-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu;
- kemm l-uffiċċju doganali tat-tluq kif ukoll il-konsenjatur awtorizzat jeħtiġilhom jiżguraw li l-approvazzjonijiet fil-Kaxxa D(/J) jiġu awtentikati bil-firma tal-uffiċjal doganali/tal-konsenjatur awtorizzat u jkun fihom stampa ċara tat-timbru tal-uffiċċju u tad-data;
- kemm l-uffiċċju doganali tat-tluq kif ukoll il-konsenjatur awtorizzat idaħħlu t-timbru tal-kontinwità tal-operat (dimensjonijiet: 26 x 59 mm) fuq il-kopji tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu fil-Kaxxa A tad-DAU jew tat-TAD.

L-Anness V.1.8.1. fih it-"timbru tal-kontinwità tal-operat" bil-lingwi kollha.

KUMMERĊ — Avviż importanti

Il-kummerċ irid jinforma lid-dwana li ġiet sottomessa dikjarazzjoni lill-NCTS iżda li nbdiet proċedura tal-kontinwità tal-operat qabel ma l-merkanzija ġiet irrilaxxata.

DWANA — Avviż importanti

L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jinvalida kull dikjarazzjoni, li tkun iddaħħlet fl-NCTS, iżda li ma tkunx ġiet ipproċessata ulterjorment minħabba n-nuqqas temporanju ta' funzjonament tas-sistema.

L-Artikolu 40, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 303 IA

Il-kopja 1 tad-DAU jew l-ewwel kopja tat-TAD jinżammu mill-uffiċċju doganali tat-tluq. Il-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu tinġarr lejn l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fuq il-bażi tal-kopji 4 u 5 tad-DAU jew tat-tieni kopja tat-TAD.

V.4.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*)

Fil-każijiet partikolari fejn numru enormi ta' oġġetti differenti ta' merkanzija fi kwantitajiet żgħar (eż. provvisti tal-vapur, affarijiet tad-dar f'ġarr internazzjonali) ikkonsenjati għall-istess konsenjatarju finali jridu jitqiegħdu taħt tranżitu komuni/tal-Unjoni, huwa rrakkomandat li deskrizzjoni ġenerika tal-merkanzija għandha tkun biżżejjed sabiex jiġu evitati l-kostijiet addizzjonali meħtieġa sabiex jiddaħħlu d-dettalji f'dikjarazzjoni tat-tranżitu. Tali arranġament ikun soġġett għall-kundizzjoni addizzjonali li deskrizzjoni sħiħa tal-merkanzija fid-dettall trid tkun disponibbli għal finijiet doganali u trid takkumpanja l-konsenja.

Fi kwalunkwe każ, l-ewwel irid jiġi vverifikat li l-merkanzija kollha verament teħtieġ li titqiegħed taħt tranżitu komuni/tal-Unjoni.

V.4.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

V.4.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati*)*

V.4.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

V.4.8 Annessi

V.4.8.1 “Tneħħija” tal-approvazzjoni

BG Освободено

CS Osvobození

DA Fritaget

DE Befreiung

EE Loobumine

EL Απαλλαγή

ES Dispensa

FR Dispense

HR Oslobodeno

IT Dispensa

LV Atbrīvojums

LT Leista neplombuoti

HU Mentesség

MK Изземање

MT Tneħħija

NL Vrijstelling

PL Zwolnienie

PT Dispensa

RO Dispensă

RS Ослобођено

SI Opustitev

SK Oslobodenie

FI Vapautettu

SV Befrielse

EN Waiver

IS Undanþegið

NO Fritak

TR Vazgeçme

V.4.8.2 Approvazzjoni “sodisfaċenti”

L-Anness tħassar għaliex ma għadux rilevanti.

KAPITOLU 5 — FORMALITAJIET U INĊIDENTI WAQT IL-MOVIMENT TA' MERKANZIJA TAĦT OPERAZZJONI KOMUNI TA' TRANŻITU/OPERAZZJONI TA' TRANŻITU TAL-UNJONI

V.5.1 Introduzzjoni

Dan il-kapitolu jiddeskrivi l-formalitajiet u l-inċidenti waqt il-moviment ta' merkanzija fi tranżitu taħt il-proċedura tal-kontinwità tal-operat.

Il-Paragrafu V.5.2 jagħti t-teorija ġenerali u l-leġiżlazzjoni.

Il-Paragrafu V.5.3 jiddeskrivi l-formalitajiet fil-każ ta' inċidenti waqt il-moviment ta' merkanzija u fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu.

Il-Paragrafu V.5.4 jittratta sitwazzjonijiet speċifiċi.

Il-Paragrafu V.5.5 ikopri eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali.

Il-Paragrafu V.5.6 huwa rriżervat għal regoli nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu V.5.7 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu V.5.8 fih l-Annessi tal-Kapitolu 5.

V.5.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

Is-sorsi legali jinsabu f'dawn:

- L-Artikoli 43 u 44, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Anness B6, it-Titolu II, il-punt II, l-Appendiċi III, tal-Konvenzjoni;
- L-Artikoli 304 u 305 IA;
- L-Appendiċi C1 u F1, l-Anness 9, TDA.

V.5.3 Formalitajiet fil-każ ta' inċidenti u fl-uffiċċju tat-tranżitu

Dan il-paragrafu jagħti informazzjoni dwar:

- il-formalitajiet li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' inċident li jseħħ matul il-moviment ta' merkanzija taħt operazzjoni komuni ta' tranżitu/operazzjoni ta' tranżitu tal-Unjoni (il-Paragrafu V.5.3.1);

- il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu (il-Paragrafu V.5.3.2).

V.5.3.1 Formalitajiet fil-każ ta' inċidenti waqt il-moviment ta' merkanzija

L-eżempji li jseħħu l-aktar ta' spiss ta' dawk li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala inċidenti waqt il-moviment tal-merkanzija taħt operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni huma:

- l-itinerarju ma jistax jiġi segwit minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tat-trasportatur;
- is-siġilli doganali jinkisru b'mod aċċidentali jew jitbagħbsu għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tat-trasportatur;
- it-trasferiment tal-merkanzija minn mezz wieħed tat-trasport għal ieħor;
- il-ħatt parzjali jew totali immedjat tal-mezz tat-trasport bħala konsegwenza ta' periklu imminenti;
- aċċident li jista' jaffettwa l-abbiltà tad-detentur tal-proċedura jew tat-trasportatur sabiex jikkonforma mal-obbligi tiegħu;
- jinbidel kwalunkwe wieħed mill-elementi individwali li jikkostitwixxu mezz uniku tat-trasport (pereżempju jiġi rtirat vagun).

L-Artikolu 44, l-Appendiċi I, tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 305 IA

F'kull wieħed minn dawk il-każijiet, it-trasportatur jeħtieġlu jinforma immedjatament lill-eqreb uffiċċju doganali kompetenti fil-pajjiż li l-mezz tat-trasport ikun jinsab fit-territorju tiegħu. Wara l-inċident, l-operatur jeħtieġlu wkoll, mingħajr dewmien, jagħmel l-iskrizzjonijiet neċessarji fil-Kaxxa 56 tad-DAU jew tat-TAD u jippreżenta l-merkanzija, flimkien mad-DAU jew mat-TAD lil dak l-uffiċċju doganali. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-uffiċċju doganali jiddeċiedu jekk l-operazzjoni ta' tranżitu kkonċernata tistax tkompli jew le. Jekk l-operazzjoni tista' tkompli, l-uffiċċju relevanti japprova l-Kaxxa G fid-DAU jew fit-TAD, filwaqt li jispeċifika l-azzjoni meħuda.

Jekk is-siġilli jkunu nkisru barra mill-kontroll tat-trasportatur, l-awtorità kompetenti teżamina l-merkanzija u l-vettura. Jekk jiġi deċiż li l-operazzjoni ta' tranżitu tingħata permess tkompli, iridu jitwaħħlu siġilli ġodda u d-DAU jew it-TAD jiġu approvati kif xieraq.

It-trasferiment ta' merkanzija minn mezz wieħed tat-trasport għal mezz ieħor tat-trasport jista' jsir biss jekk l-awtoritajiet kompetenti fil-post fejn għandu jsir it-trasferiment jagħtu l-permess tagħhom għat-trasferiment u jissorveljawh. F'dak il-każ, it-trasportatur jeħtieġlu jimla l-Kaxxa 55 "Trasbord", tad-DAU jew tat-TAD. Dan jista' jsir ukoll bl-idejn b'tali mod li jinqara tajjeb, bil-linka u b'ittri

kbar. Fejn xieraq, id-dwana tapprova l-Kaxxa F tad-DAU jew tat-TAD. Meta jkunu seħħew aktar minn żewġ trasbordi u, sussegwentement, il-Kaxxa F tkun mimlija, l-informazzjoni meħtieġa trid tiddaħħal mit-trasportatur fil-Kaxxa 56 tad-DAU jew tat-TAD.

Iżda, jekk il-merkanzija tiġi ttrasferita minn mezz tat-trasport li ma jkunx issiġillat, minkejja l-iskrizzjonijiet magħmulin mit-trasportatur, ma hemm l-ebda rekwiżit li l-merkanzija u d-DAU jew it-TAD fl-eqreb uffiċċju doganali u ma ssir l-ebda approvazzjoni doganali.

Meta jinbidel element wieħed jew aktar jikkostitwixxi mezz uniku tat-trasport, il-merkanzija u l-mezz tat-trasport jistgħu ma jiġux ippreżentati fl-eqreb uffiċċju doganali u l-approvazzjoni ta' dak l-uffiċċju doganali ma tkunx neċessarja fil-każijiet li ġejjin:

- meta karru jew vagun wieħed jew aktar jiġu rtirati minn sett ta' karrijiet jew ta' vaguni ferrovjarji akkoppjati minħabba problemi tekniċi. F'dan il-każ, it-trasportatur, wara li jagħmel l-iskrizzjonijiet meħtieġa fid-DAU jew fit-TAD, jista' jkompli bl-operazzjoni ta' tranżitu;

- meta l-unità tat-trattur biss ta' vettura tat-triq tinbidel mingħajr il-karrijiet jew is-semitrejlers tagħha matul il-vjaġġ (mingħajr ma l-merkanzija tiġi maniġġata jew ittrasbordata). F'dan il-każ, in-numru tar-reġistrazzjoni u n-nazzjonalità tal-unità tat-trattur il-ġdida jiddaħħlu fil-Kaxxa 56 tad-DAU jew tat-TAD mit-trasportatur, u l-operazzjoni ta' tranżitu tkun tista' tkompli.

Fil-każijiet kollha ta' hawn fuq, l-informazzjoni dwar l-inċident, inkluża l-informazzjoni dwar siġilli ġodda, tiġi indikata kif xieraq mill-awtorità kompetenti, bl-approvazzjoni tal-Kaxxa F tad-DAU jew tat-TAD.

Kwalunkwe qsim ta' konsenja jrid isir taħt il-kontroll tad-dwana u l-proċedura ta' tranżitu trid tiġi mitmuma. Trid timtela dikjarazzjoni tat-tranżitu ġdida għal kull parti tal-konsenja.

V.5.3.2 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu

Dan il-paragrafu jagħti informazzjoni dwar:

- l-uffiċċju doganali tat-tranżitu (il-Paragrafu V.5.3.2.1);
- il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu (il-Paragrafu V.5.3.2.2);
- bidla tal-uffiċċju doganali tat-tranżitu (il-Paragrafu V.5.3.2.3);

- azzjoni fil-każ ta' irregolaritajiet (il-Paragrafu V.5.3.2.4).

V.5.3.2.1 L-uffiċċju doganali tat-tranżitu

L-Artikolu 3(4), L-Appendiċi I il-Konvenzjoni

L-Artikolu 1(13) IA

L-uffiċċju doganali tat-tranżitu huwa uffiċċju doganali li jkun jinsab f'punt tad-dħul jew tal-ħruġ. It-tabella li ġejja tagħti l-possibilitajiet varji għall-tranżitu komuni u tal-Unjoni.

	Tranżitu komuni	Tranżitu tal-Unjoni
Punt tad-dħul	- f'Parti Kontraenti	- fit-territorju doganali tal-Unjoni meta l-merkanzija tkun qasmet it-territorju ta' pajjiż terz waqt operazzjoni ta' tranżitu
Punt tal-ħruġ	- minn Parti Kontraenti meta l-konsenja tkun se titlaq mit-territorju doganali ta' dik il-Parti Kontraenti waqt operazzjoni ta' tranżitu minn fruntiera bejn dik il-Parti Kontraenti u pajjiż terz	- mit-territorju doganali tal-Unjoni meta konsenja tkun se titlaq minn dak it-territorju waqt operazzjoni ta' tranżitu minn fruntiera bejn Stat Membru u pajjiż terz minbarra pajjiż ta' tranżitu komuni

Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment tal-merkanzija tal-Unjoni bejn partijiet differenti tat-territorju doganali tal-Unjoni f'każijiet li fihom il-merkanzija jkollha taqsam it-territorju ta' pajjiż terz għajr pajjiż ta' tranżitu komuni, l-Istati Membri jeħtiġilhom jieħdu impenn, meta ċ-ċirkostanzi lokali jippermettu, li jistabbilixxu korsiji speċjali sa fejn ikunu possibbli tul l-uffiċċji doganali tagħhom li jinsabu fil-fruntiera esterna tal-Unjoni. Dawn il-korsiji speċjali huma rriżervati għal kontrolli fuq merkanzija tal-Unjoni li tiġi ttrasportata taħt il-kopertura ta' dikjarazzjoni doganali maħruġa fi Stat Membru ieħor.

Il-kontroll ta' din il-merkanzija jkun limitat għall-eżami tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni u, jekk neċessarju, għat-tmiem tal-operazzjoni tat-trasport, sakemm iċ-ċirkostanzi ta' dik l-operazzjoni ma jesiġux eżaminazzjoni aktar dettaljata.

F'każijiet li fihom il-kontroll msemmi hawn fuq ma jipproduċix irregolaritajiet, il-merkanzija titħalla tipproċedi lejn id-destinazzjoni

tagħha.

V.5.3.2.2 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu

L-Artikolu 43, L-Appendiċi I, tal-Konvenzjoni

Id-DAU jew it-TAD jiġi ppreżentat, flimkien mal-merkanzija, lil kull uffiċċju doganali tat-tranżitu. L-uffiċċju/i doganali tat-tranżitu jista' jispezzjona l-merkanzija meta dan jitqies neċessarju.

L-Artikolu 304 IA

It-trasportatur jeħtieġlu jippreżenta nota ta' avviż ta' tranżitu lil kull uffiċċju doganali tat-tranżitu, li jżomm dik in-nota. Minflok in-nota ta' avviż ta' tranżitu, tista' tiġi ppreżentata fotokopja tal-kopja 4 tad-DAU jew fotokopja tat-tieni kopja tat-TAD, u din tinżamm mill-uffiċċju doganali tat-tranżitu.

L-Anness B8, L-Appendiċi III, tal-Konvenzjoni

Meta l-merkanzija tiġi ttrasportata permezz ta' uffiċċju doganali li ma jkunx dak dikjarat, l-uffiċċju doganali attwali tat-tranżitu jeħtieġlu jinforma lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Il-Kapitolu V, l-Anness 72-04 IA

L-uffiċċju/i doganali tat-tranżitu jista' jispezzjona l-merkanzija meta dan jitqies neċessarju.

Il-mudell ta' nota ta' avviż ta' tranżitu (TC10) jinsab fl-Anness B8, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni/fil-Kapitolu V, l-Anness 72-04 IA.

DWANA

L-uffiċċju doganali tat-tranżitu:

- jivverifika t-timbru tal-proċedura tal-kontinwità tal-operat fuq id-DAU jew fuq it-TAD;
- jivverifika t-timbru tal-uffiċċju doganali tat-tluq jew, fil-każ ta' proċedura simplifikata, it-timbru tal-konsenjatur awtorizzat fuq id-DAU jew fuq it-TAD;
- iżomm nota ta' avviż ta' tranżitu jew id-dokument ekwivalenti;
- iwettaq l-azzjonijiet neċessarji; u
- jittimbra d-DAU jew it-TAD bit-timbru tal-uffiċċju doganali.

V.5.3.2.3 Azzjoni fil-każ ta' irregolaritajiet gravi

Meta uffiċċju doganali tat-tranżitu jsib irregolaritajiet kbar li għandhom x'jaqsmu mal-operazzjoni ta' tranżitu inkwistjoni, jeħtieġlu jtemm il-proċedura ta' tranżitu u jibda l-investigazzjonijiet

neċessarji.

V.5.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*)

V.5.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

V.5.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

V.5.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

V.5.8 Annessi

KAPITOLU 6 — FORMALITAJIET FL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAD-DESTINAZZJONI

V.6.1 Introduzzjoni

Il-Kapitolu 6 jiddeskrivi l-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Il-Paragrafu V.6.2 jagħti t-teorija ġenerali u l-leġiżlazzjoni.

Il-Paragrafu V.6.3 jiddeskrivi l-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, inklużi t-tmiem u l-kontroll tal-proċedura.

Il-Paragrafu V.6.4 jittratta sitwazzjonijiet speċifiċi.

Il-Paragrafu V.6.5 ikopri eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali.

Il-Paragrafu V.6.6 huwa rriżervat għal regoli nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu V.6.7 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu V.6.8 fih l-Annessi tal-Kapitolu 6.

V.6.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

Fl-aħħar tal-operazzjoni ta' tranżitu, il-merkanzija flimkien mad-DAU jew mat-TAD u l-informazzjoni meħtieġa mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jridu jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Dan huwa t-tmiem tal-moviment tat-tranżitu.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jivverifika l-merkanzija fuq il-bażi tal-informazzjoni fuq id-DAU jew fuq it-TAD, iżomm rekord tar-riżultati tal-ispezzjoni fuq id-DAU jew fuq it-TAD u jibgħat id-dokument lura lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Jekk ma tkun seħħet l-ebda irregolarità, il-proċedura ta' tranżitu tiġi rrilaxxata mill-uffiċċju doganali tat-tluq wara li jkun wasal ir-riżultat tal-kontroll fuq il-karti.

Fil-każ ta' irregolarità, għandhom ikunu meħtieġa aktar miżuri.

Is-sorsi legali jinsabu f'dawn:

- L-Artikoli 8, 45-46, 48 u 51, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Anness II, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;

- L-Anness B10, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni;
- L-Artikoli 215, 233(1), (2) u (3) KDU;
- L-Artikoli 306, 308, 310 u 312 IA;
- L-Annessi 72-03 u 72-04 IA.

V.6.3 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

Dan il-paragrafu jagħti informazzjoni dwar:

- il-preżentazzjoni tal-merkanzija flimkien mad-dokumenti fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (il-Paragrafu V.6.3.1);
- il-kontroll tat-tmiem tal-proċedura (il-Paragrafu V.6.3.2).

F'dan il-paragrafu, huwa supponut li ma kien hemm l-ebda irregolarità. Il-passi li jridu jittieħdu fil-każ ta' irregolarità huma deskritti fil-paragrafu V.6.4.4.

Nota: **it-tmiem** tal-proċedura ta' tranżitu fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma huwiex l-istess bħar-**rilaxx** tal-proċedura ta' tranżitu. Huwa l-uffiċċju doganali tat-tluq, fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, li jiddeċiedi jekk il-proċedura ta' tranżitu tistax tiġi rrilaxxata.

V.6.3.1 Preżentazzjoni tal-merkanzija flimkien mad-dokumenti

Il-proċedura ta' tranżitu tintemm, u l-obbligi tad-detentur tal-proċedura jitqiesu ssodisfati meta l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura, u d-DAU u jew it-TAD u dokumenti meħtieġa oħrajn, jiġu pprovduti lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura.

Fil-prattika, it-tmiem tal-proċedura jfisser il-preżentazzjoni tal-merkanzija, tad-DAU jew tat-TAD u ta' dokumenti meħtieġa oħrajn lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Mil-lat legali, it-tmiem tal-proċedura jfisser li tali preżentazzjoni twettqet f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw it-tip ta' proċedura użata, jiġifieri standard jew simplifikata[30]. Iż-żewġ azzjonijiet huma r-responsabbiltà u l-obbligu prinċipali tad-detentur tal-proċedura.

30 Minbarra d-definizzjoni ġenerali tat-tmiem tal-proċedura, hemm serje ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċjali li taħthom il-proċedura tintemm jew titqies bħala li waslet fi tmiemha fil-proċeduri bħal dawk li

Meta tintemm il-proċedura, l-obbligi li jirriżultaw tad-detentur tal-proċedura jintemmu wkoll. Avveniment jew nuqqas ta' rispett tal-obbligi sussegwenti għal dik id-data jinvolvi destinazzjonijiet oħrajn u regoli doganali oħrajn aktar milli dawk relatati mat-tranżitu. Madankollu, dan ma jfissirx li r-responsabbiltà (finanzjarja jew ta' xorta oħra) tad-detentur tal-proċedura ma tistax tiġi ddubitata b'mod sussegwenti għat-tmiem tal-proċedura, iżda biss sa fejn din tirrigwarda l-operazzjoni ta' tranżitu ta' qabel.

Minbarra d-detentur tal-proċedura, persuni oħrajn għandhom obbligi taħt il-proċedura ta' tranżitu. It-trasportatur u kwalunkwe persuna li jirċievu l-merkanzija li jafu li dawn kienu mqegħdin taħt il-proċedura ta' tranżitu huma wkoll responsabbli għall-preżentazzjoni intatta tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fit-terminu mogħti u f'konformità mal-miżuri meħudin mill-awtoritajiet doganali sabiex jiżguraw l-identifikazzjoni tagħhom.

Il-merkanzija flimkien mad-DAU jew mat-TAD u mad-dokumenti meħtieġa, iridu jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fil-jiem u fil-ħinijiet meta l-uffiċċju tad-destinazzjoni jkun miftuħ. Għas-simplifikazzjonijiet, ara l-Parti VI.

Il-preżentazzjoni trid issir fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-uffiċċju doganali tat-tluq. Il-limitu ta' żmien huwa muri fil-Kaxxa D tad-DAU jew tat-TAD.

Il-limitu ta' żmien stabbilit mill-uffiċċju doganali tat-tluq huwa vinkolanti fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi li t-territorju tagħhom jintuża waqt proċedura ta' tranżitu. L-awtoritajiet kompetenti, inkluż l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, ma jistgħux ibiddluh. Għal aktar dettalji, ara l-Parti IV.2.3.7.

V.6.3.2 Kontroll tat-tmiem tal-proċedura

L-Anness II(13) u (15), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 188 KDU

L-Anness 72-

Wara l-preżentazzjoni tal-merkanzija, id-DAU jew it-TAD u d-dokumenti meħtieġa, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jwettaq l-azzjonijiet li ġejjin:

- jirreġistra l-kopji tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu u jimmarka fuqhom id-data tal-wasla;
- jivverifika t-timbru tal-proċedura tal-kontinwità tal-operat fuq

jikkonċernaw il-konsenjatarju awtorizzat, it-tranżitu mwettaq bl-ajru, bil-baħar u b'installazzjoni fissa tat-trasport (ara l-Parti VI).

04(13) u (15), IA

id-DAU jew fuq it-TAD;

- jivverifika t-timbru tal-uffiċċju doganali tat-tluq jew, fi proċedura simplifikata, it-timbru tal-konsenjatur awtorizzat fuq id-DAU jew fuq it-TAD;
- iwettaq il-verifika, jekk neċessarja;
- jittimbra d-DAU jew it-TAD bit-timbru tal-uffiċċju doganali.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jiddetermina jekk il-merkanzija tiġix eżaminata jew le. Il-merkanzija tiġi eżaminata bl-użu tal-informazzjoni fuq id-DAU jew fuq it-TAD ippreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jżomm il-kopja 4 tad-DAU jew l-ewwel kopja tat-TAD.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jdaħħal il-kodiċi tar-riżultat tal-kontroll xieraq fil-Kaxxa I fuq id-DAU jew fuq it-TAD qabel ma jibgħat il-kopja 5 tad-DAU jew it-tieni kopja tad-TAD lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

1. Il-kodiċi "A1" (Sodisfaċenti) għandu jiġi indikat meta l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun wettaq kontroll fiżiku tal-merkanzija (sħiħa jew parzjali) u ma tkun instabet l-ebda diskrepanza. Minbarra kontroll fiżiku tal-merkanzija, tal-anqas irid jiġi vverifikat dan li ġej:

   - in-numru tar-reġistrazzjoni tal-mezz tat-trasport fit-tluq u fid-destinazzjoni billi jitqabblu l-iskrizzjonijiet f'dikjarazzjoni u dawk disponibbli fid-destinazzjoni;
   - il-kundizzjoni ta' kwalunkwe siġill imwaħħal.
2. Il-kodiċi "A2" (Meqjusa sodisfaċenti) għandu jiġi indikat fil-każijiet li ġejjin:

   - meta l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun wettaq kontroll tad-dokumenti mingħajr kontroll fiżiku tal-merkanzija u ma ġiet identifikata l-ebda diskrepanza jew meta ma jkun wettaq l-ebda kontroll;
   - meta l-merkanzija tkun ġiet ikkonsenjata lil konsenjatarju awtorizzat u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jiddeċiedi li ma jwettaq l-ebda kontroll tal-merkanzija u/jew tad-dokumenti, u l-informazzjoni riċevuta mingħand il-konsenjatarju awtorizzat ma turi l-ebda diskrepanza.

   Il-verifika tal-kundizzjonijiet tas-siġilli mwaħħlin, mingħajr kontroll fiżiku tal-merkanzija, tiġi rreġistrata wkoll bħala l-kodiċi "A2", dment li s-siġilli jkunu intatti.

3. Il-kodiċi "A5" (Diskrepanzi) għandu jiġi indikat fil-każijiet li ġejjin:
   (a) meta jinstabu diskrepanzi żgħar, li però ma wasslux għal dejn;
   eżempji:
   - siġilli neqsin, imkissrin jew bil-ħsara;
   - merkanzija kkonsenjata wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien;
   - identità/nazzjonalità skorretta tal-mezz tat-trasport;
   - in-nuqqas li jsiru l-entrati neċessarji f'każ ta' inċidenti matul il-moviment tal-merkanzija;
   - irregolarità fil-piż mingħajr tbagħbis viżibbli tal-merkanzija (differenzi żgħar fil-piż mal-arrotondament tal-piż);
   (b) fejn, f'każijiet ta' diskrepanzi żgħar, kienet meħtieġa multa amministrattiva skont ir-regolamenti nazzjonali;
   meta tinstab merkanzija żejda (l-istess tip jew tip ieħor) bħal merkanzija mhux iddikjarata u meta ma jkunx jista' jiġi ddeterminat l-istatus tal-Unjoni ta' dik il-merkanzija/l-istatus ta' dik il-merkanzija bħala l-merkanzija tal-Parti Kontraenti.

Peress li l-merkanzija ddikjarata f'dikjarazzjoni tat-tranżitu tkun ġiet ikkonsenjata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, il-fatt li tkun instabet merkanzija eċċessiva ma jżommx lill-uffiċċju doganali tat-tluq milli jirrilaxxa l-proċedura. Imbagħad, il-merkanzija ddikjarata oriġinarjament għat-tranżitu tkun tista' tiġi rrilaxxata. Għall-merkanzija eċċessiva, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jiċċara s-sitwazzjoni.

4. Il-kodiċi "B1" (Mhux sodisfaċenti) ifisser li hemm diskrepanzi kbar li ma jippermettux ir-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu. Ir-responsabbiltà tad-detentur tal-proċedura u tal-garanti tibqa' fis-seħħ sakemm il-każ jiġi solvut. Għalhekk, B1 irid jintuża biss f'każijiet debitament ġustifikati meta l-merkanzija tkun nieqsa (kompletament jew parzjalment) jew f'avvenimenti simili bħal meta l-merkanzija ppreżentata fid-destinazzjoni tkun differenti b'mod sinifikanti mid-deskrizzjoni fid-dikjarazzjoni (fir-rigward tat-tip u tal-kwantità).

L-Artikoli 112 u 114(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 79,

Meta l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jissuspetta li diskrepanza fil-kwantità tal-merkanzija jew fil-preżentazzjoni ta' merkanzija differenti minn dik iddikjarata setgħet ġiet ikkawżata minn żball jew minn negliġenza fil-post tat-tluq għandu jikkuntattja, minnufih u qabel ma jibgħat il-kopja 5 tad-DAU jew it-tieni kopja tat-TAD, lill-uffiċċju doganali tat-tluq (permezz tal-

87(1) u(4)) u 124(1)(g) u (h) KDU

L-Artikolu 103I DA

posta elettronika jew bit-telefown, jew permezz tal-koordinatur nazzjonali tat-tranżitu jew il-helpdesk nazzjonali) sabiex jiġi solvut il-każ. Ladarba l-każ jiġi solvut, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, minflok il-kodiċi "B1", idaħħal il-kodiċi "A1" fuq il-kopja 5 tad-DAU jew fuq it-tieni kopja tat-TAD u jibgħatha lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Madankollu, meta l-każ ma jiġix solvut jew meta l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma jkunx ikkonkluda li diskrepanza fil-kwantità tal-merkanzija jew fil-preżentazzjoni ta' merkanzija differenti tista' tiġi kkawżata minn żball jew minn negliġenza fil-post tat-tluq, huwa jdaħħal il-kodiċi "B1" fuq il-kopja 5 tad-DAU jew fuq it-tieni kopja tat-TAD u jibgħatha lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jibda l-investigazzjoni tiegħu stess sabiex isolvi l-każ.

Fir-rigward ta' dejn imsemmi fil-punti 3 (merkanzija f'eċċess) u 4, jeżistu żewġ għażliet:

- jinħoloq dejn, f'konformità mal-Artikolu 79 tal-Kodiċi/mal-Artikolu 112(1)(b) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni (eż. nuqqas ta' konformità ma' kundizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni jew taħt il-proċeduri komuni ta' tranżitu; it-tneħħija tal-merkanzija mis-superviżjoni doganali) u jrid jitħallas;
- inħoloq dejn iżda ġie eżawrit, f'konformità mal-Artikolu 124(1)(g) u (h) tal-Kodiċi u mal-Artikolu 103I DA/mal-Artikolu 112(2) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni.

  L-estinzjoni ta' dejn isseħħ meta:

  ✓ it-tneħħija tal-merkanzija mill-proċedura ta' tranżitu jew in-nuqqas ta' konformità ma' kundizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu jew li tirregola l-użu tal-proċedura ta' tranżitu jirriżulta mill-qerda totali jew mit-telfien permanenti ta' dik il-merkanzija bħala riżultat tan-natura propja tal-merkanzija, taċ-ċirkustanzi imprevedibbli jew ta' *force majeure*, jew bħala konsegwenza ta' ordni mill-awtorità doganali;

  ✓ in-nuqqas li wassal għad-dejn ma jkollu l-ebda effett sinifikanti fuq it-tħaddim korrett tal-proċedura ta' tranżitu u ma kienx jikkostitwixxi tentattiv ta' qerq, u sussegwentement jitwettqu l-formalitajiet kollha neċessarji għar-regolarizzazzjoni tas-sitwazzjoni tal-merkanzija.

  L-Artikolu 103I DA jispeċifika li wieħed mill-każijiet fejn iseħħ dan in-nuqqas ikun meta s-superviżjoni doganali tkun

ġiet sussegwentement irrestawrata għal merkanzija li ma tkunx koperta minn dikjarazzjoni tat-tranżitu, iżda li qabel kienet f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura speċjali flimkien ma' merkanzija mqiegħda formalment taħt dik il-proċedura ta' tranżitu[31].
Għal aktar dettalji, ara VIII.2.3.2.

Fiż-żewġ każijiet (dejn estint jew le), l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkompli l-investigazzjoni tiegħu u jsegwi l-Artikolu 87(1) tal-Kodiċi/l-Artikolu 114(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni sabiex jiddetermina l-awtorità doganali bil-kompetenza sabiex tirkupra d-dejn jew potenzjalment tiddeċiedi dwar l-estinzjoni tad-dejn. Għal aktar dettalji, ara VIII.2.1, VIII.2.2, VIII.2.3 u VIII.3.2.

Meta l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jqis li jkun kompetenti li jwettaq l-irkupru, huwa jitlob mill-uffiċċju doganali tat-tluq it-trasferiment tal-kompetenza billi jibgħat id-dokument "TC24 — Determinazzjoni tal-awtorità responsabbli għall-irkupru". Għal aktar dettalji, ara VIII.3.3.4.

Meta d-dejn doganali jkun ta' anqas minn EUR 10 000, huwa jitqies li nħoloq fl-Istat Membru fejn tkun saret is-sejba, u għalhekk l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun kompetenti sabiex iwettaq l-irkupru (l-Artikolu 87(4) tal-Kodiċi[32]). Madankollu, dak l-uffiċċju doganali jeħtieġlu jibgħat ukoll id-dokument "TC24" lill-uffiċċju doganali tat-tluq qabel ma jibda l-proċedura ta' rkupru, għalkemm għall-fini ta' informazzjoni biss.

Fil-każijiet imsemmijin fil-punti 1-4 aktar 'il fuq, il-kopja 5 tad-DAU jew it-tieni kopja tat-TAD trid tiġi rritornata lill-awtorità doganali fl-Istat Membru jew fil-Parti Kontraenti tat-tluq mingħajr dewmien u sa mhux aktar tard minn tmint ijiem mid-data meta tkun intemmet l-operazzjoni ta' tranżitu.

V.6.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi

Dan il-paragrafu jagħti informazzjoni dwar sitwazzjonijiet speċifiċi fil-proċedura ta' tranżitu fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Dawn is-sitwazzjonijiet speċifiċi huma:

31 Proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni biss.

32 Proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni biss.

- il-ħruġ ta' rċevuta (il-Paragrafu V.6.4.1);
- il-ħruġ ta' prova alternattiva (il-Paragrafu V.6.4.2);
- il-preżentazzjoni tal-merkanzija u tad-dokumenti barra mill-ġranet u mill-ħinijiet stipulati u f'post li ma jkunx l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (il-Paragrafu V.6.4.3);
- irregolaritajiet (il-Paragrafu V.6.4.4);
- bidla fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (il-Paragrafu V.6.4.5).

V.6.4.1 Ħruġ ta' rċevuta

Fuq it-talba tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija u d-DAU u t-TAD fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, dak l-uffiċċju joħroġ irċevuta. Madankollu, l-irċevuta ma tistax tintuża bħala prova alternattiva tat-tmiem tal-proċedura.

L-Artikolu 46, L-Appendiċi I, tal-Konvenzjoni
L-Artikolu 306(5) IA

L-irċevuta għandha żewġ funzjonijiet importanti. L-ewwel nett, tinforma lid-detentur tal-proċedura li t-trasportatur ikkonsenja d-dokumenti ta' tranżitu lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. It-tieni, l-irċevuta għandha rwol importanti jekk tinbeda inkjesta talli l-uffiċċju doganali tat-tluq ma jkunx irċieva l-informazzjoni li l-konsenja waslet. F'każijiet bħal dawn, id-detentur tal-proċedura jkun jista' jipproduċi l-irċevuta lill-uffiċċju doganali tat-tluq, u b'hekk jindika lil liema uffiċċju doganali ġew ippreżentati l-merkanzija u d-dokumenti. Din tagħmel il-proċedura ta' inkjesta ħafna aktar effiċjenti.

L-Anness B10, L-Appendiċi III, tal-Konvenzjoni
L-Anness 72-03

L-Anness I, DAU tal-Konvenzjoni,

L-Appendiċi B1, l-Anness 9, TDA

L-irċevuta tista' timtela bl-użu ta' jew:

(i) mudell tat-TC11 fl-Anness B10, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni/l-Anness 72-03 IA; jew
(ii) fuq il-faċċata ta' wara tal-kopja 5 tad-DAU fl-ispazju pprovdut għal dak l-għan.

Meta l-faċċata ta' wara tal-kopja 5 tintuża bħala rċevuta, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jdaħħal dan li ġej:

- in-numru ta' referenza tal-operazzjoni ta' tranżitu;
- il-post, l-isem u n-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali tat-tluq;
- id-data u l-firma.

Il-persuna li titlob irċevuta fil-formola TC11 timla l-irċevuta qabel

ma tgħaddiha lill-uffiċjal tad-dwana fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, għall-approvazzjoni.

NEGOZJU

Il-persuna li titlob irċevuta fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni timla formola TC11 b'kitba leġibbli billi ddaħħal:

- il-post, l-isem u n-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;
- l-istatus tal-merkanzija kif speċifikat fid-DAU jew fit-TAD relatat;
- in-numru ta' referenza tal-operazzjoni ta' tranżitu;
- il-post, l-isem u n-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali tat-tluq.

Barra minn hekk, l-irċevuta jista' jkun fiha informazzjoni oħra relatata mal-merkanzija. Id-detentur tal-proċedura jista', pereżempju, ikun jixtieq li juri l-indirizz fejn it-trasportatur tal-merkanzija se jirritorna l-irċevuta wara l-approvazzjoni mid-dwana. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma huwiex meħtieġ jirritorna l-irċevuta bil-posta; madankollu, dan jista' jsir, jekk ikun neċessarju. Normalment, id-detentur tal-proċedura jitlob lit-trasportatur jirritornalu l-irċevuta.

L-indirizz ta' ritorn jista' jiddaħħal fuq wara tal-irċevuta.

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jagħmel dan li ġej meta tintalab irċevuta:

- jivverifika jekk tkunx qed tintuża l-forma korretta, jiġifieri TC11;
- jivverifika li tkun leġibbli;
- jivverifika li tkun imtliet b'mod korrett;
- jivverifika jekk hemmx xi ċirkostanza li tfisser li ma tistax tinħareġ irċevuta;
- jekk kollox ikun kif suppost, joħroġ l-irċevuta lill-persuna li titlobha.

V.6.4.2 Ħruġ ta' prova alternattiva

L-Artikolu 51, L-Appendiċi I, tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 312 IA

Id-detentur tal-proċedura jista' jitlob lid-dwana sabiex tipprovdilu prova alternattiva li l-proċedura ta' tranżitu tkun intemmet korrettament u li ma tkun ġiet identifikata l-ebda irregolarità. Dan jista' jsir meta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu u l-merkanzija jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Id-detentur tal-proċedura jista' jitlob lid-dwana tipprovdilu prova alternattiva fuq fotokopja tat-tieni kopja tat-TAD li l-proċedura ta'

tranżitu ntemmet b'mod korrett u li ma ġiet identifikata l-ebda irregolarità. Dan jista' jsir meta l-merkanzija u t-TAD jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Nota: Għal informazzjoni dettaljata dwar l-aċċettazzjoni ta' prova alternattiva mill-uffiċċju doganali tat-tluq, ara VII.3.3.1.

NEGOZJU

Sabiex tinkiseb prova alternattiva kif previst fl-Artikolu 45(4), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni/fl-Artikolu 308 IA, tista' tiġi ppreżentata fotokopja tat-tieni kopja tat-TAD u tal-LoI, fejn xieraq, lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għall-approvazzjoni.

Il-fotokopja trid:

- tkun immarkata bil-kelma "kopja";
- ikollha t-timbru tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, il-firma tal-uffiċjal, id-data u t-test li ġej: "Prova alternattiva — 99202";
- ikollha n-numru ta' referenza u d-dettalji tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

L-Anness IV.8.3. fih l-approvazzjoni ta' "prova alternattiva" bil-lingwi kollha.

DWANA

It-TAD u l-LoI (fejn xierqa), li jġorru numru ta'referenza, jeħtieġ li jkunu approvati mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Dan jista' jinkludi ċertifikat applikat minn sistema kompjuterizzata, iżda jrid ikun ċar għall-uffiċċju doganali tat-tluq li ċ-ċertifikat ikun oriġinali.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni japprova l-prova alternattiva meta ma tinstab l-ebda irregolarità. It-timbru, il-firma tal-uffiċjal u d-data jiddaħħlu fid-dokument.

Il-persuna li tippreżenta l-prova alternattiva mal-merkanzija u mat-TAD titqies li tkun ir-rappreżentant tad-detentur tal-proċedura. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jgħaddi l-kopja approvata tat-TAD lil din il-persuna.

V.6.4.3 Preżentazzjoni tal-merkanzija u tad-dokumenti barra l-ġranet u s-sigħat magħżulin u f'post li ma jkunx l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

L-Artikolu 45(1), L-Appendiċi I, tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 306(1) IA

Ġeneralment, il-merkanzija, dikjarazzjoni tat-tranżitu u d-dokumenti meħtieġa jridu jiġu ppreżentati:

- fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni; u
- matul il-ġranet u s-sigħat magħżula ta' ftuħ.

Madankollu, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jista', fuq it-talba tad-detentur tal-proċedura jew ta' persuna oħra li tippreżenta l-merkanzija, jippermetti li l-merkanzija u d-dokumenti tat-tranżitu jiġu ppreżentati barra mill-ħinijiet uffiċjali tal-ftuħ jew fi kwalunkwe post ieħor.

V.6.4.4 Irregolaritajiet

V.6.4.4.1 Irregolaritajiet li jikkonċernaw is-siġilli

Il-merkanzija li tkun ġiet issiġillata biss tista' tiġi rrilaxxata għall-proċedura komuni ta' tranżitu/għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jikkontrolla jekk is-siġill imwaħħal għadux intatt. Jekk is-siġill ikun ġie mbagħbas, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jindika din l-informazzjoni fuq id-DAU jew fuq it-TAD mibgħut lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

DWANA
L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jivverifika l-kundizzjoni tas-siġilli u jindika r-riżultati fuq id-DAU jew fuq it-TAD. Jekk is-siġilli jkunu f'kundizzjoni ħażina, jew jekk ikun hemm evidenza li dawn ikunu ġew imbagħbsa, huwa rrakkomandat ħafna li d-dwana teżamina l-merkanzija u tindika r-riżultat fuq id-DAU jew fuq it-TAD.

V.6.4.4.2 Irregolaritajiet oħrajn

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jindika fuq id-DAU jew fuq it-TAD l-irregolarità li jkun sab sabiex jinforma lill-uffiċċju doganali tat-tluq u jieħu l-miżuri xierqa.

Fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, tista' tinstab differenza bejn il-merkanzija ddikjarata fuq il-karta u l-merkanzija effettivament ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Kull każ irid jiġi ttrattat b'mod individwali, għax jista' jkun li l-iżball ikun seħħ fit-tluq.

L-eċċessi u n-nuqqasijiet għandhom jirreferu jew għan-numru ta' pakketti jew għall-massa grossa jew għat-tnejn.

Id-differenzi fil-klassifikazzjoni tariffarja jeħtieġ li jintwerew biss meta jintalbu mil-leġiżlazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni.

Fejn neċessarju, dawn id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati permezz ta' ittra jew fuq fotokopja tad-dokument rilevanti (T1, T2, T2F, T2L, T2LF, CIM).

L-eċċessi u n-nuqqasijiet innotati għandhom jindikaw ukoll l-unità netta, grossa jew unità xierqa oħra tal-kwantità.

L-Anness V.6.8.4 fih l-approvazzjoni ta' "differenzi" bil-lingwi kollha.

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni:

- jindika kwalunkwe irregolarità fuq id-DAU jew fuq it-TAD.

V.6.4.5 Bidla fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

L-Artikolu 47(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Operazzjoni ta' tranżitu tista' tintemm f'uffiċċju differenti minn dak iddikjarat fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu. Imbagħad, dak l-uffiċċju jsir l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

L-Artikolu 306(4) IA

Meta jkun hemm bidla tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, l-obbligi tad-detentur tal-proċedura ma jkunux issodisfati meta jipproduċi l-merkanzija fl-aħħar uffiċċju doganali tat-tranżitu li kien l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni oriġinarjament previst. Id-detentur tal-proċedura huwa responsabbli għall-eżekuzzjoni korretta tal-operazzjoni sal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni l-ġdid.

Jistgħu jiġu distinti tliet sitwazzjonijiet:

1. L-uffiċċju doganali l-ġdid tad-destinazzjoni jkun fl-istess Parti Kontraenti/Stat Membru bħal dak imdaħħal fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni:

- jirreġistra d-dikjarazzjoni tat-tranżitu;
- jivverifika jekk l-informazzjoni fuq il-kopja 4 tad-DAU jew fuq l-ewwel kopja tat-TAD tikkorrispondix għall-informazzjoni fuq il-kopja 5 tad-DAU jew fuq it-tieni kopja tat-TAD;
- jivverifika l-limitu ta' żmien, l-istat ta' kwalunkwe siġill (jekk imwaħħal) u l-itinerarju (jekk stipulat);
- jiddeċiedi dwar il-livell ta' kontroll meħtieġ;
- wara li jikseb riżultat pożittiv mill-verifika, wara l-kelma "kummenti", fil-Kaxxa I tal-kopja 5 tad-DAU jew tat-tieni kopja tat-TAD idaħħal il-kodiċi "A1", "A2" jew "A5";
- wara li jikseb riżultat pożittiv mill-verifika, wara l-kelma "kummenti", fil-Kaxxa I tal-kopja 5 tad-DAU jew tat-tieni kopja tat-TAD idaħħal il-kodiċi "B1";
- jirritorna l-kopja 5 tad-DAU jew it-tieni kopja tat-TAD lill-pajjiż tat-tluq permezz tal-kanali normali.

2. L-uffiċċju doganali l-ġdid tad-destinazzjoni jkun f'Parti

Kontraenti/fi Stat Membru differenti minn dak imdaħħal fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni:

- jirreġistra d-dikjarazzjoni tat-tranżitu;
- jivverifika l-Kaxxa 52 tad-DAU jew tat-TAD sabiex jiżgura li l-garanzija tkun valida fil-pajjiż ikkonċernat;
- jivverifika jekk l-informazzjoni fuq il-kopja 4 tad-DAU jew fuq l-ewwel kopja tat-TAD tikkorrispondix għall-informazzjoni fuq il-kopja 5 tad-DAU jew fuq it-tieni kopja tat-TAD;
- jivverifika l-limitu ta' żmien, l-istat ta' kwalunkwe siġill (jekk imwaħħal) u l-itinerarju (jekk stipulat);
- jiddeċiedi dwar il-livell ta' kontroll meħtieġ;
- wara li jdaħħal il-kodiċi tar-riżultat tal-kontroll ("A1", "A2", "A5" jew "B1"), wara l-kelma "kummenti", fil-Kaxxa I tal-kopja 5 tad-DAU jew tat-tieni kopja tat-TAD, idaħħal id-dikjarazzjoni li ġejja: "DIFFERENZI: UFFIĊĊJU DOGANALI FEJN ĠIET IPPREŻENTATA L-MERKANZIJA.....(ISEM U PAJJIŻ)";
- jirritorna l-kopja 5 tad-DAU jew it-tieni kopja tat-TAD lill-pajjiż tat-tluq permezz tal-kanali normali.

L-Anness V.6.8.9 fih id-dikjarazzjoni "differenzi: …" bil-lingwi kollha.

3. L-uffiċċju doganali l-ġdid tad-destinazzjoni jkun fi Stat Membru jew f'Parti Kontraenti differenti minn dik imdaħħla fid-DAU jew fit-TAD, li jkollu d-dikjarazzjoni li ġejja:

"ĦRUĠ MINN …. SOĠĠETT GĦAL RESTRIZZJONIJIET JEW GĦAL IMPOSTI SKONT IR-REGOLAMENT/ID-DIRETTIVA/ID-DEĊIŻJONI NRU ……..."
L-Anness 8.10 fih l-approvazzjoni bil-lingwi kollha.

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni:

- jirreġistra d-dikjarazzjoni tat-tranżitu;
- jivverifika l-Kaxxa 52 tad-DAU jew tat-TAD sabiex jiżgura li l-garanzija tkun valida għall-pajjiż ikkonċernat;
- jivverifika jekk l-informazzjoni fuq il-kopja 4 tad-DAU jew fuq l-ewwel kopja tat-TAD tikkorrispondix għall-informazzjoni fuq il-kopja 5 tad-DAU jew fuq it-tieni kopja tat-TAD;
- jivverifika l-limitu ta' żmien, l-istat ta' kwalunkwe siġill (jekk imwaħħal) u l-itinerarju (jekk stipulat);
- jiddeċiedi dwar il-livell ta' kontroll meħtieġ;

- wara li jikseb riżultat pożittiv mill-verifika, wara l-kelma "kummenti", fil-Kaxxa I tal-kopja 5 tad-DAU jew tat-tieni kopja tat-TAD idaħħal id-dikjarazzjoni li ġejja: "DIFFERENZI: UFFIĊĊJU FEJN ĠIET IPPREŻENTATA L-MERKANZIJA.....(ISEM U PAJJIŻ)";
- jibgħat lill-pajjiż tat-tluq permezz tal-kanali normali:
  - in-notifika li l-merkanzija taħt restrizzjoni fuq l-esportazzjoni jew taħt dazju fuq l-esportazzjoni ġiet ikkonsenjata lill-uffiċċju doganali kkonċernat;
  - il-kopja 5 tad-DAU jew it-tieni kopja tat-TAD;
- iżomm il-merkanzija taħt kontroll doganali u jiddeċiedi jekk:
  - jippermetti t-tneħħija tagħha għall-Parti Kontraenti b'ġuriżdizzjoni fuq l-uffiċċju doganali tat-tluq; jew
  - ma jippermettix it-tneħħija tagħha sakemm l-uffiċċju doganali tat-tluq jirċievi awtorizzazzjoni speċifika bil-miktub li tawtorizza r-rilaxx tagħha.

V.6.5 Preżentazzjoni tal-merkanzija u d-dikjarazzjoni tat-tranżitu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' prova ta' ċirkostanzi mhux previsti li jikkawżaw l-iskadenza tal-limitu taż-żmien, iżda li, għalihom, it-tort ma jkunx attribwibbli lit-trasportatur jew lid-detentur tal-proċedura:

- irċevuta maħruġa mill-pulizija (pereżempju minħabba inċident jew serq);
- irċevuta maħruġa mis-servizz tas-saħħa (pereżempju minħabba li tkun qed titfittex kura medika);
- irċevuta mis-servizz għal ħsara fil-vettura (pereżempju minħabba tiswija tal-vettura);
- kwalunkwe prova ta' dewmien dovut għal strajk, jew xi ċirkostanza mhux prevista oħra.

Madankollu, huwa f'idejn id-dwana fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li tiddeċiedi dwar il-validità tal-prova.

V.6.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

V.6.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

V.6.8 Annessi

V.6.8.1 Approvazzjoni standard “sodisfaċenti”

L-Anness tħassar għaliex ma għadux rilevanti.

V.6.8.2 Fraži “prova alternattiva”

BG	Алтернативно доказателство
CS	Alternativní důkaz
DE	Alternativnachweis
EE	Alternatiivsed tõendid
EL	Εναλλακτική απόδειξη
ES	Prueba alternativa
FR	Preuve alternative
IT	Prova alternativa
LV	Alternatīvs pierādījums
LT	Alternatyvusis įrodymas
HU	Alternatív igazolás
MK	Алтернативен доказ
MT	Prova alternattiva
NL	Alternatief bewijs
PL	Alternatywny dowód
PT	Prova alternativa
RO	Probă alternativă
SI	Alternativno dokazilo
SK	Alternatívny dôkaz
RS	Алтернативни доказ
FI	Vaihtoehtoinen todiste
SV	Alternativt bevis
EN	Alternative proof
IS	Önnur sönnun
NO	Alternativt bevis
HR	Alternativni dokaz
TR	Alternatif Kanıt

V.6.8.3 Lista ta' uffiċċji ċentrali għar-ritorn tal-kopji 5 tad-DAU jew tat-tieni kopji tat-TAD

Għall-aħħar verżjoni ta' din il-lista, ikklikkja fuq il-link li ġejja:

EUROPA:

https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-procedures/what-is-customs-transit/common-union-transit_en

V.6.8.4 Fraži "differenza"

L-approvazzjoni meta l-uffiċċju tad-destinazzjoni jsib differenzi:

Fil-Kaxxa I, wara l-kelma "Kummenti":

BG:	Разлики:	В повече.... Липси.... Описание на стоките. .... Тарифна позиция....
CS:	Odlišnosti:	přebytečné množství .... chybějící množství .... název zboží . .... sazební zařazení ....
DA:	Uoverensstemmelser:	overtallig: ….. manko: ….. varebeskrivelse: ….. tarifering: .....
DE:	Unstimmigkeiten:	Mehrmenge: ….. Fehlmenge: ….. Art der Waren: ….. Unterposition HS: .....
EE:	Erinevused:	ülejääk: ..... puudujääk: ..... kauba kirjeldus: ..... tariifne klassifitseerimine: .....
EL:	Διαφορές	Πλεόνασμα: ..... Ελλειμμα:..... Φύση των εμπορευμάτων:…. Δασμολογική κατάταξη: .....
ES:	Diferencias:	sobra: ….. falta: ….. clase de mercancia: ….. clasificación arancelaria: .....
FR:	Différences:	excédent: ..... manquant: ..... nature des marchandises: ..... classement tarifaire: .....
IT:	Differenze:	Eccendenza: …..

		Deficienza: …..
		Natura della merci: …..
		Classificazione tariffaria: .....
LV:	Atšķirības:	vairāk: .....
		Mazāk: .....
		Preču apraksts: .....
		Tarifu klasifikācija: .....
LT:	Neatitikimai:	perteklius: .....
		trūkumas: .....
		prekių aprašimas: .....
		tarifinis klasifikavimas: .....
HU:	Eltérések:	többlet ....
		hiány ....
		az áruk fajtája....
		tarifaszáma ....
MT:		
MK: Разлики:		
		вишок: .....
		кусок: .....
		опис на стока: .....
		тарифно распоредување: .....
NL:	Verschillen:	teveel: …..
		tekort: …..
		soort goederen: …..
		tariefpostonderverdeling: .....
PL:	Niezgodności:	nadwyżki ….
		braki ….
		opis towarów …
		klasyfikacja taryfowa ....
PT:	Diferenças:	para mais: .....
		para menos: .....
		natureza das mercadorias: .....
		onsigneeion pautal: .....
RO:	Diferenţe:	excedent: …..
		lipsa: …..
		descrierea mărfurilor:…..
		încadrare tarifară: .....
SI:	Razlike:	višek: …..

		manko: …..
		opis blaga: …..
		tarifna oznaka: .....
SK:	Nezrovnalosti:	nadbytočné množstvo ....
		chýbajúce množstvo ….
		druh tovaru ....
		sadzobné zaradenie ....
RS: Разлике:		
		Вишак:……..
		Мањак:……..
		Опис робе:…….
		Тарифна ознака:……
FI:	Eroavuudet:	ylilukuinen tavara: …..
		puuttuu: …..
		tavaralaji: .....
		tariffiointi: .....
SV:	Avvikelser:	övertaligt gods: …..
		manko: …..
		varuslag: …..
		klassificering: .....
EN:	Differences:	excess: .....
		shortage: .....
		description of goods: .....
		tariff classification: .....
IS:	Osamræmi:	Umframmagn: ....
		Vöntun: .....
		Vörulysing: ....
		Tollflokkun:....
NO:	Uoverensstemmelser:	overtallig: ….
		manko:…..
		varebeskrivelse:….
		tariffering:..
HR:	Razlike:	višak: ....
		manjak:.....
		opis robe:....
		* razvrstavanje u tarifu
TR:	Farklılıklar:	fazlalık:…….
		Eksiklik:…….
		Eşya tanımı:……
		*tarife sınıflandırması

V.6.8.5 Frażi “diskrepanza”

L-Anness tħassar għaliex ma għadux rilevanti.

V.6.8.6 Frażi “inkjesti li jkunu qed isiru”

L-Anness tħassar għaliex ma għadux rilevanti.

V.6.8.7 Frażi “ħlasijiet miġbura”

L-Anness tħassar għaliex ma għadux rilevanti.

V.6.8.8 Frażi “differenzi”: uffiċċju fejn l-oġġetti kienu ppreżentati …. (isem u pajjiż)”

BG Различия: митническо учреждение, където стоките са представени ((наименование и страна)

CS Nesrovnalosti: úřad, kterému bylo zboží předloženo…… (název a země)

DA Forskelle: det sted, hvor varerne blev frembudt …… (navn og land)

DE Unstimmigkeiten: Stelle, bei der die Gestellung erfolgte …… (Name und Land)

EE Erinevused: asutus, kuhu kaup esitati ……..(nimi ja riik)

EL Διαφορές: εμπορεύματα προσκομισθέντα στο τελωνείο……(΄Ονομα και χώρα)

ES Diferencias: mercancías presentadas en la oficina …… (nombre y país)

FR Différences: marchandises présentées au bureau …… (nom et pays)

IT Differenze: ufficio al quale sono state presentate le merci …… (nome e paese)

LV Atšķirības: muitas iestāde, kurā preces tika uzrādītas (nosaukums un valsts)

LT Skirtumai: įstaiga, kuriai pateiktos prekės (pavadinimas ir valstybė)

HU Eltérések: hivatal, ahol az áruk bemutatása megtörtént …… (név és ország)

MK Разлики: испостава каде стоките се ставени на увид (назив и земја)

MT Differenzi: uffiċċju fejn l-oġġetti kienu ppreżentati (isem u pajjiż)

NL Verschillen: kantoor waar de goederen zijn aangebracht …… (naam en land)

PL Niezgodności: urząd w którym przedstawiono towar(nazwa i kraj)

PT Diferenças: mercadorias apresentadas na estãncia …… (nome e país)

RO Diferențe: mărfuri prezentate la biroul vamal (numebiroul unde au fost prezentate mărfurile (denumire şi țara)

SI Razlike: urad, pri katerem je bilo blago predloženo … (naziv in država)

SK Nezrovnalosti: úrad, ktorému bol tovar dodaný …… (názov a krajina)

FI Muutos: toimipaikka, jossa tavarat esitetty …… (nimi ja maa)

RS Разлике: царинарница којој је роба предата (назив и земља)

SV Avvikelse: tullkontor där varorna anmäldes …… (namn och land)

EN Differences: office where goods were presented …… (name and country)

IS Breying: tollstjóraskrifstofa þar sem vörum var framvísað …… (nafn og land)

NO Forskjell: det tollsted hvor varene ble fremlagt …… (navn og land)

HR Razlike: carinski ured kojem je roba podnesena…(naziv i zemlja)

TR Farklılıklar: Eşyanın sunulduğu idare… (adı/ülkesi)

V.6.8.9 Fraži "ħruġ minn …. Soġġett għal restrizzjonijiet jew għal imposti skont ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni Nru……"

BG Напускането на …. Подлежи на ограничения или такси съгласно Регламент/Директива/Решение № …

CS Výstup ze …… podléhá omezením nebo dávkám podle nařízení/směrnice/rozhodnutí č …

DA Udpassage fra …….. undergivet restriktioner eller afgifter i henhold til forordning/direktiv/afgørelse nr. …

DE Ausgang aus ……..- gemäß Verordnung/Richtlinie/Beschluss Nr. … Beschränkungen oder Abgaben unterworfen.

EE Väljumine … on aluseks piirangutele ja maksudele vastavalt määrusele/direktiivile/otsusele nr….

EL Η έξοδος από ……. Υποβάλλεται σε περιοριορισμούς ή σε επιβαρύνσεις από τον Κανονισμό/την Οδηγία/την Απόφαση αριθ. …

ES Salida de…….. sometida a restricciones o imposiciones en virtud del (de la) Reglamento/Directiva/Decisión no …

FR Sortie de …….. soumise à des restrictions ou à des impositions par le règlement ou la directive/décision no ...

IT Uscita dalla …… soggetta a restrizioni o ad imposizioni a norma del(la) regolamento/direttiva/decisione n. …

LV Izvešana no ……, piemērojot ierobežojumus vai maksājumus saskaņā ar Regulu/Direktīvu/Lēmumu No…,

LT Išvežimui iš …… taikomi apribojimai arba mokesčiai, nustatyti Reglamentu/Direktyva/Sprendimu Nr.…,

HU A kilépés…..... területéről a ……... rendelet/irányelv/határozat szerinti korlátozás vagy teher megfizetésének kötelezettsége alá esik

MK Излезот од …… предмет на ограничувања или давачки согласно Уредба/Директива/Решение Бр. …

MT Ħruġ mis-suġġett għal restrizzjonijiet jew ħlasijiet taħt Regola/Direttiva/Deċiżjoni Nru…

NL Bij uitgang uit de …… zijn de beperkingen of heffingen van Verordening/Richtlijn/Besluit nr. … van toepassing.

PL Wyprowadzenie z…….. podlega ograniczeniom lub opłatom zgodnie z rozporządzeniem/dyrektywą/decyzją nr …

PT Saída da …….. sujeita a restrições ou a imposições pelo(a) Regulamento/Directiva/Decisão n.º ...

RO Ieșire din … supusă restricțiilor sau impozitelor prin Regulamentul/Directiva/Decizia Nr …

SI Iznos iz …….. zavezan omejitvam ali obveznim dajatvam na podlagi uredbe/direktive/odločbe št …

SK Výstup z……. podlieha obmedzeniam alebo platbám podľa nariadenia/smernice/rozhodnutia č ….

RS Излаз из…….. подлеже ограничењима или трошковима на основу Уредбе/Директиве/ Одлуке бр.……

FI …….. vientiin sovelletaan asetuksen/direktiivin/päätöksen N:o … mukaisia rajoituksia tai maksuja

SV Utförsel från …… underkastad restriktioner eller avgifter i enlighet med förordning/direktiv/beslut nr …

EN Exit from …… subject to restrictions or charges under Regulation/Directive/Decision No ...

IS Útflutningur frá ……háð takmörkunum eða gjöldum samkvæmt reglugerð/fyrirmælum/ákvörðun nr. …….

NO Utførsel fra ……. Underlagt restriksjoner eller avgifter i henhold til forordning/direktiv/vedtak nr. …

HR Izlaz iz … podliježe ograničenjima ili pristojbama na temelju Uredbe/Direktive/Odluke br…

TR Eşyanın ……’dan çıkışı ….. No.lu Tüzük/ Direktif / Karar kapsamında kısıtlamalara veya mali yükümlülüklere tabidir

PARTI VI — SIMPLIFIKAZZJONIJIET

VI.1 Introduzzjoni

Il-Parti VI tittratta simplifikazzjonijiet ta' tranżitu.

Il-Paragrafu VI.2 jiddeskrivi t-teorija ġenerali u l-leġiżlazzjoni dwar is-simplifikazzjonijiet ta' tranżitu.

Il-Paragrafu VI.3 jiddeskrivi kull simplifikazzjoni ta' tranżitu.

Il-Paragrafu VI.4 jittratta sitwazzjonijiet speċifiċi.

Il-Paragrafu VI.5 ikopri l-eċċezzjonijiet.

Il-Paragrafu VI.6 huwa rriżervat għal struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu VI.7 huwa rriżervat għall-użu mill-amministrazzjonijiet doganali.

Il-Paragrafu VI.8 jinkludi l-Annessi.

VI.2 Teorija ġenerali u leġiżlazzjoni

Is-sorsi legali jinsabu f'dawn:

- L-Artikoli 55-111b, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Artikolu 233(4) KDU;
- L-Artikoli 191-200 DA;
- L-Artikoli 313-320 IA;
- L-Artikoli 25-26 TDA.

B'mod ġenerali, is-simplifikazzjonijiet tat-tranżitu jaqgħu taħt żewġ kategoriji wiesgħa:

1. simplifikazzjonijiet ibbażati fuq in-negozjant;

2. simplifikazzjonijiet ibbażati fuq il-mod tat-trasport.

L-għan tas-simplifikazzjonijiet tat-tranżitu, li lkoll jiddependu fuq l-affidabilità tal-operatur ekonomiku u li huma soġġetti għal awtorizzazzjoni, huwa li jinstab bilanċ bejn il-kontroll doganali u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ. Id-diversi simplifikazzjonijiet tat-tranżitu huma deskritti fil-qosor fil-Paragrafu VI.3.

Dan il-paragrafu jiddeskrivi l-proċedura neċessarja sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għal simplifikazzjoni tat-tranżitu. Huwa jiddeskrivi fil-qosor:

- il-kundizzjonijiet ġenerali li jridu jiġu ssodisfati minn operatur ekonomiku sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għall-użu ta' simplifikazzjoni (il-Paragrafu VI.2.1);
- il-proċedura għall-kisba ta' awtorizzazzjoni (il-Paragrafu VI.2.2);
- il-monitoraġġ ta' awtorizzazzjoni (il-Paragrafu VI.2.3);
- il-proċedura għall-annullament, għat-tħassir u għall-emenda ta' awtorizzazzjoni (il-Paragrafu VI.2.4);
- il-proċedura għas-sospensjoni ta' awtorizzazzjoni (il-Paragrafu VI.2.5);
- ir-rivalutazzjoni ta' awtorizzazzjoni (il-Paragrafu VI.2.6).

VI.2.1 Tipi ta' simplifikazzjonijiet u ta' kondizzjonijiet ta' tranżitu

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 55, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 89(5) u 233(4) KDU

L-Artikoli 24(1) u (b) u 25-28 TDA

Meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għas-simplifikazzjoni, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw kwalunkwe waħda mis-simplifikazzjonijiet li ġejjin dwar it-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni jew it-tmiem ta' dik il-proċedura:

(a) l-użu ta' garanzija komprensiva jew ta' garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas (inkluż eżoneru mill-garanzija);

(b) l-użu ta' siġilli ta' tip speċjali, meta l-issiġillar ikun meħtieġ sabiex jiżgura l-identifikazzjoni tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni;

(c) l-istatus ta' konsenjatur awtorizzat, li jippermetti lid-detentur tal-awtorizzazzjoni jqiegħed il-merkanzija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni mingħajr ma jippreżentaha lid-dwana;

(d) l-istatus ta' konsenjatarju awtorizzat, li jippermetti lid-detentur tal-awtorizzazzjoni jirċievi merkanzija ttrasportata taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni f'post awtorizzat sabiex itemm il-proċedura;

(e) l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karta għal merkanzija ttrasportata bl-ajru (applikabbli biss sad-data tat-titjib tas-sistema NCTS);

(f) l-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar (applikabbli biss sad-data tat-titjib tas-sistema NCTS);

(g) l-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni doganali għat-tqegħid tal-merkanzija ttrasportata bl-ajru taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni u tal-merkanzija ttrasportata bil-baħar taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni;
(h) l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bil-ferrovija (applikabbli biss sakemm tittejjeb is-sistema NCTS);
(i) l-użu ta' proċeduri simplifikati oħrajn fuq il-bażi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;
1. Għas-simplifikazzjoni li tinvolvi l-użu ta' garanzija komprensiva, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-applikant ikun stabbilit fit-territorju doganali ta' Parti Kontraenti;
- l-applikant ma jkun wettaq ebda ksur serju jew ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli ta' tassazzjoni, inkluż l-ebda rekord ta' reati kriminali serji relatati mal-attività ekonomika tiegħu;

L-Artikoli 57 u 75, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 95(1) KDU

- l-applikant juża regolarment il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni jew għandu l-istandards prattiċi ta' kompetenza jew kwalifiki professjonali relatati direttament mal-attività mwettqa.

L-Artikolu 84 DA

L-ammont ta' referenza tal-garanzija komprensiva jista' jitnaqqas għal 50 %, għal 30 % jew għal 0 % (eżoneru), dment li jiġu ssodisfati l-kriterji addizzjonali:

- 50 % tal-ammont ta' referenza:
  - l-applikant iżomm sistema kontabilistika li tkun konsistenti mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati applikati fil-Parti Kontraenti fejn jinżammu l-kontijiet, jippermetti li jsir kontroll doganali bbażat fuq l-awditjar u jżomm rekord storiku ta' *data* li jipprovdi rendikont tal-entrati minn meta d-*data* tidħol fil-fajl;
  - l-applikant ikollu organizzazzjoni amministrattiva li tikkorrispondi għat-tip u għad-daqs tan-negozju u li hija adattata għall-ġestjoni tal-fluss tal-merkanzija, u jkollu kontrolli interni li jkunu kapaċi jimpedixxu, isibu u jikkoreġu l-iżbalji u li jimpedixxu u jiskopru tranżazzjonijiet illegali jew irregolari;
  - l-applikant ma jkunx soġġett għal proċedimenti ta' falliment;
  - matul l-aħħar tliet snin ta' qabel is-sottomissjoni tal-

applikazzjoni, l-applikant ikun issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu rigward il-pagamenti ta' dejn (doganali) miġburin mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni ta' merkanzija jew b'rabta magħhom;
- abbażi tar-reġistri u tal-informazzjoni disponibbli għall-aħħar tliet snin qabel titressaq l-applikazzjoni, l-applikat juri li għandu qagħda finanzjarja suffiċjenti sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu u jonora l-impenji tiegħu b'kunsiderazzjoni tat-tip u tal-volum tal-attività tan-negozju, inkluż li ma jkollu l-ebda assi negattivi netti, sakemm dawn ma jistgħux jiġu koperti;

- 30 % tal-ammont ta' referenza:
  - l-applikant iżomm sistema kontabilistika li tkun konsistenti mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati applikati fil-Parti Kontraenti fejn jinżammu l-kontijiet, jippermetti li jsir kontroll doganali bbażat fuq l-awditjar u jżomm rekord storiku ta' *data* li jipprovdi rendikont tal-entrati minn meta d-*data* tidħol fil-fajl;
  - l-applikant ikollu organizzazzjoni amministrattiva li tikkorrispondi għat-tip u għad-daqs tan-negozju u li hija adattata għall-ġestjoni tal-fluss tal-merkanzija, u jkollu kontrolli interni li jkunu kapaċi jimpedixxu, isibu u jikkoreġu l-iżbalji u li jimpedixxu u jiskopru tranżazzjonijiet illegali jew irregolari;
  - l-applikant jiżgura li l-impjegati rilevanti jkunu ordnati jgħarrfu lill-awtoritajiet doganali kull meta jiltaqgħu ma' diffikultajiet ta' konformità u jistabbilixxi proċeduri għall-informar lill-awtoritajiet doganali dwar tali diffikultajiet;
  - l-applikant ma jkunx soġġett għal proċedimenti ta' falliment;
  - matul l-aħħar tliet snin ta' qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikant ikun issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu rigward il-pagamenti ta' dejn (doganali) miġburin mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni ta' merkanzija jew b'rabta magħhom;
  - abbażi tar-reġistri u tal-informazzjoni disponibbli għall-aħħar tliet snin qabel titressaq l-applikazzjoni, l-applikat juri li għandu qagħda finanzjarja suffiċjenti sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu u jonora l-impenji tiegħu b'kunsiderazzjoni tat-tip u tal-volum tal-attività tan-negozju, inkluż li ma jkollu l-ebda assi negattivi netti, sakemm dawn ma jistgħux jiġu koperti;

- 0 % tal-ammont ta' referenza (eżoneru mill-garanzija):

- l-applikant iżomm sistema kontabilistika li tkun konsistenti mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati applikati fil-Parti Kontraenti fejn jinżammu l-kontijiet, jippermetti li jsir kontroll doganali bbażat fuq l-awditjar u jżomm rekord storiku ta' *data* li jipprovdi rendikont tal-entrati minn meta d-*data* tidħol fil-fajl;
- l-applikant jagħti aċċess fiżiku lill-awtorità doganali għas-sistemi kontabilistiċi tiegħu u, fejn applikabbli, għar-rekords kummerċjali u tat-trasport tiegħu;
- l-applikant ikollu sistema loġistika li tidentifika merkanzija bħala merkanzija f'ċirkolazzjoni libera fil-Parti Kontraenti jew bħala merkanzija ta' pajjiż terz u, fejn ikun xieraq, tindika l-post fejn tinsab;
- l-applikant ikollu organizzazzjoni amministrattiva li tikkorrispondi għat-tip u għad-daqs tan-negozju u li hija adattata għall-ġestjoni tal-fluss tal-merkanzija, u jkollu kontrolli interni li jkunu kapaċi jimpedixxu, isibu u jikkoreġu l-iżbalji u li jimpedixxu u jiskopru tranżazzjonijiet illegali jew irregolari;
- fejn applikabbli, l-applikant ikollu proċeduri sodisfaċenti għall-ġestjoni ta' liċenzji u ta' awtorizzazzjonijiet mogħtijin f'konformità mal-miżuri ta' politika kummerċjali jew rigward il-kummerċ fi prodotti agrikoli;
- l-applikant ikollu proċedura sodisfaċenti fis-seħħ għall-arkivjar tar-rekords u tal-informazzjoni tiegħu u għall-protezzjoni kontra t-telf ta' informazzjoni;
- l-applikant jiżgura li l-impjegati rilevanti jkunu ordnati jgħarrfu lill-awtoritajiet doganali kull meta jiltaqgħu ma' diffikultajiet ta' konformità u jistabbilixxi proċeduri għall-informar lill-awtoritajiet doganali dwar tali diffikultajiet;
- l-applikant ikollu miżuri adegwati ta' sigurtà fis-seħħ sabiex jipproteġi s-sistema tal-kompjuters tal-applikant minn intrużjoni mhux awtorizzata u sabiex jissalvagwardja d-dokumentazzjoni tal-applikant;
- l-applikant ma jkunx soġġett għal proċedimenti ta' falliment;
- matul l-aħħar tliet snin ta' qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikant ikun issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu rigward il-pagamenti ta' dejn (doganali) miġburin mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni ta' merkanzija jew b'rabta magħhom;
- abbażi tar-reġistri u tal-informazzjoni disponibbli għall-aħħar tliet snin qabel titressaq l-applikazzjoni, l-applikat

juri li għandu qagħda finanzjarja suffiċjenti sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu u jonora l-impenji tiegħu b'kunsiderazzjoni tat-tip u tal-volum tal-attività tan-negozju, inkluż li ma jkollu l-ebda assi negattivi netti, sakemm dawn ma jistgħux jiġu koperti;

L-Artikolu 57, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 191, 193, 195, 199 u 200 DA

Artikoli 25-28 TDA

2. Għall-awtorizzazzjonijiet li ġejjin li jinvolvu l-użu ta' siġilli ta' tip speċjali, l-istatus ta' konsenjatur awtorizzat u l-istatus ta' konsenjatarju awtorizzat, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-applikant ikun stabbilit fit-territorju doganali ta' Parti Kontraenti;
- l-applikant jiddikjara li huwa juża regolarment l-użu tal-arranġamenti ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni;
- l-applikant ma jkun wettaq ebda ksur serju jew ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli ta' tassazzjoni, inkluż l-ebda rekord ta' reati kriminali serji relatati mal-attività ekonomika tiegħu;
- l-applikant juri livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-fluss tal-merkanzija, permezz ta' sistema ta' ġestjoni tar-rekords kummerċjali u, fejn xieraq, tat-trasport, li tippermetti li jsiru kontrolli doganali xierqa;
- l-applikant ikollu l-istandards prattiċi ta' kompetenza jew il-kwalifiki professjonali relatati direttament mal-attivitajiet imwettqin.

3. Għal awtorizzazzjonijiet li jinvolvu l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru:

- l-applikant ikun linja tal-ajru u jkun stabbilit fit-territorju doganali ta' Parti Kontraenti;
- l-applikant juża b'mod regolari l-arranġamenti ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni, jew l-awtorità doganali kompetenti tkun taf li huwa jista' jissodisfa l-obbligi skont dawk l-arranġamenti;
- l-applikant ma jkun wettaq l-ebda reat serju jew ripetut kontra l-leġiżlazzjoni doganali jew fiskali.

4. Għal awtorizzazzjonijiet li jinvolvu l-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar:

- l-applikant ikun kumpanija tat-tbaħħir u jkun stabbilit fit-

territorju doganali tal-Unjoni;

- l-applikant juża b'mod regolari l-arranġamenti ta' tranżitu tal-Unjoni, jew l-awtorità doganali kompetenti tkun taf li huwa jista' jissodisfa l-obbligi skont dawk l-arranġamenti;

- l-applikant ma jkun wettaq l-ebda reat serju jew ripetut kontra l-leġiżlazzjoni doganali jew fiskali.

5. Għall-awtorizzazzjonijiet li jinvolvu l-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni:

- fir-rigward tat-trasport bl-ajru (applikabbli għat-tranżitu komuni/tal-Unjoni):
    - ✓ l-applikant jopera numru sinifikanti ta' titjiriet bejn ajruporti ta' pajjiżi ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni;
    - ✓ l-applikant juri li kapaċi jiżgura li d-dettalji tal-ETD ikunu għad-dispożizzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tluq fl-ajruport tat-tluq u tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fl-ajruport tad-destinazzjoni u li dawk id-dettalji jkunu l-istess fl-uffiċċju doganali tat-tluq u fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;
    - ✓ l-applikant ikun stabbilit fit-territorju ta' Parti Kontraenti;
    - ✓ l-applikant jiddikjara li se juża b'mod regolari l-arranġamenti ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni;
    - ✓ l-applikant ma jkun wettaq ebda ksur serju jew ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli ta' tassazzjoni, inkluż l-ebda rekord ta' reati kriminali serji relatati mal-attività ekonomika tiegħu;
    - ✓ l-applikant juri livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-fluss tal-merkanzija, permezz ta' sistema ta' ġestjoni tar-rekords kummerċjali u, fejn xieraq, tat-trasport, li tippermetti li jsiru kontrolli doganali xierqa;
    - ✓ l-applikant jista' juri standards prattiċi ta' kompetenza jew kwalifiki professjonali relatati direttament mal-attività mwettqa.

- fir-rigward tat-trasport marittimu (applikabbli biss għat-tranżitu tal-Unjoni):
    - ✓ l-applikant jopera numru sinifikanti ta' vjaġġi bejn portijiet tal-UE;

L-Artikoli 111a-111b, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 233(4) awtorizzazzjoni, KDU

L-Artikoli 191 u 199-200 DA

- ✓ l-applikant juri li kapaċi jiżgura li d-dettalji tal-ETD ikunu għad-dispożizzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tluq fil-port tat-tluq u tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fil-port tad-destinazzjoni u li dawk id-dettalji jkunu l-istess fl-uffiċċju doganali tat-tluq u fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;
- ✓ l-applikant ikun stabbilit fit-territorju tal-Unjoni;
- ✓ l-applikant jiddikjara li se juża b'mod regolari l-arranġamenti ta' tranżitu tal-Unjoni;
- ✓ l-applikant ma jkun wettaq ebda ksur serju jew ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli ta' tassazzjoni, inkluż l-ebda rekord ta' reati kriminali serji relatati mal-attività ekonomika tiegħu;
- ✓ l-applikant juri livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-fluss tal-merkanzija, permezz ta' sistema ta' ġestjoni tar-rekords kummerċjali u, fejn xieraq, tat-trasport, li tippermetti li jsiru kontrolli doganali xierqa;
- ✓ l-applikant jista' juri standards prattiċi ta' kompetenza jew kwalifiki professjonali relatati direttament mal-attività mwettqa.

6. Għal awtorizzazzjonijiet li jinvolvu l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu bbażata fuq il-karti speċifika għal merkanzija ttrasportata bil-ferrovija:

- l-applikant ikun impriża ferrovjarja;
- l-applikant ikun stabbilit fit-territorju doganali ta' Parti Kontraenti;
- l-applikant juża b'mod regolari l-proċedura komuni ta' tranżitu/l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, jew l-awtorità doganali kompetenti tkun taf li huwa jista' jissodisfa l-obbligi skont il-proċedura;
- l-applikant ma jkun wettaq l-ebda reat serju jew ripetut kontra l-leġiżlazzjoni doganali jew fiskali.

L-awtorizzazzjonijiet kollha jingħataw biss dment li l-awtorità doganali tqis li se tkun tista' tissorvelja l-proċedura komuni ta' tranżitu/l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni u twettaq kontrolli mingħajr sforz amministrattiv sproporzjonat għar-rekwiżiti tal-persuna kkonċernata.

VI.2.2 Proċedura ta' awtorizzazzjoni

L-Artikolu 61, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 22(1) KDU

Kull simplifikazzjoni hija soġġetta għal awtorizzazzjoni. L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi fil-forma elettronika jew bil-miktub, u jiġu awtentikati u datati[33]. L-applikant jeħtieġlu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti bil-fatti kollha meħtieġa għall-għoti tal-awtorizzazzjoni.

L-Artikoli 192 u 194 DA

Il-post tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni jiddependi mit-tip ta' simplifikazzjoni. B'mod ġenerali, l-applikazzjoni tiġi sottomessa lill-awtoritajiet doganali kompetenti għall-post fejn ikunu miżmuma jew fejn ikunu aċċessibbli l-kontijiet ewlenin tal-applikant u fejn għandha titwettaq tal-anqas parti mill-attivitajiet koperti mill-awtorizzazzjoni. Iżda, f'każijiet speċifiċi, il-post tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni jkun differenti. Għall-konsenjaturi awtorizzati, l-applikazzjoni tiġi sottomessa lill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż fejn tkun se tibda l-operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni. Fir-rigward tal-konsenjatarji awtorizzati, l-applikazzjoni tiġi sottomessa lill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż fejn tkun se tintemm l-operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni. Għall-awtorizzazzjoni li jinvolvu l-użu tas-siġilli ta' tip speċjali, l-applikant jista' jagħżel l-awtoritajiet doganali kompetenti. Jekk l-applikant ikun konsenjatur awtorizzat, huwa jista' jissottometti l-applikazzjoni għall-użu tas-siġilli ta' tip speċjali lill-awtoritajiet doganali kompetenti għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni għall-konsenjatur awtorizzat jew skont ir-regoli ġenerali ta' hawn fuq.

Il-proċeduri għall-aċċettazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet u ċ-ċaħda tagħhom iridu jitwettqu f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti.

NEGOZJU

Sabiex tikseb awtorizzazzjoni:

1. Issottometti applikazzjoni awtentikata u datata fil-forma elettronika jew bil-miktub li tiddikjara liema simplifikazzjoni hija mitluba.

2. Inkludi d-dettalji kollha neċessarji sabiex tappoġġja t-talba, bħal:

– id-dettalji tal-applikant;
– il-post tal-istabbiliment;

[33] Fl-Unjoni, is-Sistema ta' Ġestjoni tad-Deċiżjonijiet Doganali (CDMS) hija applikabbli għall-applikazzjonijiet u għall-awtorizzazzjonijiet.

– l-informazzjoni kollha li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu jekk il-kundizzjonijiet humiex issodisfati;

3. Agħti pariri dwar kif għandhom jinżammu r-rekords tal-attivitajiet tan-negozju.

Nota: l-applikanti jinżammu responsabbli għall-akkuratezza tal-informazzjoni mogħtija u għall-awtentiċità tad-dokumenti forniti.

Qabel tingħata l-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jivvalutaw jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet.

Il-kundizzjonijiet ewlenin għas-simplifikazzjonijiet ta' tranżitu kollha huma l-kriterji tal-AEO stabbiliti fl-Artikolu 39(a), (b) u (d) KDU, ħlief għas-simplifikazzjonijiet li ġejjin:

L-Artikolu 64, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 22(4) u (5) u 39 KDU

L-Artikolu 14 DA

- l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru;
- l-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bil-baħar;
- l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-ferrovija.

F'dawn il-każijiet, japplikaw biss il-kriterji tal-AEO stabbiliti fl-Artikolu 39(a) KDU.

Għal verifika ta' dawk il-kriterji, huwa rrakkomandat ħafna li jintuża d-dokument "Linji Gwida dwar l-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati".

Id-dokument jiddeskrivi fid-dettall kif u b'liema mod għandhom jiġu vverifikati l-kriterji u s-subkriterji partikolari mill-awtoritajiet doganali kompetenti, filwaqt li jitqiesu d-daqs u t-tip tal-applikant (eż. kumpaniji multinazzjonali u impriżi kummerċjali żgħar u ta' daqs medju u kbar, kumpaniji tat-trasport, operaturi express, konsenjaturi/konsenjatarji).

Matul il-verifika tal-kundizzjonijiet, tista' titqies ukoll kwalunkwe informazzjoni disponibbli minn awtoritajiet jew minn aġenziji governattivi oħrajn.

L-Artikolu 62, l-Appendiċi I tal-

L-awtorizzazzjoni jrid ikun fiha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex l-operatur ekonomiku japplika s-simplifikazzjoni b'mod

Konvenzjoni

korrett u sabiex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu s-superviżjoni tagħhom.

Normalment, l-awtorizzazzjoni tibqa' valida mingħajr ebda limitazzjoni ta' żmien.

L-Artikolu 58, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 23(5) KDU

L-awtorizzazzjoni tidħol fis-seħħ mid-data li fiha l-applikant jirċiviha jew jitqies li rċivieha, u għandha tkun infurzabbli mill-awtoritajiet doganali minn dik id-data. Dik id-data tkun differenti biss f'każijiet eċċezzjonali:

- meta l-applikant ikun talab data differenti tad-dħul fis-seħħ;
- meta tkun inħarġet awtorizzazzjoni preċedenti b'limitazzjoni ta' żmien u meta l-uniku għan tal-awtorizzazzjoni attwali jkun li tiġi estiża l-validità tagħha (f'dan il-każ, l-awtorizzazzjoni tidħol fis-seħħ mill-jum ta' wara l-iskadenza tal-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni preċedenti);
- meta l-effett tal-awtorizzazzjoni jkun kundizzjonali fuq it-tlestija ta' ċerti formalitajiet mill-applikant, f'liema każ l-awtorizzazzjoni tidħol fis-seħħ mill-jum li fih l-applikant jirċievi n-notifika mill-awtorità doganali kompetenti li tiddikjara li l-formalitajiet ġew ikkompletati b'mod sodisfaċenti.

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni jeħtieġlu jgħarraf lill-awtoritajiet doganali dwar kwalunkwe fattur li jirriżulta wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni li jista' jinfluwenza l-kontinwazzjoni jew il-kontenut tagħha.

Id-deċiżjonijiet li jirrifjutaw applikazzjonijiet iridu jiddikjaraw ir-raġunijiet għaċ-ċaħda u jridu jiġu kkomunikati lill-applikant f'konformità mal-limiti ta' żmien u mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Parti Kontraenti rilevanti.

L-awtoritajiet doganali jeħtiġilhom jimmonitorjaw il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mid-detentur tal-awtorizzazzjoni u l-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dik l-awtorizzazzjoni.

DWANA

L-uffiċċju doganali kompetenti:

- jipprovdi lill-applikant b'awtorizzazzjoni awtentikata u datata (flimkien ma' kopja waħda jew aktar, jekk l-awtorizzazzjoni tinħareġ bil-miktub);

- iżomm l-applikazzjonijiet u d-dokumenti ta' sostenn kollha;

- iżomm kopja tal-awtorizzazzjoni.

F'xi każijiet, applikazzjoni tiġi rrifjutata jew awtorizzazzjoni tiġi annullata, irrevokata, emendata jew sospiża. F'każijiet bħal dawn, l-applikazzjoni u d-deċiżjoni li tiġi rrifjutata jew li tiġi annullata, irrevokata, emendata jew sospiża l-awtorizzazzjoni, u d-dokumenti ta' sostenn mehmużin kollha, iridu jinżammu għal tal-anqas tliet snin. Dan il-perjodu jibda mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha l-applikazzjoni tiġi rrifjutata jew l-awtorizzazzjoni tiġi annullata, irrevokata, emendata jew sospiża.

NEGOZJU
Meta tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni, in-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni jiġi pprovdut fuq dikjarazzjoni tat-tranżitu kull meta l-uffiċċju doganali tat-tluq hekk jesiġi fil-każ tas-simplifikazzjonijiet li ġejjin:

- l-użu ta' siġilli ta' tip speċjali;
- l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru;
- l-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bil-baħar;
- l-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni doganali għat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

Din l-informazzjoni trid tiġi pprovduta, sakemm ma tkunx tista' tiġi dderivata minn elementi ta' *data* oħrajn, bħan-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni jew is-Sistema ta' Ġestjoni tad-Deċiżjonijiet Doganali (CDMS).

VI.2.3 Il-monitoraġġ ta' awtorizzazzjoni

L-Artikolu 58, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Kull awtorizzazzjoni mogħtija trid tiġi mmonitorjata mill-awtoritajiet doganali kompetenti fuq bażi regolari u kontinwa.

L-Artikolu 23(5) KDU

L-iskop huwa li tiġi stabbilita, fi stadju bikri, kwalunkwe indikazzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

Meta d-detentur tal-awtorizzazzjoni ikun ilu stabbilit għal anqas minn tliet snin, l-awtoritajiet doganali jeħtiġilhom jissorveljaw mill-qrib lil dak id-detentur matul l-ewwel sena wara li tingħata l-awtorizzazzjoni.

Għall-monitoraġġ, l-awtorità doganali kompetenti tista' tfassal pjan ta' monitoraġġ li jiddeskrivi fil-qosor l-attivitajiet ta' monitoraġġ individwali, inklużi l-frekwenza u l-għażla taż-żmien tagħhom (eż. verifika tal-konformità mal-kriterji u mar-regoli, inklużi l-attivitajiet ta' kuljum tal-operatur, żjarat fuq il-post, verifika tal-bażijiet ta' *data* differenti, rapporti sottomessi mill-operaturi).

Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq analiżi tar-riskji mwettqa fl-istadji differenti (verifika qabel tingħata l-awtorizzazzjoni, ġestjoni tal-awtorizzazzjoni mogħtija, eċċ.), filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari:

- it-tip ta' awtorizzazzjoni;

- l-istabbiltà tal-operatur ekonomiku;

- id-daqs tan-negozju u n-numru ta' postijiet;

- il-kooperazzjoni mal-operatur ekonomiku;

- l-informazzjoni riċevuta mingħand l-operatur ekonomiku dwar id-diskrepanzi misjubin jew kwalunkwe bidla li tista' tinfluwenza l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni;

- jekk l-operatur ekonomiku għandux status ta' AEO.

Huwa rrakkomandat li jsiru żjarat fuq il-post lill-operaturi tal-anqas darba fis-sena.

L-iżvilupp tal-pjan ta' monitoraġġ u kwalunkwe żjara fil-bini tal-operatur iridu jiġu kkoordinati mill-awtoritajiet doganali (meta wieħed iqis kwalunkwe attività ta' awditjar/ta' monitoraġġ oħra prevista għall-operatur, eż. awditi u monitoraġġ tal-AEO) sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tal-eżami.

VI.2.4 L-annullament, r-revoka u l-emenda ta' awtorizzazzjoni

L-Artikolu 65(2) u (3), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 27 u 28 KDU

L-awtoritajiet doganali jannullaw awtorizzazzjoni jekk tkun ingħatat fuq il-bażi ta' informazzjoni żbaljata jew inkompleta u d-detentur kien jaf jew kellu jkun jaf li din l-informazzjoni kienet żbaljata jew inkompleta (eż. numru żbaljat ta' operazzjonijiet ta' tranżitu li jiġġustifika l-użu ta' simplifikazzjoni, post ħażin tal-merkanzija).

L-awtorizzazzjoni tiġi rrevokata jew emendata fuq it-talba tad-detentur.

Bl-istess mod, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrevokaw jew jemendaw l-awtorizzazzjoni jekk jikkonkludu, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta jew f'isimhom, li awtorizzazzjoni ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa, pereżempju:

- waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni ma humiex issodisfati aktar;
- fattur li jirriżulta wara l-għoti ta' awtorizzazzjoni jaffettwa l-kontenut jew il-kontinwazzjoni tagħha;
- id-detentur jonqos milli jissodisfa obbligu impost mill-awtorizzazzjoni.

L-Artikolu 65(4), (5) u (6), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jinformaw lid-detentur dwar l-annullament, ir-revoka jew l-emenda tal-awtorizzazzjoni f'konformità mal-limiti ta' żmien u mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ

L-Artikoli 27 u 28 KDU

fil-Parti Kontraenti.

L-annullament ta' awtorizzazzjoni jidħol fis-seħħ mid-data li fiha daħlet fis-seħħ l-awtorizzazzjoni inizjali.

Ir-revoka jew l-emenda ta' awtorizzazzjoni tidħol fis-seħħ mid-data li fiha l-applikant jirċiviha jew jitqies li rċivieha. Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali meta l-interessi leġittimi tad-detentur tal-awtorizzazzjoni hekk jeħtieġu, l-awtoritajiet doganali jistgħu jiddifferixxu d-data meta r-revoka jew l-emenda tidħol fis-seħħ f'konformità mal-limiti ta' żmien fis-seħħ fil-Partijiet Kontraenti. Id-data meta d-deċiżjoni tidħol fis-seħħ trid tkun indikata fid-deċiżjoni ta' revokar jew ta' emendar tal-awtorizzazzjoni.

Meta l-awtorizzazzjoni tkun valida f'pajjiżi oħrajn, dawk il-pajjiżi jridu jiġu avżati minnufih mill-awtoritajiet doganali kompetenti dwar l-annullament, ir-revoka jew l-emenda tal-awtorizzazzjoni bil-mod kif speċifikat għal kull tip ta' simplifikazzjoni.

VI.2.5 Sospensjoni ta' awtorizzazzjoni

L-Artikoli 67-69, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 16-18 DA

Sospensjoni tal-awtorizzazzjoni tfisser li awtorizzazzjoni mogħtija ma tkunx valida matul perjodu speċifiku.

L-awtorizzazzjoni tista' tiġi wkoll sospiża, minflok annullata, irrevokata jew emendata, fil-każijiet li ġejjin:

- ikun hemm raġunijiet suffiċjenti għal annullament, għal revoka jew għal emenda tal-awtorizzazzjoni, iżda l-awtoritajiet kompetenti jkun għad ma għandhomx l-elementi neċessarji kollha sabiex jiddeċiedu dwar l-annullament, ir-revoka jew l-emenda;
- id-detentur tal-awtorizzazzjoni ma jibqax jissodisfa waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet jew ma jkunx qed jiżgura l-konformità mal-obbligu tiegħu, iżda l-awtoritajiet doganali jippermettulu jieħu miżuri xierqa sabiex itejjeb is-sitwazzjoni;
- id-detentur tal-awtorizzazzjoni jitlob tali sospensjoni għaliex ikun temporanjament inkapaċi li jissodisfa l-kundizzjonijiet jew li jikkonforma mal-obbligi imposti skont dik l-awtorizzazzjoni.

Meta d-detentur ikun tejjeb is-sitwazzjoni tiegħu, huwa jinnotifika lill-awtoritajiet doganali dwar:

(i) il-miżuri li huwa jimpenja li jieħu sabiex jiżgura l-issodisfar tal-kundizzjonijiet jew il-konformità mal-obbligi; u
(ii) il-perjodu ta' żmien li jeħtieġ sabiex jieħu dawk il-miżuri.

L-awtoritajiet doganali jridu jiddefinixxu l-perjodu ta' sospensjoni. Ġeneralment, għandu jikkorrispondi għall-perjodu ta' żmien meħtieġ minn dawk l-awtoritajiet sabiex jistabbilixxu jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet għal annullament, għal revoka jew għal emenda.

Il-perjodu ta' sospensjoni jista' jiġi estiż ulterjorment fuq it-talba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni. L-awtoritajiet doganali jistgħu jkomplu jestendu dak il-perjodu ulterjorment jekk ikunu jeħtieġu aktar żmien għall-verifika tal-miżuri meħuda mid-detentur għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet jew għall-konformità mal-obbligi, iżda dik l-estensjoni ma tistax taqbeż it-30 jum.

Estensjoni tal-perjodu ta' sospensjoni tkun meħtieġa wkoll meta, wara s-sospensjoni, l-awtoritajiet doganali jkun biħsiebhom jannullaw, jirrevokaw jew jemendaw l-awtorizzazzjoni. F'dan il-każ dak il-perjodu jiġi estiż sakemm tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni dwar l-annullament, ir-revoka jew l-emenda.

Sospensjoni tintemm malli jiskadi l-perjodu ta' sospensjoni sakemm ma sseħħx kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin qabel jiskadi dak il-perjodu:

- is-sospensjoni tiġi rtirata għaliex ma jkun hemm ebda raġuni għall-annullament, għar-revoka jew għall-emenda tal-awtorizzazzjoni, f'liema każ is-sospensjoni tintemm fid-data tal-irtirar;

7

- is-sospensjoni tiġi rtirata għaliex id-detentur tal-awtorizzazzjoni jkun ħa, għas-sodisfazzjon tal-awtorità doganali kompetenti sabiex tagħti l-awtorizzazzjoni, il-miżuri neċessarji għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-awtorizzazzjoni jew għall-konformità mal-obbligi imposti skont dik l-awtorizzazzjoni. F'dak il-każ, is-sospensjoni tintemm fid-data tal-irtirar;

- l-awtorizzazzjoni sospiża tiġi annullata, irrevokata jew emendata, f'liema każ is-sospensjoni tintemm fid-data tal-annullament, tar-revoka jew tal-emenda.

L-awtoritajiet doganali jinformaw lid-detentur tal-awtorizzazzjoni bit-tmiem tas-sospensjoni.

F'każijiet li fihom l-awtorizzazzjoni tkun valida f'pajjiżi oħrajn, dawk il-pajjiżi jridu jiġu avżati minnufih mill-awtoritajiet doganali

kompetenti dwar is-sospensjoni u t-tmiem tas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni bil-mod kif speċifikat għal kull tip ta' simplifikazzjoni.

VI.2.6 Valutazzjoni mill-ġdid ta' awtorizzazzjoni

L-Artikolu 66, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 15 DA

Sabiex jagħtu l-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet doganali kompetenti huma obbligati jivvalutawha mill-ġdid kull tant żmien fil-każijiet li ġejjin:

- meta jkunu saru bidliet fil-leġiżlazzjoni li jaffettwaw l-awtorizzazzjoni;
- meta jkun neċessarju, bħala riżultat tal-monitoraġġ imwettaq;
- minħabba l-informazzjoni pprovduta mid-detentur tal-awtorizzazzjoni jew minn awtoritajiet oħrajn.

Skont ir-raġunijiet għar-rivalutazzjoni, tista' tirriżulta f'rieżaminazzjoni sħiħa jew parzjali tal-kundizzjonijiet konkreti.
Ir-riżultat tar-rivalutazzjoni jiġi nnotifikat lid-detentur tal-awtorizzazzjoni.
Għal aktar informazzjoni dwar ir-rivalutazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet, huwa rrakkomandat ħafna li jintuża d-dokument "Linji Gwida dwar l-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati".

Ir-riżultat tar-rivalutazzjoni jista' jinkludi dawn li ġejjin:
- iż-żamma tal-awtorizzazzjoni mogħtija mingħajr emendi;
- emenda tal-awtorizzazzjoni;
- revoka tal-awtorizzazzjoni;
- sospensjoni tal-awtorizzazzjoni.

VI.3 Deskrizzjoni tas-simplifikazzjonijiet

Dan il-paragrafu jiddeskrivi s-simplifikazzjonijiet li ġejjin:

- il-garanzija komprensiva u l-eżoneru mill-garanzija (il-Paragrafu VI.3.1);
- l-użu ta' siġilli ta' tip speċjali (il-Paragrafu VI.3.2);
- il-konsenjatur awtorizzat (il-Paragrafu VI.3.3);
- il-konsenjatarju awtorizzat (il-Paragrafu VI.3.4);
- l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta'

tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-ferrovija (il-Paragrafu VI.3.5);

- l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru (il-Paragrafu VI.3.6);
- l-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bil-baħar (il-Paragrafu VI.3.7);
- proċeduri simplifikati bbażati fuq l-Artikolu 6, il-Konvenzjoni/l-Artikolu 97(2) KKD (il-Paragrafu VI.3.8);
- l-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-tqegħid tal-merkanzija ttrasportata bl-ajru taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni (il-Paragrafu VI.3.9);
- l-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-tqegħid tal-merkanzija ttrasportata bil-baħar taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni (il-Paragrafu VI.3.10).

Il-validità ġeografika tas-simplifikazzjonijiet ta' tranżitu	
IL-PAJJIŻI KOLLHA:	- garanzija komprensiva* - garanzija komprensiva mnaqqsa* - eżoneru mill-garanzija* - l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bil-ferrovija; *ħlief il-pajjiżi ta' tranżitu komuni eskluži mill-garanti. Il-validità f'Andorra u/jew f'San Marino possibbli biss għat-tranżitu tal-Unjoni.
IL-PAJJIŻI KOLLHA stabbilew li l-operazzjoni ta' tranżitu tibda fil-pajjiż fejn ingħatat l-awtorizzazzjoni:	- l-użu ta' siġilli ta' tip speċjali - il-konsenjatur awtorizzat
IL-PAJJIŻ fejn ingħatat l-awtorizzazzjoni:	- il-konsenjatarju awtorizzat
IL-PAJJIŻ/PAJJIŻI kkonċernat(i):	- l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru; - l-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bil-baħar; - l-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport (ETD)

	bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu; - l-użu ta' proċeduri ta' tranżitu simplifikati fuq il-bażi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

VI.3.1 Garanzija komprensiva u eżoneru mill-garanzija

Fejn meħtieġ, id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jipprovdi garanzija sabiex iqiegħed il-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu.

L-Artikoli 74-80, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Il-garanzija ta' tranżitu standard hija garanzija individwali li tkopri moviment ta' tranżitu wieħed.

L-Artikoli 89(5) u 95 KDU
L-Artikolu 84 DA

Madankollu, operatur ekonomiku jista' jiġi awtorizzat, soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati fil-Paragrafu 2.1., juża garanzija komprensiva jew rinunzja tal-garanzija li tista' tintuża sabiex tkopri diversi movimenti ta' tranżitu. Għal aktar dettalji dwar il-garanzija komprensiva u l-eżoneru mill-garanzija, ara l-Parti III.

Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni trid tkun konformità mal-paragrafu VI.2.2.

Għar-revoka jew għall-emenda tal-awtorizzazzjoni, ara VI.2.4.

VI.3.2 Użu ta' siġilli ta' tip speċjali

L-Artikoli 81-83, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lid-detenturi tal-proċedura jużaw siġilli ta' tip speċjali fuq il-mezzi tat-trasport, fuq il-kontejners u fuq il-pakketti tagħhom.

L-Artikoli 317-318 IA

L-awtorità doganali jeħtiġilha taċċetta wkoll, fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni, siġilli ta' tip speċjali li jkunu ġew approvati mill-awtoritajiet doganali ta' pajjiż ieħor sakemm ma jkollhiex informazzjoni li s-siġill partikolari ma jkunx adattat għal skopijiet doganali.

It-tipi speċjali ta' siġilli jridu jikkonformaw mal-karatteristiċi tas-siġilli deskritti f'IV.2.3.8.4.

Meta s-siġilli jkunu ġew iċċertifikati minn korp kompetenti skont l-Istandard Internazzjonali tal-ISO Nru 17712:2013 "Kontejners tat-tagħbija — Siġilli Mekkaniċi", dawk is-siġilli jitqiesu li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti.

Għat-trasporti f'kontejners, is-siġilli b'karatteristiċi ta' sigurtà

għolja jridu jintużaw kemm jista' jkun.

Is-siġill ta' tip speċjali jrid ikollu waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin:

- l-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni;
- abbrevjazzjoni jew kodiċi korrispondenti, li fuq il-bażi tiegħu l-awtorità doganali tal-pajjiż tat-tluq tkun tista' tidentifika l-persuna;

Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni trid titwettaq f'konformità mal-Paragrafu VI.2.2.

Għar-revoka jew għall-emenda tal-awtorizzazzjoni, ara VI.2.4.

DWANA

L-awtorità doganali jeħtiġilha tagħmel dan li ġej:

- tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet doganali tal-Partijiet Kontraenti l-oħrajn dwar siġilli ta' tip speċjali li jkunu qegħdin jintużaw u dwar siġilli ta' tip speċjali li tkun iddeċidiet li ma tapprovax minħabba irregolaritajiet jew nuqqasijiet tekniċi;

- tirrieżamina s-siġilli ta' tip speċjali approvati minnha u li jkunu qegħdin jintużaw, meta tirċievi informazzjoni li awtorità oħra tkun iddeċidiet li ma tapprovax siġill partikolari ta' tip speċjali;

- twettaq konsultazzjoni reċiproka sabiex tintlaħaq valutazzjoni komuni;

- timmonitorja l-użu tas-siġilli ta' tip speċjali minn persuni awtorizzati.

Fejn neċessarju, l-Istati Membri u Partijiet Kontraenti oħrajn, bi qbil ma' xulxin, jistgħu jistabbilixxu sistema ta' numerazzjoni komuni u jiddeċiedu dwar l-użu ta' karatteristiċi u ta' teknoloġija ta' sigurtà komuni.

NEGOZJU

Id-detentur tal-proċedura (prinċipalment il-konsenjatur awtorizzat) irid idaħħal in-numru u l-identifikaturi tas-siġill individwali tas-siġilli ta' tip speċjali fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu u jwaħħal siġilli mhux aktar tard minn meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għall-proċedura komuni ta' tranżitu/għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

VI.3.3 Konsenjatur awtorizzat

Dan il-paragrafu huwa suddiviż kif ġej:

- introduzzjoni (il-Paragrafu VI.3.3.1);
- awtorizzazzjoni (il-Paragrafu VI.3.3.2);
- il-proċeduri (il-Paragrafu VI.3.3.3).

VI.3.3.1 Introduzzjoni

L-Artikoli 84 u 86, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 314 IA

Konsenjatur awtorizzat huwa persuna awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti sabiex twettaq operazzjonijiet ta' tranżitu mingħajr ma tippreżenta l-merkanzija fl-uffiċċju doganali tat-tluq. Dik il-persuna hija d-detentur tal-proċedura. Il-merkanzija trid tkun taħt il-kontroll tal-persuna fil-bini tagħha speċifikat fl-awtorizzazzjoni fil-mument li tniedi d-dikjarazzjoni.

Il-konsenjatur awtorizzat huwa intitolat jippreżenta dikjarazzjoni tat-tranżitu fl-NCTS u jdaħħal l-informazzjoni li ġejja fis-sistema:

- in-numru u l-identifikaturi tas-siġill individwali (jekk twaħħlu s-siġilli);
- il-limitu ta' żmien li sa dan il-merkanzija trid tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;
- l-itinerarju stabbilit, jekk meħtieġ.

Il-konsenjatur awtorizzat għandu jwaħħal is-siġilli ta' tip speċjali, u għaldaqstant il-konsenjatur jeħtieġ awtorizzazzjoni separata (ara l-Paragrafu 3.2).

VI.3.3.2 Awtorizzazzjoni

L-Artikolu 84, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni trid titwettaq f'konformità mal-Paragrafu VI.2.2.

L-Artikolu 193 DA

Sabiex jikseb l-istatus ta' konsenjatur awtorizzat, operatur ekonomiku jeħtieġlu jissodisfa l-kundizzjonijiet (ara VI.2.1) u, barra minn hekk, jeħtieġlu:

- ikun detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex juża garanzija komprensiva jew garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas (inkluż eżoneru mill-garanzija) (ara l-Parti III, il-paragrafu 4);
- juża teknika ta' pproċessar tad-*data* sabiex jikkomunika mal-awtoritajiet doganali.

L-Artikolu 85, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Anness A DA

Sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tagħmel valutazzjoni inizjali, l-applikazzjoni trid tindika kemm jista' jkun:

- stima ta' kemm-il darba fix-xahar applikant jibgħat merkanzija taħt proċedura komuni ta' tranżitu/proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni;
- il-post fejn tkun tinsab il-merkanzija;
- il-post fejn jinżammu r-rekords.

L-awtorità kompetenti tista' titlob lill-applikant jipprovdi d-dettalji addizzjonali jew id-dokumenti ta' sostenn kollha neċessarji għall-ipproċessar tal-applikazzjoni.

L-amministrazzjoni tad-detentur tal-awtorizzazzjoni trid tkun organizzata b'tali mod li tagħmilha faċli li l-informazzjoni dwar il-merkanzija fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu tintrabat mal-informazzjoni fin-noti ta' konsenja, fil-fatturi, eċċ. Ta' importanza partikolari hija l-informazzjoni dwar in-numru u t-tip ta' pakketti, dwar it-tip u l-volum tal-merkanzija u dwar l-istatus doganali tagħha.

Għall-annullament, għar-revoka jew għall-emenda tal-awtorizzazzjoni, ara VI.2.4.

DWANA

L-awtorizzazzjoni trid tispeċifika dan li ġej:

1. l-uffiċċju jew l-uffiċċji doganali tat-tluq li jkunu responsabbli għall-operazzjonijiet tat-tranżitu komuni li għandhom isiru;
2. il-limitu ta' ħin f'minuti disponibbli għall-uffiċċju doganali tat-tluq wara l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, li sa dan dawk l-awtoritajiet jistgħu jwettqu kwalunkwe kontroll neċessarju qabel ir-rilaxx u t-tluq tal-merkanzija;
3. fil-każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, kif il-konsenjatur awtorizzat għandu jinforma lill-uffiċċju doganali tat-tluq bl-operazzjonijiet ta' tranżitu sabiex ikun jista' jwettaq kwalunkwe kontroll neċessarju qabel it-tluq tal-merkanzija;
3. il-kategoriji jew il-movimenti tal-merkanzija li huma eskluži mill-awtorizzazzjoni (jekk ikun hemm);
4. il-miżuri ta' operat u ta' kontroll li l-konsenjatur awtorizzat irid jikkonforma magħhom;
5. kwalunkwe kundizzjoni speċifika relatata ma' arranġamenti ta' tranżitu mwettqa lil hinn mill-ħinijiet normali tax-xogħol tal-uffiċċju/i doganali tat-tluq (jekk applikabbli).

VI.3.3.3 Proċeduri

VI.3.3.3.1 Proċedura ta' tranżitu standard – obbligi tal-konsenjatur awtorizzat

L-Artikolu 86, L-Appendiċi I il-Konvenzjoni

L-Artikolu 314 IA

Il-konsenjatur awtorizzat ma jistax jibda l-operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien speċifikat fl-awtorizzazzjoni (ara VI.3.3.2). Il-konsenjatur awtorizzat isegwi l-istess proċedura bħal dik deskritta f'IV.1.3 ħlief li ma għandux għalfejn jippreżenta l-merkanzija lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Fil-każ ta' kontroll, il-konsenjatur awtorizzat irid jiżgura li l-merkanzija tkun għad-dispożizzjoni tad-dwana.

Meta tapplika dik is-simplifikazzjoni, il-konsenjatur awtorizzat jeħtieġlu jissodisfa l-obbligi u l-kundizzjonijiet kollha miftiehma fl-awtorizzazzjoni tiegħu.

Wara r-rilaxx tal-merkanzija għal proċedura komuni ta' tranżitu/għal proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, il-konsenjatur awtorizzat jistampa t-TAD u, fejn xieraq, l-LoI, u jagħtiha lit-trasportatur.

Il-punt 20.1, il-Kapitolu III, il-Parti I tal-Anness 72-04, IA tal-KDU

Il-punt 20, il-Kapitolu III tal-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-awtorità doganali tista' tawtorizza lill-konsenjatur awtorizzat juża l-lista tat-tagħbija minflok l-LoI bħala l-parti deskrittiva tat-TAD, bil-kundizzjoni li d-*data* kollha tkun disponibbli fl-NCTS. L-użu tal-lista tat-tagħbija huwa deskritt fil-Parti V, it-Taqsima V.3.3.1.2.

Fil-Kaxxa 31 tat-TAD irid jiġi indikat li l-LoI hija ssostitwita mil-lista tat-tagħbija, ir-referenzi tagħha u n-numru totali ta' paġni tal-lista tat-tagħbija. Timbru, li l-mudell tiegħu huwa muri hawn taħt, jista' jintuża għal dan l-għan jew replika elettronika tiegħu.

List of Items replaced by_____ pages of the loading list __(number)__ / _(date)_

Il-messaġġi kollha bejn il-konsenjatur awtorizzat u l-uffiċċju doganali tat-tluq jiġu skambjati bl-użu ta' tekniki ta' proċessar tad-*data*.

B'mod ġenerali, il-ħinijiet li matulhom il-konsenjatur awtorizzat jista' jibda proċedura komuni ta' tranżitu/proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni jridu jikkoinċidu mal-ħinijiet normali tal-ftuħ tal-uffiċċju

doganali tat-tluq.

Madankollu, b'kunsiderazzjoni tal-attivitajiet individwali ta' ċerti operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu fl-awtorizzazzjoni dispożizzjoni li tistipula li proċedura komuni ta' tranżitu/proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni tista' tibda barra mill-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju relevanti.

L-awtorizzazzjoni tistipula liema miżuri ta' identifikazzjoni jridu jittieħdu u jekk dawn jiġux applikati mill-konsenjatur awtorizzat jew mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Jekk il-konsenjatur awtorizzat ikun meħtieġ jissiġilla l-mezz tat-trasport jew il-pakketti, jeħtieġlu juża s-siġilli ta' tip speċjali fuq il-bażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija lilu.

Is-siġilli ta' tip speċjali jridu jikkonformaw mal-karatteristiċi tas-siġilli deskritti f'IV.2.3.8.2 u f'IV.2.3.2.

Id-dwana tista' teżonera mir-rekwiżit li jintużaw siġilli meta l-konsenjatur awtorizzat

- jipprovdi deskrizzjoni tal-merkanzija li tkun preċiża biżżejjed sabiex tippermetti identifikazzjoni faċli tal-merkanzija; u
- jiddikjara l-kwantità u n-natura tagħhom u kwalunkwe karatteristika speċifika bħan-numru tas-serje tal-merkanzija.

L-awtorizzazzjoni trid tistipula ċ-ċirkostanzi li fihom għandhom jintużaw siġilli jew miżuri oħrajn ta' identifikazzjoni.

VI.3.3.3.2 Proċedura tal-kontinwità tal-operat – obbligi tal-konsenjatur awtorizzat

L-Anness II, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Anness 72-04 IA

Jekk l-NCTS jew is-sistema elettronika tal-konsenjatur awtorizzat ma tkunx disponibbli, il-konsenjatur awtorizzat irid jikkuntattja lill-awtoritajiet kompetenti u jitlob l-approvazzjoni sabiex juża proċedura tal-kontinwità tal-operat.

Wara li tingħata l-approvazzjoni, il-konsenjatur awtorizzat jista' juża d-DAU, il-verżjoni stampata tad-DAU jew it-TAD bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu trid timtela billi jiddaħlu:

- fil-Kaxxa 44, l-itinerarju predefinit, jekk xieraq;
- fil-Kaxxa D, il-limitu ta' żmien għall-konsenja tal-merkanzija lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni u l-

informazzjoni dwar is-siġilli mwaħħlin (jekk ikun hemm);

- l-approvazzjoni "Konsenjatur awtorizzat — 99206";
- id-data li fiha tiġi kkonsenjata l-merkanzija;
- il-kodiċi "A3";
- numru tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu (f'konformità mar-regoli miftiehma mal-uffiċċju doganali tat-tluq jew stabbiliti fl-awtorizzazzjoni).

Id-DAU jew it-TAD jistgħu jiġu prodotti f'wieħed mill-modi li ġejjin.

- Jiġu stampati minn qabel bit-timbru tal-uffiċċju doganali tat-tluq u ffirmati minn uffiċjal ta' dak l-uffiċċju fil-Kaxxa C. Id-DAU jew it-TADs awtentikati minn qabel jiġu nnumerati b'mod konsekuttiv minn qabel u jridu jiġu rreġistrati mill-uffiċċju doganali. Kwalunkwe formoli DAU-BIS, listi tat-tagħbija jew Listi ta' Oġġetti li jakkumpanjaw DAU jew TADs awtentikati minn qabel iridu jiġu awtentikati minn qabel ukoll.
- Jiġu stampati mill-konsenjatur awtorizzat b'timbru speċjali approvat mill-awtorità kompetenti u bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness B9 tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni/fl-Anness 72-04-IA. It-timbru jista' jiġi stampat minn qabel fuq il-formoli, fejn jintuża stampatur approvat għal dak l-għan.

  Il-konsenjatur awtorizzat jeħtieġlu jimla l-kaxxa billi jdaħħal id-data li fiha ntbagħtet il-merkanzija u jalloka numru lid-dikjarazzjoni tat-tranżitu f'konformità mar-regoli previsti fl-awtorizzazzjoni.

It-timbru jitpoġġa fuq il-kopji 1, 4 u 5 tad-DAU jew fuq żewġ kopji tat-TAD, kif ukoll fuq il-kopji kollha tal-formoli DAU-BIS, fuq listi tat-tagħbija jew fuq Listi ta' Oġġetti.

In-numru tad-DAU jew tat-TAD jissemma fil-Kaxxa 3 tat-timbru speċjali. Jista' jiġi stampat minn qabel fl-istess żmien tat-timbru u fil-marka tiegħu. L-awtorizzazzjoni tistipula li n-numerazzjoni trid tifforma parti minn serje li ma taqtax.

It-timbru jista' jiġi stampat minn qabel fuq id-DAU jew fuq it-TADs. Negozjanti li jixtiequ jużaw il-metodu stampat minn qabel jeħtiġilhom jużaw stamperija approvata mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn ikun stabbilit il-konsenjatur awtorizzat.

L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lil konsenjaturi

awtorizzati sabiex jimlew DAU jew TADs bl-użu ta' teknika ta' proċessar tad-*data*. F'każijiet bħal dawn, l-istampa tat-timbru speċjali stampata mill-kompjuter tista' tvarja ftit.

Nota: jintuża timbru speċjali mill-awtoritajiet doganali Taljani. Kampjun ta' dak it-timbru huwa riprodott fl-Anness VI.8.1.

Konsenjaturi awtorizzati jeħtiġilhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw is-salvagwardja tat-timbru speċjali jew tad-DAU jew tat-TADs awtentikati minn qabel jew stampati minn qabel sabiex jevitaw milli jintużaw ħażin, jintilfu jew jinsterqu u jeħtiġilhom jippreżentawhom lill-awtoritajiet doganali meta meħtieġ.

Id-dwana tista' twettaq verifika ta' wara r-rilaxx sabiex tistabbilixxi jekk il-konsenjatur awtorizzat ikunx ħa l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżgura s-salvagwardja tat-timbru speċjali u tal-formoli li jkollhom fuqhom it-timbru tal-uffiċċju doganali tat-tluq jew it-timbru speċjali.

Fejn id-DAU jew TADs li jkollhom it-timbru speċjali isiru bl-użu ta' tekniki ta' proċessar tad-*data*, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-konsenjatur awtorizzat sabiex ma jiffirmahomx.

Il-konsenjaturi awtorizzati li jiksbu din l-awtorizzazzjoni jeħtiġilhom idaħħlu l-kliem "Rinunzja tal-firma — 99207" fil-Kaxxa 50 tad-DAU jew tat-TAD.

Din ir-rinunzja hija soġġetta għall-kundizzjoni li l-konsenjatur awtorizzat ikun ta minn qabel, lill-awtoritajiet doganali, impenn bil-miktub li fih jirrikonoxxi li huwa d-detentur tal-proċedura għall-operazzjonijiet kollha ta' tranżitu mwettqin taħt il-kopertura tad-DAU jew tat-TADs bit-timbru speċjali.

Meta tittieħed id-deċiżjoni li jsir treġġigħ lura għal proċedura tal-kontinwità tal-operat, huwa importanti li jiġi żgurat li kwalunkwe dikjarazzjoni mdaħħla fl-NCTS iżda mhux ipproċessata aktar minħabba nuqqas ta' funzjonament tas-sistema tiġi invalidata.

VI.3.3.3.2.1 Miżuri ta' identifikazzjoni

Ara: VI.3.3.3.1.

Meta ma jkunux meħtieġa siġilli, il-konsenjatur awtorizzat jeħtieġlu jdaħħal il-kliem "Rinunzja — 99201" fil-Kaxxa D tad-DAU jew tat-TAD wara l-kliem "siġilli mwaħħlin".

VI.3.3.3.2.2 Tluq tal-merkanzija

Il-konsenjatur awtorizzat jeħtieġlu jimla d-DAU jew it-TAD.

Jeħtieġlu jinforma lill-uffiċċju doganali tat-tluq, bil-fax, bil-posta elettronika jew b'xi mod ieħor miftiehem fl-awtorizzazzjoni tal-operazzjonijiet ta' tranżitu kollha li ġejjin. B'dan il-mod, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, jekk ikun neċessarju, iwettqu kontrolli qabel ir-rilaxx tal-merkanzija.

L-informazzjoni tintbagħat lill-awtorità doganali jeħtiġilha tinkludi dawn li ġejjin:

- dettalji tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu;
- id-data u l-ħin tad-dispaċċ tal-merkanzija u d-dettalji tas-siġilli li għandhom jitwaħħlu, jekk ikun xieraq;
- id-deskrizzjoni kummerċjali normali tal-merkanzija;
- in-numri tad-dokumenti mehmużin, jekk ikun xieraq.

B'mod ġenerali, il-ħinijiet li matulhom il-konsenjatur awtorizzat jista' jibda proċedura komuni ta' tranżitu/proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni jridu jikkoinċidu mal-ħinijiet tal-ftuħ normali tal-uffiċċju doganali lokali.

Madankollu, b'kunsiderazzjoni tal-attivitajiet individwali ta' ċerti operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu fl-awtorizzazzjoni d-dispożizzjoni li proċedura komuni ta' tranżitu/proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni tista' tibda barra mill-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju relevanti.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw konsenjaturi awtorizzati li jikkonsenjaw merkanzija skont skeda regolari (ġranet u ħinijiet fissi) sabiex jipprovdu d-dettalji tal-iskeda lill-uffiċċju doganali xieraq. Id-dwana tista' teżenta lill-konsenjatur milli jagħti informazzjoni malli kull konsenja tintbagħat u tipprekludi l-intervent tal-uffiċċju doganali tat-tluq.

Fejn l-awtoritajiet doganali ma jikkontrollawx il-merkanzija qabel it-tluq tagħhom, il-konsenjatur awtorizzat jeħtieġlu, mhux aktar tard mill-konsenja tal-merkanzija, idaħħal:

- fil-Kaxxa 44 tal-kopja 1 tad-DAU jew tal-ewwel kopja tat-TAD id-dettalji tal-itinerarju predefinit (jekk applikabbli);
- fil-Kaxxa 50 tal-kopja 1 tad-DAU jew tal-ewwel kopja tat-

TAD il-kliem “rinunzja tal-firma”, fejn applikabbli; u,

- fil-Kaxxa D tal-kopja 1 tad-DAU jew tal-ewwel kopja tat-TAD

- il-limitu ta’ żmien li fih il-merkanzija trid tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (trid tissemma’ data u mhux in-numru ta’ jiem);
- id-dettalji tas-siġilli użati (jew il-kelma “rinunzja”, fejn applikabbli);
- il-kliem “konsenjatur awtorizzat”;
- il-kodiċi “A3”; u
- timbru li jindika l-użu tal-proċedura tal-kontinwità tal-operat. L-Anness V.1.8.1 fih it-timbru tal-kontinwità tal-operat fil-lingwi differenti.

F’każijiet li fihom l-awtoritajiet doganali tal-uffiċċju doganali tat-tluq jivverifikaw il-merkanzija, jeħtiġilhom jirreġistraw il-fatt fil-Kaxxa D tad-DAU jew tat-TAD.

Il-kopji 4 u 5 tad-DAU jew it-tieni kopja tat-TAD iridu jingħataw lit-trasportatur. Il-konsenjatur awtorizzat għandu jżomm il-kopja 1 tad-DAU jew l-ewwel kopja tat-TAD.

Wara t-tluq tal-merkanzija, il-konsenjatur awtorizzat jeħtieġlu jibgħat il-kopja Nru 1 tad-DAU jew l-ewwel kopja tat-TAD lill-uffiċċju doganali tat-tluq mingħajr dewmien u fil-limitu ta’ żmien speċifikat fl-awtorizzazzjoni.

DWANA
L-uffiċċju tad-dwana tat-tluq:
- iżomm il-kopja 1 tad-DAU jew l-ewwel kopja tat-TAD;
- jivverifika n-numerazzjoni konsekuttiva tad-DAU jew tat-TADs (DAU jew TADs awtentikati minn qabel li ma jintużawx iridu jiġu rritornati lid-dwana).

VI.3.4 Konsenjatarju awtorizzat

Dan il-paragrafu huwa suddiviż kif ġej:

- introduzzjoni (il-Paragrafu VI.3.4.1);
- awtorizzazzjoni (il-Paragrafu VI.3.4.2);
- il-proċeduri (il-Paragrafu VI.3.4.3).

VI.3.4.1 Introduzzjoni

Ir-regola ġenerali hija li l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura

komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni flimkien mad-dokumenti korrispondenti jridu jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Madankollu, awtorizzazzjoni bħala konsenjatarju awtorizzat tippermetti li l-operatur ekonomiku jirċievi l-merkanzija fil-bini tiegħu, jew fi kwalunkwe post ieħor speċifikat, mingħajr il-preżentazzjoni tagħha fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

VI.3.4.2 Awtorizzazzjoni

Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni trid titwettaq f'konformità ma' VI.2.2, sakemm ma jkunx previst mod ieħor hawn taħt.

Sabiex jinkiseb l-istatus ta' konsenjatarju awtorizzat, operatur ekonomiku jeħtieġlu jissodisfa l-kundizzjonijiet (ara VI.2.1).

L-awtorizzazzjoni bħala konsenjatarju awtorizzat tista' tingħata biss jekk l-operatur ekonomiku, minbarra l-kundizzjonijiet l-oħrajn, juża teknika ta' proċessar tad-*data* sabiex jikkomunika mal-awtoritajiet doganali.

Sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tagħmel valutazzjoni inizjali, l-applikazzjoni trid tindika kemm jista' jkun:

L-Artikolu 89, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Anness A-DA

- stima ta' kemm-il darba fix-xahar applikant jirċievi merkanzija taħt proċedura komuni ta' tranżitu/proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni;
- il-post fejn tkun tinsab il-merkanzija;
- il-post fejn jinżammu r-rekords.

Il-konsenjatarju awtorizzat jeħtieġlu jkun organizzat b'tali mod li tkun faċli sabiex l-informazzjoni dwar il-merkanzija fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu tintrabat mal-informazzjoni fir-rekords tal-konsenjatarju awtorizzat sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jivverifikaw il-moviment. Ta' importanza partikolari hija l-informazzjoni dwar il-volum u t-tip tal-merkanzija u l-volum tal-merkanzija u l-istatus doganali tagħha.

Għall-annullament, għar-revoka jew għall-emenda tal-awtorizzazzjoni, ara VI.2.4.

L-awtorizzazzjoni trid tispeċifika dan li ġej:

1. l-uffiċċju doganali jew l-uffiċċji doganali tad-destinazzjoni responsabbli għas-superviżjoni tal-konsenjatarju awtorizzat;
2. il-limitu ta' żmien f'minuti disponibbli għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni wara t-tmiem ta' proċedura ta' tranżitu, li sa dan dawk l-awtoritajiet jistgħu jwettqu kwalunkwe kontroll neċessarju qabel ir-rilaxx tal-merkanzija;
3. fil-każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, kif il-konsenjatarju awtorizzat għandu jinforma lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni bl-operazzjonijiet ta' tranżitu sabiex ikun jista' jwettaq kwalunkwe kontroll neċessarju qabel ir-rilaxx tal-merkanzija;
4. il-kategoriji jew il-movimenti ta' merkanzija li huma eskluži mill-awtorizzazzjoni (jekk ikun hemm);
5. il-miżuri ta' operat u ta' kontroll li l-konsenjatarju awtorizzat irid jikkonforma magħhom;
6. kwalunkwe kundizzjoni speċifika relatata ma' arranġamenti ta' tranżitu mwettqa lil hinn mill-ħinijiet normali tax-xogħol tal-uffiċċju/i doganali tad-destinazzjoni (jekk applikabbli).

VI.3.4.3 Ħażna temporanja

L-Artikoli 144, 145(1), (3) u (11), 147 u 148 KDU, L-Artikolu 115 DA

Dan il-paragrafu jikkonċerna l-UE biss.

Meta l-merkanzija tiġi ppreżentata fil-bini tal-konsenjatarju awtorizzat u l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni tkun intemmet, il-merkanzija titqiegħdu f'ħażna temporanja.

Il-merkanzija mqiegħda f'ħażna temporanja tista' tinħażen f'faċilitajiet ta' ħażna temporanja jew f'postijiet oħrajn deżinjati jew approvati mill-awtoritajiet doganali. Madankollu, meta l-merkanzija tinħażen f'dawk il-postijiet l-oħrajn, għandha tiġi ddikjarata għal proċedura doganali sussegwenti jew tiġi esportata mill-ġdid mhux aktar tard min sitt ijiem wara l-preżentazzjoni tagħha (sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux li l-merkanzija tiġi eżaminata).

L-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' ħażna temporanja teħtieġ li l-awtorizzazzjoni tingħata mill-awtoritajiet doganali kompetenti.

Sakemm ma jkunx japplika l-eżoneru mill-garanzija, il-garanzija għandha tiġi ppreżentata irrispettivament mill-post tal-ħażna temporanja (faċilitajiet ta' ħażna temporanja jew il-post deżinjat jew approvat mill-awtoritajiet doganali).

VI.3.4.4 Proċeduri

VI.3.4.4.1 Proċedura ta' tranżitu standard

L-Artikolu 88, L-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikoli 315-316 IA

Il-konsenjatarju awtorizzat isegwi l-istess proċedura bħal dik deskritta f'IV.4.3 ħlief għall-obbligi li ġejjin li l-konsenjatarju jrid jissodisfa (fis-sekwenza mogħtija):

- il-merkanzija trid tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;
- wara l-wasla tal-merkanzija fil-post speċifikat fl-awtorizzazzjoni, il-konsenjatarju jrid jibgħat immedjatament il-messaġġ ta' "Notifika tal-wasla" (IE007) lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni u jinformah bi kwalunkwe irregolarità jew inċident li seħħ matul it-trasport (eż. tneħħija ta' siġilli);
- huwa jrid jistenna l-iskadenza tal-arloġġ u l-wasla tal-messaġġ ta' "Awtorizzazzjoni għall-ħatt" (IE043) u jagħti l-possibbiltà lid-dwana tivverifika l-merkanzija qabel il-ħatt tagħha;
- huwa jrid jikkontrolla u jħott il-merkanzija;
- huwa jrid jibgħat il-messaġġ ta' "Rimarki tal-ħatt"(IE044) lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, filwaqt li jindika kwalunkwe irregolarità sa mhux aktar tard mit-tielet jum wara l-jum li fih ikun irċieva l-permess sabiex iħott il-merkanzija.

Fuq it-talba tat-trasportatur, il-konsenjatarju awtorizzat joħroġ l-irċevuta li tiċċertifika l-wasla tal-merkanzija f'post speċifikat fl-awtorizzazzjoni u jkun fiha referenza għall-MRN tal-operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni. L-irċevuta trid tiġi pprovduta bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness B10, l-Appendiċi III, il-Konvenzjoni/fl-Anness 72-03 IA.

VI.3.4.4.2 Proċedura tal-kontinwità tal-operat

F'każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, il-konsenjatarju awtorizzat irid jinforma mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe mezz li jkunu ftiehmu dwaru fl-awtorizzazzjoni (bil-fax, bil-posta elettronika jew b'mod ieħor) dwar il-wasla tal-merkanzija. Wara l-permess għall-ħatt mogħti mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, huwa jista' jħott il-merkanzija fil-post jew il-postijiet speċifikati fl-awtorizzazzjoni.

Il-konsenjatarju awtorizzat irid jindika d-data tal-wasla, l-istat attwali tas-siġill(i), il-kodiċi tar-riżultat tal-kontroll, u t-timbru tal-awtorizzazzjoni tiegħu fuq il-kopji 4 u 5 tad-DAU jew fuq it-tieni

kopja tat-TAD, li akkumpanjaw il-merkanzija, u jwassalhom lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni kemm jista' jkun malajr, mhux aktar tard mill-jum ta' xogħol ta' wara.

Il-konsenjatarju awtorizzat jeħtieġlu jinforma lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni bil-wasla tal-merkanzija f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-kontrolli, fejn neċessarji, qabel ir-rilaxx tal-merkanzija.

L-informazzjoni mibgħuta lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jkun fiha dan li ġej:
- in-numru tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu;
- id-data u l-ħin tal-wasla tal-merkanzija u l-kundizzjoni tas-siġilli, jekk ikun xieraq;
- id-deskrizzjoni kummerċjali normali tal-merkanzija (inkluż il-kodiċi HS, jekk dan ikun parti mid-dikjarazzjoni);
- id-dettalji ta' kwantitajiet żejda, nuqqasijiet, sostituzzjonijiet jew irregolaritajiet oħrajn bħal siġilli mkissrin.

B'mod ġenerali, il-ħinijiet li matulhom il-konsenjatarji awtorizzati jistgħu jirċievu l-merkanzija jikkoinċidu mal-ħinijiet normali tal-ftuħ tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Madankollu, b'kunsiderazzjoni tal-attivitajiet individwali ta' ċerti operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu fl-awtorizzazzjoni d-dispożizzjoni li merkanzija li tasal barra mill-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju relevanti tista' tiġi rrilaxxata mill-konsenjatarju awtorizzat.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lil konsenjatarji awtorizzati li jirċievu konsenji skont skeda regolari (ġranet u ħinijiet fissi) sabiex jipprovdu d-dettalji tal-iskeda lill-uffiċċju doganali xieraq. Dan jista' jeżenta lill-konsenjatarju awtorizzat milli jagħti informazzjoni meta tasal kull konsenja u jippermettulu jiddisponi mill-merkanzija fil-ħin tal-wasla mingħajr l-intervent tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

<u>Nota:</u> fil-każijiet kollha li fihom jinstabu kwantitajiet żejda, nuqqasijiet, sostituzzjonijiet jew irregolaritajiet oħrajn bħal siġilli mkissrin, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jiġi informat immedjatament.

Jekk l-awtoritajiet doganali jiddeċiedu li jeżaminaw il-merkanzija, ma għandhiex tinħatt mill-konsenjatarju awtorizzat. Jekk id-dwana ma tkunx tixtieq teżamina l-merkanzija, il-konsenjatarju awtorizzat

jeħtieġlu jingħata permess li jħottha.

Meta l-awtoritajiet doganali ma jivverifikawx il-konsenja mal-wasla, il-konsenjatarju awtorizzat jeħtieġlu jdaħħal fid-diviżjoni tax-xellug tal-Kaxxa I tal-kopji 4 u 5 tad-DAU jew tat-tieni kopja tat-TAD u, jekk applikabbli, fir-rekords tiegħu:

- id-data tal-wasla; u,
- il-kundizzjoni ta' kwalunkwe siġill imwaħħal.

Nota: it-tieni subdiviżjoni tal-Kaxxa I hija rriżervata għall-entrati tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Il-kopji 4 u 5 tad-DAU jew it-tieni kopja tat-TAD trid tintbagħat mingħajr dewmien mill-konsenjatarju awtorizzat lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

DWANA

Dwar:

- iż-żamma ta' rekord, il-kontroll jew l-annotazzjoni tad-DAU jew tat-TAD;
- ir-ritorn tal-kopja 5 tad-DAU jew tat-tieni kopja tat-TAD lill-uffiċċju doganali tat-tluq;
- it-trattament ta' irregolaritajiet; il-kontrolli possibbli, eċċ.;

id-dispożizzjonijiet tal-Parti IV japplikaw *mutatis mutandis*.

VI.3.5 Merkanzija ttrasportata bil-ferrovija

VI.3.5.1 Simplifikazzjonijiet applikabbli għall-proċeduri ta' tranżitu bil-ferrovija

It-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija ilu liberalizzat fl-UE mill-bidu tal-2007, kemm għas-servizzi nazzjonali kif ukoll għal dawk internazzjonali. Il-merkanzija ttrasportata bil-ferrovija taħt kundizzjonijiet liberalizzati trid issegwi l-istess proċedura ta' tranżitu standard bħal dik għal kwalunkwe moviment ta' tranżitu ieħor. Dan għandu jseħħ taħt kopertura ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu standard bl-użu tal-NCTS kif deskritta fid-dettall fil-Parti IV jew bi proċedura ta' tranżitu oħra deskritta f'I.4.2 tal-Parti I bħal dik għal kwalunkwe moviment ta' tranżitu ieħor.

It-Taqsima VI.3.5.2 hawn taħt tindika ċerti partikolaritajiet dedikati għall-ferroviji meta tintuża l-proċedura standard.

Minkejja l-liberalizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, matul perjodu tranżitorju, xorta tista' tiġi applikata "proċedura ta' tranżitu speċjali bbażata fuq il-karti għall-ferroviji" sakemm l-

NCTS tiġi aġġornata f'konformità mal-programm ta' ħidma tal-KDU. Madankollu, din il-proċedura bbażata fuq il-karti tista' tintuża biss meta tal-anqas żewġ impriżi ferrovjarji jkunu qegħdin joperaw taħt is-sistema ta' trasport fil-modalità ta' kooperazzjoni, li għadha teżisti fis-suq liberalizzat, minkejja li l-użu tagħha qiegħed jonqos. Ara t-Taqsima VI.3.5.3.

Sakemm l-NCTS tiġi aġġornata f'konformità mal-Programm ta' Ħidma tal-KDU, l-Istati Membri għandhom ukoll il-possibbiltà li jkomplu japplikaw proċeduri ta' tranżitu oħrajn tal-Unjoni bbażati fuq il-karti. L-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tranżitorja hija spjegata fid-dettall fit-Taqsima VI.3.5.4.

Barra minn hekk, huwa possibbli li l-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata bil-ferrovija minn punt għall-ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni permezz tat-territorju ta' pajjiż ta' tranżitu komuni mingħajr ma jinbidel l-istatus doganali tagħhom u mingħajr ma titqiegħed taħt proċedura doganali, kif deskritt fit-Taqsima VI.3.5.5.

VI.3.5.2Il-proċedura standard għall-ferroviji u l-partikolaritajiet tagħha

Meta l-merkanzija tiġi ttrasportata taħt il-kopertura ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu standard bl-użu tal-NCTS, kif deskritt fid-dettall fil-Parti IV, japplikaw ċerti varjazzjonijiet dedikati għall-ferroviji.

L-uffiċċju doganali kompetenti għall-istazzjon tat-tluq huwa l-uffiċċju doganali tat-tluq. L-uffiċċju doganali kompetenti għall-istazzjon tad-destinazzjoni huwa l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Jekk il-moviment bil-ferrovija jkun beda qabel id-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni, l-istazzjon fl-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul ikun l-istazzjon tat-tluq. Jekk it-trasport bil-ferrovija jkompli wara t-tluq mit-territorju doganali tal-Unjoni jew mill-pajjiż ta' tranżitu komuni mingħajr dħul mill-ġdid, l-istazzjon fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ ikun l-istazzjon tad-destinazzjoni.

L-Artikolu 302(2)(b), IA
L-Artikolu 39 (2)(b), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Permezz ta' deroga mill-obbligu ġenerali li jiġu ssiġillati l-konsenji għal skopijiet ta' identifikazzjoni, la l-mezzi tat-trasport u lanqas il-pakketti individwali li jkun fihom il-merkanzija ma jridu jiġu ssiġillati jekk il-kumpaniji ferrovjarji jkunu applikaw miżuri ta' identifikazzjoni.

Minkejja din id-deroga, l-uffiċċju doganali tat-tluq xorta jista'

jiddeċiedi li jissiġilla l-konsenji għal skopijiet ta' identifikazzjoni.

L-Artikolu 304(6), IA
L-Artikolu 43(5), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Il-merkanzija ttrasportata bil-ferrovija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu jew il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni ma għandhomx bżonn jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu bil-kundizzjoni li l-uffiċċju doganali tat-tranżitu jkun jista' jivverifika l-passaġġ tal-fruntieri tal-merkanzija b'mezzi oħrajn.

Tali verifika għandha ssir biss meta tkun meħtieġa. Il-verifika tista' ssir b'mod retrospettiv.

L-Artikolu 305(1)(f) u (4), IA

L-Artikolu 44(1)(f) u 2(b), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Meta l-vaguni jiġu rtirati minn sett ta' vaguni jew vaguni ferrovjarji akkoppjati minħabba problemi tekniċi, mill-perspettiva doganali jikkostitwixxi inċident matul it-trasport. Madankollu, it-trasportatur jista' jkompli l-operazzjoni ta' tranżitu skont il-proċedura ta' tranżitu eżistenti. Il-kliem "problemi tekniċi" għandu jiġi interpretat b'mod wiesa', li jkopri wkoll avvenimenti bħal diviżjoni ta' ferroviji jew irtirar ta' vaguni minħabba disturbi operazzjonali mhux previsti.

L-Artikolu 305(6), IA
L-Artikolu 44(3), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 309(1), (2) u (3) IA
L-Artikolu 47(4), (5), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Meta jseħħ l-inċident, irid jiġi annotat mit-trasportatur li jkollu l-merkanzija fit-TAD u jiddaħħal fis-sistema NCTS mill-Uffiċċju Doganali tad-Destinazzjoni.

Il-vaguni rtirati jibqgħu koperti bid-dikjarazzjoni tat-tranżitu kif indikat fuq il-kopja tat-TAD (jew kwalunkwe formola xierqa oħra li tindika l-MRN u li tirreferi għall-inċident) li takkumpanja l-vaguni rtirati. Madankollu, iridu jiġu ppreżentati lill-Uffiċċju Doganali tad-Destinazzjoni fi żmien sitt ijiem li l-ewwel vaguni jkunu ġew ippreżentati lil dak l-uffiċċju doganali u li l-operazzjoni ta' tranżitu tkun intemmet. L-Uffiċċju doganali tad-Destinazzjoni jrid jirritorna r-riżultati tal-kontroll fi żmien dawn is-sitt ijiem.

Meta l-merkanzija tkun diġà qed tiġi ttrasportata lejn l-istazzjon tad-destinazzjoni qabel ma tibda proċedura ta' inkjesta, tista' tibqa' taħt il-proċedura ta' tranżitu eżistenti sakemm tasal. Meta fiż-żmien tal-inkjesta, il-merkanzija tkun għadha mblokkata fil-post fejn seħħ l-inċident, jeħtieġ li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni tat-tranżitu ġdida għall-moviment ulterjuri. Il-proċedura eżatta li tkun applikabbli għall-vaguni rtirati tiġi vvalutata każ b'każ. Fil-prinċipju, tali valutazzjoni għandha titwettaq mill-Uffiċċju Doganali ta' kompetenza għall-post fejn iseħħ l-inċident u, barra minn hekk, l-Uffiċċju Doganali tat-Tluq jikkonsulta lill-Uffiċċju Doganali tad-Destinazzjoni matul il-proċedura ta' inkjesta, jekk titnieda. Ir-rekwiżit li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ġdida ta' tranżitu għall-vaguni rtirati li ma kinux ippreżentati fi żmien l-iskadenza ta' sitt

ijiem huwa wieħed mill-eżiti possibbli.

Il-merkanzija ppreżentata fl-Uffiċċju Doganali tad-Destinazzjoni tista' tiġi rrilaxxata mit-tranżitu u titqiegħed taħt proċedura doganali konsekuttiva jew ħażna temporanja, jekk tiġi pprovduta soluzzjoni nazzjonali. Il-parti tal-ammont ta' referenza tal-garanzija li kienet imblokkata, tista' terġa' tintuża mill-mument li fih tkun tintemm l-operazzjoni ta' tranżitu (u anki f'dan il-każ, parti mill-konsenja kienet għadha ma ġietx ippreżentata). Madankollu, il-proċedura ta' tranżitu ma ġietx rilaxxata u d-dwana xorta tista' titlob il-garanzija f'każ ta' bżonn, eż. jekk il-vagun irtirat qatt ma jasal.

Jekk il-vaguni jaslu fi żmien sitt ijiem, ir-riżultat tal-kontroll jista' jintbagħat sabiex jikkonferma li l-merkanzija kollha waslet b'mod korrett bil-kodiċi A korrispondenti u l-Uffiċċju Doganali tat-Tluq jista' sussegwentement jirrilaxxa l-proċedura ta' tranżitu.

Madankollu, jekk il-vaguni ma jaslux fi żmien sitt ijiem, il-proċedura ta' tranżitu ma tistax tiġi rrilaxxata. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jrid jibgħat ir-riżultati tal-kontroll bil-kodiċi B u jindika li l-vaguni/il-merkanzija hija nieqsa. Il-kwistjoni trid tiġi solvuta ulterjorment fil-kuntest tal-proċedura ta' inkjesta u fuq il-bażi tal-azzjoni meħuda mill-uffiċċju tal-inċident.

Mill-varar tal-NCTS 5 fl-uffiċċju doganali tat-tluq, l-iskadenza sabiex jintbagħtu r-riżultati tal-kontroll tiġi estiża għal 12-il jum. Il-proċess deskritt hawn fuq jiġi ġestit bħala "rilaxx parzjali" fl-NCTS 5. Il-Manwal ta' Tranżitu jiġi emendat fi stadju aktar tard sabiex jiddeskrivi r-regoli proċedurali applikabbli għall-NCTS 5, billi jibbaża fuq l-esperjenza tal-prekursuri.

Is-simplifikazzjonijiet li ġejjin japplikaw ukoll għall-merkanzija ttrasportata bil-ferrovija mal-awtorizzazzjoni:

- tal-istatus tal-konsenjatur awtorizzat (ara l-Parti VI); u
- tal-istatus tal-konsenjatarju awtorizzat (ara l-Parti VI).

VI.3.5.3 Proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji (dispożizzjoni tranżitorja)

VI.3.5.3.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 24 TDA

L-Artikolu 55(f), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bil-ferrovija hija proċedura tranżitorja. Tinvolvi l-użu tan-nota ta' konsenja CIM ibbażata fuq il-karti bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-merkanzija ttrasportata minn impriżi ferrovjarji

awtorizzati. In-nota ta' konsenja tas-CIM ibbażata fuq il-karti tista' tintuża sal-implimentazzjoni tal-NCTS aġġornata (fażi 5)[34].

L-aġġornament tal-fażi 5 tal-NCTS jinkludi karatteristiċi li jiffaċilitaw il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu doganali għat-trasport ferrovjarju. Għaldaqstant, ladarba l-aġġornament tal-fażi 5 tal-NCTS ikun ġie varat fl-uffiċċju doganali tat-tluq, tapplika l-proċedura ta' tranżitu standard ibbażata fuq l-NCTS deskritta fil-Parti IV.

L-użu tan-nota ta' konsenja CIM ibbażata fuq il-karti bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu ma huwiex obbligatorju. Impriża ferrovjarja tista' tagħżel li tuża l-proċedura ta' tranżitu standard ibbażata fuq l-NCTS. F'dak il-każ, in-nota ta' konsenja CIM isservi biss bħala dokument tat-trasport u jkunu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' tranżitu standard kollha kif deskritti fil-Parti IV u fit-Taqsima VI.3.5.2 aktar 'il fuq.

Il-proċedura ta' tranżitu standard tapplika wkoll jekk tintuża l-formola elettronika tan-nota ta' konsenja CIM minflok il-formola bbażata fuq il-karti. Id-*data* f'dokument tat-trasport elettroniku li jintuża mill-kumpaniji ferrovjarji bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu tiġi pproċessata mill-NCTS.

VI.3.5.3.2 Kundizzjonijiet għall-użu tan-nota ta' konsenja CIM ibbażata fuq il-karti bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu

L-Artikolu 30 TDA

L-Artikolu 91, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Sabiex isir użu min-nota ta' konsenja CIM bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-tranżitu tal-Unjoni jew komuni, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin.

1. Il-merkanzija trid tiġi ttrasportata minn impriża ferrovjarja f'konformità mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980 fil-verżjoni tal-Protokoll tal-Modifika tat-3 ta' Ġunju 1999.

2. L-impriżi ferrovjarji li jwettqu l-operazzjoni ta' trasport fit-territorju doganali tal-Unjoni jew fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni jeħtieġ li jkunu impriżi ferrovjarji awtorizzati, jew xi wħud minnhom jeħtieġ li jkollhom awtorizzazzjoni nazzjonali bħala "impriża ferrovjarja intermedja".

[34] F'konformità mal-programm ta' ħidma tal-KDU.

L-Artikolu 32(1) TDA

L-Artikolu 94(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

3. Suċċessivament, il-merkanzija trid tittieħed taħt il-kontroll u tiġi ttrasportata minn impriżi ferrovjarji awtorizzati differenti fil-livell nazzjonali, sabiex ikun possibbli li l-merkanzija tiġi ttrasportata lejn u mill-eqreb stazzjon f'territorju ġar b'mod li jkun miftiehem bejn it-trasportaturi.

4. L-impriżi ferrovjarji involuti jeħtiġilhom jiddikjaraw huma stess li huma responsabbli b'mod konġunt quddiem l-awtorità doganali għal kwalunkwe dejn doganali potenzjali (dazji fuq l-importazzjoni u imposti oħrajn).

L-Artikoli 29 u 32(3), 41(1), 41(2) TDA

L-Artikoli 92(2) u 94(3) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

5. L-impriżi ferrovjarji, permezz tal-uffiċċji tal-kontabilità tagħhom u f'kooperazzjoni ma' xulxin, jeħtiġilhom joperaw sistema miftiehma b'mod komuni sabiex jivverifikaw u jinvestigaw l-irregolaritajiet fil-moviment tal-merkanzija tagħhom (ara wkoll it-Taqsima VI.3.5.3.5.1 How the accounting offices).

6. L-impriżi ferrovjarji jeħtiġilhom ikunu responsabbli:
   (a) għas-saldu separat tal-kostijiet tat-trasport;
   (b) għad-diżaggregazzjoni tal-kostijiet tat-trasport, skont il-pajjiż;
   (c) għall-ħlas tas-sehem rispettiv tal-kostijiet; u
   (d) għal sistema ta' verifika u ta' investigazzjoni tal-irregolaritajiet.

   L-awtorità doganali kompetenti jeħtieġ li jkollha aċċess għad-*data* fl-uffiċċju tal-kontabilità tal-impriża ferrovjarja rispettiva.

Il-proċedura bbażata fuq il-karti ma tistax tintuża jekk:
- ikun involut **trasportatur *wieħed* biss** fit-trasport; jew
- **trasportatur ikun qed jittrasporta** l-merkanzija **lil hinn mit-territorju nazzjonali** bl-eċċezzjoni tat-trasportazzjonijiet minn u lejn l-istazzjon fit-territorju ġar kif miftiehem bejn it-trasportaturi (ara l-punt 3 aktar 'il fuq); jew
- **trasportatur ma jissodisfax rekwiżit** tal-proċedura simplifikata, sakemm ma jkunx awtorizzat bħala impriża ferrovjarja intermedja[35] (ara l-punt 2 aktar 'il fuq).

F'dawn il-każijiet kollha, tapplika l-proċedura ta' tranżitu standard u n-nota ta' konsenja CIM isservi biss bħala dokument tat-trasport.

35 Impriża ferrovjarja intermedja tista' tiġi awtorizzata, anki jekk ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha tal-proċedura bbażata fuq il-karti, jekk: (i) impriża ferrovjarja li tkun intitolata li tuża l-proċedura bbażata fuq il-karti tkun qed taġixxi bħala d-detentur tal-proċedura; u (ii) l-impriża ferrovjarja intermedja la tkun l-ewwel u lanqas l-aħħar trasportatur fit-territorju doganali tal-Unjoni jew f'pajjiżi ta' tranżitu komuni.

Għal każijiet u għal eżempji aktar speċifiċi dwar l-użu ta' din il-proċedura simplifikata, ara t-Taqsima VI.3.5.3.7.

VI.3.5.3.3 Impriżi ferrovjarji awtorizzati

L-awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ferrovjarja bbażata fuq il-karti tinħareġ bħala deċiżjoni doganali fuq applikazzjoni.

Dan ifisser li japplikaw ir-regoli ġenerali tad-deċiżjonijiet doganali kif deskritti fil-Parti VI, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor. Madankollu, ta' min jinnota li s-sistema elettronika CDMS ma tintużax għall-preżentazzjoni, għall-għoti u għall-ġestjoni ta' dan it-tip ta' deċiżjonijiet. L-awtoritajiet doganali jkollhom jinformaw lil xulxin b'mezzi oħrajn, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita dan il-proċess. Għalhekk, l-amministrazzjonijiet jeħtiġilhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-impriżi ferrovjarji awtorizzati. Il-Kummissjoni tippubblika u taġġorna l-informazzjoni fl-Anness 2 tad-dokument ta' ħidma TAXUD/A2/TRA/02/2019 dwar il-grupp ta' interess ta' tranżitu[36] ta' CIRCABC.

L-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata lill-awtorità doganali kompetenti għall-post fejn jinżammu jew ikunu aċċessibbli l-kontijiet ewlenin tal-applikant għal finijiet doganali, u fejn għandha titwettaq tal-anqas parti mill-attivitajiet koperti mill-awtorizzazzjoni.

L-impriża ferrovjarja jeħtiġilha tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi, inkluż l-iffirmar tad-dikjarazzjoni rilevanti (*).

Kundizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 11 DA
L-Artikolu 29(1)(a) TDA
L-Artikolu 57(4) u (6) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

- L-applikant jeħtieġlu jkun irreġistrat u jkollu numru EORI jekk ikun stabbilit fl-UE.
- L-applikant jeħtieġlu jkun stabbilit fl-UE jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni.
- Id-dwana jeħtiġilha tqis li se tkun tista' tissorvelja l-proċedura ta' tranżitu u twettaq il-kontrolli

36 L-aċċess għall-grupp ta' interess ta' tranżitu ta' CIRCABC huwa limitat għall-amministrazzjoni doganali nazzjonali involuta fit-tranżitu u għall-istatus doganali tal-merkanzija. Sabiex taċċessa l-grupp, ikkuntattja lill-koordinatur ta' tranżitu nazzjonali tiegħek. Huwa pprovdut ukoll aċċess limitat għall-impriżi ferrovjarji permezz ta' CER.

mingħajr sforz sproporzjonat.

Kundizzjonijiet speċifiċi

L-Artikoli 25(1), 29(1)(b), 32(1) TDA
L-Artikoli 57(4), 92(1) u 94(1) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

- L-applikant jeħtieġlu jkun impriża ferrovjarja.
- Jew: (i) l-applikant jeħtieġlu juża regolarment il-proċedura komuni ta' tranżitu jew il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni; jew (ii) l-awtorità doganali jeħtiġilha tkun taf li l-applikant jista' jissodisfa l-obbligi skont dawn il-proċeduri.
- L-applikant ma jkunx wettaq xi reat serju jew ripetut kontra l-leġiżlazzjoni doganali jew fiskali.
- L-applikant jeħtieġlu jżomm rekords li jippermettu lill-awtorità doganali twettaq kontrolli effettivi.
- L-impriża ferrovjarja jeħtiġilha tiddikjara li hija responsabbli b'mod konġunt lejn l-awtorità doganali meta tkun involuta fit-trasportazzjoni tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji (*).

(*).Id-dikjarazzjoni tistabbilixxi l-prinċipju aċċettat li l-irregolaritajiet skoperti matul l-applikazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti jistgħu jissolvew bejn l-awtorità doganali kompetenti u l-impriża ferrovjarja responsabbli tal-pajjiż fejn titqies li seħħet l-irregolarità. L-impriża ferrovjarja responsabbli taqbel li tkun responsabbli u li tkun l-ewwel waħda li tintalab tħallas kwalunkwe dejn doganali (dazji tal-importazzjoni u imposti oħrajn). Mudell tad-dikjarazzjoni jinsab fl-Anness 1 tad-dokument ta' ħidma TAXUD/A2/TRA/02/2019.

L-Artikoli 39 u 41(3) TDA

L-Artikoli 92(3) u 97(3) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Fejn applikabbli, id-dwana tiddetermina:

- l-arranġamenti għall-movimenti tal-merkanzija tal-Unjoni (ara n-"Nota" fit-Taqsima VI.3.5.3.4.4);
- l-arranġamenti għall-użu tal-garanziji;
- il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fl-uffiċċji tal-kontabilità sabiex jiġi ssorveljat l-użu tan-nota ta' konsenja CIM bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

L-Artikolu 25(2) TDA

L-Artikolu 56(4), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-awtorizzazzjoni hija applikabbli fl-Istati Membri kollha u fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni kollha, sakemm l-impriżi ferrovjarji awtorizzati jew intermedji jkunu stabbiliti fil-pajjiż rispettiv.

Madankollu, l-impriża ferrovjarja awtorizzata tista' topera biss fuq l-iskala nazzjonali rispettiva tagħha, bl-eċċezzjoni tat-trasportazzjonijiet lejn u mill-istazzjon f'territorju ġar kif miftiehem bejn it-trasportaturi (ara wkoll it-Taqsima VI.3.5.3.2).

L-Artikolu 22(4) KDU

L-awtorizzazzjoni tidħol fis-seħħ immedjatament.

L-Artikolu 64, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 22(5) u 28 KDU

L-Artikolu 64, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

B'mod ġenerali, l-awtorizzazzjoni tista' tkun valida mingħajr limiti ta' żmien u sakemm l-impriża ferrovjarja tissodisfa l-kriterji u l-kundizzjonijiet kollha. Madankollu, ta' min jinnota l-partikolaritajiet li ġejjin.

- Il-proċedura ma tistax tinbeda aktar fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni malli tiġi varata l-fażi 5 tal-NCTS f'dak l-Istat Membru tal-UE jew pajjiż ta' tranżitu komuni (ara wkoll it-Taqsima VI.3.5.3.1 — Introduzzjoni).
- L-impriżi ferrovjarji awtorizzati ta' dawn il-pajjiżi jistgħu jkomplu jipparteċipaw bħala impriża ferrovjarja intermedja jew riċeventi.
- L-awtorizzazzjonijiet kollha ma jibqgħux validi ladarba tiġi varata l-fażi 5 tal-NCTS fl-Istati Membri kollha tal-UE u fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni.

VI.3.5.3.4 L-użu tal-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti

Figure 1 turi l-proċedura ta' tranżitu meta n-nota ta' konsenja CIM tintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-merkanzija li tiġi ttrasportata minn punt fl-UE jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni għal punt ieħor fl-UE jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

Għal fehim sħiħ tar-regoli applikabbli u tal-varjazzjonijiet possibbli, għandu jinqara t-test sħiħ tas-subtaqsimiet kollha.



Illustrazzjoni 1: Illustrazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji

VI.3.5.3.4.1 In-nota ta' konsenja CIM bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu

L-Artikoli 6 u 7 tal-Appendiċi B COTIF

Il-Kumitat Internazzjonali tat-Trasport bil-Ferrovija (CIT) fassal bi qbil mal-amministrazzjonijiet doganali u mal-Kummissjoni Ewropea[37]: (i) mudell tan-nota ta' konsenja CIM; (ii) mudell tan-nota ta' konsenja CIM/SMGS; u (iii) mudell tan-nota ta' konsenja CIM għat-trasport kombinat. Dawn il-formoli huma disponibbli fuq http://www.cit-rail.org.

In-nota ta' konsenja CIM tista' tintuża wkoll bħala nota ta' vagun CUV[38]. F'dan il-każ, jeħtieġlek timmarka l-kaxxa "nota tal-vagun CUV" fil-Kaxxa 30. Dan l-użu huwa għat-trasport ta' vaguni vojta li jiġu ttrasportati bħala mezz tat-trasport. Il-vaguni vojta ma għandhomx jitqiegħdu taħt tranżitu komuni/tal-Unjoni, sakemm ma jkunux għadhom ġew approvati mid-dwana. Għalhekk, l-użu tal-mudell bħala nota tal-vagun CUV ma huwiex rilevanti għat-tranżitu doganali.

Bl-istess mod, in-nota ta' konsenja CIM tat-trasport kombinat u n-nota ta' konsenja kombinata CIM/SMGS ma għandhom l-ebda rilevanza differenti għat-tranżitu doganali. Għall-finijiet tat-tranżitu doganali, it-tnejn iridu jiġu ttrattati bħala nota ta' konsenja CIM. Fil-paragrafi li ġejjin, ir-referenzi kollha għan-nota ta' konsenja CIM japplikaw ukoll għan-nota ta' konsenja kombinata CIM/SMGS u għan-nota ta' konsenja CIM tat-trasport kombinat. Ir-referenzi għall-kaxxi fil-formola f'din it-taqsima lkoll huma relatati man-nota ta' konsenja CIM. Ir-referenzi għall-kaxxa korrispondenti għan-noti ta' konsenja l-oħrajn huma elenkati f'tabella ta' konverżjoni fl-Anness VI.8.11.

Għalkemm l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni ma humiex responsabbli għall-formoli, il-formoli jistgħu jservu bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu doganali. Għalhekk, dawn il-formoli ma jistgħux jinbidlu mingħajr il-qbil minn qabel tal-awtoritajiet doganali u tal-Kummissjoni.

VI.3.5.3.4.2 Id-detentur tal-proċedura

37 Ara d-dokumenti ta' ħidma TAXUD/1862/2003, TAXUD/1950/2003 u TAXUD/1960/2003, b'dan tal-aħħar li ġie approvat fil-laqgħa 102 tal-Grupp ta' Ħidma KE-EFTA fl-10 ta' Diċembru 2003.

38 CUV tfisser ir-Regoli Uniformi li jikkonċernaw it-trasport internazzjonali tal-vaguni.

L-Artikoli 5(15), 5(35) u 170(2) KDU

- Id-**detentur tal-proċedura** huwa d-dikjarant kif indikat fil-Kaxxa 58b tan-nota ta' konsenja CIM.

L-Artikolu 31(1) TDA

L-Artikoli 3(e) u 93 l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

- Minħabba r-rwol partikolari tat-trasportatur kuntrattwali fl-organizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija — u, b'hekk, il-kuntatti tiegħu mat-trasportaturi l-oħrajn u l-għarfien tiegħu dwarhom — huwa t-trasportatur kuntrattwali (il-Kaxxa 58a) li ġeneralment jeħtieġlu japplika għall-użu ta' proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji f'konformità mal-Artikoli 5(35) u 170 KDU. B'hekk, b'mod ġenerali, it-trasportatur kuntrattwali jkun id-detentur tal-proċedura.

- Madankollu, id-detentur tal-proċedura **jeħtieġlu jkun stabbilit fl-UE jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni**. Jekk l-operazzjoni tat-trasport tibda barra t-territorju doganali tal-Unjoni jew pajjiż ta' tranżitu komuni, u t-trasportatur kuntrattwali ma jkunx stabbilit fl-UE jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni, kwalunkwe impriża ferrovjarja awtorizzata oħra involuta fit-trasportazzjoni u stabbilita fl-UE jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni tista' tiġi indikata bil-kunsens tagħha fil-Kaxxa 58b bħala d-detentur tal-proċedura. Minħabba r-rekwiżit li l-merkanzija tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tat-tluq fit-territorju doganali tal-Unjoni jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni, b'mod ġenerali, id-detentur tal-proċedura jkun l-ewwel trasportatur mad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

  B'hekk, f'dan il-każ, it-trasportatur kuntrattwali (il-Kaxxa 58a) japplika għall-"proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji" f'isem id-detentur tal-proċedura (il-Kaxxa 58b).

VI.3.5.3.4.3 L-ikkompletar tan-nota ta' konsenja CIM bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu

L-Artikolu 12(2) l-Appendiċi B COTIF

L-impriża ferrovjarja li taċċetta li tittrasporta l-merkanzija f'konformità mas-COTIF (it-trasportatur kuntrattwali indikat fil-Kaxxa 58a) jeħtiġilha tikkompleta n-nota ta' konsenja CIM u tipprovdi d-*data* kollha kif stabbilita fl-Artikolu 7, l-Appendiċi B COTIF. Trid tinħareġ nota ta' konsenja CIM għal kull konsenja.

L-użu tan-nota ta' konsenja CIM ma jfissirx awtomatikament li kumpanija ferrovjarja tuża l-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferrovija. Għalhekk, huwa obbligatorju li jiġi kkonfermat

l-użu tan-nota ta' konsenja CIM bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu fil-Kaxxa 58b.

Jekk it-trasportatur kuntrattwali ma jkunx id-detentur tal-proċedura, dan ifisser li t-trasportatur kuntrattwali qed jikkompleta n-nota ta' konsenja CIM bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu f'isem id-detentur tal-proċedura.

In-nota ta' konsenja CIM ma fihiex kaxxa partikolari fejn jista' jiddaħħal il-kodiċi SA. Madankollu, f'każijiet li fihom il-kodiċi SA jkun meħtieġ fi tranżitu tal-Unjoni/komuni, il-kodiċi NHM b'sitt ċifri tal-kumpaniji ferrovjarji stess jiddaħħal fil-Kaxxa 24, u dan il-kodiċi kważi dejjem jikkorrispondi għall-kodiċi SA.

Barra minn hekk, il-manwal tas-CIT dwar in-nota ta' konsenja CIM jiddikjara li l-kodiċi SA jrid jiddaħħal fil-Kaxxa 21 meta jkun meħtieġ mil-liġi doganali.

Meta tintuża garanzija individwali, jew jekk il-garanzija komprensiva tiġi ssupplimentata b'garanzija addizzjonali, din l-informazzjoni fin-nota ta' konsenja CIM għandha tiġi indikata fin-nota ta' konsenja CIM mat-tip ta' garanzija u man-numru GRN, jekk applikabbli (ara wkoll taħt it-Taqsima VI.3.5.3.6).

L-Artikolu 34 u l-Anness 11 TDA

Jekk in-nota ta' konsenja CIM tkopri aktar minn vagun wieħed, tista' tintuża l-lista tat-tagħbija.

L-Artikolu 105, l-Appendiċi I u l-Anness B l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni

Il-lista tat-tagħbija tinkludi n-numru tal-vagun jew in-numru tal-kontejner.

Il-movimenti T1 u T2/T2F iridu jsiru f'listi tat-tagħbija separati. F'dan il-każ, in-numru tas-serje tal-lista tat-tagħbija jiddaħħal fil-kaxxa riżervata għad-deskrizzjoni tal-merkanzija fis-CIM. Għal aktar informazzjoni dwar dawn il-kodiċijiet, ara l-Parti I.

Il-lista tat-tagħbija oriġinali għandha tiġi awtentikata b'timbru tal-istazzjon tad-dispaċċ.

VI.3.5.3.4.4 Formalitajiet mat-tluq

L-Artikolu 31(2) TDA

L-Artikolu 93(2), l-Appendiċi I tal-

- Id-**detentur tal-proċedura** huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-impriżi ferrovjarji involuti kollha jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-użu ta' din il-proċedura simplifikata.

Konvenzjoni

L-Artikoli 32(2) u 33(1) TDA

L-Artikoli 233(1) u 233(2) KDU

L-Artikolu 8, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

- Id-**detentur tal-proċedura** jeħtieġlu:
  (a) jippreżenta n-nota ta' konsenja CIM u l-merkanzija fl-uffiċċju doganali tat-tluq, sakemm ma jiġix indikat mod ieħor (ara n-nota ta' hawn taħt);
  (b) jippreżenta l-lista tat-tagħbija, jekk applikabbli (ara t-Taqsima VI.3.5.3.4.3);
  (c) jikkonforma mad-dispożizzjonijiet doganali għall-proċedura;
  (d) jipprovdi garanzija xierqa għall-itinerarju kollu (ara wkoll it-Taqsima VI.3.5.3.6).

- L-**uffiċċju doganali tat-tluq** għandu jivverifika jekk id-detentur tal-proċedura jkunx impriża ferrovjarja awtorizzata u jekk hemmx garanzija fis-seħħ. L-uffiċċju doganali tat-tluq jista' juża l-Anness 2 tad-dokument ta' ħidma TAXUD/A2/TRA/02/2019 bħala sors għall-verifika ta' jekk din il-garanzija tkunx fis-seħħ. L-Anness 2 fih biss il-konferma li l-impriża ferrovjarja awtorizzata hija awtorizzata wkoll sabiex tuża garanzija komprensiva għall-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti. Ara t-Taqsima VI.3.5.3.6.2 għall-proċedura li għandha tiġi segwita jekk tkun qed tintuża garanzija individwali.

L-Artikolu 33 TDA

L-Artikolu 97(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

- L-**uffiċċju doganali tat-tluq** jindika b'mod ċar fuq l-Iskedi 1, 2 u 3, fil-Kaxxa 99 tan-nota ta' konsenja CIM, irriżervata għad-dwana, il-kodiċi kif ġej, sakemm ma jiġix indikat mod ieħor (ara n-nota ta' hawn taħt):
  (a) T1: għal tranżitu estern;
  (b) T2: għal tranżitu intern;
  (c) T2F: għal tranżitu intern (territorju fiskali speċjali).
  Il-kodiċijiet T2 u T2F iridu jiġu awtentikati bit-timbru doganali. Għal aktar informazzjoni dwar l-użu tal-kodiċijiet T1, T2 u T2F, ara l-Parti I.

  L-iskedi kollha jridu jiġu rritornati lill-impriża ferrovjarja.

L-Artikolu 33(4) u l-Anness 10 TDA

L-Artikolu 95 l-Appendiċi I u l-Anness B11 l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni

Id-**detentur tal-proċedura**, meta jkun neċessarju, jeħtieġlu jiżgura li l-merkanzija kollha ttrasportata taħt din il-proċedura simplifikata tiġi identifikata b'tikketta jew b'timbru bil-pittogramma xierqa, sakemm ma jiġix indikat mod ieħor (ara n-nota ta' hawn taħt):



It-tikketti/timbri għandhom jitwaħħlu jew jiġu stampati fuq in-nota

ta' konsenja CIM.

It-tikketti/timbri għandhom jitwaħħlu fuq il-vagun rilevanti jekk ikun hemm tagħbija sħiħa jew fuq il-pakkett(i) individwali.

L-Artikolu 302(2)(b) IA

L-Artikolu 98, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-uffiċċju doganali tat-tluq, la l-mezz tat-trasport u lanqas il-pakketti individwali li jkun fihom il-merkanzija ma jeħtieġ li jiġu ssiġillati mid-dwana. Dan għaliex il-miżuri ta' identifikazzjoni applikati mill-kumpaniji ferrovjarji ġeneralment jitqiesu bħala suffiċjenti.

Nota

Dwar ir-rekwiżit li tiġi ppreżentata l-merkanzija, indika l-kodiċijiet T1/T2/T2F u waħħal it-tikketta/timbri.

Bħala regola ġenerali, il-kodiċijiet T1, T2 jew T2F jiġu preżunti fuq il-bażi tal-kodiċi tal-pajjiż fil-Kaxxa 62. Pereżempju, il-kodiċi tal-pajjiż 80 għall-Ġermanja jimplika li tintuża l-proċedura T2. Jekk il-proċedura u l-pajjiż tat-tluq (fuq in-nota ta' konsenja CIM) ma jaqblux, allura l-kodiċi tal-proċedura jrid ikun indikat b'mod ċar. Għall-kodiċi T2/T2F, dawn iridu jiġu awtentikati bħala validi.

Minn	Permezzta'	Għal	Merkanzija	Kodiċi (skedi 1 sa 3)	Pittogramma	Preżenti
L-Artikoli 33(1), 33(2) u 33(4) TDA L-Artikolu 97(1) u 97(2) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni						
UE	Kwalunkwe	UE	Mhux tal-Unjoni	Indika T1	Meħtieġa	Meħtieġa
L-Artikoli 39(1) u 39(2) TDA L-Artikolu 97(3), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni						
UE	CTC (1)	UE	L-Unjoni	T2/T2F meqjusa	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa
	Pajjiż terz (2)					
L-Artikolu 36(5) TDA						
UE	Kwalunkwe	CTC	Tal-Unjoni jew mhux tal-Unjoni	Indika T1 Approva T2/T2F	Meħtieġa	Meħtieġa
		Pajjiż terz				
L-Artikolu 97(4) u 97(6) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni						
CTC	Kwalunkwe	Kwalunkwe	Mhux tal-Unjoni	T1 meqjusa	Meħtieġa	Mhux meħtieġa
			L-Unjoni	Approva T2/T2F (skeda 3)	Meħtieġa	Meħtieġa
Artikoli 38 u 40 TDA						
Pajjiż terz	Kwalunkwe	Pajjiż terz	Mhux tal-Unjoni	T1 meqjusa	Meħtieġa	Mhux meħtieġa
			L-Unjoni	T1 meqjusa, sakemm mhux PoUS	Meħtieġa	Mhux meħtieġa
L-Artikolu 33(5) u l-Artikolu 40 TDA						
Pajjiż terz	Kwalunkwe	UE	Mhux tal-Unjoni	T1 meqjusa	Meħtieġa	Mhux meħtieġa
			L-Unjoni	T1 meqjusa, sakemm mhux PoUS	Meħtieġa	Mhux meħtieġa

L-Artikolu 39(1) TDA

L-Artikolu 97(3), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

(3) Kull Stat Membru jeħtieġlu jiddetermina l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għas-sitwazzjonijiet li fihom il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata minn punt għall-ieħor fl-UE minn pajjiż ta' tranżitu komuni (Ara wkoll it-Taqsima VI.3.5.3.3).

L-Artikolu 39(2) TDA

L-Artikolu 97(3), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

(2) Kull Stat Membru jeħtieġlu jiddetermina l-proċedura għal sitwazzjonijiet li fihom il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata minn punt għal ieħor fl-UE minn pajjiż terz. Għalkemm movimenti bħal dawn ġeneralment ikunu possibbli biss għall-

proċeduri T1, it-trasport bil-ferrovija huwa eċċezzjoni, u tali movimenti jistgħu jiġu applikati wkoll għall-proċeduri T2 taħt din il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji. Il-proċedura ta' tranżitu doganali hija sospiża barra t-territorju doganali tal-UE (Ara wkoll VI.3.5.3.3). B'mod alternattiv, tista' tintuża prova tal-istatus tal-Unjoni.

VI.3.5.3.4.5 Sitwazzjonijiet speċifiċi fit-tluq

Il-moviment jibda minn pajjiż terz

L-Artikoli 33(5) u 38 TDA

L-Artikolu 102, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Jekk il-moviment jibda barra mit-territorju doganali tal-Unjoni jew ta' pajjiż ta' tranżitu komuni, l-uffiċċju doganali kompetenti għall-istazzjon fil-fruntieri, li minnu tiddaħħal il-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni jew fil-pajjiż ta' tranżitu komuni, għandu jaġixxi bħala l-uffiċċju doganali tat-tluq.

It-trasportatur huwa marbut bid-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-dħul tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni jew fil-pajjiż ta' tranżitu komuni, u l-awtorità doganali żżomm id-dritt li tivverifika dik il-merkanzija.

Modifika tal-kuntratt tat-trasport

L-Artikolu 37 TDA

L-Artikolu 96, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Jista' jiġri li l-kuntratt jiġi mmodifikat b'tali mod li t-trasport: (i) jintemm barra mill-UE minflok ġewwa l-UE (jew viċi versa); jew (ii) jintemm barra mill-pajjiż ta' tranżitu komuni oriġinarjament maħsub minflok fil-pajjiż ta' tranżitu komuni oriġinarjament maħsub (jew viċi versa). F'każijiet bħal dawn, it-trasport ma jistax jitwettaq mingħajr il-kunsens minn qabel tal-uffiċċju doganali tat-tluq.

Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-kuntratt modifikat jista' jitwettaq billi sempliċiment jiġi informat mingħajr dewmien l-uffiċċju doganali tat-tluq.

Konsenjatur awtorizzat

L-Artikolu 43 TDA

L-Artikolu 107(11), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Jekk l-ewwel impriża ferrovjarja tkun konsenjatur awtorizzat, mela l-merkanzija u n-nota ta' konsenja CIM ma għandhomx bżonn jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Madankollu, dan l-uffiċċju doganali jrid jieħu l-miżuri neċessarji

sabiex jiżgura li l-Iskedi 1, 2 u 3 ikollhom il-kodiċijiet T1, T2 u T2F, kif applikabbli.

Għal aktar informazzjoni dwar il-konsenjatur awtorizzat, ara l-Parti VI.

VI.3.5.3.4.6 En route

L-Artikolu 32(2) TDA

L-Artikolu 94(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-obbligi tal-impriżi ferrovjarji kollha involuti (il-Kaxxi 58b u 57)

L-impriżi ferrovjarji kollha involuti huma responsabbli għall-applikazzjoni xierqa sabiex jużaw din il-proċedura bbażata fuq il-karti.

L-Artikolu 35 TDA

L-Artikolu 99, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu

Ma hemmx bżonn li jitwettqu formalitajiet fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu. Madankollu, il-passaġġ bejn il-fruntieri jiġi vverifikat permezz tal-verifika tal-uffiċċji tal-kontabilità kif diskuss aktar fit-Taqsima VI.3.5.3.5.2 jew permezz ta' mezzi oħrajn jew sistema oħra (eż. is-sistema tal-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja).

Meta l-merkanzija tiġi ttrasportata minn pajjiż terz, il-proċedura titqies bħala sospiża f'dak il-pajjiż terz.

Madankollu, jibqgħu applikabbli l-formalitajiet doganali relatati mad-dħul tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni, jew mal-ħruġ tagħha barra minnhom, u l-awtorità doganali żżomm id-dritt li tivverifika dik il-merkanzija. Dawn il-formalitajiet jikkonċernaw l-hekk imsejħa "regoli dwar is-sigurtà u s-sikurezza" bbażati fuq il-qafas ta' standards SAFE tad-WCO kif stipulat fl-Artikolu 46 KDU.

L-Artikolu 305 IA

L-Artikolu 44, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Formalitajiet fil-każ ta' inċidenti

Jekk hemm inċidenti waqt il-movimenti ta' merkanzija taħt l-operazzjonijiet ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni kif deskritti fil-Parti IV, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 3.1, japplikaw l-istess proċeduri. Madankollu, meta wieħed iqis il-partikolaritajiet ta' din il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bil-ferrovija, għandha tiġi segwita proċedura ta' rapportar kif indikata fil-manwal tas-CIT (l-Artikolu 42 CIM — Aċċertazzjoni ta' telf jew ta' ħsara parzjali, formola CIT 20).

L-Artikolu 305 tal-IA tal-KDU u l-Artikolu 44 tal-Appendiċi I tal-

Konvenzjoni dwar Tranżitu Komuni japplikaw bit-tibdiliet neċessarji (*mutatis mutandis*) għat-trasport taħt il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bil-ferrovija.

VI.3.5.3.4.7 Fid-destinazzjoni

L-Artikolu 36(2) TDA

L-Artikolu 100(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-uffiċċju doganali kompetenti għall-istazzjon fid-destinazzjoni kif indikat fuq in-nota ta' konsenja CIM jaġixxi bħala l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

L-Artikolu 36(1) TDA

L-Artikolu 100(1)

L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-**impriża ferrovjarja** li tittrasporta l-merkanzija fid-destinazzjoni tippreżenta lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni:

- il-merkanzija;
- l-Iskedi 2 u 3 tan-nota ta' konsenja CIM.

L-**uffiċċju doganali tad-destinazzjoni**:

- jittimbra u jirritorna l-Iskeda 2 lill-impriża ferrovjarja;
- iżomm l-Iskeda 3.

L-Artikolu 41(3) TDA

L-Artikolu 92(3), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-**impriża ferrovjarja** jeħtiġilha tagħmel in-noti ta' konsenja CIM kollha (l-Iskeda 2) disponibbli fl-uffiċċju tal-kontabilità tagħhom lill-awtorità doganali fil-pajjiż tad-destinazzjoni f'konformità ma' kwalunkwe dispożizzjoni stabbilita bi ftehim reċiproku ma' din l-awtorità.

VI.3.5.3.4.8 Sitwazzjonijiet speċifiċi fid-destinazzjoni

Il-moviment jintemm f'pajjiż terz

L-Artikoli 36(5) u 38 TDA

L-Artikolu 101, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Jekk il-moviment jintemm f'pajjiż terz, l-uffiċċju doganali kompetenti għall-istazzjon fil-fruntiera, li minnu l-merkanzija titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni jew mill-pajjiżi ta' tranżitu komuni, jeħtieġlu jaġixxi bħala l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

It-trasportatur huwa marbut bid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ tal-merkanzija mit-territorju doganali tal-Unjoni, u l-awtorità doganali żżomm id-dritt li tivverifika dik il-merkanzija.

Il-merkanzija nħattet fi stazzjon intermedju, ħlief għall-merkanzija soġġetta għas-sisa

L-Artikolu 36(2)

Jekk it-trasportazzjoni tal-merkanzija jew il-proċedura ta' tranżitu tkun intemmet fi stazzjon intermedju jew en route, l-uffiċċju

TDA

doganali kompetenti għal dak l-istazzjon intermedju jew il-post *en route* għandu jaġixxi bħala l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

L-Artikolu 100(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-impriża ferrovjarja li tittrasporta l-merkanzija għal dan l-istazzjon intermedju tippreżenta lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni:

- il-merkanzija;
- l-Iskedi 2, 3 u kopja supplimentari tal-Iskeda 3 tas-CIM.

L-uffiċċju doganali tal-istazzjon intermedju (l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni attwali):

- jittimbra dawk l-iskedi;
- japprova l-iskedi bl-indikazzjoni "ikklirjati";
- jirritorna l-Iskedi 2 u 3 lill-impriża ferrovjarja;
- iżomm il-kopja supplimentari tal-Iskeda 3.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat jista' jitlob sussegwentement verifika tal-approvazzjoni magħmula mill-"uffiċċju doganali intermedju" fuq l-Iskedi 2 u 3.

L-Artikolu 36(3) TDA

Il-movimenti tal-merkanzija soġġetta għas-sisa ma jistgħux jiġu ddevjati. It-tluq u d-destinazzjoni ddikjarati jridu jiġu rrispettati. Dan ifisser li l-merkanzija soġġetta għas-sisa ma tistax tinħatt fi stazzjon intermedju.

Konsenjatarju awtorizzat

L-Artikolu 44 TDA

Jekk konsenjatarju awtorizzat jirċievi l-merkanzija fl-istazzjon tad-destinazzjoni, il-merkanzija u n-nota ta' konsenja CIM ma għandhomx bżonn jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

L-Iskedi 2 u 3 tas-CIM jistgħu jiġu kkonsenjati direttament mill-impriża ferrovjarja jew tat-trasport awtorizzata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Għal aktar informazzjoni dwar il-konsenjatarju awtorizzat, ara l-Parti VI.

VI.3.5.3.5 Superviżjoni tal-movimenti taħt il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji

VI.3.5.3.5.1 Kif jaħdmu l-uffiċċji tal-kontabilità

L-Unjoni Internazzjonali Ferrovjarja (UIC) stabbiliet regolamenti

dwar il-kontabilità u l-allokazzjoni li huma applikabbli għat-traffiku internazzjonali tal-merkanzija[39]. Dawn ir-regoli, li huma vinkolanti fuq l-impriżi membri, ikopru s-saldu tal-kontijiet u d-diviżjoni u l-ħlas tal-ammonti li jkollhom jitħallsu għall-moviment tal-merkanzija taħt il-kopertura ta' nota ta' konsenja CIM.

Ir-regolamenti dwar il-kontabilità jeħtieġu li tintuża proċedura standardizzata fl-uffiċċji tal-kontabilità tal-impriżi ferrovjarji involuti fit-trasport tal-merkanzija. Din il-proċedura tikkonsisti f'dawn: (i) il-ġbir u l-iskambju tad-*data* relatata mat-trasport; (ii) it-tqabbil ta' tali *data*; u (iii) fejn xieraq, l-iskambju ta' informazzjoni dwar id-diskrepanzi skoperti.

L-impriża ferrovjarja fil-pajjiż tad-destinazzjoni tkun kompetenti sabiex tissalda l-kontijiet abbażi tad-*data* murija fuq l-Iskeda 2 tan-nota ta' konsenja CIM. Għalhekk, il-kopji tal-Iskeda 2, li jirrigwardjaw it-trasportazzjonijiet kollha, huma disponibbli fl-uffiċċju tal-kontabilità korrispondenti. Is-saldu jikkonsisti fil-ġbir tad-*data* rilevanti kif definit fir-regolamenti dwar il-kontabilità. Tali uffiċċji huma obbligati jibdew is-saldu fuq bażi ta' kull xahar għal kull link ferrovjarju u impriża ferrovjarja involuti. Id-*data* trid tintbagħat lil kull waħda mill-impriżi ferrovjarji involuti.

L-impriża ferrovjarja fil-pajjiż tat-tluq hija obbligata tivverifika jekk din id-*data* tikkorrispondix għad-*data* tagħha stess. Meta tinstab kwalunkwe diskrepanza li taqbeż it-EUR 30 għal kull konsenja, id-dettalji jridu jintbagħtu lill-uffiċċju tal-kontabilità fil-pajjiż tad-destinazzjoni bl-użu ta' formola miftiehma.

L-uffiċċju tal-kontabilità ta' kull pajjiż ta' tranżitu jivverifika, fejn iqis li jkun xieraq, jekk is-saldu jkunx korrett. Għandha tintuża l-formola miftiehma, fejn diskrepanza taqbeż it-EUR 30 għal kull konsenja.

Wara s-saldu, l-uffiċċju tal-kontabilità fil-pajjiż tad-destinazzjoni, normalment[40] jiddividi l-ammonti u finalment jittrasferixxi l-ammonti korrispondenti lill-impriżi ferrovjarji involuti.

Din il-proċedura tista' tiġi miftiehma wkoll ma' membri mhux tal-UIC skont ir-regolamenti dwar il-kontabilità. L-applikazzjoni tal-

39 Fuljett 304 tal-UIC.

40 Il-UIC biħsiebha timmodifika dan il-prinċipju. L-impriża ferrovjarja kompetenti sabiex titlob ħlas lill-klijent għandha tkun kompetenti għad-diviżjoni u għat-trasferiment tal-ammonti. Billi la l-ġbir tad-*data* relatata mat-trasport u lanqas l-iskambju ta' din id-*data* ma huma kkonċernati, din il-modifika ma taffettwax il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji.

proċedura tal-UIC ma hijiex kundizzjoni għall-użu tal-proċedura simplifikata ta' tranżitu ferrovjarju. Madankollu, kwalunkwe proċedura ta' kontabilità eliġibbli trid tkun vinkolanti wkoll fuq l-impriżi ferrovjarji involuti u trid tkun affidabbli daqs il-proċedura tal-UIC. Jeħtieġ li l-proċedura tal-UIC: (i) tinkludi tqabbil standardizzat tad-*data* dwar kull konsenja fl-uffiċċji tal-kontabilità involuti; u (ii) tuża formola miftiehma għall-informazzjoni dwar id-diskrepanzi. Kwalunkwe proċedura ta' kontabilità trid tiżgura kontroll reċiproku tal-impriżi ferrovjarji involuti fit-trasport tal-merkanzija. B'hekk, il-proċedura teħtieġ l-involviment ta' mill-inqas żewġ impriżi ferrovjarji.

Kumpanija ferrovjarja li ma rċivietx is-sehem tagħha tar-rimunerazzjoni għall-operazzjoni tat-trasport wara ċertu perjodu tista' tagħmel investigazzjonijiet sabiex issib il-merkanzija jew id-dokumenti "mitlufin" jew tiddetermina l-pajjiż fejn daħlet l-aħħar il-merkanzija. Dan jikkumpensa għan-nuqqas ta': (i) proċedura ta' inkjesta doganali; u (ii) il-messaġġi għat-tmiem u għar-rilaxx.

VI.3.5.3.5.2 Spezzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti

Huwa rekwiżit li jinżammu rekords għall-ispezzjoni mid-dwana f'uffiċċju tal-kontabilità li għandu jitwaqqaf f'kull pajjiż. Dan għaliex ma hemm l-ebda kopja tar-ritorn li tippermetti lid-dwana taċċerta li l-merkanzija waslet. Il-messaġġi tat-tmiem u tal-kontroll jiġu ssostitwiti minn kontrolli tar-rekords, b'mod partikolari tad-diżaggregazzjoni tal-kostijiet tat-trasport u l-proċedura ta' inkjesta tal-kumpaniji ferrovjarji.

L-Artikolu 41(3) TDA

Il-kontrolli doganali fuq l-użu xieraq tal-proċedura bbażata fuq il-karti jitwettqu prinċipalment mill-awtorità doganali fil-pajjiż tad-destinazzjoni.

L-Artikolu 92(3), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Jekk ikun hemm kwalunkwe irregolarità u talba ta' dejn, kull amministrazzjoni doganali jkollha l-possibbiltà li tittratta direttament mal-impriża ferrovjarja rispettiva (ara l-Anness 1 tad-dokument ta' ħidma TAXUD/A2/TRA/02/2019).

Wieħed għandu jżomm f'moħħu li s-sistema eżistenti ta' kklerjar u ta' inkjesta tal-impriżi ferrovjarji tifforma element essenzjali tal-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji. Il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji hija meqjusa affidabbli u tippermetti għal dawn: (i) il-kontrolli tal-

kontijiet tal-impriżi ferrovjarji; u (ii) ir-rinunzja ta' kopja tar-ritorn tan-nota ta' konsenja CIM użata bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu[41].

Għalhekk, il-kontrolli xierqa u effettivi tal-proċedura simplifikata jridu jużaw l-elementi essenzjali tal-proċedura ta' kontabilità tal-impriżi ferrovjarji.

L-aktar indikazzjoni importanti li l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferrovija ma tkunx laħqet id-destinazzjoni tagħha hija l-informazzjoni dwar id-diskrepanzi. Madankollu, din l-informazzjoni tista' tikkonċerna wkoll diskrepanzi relatati mat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija li ma jeħtiġux segwitu mid-dwana. Sabiex jitwettaq kontroll xieraq u effettiv, l-informazzjoni dwar id-diskrepanzi mibgħuta jew riċevuta mill-uffiċċji tal-kontabilità rispettivi trid tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet kompetenti u tiġi vverifikata minnhom. Kwalunkwe azzjoni ta' segwitu, eż. inkjesti mal-uffiċċju tad-destinazzjoni, tkun meħtieġa biss meta d-diskrepanza taffettwa l-proċedura ta' tranżitu.

L-applikazzjoni xierqa tal-proċedura simplifikata trid tiġi mmonitorjata fuq il-bażi tal-Iskeda 2 tan-nota ta' konsenja CIM. Din l-iskeda, li għandu jkollha l-approvazzjonijiet meħtieġa mil-leġiżlazzjoni dwar it-tranżitu, trid tinżamm disponibbli fl-uffiċċju tal-kontabilità fil-pajjiż tad-destinazzjoni (ara t-Taqsima VI.3.5.3.4.7). Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni xierqa għandu jkun jikkonsisti f'kontrolli każwali tal-Iskeda 2 tan-nota ta' konsenja CIM. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll l-użu tal-proċedura ta' verifika ta' wara r-rilaxx[42].

VI.3.5.3.6 Garanzija fil-kuntest tal-proċedura simplifikata ta' tranżitu ferrovjarju

L-Artikoli 215(2), 98(1), 89(4) u 233(1)(c) KDU

Id-**detentur tal-proċedura** jeħtieġlu **jipprovdi garanzija xierqa** — valida, suffiċjenti u li tkopri l-itinerarju sħiħ fit-territorju doganali tal-Unjoni u fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni.

L-Artikolu 16(1) DA

L-Artikolu 28(1)

Meta wieħed iqis in-natura tal-proċedura bbażata fuq il-karti, il-"garanzija komprensiva" hija l-aktar forma xierqa ta' garanzija. Ma teżisti ebda proċedura effiċjenti li tippermetti lill-uffiċċju doganali

41 Ara l-premessi tar-Regolament (KEE) Nru 304/1971 tal-Kummissjoni.

42 Għad-dettalji, ara l-Parti IV, il-Kapitolu 5, il-Paragrafu 5 tal-Manwal ta' Tranżitu.

KDU

tat-tluq jirrilaxxa moviment b'garanzija individwali.

L-Artikolu 10(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

VI.3.5.3.6.1 L-użu ta' garanzija komprensiva

L-Artikoli 156 u 157(3) IA

L-Artikolu 74(4), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Jekk garanzija komprensiva tkun ġiet ipprovduta fil-kuntest tal-proċedura simplifikata ta' tranżitu ferrovjarju, japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin.

- Id-detentur tal-proċedura huwa responsabbli sabiex jivverifika li l-livell tal-ammont ta' referenza jkun suffiċjenti l-ħin kollu u li jkun ikopri l-itinerarju sħiħ fit-territorju doganali tal-Unjoni u fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni.

  Nota:

  (a) Jekk il-livell tal-ammont ta' referenza jkun insuffiċjenti, id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jżid l-ammont ta' referenza jew jissupplimenta garanzija addizzjonali. Din l-informazzjoni trid tkun indikata fin-nota ta' konsenja CIM mat-tip ta' garanzija u, fejn xieraq, man-numru GRN.

  (b) L-ammont ta' referenza jista' jerġa' jintuża għal operazzjoni ta' tranżitu sussegwenti mill-mument li fih tkun intemmet il-proċedura ta' tranżitu.

- L-uffiċċju doganali tat-tluq għandu jivverifika jekk hemmx garanzija komprensiva fis-seħħ. Id-dwana tista' tuża l-Anness 2 tad-dokument ta' ħidma TAXUD/A2/TRA/02/2019 bħala sors għall-verifika. Id-dwana tista' wkoll tipprežumi, abbażi ta' dik l-informazzjoni, li l-kundizzjoni hija ssodisfata (ara wkoll it-Taqsima VI.3.5.3.4.4).
- L-awtorità doganali kompetenti (tal-uffiċċju doganali tal-garanzija) għandha twettaq awditi regolari u xierqa sabiex timmonitorja l-użu tal-ammont ta' referenza.

Il-monitoraġġ tal-użu tal-garanzija komprensiva għal din il-proċedura bbażata fuq il-karti huwa differenti mill-monitoraġġ fil-proċedura ta' tranżitu standard. Minħabba dan, il-garanzija komprensiva trid talloka ammont ta' referenza sabiex tintuża din il-proċedura bbażata fuq il-karti li jkun distint mill-ammont ta' referenza allokat għall-proċedura ta' tranżitu standard.

L-Artikoli 23, 28(1), 28(2) u 42 KDU

L-Artikoli 17,

Jekk l-awditi jiżvelaw li l-kundizzjonijiet għall-użu tal-garanzija komprensiva ma jkunux ġew issodisfati, l-awtorità doganali kompetenti tista':

- tirrieżamina l-ammont ta' referenza tal-garanzija komprensiva;

65(3), 66 u 67 l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

- tissospendi/tirrevoka l-awtorizzazzjonijiet rilevanti, jiġifieri l-awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' garanzija komprensiva u l-użu tal-proċedura ferrovjarja bbażata fuq il-karti;
- timponi penali amministrattiva minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-użu ta' garanzija komprensiva;
- timponi penali amministrattiva għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi relatati mal-proċedura ta' tranżitu;
- tistabbilixxi dejn doganali u proċeduri ta' rkupru relatati, jekk applikabbli.

Għal aktar informazzjoni dwar l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' garanzija komprensiva, ara l-Parti III u l-Parti VI.

VI.3.5.3.6.2 Garanzija individwali

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, għandha tintuża garanzija komprensiva. Madankollu, xi drabi jkun xieraq li jintużaw garanziji individwali. Garanzija individwali tista' tkun xierqa f'każijiet rari meta:

- impriża ferrovjarja awtorizzata taġixxi prinċipalment bħala parteċipanta fil-katina, iżda trid taġixxi b'mod eċċezzjonali bħala detentur tal-proċedura u, għalhekk, ma għandhiex garanzija komprensiva;
- l-ammont ta' referenza tal-garanzija komprensiva jkun insufiċjenti u jeħtieġ li jiġi ssupplimentat b'garanzija addizzjonali.

Jekk tiġi pprovduta garanzija individwali fil-kuntest ta' din il-proċedura simplifikata ta' tranżitu ferrovjarju:

- id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jippreżenta garanzija xierqa lill-uffiċċju doganali tat-tluq u jindika t-tip ta' garanzija – fejn xieraq, jeħtieġlu jindika wkoll in-numru GRN fin-nota ta' konsenja CIM;
- l-uffiċċju doganali tat-tluq għandu jivverifika jekk il-garanzija individwali hijiex xierqa, jiġifieri jeħtieġlu jivverifika jekk il-garanzija hijiex: (i) valida; (ii) biżżejjed sabiex tkopri kwalunkwe dejn doganali potenzjali; u (iii) tkopri l-itinerarju sħiħ fit-territorju doganali tal-Unjoni u fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni;
- l-uffiċċju doganali tat-tluq jista' jirrilaxxa l-garanzija individwali biss meta jkollu l-assigurazzjoni neċessarja li l-proċedura ta' tranżitu ntemmet b'mod korrett.

Minkejja l-fatt li l-merkanzija u n-nota ta' konsenja CIM ma jridux jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tat-tluq f'ċerti sitwazzjonijiet (ara n-nota tat-Taqsima VI.3.5.3.4.4), il-garanzija individwali trid tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

VI.3.5.3.7 Xenarji ta' każijiet

VI.3.5.3.7.1 Eżempji

1. **Merkanzija mhux tal-Unjoni tiġi ttrasportata minn Rotterdam/NL għal Vjenna/AT**
   Trasportatur kuntrattwali: DB Cargo Nederland
   Trasportaturi oħrajn: DB Cargo AG, Rail Cargo Austria
   Id-dettalji ta' DB Cargo Nederland huma murijin fil-Kaxxa 58a. It-trasportaturi l-oħrajn huma murijin fil-Kaxxa 57. It-trasportatur kuntrattwali u t-trasportaturi l-oħrajn jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-proċedura bbażata fuq il-karti. DB Cargo Nederland jista' japplika għall-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji billi jimla l-Kaxxa 58b, jiġifieri jimmarka l-kaxxa "iva" u jdaħħal il-kodiċi 2184 tal-UIC tiegħu.

2. **Merkanzija mhux tal-Unjoni tiġi ttrasportata minn Rotterdam/NL għal Vjenna/AT**
   Trasportatur kuntrattwali: DB Cargo Nederland
   Trasportaturi oħrajn: Rail Express, Rail Cargo Austria
   Il-proċedura bbażata fuq il-karti ma hijiex applikabbli, minħabba li Rail Express ma hijiex intitolata li tuża s-simplifikazzjoni. Tapplika l-proċedura ta' tranżitu standard. In-nota ta' konsenja CIM isservi bħala dokument tat-trasport biss. Dment li Rail Express tkun awtorizzata bħala impriża ferrovjarja intermedja, il-proċedura bbażata fuq il-karti tkun applikabbli.

3. **Merkanzija mhux tal-Unjoni tiġi ttrasportata minn Rotterdam/NL għal Vjenna/AT**
   Trasportatur kuntrattwali: DB Cargo Nederland
   Trasportaturi oħrajn: DB Cargo Nederland
   Il-proċedura bbażata fuq il-karti ma hijiex applikabbli, minħabba li hemm biss impriża ferrovjarja waħda li hija involuta fit-trasport. Tapplika l-proċedura ta' tranżitu standard. In-nota ta' konsenja CIM isservi bħala dokument tat-trasport biss.

4. **Merkanzija mhux tal-Unjoni għandha tiġi ttrasportata minn Rotterdam/NL għal Banja Luka/BA**
   Trasportatur kuntrattwali: SBB Cargo
   Trasportaturi oħrajn: DB Cargo Nederland, DB Cargo AG, Rail Cargo Austria, SŽ – Tovorni Promet D.O.O., HŽ Cargo, ZFBH (BA)
   Id-dettalji ta' SBB Cargo huma murijin fil-Kaxxa 58a. It-trasportatur kuntrattwali u t-trasportaturi l-oħrajn fl-UE

jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-proċedura bbażata fuq il-karti. SBB Cargo tista' tapplika għall-proċedura bbażata fuq il-karti billi timla l-Kaxxa 58b tan-nota ta' konsenja CIM. L-operazzjoni ta' tranżitu tintemm awtomatikament f'konformità mal-Artikolu 36(5) TDA u mal-Artikolu 101 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni meta l-merkanzija titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni.

5. **Merkanzija mhux tal-Unjoni għandha tiġi ttrasportata minn Rotterdam/NL għal Banja Luka/BA**
   Trasportatur kuntrattwali: ZFBH (BA)
   Trasportaturi oħrajn: DB Cargo Nederland, DB Cargo AG, Rail Cargo Austria, SŽ – Tovorni Promet D.O.O., HŽ Cargo, ZFBH (BA)
   It-trasportatur kuntrattwali huwa stabbilit barra l-UE. L-impriżi ferrovjarji l-oħrajn kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-proċedura bbażata fuq il-karti u jistgħu japplikaw għall-proċedura bbażata fuq il-karti billi jimlew il-Kaxxa 58b tan-nota ta' konsenja CIM f'konformità mal-Artikolu 31(1)(a) TDA u mal-Artikolu 93(1)(a) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni. L-operazzjoni ta' tranżitu tintemm awtomatikament f'konformità mal-Artikolu 36(5) TDA u mal-Artikolu 101 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni meta l-merkanzija titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni.

6. **Merkanzija mhux tal-Unjoni għandha tiġi ttrasportata minn Banja Luka/BA għal Bratislava/SK**
   Trasportatur kuntrattwali: ZFBH (BA)
   Trasportaturi oħrajn: HŽ Cargo, SŽ – Tovorni Promet D.O.O., Rail Cargo Austria, ZSSK CARGO
   It-trasportatur kuntrattwali huwa stabbilit barra l-UE. L-impriżi ferrovjarji l-oħrajn kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-proċedura bbażata fuq il-karti. ZFBH tista' tapplika f'isem waħda mill-impriżi ferrovjarji l-oħrajn bil-kunsens tal-impriża ferrovjarja l-oħra sabiex tuża l-proċedura bbażata fuq il-karta billi timmarka l-kaxxa "iva" fil-Kaxxa 58b f'ma-Artikolu 31(1)(b) TDA u mal-Artikolu 93(1)(b) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni. Il-Kaxxa 58a turi d-dettalji ta' ZFBH, filwaqt li l-kodiċi tal-UIC tal-impriża ferrovjarja l-oħra li tat il-kunsens tagħha għandu jiddaħħal fil-Kaxxa 58b. F'konformità mal-Artikolu 33(5) TDA u mal-Artikolu 102 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, tibda l-proċedura simplifikata u waħda mill-impriżi ferrovjarji l-oħrajn taġixxi bħala d-detentur tal-

proċedura meta l-ferrovija tidħol fl-UE.

7. **Merkanzija mhux tal-Unjoni għandha tiġi ttrasportata minn Rotterdam/NL għal Alessandria/IT**
   Trasportatur kuntrattwali: DB Cargo Nederland
   Trasportaturi oħrajn: DB Cargo AG, BLS Cargo, Mercitalia, DB Cargo Italia
   Nota: din tikkonċerna ħames trasportaturi f'katina li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-proċedura bbażata fuq il-karti f'erba' pajjiżi.
   Id-dettalji ta' DB Cargo Nederland huma murijin fil-Kaxxa 58a. It-trasportaturi l-oħrajn huma murijin fil-Kaxxa 57. It-trasportatur kuntrattwali u t-trasportaturi l-oħrajn jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-proċedura bbażata fuq il-karti fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. DB Cargo Nederland jista' japplika għall-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji billi jimla l-Kaxxa 58b, jiġifieri jimmarka l-kaxxa "iva" u jdaħħal il-kodiċi 2184 tal-UIC tiegħu.

8. **Merkanzija mhux tal-Unjoni għandha tiġi ttrasportata minn Bern/CH għal Rotterdam/NL**
   Trasportatur kuntrattwali: DB Cargo Schweiz
   Trasportaturi oħrajn: DB Cargo Nederland, DB Cargo AG
   Id-dettalji ta' DB Cargo Schweiz huma murijin fil-Kaxxa 58a. It-trasportaturi l-oħrajn huma murijin fil-Kaxxa 57. It-trasportatur kuntrattwali u t-trasportaturi l-oħrajn jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-proċedura bbażata fuq il-karti. Madankollu, it-trasportatur kuntrattwali u d-detentur tal-proċedura huma differenti u DB Cargo AG hija d-detentur tal-proċedura. Billi DB Cargo Schweiz ma huwiex id-detentur tal-proċedura, jista' japplika għall-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti f'isem DB Cargo AG bil-kunsens ta' DB Cargo AG billi jimla l-Kaxxa 58b, jiġifieri jimmarka l-kaxxa "iva" u jdaħħal il-kodiċi 2180 tal-UIC tiegħu.

9. **Merkanzija mhux tal-Unjoni għandha tiġi ttrasportata minn Belgrade/XS (CS) għal Rotterdam/NL**
   Trasportatur kuntrattwali: Srbija Kargo AD
   Trasportaturi oħrajn: Rail Cargo Hungaria, Rail Cargo Austria, DB Cargo AG, DB Cargo Nederland NV
   Srbija Kargo AD jista' japplika f'isem Rail Cargo Hungaria sabiex juża l-proċedura bbażata fuq il-karti billi jimmarka l-kaxxa "iva" fil-Kaxxa 58b. Il-Kaxxa 58a turi d-dettalji ta' Srbija Kargo AD, filwaqt li l-kodiċi 2155 tal-UIC ta' Rail Cargo

Hungaria għandu jiddaħħal fil-Kaxxa 58b. F'konformità mal-Artikolu 33(5), TDA mal-Artikolu 102 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, tibda l-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti — u Rail Cargo Hungaria jaġixxi bħala d-detentur tal-proċedura — meta l-ferrovija tidħol fl-UE.

VI.3.5.3.7.2 Sitwazzjonijiet partikolari tat-trasportaturi kuntrattwali

Il-kundizzjoni li l-merkanzija suċċessivament tittieħed u tiġi ttrasportata minn impriżi ferrovjarji awtorizzati differenti ma tibqax issodisfata meta jkun hemm fużjoni sħiħa ta' kumpaniji ferrovjarji minn diversi pajjiżi f'impriża waħda. Madankollu, fil-prinċipju, il-fatt li kumpaniji ferrovjarji differenti jkunu parti mill-istess impriża azzjonarja finanzjarja ma għandux jixħet din il-kundizzjoni f'dubju, dment li s-servizzi tal-merkanzija differenti jkomplu joperaw separatament.

Il-kundizzjoni lanqas ma tiġi ssodisfata meta kumpanija ferrovjarja waħda twettaq operazzjoni ta' trasport internazzjonali f'qafas liberalizzat, eż. bħala trasportatur uniku mill-pajjiż tat-tluq għall-pajjiż tad-destinazzjoni.

Barra minn hekk, it-trasportatur kuntrattwali jista' jkollu wkoll karatteristiċi mhux konvenzjonali, skont ir-regoli internazzjonali dwar il-merkanzija bil-ferrovija. Dawn il-karatteristiċi differenti jridu jitqiesu meta tittieħed deċiżjoni dwar jekk tintużax il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji. Uħud minn dawn il-karatteristiċi mhux konvenzjonali possibbli huma diskussi fil-punti ta' hawn taħt.

- It-trasportatur kuntrattwali huwa l-impriża ferrovjarja ta' spedizzjoni jew ta' tranżitu, jew impriża ferrovjarja fil-pajjiż tad-destinazzjoni.
  F'dan il-każ, it-trasportatur kuntrattwali jista' jaġixxi bħala detentur tal-proċedura fil-proċedura bbażata fuq il-karti meta l-proċedura bbażata fuq il-karta tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-proċedura bbażata fuq il-karti.

- It-trasportatur kuntrattwali ma jkunx involut fiżikament fit-trasport tal-merkanzija.
  F'dan il-każ, it-trasportatur kuntrattwali jista' jaġixxi bħala detentur tal-proċedura fil-proċedura bbażata fuq il-karti u jkun

irrappreżentat fl-uffiċċju doganali tat-tluq mill-ewwel trasportatur fil-katina fit-territorju tal-UE jew f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

- It-trasportatur kuntrattwali jissodisfa r-rekwiżiti tal-proċedura bbażata fuq il-karti, iżda ma jipprovdi ebda garanzija.
  F'dan il-każ, it-trasportatur kuntrattwali ma jistax jaġixxi bħala detentur tal-proċedura. Impriża ferrovjarja awtorizzata oħra tista' tapplika sabiex tuża l-proċedura bbażata fuq il-karti bħala rappreżentanta tat-trasportatur kuntrattwali.

- It-trasportatur kuntrattwali ma jkunx impriża ferrovjarja.
  F'dan il-każ, it-trasportatur kuntrattwali ma jkunx jista' jaġixxi bħala detentur tal-proċedura fil-proċedura bbażata fuq il-karti, peress li l-Artikolu 25(1) TDA u l-Artikolu 93 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni jeħtieġu li kumpanija ferrovjarja tkun id-detentur tal-proċedura.

- It-trasportatur kuntrattwali ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-proċedura bbażata fuq il-karti.
  F'dan il-każ, it-trasportatur kuntrattwali ma jistax jaġixxi bħala detentur tal-proċedura fil-proċedura bbażata fuq il-karti. Id-detentur tal-proċedura huwa l-unika persuna li tista' tingħata l-użu ta' simplifikazzjoni. Bħala regola ġenerali, id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jissodisfa r-rekwiżiti ta' simplifikazzjoni. Madankollu, it-trasportatur kuntrattwali jista' japplika sabiex juża l-proċedura simplifikata bħala rappreżentant ta' trasportatur ieħor li jissodisfa r-rekwiżiti u li jista' jaġixxi bħala detentur tal-proċedura.

VI.3.5.4 Proċedura ta' tranżitu ferrovjarju oħra bbażata fuq il-karti (dispożizzjoni tranżitorja)

L-Artikolu 45 TDA

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Sakemm l-NCTS tkun ġiet aġġornata f'konformità mal-programm ta' ħidma tal-KDU, l-Istati Membri u l-pajjiżi ta' tranżitu komuni għandhom id-dritt li jkomplu japplikaw proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni oħrajn ibbażati fuq il-karti, dment li jiġu rrispettati l-miżuri li japplikaw għall-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu komuni jew tal-Unjoni.

L-arranġamenti — fil-livell nazzjonali, bilaterali jew multilaterali — sabiex jintużaw tali proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti, iridu jkunu ġew stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ tal-KDU.

Pereżempju, dan huwa l-każ meta l-merkanzija tiġi ttrasportata bil-ferrovija taħt in-nota ta' konsenja CIM/SMGS jew SMGS u tkun trid tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni sakemm tilħaq punt speċifiku fl-istess pajjiż tad-dħul.

VI.3.5.5 Kuritur T2

L-Artikolu 119(2)(c) DA

L-Artikolu 2(a) l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni

Għalkemm l-użu tal-Kuritur T2 ma huwiex proċedura ta' tranżitu doganali, ta' min ifakkar li din it-tip ta' faċilitazzjoni teżisti għall-merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bil-ferrovija. Għalkemm il-Kuritur T2 ma huwiex proċedura komuni ta' tranżitu, jista' jitqies bħala simplifikazzjoni nazzjonali tat-tranżitu f'pajjiżi ta' tranżitu komuni. Madankollu, teknikament, fit-territorju doganali tal-Unjoni u skont il-Konvenzjoni, jintuża l-kunċett tal-preżunzjoni tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

Permezz tal-użu tal-Kuritur T2, il-merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bil-ferrovija tista' tiġi ttrasportata, mingħajr ma tkun soġġetta għal proċedura doganali għall-moviment tagħha, minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni u tiġi ttrasportata mit-territorju ta' pajjiż ta' tranżitu komuni mingħajr tibdil fl-istatus doganali tagħha. Dan jeħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. it-trasport tal-merkanzija jrid ikun kopert minn dokument uniku tat-trasport maħruġ fi Stat Membru;

2. id-dokument uniku tat-trasport irid ikun fih l-approvazzjoni li ġejja: "Kuritur T2" u n-numru tal-awtorizzazzjoni tal-impriża

ferrovjarja fl-Iżvizzera;

3. it-tranżitu minn pajjiż ta' tranżitu komuni jrid ikun immonitorjat permezz ta' sistema elettronika f'dak il-pajjiż ta' tranżitu komuni; u

4. l-impriża ferrovjarja kkonċernata trid tkun awtorizzata mill-pajjiż ta' tranżitu komuni li t-territorju tiegħu jiġi ttranżitat sabiex tuża l-proċedura tal-"Kuritur T2".

Il-pajjiż ta' tranżitu komuni jeħtieġlu jżomm lill-kumitat konġunt jew lill-grupp ta' ħidma rilevanti mwaqqaf minn dak il-kumitat informat dwar l-arranġamenti għas-sistema ta' monitoraġġ elettroniku, u dwar l-impriżi ferrovjarji li huma awtorizzati sabiex jużaw il-Kuritur T2.

Bħalissa, sistema bħal din hija fis-seħħ biss fl-Iżvizzera. Il-Kuritur T2 fl-Iżvizzera għandu l-istatus ta' proċedura ta' tranżitu nazzjonali. Il-lista ta' impriżi ferrovjarji awtorizzati sabiex jużaw dan il-Kuritur T2 u l-informazzjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita jinstabu hawnhekk: http://www.ezv.admin.ch/zollanmeldung/05042/05049/index.html?lang=en.

VI.3.6 Merkanzija ttrasportata bl-ajru — bl-użu ta' manifesti bbażati fuq il-karti sabiex il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

Dan il-paragrafu huwa suddiviż kif ġej:

- Introduzzjoni (il-Paragrafu VI.3.6.1);
- L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru (il-Paragrafu VI.3.6.2);
- Każijiet partikolari (il-Paragrafu VI.3.6.4).

VI.3.6.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 108-111(b) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Sabiex juża l-proċedura komuni ta' tranżitu/l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru, id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jippreżenta garanzija.

L-Artikolu 233(4)(d)

Dik is-simplifikazzjoni tista' tintuża biss sad-data tat-titjib tal-NCTS. Wara dik id-data, l-operaturi ekonomiċi jeħtiġilhom jużaw

u 233(4)(e) KDU

l-NCTS u jistgħu jissostitwixxu dik is-simplifikazzjoni:

L-Artikoli 46-48 TDA

- jew bil-proċedura ta' tranżitu standard (il-Parti IV); jew
- bl-użu ta' dikjarazzjoni doganali b'rekwiżiti ta' *data* mnaqqsin għat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

Il-linji tal-ajru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima VI.2.1 jistgħu jużaw il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru.

Il-linja tal-ajru li topera l-proċeduri ta' tranżitu għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru ssir id-detentur tal-proċedura u tista' twettaq formalitajiet ta' tranżitu bl-użu tal-manifest tal-merkanzija bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

L-ajruporti tal-Unjoni u/jew tal-pajjiżi ta' tranżitu komuni jkunu speċifikati fl-awtorizzazzjoni.

B'mod kunċettwali, il-manifest tal-merkanzija użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għandu jkun distint mill-manifest kummerċjali jew mill-manifest ta' groupage.

Innota li t-tranżitu bl-ajru dejjem jista' jseħħ taħt il-kopertura ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu standard bl-użu tal-NCTS.

L-ajruport tat-tagħbija huwa l-ajruport tat-tluq; l-ajruport tal-ħatt huwa l-ajruport tad-destinazzjoni.

VI.3.6.2 L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru

L-Artikoli 108-110 L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Linja tal-ajru hija awtorizzata tuża l-manifest tal-merkanzija bbażat fuq il-karti bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Artikoli 47-48 TDA

Il-manifest tal-merkanzija użat irid ikun jikkorrispondi fis-sustanza għall-mudell fl-Appendiċi 3 tal-Anness 9 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, magħmula f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944.

Rekwiżit għal din il-proċedura huwa li l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċeduri ta' tranżitu differenti trid tiġi elenkata fuq manifesti separati li jservu bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu għal kull proċedura rispettiva. Għalhekk, pereżempju, titjira tista' tkun

koperta minn tliet manifesti:

1. il-manifest tal-merkanzija kummerċjali normali (li jkopri l-merkanzija kollha abbord l-ajruplan);

2. manifest tal-merkanzija li jservi bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu li telenka dik il-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu T1;

3. manifest tal-merkanzija li jservi bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu li telenka dik il-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu T2 jew T2F.

VI.3.6.2.1 Awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru

L-Artikolu 108 L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni trid tkun konformità mat-Taqsima VI.2.2.

L-Artikolu 22(1) KDU

L-Artikolu 26 TDA

L-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali kompetenti għall-post fejn jinżammu jew ikunu aċċessibbli l-kontijiet ewlenin tal-applikant għal finijiet doganali, u fejn għandha titwettaq tal-anqas parti mill-attivitajiet koperti mill-awtorizzazzjoni.

Għall-annullament, għar-revoka jew għall-emenda tal-awtorizzazzjoni, ara t-Taqsima VI.2.3.

Kull meta l-linja tal-ajru tkun tixtieq tbiddel ajruport wieħed jew aktar, jeħtiġilha titlob l-emenda tal-awtorizzazzjoni eżistenti.

NEGOZJU

Il-linja tal-ajru jeħtiġilha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja fl-applikazzjoni:

1. il-formola tal-manifest;
2. l-ismijiet tal-ajruporti tat-tluq involuti fil-proċedura;
3. l-ismijiet tal-ajruporti tad-destinazzjoni involuti fil-proċedura;

DWANA

L-awtorizzazzjoni tinkludi:

- il-formola tal-manifest;

- l-ismijiet tal-ajruporti tat-tluq u tad-destinazzjoni involuti fil-proċedura;
- il-kundizzjonijiet għall-użu tal-proċedura, inkluż ir-rekwiżit li jintużaw manifesti tal-merkanzija separati għall-proċeduri T1, T2 u T2F.

NEGOZJU

Il-linja tal-ajru hija meħtieġa tibgħat kopja awtentikata tal-awtorizzazzjoni lill-awtorità doganali ta' kull ajruport imsemmi.

L-awtorizzazzjoni trid tiġi ppreżentata kull meta tkun meħtieġa mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

VI.3.6.2.2 L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru

L-Artikolu 109
L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 47 TDA

Il-manifest tal-merkanzija jrid ikun fih l-informazzjoni li ġejja:

- l-istatus doganali tal-merkanzija (T1, T2 jew T2F, kif xieraq);
- l-isem tal-linja tal-ajru li qed iġġorr il-merkanzija;
- in-numru tat-titjira;
- id-data tat-titjira;
- l-isem tal-ajruport tat-tluq (tagħbija) u l-ajruport tad-destinazzjoni (ħatt);
- id-data tal-ħruġ u l-firma.

U għal kull konsenja jiddaħħlu fil-manifest, l-erba' biċċiet ta' informazzjoni li ġejjin iridu jkunu inklużi.

1. In-numru tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru.
2. In-numru ta' pakketti.
3. Id-deskrizzjoni kummerċjali tal-merkanzija inklużi d-dettalji kollha neċessarji għall-identifikazzjoni tagħha jew, fejn xieraq, l-entrata "Konsolidazzjoni", li tista' titqassar (ekwivalenti għall-groupage). F'dan il-każ, il-poloz tal-vjeġġ bl-ajru għal konsenji fuq il-manifest iridu jinkludu d-deskrizzjoni kummerċjali tal-merkanzija li tinkludi d-dettalji kollha neċessarji għall-identifikazzjoni tagħha. Dawk il-poloz tal-vjeġġ bl-ajru jridu jiġu mehmużin mal-manifest.
4. Il-massa grossa.

Meta l-linja tal-ajru ma tkunx konsenjatur awtorizzat, tal-anqas żewġ kopji tal-manifest(i) iridu jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni lill-awtoritajiet doganali fl-ajruport tat-tluq.

Id-DWANA fl-ajruport tat-tluq

Tapprova l-manifest(i) bl-isem u bit-timbru tal-uffiċċju doganali, bid-data tal-approvazzjoni, u bil-firma tal-uffiċjal tad-dwana.

Iżżomm kopja waħda ta' kull manifest.

Fl-ajruport tad-destinazzjoni, il-linja tal-ajru, li ma jkollhiex l-istatus ta' konsenjatarju awtorizzat, tippreżenta l-merkanzija u kopja tal-manifest(i) użata bħala d-dikjarazzjoni(jiet) tat-tranżitu lill-uffiċċju doganali.

Għal skopijiet ta' kontroll tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, tista' teħtieġ il-produzzjoni tal-manifesti tal-merkanzija (jew poloz tal-vjeġġ bl-ajru) għall-merkanzija kollha li tinħatt.

Nota għall-Unjoni: Merkanzija tal-Unjoni mhux soġġetta għall-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni (T2, T2F) tkun intitolata għal moviment liberu ulterjuri lejn id-destinazzjoni tagħha fl-Unjoni dment li ma jkunx hemm suspett jew dubju raġonevoli dwar l-istatus tal-merkanzija mal-wasla fl-ajruport tad-destinazzjoni.

Id-DWANA fl-ajruport tad-destinazzjoni

Iżżomm kopja waħda ta' kull manifest ippreżentat.

L-Artikolu 110 L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 48 TDA

L-awtoritajiet doganali fl-ajruport tad-destinazzjoni ma għandhomx bżonn jirritornaw kopji tal-manifest lill-awtoritajiet doganali fl-ajruport tat-tluq. Ir-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu jsir fuq il-bażi ta' lista ta' kull xahar imfassla mil-linja tal-ajru.

NEGOZJU

Il-linja tal-ajru jew ir-rappreżentant tagħha fl-ajruport tad-destinazzjoni jeħtieġlu jfassal fil-bidu ta' kull xahar lista tal-manifesti li ġew ippreżentati lill-uffiċċju tad-dwana fl-ajruport tad-destinazzjoni matul ix-xahar ta' qabel. Din il-lista jrid ikun fiha l-informazzjoni li ġejja:

- in-numru ta' referenza ta' kull manifest;
- il-kodiċi rilevanti T1, T2 jew T2F;
- l-isem (li jista' jkun imqassar) tal-linja tal-ajru li ġarret il-merkanzija;
- in-numru tat-titjira;
- id-data tat-titjira.

Nota: trid titfassal lista separata għal kull ajruport tat-tluq.

DWANA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni japprova kopja tal-lista tal-manifesti mħejjija mil-linja tal-ajru. Imbagħad, l-uffiċċju doganali jibgħat din il-lista lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Il-linja tal-ajru, bi ftehim mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, tista' tkun awtorizzata tibgħat il-lista ta' kull xahar tal-manifesti lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jiżgura li jkun irċieva l-listi.

Jekk jinstabu irregolaritajiet b'rabta mal-informazzjoni fil-manifesti li jidhru fil-lista, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jinfurma lill-uffiċċju doganali tat-tluq u lill-awtorità li tkun tat l-awtorizzazzjoni, waqt li jirreferi b'mod partikolari għall-poloz tal-vjeġġ bl-ajru għall-merkanzija inkwistjoni.

VI.3.6.2.3 L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru

Il-poloz tal-vjeġġ bl-ajru għal merkanzija li diġà tkun qed tiġi ttrasportata taħt proċedura ta' tranżitu (dokument ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni, carnet ATA, forma 302 tan-NATO, eċċ.) huma inklużi fil-manifest tal-merkanzija kummerċjali, iżda ma jistgħux jidhru fuq il-manifest li jikkostitwixxi d-dikjarazzjoni tat-tranżitu. Il-polza tal-vjeġġ bl-ajru għal din il-merkanzija trid tinkludi referenzi għall-proċedura ta' tranżitu (numru tad-dokument, data u uffiċċju doganali tat-tluq) li tkun qed tintuża.

Id-dijagramma skematika hawn taħt turi l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru.

L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru



VI.3.6.3 L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq manifest elettroniku għal merkanzija ttrasportata bl-ajru

L-Anness tħassar għaliex ma għadux rilevanti.

VI.3.6.4 Każijiet partikolari (l-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru)

Groupage ("konsolidazzjonijiet")

Hemm żewġ tipi ta' groupage:

1. groupage imwettaq mil-linja tal-ajru: f'dan il-każ, il-linja tal-ajru nnifisha tindika l-istatus tal-merkanzija kontra kull linja tal-manifest tal-merkanzija;

2. groupage soġġett għal kuntratt bejn il-konsenjatur u l-konsolidatur: dan il-kuntratt huwa magħruf bħala polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier (HAWB).

It-trasport bl-ajru tal-konsolidazzjoni fl-intier tagħha jitwettaq taħt il-kopertura ta' kuntratt bejn il-konsolidatur u l-linja tal-ajru. Dan il-kuntratt huwa magħruf bħala polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn trasportatur. Il-konsolidazzjoni hija wkoll is-suġġett ta' manifest ta' konsolidazzjoni, li huwa sommarju analitiku tal-pakketti kollha li jinsabu fil-konsolidazzjoni b'referenzi għall-polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier għal kull konsenja. Għalhekk, huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn il-manifest ta' konsolidazzjoni u l-manifest tal-merkanzija tal-linja tal-ajru, li jservi bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Jista' jiġri li linja tal-ajru tittrasporta konsolidazzjoni fuq polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn trasportatur skont il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru. Jekk dan iseħħ, huwa aċċettat li l-linja tal-ajru ma tkunx taf xi jkun il-kontenut tal-poloz tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier li jkunu tħejjew mill-konsolidatur. F'tali każijiet, il-linja tal-ajru tista' taċċetta konsolidazzjonijiet għad-dispaċċ taħt iż-żewġ tipi ta' proċeduri ta' tranżitu dment li:

- il-konsolidatur jintrabat li jżomm l-istatus ta' konsenji

individwali fil-livell ta' polza tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier;

- il-manifesti ta' konsolidazzjoni jkun fihom l-informazzjoni speċifikata fl-Appendiċi 3 tal-Anness 9 għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali;
- mat-tluq u fid-destinazzjoni, il-poloz tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier ikunu disponibbli għas-superviżjoni doganali;
- il-manifesti ta' konsolidazzjoni jkunu mmarkati bl-istatus xieraq (ara hawn taħt);
- l-ogħla status fuq il-manifest ta' konsolidazzjoni jiġi nnotifikat lil-linja tal-ajru (bl-ordni tal-istatus li hija T1, T2, T2F, TD, C, X).

Il-kodiċi T1, T2, T2F, TD, C jew X jintuża sabiex jindika l-punti rilevanti fuq il-manifest ta' konsolidazzjoni kif stabbilit fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Kodiċi	Tranżitu komuni	Tranżitu fl-Unjoni
T1	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu estern T1	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu estern T1
T2	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu intern T2	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu intern T2
T2F	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu intern T2	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni ttrasportata mit-territorji fiskali speċjali (SFTs) għal parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni, li ma jkunx SFT kif imsemmi fl-Artikolu 188(1) DA. Dak il-kodiċi jista' jintuża għall-merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bejn SFT u parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 188(2) DA.

Kodiċi	Tranżitu komuni	Tranżitu fl-Unjoni
TD	Merkanzija diġà mqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu oħra*	Merkanzija li dġà qiegħda tiġi ttrasportata taħt proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, jew ittrasportata taħt proċeduri ta' proċessar attiv, ta' depost jew ta' dħul temporanju. F'każijiet bħal dawn, il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtiġilha ddaħħal ukoll il-kodiċi "TD" fil-polza ta' kargu korrispondenti jew f'dokument kummerċjali xieraq ieħor. Il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtiġilha ddaħħal ukoll referenza għall-proċedura użata, in-numru u d-data tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew tad-dokument tat-trasferiment, u l-isem tal-uffiċċju emittenti*.
C (ekwivalenti għal T2L)	Merkanzija tal-Unjoni mhux imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu	Merkanzija tal-Unjoni mhux imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu li l-istatus tagħha jista' jintwera
X	Merkanzija tal-Unjoni li l-proċedura tal-esportazzjoni għaliha ntemmet u li l-ħruġ tagħha ġie kkonfermat u li ma hijiex imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu	Merkanzija tal-Unjoni li l-proċedura tal-esportazzjoni għaliha ntemmet u li l-ħruġ tagħha ġie kkonfermat u li ma hijiex imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu

* Meta merkanzija li diġà tkun taħt proċedura ta' tranżitu (eż. tranżitu tal-Unjoni, carnet TIR, carnet ATA, formola 302 tan-NATO, eċċ.) tiġi inkluża fil-konsolidazzjoni, l-oġġett irid ikun immarkat bil-kodiċi "TD"; barra minn hekk, l-HAWB trid tingħata l-kodiċi "TD" u tinkludi referenza għall-proċedura attwali kkonċernata flimkien man-numru ta' referenza, mad-data u mal-uffiċċju doganali tat-tluq tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Jekk il-linja tal-ajru tuża l-proċedura komuni ta' tranżitu/l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru, trid tinkludi l-konsolidazzjoni taħt il-kodiċi "Konsolidazzjoni" (jew abbrevjazzjoni aċċettata) fuq il-manifest tal-linja tal-ajru, li jkun xieraq għall-ogħla status, irreġistrat fuq il-manifest tal-konsolidazzjoni (bl-ordni tal-istatus li

huwa T1, T2, T2F).

Eżempju

Jekk il-manifest tal-konsolidazzjoni jinkludi merkanzija T1, T2, u T2F, dan il-manifest irid ikun inkluż fil-manifest tal-ajru T1.

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' groupage taħt iż-żewġ tipi ta' proċedura ta' tranżitu għal merkanzija ttrasportata bl-ajru.

L-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru



Nota: Il-manifesti 3 u 5 ma jikkonċernawx proċeduri ta' tranżitu (nru 3) jew proċeduri ta' tranżitu li għalihom id-detentur tal-proċedura huwa d-dikjarant (nru 5).

Il-manifesti tal-konsolidazzjoni, il-poloz tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier u l-manifesti tal-ajru kollha jridu jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fl-ajruport tat-tluq, fuq talba.

Il-manifesti ta' konsolidazzjoni kollha, il-poloz tal-vjeġġ bl-ajru maħruġa minn spedizjonier u l-manifesti tal-ajru jridu, fuq talba, jiġu kkonsenjati lill-awtoritajiet kompetenti fl-ajruport tad-destinazzjoni. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-kontrolli xierqa fuq il-bażi tal-informazzjoni li tinsab fil-manifesti ta' konsolidazzjoni.

Ħlief għall-każijiet ikkodifikati "TD" u "X", il-linja tal-ajru taġixxi bħala d-detentur tal-proċedura għall-merkanzija mqiegħda taħt tranżitu u, għalhekk, hija kompletament responsabbli għall-moviment jekk ikun hemm irregolaritajiet. Ir-relazzjoni bejn il-linja tal-ajru u l-konsolidatur hija kwistjoni ta' arranġament kuntrattwali kummerċjali privat.

Dijagramma sekwenzjali għal groupage tal-ajru hija riprodotta fl-Anness VI.8.5.

VI.3.6.4.1 Trasport minn trasportaturi express

Meta l-kumpanija express stess tkun qed taġixxi bħala linja tal-ajru, hija tista' titlob awtorizzazzjoni sabiex tuża l-proċedura komuni ta' tranżitu/l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru, deskritta fit-Taqsima VI.3.6.2.

Għat-trasport ta' merkanzija tal-Unjoni biss, il-kumpanija express ikkonċernata ma tkunx obbligata tfassal manifest għall-finijiet doganali jew tidentifika l-istatus doganali tal-merkanzija.

Madankollu, għat-trasport ta' merkanzija li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu, il-kumpanija express ikkonċernata tkun soġġetta għal dawk it-tipi ta' proċeduri ta' tranżitu għal-linji tal-ajru.

Jekk il-kumpanija express taġixxi bħala linja tal-ajru u tkun awtorizzata tuża l-proċedura komuni ta' tranżitu/l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru, jeħtiġilha tistabbilixxi manifesti separati għall-merkanzija meta dan ikun neċessarju skont l-istatus doganali tagħha.

F'każijiet li fihom żewġ kumpaniji jew aktar ta' kurrier/express bl-

ajru jinnoleġġaw parzjalment inġenju tal-ajru, kull kumpanija tista' taġixxi bħala linja tal-ajru.

Meta l-kumpanija express ma taġixxix bħala linja tal-ajru u tikkuntratta t-trasport lil linja tal-ajru oħra, ikun hemm żewġ xenarji possibbli:

- jekk il-polza tal-vjeġġ bl-ajru tkopri konsenja waħda, il-kumpanija express jeħtiġilha tindika l-istatus doganali tal-konsenja fuq il-polza tal-vjeġġ bl-ajru;

- jekk il-polza tal-vjeġġ bl-ajru tkopri diversi konsenji, ir-regoli applikabbli jkunu dawk li jirregolaw il-groupage tal-ajru kif stipulati fit-Taqsima VI.3.6.4.

Jekk il-konsenji express jiġu ttrasportati minn kurrier tal-ajru abbord, ir-regoli jkunu kif ġej:

a) it-trasportatur jeħtieġlu jivvjaġġa bħala passiġġier ordinarju;

b) il-pakketti express iridu jkunu elenkati fuq manifest tal-kumpanija ta' kurrier/express bl-ajru;

c) il-linja tal-ajru jeħtiġilha tittrasporta l-pakketti bħala bagalji żejda, normalment fl-istiva tal-ajruplan;

d) bagalji żejda ma jistgħux jidhru fuq il-manifest tal-linja tal-ajru; u

e) konsenji bħal dawn jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 210 IA.

VI.3.7 Merkanzija ttrasportata bil-baħar

Dan il-paragrafu huwa suddiviż kif ġej:

- Introduzzjoni (it-Taqsima VI.3.7.1)
- L-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar (it-Taqsima VI.3.7.2)
- Kawżi partikolari (it-Taqsima VI.3.7.4).

VI.3.7.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 24(2) TDA

Sabiex juża l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għall-merkanzija ttrasportata bil-baħar, id-detentur tal-proċedura

jeħtieġlu jippreżenta garanzija.

Dik is-simplifikazzjoni tista' tintuża biss sad-data tat-titjib tal-NCTS. Wara dik id-data, l-operaturi ekonomiċi jeħtiġilhom jużaw l-NCTS u jistgħu jissostitwixxu dik is-simplifikazzjoni:

- jew bil-proċedura ta' tranżitu standard (il-Parti IV), jew inkella,

- bl-użu ta' dikjarazzjoni doganali b'rekwiżiti ta' *data* mnaqqsin għat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

L-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, fejn xieraq, huwa obbligatorju għat-trasport ta' merkanzija mhux tal-Unjoni bil-baħar fuq servizz regolari tat-trasport marittimu (RSS) awtorizzat (ara l-Parti II għal aktar dettalji dwar l-RSS).

Din il-proċedura hija disponibbli għall-kumpaniji tat-tbaħħir li joperaw RSS awtorizzat li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima VI.3.7.2 (minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali tat-Taqsima VI.2.1). Il-proċedura tinvolvi l-użu ta' manifest separat tal-merkanzija bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu għal kull kategorija ta' merkanzija.

B'mod kunċettwali, il-manifest tal-merkanzija użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu doganali għandu jkun distint mill-manifest kummerċjali jew mill-manifest ta' groupage.

Il-kumpanija tat-tbaħħir: (i) jeħtiġilha ssir id-detentur tal-proċedura għall-movimenti kkonċernati; (ii) tkun marbuta bir-regolamenti dwar it-tranżitu; u (iii) jeħtiġilha tuża l-manifest bħala d-dokument tat-tranżitu.

Il-port tat-tluq huwa l-port tat-tagħbija, filwaqt li l-port tad-destinazzjoni huwa l-port tal-ħatt.

VI.3.7.2 L-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar

Meta tuża proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar, kumpanija tat-tbaħħir tkun awtorizzata tuża l-manifest tal-merkanzija bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Karatteristika ta' din il-proċedura hija li meta l-operazzjoni tat-trasport tinvolvi kemm merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta'

tranżitu estern tal-Unjoni (T1) kif ukoll merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni (T2F), irid jintuża manifest separata għal kull kategorija ta' merkanzija.

Barra minn hekk, ikun hemm il-manifest kummerċjali li jkopri l-merkanzija kollha abbord il-bastiment.

VI.3.7.2.1 L-awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar

L-Artikolu 22(1) KDU

Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni trid tkun konformità mat-Taqsima VI.2.2.

L-Artikolu 25 TDA

Kumpanija tat-tbaħħir li tixtieq tuża l-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar jeħtiġilha titlob awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet doganali kompetenti għall-post fejn jinżammu jew huma aċċessibbli l-kontijiet prinċipali tal-applikant għal finijiet doganali, u fejn titwettaq tal-anqas parti mill-attivitajiet koperti mill-awtorizzazzjoni.

L-awtoritajiet doganali jeħtiġilhom joħorġu awtorizzazzjoni f'konformità mal-mudell fl-Anness VI.8.8.

Għall-annullament, għar-revoka jew għall-emenda tal-awtorizzazzjoni, ara t-Taqsima VI.2.3.

Kull meta l-kumpanija tat-tbaħħir tkun tixtieq li tbiddel port wieħed jew aktar, jeħtiġilha tissottometti talba għall-emenda tal-awtorizzazzjoni eżistenti.

NEGOZJU

Il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtiġilha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja fl-applikazzjoni:

1. il-formola tal-manifest;
2. l-ismijiet tal-portijiet tat-tluq involuti fil-proċedura;
3. l-ismijiet tal-portijiet tad-destinazzjoni involuti fil-proċedura.

DWANA

Il-kontenut tal-awtorizzazzjoni (f'konformità mal-Anness VI.8.6):

- il-formola tal-manifest;
- l-ismijiet tal-portijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni involuti fil-proċedura;

- il-kundizzjonijiet għall-użu tal-proċedura, inkluż ir-rekwiżit li jintużaw manifesti separati għall-proċedura T1 u għall-proċedura T2F.

NEGOZJU Il-kumpanija tat-tbaħħir hija meħtieġa tibgħat kopja awtentikata tal-awtorizzazzjoni lill-awtorità doganali ta' kull port imsemmi. L-awtorizzazzjoni li tagħti l-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar trid tiġi ppreżentata kull meta meħtieġ mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

VI.3.7.2.2 L-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar

L-Artikolu 50 TDA

Il-manifest tal-merkanzija jrid ikun fih l-informazzjoni li ġejja:

- l-istatus doganali tal-merkanzija, T1 jew T2F, kif xieraq;
- il-firma ta' rappreżentant awtorizzat tal-kumpanija tat-tbaħħir kif ukoll id-data;
- l-isem u l-indirizz sħiħ tal-kumpanija tat-tbaħħir;
- l-identità tal-bastiment li qed iġorr il-merkanzija;
- il-port tat-tluq (tagħbija);
- il-port tad-destinazzjoni (ħatt);

u għal kull konsenja:

- ir-referenza għall-polza ta' kargu;
- in-numru, l-għamla, il-marki u n-numri ta' identifikazzjoni tal-pakketti;
- deskrizzjoni kummerċjali normali tal-merkanzija inklużi d-dettalji kollha neċessarji għall-identifikazzjoni tagħha;
- il-massa grossa f'kilogrammi;
- fejn xieraq, in-numri ta' identifikazzjoni tal-kontenituri.

Jekk il-kumpanija tat-tbaħħir ma tkunx konsenjatur awtorizzat, tal-anqas żewġ kopji tal-manifest li jservi bħala d-dikjarazzjoni ta' tranżitu jridu jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-port tat-tluq (tagħbija).

Id-DWANA fil-port tat-tluq

Tapprova l-manifest bl-isem u bit-timbru tal-uffiċċju doganali, bid-data tal-approvazzjoni, u bil-firma tal-uffiċjal tad-dwana.

Iżżomm kopja waħda ta' kull manifest ippreżentat.

Fil-port tad-destinazzjoni (ħatt), jekk il-kumpanija tat-tbaħħir ma jkollhiex l-istatus ta' konsenjatarju awtorizzat, jeħtiġilha tippreżenta l-merkanzija u kopja tal-manifest(i) użat(i) bħala d-dikjarazzjoni(jiet) tat-tranżitu lill-uffiċċju doganali.

Għal finijiet ta' kontroll, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jista' jeħtieġ il-preżentazzjoni tal-manifest tal-merkanzija (jew poloz ta' kargu) għall-merkanzija kollha li tinħatt.

Merkanzija tal-Unjoni mhux soġġetta għall-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni (T2F) tkun intitolata għal moviment liberu ulterjuri lejn id-destinazzjoni tagħha fl-Unjoni dment li ma jkunx hemm suspett jew dubju raġonevoli dwar l-istatus tal-merkanzija mal-wasla fil-port tad-destinazzjoni.

Id-DWANA fil-port tad-destinazzjoni

Iżżomm kopja waħda ta' kull manifest ippreżentat.

L-Artikolu 51 TDA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma jkollux għalfejn jirritorna kopji tal-manifest lill-uffiċċju doganali tat-tluq. Ir-rilaxx tal-operazzjoni ta' tranżitu jsir fuq il-bażi ta' lista ta' kull xahar imfassla mill-kumpanija tat-tbaħħir.

NEGOZJU

Il-kumpanija tat-tbaħħir jew ir-rappreżentant tagħha fil-port tad-destinazzjoni jeħtieġlu jfassal fil-bidu ta' kull xahar lista tal-manifesti li ġew ippreżentati lill-uffiċċju tad-dwana tad-destinazzjoni matul ix-xahar ta' qabel. Din il-lista jrid ikun fiha l-informazzjoni li ġejja:

- in-numru ta' referenza ta' kull manifest;
- il-kodiċi T1 jew T2F rilevanti;
- l-isem (li jista' jkun imqassar) tal-kumpannija tat-tbaħħir li ġarret il-merkanzija;
- id-data tal-operazzjoni tat-trasport marittimu.

Nota: trid titfassal lista separata għal kull port tat-tluq.

DWANA

Imbagħad, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni japprova kopja tal-lista tal-manifesti, imħejji mill-kumpanija tat-tbaħħir, u jibgħatha lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

L-awtorizzazzjoni tista' wkoll tippermetti lill-kumpaniji tat-tbaħħir infushom jibagħtu l-lista lill-uffiċċju doganali tat-tluq.

L-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jiżgura li jkun irċieva l-listi.

Jekk jinstabu irregolaritajiet b'rabta mal-informazzjoni fil-manifesti li jidhru fil-lista, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jinfurma lill-uffiċċju doganali tat-tluq u lill-awtorità li tkun tat l-awtorizzazzjoni, waqt li jirreferi b'mod partikolari għall-poloz ta' kargu għall-merkanzija inkwistjoni.

Id-dijagramma skematika hawn taħt turi l-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar.

L-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar



Il-kumpanija tax-shipping tippreżenta kopja wanda ta' kull manifest lill-awtoritajiet doganali fil-port tad-destinazzjoni. Id-dwana żżomm il-kopja.

VI.3.7.2.3 Eżempji

Eżempju 1

Dunkirk/Rotterdam fuq RSS awtorizzat

- Proċedura ta' tranżitu standard (NCTS): garanzija obbligatorja

Il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni hija obbligatorja għal merkanzija mhux tal-Unjoni. Tiġi ppreżentata dikjarazzjoni tat-tranżitu T1 u tiġi fornita garanzija.

Għal merkanzija tal-Unjoni soġġetta għad-dazju tas-sisa, jintuża dokument speċifiku ta' akkumpanjament (e-AD).

Nota: Il-merkanzija tal-Unjoni tinsab f'ċirkolazzjoni libera, u għalhekk ma hijiex meħtieġa l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni. Il-merkanzija hija elenkata fil-manifest tal-merkanzija kummerċjali.

- L-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar: garanzija obbligatorja

Il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni hija obbligatorja għal merkanzija mhux tal-Unjoni. Jinħareġ manifest (separat) li jkollu l-kodiċi "T1" sabiex iservi bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Għal merkanzija tal-Unjoni soġġetta għad-dazju tas-sisa, jintuża dokument speċifiku ta' akkumpanjament (e-AD).

Nota: Il-merkanzija tal-Unjoni tinsab f'ċirkolazzjoni libera, u għalhekk ma hijiex meħtieġa l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni. Il-merkanzija hija elenkata fil-manifest tal-merkanzija kummerċjali.

Eżempju 2

Le Havre/Fort de France fuq RSS awtorizzat

- Proċedura ta' tranżitu standard (NCTS): garanzija obbligatorja

It-tranżitu tal-Unjoni huwa obbligatorju għal:

- merkanzija mhux tal-Unjoni: tiġi ppreżentata dikjarazzjoni tat-tranżitu T1 u tiġi fornita garanzija;
- merkanzija li tivvjaġġa lejn, minn jew bejn wieħed mit-territorji fiskali speċjali (msemmijin fl-Artikolu 188 DA): tiġi ppreżentata dikjarazzjoni tat-tranżitu T2F u tiġi fornita

garanzija.

- L-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar: garanzija obbligatorja

It-tranżitu tal-Unjoni huwa obbligatorju għal:

- merkanzija mhux tal-Unjoni: jinħareġ manifest (separat) li jkollu l-kodiċi "T1" sabiex iservi bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-merkanzija mhux tal-Unjoni;
- ċerta merkanzija tal-Unjoni (inkluża merkanzija soġġetta għal dazji tas-sisa): jinħareġ manifest (separat) li jkollu l-kodiċi "T2F" sabiex iservi bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-merkanzija tal-Unjoni.

VI.3.7.4 Każijiet partikolari (l-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar)

VI.3.7.4.1 Groupage

Meta diversi konsenji ta' merkanzija ttrasportata bil-baħar jiġu kkonsolidati f'konsenja bi groupage, kull oġġett fil-konsenja bi groupage jkun is-suġġett ta' kuntratt bejn il-konsenjatur u l-konsolidatur. Dan il-kuntratt jiġi evidenzjat mill-ħruġ ta': (i) nota ta' konsenja (CN); (ii) polza ta' kargu ta' speditur bħall-polza ta' kargu approvata mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ispedizjoniera (FIATA); jew (iii) dokument kummerċjali ieħor kif miftiehem bejn il-konsenjatur u l-konsolidatur.

It-trasport marittimu tal-konsenja bi groupage fl-intier tiegħu jitwettaq taħt il-kopertura ta' kuntratt bejn il-konsolidatur u l-kumpanija tat-tbaħħir. Dan il-kuntratt huwa evidenzjat minn: (i) polza ta' kargu ta' trasportatur; (ii) polza tal-vjeġġ bil-baħar; jew (iii) xi dokument kummerċjali ieħor kif miftiehem u aċċettat mill-kumpanija tat-tbaħħir u mill-konsolidatur.

Barra minn hekk, il-konsenja bi groupage hija s-suġġett ta' manifest bi groupage mħejji mill-konsolidatur, li huwa sommarju analitiku tal-pakketti kollha li jinsabu fil-konsenja bi groupage b'referenzi għal kull nota ta' konsenja, polza ta' kargu jew dokument kummerċjali ieħor kif xieraq. Għalhekk, huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn il-manifest ta' groupage u l-manifest tal-merkanzija tal-vapuri li jservi bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Jista' jiġri li, f'konformità maż-żewġ tipi tal-proċedura ta' tranżitu għall-merkanzija ttrasportata bil-baħar, kumpanija tat-tbaħħir tittrasporta konsenja bi groupage skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza ta' kargu ta' trasportatur, polza tal-vjeġġ bil-baħar jew dokument kummerċjali ieħor. F'dawn il-każijiet, huwa aċċettat li, sakemm ma tkunx involuta merkanzija perikoluża li jeħtieġ li tiġi ddikjarata separatament, il-kumpanija tat-tbaħħir mhux neċessarjament tkun taf xi jkun il-kontenut tal-konsenji fi groupage.

Kumpanija tat-tbaħħir tista' taċċetta konsenji bi groupage għad-dispaċċ taħt iż-żewġ tipi tal-proċedura ta' tranżitu għal merkanzija ttrasportata bil-baħar dment li:

- il-konsolidatur jintrabat li jżomm l-istatus tal-konsenji fir-reġistri kummerċjali tiegħu;
- il-manifest tal-groupage fih l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 53 TDA);
- mat-tluq u fid-destinazzjoni n-noti ta' konsenja huma disponibbli għas-superviżjoni doganali;
- il-manifest tal-groupage huwa mmarkat bl-istatus xieraq (ara hawn taħt);
- l-ogħla status fuq il-manifest tal-groupage jiġi nnotifikat lill-kumpanija tat-tbaħħir (bl-ordni tal-istatus li huwa T1, T2F, TD, C, X).

Il-kodiċi T1, T2F, TD, C jew X jintuża sabiex jindika l-punti rilevanti fuq il-manifest tal-groupage kif stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt.

Kodiċi	Tranżitu fl-Unjoni
T1	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni T1
T2F ——— TF	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni ttrasportata mit-territorji fiskali speċjali (SFTs) għal parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni, li ma jkunx SFT kif imsemmi fl-Artikolu 188(1) DA. Dak il-kodiċi jista' jintuża għall-merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bejn SFT u parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 188(2) DA.
TD	Merkanzija li diġà qiegħda tiġi ttrasportata taħt proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, jew ittrasportata taħt proċeduri ta' proċessar attiv, ta' depost jew ta' dħul temporanju. F'każijiet bħal dawn, il-

	linja tal-ajru jeħtiġilha ddaħħal ukoll il-kodiċi "TD" fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru korrispondenti. Il-linja tal-ajru jeħtiġilha ddaħħal ukoll: (i) referenza għall-proċedura użata; (ii) in-numru u d-data tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew tad-dokument tat-trasferiment; u (iii) l-isem tal-uffiċċju emittenti*.
C (ekwivalenti għal T2L)	Merkanzija tal-Unjoni mhux imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu li l-istatus tagħha jista' jintwera
X	Merkanzija tal-Unjoni li l-proċedura tal-esportazzjoni għaliha ntemmet u li l-ħruġ tagħha ġie kkonfermat u li ma hijiex imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu

* Meta merkanzija, li diġà tkun taħt proċedura ta' tranżitu formali (eż. tranżitu tal-Unjoni, carnet TIR, carnet ATA, formola 302 tan-NATO, eċċ.) tiġi inkluża fil-konsenja bi groupage, l-oġġett irid ikun immarkat bil-kodiċi "TD". Barra minn hekk, in-noti ta' konsenja individwali jew evidenza kummerċjali oħra tal-kuntratt tat-trasport iridu jiġu mmarkati bil-kodiċi "TD" u jinkludu referenza għall-proċeduri attwali involuti, flimkien man-numru ta' referenza, mad-data u mal-isem tal-uffiċċju doganali tat-tluq tad-dokument tat-tranżitu.

Jekk il-kumpanija tat-tbaħħir tuża l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar, jeħtiġilha tinkludi l-konsenja bi groupage, indikata bil-kelma "groupage", fuq il-manifest tat-trasport marittimu xieraq għall-ogħla status (bl-ordni tal-istatus li huwa T1, T2F) kif irreġistrat fuq il-manifest tal-groupage. Pereżempju, jekk il-vjeġġ tal-groupage jkun jinkludi kemm T1 kif ukoll T2F, dan irid jiġi ddikjarat fuq il-manifest tat-trasport marittimu T1.

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' groupage taħt iż-żewġ tipi tal-proċedura ta' tranżitu għal merkanzija ttrasportata bil-baħar.

L-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar



Nota: Il-manifesti 3 u 5 ma jikkonċernawx proċeduri ta' tranżitu (nru 3) jew proċeduri ta' tranżitu li għalihom dan id-detentur tal-proċedura huwa d-dikjarant (nru 5).

VI.3.7.4.2 Trasport ta' merkanzija bil-baħar fuq bastimenti li jipprovdu servizzi oħra għajr servizz regolari tat-trasport marittimu

L-Artikoli 49, 50 u 51 TDA ma humiex disponibbli għal merkanzija li tinġarr fuq bastimenti li jipprovdu servizz li ma huwiex servizz regolari tat-trasport marittimu (RSS) jekk trasportatur jagħżel li juża l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

L-eżempji mhux eżawrjenti li ġejjin japplikaw biss għal merkanzija li tinġarr fuq bastimenti li jipprovdu servizzi oħrajn għajr RSS, taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni (jew inkella skont kif ikun il-każ).

- **Merkanzija mhux tal-Unjoni**

- Il-moviment jibda qabel il-port tal-vjeġġ tal-UE u jintemm fil-port tal-ħatt tal-UE.

Eżempju: Brussels-Le Havre (ġarr bit-triq minn Brussell għal Antwerp).

Proċedura T1 hija obbligatorja għat-trasport bit-triq, iżda ma hijiex obbligatorja għat-trasport marittimu.

Prattika rakkomandata: il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni għandha tintuża biss għall-parti tal-moviment imwettqa bit-triq.

- Il-moviment jibda fil-port tal-vjeġġ tal-UE u jkompli għaddej wara l-port tal-ħatt tal-UE.

Eżempju: Le Havre-Brussell (ġarr bit-triq minn Antwerp għal Brussell).

Proċedura T1 hija obbligatorja għat-trasport bit-triq, iżda ma hijiex obbligatorja għat-trasport marittimu.

Prattika rakkomandata: għandha ssir dikjarazzjoni T1 għall-moviment sħiħ minn Le Havre għal Brussell.

- Il-moviment jibda qabel il-port tal-vjeġġ tal-UE u jkompli għaddej wara l-port tal-ħatt tal-UE.

Eżempju: Madrid-Milan (trasport marittimu minn Barċellona għal Ġenova).

Prattika rakkomandata: għandha ssir dikjarazzjoni għall-moviment kollu (bit-triq u bil-baħar) minn Madrid għal Milan.

VI.3.8 Proċeduri simplifikati bbażati fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Dment li tiġi implimentata kwalunkwe miżura applikabbli għall-merkanzija, il-pajjiżi ta' tranżitu komuni jistgħu jintroduċu

proċeduri simplifikati bejniethom. Jistgħu jagħmlu dan permezz ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali li jridu jkunu applikabbli għal ċerti tipi ta' traffiku tal-merkanzija jew għal impriżi speċifiċi.

Il-pajjiżi jridu jikkomunikaw dawn il-proċeduri simplifikati lill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-formola fl-Anness VI.8.8.

Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni trid tkun konformità mat-Taqsima VI.2.2.

Għall-annullament, għar-revoka jew għall-emenda tal-awtorizzazzjoni, ara t-Taqsima VI.2.3.

VI.3.9 Il-merkanzija ttrasportata bl-ajru — bl-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

Dan il-paragrafu huwa suddiviż kif ġej:

- Introduzzjoni (it-Taqsima VI.3.9.1)
- Informazzjoni ġenerali (it-Taqsima VI.3.9.2)
- Awtorizzazzjoni għall-użu tal-ETD (it-Taqsima VI.3.9.3)
- Regoli proċedurali għall-użu tal-ETD (it-Taqsima VI.3.9.4)

VI.3.9.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 55(1)(h) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 233(4)(e) UCC

L-Artikoli 319 u 320 IA

L-Annessi B6a u A1a l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni

L-Annessi B-DA u B-IA

Linja tal-ajru tista' tkun awtorizzata tuża dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu sabiex tkopri l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu/il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

L-awtorizzazzjoni għall-użu tal-ETD tingħata lil-linji tal-ajru li jissodisfaw il-kriterji għal din is-simplifikazzjoni. Żewġ kriterji sinifikanti fl-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni huma: (i) li l-ETD irid ikun fiha d-*data* meħtieġa f'dikjarazzjoni tat-tranżitu; u (ii) li dik id-*data* trid tkun disponibbli għall-awtoritajiet doganali fit-tluq u fid-destinazzjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru s-superviżjoni doganali tal-merkanzija u r-rilaxx tal-proċedura. Dik id-*data* tinsab fl-Annessi B6a u A1a tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni/fl-Annessi B-DA u B-IA.

VI.3.9.2 Informazzjoni ġenerali

L-Artikolu 89(7)(d) KDU

L-Artikolu 13(1)(a) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Ma hija meħtieġa ebda garanzija, minħabba li huwa aċċettat li t-trasport bl-ajru huwa sikur u li, minbarra f'każ ta' aċċident, il-kundizzjonijiet tat-trasportazzjoni jiġu ssodisfati mill-ajruport tat-tluq sal-ajruport tad-destinazzjoni.

Il-kurriera express huma jew il-linji tal-ajru (fejn japplikaw ir-regoli ġenerali għall-kumpaniji tal-ajru) jew klijenti ta' dawk il-kumpaniji. Ma hemm ebda rekwiżit speċifiku għall-kurriera express fir-rigward tal-ETD.

Id-detentur tal-proċedura huwa l-linja tal-ajru.

L-awtorizzazzjoni tispeċifika l-uffiċċji doganali li jinsabu fl-ajruporti tat-tagħbija u tal-ħatt fl-Unjoni u/jew fil-pajjiżi ta' tranżitu komuni, fejn tapplika l-awtorizzazzjoni.

L-ajruport tat-tagħbija huwa l-ajruport tat-tluq, filwaqt li l-ajruport tal-ħatt huwa l-ajruport tad-destinazzjoni.

Kun af li t-tranżitu bl-ajru jista' jseħħ ukoll taħt il-kopertura ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu standard bl-użu tal-NCTS (il-Parti IV[43]).

VI.3.9.3 Awtorizzazzjoni għall-użu tal-ETD

L-Artikoli 5(31) u 22 KDU

L-Artikolu 319 IA

L-Anness A-DA

L-Artikoli 59 u 111(a) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni hija deskritta fit-Taqsima VI.2.2-VI.2.5.

L-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali kompetenti għall-post fejn jinżammu jew ikunu aċċessibbli l-kontijiet ewlenin tal-applikant għal finijiet doganali, u fejn għandha titwettaq tal-anqas parti mill-attivitajiet koperti mill-awtorizzazzjoni.

NEGOZJU

B'mod partikolari, il-linja tal-ajru jeħtiġilha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja fl-applikazzjoni:

[43] Fl-Unjoni, fejn applikabbli, jistgħu jintużaw modi oħrajn ta' moviment tal-merkanzija, li huma ddefiniti fl-Artikoli 226 u 227 KDU.

1. isem l-applikant jew in-numru EORI tal-applikant[44];
2. l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta': (i) il-persuna responsabbli għal kwistjonijiet doganali u għall-applikazzjoni, u (ii) il-persuna inkarigata mill-kumpanija applikanti jew li teżerċita kontroll fuq il-ġestjoni tagħha;
3. il-post fejn jinżammu jew ikunu aċċessibbli l-kontijiet ewlenin għal finijiet doganali;
4. it-tip ta' kontijiet ewlenin għall-finijiet doganali;
5. il-post fejn jinżammu r-rekords;
6. it-tip ta' rekords;
7. l-uffiċċju/i doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni;
8. in-numru ta' titjiriet bejn l-ajruporti tal-pajjiżi ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni;
9. informazzjoni dwar kif id-*data* se ssir disponibbli għall-awtoritajiet doganali fil-port tat-tluq u fil-port tad-destinazzjoni (jekk il-mezzi tad-disponibbiltà jkunu differenti bejn kull uffiċċju doganali jew pajjiż, kull mezz irid jiġi indikat fl-applikazzjoni).

L-informazzjoni msemmija hawn fuq hija obbligatorja fl-Unjoni (l-Anness A-DA, il-kolonna 9f), iżda tista' tkun meħtieġa wkoll mill-pajjiżi ta' tranżitu komuni.

Il-kriterji jiġu vverifikati mill-awtoritajiet doganali kompetenti (it-Taqsima VI.2.2). Sadanittant, il-proċedura ta' konsultazzjoni titwettaq mal-uffiċċji doganali indikati fl-applikazzjoni bħala l-uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni. Il-proċedura ta' konsultazzjoni tinbeda immedjatament wara li tiġi aċċettata l-applikazzjoni u tista' tieħu sa massimu ta' 45 jum.

Il-proċedura ta' konsultazzjoni hija parti mis-Sistema ta' Ġestjoni tad-Deċiżjonijiet Doganali (CDMS) applikabbli biss għall-Istati Membri. Jekk is-CDMS ma tkunx disponibbli, jew jekk ikunu involuti pajjiżi ta' tranżitu komuni, trid tintbagħat ittra ta' konsultazzjoni bbażata fuq il-karti bil-posta elettronika, flimkien ma' kopja tal-applikazzjoni. Il-lista ta' indirizzi tal-posta elettronika f'kull pajjiż u l-mudell tal-ittra ta' konsultazzjoni huma inklużi fl-Annessi VI.8.9 u VI.8.10, rispettivament.

Matul il-proċedura ta' konsultazzjoni, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tivverifika dawn li ġejjin: (i) jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-awtorizzazzjoni humiex issodisfati mill-applikant; u, fuq kollox (ii) jekk u kif id-*data* meħtieġa għall-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu tistax issir

[44] In-numru EORI jikkonċerna biss lill-UE.

disponibbli għall-uffiċċji doganali li ssirilhom it-talba.

Malli tirċievi t-talba għal konsultazzjoni, l-awtorità li ssirilha t-talba jeħtiġilha tivverifika b'mod partikolari: (i) l-informazzjoni dwar l-applikant fir-rekords tagħha stess jew f'kooperazzjoni ma' aġenziji oħrajn; (ii) is-sistema ta' skambju tad-*data*; (iii) il-post għall-ispezzjoni tal-merkanzija; (iv) il-livell ta' kontrolli mil-linja ajru tal-operazzjonijiet tagħha; u (v) min huwa r-rappreżentant tal-linja tal-ajru, fejn xieraq.

Jekk ikun hemm oġġezzjoni, l-awtoritajiet rikjedenti jeħtiġilhom jiġu informati permezz tas-CDMS fi żmien 45 jum minn meta jirċievu t-talba. Jekk is-CDMS ma tkunx disponibbli jew jekk ikun involut pajjiż ta' tranżitu komuni, l-awtoritajiet rikjedenti jeħtiġilhom jiġu informati permezz ta' posta elettronika bl-istess ittra (l-Anness VI.8.10). Jekk l-awtorità li ssirilha t-talba ssib li l-applikant ma joperax b'mod regolari titjiriet lejn l-ajruporti f'dak il-pajjiż, l-awtorizzazzjoni ma tistax tinkludi l-ajruporti f'dak il-pajjiż. Madankollu, jekk l-applikazzjoni tkun tikkonċerna aktar ajruporti, l-awtorizzazzjoni tista' tingħata bi tħassir tal-ajruporti li l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tal-opinjoni li l-kundizzjonijiet għalihom ma jkunux issodisfati.

Jekk l-awtorità li ssirilha t-talba tirrifjuta talba għal awtorizzazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ssodisfar ta' kundizzjoni u, b'mod partikolari, minħabba ksur serju jew ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli tat-tassazzjoni, jeħtiġilha tiddeskrivi fil-qosor ir-raġunijiet għar-rifjut u d-dispożizzjonijiet legali sottostanti. Imbagħad, l-awtoritajiet tal-pajjiż fejn tkun saret l-applikazzjoni jeħtiġilhom ma jagħtux l-awtorizzazzjoni u jeħtiġilhom jiddeskrivu fil-qosor ir-raġunijiet għar-rifjut lil-linja tal-ajru.

Jekk ma tasal ebda oġġezzjoni fil-limitu ta' żmien permess, l-awtorità rikjedenti tista' tassumi li l-kriterji li għalihom tkun intalbet il-konsultazzjoni ġew issodisfati.

Jekk il-proċess ta' konsultazzjoni jitlesta mingħajr oġġezzjonijiet, l-awtoritajiet doganali kompetenti jeħtiġilhom japprovaw u jagħtu l-awtorizzazzjoni, li tapplika kemm għat-titjiriet 'il barra kif ukoll għat-titjiriet 'il ġewwa.

L-awtorizzazzjoni trid tapplika biss għal operazzjonijiet ta' tranżitu bejn l-uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni indikati fl-awtorizzazzjoni. L-awtorizzazzjoni tkun valida biss fil-pajjiżi fejn jinsabu dawk l-uffiċċji.

Ir-referenza għall-awtorizzazzjoni trid tiddaħħal fl-ETD kull darba li tinbeda operazzjoni ta' tranżitu. Din l-informazzjoni trid tiġi pprovduta, sakemm ma tkunx tista' tiġi dderivata minn *data* oħra, eż. in-numru EORI

tad-detentur tal-awtorizzazzjoni jew is-CDMS.

Għall-monitoraġġ tal-awtorizzazzjoni, ara t-Taqsima VI.2.3.

Għall-annullament, għar-revoka jew għall-emenda tal-awtorizzazzjoni, ara t-Taqsima VI.2.4. Kull meta l-linja tal-ajru tkun tixtieq iżżid jew tneħħi ajruport wieħed jew aktar fl-awtorizzazzjoni eżistenti tagħha, jeħtiġilha tapplika għal emenda tal-awtorizzazzjoni tagħha.

Għas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni, ara t-Taqsima VI.2.5.

Fil-każ ta' annullament, ta' tħassir, ta' emenda, ta' sospensjoni jew ta' tmiem tas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi indikati fl-awtorizzazzjoni jeħtiġilhom jiġu nnotifikati minnufih, billi jużaw il-lista ta' awtoritajiet fl-Anness VI.8.9.

Billi l-awtorizzazzjoni għall-użu tal-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu hija valida f'aktar minn pajjiż wieħed, il-monitoraġġ tal-awtorizzazzjoni jew ir-rivalutazzjoni tagħha jistgħu jkunu jeħtieġu proċedura ta' konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali f'pajjiżi oħrajn. Dik il-konsultazzjoni hija parti mis-CDMS.

Meta s-sistema CDMS ma tkunx disponibbli, jew meta jkunu involuti pajjiżi ta' tranżitu komuni, it-talbiet għal konsultazzjoni fil-forma tal-ittra mudell fl-Anness VI.8.10 iridu jintbagħtu permezz tal-posta elettronika lill-awtoritajiet responsabbli għall-proċedura ta' konsultazzjoni, kif speċifikat fl-Anness VI.8.9.

DWANA

L-awtorizzazzjoni tinkludi, b'mod partikolari, l-informazzjoni li ġejja.
1. In-numru u d-data.
2. L-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni jew in-numru EORI tiegħu.
3. L-uffiċċju/i doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni.
4. Il-mezzi li bihom id-*data* ssir disponibbli għall-awtoritajiet doganali fil-port tat-tluq u fil-port tad-destinazzjoni. Jekk il-mezzi jkunu differenti skont l-uffiċċju doganali jew il-pajjiż, kull mezz irid jiġi indikat fl-awtorizzazzjoni.
5. Avviż tal-obbligu fuq il-linja tal-ajru li tinforma lill-uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni dwar kwalunkwe diskrepanza nnotata, b'mod partikolari dwar: (i) it-tip u l-kwantità tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu; u (ii) kwalunkwe bidla li tista' taffettwa l-awtorizzazzjoni.
6. Il-mezz ta' komunikazzjoni bejn l-uffiċċju/i doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni minn naħa u l-linja tal-ajru, min-naħa l-oħra.

L-informazzjoni msemmija hawn fuq hija obbligatorja fl-Unjoni (l-Anness A-DA, il-kolonna 9f), iżda tista' tkun meħtieġa wkoll mill-pajjiżi ta' tranżitu komuni.

Għalkemm il-limitu ta' żmien sabiex id-*data* tal-ETD titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tluq qabel ma l-merkanzija tkun tista' tiġi rrilaxxata għat-tranżitu ma huwiex obbligatorju, huwa utli li tiżdied informazzjoni dwar dan il-limitu ta' żmien fl-awtorizzazzjoni.

Fl-Unjoni

Il-linji tal-ajru internazzjonali li huma stabbiliti fl-Unjoni jew li għandhom stabbiliment ta' negozju permanenti hemmhekk jistgħu jkunu awtorizzati sabiex jużaw dik il-proċedura, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet neċessarji[45].

VI.3.9.4 Ir-regoli proċedurali għall-użu tal-ETD

VI.3.9.4.1 *Data* meħtieġa għall-ETD

L-Artikolu 320 IA

L-Anness B-IA

L-Artikolu 111(b) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Annessi A1a u B6a l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni

L-ETD huwa dokument imfassal minn linja tal-ajru meta jitlaq l-inġenju tal-ajru. Huwa bbażat fuq dokumenti tat-trasport bħall-polza tal-vjeġġ bl-ajru, il-manifesti, eċċ. u jikkonferma l-merkanzija attwali li tkun mgħobbija fuq l-inġenju tal-ajru. B'hekk, għall-finijiet ta' tranżitu, l-ETD iservi bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu, dment li jkun fih id-*data* stabbilita fl-Annessi B6a u A1a tal-Appendiċi IIIa tal-Konvenzjoni jew fl-Annessi B-DA u B-IA.

Sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jidentifikaw l-istatus tal-merkanzija, fil-livell tal-entrati fl-ETD irid jiġi indikat wieħed mill-kodiċijiet fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Kodiċi	Tranżitu komuni	Tranżitu fl-Unjoni
T1	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu estern T1	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu estern T1
T2	Merkanzija mqiegħda	Merkanzija mqiegħda taħt

[45] L-Artikolu 5(31) u 5(32) KDU.

	taħt il-proċedura ta' tranżitu intern T2	il-proċedura ta' tranżitu intern T2
T2F	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu intern T2	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni ttrasportata mit-territorji fiskali speċjali (SFTs) għal parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni, li ma jkunx SFT kif imsemmi fl-Artikolu 188(1) DA. Dak il-kodiċi jista' jintuża għall-merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bejn SFT u parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 188(2) DA.
C	Merkanzija tal-Unjoni mhux imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu (ekwivalenti għal T2L)	Merkanzija tal-Unjoni mhux imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu (ekwivalenti għal T2L)
TD	Merkanzija diġà mqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu[46]	Merkanzija li diġà qiegħda tiġi ttrasportata taħt proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, jew ittrasportata taħt proċeduri ta' proċessar attiv, ta' depost jew ta' dħul temporanju[47]
X	Merkanzija tal-Unjoni li l-proċedura tal-esportazzjoni għaliha ntemmet u li l-ħruġ tagħha ġie kkonfermat, u li ma hijiex imqiegħda	Merkanzija tal-Unjoni li l-proċedura tal-esportazzjoni għaliha ntemmet u li l-ħruġ tagħha ġie kkonfermat u li ma hijiex imqiegħda taħt

[46] F'dawn il-każijiet, il-linja tal-ajru jeħtiġilha ddaħħal ukoll: (i) il-kodiċi "TD" fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru korrispondenti jew f'dokument kummerċjali xieraq ieħor; u (ii) numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

[47] F'każijiet bħal dawn, il-linja tal-ajru jeħtiġilha ddaħħal ukoll: (i) il-kodiċi "TD" fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru korrispondenti jew f'dokument kummerċjali xieraq ieħor; (ii) numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew tad-dokument tat-trasferiment; u (iii) l-isem tal-uffiċċju emittenti.

	taħt proċedura ta' tranżitu	proċedura ta' tranżitu

L-ETD jiġi ttrattat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu biss meta jiġi indikat tal-anqas wieħed mill-kodiċijiet T1, T2 jew T2F. Jekk l-ebda wieħed minn dawk il-kodiċijiet ma jkun indikat fl-ETD, irrispettivament mill-kodiċijiet l-oħrajn imsemmija hawn fuq, dak l-ETD ma jistax jintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Eżempji tal-użu tal-kodiċijiet

Eżempju 1
Merkanzija tal-Unjoni ttrasferita bl-ajru bejn Franza u l-Ġermanja

Franza — il-Ġermanja →, irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fl-ETD.

Eżempju 2
Merkanzija tal-Unjoni esportata mill-Irlanda għal pajjiż terz (iċ-Ċina). Fl-Irlanda, il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni li titlesta u li l-ħruġ tagħha jiġi kkonfermat. Il-merkanzija tiġi ttrasportata bl-ajru għan-Netherlands, fejn tinħareġ mill-Unjoni.

L-Irlanda — in-Netherlands — iċ-Ċina → irid jiddaħħal il-kodiċi "X" fuq l-ETD bejn l-Irlanda u n-Netherlands.

Eżempju 3
Merkanzija mhux tal-Unjoni tasal minn pajjiż terz (il-Kanada) fir-Repubblika Ċeka u tiġi ttrasportata bl-ajru għall-Greċja.

Il-Kanada — ir-Repubblika Ċeka — il-Greċja → irid jiddaħħal il-kodiċi "T1" fl-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Greċja.

Eżempju 4:
Merkanzija tal-Unjoni tintbagħat bl-ajru minn Spanja għal territorju fiskali speċjali (SFT) (il-Gżejjer Kanarji).

Għażliet:

1 Spanja — SFT (il-Gżejjer Kanarji) → irid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu[48].
2 Spanja — SFT (il-Gżejjer Kanarji) → irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fuq l-ETD.

Eżempju 5
Merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bejn żewġ SFTs fl-istess Stat Membru (Franza: Guadeloupe u Mayotte).

Għażliet:
1. Guadeloupe — Mayotte → irid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu[49].
2. Guadeloupe — Mayotte → irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fuq l-ETD[50].

Eżempju 6:
Merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bl-ajru minn SFT (il-Gżejjer Kanarji) għal Spanja u mbagħad għall-Portugall bit-triq.

Għażliet:
1. SFT (il-Gżejjer Kanarji) — Spanja — il-Portugall → irid jiddaħħal il-kodiċi "C" jew "T2F" fuq l-ETD bejn l-SFT tal-Gżejjer Kanarji u Spanja; u trid tiddaħħal il-proċedura ta' tranżitu standard (T2F-NCTS, inkluża l-garanzija) fuq l-ETD bejn Spanja u l-Portugall[51].
2. SFT (il-Gżejjer Kanarji) — Spanja — il-Portugall → irid jiddaħħal "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bejn il-Gżejjer Kanarji u Spanja; u trid tiddaħħal il-proċedura ta' tranżitu standard (T2F-NCTS, inkluża l-garanzija) fuq l-ETD bejn Spanja u l-Portugall[52].

Eżempju 7:
Merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bl-ajru minn SFT (il-Gżejjer Kanarji) għal Spanja u mbagħad bl-ajru għall-Italja.

Għażliet:
1. SFT (il-Gżejjer Kanarji) — Spanja — l-Italja → irid jiddaħħal il-

[48] F'konformità mal-Artikolu 188(2) DA.
[49] F'konformità mal-Artikolu 188(1) DA.
[50] F'konformità mal-Artikolu 188(2) DA.
[51] F'konformità mal-Artikolu 188(2) DA.

[52] F'konformità mal-Artikolu 188(1) DA.

kodiċi "C" fuq l-ETD bejn l-SFT tal-Gżejjer Kanarji u Spanja; u jrid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fl-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bejn Spanja u l-Italja[53].
2. SFT (il-Gżejjer Kanarji) — Spanja — l-Italja → irid jiddaħħal "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bejn il-Gżejjer Kanarji u Spanja; u jrid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fl-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bejn Spanja u l-Italja[54].

Eżempju 8:
Merkanzija tal-Unjoni soġġetta għas-sisa[55] esportata mill-Unjoni għal pajjiż ta' tranżitu komuni (l-Iżvizzera). Fil-Portugall, il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni li titlesta u li l-ħruġ tagħha jiġi kkonfermat. Il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern u tiġi ttrasportata bl-ajru għall-Awstrija, minn fejn tibda l-parti tal-vjaġġ bit-triq lejn pajjiż ta' tranżitu komuni.

Il-Portugall — l-Awstrija — l-Iżvizzera → irid jiddaħħal il-kodiċi "T1" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bejn il-Portugall u l-Awstrija. Barra minn hekk, il-proċedura ta' tranżitu standard (T1-NCTS, inkluża l-garanzija) tibda b'destinazzjoni fl-Iżvizzera.

Eżempju 9:
Merkanzija tal-Unjoni soġġetta għas-sisa[56] tiġi esportata mill-Italja lejn pajjiż terz (l-Indja). F'Ruma (l-Italja), il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni li titlesta u li l-ħruġ tagħha jiġi kkonfermat. Il-merkanzija tiġi ttrasportata bl-ajru lejn Malpensa (l-Italja), fejn tinħareġ mill-Unjoni.

Ruma — Malpensa — l-Indja → irid jiddaħħal il-kodiċi "X" fuq l-ETD bejn Ruma u Malpensa.

Eżempju 10:

[53] F'konformità mal-Artikolu 188(2) DA.
[54] F'konformità mal-Artikolu 188(1) DA.
[55] Skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9/12, 14.1.2009).
[56] Skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9/12, 14.1.2009).

Merkanzija tal-Unjoni soġġetta għas-sisa[57] ttrasportata bl-ajru mir-Rumanija għall-Belġju. Il-merkanzija tibqa' taħt l-arranġament ta' sospensjoni tas-sisa fl-EMCS.

Ir-Rumanija — il-Belġju → irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fuq l-ETD.

Eżempju 11:
Merkanzija tal-Unjoni esportata għal pajjiż terz (il-Belarussja). Fid-Danimarka, il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni li titlesta u li l-ħruġ tagħha jiġi kkonfermat, u tibda l-proċedura TIR. Il-merkanzija tiġi ttrasportata bl-ajru lejn il-Polonja. Fil-Polonja, il-merkanzija tkompli triqitha lejn il-Belarussja bit-triq taħt proċedura TIR.

Id-Danimarka — il-Polonja — il-Belarussja → irid jiddaħħal il-kodiċi "TD" fuq l-ETD bejn id-Danimarka u l-Polonja. Il-proċedura TIR issegwi bid-destinazzjoni fil-Belarussja.

Eżempju 12:
Merkanzija tal-Unjoni esportata għal pajjiż terz (ir-Russja). Fi Spanja, il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni u tiġi ttrasportata bl-ajru lejn il-Finlandja, fejn tinħareġ 'il barra mill-Unjoni bit-triq.

Spanja — il-Finlandja — ir-Russja →, il-kodiċi "C" irid jintuża fuq l-ETD bejn Spanja u l-Finlandja u, barra minn hekk, il-merkanzija tiġi ttrasportata taħt proċedura ta' esportazzjoni lejn il-fruntiera esterna tal-Unjoni.

Eżempju 13
Merkanzija tal-Unjoni esportata lejn pajjiż ta' tranżitu komuni (. Fl-Ungerija, il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni li titlesta, u li l-ħruġ tagħha jiġi kkonfermat. Imbagħad, il-merkanzija tiġi ttrasferita bl-ajru lejn is-Serbja.

Għażliet:
1) L-Ungerija — is-Serbja → irid jintuża l-kodiċi "X" fuq l-ETD,
2) L-Ungerija — is-Serbja → irid jintuża l-kodiċi "T2" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

[57] Skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9/12, 14.1.2009).

Eżempju 14
Merkanzija mhux tal-Unjoni ttrasferita bejn l-Iżvezja u pajjiż ta' tranżitu komuni (in-Norveġja).

L-Iżvezja — in-Norveġja → irid jintuża l-kodiċi "T1" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Eżempju 15
Merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bejn l-Italja u Franza u tgħaddi minn pajjiż ta' tranżitu komuni (l-Iżvizzera) taħt l-istess ETD mingħajr tagħbija mill-ġdid.

L-Italja — l-Iżvizzera — Franza → irid jintuża l-kodiċi "C"[58] fuq l-ETD.

Eżempju 16
Merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bejn il-Litwanja u l-Italja u tgħaddi minn pajjiż ta' tranżitu komuni (in-Norveġja) taħt l-istess manifest b'tagħbija mill-ġdid fin-Norveġja[59].

Il-Litwanja — in-Norveġja — l-Italja → irid jintuża l-kodiċi "C" fuq l-ETD.

Eżempju 17
Merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bl-ajru bejn is-Slovenja u l-Greċja u tgħaddi minn pajjiż ta' tranżitu komuni (ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq), fejn tiġi ttrasbordata għal fuq mezz tat-trasport ieħor (minn ajruplan għal trakk) taħt is-superviżjoni tal-linja tal-ajru.

Is-Slovenja (bl-ajru) — ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq (bit-triq — ajruplan għal trakk) — il-Greċja:
Għażliet:
1.Is-Slovenja — ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq → irid jintuża l-kodiċi "C"[60] fuq l-ETD; u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq — il-Greċja → il-proċedura standard ta' tranżitu (T2-NCTS, inkluża l-garanzija),

[58] L-Artikolu 119(3)(b) DA u l-Artikolu 109(1)(b) tal-Konvenzjoni.
[59] L-istess polza tal-vjeġġ bl-ajru takkumpanja l-merkanzija mit-tluq sad-destinazzjoni finali. Madankollu, jinħarġu żewġ manifesti: l-ewwel fl-ajruport tat-tluq u t-tieni fl-ajruport tat-tagħbija mill-ġdid.
[60] Il-Kodiċi "C" huwa ekwivalenti għall-kodiċi "T2L" f'konformità mal-Artikolu 111(b) tal-Appendiċi I, il-Konvenzjoni.

2. Is-Slovenja — ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq → irid jintuża l-kodiċi "T2" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu; u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq — il-Greċja → il-proċedura standard ta' tranżitu (T2-NCTS, inkluża l-garanzija),
3. Is-Slovenja — ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq → tinbeda l-proċedura standard ta' tranżitu fis-Slovenja (T2-NCTS, inkluża l-garanzija), irid jintuża l-kodiċi "TD" fuq l-ETD; u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq — il-Greċja → kontinwazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu standard.

Nota għall-Unjoni: Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu u mingħajr xkiel massimu tal-merkanzija tal-Unjoni, il-kodiċi "C" fuq l-ETD jagħti d-dritt lill-merkanzija għal moviment liberu ulterjuri lejn id-destinazzjoni tagħha fl-Unjoni, dment li: (i) evidenza tal-istatus tagħha tinżamm fir-rekords tan-negozju tal-operaturi fl-ajruport tat-tluq; u (ii) ma jkun hemm l-ebda suspett jew dubju raġonevoli dwar l-istatus tal-merkanzija mal-wasla fl-ajruport tad-destinazzjoni. Madankollu, l-awtoritajiet doganali fid-destinazzjoni għandhom l-opportunità li jivverifikaw l-istatus doganali ddikjarat tal-merkanzija tal-Unjoni billi japplikaw kontrolli *a posteriori* xierqa bbażati fuq riskju vvalutat b'referenzi lura għall-awtoritajiet doganali fl-ajruport tat-tluq, jekk neċessarji.

Sakemm ir-regoli nazzjonali ma jipprevedux perjodu itwal, il-linja tal-ajru jeħtiġilha żżomm rekord tal-istatus tal-merkanzija kollha fir-rekords kummerċjali tagħha għal tliet snin miżjud bil-perjodu mill-bidu tas-sena kurrenti. Dawk ir-reġistri jistgħu jinżammu f'format elettroniku.

VI.3.9.4.2 Il-proċedura fl-uffiċċju doganali tat-tluq

L-Artikoli 6(1), 46(1) u 172-174 KDU

L-Artikoli 302 u 320 IA

L-Artikoli 304–32, 39 u 111b l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Skont l-Artikolu 6(1) KDU, l-iskambji kollha ta' informazzjoni, bħal dikjarazzjonijiet, bejn l-awtoritajiet doganali u bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali, iridu jsiru bl-użu ta' tekniki elettroniċi ta' proċessar tad-*data*. Din ir-regola tapplika wkoll għall-użu tal-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Il-merkanzija trid tiġi rrilaxxata għat-tranżitu meta d-*data* tal-ETD tkun saret disponibbli għall-uffiċċju doganali tat-tluq qabel ma jitlaq l-inġenju tal-ajru. Ir-rekwiżiti legali jfissru li d-*data* tista' ssir disponibbli biss għad-dwana b'wieħed miż-żewġ modi li ġejjin.

1. Id-*data* tista' tintbagħat lil sistema doganali tal-IT. Dan huwa

l-mod irrakkomandat. Ma huwiex obbligatorju li jkun hemm sistema doganali tal-IT fis-seħħ, iżda jkun ta' benefiċċju għall-pajjiżi li jikkunsidraw li jibnu sistema bħal din fil-futur jekk ma għandhomx waħda diġà.

2. Id-dwana tista' tingħata aċċess għas-sistema tal-linja tal-ajru mill-bini tagħha.

Bħala soluzzjoni *interim*, l-uffiċjali doganali jista' jkollhom aċċess għad-*data* mill-kompjuter tal-operatur fl-uffiċċju tal-operatur. Madankollu, dak il-metodu jista' jintuża biss sakemm tiġi implimentata waħda miż-żewġ għażliet ta' hawn fuq. Meta jkunu qegħdin jużaw din is-soluzzjoni *interim*, l-awtoritajiet doganali ma jistax ikollhom aċċess kontinwu u bla waqfien għad-*data* mingħajr piż addizzjonali u xogħol żejjed. Madankollu, huwa f'idejn l-awtoritajiet doganali li jiddeċiedu għal kemm tista' tiġi implimentata din is-soluzzjoni *interim*. Meta jiġu sabiex jieħdu din id-deċiżjoni, jeħtiġilhom b'mod partikolari jqisu l-mod ta' kooperazzjoni mal-linja tal-ajru, id-daqs tal-port u l-volum tal-merkanzija.

It-tqegħid tad-*data* għad-dispożizzjoni permezz ta' ittri elettroniċi b'Excel spreadsheets jew b'fajls PDF mehmużin ma jikkonformax mar-rekwiżiti legali.

Is-simplifikazzjoni għall-ETD tiddependi kompletament fuq kif tiġi pprovduta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu fil-formola tal-ETD. Fl-aspetti l-oħrajn kollha, l-ETD għandu jiġi ttrattat bħal kwalunkwe dikjarazzjoni doganali oħra. Il-qafas legali dettaljat dwar id-dikjarazzjonijiet doganali indikati fil-Konvenzjoni/fil-KDU u fl-atti relatati għandu jiġi rrispettat, hekk kif il-leġiżlazzjoni ma stabbiliet l-ebda regola speċjali għal proċedura ta' tranżitu simplifikata tal-ETD.

L-ETD użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu jrid jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tluq sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jwettqu valutazzjoni tar-riskju jew iwettqu kontrolli fuq il-merkanzija, fejn meħtieġ, qabel ma l-merkanzija tkun tista' tiġi rrilaxxata għat-tranżitu.

Kull biċċa *data* tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu għandha tgħaddi minn analiżi tar-riskju bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-*data* sabiex: (i) jiġu identifikati u evalwati r-riskji potenzjali; u (ii) jittieħdu kontromiżuri xierqa. Għalhekk, ikun utli ħafna jekk is-sistema doganali tal-IT tkun tista': (i) tiffaċilita t-trażmissjoni elettronika tad-*data* tal-ETD mis-sistema tal-operatur; u (ii) sussegwentement twettaq analiżi awtomatizzata tar-riskju dwar id-*data* tal-ETD.

Madankollu, minħabba li l-varar tas-sistema doganali ma huwiex

obbligatorju, jista' ma jkunx possibbli li ssir analiżi awtomatizzata tar-riskju. Għalhekk, jista' jkun possibbli li wieħed jikkumpensa għan-nuqqas ta' awtomatizzazzjoni billi tal-anqas: (i) iwettaq preawditjar robust; (ii) jimmonitorja l-awtorizzazzjoni mill-qrib; u (iii) jissorvelja b'mod regolari l-operazzjonijiet ta' tranżitu. Dawn il-passi ma jeskludux il-verifika manwali tal-merkanzija mwettqa b'mod aleatorju — jew f'każ li tkun meħtieġa — qabel tiġi rrilaxxata għat-tranżitu.

Dawn it-tipi ta' kontroll ma jistgħux jiġu ssostitwiti minn kontrolli *a posteriori* (wara t-tluq tal-merkanzija), li jistgħu jitwettqu biss f'każijiet speċifiċi jew b'mod aleatorju.

Fir-rigward tal-post tat-tagħbija (*data* fakultattiva), jista' jintuża l-kodiċi tal-pajjiż segwit bil-kodiċi IATA bi tliet ittri tal-ajruport.

Id-definizzjoni ta' konsenjatarju hija li dan huwa persuna li lilha effettivament tiġi kkonsenjata l-merkanzija. Għall-fini tal-użu tal-ETD, dan huwa r-riċevitur fl-ajruport tad-destinazzjoni.

Dikjarazzjoni tiġi aċċettata mill-awtoritajiet doganali jekk tkun ġiet ippreżentata l-merkanzija li għaliha tirreferi. Dan ma jfissirx li l-awtoritajiet doganali dejjem jeħtiġilhom jivverifikaw jekk il-merkanzija tkunx fiżikament preżenti fl-ajruport, iżda tal-anqas l-awtoritajiet doganali jeħtiġilhom ikunu konxji li l-merkanzija tkun maħżuna f'post miftiehem mal-operatur.

Jekk jitlob dan permezz ta' applikazzjoni, dikjarant jeħtieġlu jitħalla jemenda biċċa *data* waħda jew aktar fid-dikjarazzjoni.

Kull dikjarazzjoni jrid ikollha n-numru uniku tagħha assenjat mil-linja tal-ajru (numru LRN[61]). Dan jista' jkun in-numru tat-titjira flimkien mad-data, u kwalunkwe ċifra addizzjonali li tagħmel in-numru uniku għall-operatur ikkonċernat.

Il-merkanzija ttrasportata bl-ajru tiġi eżonerata mill-issiġillar jekk jew: (i) jitwaħħlu tikketti ma' kull konsenja li jkollha n-numru tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru li takkumpanja; jew (ii) il-konsenja tikkostitwixxi unità tat-tagħbija li fuqha jkun indikat in-numru tal-polza tal-vjeġġ bl-ajru li takkumpanja.

Fuq l-ETD, ma hemm ebda azzjoni speċifika li tikkonferma li l-ETD ġie aċċettat mill-awtoritajiet doganali jew li l-merkanzija ġiet irrilaxxata għat-tranżitu. Għalhekk, il-ħin tat-tluq tal-inġenju tal-ajru bil-merkanzija jista' jitqies bħala: (i) il-ħin tal-aċċettazzjoni għall-

[61] In-numru LRN fl-ETD ma huwiex l-istess bħan-numru LRN allokat għad-dikjarazzjoni tat-tranżitu standard (NCTS).

ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu; u (ii) il-ħin għar-rilaxx tal-merkanzija għat-tranżitu. F'każ li dikjarazzjoni tiġi rrifjutata, l-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jgħarraf lil-linja tal-ajru, billi jiddikjara r-raġunijiet għal dak ir-rifjut (eż. *data* insuffiċjenti, żbalji).

Jekk trasport ta' merkanzija mhux tal-Unjoni jibda mingħajr sottomissjoni u aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu, jiġġarrab dejn doganali minħabba nuqqas ta' konformità, skont l-Artikolu 79(1) KDU[62].

Huwa importanti li l-uffiċċju doganali tat-tluq ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu d-*data* storika (jiġifieri d-*data* tad-dikjarazzjonijiet preċedenti aċċettati jew irrifjutati) sabiex jitwettqu kontrolli *a posteriori* jew sabiex jiġu ċċarati kwistjonijiet imqajmin mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

VI.3.9.4.3 Il-proċedura fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

L-Artikoli 6(1) u 46(1) KDU

L-Artikolu 199(b) DA

L-Artikolu 320 IA

L-Artikolu 111(b) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Id-*data* tal-ETD bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu trid tkun l-istess fl-uffiċċju doganali tat-tluq u fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma jivverifikax il-kompatibbiltà tad-*data* kull darba. Minflok, huwa jassumi li d-*data* tkun l-istess sakemm ma jirċivix notifika mil-linja tal-ajru dwar diskrepanzi jew isib irregolaritajiet matul il-verifika.

Id-*data* tal-ETD trid tkun disponibbli għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Fir-rigward tar-rekwiżiti legali, id-*data* tista' ssir disponibbli biss għad-dwana b'wieħed miż-żewġ modi li ġejjin.

1. Id-*data* tista' tintbagħat lil sistema doganali tal-IT. Dan huwa l-mod irrakkomandat. Ma huwiex obbligatorju li jkun hemm sistema doganali tal-IT fis-seħħ, iżda jkun ta' benefiċċju għall-pajjiżi li jikkunsidraw li jibnu sistema bħal din fil-futur jekk ma għandhomx waħda diġà.

2. Id-dwana tista' tingħata aċċess għas-sistema tal-linja tal-ajru mill-bini tagħha.

Bħala soluzzjoni *interim*, l-uffiċjali doganali jista' jkollhom aċċess għad-*data* mill-kompjuter tal-operatur fl-uffiċċju tal-operatur. Madankollu, dak il-metodu jista' jintuża biss sakemm tiġi implimentata waħda miż-żewġ għażliet ta' hawn fuq. Meta jkunu qegħdin jużaw din is-soluzzjoni *interim*, l-awtoritajiet doganali ma

[62] Fl-Unjoni biss.

jistax ikollhom aċċess kontinwu u bla waqfien għad-*data* mingħajr piż addizzjonali u xogħol żejjed. Madankollu, huwa f'idejn l-awtoritajiet doganali li jiddeċiedu għal kemm tista' tiġi implimentata din is-soluzzjoni *interim*. Meta jiġu sabiex jieħdu din id-deċiżjoni, jeħtiġilhom b'mod partikolari jqisu l-mod ta' kooperazzjoni mal-linja tal-ajru, id-daqs tal-port u l-volum tal-merkanzija.

It-tqegħid tad-*data* għad-dispożizzjoni permezz ta' ittri elettroniċi b'Excel spreadsheets jew b'fajls PDF mehmużin ma jikkonformax mar-rekwiżiti legali.

Id-*data* tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu trid tiġi pprovduta lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni sa mhux aktar tard mill-mument tal-wasla tal-merkanzija fl-ajruport. Madankollu, ikun ta' vantaġġ għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li diġà jkollu dik id-*data* meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu fl-ajruport tat-tluq. Dan ikun jippermetti li l-uffiċċju doganali jwettaq kwalunkwe valutazzjoni tar-riskju potenzjali minn qabel.

Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu tkun identifikata bin-numru LRN.

Il-leġiżlazzjoni ma tinkludi l-ebda limitu ta' żmien għat-tmiem u għar-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu. Il-leġiżlazzjoni lanqas ma tispeċifika liema azzjonijiet huma meħtieġa sabiex tintemm u tiġi rrilaxxata l-proċedura ta' tranżitu.

Għalhekk, jista' jiġi preżunt li l-proċedura ta' tranżitu tintemm meta l-linja tal-ajru tinnotifika lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li l-merkanzija kollha koperta mill-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu tkun f'dawn: (i) ħażna temporanja; jew (ii) kwalunkwe post ieħor fejn il-merkanzija tista' tinħażen taħt superviżjoni doganali. L-LRN tal-ETD użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu jrid jiġi indikat f'dikjarazzjoni ta' ħażna temporanja jew fi kwalunkwe dikjarazzjoni rilevanti oħra.

Il-proċedura ta' tranżitu titqies irrilaxxata immedjatament wara li tintemm, sakemm l-awtoritajiet doganali fid-destinazzjoni ma jkunux irċivew informazzjoni — jew ma jkunux stabbilew — li l-proċedura ma tkunx intemmet b'mod korrett (eż. permezz ta' notifika mil-linja tal-ajru, b'verifika tal-merkanzija jew billi rċivew informazzjoni mill-uffiċċju doganali tat-tluq). F'dawk il-każijiet, titnieda investigazzjoni sabiex tiġi ċċarata l-kwistjoni.

Il-linja tal-ajru hija responsabbli għall-identifikazzjoni u għan-notifika tal-awtoritajiet doganali dwar ir-reati, id-diskrepanzi jew l-

irregolaritajiet kollha skoperti fl-ajruport tad-destinazzjoni, b'mod partikolari: (i) bħala riżultat tal-kontrolli mwettqin minn dik il-linja tal-ajru; jew (ii) fuq il-bażi tar-rapport tal-eżitu (surplus jew defiċit), li jirreferi b'mod partikolari għall-ETD għall-merkanzija inkwistjoni.

Fid-destinazzjoni, kull biċċa *data* tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu għandha tgħaddi minn analiżi tar-riskju bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-proċessar tad-*data* sabiex: (i) jiġu identifikati u evalwati r-riskji potenzjali; u (ii) jittieħdu kontromiżuri xierqa. Għalhekk, ikun utli ħafna jekk is-sistema doganali tal-IT tkun tista': (i) tiffaċilita t-trażmissjoni elettronika tad-*data* tal-ETD mis-sistema tal-operatur; u (ii) sussegwentement twettaq analiżi awtomatizzata tar-riskju dwar id-*data* tal-ETD.

Madankollu, minħabba li l-varar tas-sistema doganali ma huwiex obbligatorju, jista' mhux dejjem ikun possibbli li ssir analiżi awtomatizzata tar-riskju. Għalhekk, jista' jkun possibbli li wieħed jikkumpensa għan-nuqqas ta' awtomatizzazzjoni billi tal-anqas: (i) iwettaq preawditjar robust; (ii) jimmonitorja l-awtorizzazzjoni mill-qrib; u (iii) jissorvelja b'mod regolari l-operazzjonijiet ta' tranżitu. Dawn il-passi ma jeskludux il-verifika manwali tal-merkanzija mwettqa b'mod aleatorju — jew f'każ li tkun meħtieġa — wara l-wasla tagħha jew meta titqiegħed taħt ħażna temporanja.

Dawk it-tipi ta' kontroll ma jistgħux jiġu ssostitwiti minn kontrolli *a posteriori* (wara li l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata mit-tranżitu), li jistgħu jitwettqu biss f'każijiet speċifiċi jew b'mod aleatorju.

Il-konsultazzjoni mal-uffiċċju doganali tat-tluq għandha sseħħ meta jkun hemm suspett raġonevoli dwar it-tip jew il-kwantità tal-merkanzija. Il-verifika tad-*data* tal-ETD trid titwettaq billi jintuża d-dokument TC21A (l-Anness VII.8.6) u tintbagħat permezz tal-posta elettronika lill-awtoritajiet speċifikati fl-Anness VI.8.9.

Meta jimtela d-dokument TC21A, huwa rrakkomandat li tintuża waħda mil-lingwi li tinftiehem b'mod ġenerali, jekk ikun possibbli.

L-awtoritajiet doganali fl-ajruport tad-destinazzjoni jeħtiġilhom jinnotifikaw mal-ewwel opportunità kemm lill-awtoritajiet doganali fl-ajruport tat-tluq kif ukoll lill-awtorità li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni dwar kwalunkwe reat jew irregolarità. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet doganali fl-ajruport tad-destinazzjoni jeħtiġilhom jirreferu b'mod partikolari għall-ETD għall-merkanzija inkwistjoni.

L-uffiċċju doganali tat-tluq u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

jeħtiġilhom jikkooperaw ma' xulxin u jiskambjaw l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti dwar l-operazzjonijiet ta' tranżitu, fejn xieraq.

Huwa importanti li l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu d-*data* storika (jiġifieri d-*data* tal-operazzjonijiet mitmumin jew irrilaxxati) sabiex jitwettqu kontrolli *a posteriori* jew sabiex jiġu ċċarati kwistjonijiet imqajmin mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

VI.3.10 Il-merkanzija ttrasportata bil-baħar — bl-użu ta' ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

Dan il-paragrafu huwa suddiviż kif ġej:

- Introduzzjoni (it-Taqsima VI.3.10.1)
- Informazzjoni ġenerali (it-Taqsima VI.3.10.2)
- Awtorizzazzjoni għall-użu tal-ETD (it-Taqsima VI.3.10.3)
- Regoli proċedurali għall-użu tal-ETD (it-Taqsima VI.3.10.4)

VI.3.10.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 233(4)(e) UCC

Din is-simplifikazzjoni tapplika biss għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

L-Artikoli 319 u 320 IA

Kumpanija tat-tbaħħir tista' tkun awtorizzata tuża ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu sabiex tkopri l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

L-awtorizzazzjoni għall-użu tal-ETD tingħata lill-kumpaniji tat-tbaħħir li jissodisfaw il-kriterji għal din is-simplifikazzjoni. Żewġ kriterji sinifikanti fl-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni huma: (i) li l-ETD irid ikun fiha d-*data* meħtieġa f'dikjarazzjoni tat-tranżitu; u (ii) dik id-*data* trid tkun disponibbli għall-awtoritajiet doganali fit-tluq u fid-destinazzjoni sabiex id-dwana tkun tista' tissorvelja l-merkanzija u tirrilaxxa l-proċedura. Dik id-*data* tinsab fl-Annessi B-DA u B-IA.

VI.3.10.2 Informazzjoni ġenerali

L-Artikolu 89(7)(d) KDU

Ma hija meħtieġa ebda garanzija, minħabba li huwa aċċettat li t-trasport marittimu huwa sikur u li, minbarra f'każ ta' aċċident, il-kundizzjonijiet tat-trasportazzjoni jiġu ssodisfati mill-port tat-tluq sal-port tad-destinazzjoni.

Id-detentur tal-proċedura jkun il-kumpanija tat-tbaħħir.

L-awtorizzazzjoni tispeċifika l-uffiċċji doganali li jinsabu fil-portijiet tat-tagħbija u tal-ħatt, fejn tapplika l-awtorizzazzjoni.

Il-port tat-tagħbija jkun il-port tat-tluq, filwaqt li l-port tal-ħatt ikun il-port tad-destinazzjoni.

Huwa obbligatorju li tintuża l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni għat-trasport ta' merkanzija mhux tal-Unjoni fuq bastimenti ta' servizz regolari tat-trasport marittimu (RSS) (ara l-Parti II).

Kun af li t-tranżitu bil-baħar jista' jseħħ ukoll taħt il-kopertura ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu standard bl-użu tal-NCTS (il-Parti IV). Madankollu, fejn applikabbli, jintużaw modi oħrajn ta' moviment tal-merkanzija, li huma stabbiliti fl-Artikoli 226 u 227 KDU.

VI.3.10.3 Awtorizzazzjoni għall-użu tal-ETD

L-Artikolu 22 KDU

L-Artikolu 319 IA

Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni hija deskritta fit-Taqsimiet VI.2.2-VI.2.5.

L-Anness A-DA

L-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali kompetenti għall-post fejn jinżammu jew ikunu aċċessibbli l-kontijiet ewlenin tal-applikant għal finijiet doganali, u fejn għandha titwettaq tal-anqas parti mill-attivitajiet koperti mill-awtorizzazzjoni.

NEGOZJU

B'mod partikolari, il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtiġilha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja fl-applikazzjoni:
1. isem l-applikant jew in-numru EORI tal-applikant;
2. l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta': (i) il-persuna responsabbli għall-kwistjonijiet doganali u għall-applikazzjoni; u (ii) il-persuna responsabbli mill-kumpanija applikanti jew li qed teżerċita kontroll fuq il-ġestjoni tagħha;
3. il-post fejn jinżammu jew ikunu aċċessibbli l-kontijiet ewlenin għal finijiet doganali;
4. it-tip ta' kontijiet ewlenin għall-finijiet doganali;
5. il-post fejn jinżammu r-rekords;
6. it-tip ta' rekords;
7. l-uffiċċju/i doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni;
8. in-numru ta' vjaġġi bejn il-portijiet tal-UE;
9. informazzjoni dwar kif id-*data* ssur magħmula disponibbli għall-awtoritajiet doganali f'kull port tat-tluq u f'kull port tad-destinazzjoni (jekk il-mezzi tad-disponibbiltà jkunu differenti bejn kull uffiċċju doganali jew pajjiż, kull mezz irid jiġi indikat fl-applikazzjoni).

L-informazzjoni msemmija hawn fuq hija obbligatorja fl-Unjoni (l-Anness A-DA, il-kolonna 9f).

Il-kriterji jridu jiġu vverifikati mill-awtoritajiet doganali kompetenti (it-Taqsima VI.2.2). Sadanittant, il-proċedura ta' konsultazzjoni titwettaq mal-uffiċċji doganali indikati fl-applikazzjoni bħala l-uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni. Il-proċedura ta' konsultazzjoni tinbeda immedjatament wara li tiġi aċċettata l-applikazzjoni u tista' tieħu sa massimu ta' 45 jum.

Il-proċedura ta' konsultazzjoni hija parti mis-Sistema ta' Ġestjoni tad-Deċiżjonijiet Doganali (CDMS) applikabbli fl-Unjoni. Jekk is-CDMS ma tkunx disponibbli, trid tintbagħat ittra ta' konsultazzjoni bbażata fuq il-karti bil-posta elettronika, flimkien ma' kopja tal-applikazzjoni. Il-lista ta' indirizzi tal-posta elettronika f'kull pajjiż u l-mudell tal-ittra ta' konsultazzjoni huma inklużi bħala l-Annessi VI.8.11 u VI.8.10, rispettivament.

Matul il-proċedura ta' konsultazzjoni, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tivverifika dawn li ġejjin:

(i) jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-awtorizzazzjoni humiex issodisfati mill-applikant; u l-aktar importanti

(ii) jekk u kif id-*data* meħtieġa għall-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu tistax issir disponibbli għall-uffiċċji doganali li ssirilhom it-talba.

Malli tirċievi t-talba għal konsultazzjoni, l-awtorità li ssirilha t-talba jeħtiġilha tivverifika b'mod partikolari:

(i) l-informazzjoni dwar l-applikant fir-rekords tagħha stess jew f'kooperazzjoni ma' aġenziji oħrajn;

(ii) is-sistema ta' skambju tad-*data*;

(iii) il-post għall-ispezzjoni tal-merkanzija;

(iv) il-livell tal-kontrolli mill-kumpanija tat-tbaħħir tal-operazzjonijiet tagħha; u

(v) min huwa r-rappreżentant tal-kumpanija tat-tbaħħir, fejn xieraq.

Jekk ikun hemm oġġezzjoni, l-awtoritajiet rikjedenti jeħtiġilhom jiġu informati permezz tas-CDMS fi żmien 45 jum minn meta jirċievu t-talba. Jekk is-CDMS ma tkunx disponibbli, l-awtoritajiet rikjedenti jeħtiġilhom jiġu informati permezz tal-posta elettronika bl-istess ittra (l-Anness VI.8.10.). Jekk l-awtorità li ssirilha t-talba ssib li l-applikant ma joperax b'mod regolari vjaġġi lejn il-portijiet f'dak il-pajjiż, l-awtorizzazzjoni ma tistax tinkludi l-portijiet f'dak il-pajjiż. Madankollu, jekk l-applikazzjoni tkun tikkonċerna aktar portijiet, l-awtorizzazzjoni tista' tingħata bi tħassir tal-portijiet li l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tal-opinjoni li l-kundizzjonijiet għalihom ma jkunux issodisfati.

Jekk l-awtorità li ssirilha t-talba tirrifjuta talba għal awtorizzazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ssodisfar ta' kundizzjoni u, b'mod partikolari, minħabba ksur serju jew ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli tat-tassazzjoni, jeħtiġilha tiddeskrivi fil-qosor ir-raġunijiet għar-rifjut u d-dispożizzjonijiet legali sottostanti. Imbagħad, l-awtoritajiet tal-pajjiż fejn tkun saret l-applikazzjoni jeħtiġilhom ma jagħtux l-awtorizzazzjoni u jeħtiġilhom jiddeskrivu fil-qosor ir-raġunijiet għar-rifjut lill-kumpanija tat-tbaħħir.

Jekk ma tasal ebda oġġezzjoni fil-limitu ta' żmien permess, l-awtorità rikjedenti tista' tassumi li l-kriterji li għalihom tkun intalbet il-konsultazzjoni ġew issodisfati.

Jekk il-proċess ta' konsultazzjoni jitlesta mingħajr oġġezzjonijiet, l-awtoritajiet doganali kompetenti jeħtiġilhom japprovaw u jagħtu l-awtorizzazzjoni, li tapplika kemm għal vjaġġi 'l barra kif ukoll għal vjaġġi 'l ġewwa.

L-awtorizzazzjoni trid tapplika biss għal operazzjonijiet ta' tranżitu bejn l-uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni indikati fl-awtorizzazzjoni. L-awtorizzazzjoni tkun valida biss fil-pajjiżi fejn jinsabu dawk l-uffiċċji.

Ir-referenza għall-awtorizzazzjoni trid tiddaħħal fl-ETD kull darba li tinbeda operazzjoni ta' tranżitu. Din l-informazzjoni trid tiġi pprovduta, sakemm ma tkunx tista' tiġi dderivata minn *data* oħra, eż. in-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni jew is-CDMS.

Għall-monitoraġġ tal-awtorizzazzjoni, ara t-Taqsima VI.2.3.

Għall-annullament, għar-revoka jew għall-emenda tal-awtorizzazzjoni, ara t-Taqsima VI.2.4. Kull meta l-kumpanija tat-tbaħħir tkun tixtieq iżżid jew tneħħi port wieħed jew aktar fl-awtorizzazzjoni eżistenti tagħha, jeħtiġilha tapplika għal emenda tal-awtorizzazzjoni tagħha.

Għas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni, ara t-Taqsima VI.2.5.

Fil-każ ta' annullament, ta' tħassir, ta' emenda, ta' sospensjoni jew ta' tmiem tas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi indikati fl-awtorizzazzjoni jeħtiġilhom jiġu nnotifikati minnufih.

Billi l-awtorizzazzjoni għall-użu tal-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu hija valida f'aktar minn pajjiż wieħed, il-monitoraġġ tal-awtorizzazzjoni jew ir-rivalutazzjoni tagħha jistgħu jkunu jeħtieġu proċedura ta' konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali f'pajjiżi oħrajn. Dik il-konsultazzjoni hija parti mis-CDMS.

Meta s-CDMS ma tkunx disponibbli, it-talbiet għal konsultazzjoni fil-forma tal-ittra mudell fl-Anness VI.8.10 iridu jintbagħtu permezz tal-posta elettronika lill-awtoritajiet responsabbli għall-proċedura ta' konsultazzjoni, kif speċifikat fl-Anness VI.8.11.

DWANA

L-awtorizzazzjoni tinkludi, b'mod partikolari, l-informazzjoni li ġejja:

1. In-numru u d-data;
2. L-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni jew in-numru EORI tiegħu;
3. L-uffiċċju/i doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni;
4. Il-mezzi li bihom id-*data* ssir disponibbli għall-awtoritajiet doganali f'kull port tat-tluq u f'kull port tad-destinazzjoni. Jekk il-mezzi jkunu differenti skont l-uffiċċju doganali jew il-pajjiż, kull metodu jrid jiġi indikat fl-awtorizzazzjoni.
5. Avviż tal-obbligu fuq il-kumpanija tat-tbaħħir li tinforma lill-uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni dwar kwalunkwe diskrepanza nnotata, b'mod partikolari dwar: (i) it-tip u l-kwantità tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu; u (ii) kwalunkwe bidla li tista' taffettwa l-awtorizzazzjoni.
6. Il-mezz ta' komunikazzjoni bejn l-uffiċċju/i doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni minn naħa u l-kumpanija tat-tbaħħir, min-naħa l-oħra.

L-informazzjoni msemmija hawn fuq hija obbligatorja fl-Unjoni (l-Anness A-DA, il-kolonna 9f).

Għalkemm il-limitu ta' żmien sabiex id-*data* tal-ETD titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tluq qabel ma l-merkanzija tkun tista' tiġi rrilaxxata għat-tranżitu ma huwiex obbligatorju, huwa utli li tiżdied informazzjoni dwar dan il-limitu ta' żmien fl-awtorizzazzjoni.

Il-kumpaniji tat-tbaħħir internazzjonali li huma stabbiliti fl-Unjoni — jew li għandhom stabbiliment ta' negozju permanenti fl-Unjoni — jistgħu jkunu awtorizzati sabiex jużaw dik il-proċedura, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet neċessarji[63].

[63] L-Artikolu 5(31) u (32) KDU.

VI.3.10.4 Ir-regoli proċedurali għall-użu tal-ETD

VI.3.10.4.1 *Data* meħtieġa għall-ETD

L-Artikolu 320 IA

L-Anness B-IA

L-ETD (eż. manifest elettroniku tal-merkanzija jew dokument ieħor) huwa dokument imfassal mill-kumpanija tat-tbaħħir meta l-bastiment jitlaq. Jikkonferma l-merkanzija propja li tkun mgħobbija fuq il-bastiment. B'hekk, għall-finijiet ta' tranżitu, l-ETD iservi bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu, dment li jkun fih id-*data* stabbilita fl-Annessi B-DA u B-IA.

Sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jidentifikaw l-istatus tal-merkanzija, fil-livell tal-entrati fl-ETD irid jiġi indikat wieħed mill-kodiċijiet fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Kodiċi	Tranżitu fl-Unjoni
T1	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu estern T1
T2F	Merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni ttrasportata mit-territorji fiskali speċjali (SFTs) għal parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni, li ma jkunx SFT kif imsemmi fl-Artikolu 188(1) DA. Dak il-kodiċi jista' jintuża għall-merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bejn SFT u parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 188(2) DA.
C	Merkanzija tal-Unjoni mhux imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu
TD	Merkanzija li diġà qiegħda tiġi ttrasportata taħt proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, jew ittrasportata taħt proċeduri ta' proċessar attiv, ta' depost jew ta' dħul temporanju[64]
X	Merkanzija tal-Unjoni li l-proċedura tal-esportazzjoni għaliha ntemmet u li l-ħruġ tagħha ġie kkonfermat u li ma hijiex imqiegħda taħt

[64] F'dawn il-każijiet, il-kumpanija tax-shipping jeħtiġilha ddaħħal ukoll: (i) il-kodiċi "TD" fil-polza ta' kargu korrispondenti jew f'dokument kummerċjali xieraq ieħor; (ii) numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew tad-dokument tat-trasferiment; u (iii) l-isem tal-uffiċċju emittenti.

	proċedura ta' tranżitu

L-ETD jiġi ttrattat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu biss meta jiġi indikat tal-anqas wieħed mill-kodiċijiet T1 jew T2F. Jekk l-ebda wieħed minn dawk il-kodiċijiet ma jkun indikat fl-ETD, irrispettivament mill-kodiċijiet l-oħrajn imsemmija hawn fuq, dik l-ETD ma tistax tintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Eżempji tal-użu tal-kodiċijiet:

Eżempju 1
Il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasferita bl-RSS bejn Franza u l-Ġermanja.

Franza — il-Ġermanja →, irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fl-ETD.

Eżempju 2
Merkanzija tal-Unjoni esportata mill-Irlanda għal pajjiż terz (iċ-Ċina). Fl-Irlanda, il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni li titlesta u li l-ħruġ tagħha jiġi kkonfermat. Il-merkanzija tiġi ttrasportata bl-RSS lejn in-Netherlands, fejn tinħareġ mill-Unjoni.

L-Irlanda — in-Netherlands — iċ-Ċina → irid jiddaħħal il-kodiċi "X" fuq l-ETD bejn l-Irlanda u n-Netherlands.

Eżempju 3
Il-merkanzija mhux tal-Unjoni tasal minn pajjiż terz (il-Kanada) fil-Portugall, u tiġi ttrasportata bl-RSS lejn Spanja.

Il-Kanada — il-Portugall — Spanja → il-kodiċi "T1" irid jiddaħħal fuq l-ETD bejn il-Portugall u Spanja.

Eżempju 4:
Il-merkanzija tal-Unjoni tintbagħat bl-RSS minn Spanja għal territorju fiskali speċjali (SFT) (il-Gżejjer Kanarji).

Għażliet:
1. Spanja — il-Gżejjer Kanarji → irid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu[65].

[65] F'konformità mal-Artikolu 188(2) DA.

2. Spanja — il-Gżejjer Kanarji → irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fuq l-ETD.

Eżempju 5:
Il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata bl-RSS bejn żewġ SFTs fl-istess Stat Membru (Franza: Guadeloupe u Mayotte).

Għażliet:
1. Guadeloupe — Mayotte → irid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu[66]
2. Guadeloupe — Mayotte → irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fuq l-ETD[67].

Eżempju 6:
Il-merkanzija tal-Unjoni soġġetta għas-sisa[68] tiġi esportata mill-Kroazja lejn pajjiż terz (il-Ġappun). Fil-Kroazja, il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni li titlesta u li l-ħruġ tagħha jiġi kkonfermat. Il-merkanzija tiġi ttrasferita bl-RSS lejn il-Greċja, fejn tinħareġ mill-Unjoni.

Il-Kroazja — il-Greċja — il-Ġappun → irid jiddaħħal il-kodiċi "X" fuq l-ETD bejn il-Kroazja u l-Greċja.

Eżempju 7:
Merkanzija tal-Unjoni soġġetta għas-sisa[69] tiġi esportata mill-Italja lejn pajjiż terz (l-Indja). Fi Trieste (l-Italja), il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni li titlesta u li l-ħruġ tagħha jiġi kkonfermat. Il-merkanzija tiġi ttrasferita bl-RSS lejn Ġenova (l-Italja), fejn tinħareġ mill-Unjoni.

Trieste — Ġenova — l-Indja → irid jiddaħħal il-kodiċi "X" fl-ETD bejn Trieste u Ġenova.

Eżempju 8:

---

[66] F'konformità mal-Artikolu 188(1) DA.

[67] F'konformità mal-Artikolu 188(2) DA.

[68] Skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9/12, 14.1.2009).

[69] Skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9/12, 14.1.2009).

Il-merkanzija tal-Unjoni soġġetta għas-sisa[70] tiġi ttrasferita mir-Rumanija lejn il-Bulgarija bl-RSS. Il-merkanzija tibqa' taħt l-arranġament ta' sospensjoni tas-sisa fl-EMCS.

Ir-Rumanija — il-Bulgarija → irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fuq l-ETD.

Eżempju 9:
Merkanzija tal-Unjoni esportata għal pajjiż terz (il-Belarussja). Fid-Danimarka, il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni li titlesta u li l-ħruġ tagħha jiġi kkonfermat, u tibda l-proċedura TIR. Il-merkanzija tiġi ttrasportata bl-RSS lejn il-Polonja. Fil-Polonja, il-merkanzija tkompli triqitha lejn pajjiż terz bit-triq taħt proċedura TIR.

Id-Danimarka — il-Polonja — il-Belarussja → irid jiddaħħal il-kodiċi "TD" fuq l-ETD bejn id-Danimarka u l-Polonja. Il-proċedura TIR issegwi bid-destinazzjoni fil-Belarussja.

Eżempju 10:
Merkanzija tal-Unjoni esportata għal pajjiż terz (ir-Russja). Fin-Netherlands, il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' esportazzjoni u tiġi ttrasportata bl-RSS lejn il-Finlandja, fejn tinħareġ 'il barra mill-Unjoni bit-triq.

In-Netherlands — il-Finlandja — ir-Russja→ irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fuq l-ETD bejn in-Netherlands u l-Finlandja u l-merkanzija tiġi ttrasportata taħt proċedura ta' esportazzjoni lejn il-fruntiera esterna tal-Unjoni.

Eżempju 11:
Il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata minn SFT (il-Gżejjer Kanarji) għal Spanja u mbagħad għall-Portugall bit-triq.

Għażliet:
1. SFT (il-Gżejjer Kanarji) — Spanja — il-Portugall → irid jiddaħħal il-kodiċi "C" jew "T2F" fuq l-ETD bejn il-Gżejjer Kanarji u Spanja u trid tiddaħħal il-proċedura ta' tranżitu standard (T2F-NCTS, inkluża l-garanzija) fuq l-ETD bejn Spanja

[70] Skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9/12, 14.1.2009).

u l-Portugall[71].

2. SFT (il-Gżejjer Kanarji) — Spanja — il-Portugall →: irid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bejn il-Gżejjer Kanarji u Spanja u trid tiddaħħal il-proċedura ta' tranżitu standard (T2F-NCTS, inkluża l-garanzija) fuq l-ETD bejn Spanja u l-Portugall[72].

Eżempju 12:
Il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata minn SFT (il-Gżejjer Kanarji) għal Spanja u mbagħad għall-Italja bl-RSS.

Għażliet:
1. SFT (il-Gżejjer Kanarji) — Spanja — l-Italja → irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fuq l-ETD bejn il-Gżejjer Kanarji u Spanja, u jrid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bejn Spanja u l-Italja[73].
2. SFT (il-Gżejjer Kanarji) — Spanja — l-Italja → irid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bejn il-Gżejjer Kanarji u Spanja u jrid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu bejn Spanja u l-Italja[74].

Eżempju 13
Il-merkanzija tal-Unjoni tiġi ttrasportata minn SFT (il-Gżejjer Kanarji) lejn Spanja bl-RSS.

Għażliet:
1) SFT (il-Gżejjer Kanarji) — Spanja → irid jiddaħħal il-kodiċi "C" fuq l-ETD.
2) SFT (il-Gżejjer Kanarji) — Spanja → irid jiddaħħal il-kodiċi "T2F" fuq l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu[75].

Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu u mingħajr xkiel massimu tal-merkanzija tal-Unjoni, il-kodiċi "C" fuq l-ETD jagħti d-dritt lill-merkanzija għal moviment liberu ulterjuri lejn id-destinazzjoni tagħha fl-Unjoni, dment li: (i) evidenza tal-istatus tagħha tinżamm fir-rekords tan-negozju tal-operaturi fil-port tat-tluq; u (ii) ma jkun hemm l-ebda suspett jew dubju raġonevoli dwar l-istatus tal-

[71] F'konformità mal-Artikolu 188(2) DA.
[72] F'konformità mal-Artikolu 188(1) DA.
[73] F'konformità mal-Artikolu 188(2) DA.
[74] F'konformità mal-Artikolu 188(1) DA.
[75] F'konformità mal-Artikolu 188(2) DA.

merkanzija mal-wasla fil-port tad-destinazzjoni. Madankollu, l-awtoritajiet doganali fid-destinazzjoni għandhom l-opportunità li jivverifikaw l-istatus doganali ddikjarat tal-merkanzija tal-Unjoni billi japplikaw kontrolli *a posteriori* adattat bbażati fuq riskju vvalutat b'referenzi lura għall-awtoritajiet doganali fil-port tat-tluq, jekk neċessarji.

Sakemm ir-regoli nazzjonali ma jipprevedux perjodu itwal, il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtiġilha żżomm rekord tal-istatus tal-merkanzija kollha fir-rekords kummerċjali tagħha għal tliet snin miżjud bil-perjodu mill-bidu tas-sena kurrenti. Dawk ir-reġistri jistgħu jinżammu f'format elettroniku.

VI.3.10.4.2 Il-proċedura fl-uffiċċju doganali tat-tluq

L-Artikoli 6(1), 46(1) u 172-174 KDU

L-Artikolu 320 IA

Skont l-Artikolu 6(1) KDU, l-iskambji kollha ta' informazzjoni, bħal dikjarazzjonijiet, bejn l-awtoritajiet doganali u bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali, iridu jsiru bl-użu ta' tekniki elettroniċi ta' proċessar tad-*data*. Din ir-regola tapplika wkoll għall-użu tal-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Il-merkanzija trid tiġi rrilaxxata għat-tranżitu meta d-*data* tal-ETD tkun saret disponibbli għall-uffiċċju doganali tat-tluq qabel ma jitlaq il-bastiment. Ir-rekwiżiti legali jfissru li d-*data* tista' ssir disponibbli biss għad-dwana b'wieħed miż-żewġ modi li ġejjin.

1. Id-*data* tista' tintbagħat lil sistema doganali tal-IT. Dan huwa l-mod irrakkomandat. Ma huwiex obbligatorju li jkun hemm sistema doganali tal-IT fis-seħħ, iżda jkun ta' benefiċċju għall-pajjiżi li jikkunsidraw li jibnu sistema bħal din fil-futur jekk ma għandhomx waħda diġà.

2. Id-dwana tista' tingħata aċċess għas-sistema tal-kumpanija tat-tbaħħir jew għas-sistema tal-operatur tal-port mill-bini tad-dwana.

Bħala soluzzjoni *interim*, l-uffiċjali doganali jista' jkollhom aċċess għad-*data* mill-kompjuter tal-operatur fl-uffiċċju tal-operatur. Madankollu, dak il-metodu jista' jintuża biss sakemm tiġi implimentata waħda miż-żewġ għażliet ta' hawn fuq. Meta jkunu qegħdin jużaw din is-soluzzjoni *interim*, l-awtoritajiet doganali ma jistax ikollhom aċċess kontinwu u bla waqfien għad-*data* mingħajr

piż addizzjonali u xogħol żejjed. Madankollu, huwa f'idejn l-awtoritajiet doganali li jiddeċiedu għal kemm tista' tiġi implimentata din is-soluzzjoni *interim*. Meta jiġu sabiex jieħdu din id-deċiżjoni, jeħtiġilhom b'mod partikolari jqisu l-mod ta' kooperazzjoni mal-linja tal-ajru, id-daqs tal-port u l-volum tal-merkanzija.

It-tqegħid tad-*data* għad-dispożizzjoni permezz ta' ittri elettroniċi b'Excel spreadsheets jew b'fajls PDF mehmużin ma jikkonformax mar-rekwiżiti legali.

Is-simplifikazzjoni għall-ETD tiddependi kompletament fuq kif tiġi pprovduta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu fil-formola ta' ETD. Fl-aspetti l-oħrajn kollha, l-ETD għandu jiġi ttrattat bħal kwalunkwe dikjarazzjoni doganali oħra. Il-qafas legali dettaljat dwar id-dikjarazzjonijiet doganali indikati fil-KDU u fl-atti relatati għandu jiġi rrispettat, hekk kif il-leġiżlazzjoni ma stabbiliet l-ebda regola speċjali għal proċedura ta' tranżitu simplifikata tal-ETD.

L-ETD użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu jrid jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tluq sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jwettqu valutazzjoni tar-riskju jew iwettqu kontrolli fuq il-merkanzija, fejn meħtieġ, qabel ma l-merkanzija tkun tista' tiġi rrilaxxata għat-tranżitu.

Kull biċċa *data* tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu għandha tgħaddi minn analiżi tar- A riskju bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-proċessar tad-*data* sabiex:

(i) jiġu identifikati u evalwati r-riskji potenzjali; u

(ii) jittieħdu l-kontromiżuri xierqa.

Għalhekk, ikun utli ħafna jekk is-sistema doganali tal-IT tkun tista':

(i) tiffaċilita t-trażmissjoni elettronika tad-*data* tal-ETD mis-sistema tal-operatur; u

(ii) sussegwentement twettaq analiżi awtomatizzata tar-riskju dwar id-*data* tal-ETD.

Madankollu, minħabba li l-varar tas-sistema doganali ma huwiex obbligatorju, jista' ma jkunx possibbli li ssir analiżi awtomatizzata tar-riskju. Għalhekk, jista' jkun possibbli li wieħed jikkumpensa għan-nuqqas ta' awtomatizzazzjoni billi tal-anqas:

(i) iwettaq preawditjar robust;

(ii) jimmonitorja l-awtorizzazzjoni mill-qrib; u

(iii) jissorvelja b'mod regolari l-operazzjonijiet ta' tranżitu. Dawn il-passi ma jeskludix il-verifika manwali tal-merkanzija mwettqa b'mod aleatorju — jew f'każ li tkun meħtieġa — qabel tiġi rrilaxxata għat-tranżitu.

Dawn it-tipi ta' kontrolli ma jistgħux jiġu ssostitwiti minn kontrolli *a posteriori* (wara t-tluq tal-merkanzija), li jistgħu jitwettqu biss f'każijiet speċifiċi jew b'mod aleatorju.

Id-definizzjoni ta' konsenjatarju hija li dan huwa persuna li lilha effettivament tiġi kkonsenjata l-merkanzija. Għall-fini tal-użu tal-ETD, dan huwa r-riċevitur fil-port tad-destinazzjoni.

Dikjarazzjoni tiġi aċċettata mill-awtoritajiet doganali jekk tkun ġiet ippreżentata l-merkanzija li għaliha tirreferi. Dan ma jfissirx li l-awtoritajiet doganali dejjem jeħtiġilhom jivverifikaw jekk il-merkanzija tkunx fiżikament preżenti fil-port, iżda tal-anqas l-awtoritajiet doganali jeħtiġilhom ikunu konxji li l-merkanzija tkun maħżuna f'post miftiehem mal-operatur.

Jekk jitlob dan permezz ta' applikazzjoni, dikjarant jeħtieġlu jitħalla jemenda biċċa *data* waħda jew aktar fid-dikjarazzjoni.

Kull dikjarazzjoni jrid ikollha n-numru uniku tagħha assenjat mill-kumpanija tat-tbaħħir (numru LRN[76]). Dan jista' jkun in-numru tal-vjaġġ u d-data, u kwalunkwe ċifra addizzjonali li tagħmel in-numru uniku għall-operatur ikkonċernat.

Skont l-Artikolu 299 IA, is-siġilli jridu jitwaħħlu mat-tluq jew fuq l-ispazju li jkun fih il-merkanzija (meta l-mezz tat-trasport jew il-kontejner ikun ġie rrikonoxxut mill-uffiċċju doganali tat-tluq bħala addattat għall-issiġillar) jew inkella fuq kull pakkett individwali. Madankollu, l-uffiċċju doganali tat-tluq jista' jiddeċiedi li ma jissiġillax il-merkanzija jekk id-deskrizzjoni tagħha tkun preċiża biżżejjed li tippermetti li din tiġi identifikata faċilment.

Fuq l-ETD, ma hemm ebda azzjoni speċifika li tikkonferma li l-ETD ġie aċċettat mill-awtoritajiet doganali jew li l-merkanzija ġiet

[76] In-numru LRN fl-ETD ma huwiex l-istess bħan-numru LRN allokat għad-dikjarazzjoni tat-tranżitu standard (NCTS).

irrilaxxata għat-tranżitu. Għalhekk, il-ħin li fih il-bastiment jitlaq bil-merkanzija jista' jitqies bħala:

(i) il-ħin tal-aċċettazzjoni tal-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu; u

(ii) il-ħin tar-rilaxx tal-merkanzija għat-tranżitu. F'każ li dikjarazzjoni tiġi rrifjutata, l-uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jgħarraf lill-kumpanija tat-tbaħħir, billi jiddikjara r-raġunijiet għal dak ir-rifjut (eż. *data* insuffiċjenti, żbalji).

Jekk trasport ta' merkanzija mhux tal-Unjoni jibda mingħajr sottomissjoni u aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu, jiġġarrab dejn doganali minħabba nuqqas ta' konformità, skont l-Artikolu 79(1) KDU.

Huwa importanti li l-uffiċċju doganali tat-tluq ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu d-*data* storika (jiġifieri d-*data* tad-dikjarazzjonijiet preċedenti aċċettati jew irrifjutati) sabiex jitwettqu kontrolli *a posteriori* jew sabiex jiġu ċċarati kwistjonijiet imqajmin mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

VI.3.10.4.3 Il-proċedura fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

L-Artikoli 6(1) u 46(1) KDU

L-Artikolu 199(b) DA

L-Artikolu 320 IA

Id-*data* tal-ETD bħala d-dikjarazzjoni tat-tranżitu trid tkun l-istess fl-uffiċċju doganali tat-tluq u fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma jivverifikax il-kompatibbiltà tad-*data* kull darba. Minflok, huwa jassumi li d-*data* tkun l-istess sakemm ma jirċivix notifika mill-kumpanija tat-tbaħħir dwar id-diskrepanzi jew isib irregolaritajiet matul il-verifika.

Id-*data* tal-ETD trid tkun disponibbli għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Fir-rigward tar-rekwiżiti legali, id-*data* tista' ssir disponibbli biss għad-dwana b'wieħed miż-żewġ modi li ġejjin.

1. Id-*data* tista' tintbagħat lil sistema doganali tal-IT. Dan huwa l-mod irrakkomandat. Ma huwiex obbligatorju li jkun hemm sistema doganali tal-IT fis-seħħ, iżda jkun ta' benefiċċju għall-pajjiżi li jikkunsidraw li jibnu sistema bħal din fil-futur jekk ma għandhomx waħda diġà.

2. Id-dwana tista' tingħata aċċess għas-sistema tal-linja tal-ajru mill-bini tagħha.

Bħala soluzzjoni *interim*, l-uffiċjali doganali jista' jkollhom aċċess għad-*data* mill-kompjuter tal-operatur fl-uffiċċju tal-operatur. Madankollu, dak il-metodu jista' jintuża biss sakemm tiġi implimentata waħda miż-żewġ għażliet ta' hawn fuq. Meta jkunu qegħdin jużaw din is-soluzzjoni *interim*, l-awtoritajiet doganali ma jistax ikollhom aċċess kontinwu u bla waqfien għad-*data* mingħajr piż addizzjonali u xogħol żejjed. Madankollu, huwa f'idejn l-awtoritajiet doganali li jiddeċiedu għal kemm tista' tiġi implimentata din is-soluzzjoni *interim*. Meta jiġu sabiex jieħdu din id-deċiżjoni, jeħtiġilhom b'mod partikolari jqisu l-mod ta' kooperazzjoni mal-linja tal-ajru, id-daqs tal-port u l-volum tal-merkanzija.

It-tqegħid tad-*data* għad-dispożizzjoni permezz ta' ittri elettroniċi b'Excel spreadsheets jew b'fajls PDF mehmużin ma jikkonformax mar-rekwiżiti legali.

Id-*data* tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu trid tiġi pprovduta lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni mhux aktar tard mill-ħin tal-wasla tal-merkanzija fil-port. Madankollu, ikun ta' vantaġġ għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li diġà jkollu dik id-*data* meta l-merkanzija tiġi rrilaxxata għat-tranżitu fil-port tat-tluq. Dan ikun jippermetti li l-uffiċċju doganali jwettaq kwalunkwe valutazzjoni tar-riskju potenzjali minn qabel.

Id-dikjarazzjoni tat-tranżitu tkun identifikata bin-numru LRN.

Il-leġiżlazzjoni ma tinkludi l-ebda limitu ta' żmien għat-tmiem u għar-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu. Il-leġiżlazzjoni lanqas ma tispeċifika liema azzjonijiet huma meħtieġa sabiex tintemm u tiġi rrilaxxata l-proċedura ta' tranżitu.

Għalhekk, jista' jiġi preżunt li l-proċedura ta' tranżitu tintemm meta l-kumpanija tat-tbaħħir tinnotifika lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li l-merkanzija kollha koperta mill-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu tkun imqiegħda f'dawn:

(i) ħażna temporanja; jew

(ii) kwalunkwe post ieħor fejn il-merkanzija tista' tinħażen taħt superviżjoni doganali.

L-LRN tal-ETD użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu jrid jiġi indikat f'dikjarazzjoni ta' ħażna temporanja jew fi kwalunkwe dikjarazzjoni rilevanti oħra.

Il-proċedura ta' tranżitu titqies irrilaxxata immedjatament wara li

tintemm, sakemm l-awtoritajiet doganali fid-destinazzjoni ma jkunux irċivew informazzjoni — jew ma jkunux stabbilew — li l-proċedura ma tkunx intemmet b'mod korrett (eż. permezz ta' notifika mill-kumpanija tat-tbaħħir, b'verifika tal-merkanzija jew bir-riċevuta ta' informazzjoni mill-uffiċċju doganali tat-tluq). F'dawk il-każijiet, titnieda investigazzjoni sabiex tiġi ċċarata l-kwistjoni.

Il-kumpanija tat-tbaħħir hija responsabbli għall-identifikazzjoni u għan-notifika tal-awtoritajiet doganali dwar ir-reati, id-diskrepanzi jew l-irregolaritajiet kollha skoperti fil-port tad-destinazzjoni, b'mod partikolari:

(i) bħala riżultat tal-kontrolli mwettqin minn dik il-kumpanija; jew

(ii) fuq il-bażi tar-rapport tal-eżitu (surplus jew defiċit), li jirreferi b'mod partikolari għall-ETD għall-merkanzija inkwistjoni.

Fid-destinazzjoni, kull biċċa *data* tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu għandha tgħaddi minn analiżi tar-riskju bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-proċessar tad-*data* sabiex:

(i) jiġu identifikati u evalwati r-riskji potenzjali; u

(ii) jittieħdu l-kontromiżuri xierqa.

Għalhekk, ikun utli ħafna jekk is-sistema doganali tal-IT tkun tista':

(i) tiffaċilita t-trażmissjoni elettronika tad-*data* tal-ETD mis-sistema tal-operatur; u

(ii) sussegwentement twettaq analiżi awtomatizzata tar-riskju dwar id-*data* tal-ETD.

Madankollu, minħabba li l-varar tas-sistema doganali ma huwiex obbligatorju, jista' mhux dejjem ikun possibbli li ssir analiżi awtomatizzata tar-riskju. Għalhekk, jista' jkun possibbli li wieħed jikkumpensa għan-nuqqas ta' awtomatizzazzjoni billi tal-anqas:

(i) iwettaq preawditjar robust;

(ii) jimmonitorja l-awtorizzazzjoni mill-qrib; u

(iii) jissorvelja b'mod regolari l-operazzjonijiet ta' tranżitu.

Dawn il-passi ma jeskludux il-verifika manwali tal-merkanzija mwettqa b'mod aleatorju — jew f'każ li tkun meħtieġa — wara l-

wasla tagħha jew meta titqiegħed taħt ħażna temporanja.

Dawn it-tipi ta' kontroll ma jistgħux jiġu ssostitwiti minn kontrolli *a posteriori* (wara li l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata mit-tranżitu) li jistgħu jitwettqu biss f'każijiet speċifiċi jew b'mod aleatorju.

Il-konsultazzjoni mal-uffiċċju doganali tat-tluq għandha sseħħ meta jkun hemm suspett raġonevoli dwar it-tip jew il-kwantità tal-merkanzija. Il-verifika tad-*data* tal-ETD trid titwettaq billi jintuża d-dokument TC21A (l-Anness VII.8.6) u tintbagħat permezz tal-posta elettronika lill-awtoritajiet speċifikati fl-Anness VI.8.9.

Meta jimtela d-dokument TC21A, huwa rrakkomandat li tintuża waħda mil-lingwi li tinftiehem b'mod ġenerali, jekk ikun possibbli.

L-awtoritajiet doganali fil-port tad-destinazzjoni jeħtiġilhom jinnotifikaw mal-ewwel opportunità kemm lill-awtoritajiet doganali fil-port tat-tluq kif ukoll lill-awtorità li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni dwar kwalunkwe reat jew irregolarità. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet doganali fl-ajruport tad-destinazzjoni jeħtiġilhom jirreferu b'mod partikolari għall-ETD għall-merkanzija inkwistjoni.

L-uffiċċju doganali tat-tluq u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtiġilhom jikkooperaw ma' xulxin u jiskambjaw l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti dwar l-operazzjonijiet ta' tranżitu, fejn xieraq.

Huwa importanti li l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu d-*data* storika (jiġifieri d-*data* tal-operazzjonijiet mitmumin jew irrilaxxati) sabiex jitwettqu kontrolli *a posteriori* jew sabiex jiġu ċċarati kwistjonijiet imqajmin mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

VI.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*)

VI.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

VI.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

VI.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

VI.8 Annessi

VI.8.1 Kampjun ta' timbru speċjali użat minn konsenjatur awtorizzat



1. Coat of arms or any other signs or letters characterising the country
2. Reference number of the customs office of departure
3. Declaration number
4. Date
5. Authorised consignor
6 Authorisation number

VI.8.2 Derogi — timbru speċjali (IT)

Il-konsenjaturi awtorizzati jeħtiġilhom jużaw it-timbru speċjali approvat mill-awtoritajiet doganali f'konformità ma' dawn: (i) il-Punt 22.1 tal-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni; u (ii) il-Punt 22.1 tal-Anness 72-04 IA. Il-mudell ta' dan it-timbru jidher fl-Anness B9, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni u fil-Kapitolu II tal-Anness 72-04 IA).

Konsenjaturi awtorizzati Taljani jistgħu jużaw it-timbri speċjali, li kampjuni tagħhom huma illustrati hawn taħt:



[Eżempju]

VI.8.3 Lista ta' ajruporti u ta' uffiċċji doganali ta' kontroll

L-Anness tħassar għaliex ma għadux rilevanti.

VI.8.4 Kampjun ta' awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq manifest elettroniku għal merkanzija ttrasportata bl-ajru

L-Anness tħassar għaliex ma għadux rilevanti.

VI.8.5 Dijagramma sekwenzjali tal-groupage bl-ajru

L-Anness tħassar għaliex ma għadux rilevanti.

VI.8.6 Kampjun ta' awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' kumpaniji tat-tbaħħir tuża l-proċedura simplifikata ta' tranżitu tal-Unjoni bil-baħar.

L-użu tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar

Kampjun tal-awtorizzazzjoni skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 26 TDA

Suġġett tal-awtorizzazzjoni

1. Il-kumpanija tat-tbaħħir ….....……....

   ….....…

   ….....

   hija b'dan awtorizzata, soġġetta għal revoka fi kwalunkwe ħin, sabiex tapplika l-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni bbażati fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar f'konformità mal-Artikolu 26 TDA, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"proċedura ta' tranżitu bil-baħar simplifikata (ibbażata fuq il-karti)".

Il-kamp ta' applikazzjoni

2. Il-proċedura ta' tranżitu bil-baħar simplifikata (ibbażata fuq il-karti) tkopri l-ġarr tal-merkanzija kollha li l-kumpanija tat-tbaħħirtbaħħir tittrasporta bil-baħar bejn portijiet fl-Istati Membri tal-Unjoni stipulata fl-anness mehmuż.

Dokumentazzjoni meħtieġa għall-konsenji

3. Meta l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni tkun obbligatorja, il-manifest (kampjun mehmuż) jiġi ttrattat bħala ekwivalenti għal dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, dment li jkun fih id-dettalji elenkati fl-Artikolu 50 TDA.

Proċedura fil-port tat-tagħbija (l-uffiċċju doganali tat-tluq)

4. Il-manifesti jridu jiġu ppreżentati f'duplikati u jridu jkunu mmarkati bil-kodiċi xieraq (T1, T2F) b'ittri b'tipa grassa fuq l-ewwel paġna. Imbagħad iridu jiġu ddatati u ffirmati mill-kumpanija tat-tbaħħir b'tali mod li jkunu identifikati bħala dikjarazzjonijiet tat-tranżitu għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni. Imbagħad, dawk il-manifesti jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għal dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

   Meta l-operazzjoni tat-trasport tirrelata fl-istess ħin mal-merkanzija li trid tiġi ttrasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu estern tal-Unjoni (T1) u mal-merkanzija li trid tiġi ttrasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni (T2F), dik il-merkanzija trid tkun elenkata f'manifesti separati.

Meta jsiru konsenji bi groupage, huma jridu jkunu indikati bit-terminu "groupage" u jkunu inklużi fil-manifest tat-tranżitu tal-Unjoni li jkun xieraq għall-ogħla status irreġistrat fuq il-manifest tal-groupage (eż. jekk il-groupage jinkludi kemm merkanzija tal-Unjoni kif ukoll merkanzija bi statuses T1, T2F, TD, dan irid jiġi ddikjarat fil-manifest T1).

Sakemm il-kumpanija tat-tbaħħir ma tkunx konsenjatur awtorizzat fis-sens tal-Artikolu 233(4)(a) KDU, il-manifest irid jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet kompetenti għall-awtentikazzjoni qabel it-tluq tal-bastiment.

F'konformità mal-Artikolu 297 IA, il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jkun […].

Il-kumpanija tat-tbaħħir li tittrasporta l-konsenji murijin fuq il-manifest trid tkun id-detentur tal-proċedura għal dawn l-operazzjonijiet tat-trasport.

Proċedura fil-port tal-ħatt (l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni)

5. Il-manifesti u l-merkanzija li għaliha jirreferu jridu jkunu ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti fil-port tad-destinazzjoni għal skopijiet ta' kontroll doganali. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li jispezzjonaw il-poloz ta' kargu kollha li jkopru kwalunkwe merkanzija rrilaxxata minn dak il-bastiment fil-port.

Darba fix-xahar, wara li tiġi awtentikata l-lista inkwistjoni, l-awtoritajiet doganali f'kull port tad-destinazzjoni jeħtiġilhom jibagħtu lill-awtoritajiet doganali f'kull port tat-tluq lista mfassla mill-kumpaniji tat-tbaħħir jew mir-rappreżentanti tagħhom. Din il-lista jrid ikun fiha l-manifesti li ġew ippreżentati lilhom matul ix-xahar ta' qabel.

Il-lista trid tinkludi wkoll: (i) in-numru tar-referenza tal-manifest; (ii) is-simbolu li jidentifika l-manifest bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu; (iii) l-isem tal-kumpanija tat-tbaħħir li ġarret il-merkanzija; (iv) l-isem tal-bastiment; u (v) id-data tal-operazzjoni tat-trasport marittimu.

Dik il-lista trid tiġi prodotta f'duplikata u f'konformità mal-format li ġej:

LISTA TA' PROĊEDURI TA' TRANŻITU GĦAX-XAHAR			
Il-port tat-tluq:		Il-port tad-destinazzjoni:	
Numru ta' referenza tal-manifest użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu	Data tal-manifest użat bħala dokument ta' tranżitu	Isem il-bastiment	Għall-finijiet doganali

L-aħħar paġna tal-lista trid tistipula:

"Il-(kumpanija tat-tbaħħir) b'dan tiċċertifika li din il-lista tinkludi l-manifesti kollha għal merkanzija ttrasportata bil-baħar minn (port tat-tluq) għal (port tad-destinazzjoni)."

Iż-żewġ kopji ta' kull lista jridu jkunu ffirmati mir-rappreżentant tal-kumpanija tat-tbaħħir u mibgħuta lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tax-xahar wara x-xahar tal-proċeduri ta' tranżitu.

Irregolaritajiet/diskrepanzi

6. Id-dwana fil-port tad-destinazzjoni jeħtiġilha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti fil-port tat-tluq, kif ukoll lill-awtorità li tat l-awtorizzazzjoni, dwar kwalunkwe irregolarità jew diskrepanza, filwaqt li tirreferi b'mod partikolari għall-poloz ta' kargu tal-merkanzija kkonċernata.

Responsabbiltajiet tal-kumpanija tat-tbaħħir

7. Il-kumpanija tat-tbaħħir jeħtiġilha:

- iżżomm rekords xierqa li jippermettu lill-awtoritajiet doganali jivverifikaw l-operazzjonijiet

  fit-tluq u fid-destinazzjoni;

- tagħmel disponibbli r-rekords rilevanti kollha lill-awtoritajiet doganali; u

- tintrabat li tassisti ħalli ssolvi d-diskrepanzi u l-irregolaritajiet kollha.

Dispożizzjonijiet finali

8. Din l-awtorizzazzjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-formalitajiet vis-à-vis tluq u wasla li jkunu responsabbiltà tal-kumpanija tat-tbaħħir fil-pajjiżi tat-tluq u tad-destinazzjoni.

Din l-awtorizzazzjoni tidħol fis-seħħ fi.....

Għall-awtorità kompetenti

Data

Firma

ANNESS

PORTIJIET TAT-TLUQ	INDIRIZZ TAL-UFFIĊĊJU DOGANALI KOMPETENTI
PORTIJIET TAD-DESTINAZZJONI	INDIRIZZ TAL-UFFIĊĊJU DOGANALI KOMPETENTI

VI.8.7 Dijagramma sekwenzjali tal-groupage bil-Baħar



VI.8.8 Proċeduri ta' komunikazzjoni simplifikati

TRANŻITU KOMUNI — TRANŻITU TAL-UNJONI TAXUD/0925/2000 — EN

- FORMOLA TA' KOMUNIKAZZJONI - L-Artikolu 6 il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu	**PROĊEDURI SIMPLIFIKATI**
LIL IL-KUMMISSJONI EWROPEA Direttorat Ġenerali It-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali Unità "Leġiżlazzjoni Doganali" B-1049 BRUSSELL — IL-BELĠJU	Bażi ġuridika: Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżit ☐ l-Artikolu 6 (bi/multilaterali) ☐ ☐
MINN Pajjiż li jawtorizza l-proċedura simplifikata:	Firxa tal-proċedura: Simplifikazzjoni individwali ☐ Isem tad-detentur/Referenza tal-awtorizzazzjoni: *Mehmuża*: kopja tal-awtorizzazzjoni Simplifikazzjoni ġenerali Isem tal-proċedura/Referenza tat-test legali: ☐ *Mehmuża*: kopja tat-test (*)
Pajjiżi oħra kkonċernati: *(jekk ftehim bi/multilaterali)*	
Deskrizzjoni qasira tas-simplifikazzjonijiet:	

Persuna ta' kuntatt: Referenza tat-trażmissjoni ta' komunikazzjoni *(CC/YYYY/NNN)* Nru ../…./…	Data u firma: Timbru:

(*) Jekk ma tintalabx it-trażmissjoni ta' kull awtorizzazzjoni individwali

VI.8.9 Il-lista ta' awtoritajiet responsabbli għall-proċedura ta' konsultazzjoni jekk l-ETD użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-merkanzija jiġi ttrasportat bl-ajru

Għall-aħħar verżjoni ta' din il-lista, jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-link li ġejja:

EUROPA:

https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-procedures/what-is-customs-transit/common-union-transit_en

VI.8.10 Mudell tal-ittra ta' konsultazzjoni għall-ETD

TC26 TRANŻITU TAL-UNJONI/KOMUNI FORMOLA TA' KONSULTAZZJONI	
1.Awtorità Rikjedenti Isem: Indirizz: Telefon: indirizz tal-posta elettronika: jew Kodiċi tal-Uffiċċju Doganali (COL) □□□□□□	**2. Awtorità li Ssirilha t-Talba** Isem: Indirizz: Telefon: indirizz tal-posta elettronika: jew Kodiċi tal-Uffiċċju Doganali (COL) □□□□□□
3. Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni* Isem: Indirizz: Telefon: indirizz tal-posta elettronika: Nru tal-AEO (jekk jeżisti)	
4. Numru tal-Applikazzjoni/Awtorizzazzjoni* **…….**	
5. Għall-Awtorità rikjedenti Post: Data: Firma: Timbru:	**6. Għall-Awtorità li Ssirilha t-Talba** Post: Data: Firma: Timbru:
I. KONSULTAZZJONI MATUL IL-PROĊESS TA' AWTORIZZAZZJONI**	
Lista ta' portijiet u kodiċijiet tal-Uffiċċju Doganali (COL) (Għandha timtela mill-Awtorità Rikjedenti)	
1. Bħala port tat-tluq (a)…… COL □□□□□□ (b)……... COL □□□□□□ (c) ……... COL □□□□□□ (d)……. COL □□□□□□	**2. Bħala port tad-destinazzjoni** (a)…….. COL □□□□□□ (b)…… COL □□□□□□ (c)…… COL □□□□□□ (d)……. COL □□□□□□
3. Jekk kundizzjoni jew kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, jekk jogħġbok ipprovdi r-raġunijiet u l-port(ijiet) rilevanti (għandha timtela mill-Awtorità li Ssirilha t-Talba) □ Id-detentur tal-awtorizzazzjoni ma jistax jiżgura li d-*data* tal-ETD tkun disponibbli għall-awtoritajiet doganali Port(ijiet):	

- ☐ Id-detentur tal-awtorizzazzjoni ma joperax numru sinifikanti ta' titjiriet bejn portijiet tal-Unjoni/ta' pajjiżi ta' tranżitu komuni
  Port(ijiet):
- ☐ Id-detentur tal-awtorizzazzjoni wettaq ksur serju jew ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli tat-tassazzjoni, inklużi rekords ta' reati kriminali serji marbutin mal-attività ekonomika tiegħu
  Port(ijiet):
- ☐ Id-detentur tal-awtorizzazzjoni ma jurix livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-fluss ta' merkanzija, permezz ta' sistema ta' ġestjoni tar-rekords kummerċjali u, fejn xieraq, tat-trasport, li tippermetti li jsiru kontrolli doganali xierqa
  Port(ijiet):
- ☐ Id-detentur tal-awtorizzazzjoni ma jurix standards prattiċi ta' kompetenza jew kwalifiki professjonali relatati direttament mal-attività mwettqa
  Port(ijiet):

Kummenti……
……

II. KONSULTAZZJONI MATUL IL-MONITORAĠĠ U R-RIVALUTAZZJONI TAL-AWTORIZZAZZJONI***

1. Jekk jogħġbok iċċekkja dawn li ġejjin (għandhom jimtlew mill-Awtorità li Ssirilha t-Talba)

(a) L-operatur jiżgura li d-*data* tal-ETD għadha disponibbli għall-awtoritajiet doganali?

- ☐ IVA
- ☐ LE

Kummenti……..
……..,.

(b) L-operatur jopera numru sinifikanti ta' titjiriet/vjaġġi bejn portijiet tal-Unjoni/ta' pajjiżi ta' tranżitu komuni?

- ☐ IVA
- ☐ LE

Kummenti……..
……

(c) L-operatur wettaq ksur serju jew ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli tat-tassazzjoni, inklużi rekords ta' reati kriminali serji marbutin mal-attività ekonomika tiegħu?

- ☐ IVA
- ☐ LE

Kummenti……..
……

(d) L-operatur juri livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-fluss tal-merkanzija, permezz ta' sistema ta' ġestjoni tar-rekords kummerċjali u, fejn xieraq, tat-trasport, li tippermetti li jsiru kontrolli doganali xierqa?

- ☐ IVA
- ☐ LE

Kummenti:…….
……

(e) L-operatur jista' juri standards prattiċi ta' kompetenza jew kwalifiki professjonali relatati direttament mal-attività mwettqa?

- ☐ IVA
- ☐ LE

Kummenti……...
……

Rimarki oħrajn…….....
……

* ħassar kif xieraq

**kopja tal-applikazzjoni sottomessa mill-operatur sabiex juża l-ETD bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu trid tiġi mehmuża ma' din il-formola

***kopja tal-awtorizzazzjoni mogħtija sabiex l-ETD jintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu trid tiġi mehmuża ma' din il-formola

VI.8.11 Il-lista ta' awtoritajiet responsabbli għall-proċedura ta' konsultazzjoni jekk l-ETD użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-merkanzija jiġi ttrasportat bil-baħar

Għall-aħħar verżjoni ta' din il-lista, jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-link li ġejja:

EUROPA:

https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-procedures/what-is-customs-transit/common-union-transit_en

VI.8.12 Tabella ta' korrispondenza ta' CIM — CIM/SMGS

Il-formoli huma disponibbli fuq: https://cit-rail.org/en/freight-traffic/forms/

Kaxxa	CIM	CIM/SMGS
Dokumenti mehmużin — annessi	9	9
Deskrizzjoni tal-prodotti	21	20
Kodiċi tal-NHM	24	23
Nota ta' konsenja CIM	30	37
Trasportaturi oħrajn	57	65
Trasportatur kuntrattwali	58a	66a
Proċedura ta' tranżitu simplifikata għall-ferroviji u kodiċi għall-prinċipal*	58b	66b
Numru tal-konsenja	62	69
Approvazzjonijiet doganali	99	26

* detentur tal-proċedura

VI.8.13 Dikjarazzjonijiet mill-impriżi ferrovjarji

Silta tad-dokument ta' ħidma TAXUD/A2/TRA/02/2019

Dikjarazzjoni

mill-impriżi ferrovjarji għat-trasport tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu bbażata fuq il-karti għall-ferroviji bl-użu tan-nota ta' konsenja CIM, tan-nota ta' konsenja CIM għat-trasport ikkombinat u tan-nota ta' konsenja CIM/SMGS

L-impriża ferrovjarja sottoskritta tagħmel dan li ġej.

- Tiddikjara li meta taġixxi bħala "detentur tal-proċedura" skont it-tifsira tal-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/341 (id-dispożizzjonijiet Delegati Tranżitorji għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni) u tal-Artikolu 93 tal-Appendiċi 1 għall-Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' Tranżitu, hija tipprovdi garanzija li tkopri l-itinerarju sħiħ fit-territorju doganali tal-Unjoni u l-pajjiżi ta' tranżitu komuni. Bħala "detentur tal-proċedura", jeħtiġilha tuża nota ta' konsenja CIM, nota ta' konsenja CIM għat-trasport ikkombinat jew nota ta' konsenja CIM/SMGS meta tipparteċipa bħala t-trasportatur kuntrattwali jew meta taċċetta li ssir detentur tal-proċedura.
- Taqbel li l-irregolaritajiet skoperti waqt l-applikazzjoni tal-proċedura simplifikata bil-ferrovija jridu jissolvew bejn l-awtorità doganali kompetenti u l-impriża ferrovjarja responsabbli, jiġifieri l-awtorità doganali u l-impriża ferrovjarja fl-istat fejn titqies li tkun seħħet l-irregolarità. L-impriża ferrovjarja responsabbli taqbel li tkun responsabbli u li tkun l-ewwel waħda li tintalab għall-ħlas ta' kwalunkwe dejn doganali. L-obbligazzjoni *in solidum* tal-impriżi ferrovjarji li jieħdu sehem fit-trasport u l-obbligazzjoni tad-detentur tal-proċedura għal kwalunkwe dejn doganali ma humiex affettwati minn din id-dikjarazzjoni.
- Timpenja ruħha li tinforma lill-amministrazzjoni doganali tal-pajjiż rispettiv tagħha dwar it-trasportazzjoni tal-merkanzija bil-ferrovija, li biħsiebha twettaq weħidha jew fil-qafas ta' grupp internazzjonali, minn fruntiera esterna tat-territorju fejn tapplika l-Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' Tranżitu tal-20 ta' Mejju 1987 jew minn fruntiera bejn il-Partijiet Kontraenti tagħha.

  Din l-informazzjoni tiġi pprovduta kemm jista' jkun xahar (1) qabel il-bidu ta' kwalunkwe rotta ġdida ta' trasport. Hija tinkludi: (i) id-data li fiha jibda t-trasport il-ġdid; (ii) il-pajjiżi involuti fis-servizz; (iii) dettalji tal-istazzjonijiet tal-bidu, tal-qsim tal-fruntiera u tad-destinazzjoni; u, jekk possibbli (iv) l-iskeda ta' żmien. L-informazzjoni ma hijiex meħtieġa għat-trasportazzjonijiet li huma koperti minn proċedura standard ta' tranżitu intern jew estern f'konformità mal-Artikolu 226(3)(a) jew 227(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni) u mal-Artikolu 2(2) u 2(3) tal-Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' Tranżitu meta tintuża s-sistema elettronika stabbilita skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u l-Artikolu 4 tal-Appendiċi 1 tal-Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' Tranżitu, jiġifieri l-NCTS.

Kumpanija: Post u data:

Indirizz: Firma

Stat:

PARTI VII — IR-RILAXX TAL-PROĊEDURA TA' TRANŻITU U L-PROĊEDURA TA' INKJESTA

Il-Parti VII tiddeskrivi r-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu u l-proċedura ta' inkjesta.

Il-Paragrafu VII.1 jistabbilixxi t-teorija ġenerali u l-leġiżlazzjoni dwar ir-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu u l-proċedura ta' inkjesta.

Il-Paragrafu VII.2 jittratta r-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu u t-talba tal-istatus.

Il-Paragrafu VII.3 jittratta l-proċedura ta' inkjesta.

Il-Paragrafu VII.4 jittratta l-proċedura tal-kontinwità tal-operat.

Il-Paragrafu VII.5 jittratta l-proċeduri tal-verifika ta' wara r-rilaxx.

Il-Paragrafu VII.6 huwa rriżervat għal struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi.

Il-Paragrafu VII.7 huwa rriżervat għall-użu tal-amministrazzjoni doganali.

Il-Paragrafu VII.8 jinkludi l-Annessi.

Jintużaw it-termini li ġejjin:

- **"proċedura ta' tranżitu":** proċedura doganali li skont din il-merkanzija tiġi ttrasportata taħt is-superviżjoni tad-dwana minn punt għal ieħor f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE u mal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu.
- **"operazzjoni ta' tranżitu":** moviment ta' merkanzija ttrasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu mill-uffiċċju doganali tat-tluq sal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.
- **"proċedura tal-kontinwità tal-operat":** sitwazzjonijiet li fihom is-sistema ġdida ta' tranżitu kompjuterizzata (NCTS), is-sistema kompjuterizzata użata mid-detenturi tal-proċedura, jew il-konnessjoni elettronika bejn is-sistema kompjuterizzata użata mid-detenturi tal-proċedura u l-NCTS ikunu temporanjament indisponibbli fil-mument tal-bidu tal-operazzjoni ta' tranżitu.
- **"proċeduri simplifikati":** proċeduri simplifikati ta' tranżitu speċifiċi għal ċerti modi tat-trasport.

VII.1 Introduzzjoni, leġiżlazzjoni u teorija ġenerali

VII.1.1 Introduzzjoni

Dan il-paragrafu jiddeskrivi l-isfond legali u jagħti ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni.

VII.1.2 Leġiżlazzjoni u teorija ġenerali

VII.1.2.1 Sorsi legali

Is-sorsi legali għall-verifika tat-tmiem tal-proċedura u tal-proċedura ta' inkjesta huma:

- L-Artikoli 48 u 49, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;
- L-Artikolu 215(2) KDU;
- L-Artikolu 310 IA.

VII.1.2.2 Teorija ġenerali

Il-bażi ġuridika tal-kompetenza tal-proċedura ta' inkjesta hija bbażata fuq il-prinċipju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq hija responsabbli u għandha rwol ewlieni fil-bidu u fil-monitoraġġ tal-proċedura ta' inkjesta.

VII.1.2.2.1 It-tmiem u r-rilaxx tal-operazzjoni ta' tranżitu

L-Artikolu 48
L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;

Is-sorsi legali jagħmlu distinzjoni bejn it-tmiem u r-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni u tal-proċedura komuni ta' tranżitu.

L-Artikolu 215(2) KDU

It-tmien tal-proċedura ta' tranżitu tfisser li l-merkanzija flimkien mad-dokumenti jkunu ġew ippreżentati lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lil konsenjatarju awtorizzat.

Ir-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu jfisser li l-operazzjoni ta' tranżitu ntemmet b'mod korrett fuq il-bażi ta' paragun tad-*data* disponibbli fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni u dik disponibbli fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

Din id-distinzjoni u dawn id-definizzjonijiet legali huma validi irrispettivament mill-operazzjoni ta' tranżitu (standard jew simplifikata) jew mis-sistema użata (proċedura ta' tranżitu standard jew proċedura tal-kontinwità tal-operat).

Ir-rilaxx tal-proċedura jiddependi fuq l-evidenza li turi li tkun intemmet korrettament.
In-nuqqas ta' evidenza bħal din (il-forma, in-natura u l-metodi tal-valutazzjoni jistgħu jvarjaw skont il-proċedura) titlob mill-awtoritajiet kompetenti li jieħdu l-passi neċessarji sabiex jew jikkonfermaw, jekk possibbli b'mezzi alternattivi, it-tmiem korrett tal-proċedura jew, fin-nuqqas ta' dan, li jiddeterminaw f'konformità mad-dispożizzjonijiet rigward id-dejn u l-irkupru:

- jekk ikunx iġġarrab dejn (doganali) jew le;
- l-individwu/i responsabbli mid-dejn (doganali), jekk ikun xieraq;
- il-post attwali jew preżunt fejn iġġarrab id-dejn (doganali) u, konsegwentement;
- l-awtorità kompetenti sabiex tirkupra d-dejn (doganali), jekk ikun xieraq;

u anke l-impożizzjonijiet ta' penali, fejn ikun xieraq.

VII.1.2.2.2 Proċedura ta' inkjesta sabiex jiġi vverifikat it-tmien tal-proċedura

L-Artikolu 49(2)
L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;

Fil-każ tal-proċedura ta' tranżitu standard, qabel ma jingħata bidu għall-proċedura ta' inkjesta, għandha tinħareġ talba għall-istatus (ara t-Taqsima VII.2.5.).

L-Artikolu 310(2) IA

Jekk imbagħad ikun neċessarju li tinbeda l-proċedura ta' inkjesta, l-awtorità kompetenti fil-pajjiż tat-tluq tiddeċiedi li tibda l-proċedura ta' inkjesta billi tibgħat jew:

- il-messaġġ ta' "Talba dwar moviment li ma wasalx" (IE140) lid-

detentur tal-proċedura, jew inkella

- il-messaġġ "Talba għal Inkjesta" (IE142) lill-uffiċċju doganali ddikjarat tad-destinazzjoni.

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tista' tibda l-proċedura ta' inkjesta direttament mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat meta jkun hemm biżżejjed informazzjoni fil-Kaxxa 8 ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu sabiex jiġi identifikat u speċifikat ir-riċevitur/il-konsenjatarju.

Id-*data* disponibbli tad-dikjarazzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat bid-dettalji neċessarji sabiex tiġi kkuntattjata l-persuna responsabbli fid-destinazzjoni (riċevitur/konsenjatarju).

L-Istati Membri u Partijiet Kontraenti oħrajn jeħtiġilhom jinformaw lid-detenturi tal-proċedura tagħhom dwar il-benefiċċji relatati mal-mili b'mod korrett tal-Kaxxa 8 ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu b'informazzjoni valida u kompluta u d-dettalji speċifiċi tal-indirizz tal-konsenjatarju. B'dan il-mod, id-detentur tal-proċedura jkun jista' jevita li jirċievi messaġġ mhux neċessarju (IE140).

Id-detentur tal-proċedura jiġi kkuntattjat biss jekk ma tiġi pprovduta l-ebda prova tat-tmiem tal-proċedura lill-uffiċċju doganali tat-tluq wara li jkunu ntbagħtu l-messaġġi ta' "Talba għall-Istatus" (IE904) u ta' "Tweġiba tal-Istatus" (IE905) (għal aktar dettalji, ara l-Paragrafu VII.2.5.), u l-messaġġ ta' "Talba għal Inkjesta" (IE142) lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat (għal aktar dettalji, ara l-Paragrafu VII.3.4.4.).
Nota: Skont l-interpretazzjoni ta' "informazzjoni suffiċjenti" id-deċiżjoni dwar kif/fejn tinbeda l-proċedura ta' inkjesta tkun fid-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.

NEGOZJU

Sabiex jiġu evitati talbiet għal informazzjoni mhux neċessarji mill-awtoritajiet doganali kompetenti, il-Kaxxa 8 tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu trid timtela b'mod korrett b'informazzjoni valida u kompluta u b'dettalji speċifiċi dwar l-indirizz tal-konsenjatarju.

VII.1.2.2.3 Skambju ta' informazzjoni

Sabiex tiġi skambjata informazzjoni addizzjonali jew sabiex isiru mistoqsijiet dwar operazzjoni speċifika, jistgħu jintbagħtu l-messaġġi ta' "Informazzjoni dwar Inkjesta u

Rkupru" (IE144) u "Talba għall-Informazzjoni dwar Inkjesta u Rkupru" (IE145) waqt il-proċess kollu tal-proċedura ta' inkjesta u ta' rkupru.

Dan l-iskambju ta' informazzjoni jista' jinbeda jew mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni; ma hija meħtieġa l-ebda tweġiba (mhux messaġġi akkoppjati) sabiex titkompla l-proċedura.

Il-messaġġ IE144 jintuża mill-uffiċċju doganali tat-tluq; il-messaġġ IE145 jintuża mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Jekk ikun neċessarju li jiġu inklużi dokumenti stampati addizzjonali, dawn jistgħu jintbagħtu b'mezzi oħrajn (fax, posta elettronika, posta, eċċ.) direttament lill-persuna ta' kuntatt indikata fil-messaġġi, b'referenza ċara għan-numru ta' referenza tal-moviment (MRN) tal-operazzjoni ta' tranżitu li jappartjenu għaliha. Tali dokumentazzjoni stampata trid tintbagħat bl-użu tal-formola TC20A "Bgħit ta' informazzjoni / Dokumenti relatati mal-movimenti tal-NCTS". Ara l-Anness VII. 8.4. għal eżempju tal-formola TC20A.

VII.2 Rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu u talba għall-istatus

VII.2.1 Introduzzjoni

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar ir-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu u t-talba għall-istatus.

Il-Paragrafu VII.2.2 jittratta l-kundizzjonijiet tar-rilaxx.

Il-Paragrafu VII.2.3 jittratta l-effetti tar-rilaxx.

Il-Paragrafu VII.2.4 jittratta l-forma tar-rilaxx.

VII.2.2 Kundizzjonijiet tar-rilaxx

L-Artikolu 48(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Il-proċedura ta' tranżitu tiġi rrilaxxata dment li tkun intemmet korrettament kif indikat fil-Parti IV, il-Kapitolu 4.

L-Artikolu 215(2)

L-awtorità kompetenti li tirrilaxxa l-proċedura hija dik tal-pajjiż tat-tluq.

KDU

Ir-rilaxx jista' jieħu forom differenti skont it-tip ta' proċedura użata[77].

B'mod ġenerali, ir-rilaxx jinvolvi t-tqabbil tad-*data* dwar il-proċedura ta' tranżitu, kif stabbilita fit-tluq u kif inhi irreġistrata u ċċertifikata fid-destinazzjoni.

VII.2.3 Effetti tar-rilaxx

Il-fatt li l-proċedura ta' tranżitu kienet irrilaxxata, sew jekk impliċitament jew inkella formalment, ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-awtorità kompetenti li ssegwi d-detentur tal-proċedura u/jew il-garanti jekk fi stadju aktar tard ikun jidher (suġġett għall-perjodi ta' żmien regolatorji għall-irkupru jew għall-impożizzjoni ta' penali) li l-proċedura ma tkunx fil-fatt intemmet u, għalhekk, ma misshiex ġiet irrilaxxata, jew jinstabu xi irregolaritajiet relatati ma' proċeduri ta' tranżitu partikolari aktar tard.

VII.2.4 Forma ta' rilaxx

Kull Stat Membru/Parti Kontraenti tinforma lid-detentur tal-proċedura dwar ir-rilaxx bil-messaġġ ta' "Notifika ta' Kanċellazzjoni" (IE045). Kun af li dan il-messaġġ huwa ta' natura informattiva u ma għandux valur legali.

Il-garanti jista' jqis l-operazzjoni bħala rilaxxata jekk ma jkun hemm l-ebda notifika li turi bil-kontra.

L-awtorità kompetenti jeħtiġilha tikkuntattja lid-detentur tal-proċedura, lill-garanti u awtoritajiet kompetenti oħrajn jekk ma jkunx hemm prova (jew jekk ikun hemm dubju) li l-proċedura ta' tranżitu tkun intemmet u li, għalhekk, l-uffiċċju doganali tat-tluq ma jkunx jista' jirrilaxxa l-proċedura (ara t-Taqsimiet VII.1.2.2.1. u VII.3.2.).

Sabiex tiġi ggarantita applikazzjoni uniformi, irrispettivament mill-mod tat-trasport li jintuża, huwa neċessarju li, kemm jista' jkun, jittieħed approċċ simili fir-rigward tal-proċeduri simplifikati speċifiċi

77 It-tqabbil jista' jkun ibbażat fuq messaġġi elettroniċi (‹‹Rekord Antiċipat tal-Wasla› v/ ‹‹Riżultati tal-Kontroll›› fl-NCTS) jew fuq it-tqabbil tad-dokumenti (manifesti tal-ajru jew tat-trasport marittimu v/ listi ta' kull xahar tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għal tranżitu bl-ajru u bil-baħar ibbażat fuq il-karti) .

għal ċerti modi tat-trasport.

VII.2.5 It-talba u t-tweġiba għall-istatus

Qabel ma tibda proċedura ta' inkjesta, għanda ssir talba għall-istatus. Dan jista' jevita l-ħruġ ta' talbiet bla bżonn għal inkjesta għal operazzjonijiet ta' tranżitu li fil-fatt ikunu magħluqin fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, li però l-messaġġi tat-terminazzjoni tagħhom ikunu ntilfu fl-NCTS minħabba problemi tekniċi.

Għandu jintbagħat il-messaġġ ta' "Talba għall-Istatus" (IE904):

- lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni wara li jiskadi l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jekk ma jkunx wasal il-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla" (IE006);
- lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni sitt ijiem wara li jirċievi l-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla" (IE006), meta ma jkunx wasal il-messaġġ ta' "Riżultati tal-kontroll" (IE018).

Is-sistema fil-pajjiż tad-destinazzjoni awtomatikament tiċċekkja jekk l-istatus fid-destinazzjoni jikkorrispondix ma' dak fil-pajjiż tat-tluq u twieġeb bil-messaġġ ta' "Tweġiba għall-Istatus" (IE905).

Hija r-responsabbiltà tal-helpdesks nazzjonali jew ta' servizzi rilevanti oħrajn kemm fil-pajjiż tad-destinazzjoni kif ukoll fil-pajjiż tat-tluq li jikkomunikaw l-informazzjoni li tkun nieqsa immedjatament b'kull mezz possibbli (eż. billi jerġgħu jibagħtu l-messaġġi IE006 u IE018 niqsin) sabiex jippermettu li jsir segwitu xieraq tal-operazzjoni ta' tranżitu fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

Kwalunkwe problema teknika għandha tiġi investigata u solvuta malajr kemm jista' jkun.

Fil-każ rari u eċċezzjonali li l-problemi tekniċi jipprevjenu li l-messaġġi niqsin (IE006 u IE018) jintbagħtu (mill-ġdid), l-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni jistgħu jibagħtu prova oħra li tissodisfa lill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż tat-tluq (eż. id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu (TAD) approvat mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni flimkien mal-formola TC20A) sabiex dawn jirrilaxxaw il-proċedura.

Mingħajr prova tat-tmiem tal-proċedura, l-uffiċċju doganali tat-tluq ma jistax jirrilaxxa l-proċedura (għal aktar dettalji, ara t-

Taqsima VII.3.3.).

Nota: Informazzjoni li tintbagħat bil-posta elettronika biss mill-helpdesk tal-pajjiż tad-destinazzjoni ma għandhiex tiġi aċċettata (waħedha) bħala prova tat-tmiem tal-operazzjoni.

VII.3 Proċedura ta' inkjesta

VII.3.1 Introduzzjoni

Dan il-paragrafu jagħti informazzjoni dwar il-proċedura ta' inkjesta:

Il-Paragrafu VII.3.2 jittratta l-proċedura ta' inkjesta mibdija mad-detentur tal-proċedura l.

Il-Paragrafu VII.3.3 jittratta l-prova alternattiva.

Il-Paragrafu VII.3.4 jittratta l-proċedura ta' inkjesta mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

L-Artikoli 49 u 51 l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Il-proċedura ta' inkjesta prinċipalment għandha l-għan li tikseb evidenza ta' prova tat-tmiem tal-proċedura, bil-ħsieb li tiġi rrilaxxata l-proċedura ta' tranżitu.

L-Artikoli 310 u 312 IA

Fin-nuqqas ta' tali prova jew meta l-prova ppreżentata aktar tard jinstab li kienet iffalsifikata jew invalida, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilhom:

- jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom jiġġarrab id-dejn (doganali);
- jidentifikaw lid-debitur(i); u
- jiddeterminaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli sabiex jirkupraw id-dejn (doganali).

Il-proċedura ta' inkjesta tinvolvi l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti u tieħu inkunsiderazzjoni kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-detentur tal-proċedura.

Sabiex tiffunzjona kif suppost, teħtieġ:

- messaġġ ta' "Talba għal Inkjesta" (IE142) komplut f'konformità mar-regoli u mal-kundizzjonijiet tekniċi;
- trattament korrett tal-messaġġ ta' "Tranżitu Antiċipat" (IE050) mill-uffiċċju/i doganali tat-tranżitu;
- trattament korrett tal-messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) mill-uffiċċju/i doganali tat-tranżitu;
- trattament korrett tal-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla" (IE006) mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;
- tweġiba rapida (fil-ħin u mingħajr dewmien) u ċara mill-awtoritajiet indirizzati;
- listi aġġornati tal-awtoritajiet kompetenti u tal-uffiċċji għall-

proċedura ta' inkjesta.

Sabiex jiġi evitat il-bidu ta' proċedura ta' inkjesta, jekk l-uffiċċju doganali tat-tluq ma jkunx irċieva l-messaġġ IE018 fi żmien sitt ijiem minn meta jirċievi l-messaġġ IE006, huwa jeħtieġlu jitlob immedjatament il-messaġġ IE018 mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.
Imbagħad, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jeħtieġlu jibgħat il-messaġġ IE018 nieqes minnufih.

Jekk l-uffiċċju doganali tat-tluq ikun għadu ma rċiviex il-messaġġi IE006 u IE018 jew informazzjoni oħra li tippermetti li l-proċedura ta' tranżitu tiġi rrilaxxata jew li d-dejn (doganali) jiġi rkuprat, jew jekk isir konxju li l-messaġġi ntbagħtu bi żball, dak l-uffiċċju doganali jeħtieġlu jitlob l-informazzjoni rilevanti mid-detentur tal-proċedura jew mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Fil-każ ta' nuqqas tal-messaġġi IE006 jew IE018, l-awtorità doganali kompetenti għal inkjesta fit-tluq għandha tibda l-proċedura ta' inkjesta fi żmien 7 ijiem wara l-iskadenza tal-limiti ta' żmien għall-bgħit ta' dawk il-messaġġi (il-limitu ta' żmien huwa ta' mhux aktar minn sitt ijiem wara l-preżentazzjoni tal-merkanzija fid-destinazzjoni). Dan ifisser li l-proċedura ta' inkjesta għandha tibda fit-13-il jum wara l-preżentazzjoni ddikjarata tal-merkanzija fid-destinazzjoni.
Madankollu, jekk, qabel dak il-limitu ta' żmien, l-awtorità doganali kompetenti għal inkjesta fit-tluq tirċievi informazzjoni li l-operazzjonijiet ta' tranżitu ma ntemmux korrettament, jew tissuspetta li dan ikun il-każ, għandha tibda l-proċedura ta' inkjesta qabel.

VII.3.2 Inkjesta mibdija mad-detentur tal-proċedura

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar iċ-ċirkustanzi li fihom l-awtorità kompetenti tista' titlob informazzjoni mid-detentur tal-proċedura jekk ma jkunx hemm prova li l-operazzjoni tat-tranżitu ntemmet.

VII.3.2.1 Objettivi tat-talba għal informazzjoni

L-Artikolu 49(2), It-talba għal informazzjoni hija maħsuba sabiex tippermetti lid-

(4), (5) u (6) Appendiċi I tal-Konvenzjoni;

L-Artikolu 310(2), (3), (4), (5) u (6) IA

detentur tal-proċedura jipprovdi prova li l-proċedura ntemmet.

VII.3.2.2 Proċedura ġenerali għat-talba għal informazzjoni lid-detentur tal-proċedura

Id-detentur tal-proċedura jeħtieġlu jiġi informat meta:

L-Artikolu 49((2), (3), (4) (5) u (6) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 310(2), (3), (4), (5) u (6) IA

- ikun skada l-limitu ta' żmien tal-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (il-messaġġ IE006 ma jkunx ġie riċevut mill-pajjiż tad-destinazzjoni);
  u
- il-messaġġi IE904 u IE905 nħarġu u l-istatus tal-moviment kien l-istess/ekwivalenti fiż-żewġ uffiċċji doganali; u
- l-informazzjoni fil-Kaxxa 8 ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu titqies insuffiċjenti sabiex tinbeda l-proċedura ta' inkjesta mal-uffiċju doganali ta' destinazzjoni ddikjarat;
  jew
- mhux aktar tard minn 28 jum wara li jintbagħat il-messaġġ ta' "Talba għal Inkjesta" (IE142) jekk ma jkunx hemm tweġiba jew it-tweġiba tkun fin-negattiv fil-messaġġ ta' "Tweġiba għal Inkjesta" (IE143) bl-użu ta' kodiċi 1 jew 2 (ara t-Taqsima VII.3.4.4.) mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li ssirlu t-talba. Ara wkoll it-Taqsima VII.3.4.5.

L-Artikolu 49(5) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;

L-Artikolu 310(5) IA

L-awtoritajiet kompetenti fit-tluq jibagħtu l-messaġġ ta' "Talba dwar Moviment li ma wasalx" (IE140) lid-detentur tal-proċedura li jwieġeb bil-messaġġ ta' "Informazzjoni Dwar Moviment li ma wasalx" (IE141) fi żmien 28 jum.

L-Artikolu 49(6) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;

L-Artikolu 310(6) IAC

Jekk l-informazzjoni pprovduta mid-detentur tal-proċedura ma tkunx meqjusa bħala suffiċjenti sabiex il-proċedura tiġi rrilaxxata, iżda tkun meqjusa suffiċjenti biżżejjed sabiex titkompla l-proċedura ta' inkjesta, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq għandha tibgħat il-messaġġ IE142 lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tissokta bil-proċedura ta' inkjesta mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li jkun diġà ntbagħatlu l-messaġġ IE142 bl-użu tal-messaġġ ta' "Informazzjoni dwar Inkjesta u Rkupru" (IE144) sabiex tinforma lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li hemm

informazzjoni addizzjonali disponibbli.

L-Artikolu 114 l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni;

L-Artikolu 77(b) DA

Nota: Jekk id-detentur tal-proċedura:

- ma jipprovdi l-ebda informazzjoni fil-limitu ta' żmien ta' 28 jum; jew
- l-informazzjoni pprovduta tiġġustifika rkupru; jew
- l-informazzjoni pprovduta titqies insuffiċjenti sabiex tinbeda l-proċedura ta' inkjesta mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni,

il-proċedura ta' rkupru tinbeda xahar (1) wara li jiskadi l-limitu ta' żmien ta' 28 jum (ara t-Taqsima VII.3.4.5. jekk il-proċedura ta' investigazzjoni tkun inbdiet mal-uffiċċju tad-destinazzjoni).

NEGOZJU

Skont il-metodu użat mill-awtoritajiet doganali kompetenti fit-tluq, id-detentur tal-proċedura jkun meħtieġ jipprovdi l-informazzjoni fi żmien 28 jum bil-messaġġ E141.

Nota: L-informazzjoni pprovduta tista' titqies insuffiċjenti għar-rilaxx tal-proċedura iżda suffiċjenti sabiex titkompla l-proċedura ta' inkjesta.

VII.3.2.3 Proċedura għat-talba ta' informazzjoni fil-każ ta' proċeduri simplifikati speċifiċi għal ċerti modi tat-trasport

Id-detentur tal-proċedura jiġi informat:

L-Artikolu 108, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 46, 48, 49 u 51 TDA)

- jekk, meta juża l-proċedura komuni ta' tranżitu/l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bl-ajru u l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bbażata fuq il-karti għal merkanzija ttrasportata bil-baħar:
  - il-lista ta' kull xahar tal-manifesti ma tkunx ġiet trażmessa lill-awtorità kompetenti tal-ajruport jew tal-port tat-tluq fi tmiem l-iskadenza ta' xahrejn mit-tmiem tax-xahar li matulu l-manifesti ġew ippreżentati lill-uffiċċju doganali tat-tluq; jew
  - meta l-lista ta' kull xahar ma tinkludix il-manifesti xierqa kollha (minħabba li l-proċedura ma tistax titqies bħala mitmuma għall-manifesti li ma jkunux elenkati).
- jekk, meta jintuża dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-proċedura komuni ta' tranżitu/għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni għall-merkanzija ttrasportata bl-ajru u dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-

proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni għall-merkanzija ttrasportata bil-baħar:

- awditu tal-manifesti u/jew tar-rekords miżmumin mil-linja tal-ajru jew mill-kumpanija tat-tbaħħir; jew
- notifika ta' ksur jew ta' irregolarità mill-awtoritajiet tal-ajruport jew tal-port tad-destinazzjoni tiżvela li l-ETD ma jkunx disponibbli jew ma ġiex ippreżentat fid-destinazzjoni.

Il-mudell tal-ittra pprovdut fl-Anness VII.8.2. jista' jintuża għal dan l-iskop.

Ma huwiex obbligatorju li jintuża dan il-mudell, iżda l-mudell fih id-*data* minima meħtieġa.

Jekk id-detentur tal-proċedura jikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti elettronikament, l-ittra u t-tweġiba jistgħu jiġu ssostitwiti b'messaġġi elettroniċi ekwivalenti.

Madankollu, meta d-detentur tal-proċedura stess (il-linja tal-ajru jew il-kumpanija tat-tbaħħir, il-kumpanija ferrovjarja jew tat-trasport) ikun identifika u nnotifika n-nuqqas tat-tmiem tal-proċedura f'konformità mal-obbligi tiegħu taħt il-proċedura simplifikata speċifika għall-mod tat-trasport ikkonċernat, ma tkunx neċessarja talba għal informazzjoni.

Meta d-detentur tal-proċedura jikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti elettronikament, din in-notifika tista' tiġi ssostitwita b'messaġġ elettroniku ekwivalenti.

VII.3.3 Prova alternattiva tat-tmiem tal-proċedura

L-Artikolu 51
L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Jekk ma hemmx prova tat-tmiem tal-proċedura, id-detentur tal-proċedura jintalab jippreżenta prova (eż. dokumenti li huwa aċċettat bħala prova alternattiva) fil-limitu ta' żmien ta' 28 jum.

L-Artikolu 312 IA

Il-leġiżlazzjoni tistipula erba' kategoriji ta' dokumenti li jistgħu jiġi aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq bħala prova alternattiva li l-proċedura ta' tranżitu ntemmet korrettament jew intemmet għalkollox. Kwalunkwe dokument ieħor ma jistax jiġi aċċettat bħala prova alternattiva.

a) Dokument iċċertifikat mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru jew ta' pajjiż ta' destinazzjoni ta' tranżitu komuni li jidentifika l-merkanzija u li jistabbilixxi li ġiet ippreżentata fl-

uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lil konsenjatarju awtorizzat.

b) Dokument jew rekord doganali, iċċertifikat mill-awtorità doganali tal-pajjiż li jistabbilixxi li l-merkanzija ħarġet fiżikament mit-territorju doganali ta' Parti Kontraenti.

c) Dokument maħruġ f'pajjiż terz fejn il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura doganali.

d) Dokument maħruġ f'pajjiż terz, stampat jew iċċertifikat b'mod ieħor mill-awtorità doganali ta' dak il-pajjiż, u li jistabbilixxi li l-merkanzija hija meqjusa bħala f'ċirkolazzjoni libera f'dak il-pajjiż terz.

Prova alternattiva bħal din hija aċċettabbli biss jekk tkun iċċertifikata minn awtorità doganali u tissodisfa lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq, jiġifieri jekk fil-fatt tagħmilhielhomx possibbli li jivverifikaw li għandha x'taqsam mal-merkanzija inkwistjoni u li ma hemmx dubju dwar l-awtentiċità tad-dokument u taċ-ċertifikazzjoni tiegħu.

Fi kwalunkwe każ, l-oneru tal-provi jaqa' fuq id-detentur tal-proċedura.

VII.3.3.1 Prova alternattiva li l-merkanzija ġiet ippreżentata lill uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lil konsenjatarju awtorizzat

L-Artikolu 51
L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 312 IA

Din il-prova alternattiva tista' tkun kwalunkwe dokument iċċertifikat mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru jew ta' pajjiż tad-destinazzjoni ta' tranżitu komuni, li ssemmi n-numru ta' referenza tal-moviment (MRN), li jidentifika l-merkanzija inkwistjoni u jistabbilixxi li din ġiet ippreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lil konsenjatarju awtorizzat.

B'mod partikolari, il-prova alternattiva tista' tikkonsisti fi kwalunkwe wieħed mid-dokumenti li ġejjin iċċertifikati mill-awtoritajiet doganali:

- kopja tad-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu (TAD) (bl-MRN); jew
- kopja tad-dikjarazzjoni doganali li ddaħħal il-merkanzija għal proċedura doganali oħra wara li tkun ġiet ippreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lil konsenjatarju awtorizzat; jew

- dokument iċċertifikat mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, ibbażat fuq id-dokumenti (eż. TAD) u/jew id-*data* disponibbli f'dak l-uffiċċju jew minn konsenjatarju awtorizzat; jew
- kopja ta' dokument kummerċjali jew ta' trasport jew estratt mir-rekords, tal-operatur ekonomiku involut fl-operazzjoni ta' tranżitu, li jistabbilixxi li l-merkanzija inkwistjoni ġiet ippreżentata lil dak l-uffiċċju jew lil konsenjatarju awtorizzat (eż. rapporti ta' ħatt jew ta' stħarriġ, ċertifikati tal-ħatt l-art, poloz ta' kargu, polza tal-vjeġġ bl-ajru, provi tal-ħlas, fatturi u ordnijiet tat-trasport).

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tista' biss tikkunsidra li taċċetta prova alternattiva sabiex ittemm il-proċedura jekk ma tiġix ipprovduta prova uffiċjali sal-iskadenza speċifikata.

Jekk il-prova uffiċjali tiġi riċevuta wara l-iskadenza, pereżempju minħabba proċedura tal-kontinwità tal-operat, tieħu preċedenza fuq il-prova alternattiva.

L-Artikolu 45(4) l-Anness I tal-Konvenzjoni,

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni japprova t-TAD użat bħala prova alternattiva meta l-merkanzija tiġi ppreżentata.

L-Artikolu 308(2) IA

NEGOZJU

Id-detentur tal-proċedura jista' jippreżenta d-dokumenti li ġejjin bħala prova alternattiva li l-merkanzija ġiet ippreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni:

- kopja tat-TAD (bl-MRN); jew
- kopja tad-dikjarazzjoni li ddaħħal il-merkanzija għal proċedura doganali oħra; jew
- dokument mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, ibbażat fuq id-dokument tat-tranżitu u/jew fuq id-*data* disponibbli f'dak l-uffiċċju jew minn konsenjatarju awtorizzat; jew
- kopja ta' dokument kummerċjali jew ta' trasport jew estratt mir-rekords li jistabbilixxi li l-merkanzija inkwistjoni ġew ippreżentati lil dak l-uffiċċju jew lil konsenjatarju awtorizzat.

Nota: Prova alternattiva trid tkun iċċertifikata mill-awtoritajiet doganali, tidentifika l-merkanzija inkwistjoni, tistabbilixxi li l-merkanzija ġiet ippreżentata u tinkludi n-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Jekk il-prova alternattiva tkun "sodisfaċenti" għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq, jiġifieri jekk fil-fatt tagħmilhielhom possibbli li jivverifikaw li għandha x'taqsam mal-merkanzija inkwistjoni u li ma hemmx dubju dwar l-awtentiċità tad-dokument u ċ-ċertifikazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet kompetenti, huma jirrilaxxaw il-proċedura ta' tranżitu.

F'kull każ, il-prova alternattiva trid tkun sottomessa għal verifika ta' wara r-rilaxx permezz tal-formila TC21 "Talba għal verifika"[78] (ara t-Taqsima 5 tal-Parti VII) jekk l-awtorità kompetenti jkollha xi dubju dwar l-awtentiċità tagħha jew l-identità tal-merkanzija li tirreferi għalihom. F'dan il-każ, il-prova alternattiva ma tistax tiġi aċċettata sakemm l-awtorità ta' verifika tkun ikkonfermat li d-*data* kkonċernata tkun awtentika u akkurata.

VII.3.3.2 Prova alternattiva li l-merkanzija inkwistjoni tqiegħdet taħt proċedura doganali f'pajjiż terz

L-Artikolu 51(1) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 312(1) IA

Tista' tiġi pprovduta prova alternattiva b'wieħed mit-tipi ta' dokumenti li ġejjin, li kull wieħed minnhom jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jistabbilixxu li jkopri l-merkanzija inkwistjoni u li, għalhekk, dik il-merkanzija fil-fatt telqet mit-territorju tal-Partijiet Kontraenti/tal-Unjoni:

(i) dokument doganali oriġinali maħruġ f'pajjiż terz fejn il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura doganali,

Meta d-dokument doganali oriġinali jiġi pprovdut fil-forma ta' dokument doganali elettroniku, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-tluq jistgħu jaċċettawh bħala prova alternattiva sakemm, f'każ ta' dubju, dawk l-awtoritajiet:

a) ikollhom il-possibbiltà li jaċċessaw id-dokument doganali elettroniku direttament fis-sistema doganali rispettiva tal-pajjiż terz ikkonċernat (ara l-eżempji); jew

b) ikollhom il-possibbiltà li jikkuntattjaw lill-awtorità doganali rispettiva tal-pajjiż terz ikkonċernat permezz ta' korrispondenza uffiċjali, li tikkonferma l-awtentiċità tad-dokument doganali elettroniku jew tipprovdi aċċess għad-dokument doganali elettroniku.

78 Mudell muri fl-Anness VII. 8.5.

(ii) kwalunkwe dokument ieħor li jistabbilixxi li l-merkanzija tkun f'ċirkolazzjoni libera f'pajjiż terz ikkonċernat; ittimbrat, iffirmat jew iċċertifikat b'xi mod ieħor (jiġifieri b'mod elettroniku jew b'mezz ieħor ta' ċertifikazzjoni użat minn pajjiżi terzi) mill-awtoritajiet doganali tiegħu b'tali mod li jkun jista' jiġi aċċettat mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-tluq.

NEGOZJU

Hija r-responsabbiltà tad-detentur tal-proċedura li jipprovdi d-dokumenti ta' hawn fuq jekk tkun meħtieġa prova alternattiva li l-merkanzija tqiegħdet taħt proċedura doganali f'pajjiż terz.

Nota: Dawn il-provi alternattivi jistgħu jiġu ssostitwiti b'kopji tagħhom "iċċertifikati bħala kopji veri" mill-korp li ċċertifika d-dokumenti oriġinali, mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat jew mill-awtoritajiet ta' wieħed mill-Istati Membri jew ta' pajjiżi ta' tranżitu komuni.

Jekk il-prova alternattiva tkun sodisfaċenti għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq, jiġifieri jekk fil-fatt tagħmilhielhom possibbli li jivverifikaw li għandha x'taqsam mal-merkanzija inkwistjoni u li ma hemmx dubju dwar l-awtentiċità tad-dokument u ċ-ċertifikazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet kompetenti, huma jirrilaxxaw l-operazzjoni ta' tranżitu.

Eżempju 1 — Prova alternattiva aċċettabbli:

Dokument mill-Perù fejn il-verżjoni stampata tad-dikjarazzjoni elettronika tal-importazzjoni ma tkunx awtentikata minn awtorità. Madankollu, il-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-importazzjoni jista' jiġi vverifikat online fis-sistema doganali tal-Perù disponibbli fuq:

- http://www.sunat.gob.pe/aduanas/informli/ildua.htm.

Eżempju 2 — Prova alternattiva mhux aċċettabbli:

Verżjoni stampata tad-dikjarazzjoni elettronika tal-importazzjoni minn pajjiż terz li ma tkunx awtentikata minn awtorità. Ma hemm l-ebda possibbiltà li d-dikjarazzjoni tiġi vverifikata direttament fis-sistema doganali ta' dan il-pajjiż terz, u ma tasal l-ebda tweġiba suffiċjenti għal kwalunkwe talba għall-awtentikazzjoni mibgħuta bl-użu tad-dettalji ta' kuntatt (bħall-indirizz tal-posta elettronika jew in-numri tat-telefown) diġà magħrufa mill-amministrazzjoni doganali jew kif muri fuq il-verżjoni stampata tad-dikjarazzjoni

elettronika tal-importazzjoni mill-pajjiż terz.

VII.3.4 Inkjesta fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

Din il-parti tiddeskrivi talba għal inkjesta indirizzata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni u hija maqsuma kif ġej:

Il-Paragrafu 1 jittratta l-awtorità kompetenti u l-perjodu ta' żmien sabiex titnieda t-talba għal inkjesta;

Il-Paragrafu VII.3.4.2 jittratta kif wieħed jibgħat talba għal inkjesta;

Il-Paragrafu VII.3.4.3 jittratta l-kanċellazzjoni ta' talba għal inkjesta;

Il-Paragrafu VII.3.4.4 jittratta r-reazzjoni tal-pajjiż tad-destinazzjoni għat-talba għal inkjesta;

Il-Paragrafu VII.3.4.5 jittratta t-talba lid-detentur tal-proċedura wara li tinbeda l-proċedura ta' inkjesta mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;

Il-Paragrafu VII.3.4.6 jittratta l-konsegwenzi tar-riżultati tal-proċedura ta' inkjesta.

VII.3.4.1 L-awtorità kompetenti u l-perjodu ta' żmien sabiex titnieda t-talba għal inkjesta

Il-messaġġ ta' "Talba għal Inkjesta" (IE142) għandu jintbagħat mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq:

L-Artikolu 49(2), (3) u (6) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

- jekk il-messaġġ IE006 ma jkunx ġie riċevut fil-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fid-destinazzjoni, u l-kontenut tal-Kaxxa 8 ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu jitqies bħala suffiċjenti; jew

L-Artikolu 310(2), (5) u (6) IA

- jekk il-messaġġ IE018 ma jkunx ġie riċevut fi żmien sitt ijiem mir-riċevuta tal-messaġġ IE006; jew
- malli l-awtoritajiet kompetenti jiġu informati jew jissuspettaw li l-proċedura ta' tranżitu ma tkunx intemmet; jew
- malli l-awtorità kompetenti tiskopri, *a posteriori*, li prova ppreżentata tkun ġiet iffalsifikata u li, għalhekk, il-proċedura ma ntemmitx. Madankollu, l-investigazzjonijiet ma jibdewx sakemm ma jkunux utli sabiex jew jikkonfermaw jew jinvalidaw il-provi li jkunu ġew ippreżentati qabel u/jew sabiex

jiġu ddeterminati d-dejn, id-debitur u l-awtorità kompetenti għall-irkupru tad-dejn (doganali); jew,

- l-informazzjoni riċevuta mid-detentur tal-proċedura titqies insuffiċjenti għar-rilaxx tal-proċedura iżda suffiċjenti sabiex titkompla l-proċedura ta' inkjesta.

VII.3.4.2 Bgħit tat-"Talba għal Inkjesta" (IE142)

L-Artikolu 49(2) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tibgħat il-messaġġ ta' "Talba għal Inkjesta" (IE142) lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni. Il-messaġġ irid jintbagħat:

L-Artikolu 310(2) IA

- lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat jekk il-kontenut tal-Kaxxa 8 ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu jitqies suffiċjenti; jew
- lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni attwali li bagħat il-messaġġ IE006; jew
- lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jekk l-informazzjoni pprovduta mid-detentur tal-proċedura titqies suffiċjenti sabiex titkompla l-proċedura ta' inkjesta (ara t-Taqsimiet VII.3.2.2 u VII.3.4.4.4).

Sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-uffiċjali tad-dwana, għandha tiġi indikata l-persuna ta' kuntatt fil-post tat-tluq.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jwieġeb bi "Tweġiba għal Inkjesta" (IE143).

VII.3.4.2.1 L-użu tal-messaġġi ta' skambju ta' informazzjoni

Minbarra l-proċedura ta' inkjesta, l-informazzjoni tista' tiġi skambjata bl-użu tal-messaġġi IE144 u IE145 mill-bidu tal-proċedura ta' inkjesta (id-data li fiha jintbagħtu l-messaġġi IE140 jew IE142) sal-ġbir tad-dejn (doganali) (id-data li fiha jintbagħat il-messaġġ IE152). Dawn il-messaġġi ta' skambju ta' informazzjoni ma jagħlqux proċedura ta' inkjesta miftuħa mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (il-messaġġ IE142) jew mad-detentur tal-proċedura (il-messaġġ IE140).

Madankollu, jekk l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq fil-messaġġ IE142 tkun insuffiċjenti sabiex tagħmilha possibbli għall-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni twettaq it-tfittxijiet neċessarji, din tal-aħħar tista' titlob informazzjoni addizzjonali minn tal-ewwel billi tibgħat il-

messaġġ ta' "Talba għal Informazzjoni ta' Inkjesta u ta' Rkupru" (IE145) billi tuża l-kodiċijiet tal-informazzjoni mitlubin xierqa.

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tipprova tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali mitluba lill-awtorità kompetenti rikjedenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni billi tuża l-messaġġ ta' "Informazzjoni dwar Inkjesta u Rkupru" (IE144) bil-kodiċijiet ta' informazzjoni xierqa.

Id-dokumenti fuq il-karta mitlubin għandhom jintbagħtu direttament lill-persuna ta' kuntatt imsemmija fil-messaġġ. Jistgħu jintbagħtu b'mezzi alternattivi (posta, posta elettronika, fax, eċċ.), jekk ikun possibbli, iżda għandhom ikunu identifikati b'mod ċar bl-użu tal-MRN.

VII.3.4.3 Kanċellazzjoni tat-"Talba għal Inkjesta" (IE142)

Jekk, għal xi raġuni, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tiddeċiedi li tikkanċella l-messaġġ IE142, il-messaġġ ta' "Ikkanċella Notifika ta' Inkjesta" (IE059) għandu jintbagħat lill-uffiċċju doganali li ssirlu t-talba tad-destinazzjoni sabiex iwaqqaf l-investigazzjonijiet tiegħu.

VII.3.4.4 Reazzjoni tal-pajjiż tad-destinazzjoni

VII.3.4.4.1 Tfittxija tar-rekords

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni l-ewwel tfittex fir-rekords tagħha stess jew, jekk ikun xieraq, fir-rekords tal-konsenjatarju awtorizzat. Din it-tfittxija xi drabi tista' tirriżulta fl-iskoperta ta' tmiem xieraq tal-proċedura ta' tranżitu billi jintwera li kienu niqsin biss IE006 u IE018 (il-messaġġi xierqa).

Jekk it-tfitttxijiet tar-rekords tagħha stess jew tar-rekords tal-konsenjatarju awtorizzat ikunu għalxejn, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni għandha tikkuntattja:

- lill-konsenjatarju, li seta' rċieva l-merkanzija u d-dokumenti direttament mingħajr ma ppreżentaha lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat jew lil uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ieħor; jew
- lil persuna responsabbli oħra li tista' tagħti informazzjoni addizzjonali.

VII.3.4.4.2 Riżultat tat-tfittxija tar-rekords

Wara li jittieħdu l-passi deskritti hawn fuq fil-Paragrafi 3.4.4.1., il-każijiet ipotetiċi li ġejjin huma possibbli:

L-Artikolu 47, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 307 u 309 IA

- Il-merkanzija inkwistjoni fil-fatt ġiet ippreżentata fil-ħin fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lill-konsenjatarju awtorizzat, iżda
  - il-prova tat-tmiem tal-proċedura (il-messaġġi IE006 u/jew IE018) ma ġietx irritornata fiż-żmien stipulat. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni għandha tibgħat immedjatament il-messaġġi neqsin lill-awtorità kompetenti rikjedenti tal-pajjiż tat-tluq; jew
  - il-prova tat-tmiem tal-proċedura (il-messaġġ ta' "Notifika tal-Wasla" (IE007) u/jew il-messaġġ ta' "Rimarki dwar il-Ħatt"(IE044) ma ntbagħtux lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni minn konsenjatarju awtorizzat minkejja l-obbligu tiegħu li jagħmel hekk. F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni għandha tibgħat immedjatament il-messaġġi IE006 u/jew IE018 neqsin lill-awtorità kompetenti rikjedenti tal-pajjiż tat-tluq wara li l-ewwel tkun talbet lill-konsenjatarju awtorizzat jipprovdi l-informazzjoni nieqsa mitluba. L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni jeħtiġilha tieħu l-azzjoni neċessarja sabiex tikseb l-awtorizzazzjoni tal-konsenjatarju awtorizzat.

Nota: Huwa permess biss li wieħed jibgħat il-messaġġi IE006 u/jew IE018 meta l-operazzjoni ta' tranżitu tkun intemmet korrettament fil-limiti ta' żmien stipulati u ma tkunx tneħħiet mis-supervizjoni doganali. Trid tkun proċedura li tiġi konkluża b'mod regolari fil-limitu ta' żmien (eż. ir-reġistrazzjoni tal-proċedura tat-tranżitu biss kienet nieqsa fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni) jew aċċettazzjoni ta' preżentazzjoni tard f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali.

- Il-merkanzija koperta minn tranżitu ma ġietx ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni iżda ġiet ippreżentata fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu:
  Meta tfittex ir-rekords tagħha, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni ma ssib l-ebda evidenza li l-merkanzija koperta bit-tranżitu ġiet ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, iżda ssib il-messaġġ tal-IE118 maħruġ mill-pajjiż tagħha stess.

F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni jeħtiġilha tibgħat

- il-messaġġ ta' "Tweġiba għal Inkjesta" (IE143) bil-kodiċi tat-tweġiba "4" — "Talba għal irkupru fid-destinazzjoni", sabiex tieħu f'idejha r-responsabbiltà għall-proċedura ta' rkupru.

- Il-merkanzija ġiet ikkonsenjata lil riċevitur li ma jkunx konsenjatarju awtorizzat:
  Jekk l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni tistabbilixxi li l-merkanzija ġiet ikkonsenjata direttament lil konsenjatarju mhux awtorizzat li, minkejja l-obbligu tiegħu, ma kkuntattjax lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni tiegħu, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni għandha tibgħat il-messaġġ ta' "Tweġiba għal Inkjesta" (IE143) bl-użu tal-kodiċi ta' tweġiba "4" — "Talba għal irkupru fid-destinazzjoni", fejn titlob it-trasferiment tar-responsabbiltà għall-irkupru lilha.
- L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma temmx l-operazzjoni ta' tranżitu fl-NCTS, imma l-merkanzija ġiet ittrasportata lejn pajjiż terz:
  Jekk l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni tistabbilixxi li l-merkanzija ġiet esportata lejn pajjiż terz:

  - dik l-awtorità tibgħat lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq il-messaġġi IE006 u IE018 wara li tkun ipprovat il-preżentazzjoni fil-fatt; jew
  - dik l-awtorità tibgħat kwalunkwe dokument jew *data* oħra, koperta b'formola TC20A li tipprova li l-merkanzija tkun ġiet esportata lejn pajjiż terz f'każ li la jkun hemm prova alternattiva u lanqas messaġġ li jikkonferma l-wasla jew il-preżentazzjoni tal-merkanzija fid-destinazzjoni, sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq ikunu jistgħu jistabbilixxu li d-dokumenti fil-fatt ikunu jkopru l-merkanzija inkwistjoni u li, għalhekk, dik il-merkanzija tkun fil-fatt telqet mit-territorju tal-Parti Kontraenti/tal-Unjoni.

VII.3.4.4.3 Limitu ta' żmien għal tweġiba jekk il-proċedura ta' inkjesta nbdiet mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

L-Artikolu 49(4), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-awtorità kompetenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni jeħtiġilha twieġeb mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien 28 jum minn meta tirċievi t-talba għal informazzjoni addizzjonali (billi

L-Artikolu 310(4) u (6) IA

tuża l-messaġġ ta' "Talba għal Informazzjoni dwar Inkjesta u Rkupru" (IE145)), jew it-tweġiba billi tuża l-messaġġ ta' "Tweġiba għal Inkjesta" (IE143) (ara t-Taqsima VII.3.4.4.5. għall-kodiċijiet ta' tweġiba).

Jekk il-proċedura ta' inkjesta tkun inbdiet mid-detentur tal-proċedura u dan ikun ipprovda biżżejjed informazzjoni sabiex din tkompli, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni jeħtiġilha mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien 40 jum minn meta tirċievi t-talba għal inkjesta titlob informazzjoni addizzjonali (il-messaġġ IE145) jew tweġiba (il-messaġġ IE143). Ara t-Taqsima VII.3.4.4.5. għall-kodiċijiet ta' tweġiba.

VII.3.4.4.4 Kodiċijiet ta' tweġiba għat-talba għal inkjesta

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni għandha tuża wieħed minn dawn il-kodiċijiet ta' tweġiba li ġejjin fil-messaġġ IE143:

Kodiċi "1" -moviment mhux magħruf fid-destinazzjoni

- Il-merkanzija ma ġietx ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat. L-awtorità kompetenti fil-pajjiż tat-tluq għandha tipprova, jekk ikun possibbli, tidentifika l-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni u tipproċedi bit-talba lid-detentur tal-proċedura.

Kodiċi "2" -duplikazzjoni assunta

- Il-merkanzija ġiet ippreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni ddikjarat u dawk l-awtoritajiet jassumu li kien hemm żewġ messaġġi ta' 'Dikjarazzjoni ta' *data*' (IE015) għall-istess merkanzija.

Kodiċi "3" -il-kopja ta' ritorn mgħoddija lura fi (data)

- Il-merkanzija ġiet ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat, iżda dak l-uffiċċju ma setax itemm il-proċedura billi juża l-messaġġi IE006 u IE018 u, minflok, irritorna prova alternattiva (eż. kopja tat-TAD) li għadha ma ġietx riċevuta mill-uffiċċju doganali tal-pajjiż tat-tluq.

Kodiċi "4" -talba għal irkupru fid-destinazzjoni

- Għalkemm il-merkanzija ma ġietx ippreżentata fl-uffiċċju

doganali tad-destinazzjoni, aktar tard ġiet skoperta fl-istess pajjiż (eż. barra mill-proċedura doganali uffiċjali). Għalhekk, l-uffiċċju kompetenti tad-destinazzjoni jrid jieħu r-responsabbiltà għall-irkupru u jibgħat il-messaġġ ta' "Talba ta' Rkupru" (IE150) mibgħut lill-uffiċċju kompetenti tat-tluq sabiex ikun jista' jirkupra l-merkanzija wara li din tiġi kkonsenjata lir-riċevitur jew tkun qasmet il-fruntiera (messaġġ IE118).

VII.3.4.5 Talba lid-detentur tal-proċedura wara li tinbeda l-inkjesta mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

L-Artikolu 49(5) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 310(5) IA

Jekk il-proċedura għal inkjesta nbdiet bil-messaġġ IE142 lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni u t-Tweġiba għal Inkjesta (messaġġ IE143) ma pprovdietx tweġiba jew ipprovdiet tweġiba negattiva, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tikkuntattja lid-detentur tal-proċedura sabiex tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiġi rrilaxxata l-proċedura (għal aktar dettalji, ara t-Taqsima VII.3.2.).

Jekk id-detentur tal-proċedura f'din il-fażi fil-proċedura ta' inkjesta:

- ma jipprovdi l-ebda informazzjoni fi żmien 28 jum; jew
- jipprovdi informazzjoni li titqies insuffiċjenti sabiex titkompla l-proċedura ta' inkjesta;

L-Artikolu 114(2) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 87 KDU)

L-Artikolu 77 DA

l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tiddetermina liema passi ulterjuri għandhom jittieħdu sabiex tiġi rrilaxxata l-proċedura fi żmien seba' xhur mill-iskadenza tal-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fid-destinazzjoni (ara n-Nota fit-Taqsima VII.3.2.2. għall-eċċezzjonijiet għal dan il-limitu ta' żmien).

VII.3.4.6 Konsegwenzi tar-riżultati tal-proċedura ta' inkjesta

Fuq il-bażi tat-tweġibiet riċevuti, li jinkludu kwalunkwe informazzjoni riċevuta mid-detentur tal-proċedura, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tiddetermina jekk il-proċedura ntemmitx jew le u jekk tistax tiġi rrilaxxata jew x'passi ulterjuri jeħtieġ li jittieħdu.

L-Artikoli 49(7) u 117(5) l-

Meta l-operazzjoni ta' tranżitu tista' tiġi rrilaxxata kif xieraq fl-ambitu ta' proċedura tal-inkjesta, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż

Appendiċi I tal-Konvenzjoni

tat-tluq jeħtiġilha tinforma immedjatament lid-detentur tal-proċedura u lill-garanti jekk kienu involuti fil-proċess.

L-Artikolu 310(7) IA

L-awtorità kompetenti jista' jkollha bżonn li tinforma wkoll lil awtoritajiet kompetenti oħrajn involuti fil-proċedura ta' inkjesta, b'mod partikolati lill-uffiċċju doganali tal-garanzija.

Jekk l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq ma tkunx tista' tirrilaxxa l-proċedura ta' tranżitu iżda:

- il-messaġġ IE006 ikun intbagħat;
- il-messaġġ IE118 ikun intbagħat; jew
- tkun ingħatat prova mid-detentur tal-proċedura li l-merkanzija ġiet ippreżentata fi Stat Membru jew f'Parti Kontraenti oħra jew ġiet ikkonsenjata lilha;

l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tittrasferixxi r-responsabbiltà lill-pajjiż meqjus kompetenti għall-proċedura ta' rkupru mingħajr dewmien bil-messaġġ ta' "Talba ta' Rkupru" (IE150).

Jekk il-messaġġ IE006 ikun intbagħat, l-awtorità li ssirilha t-talba jeħtġilha tibgħat il-messaġġ IE018. Jekk ikun hemm messaġġ IE118 jew prova pprovduta mid-detentur tal-proċedura li l-merkanzija ġiet ippreżentata jew ikkonsenjata lil Stat Membru jew lil Parti Kontraenti oħra, l-uffiċċju doganali tat-tluq irid jaċċetta l-kompetenza sabiex jirkupra u jibgħat lura n-"Notifika ta' Aċċettazzjoni tal-Irkupru' (IE151) billi jgħid "iva" (kodiċi ta' aċċettazzjoni "1").

Jekk l-awtorità li ssirilha t-talba ma tirreaġixxix jew billi tibgħat il-messaġġi niqsin (minkejja l-obbligu legali tagħha li tagħmel dan) jew billi tieħu f'idejha r-responsabbiltà għall-irkupru fil-limitu ta' żmien ta' 28 jum (minkejja l-provi eżistenti msemmija hawn fuq), l-uffiċjali lokali ta' tranżitu ta' kollegament (ara l-Ktejjeb tal-Indirizzi tan-Network ta' Tranżitu fuq is-sit web Europa) tal-pajjiż li ssirlu t-talba għandhom jiġu informati, bil-provi neċessarji, sabiex jieħdu azzjoni minħabba li l-kompetenza għandha tittieħed mill-awtorità li ssirilha t-talba. Jekk dak ma jkollux l-impatt neċessarju, allura l-helpdesk nazzjonali u l-koordinatur nazzjonali tat-tranżitu tal-pajjiż tat-tluq għandhom jiġu informati sabiex ikunu jistgħu jieħdu azzjoni.

L-Artikolu 114(2) l-Appendiċi I tal-

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tiddetermina s-sejbiet tagħha fi żmien mhux aktar tard minn seba' xhur mill-iskadenza tal-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija

Konvenzjoni

L-Artikolu 87 KDU

L-Artikolu 77 DA

fid-destinazzjoni. Fejn ikun neċessarju, għandha tibda l-proċedura tal-irkupru hija stess (ara l-Parti VIII għal aktar dettalji).

Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali riċevuta jew osservazzjoni magħmula minn awtorità kompetenti b'relazzjoni mal-merkanzija inkwistjoni jista' jkollha influwenza fuq ir-riżultati tal-proċedura ta' inkjesta.

B'mod partikolari dan ikun il-każ jekk tiġi skoperta irregolarità jew frodi (tneħħija, sostituzzjoni, eċċ.) fil-waqt tal-operazzjoni ta' tranżitu, u/jew jekk il-merkanzija inkwistjoni tkun instabet totalment jew parzjalment barra mis-superviżjoni doganali kif ukoll meta l-individwi responsabbli għal frodi jew għall-irregolaritajiet ikunu ġew identifikati.

Skont il-ħtieġa, l-informazzjoni relevanti kollha trid tiġi kkomunikata minnufih lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.

VII.4 Proċedura tal-kontinwità tal-operat

Dan il-paragrafu jiġi applikat biss jekk l-operazzjoni ta' tranżitu tkun inbdiet bl-użu ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat.

Huwa mqassam kif ġej:

Il-Paragrafu VII.4.1 jipprovdi introduzzjoni.

Il-Paragrafu VII.4.2 jittratta l-awtorità kompetenti u l-perjodu ta' żmien sabiex titnieda l-proċedura għal inkjesta.

Il-Paragrafu VII.4.3 jittratta l-bidu tan-notifika ta' inkjesta.

Il-Paragrafu VII.4.4 jittratta r-reazzjoni tal-pajjiż tad-destinazzjoni għan-notifika ta' inkjesta.

Il-Paragrafu VII.4.5 jittratta l-konsegwenzi tar-riżultati tal-proċedura ta' inkjesta.

VII.4.1 Notifika ta' inkjesta fil-każ tal-proċedura tal-kontinwità tal-operat jew tal-proċedura simplifikata speċifika għal ċerti modi tat-trasport

Dan il-paragrafu huwa bbażat fuq wieħed mid-dokumenti li ġejjin

użat bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu f'każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat:

- dokument amministrattiv uniku (DAU); jew
- DAU stampat fuq karta ordinarja bis-sistema kompjuterizzata tal-operatur ekonomiku, kif previst fl-Anness B6, l-Appendiċi III tal-Konvenzjoni/l-Appendiċijiet B1-B4, l-Anness 9, TDA; jew
- id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu (TAD), supplimentat, jekk ikun neċessarju bil-"lista ta' oġġetti". F'dan il-każ, it-TAD ma jkollux numru ta' referenza tal-moviment (MRN).

VII.4.1.1 Introduzzjoni

Il-Punt 17, l-Anness II, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Fil-każ ta' nuqqas ta' prova tat-tmiem ta' proċedura ta' tranżitu, jew malli l-awtoritajiet kompetenti jkunu informati jew jissuspettaw li l-proċedura ma ntemmitx:

Il-Punt 17, l-Anness 72-04 IA

- id-detentur tal-proċedura jiġi kkuntattjat sabiex iforni l-prova bl-użu tal-ittra mudell fl-Anness VII.8.2. li l-proċedura ntemmet wara li skada l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, u;

- il-proċedura ta' inkjesta indirizzata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat tibda xahrejn wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Il-proċedura ta' inkjesta għandha l-għan prinċipalment:

- li tikseb evidenza ta' prova tat-tmiem tal-proċedura, bil-ħsieb li tirrilaxxa l-proċedura; jew

- fin-nuqqas ta' tali prova jew meta l-prova ppreżentata aktar tard jiġi pprovat li kienet iffalsifikata jew invalida, li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom jiġġarrab id-dejn (doganali), li tidentifika d-debitur(i) u li tiddetermina l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-irkupru tad-dejn (doganali).

Il-proċedura hija bbażata fuq kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti u tieħu inkunsiderazzjoni kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-detentur tal-proċedura (ara t-Taqsima VII.3.).

Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-proċedura ta'

inkjesta hija pprovduta fl-Anness VII. 8.1.

Il-funzjonament xieraq tagħha jimplika:

- notifiki ta' inkjesta mimlija kollha kemm huma;
- reġistrazzjoni effettiva u korretta tal-wasliet mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;
- l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni li jibgħat lura l-kopja ta' ritorn (kopja 5 tad-DAU jew it-tieni kopja tat-TAD) mingħajr dewmien u l-aktar fi żmien tmint ijiem kalendarji;
- trattament korrett tan-nota/i ta' avviż ta' tranżitu (TC10) mill-uffiċċju/i doganali ta' tranżitu;
- rispons rapidu u ċar mill-awtoritajiet indirizzati;
- lista aġġornata tal-uffiċċji tal-awtoritajiet kompetenti.

VII.4.1.2 Inkjesta mibdija mad-detentur tal-proċedura

L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilhom jinformaw lid-detentur tal-proċedura u jitolbuh iforni prova li l-proċedura ntemmet meta l-kopja 5 tad-DAU jew it-tieni kopja tat-TAD ma tiġix irritornata fi żmien xahrejn mil-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Id-detentur tal-proċedura jingħata l-opportunità li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa sabiex jirrilaxxa l-proċedura fi żmien 28 jum.

VII.4.1.3 L-awtorità kompetenti u l-perjodu ta' żmien sabiex titnieda n-notifika ta' inkjesta

In-notifika ta' inkjesta titnieda immedjatament mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq:

- jekk, fi żmien xahrejn mill-iskadenza tal-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, ma tiġi riċevuta l-ebda prova tat-tmiem tal-proċedura mingħand id-detentur tal-proċedura;
- hekk kif l-awtoritajiet kompetenti jiġu informati jew jissuspettaw fi stadju bikri (sa minn qabel l-iskadenza tal-perjodi li għalihom saret referenza hawn fuq) li l-proċedura ma tkunx intemmet għall-merkanzija inkwistjoni kollha jew għal parti minnha, jew jekk il-prova ppreżentata tiżvela diskrepanzi jew tidher li kienet iffalsifikata. Jekk ikun hemm suspetti, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tiddeċiedi, skont iċ-ċirkustanzi, jekk il-proċedura

ta' inkjesta għandhiex tiġi ppreċeduta jew tkun akkumpanjata minn proċedura ta' verifika ta' wara r-rilaxx sabiex tiġi vverifikata l-validità tal-evidenza;

- malli l-awtorità kompetenti tiskopri "*a posteriori*" (wara li jiskadu l-perjodi li għalihom saret referenza hawn fuq) li l-prova li kienet ippreżentata kienet iffalsifikata u li l-proċedura ma ntemmitx. Madankollu, l-investigazzjonijiet ma jibdewx sakemm ma jkunux utli sabiex jew jikkonfermaw jew jinvalidaw il-provi li jkunu ġew ippreżentati qabel u/jew sabiex jiġu ddeterminati d-dejn (doganali), id-debitur u l-awtorità kompetenti għall-irkupru tad-dejn.

In-notifika ta' inkjesta ma tistax titnieda jekk, qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien ta' xahrejn għall-bidu tal-inkjesta, id-detentur tal-proċedura seta' jipproduċi prova "alternattiva" sodisfaċenti tat-tmiem tal-proċedura (ara t-Taqsima VII.3.2.1. għal aktar informazzjoni).

VII.4.1.4 Notifika ta' inkjesta TC20

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tkompli l-proċedura ta' inkjesta billi tibgħat notifika ta' inkjesta billi tuża formola li tikkonforma mal-mudell TC20 muri fl-Anness VII.8.3. lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni.

Din tista' tintbgħat permezz tal-posta rreġistrata (li tipprovdi rċevuta bħala prova tal-konsenja).

Fi kwalunkwe każ, rekord li tkun intbagħtet il-formola TC20 irid jinżamm mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.

It-TC20 għandha tinkludi l-informazzjoni disponibbli kollha, inklużi d-dettalji addizzjonali riċevuti mingħand id-detentur tal-proċedura, b'mod partikolari dwar kwalunkwe bidla fir-riċevitur tal-merkanzija. It-TC20 għandha tkun akkumpanjata minn kopja tad-dokument(i) użati sabiex il-merkanzija titpoġġa taħt il-proċedura (kopja 1 tad-DAU, l-ewwel kopja tat-TAD, listi ta' tagħbija, manifest tal-ajru jew tat-trasport marittimu, eċċ.).

It-TC20 għandha tintbagħat biss jekk it-tweġiba mid-detentur tal-proċedura għat-talba tal-informazzjoni ma tkunx suffiċjenti sabiex tiġi rrilaxxata l-proċedura ta' tranżitu.

VII.4.1.5 Reazzjoni tal-pajjiż tad-destinazzjoni għan-notifika ta' inkjesta

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni li tirċievi n-notifika ta' inkjesta jeħtiġilha tirreaġixxi mill-aktar fis possibbli u b'mod xieraq f'konformità mal-informazzjoni li jkollha disponibbli jew dik li x'aktarx tikseb.

L-ewwel tfittex fir-rekords tagħha stess (ir-reġistrazzjoni tal-kopji 4 u 5 tad-DAU; it-tieni kopja tat-TAD jew tal-manifesti ppreżentati, eċċ.) jew ir-rekords tal-konsenjatarju awtorizzat. Din it-tfittxija xi drabi tista' twassal għall-iskoperta tal-prova oriġinali tat-tmiem tal-proċedura li tkun għadha ma ġietx irritornata jew li tkun ġiet arkivjata ħażin.

Jekk din it-tfittxija ma twassal imkien, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni jeħtiġilha tikkuntattja jew lill-konsenjatarju (kif muri fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu) jew lill-persuna, possibbilment indikata fuq it-TC20 mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq, maħsuba li tkun irċeviet il-merkanzija u d-dokumenti direttament mingħajr ma ġew ippreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Madankollu, jekk l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq fuq it-TC20 jew fuq id-dokumenti mehmuża tkun insuffiċjenti sabiex tagħmilha possibbli għall-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni sabiex twettaq l-inkjesti neċessarji, din tal-aħħar jeħtiġilha titlob informazzjoni addizzjonali billi tirritorna t-TC20, bil-Kaxxa II mimlija, lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq. Imbagħad, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha timla l-Kaxxa III, tehmeż l-informazzjoni addizjonali mitluba (fuq il-karti) u tirritorna t-TC20 lill-awtorità kompetenti rikjedenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni.

Jekk wieħed jimxi fuq il-passi tal-proċedura ta' inkjesta, ikunu possibbli l-każijiet ipotetiċi li ġejjin:

1. <u>Il-merkanzija inkwistjoni fil-fatt ġiet ippreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lill-konsenjatarju awtorizzat, iżda</u>
   - il-prova tat-tmiem tal-proċedura (pereżempju tal-kopja 5 tar-ritorn tad-DAU, it-tieni kopja tat-TAD jew ir-ritorn tal-lista ta' kull xahar skont il-proċedura ta' tranżitu tal-ajru/baħar bbażata fuq il-karti) ma ġietx irritornata fiż-żmien stipulat.

     F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni jeħtiġilha tirritorna immedjatament il-prova lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq li tkun bagħtet it-TC20, wara li

timla kif suppost il-Kaxxa IV tat-TC20.

- il-prova tat-tmiem tal-proċedura ma ġietx irritornata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni minn konsenjatarju awtorizzat minkejja l-obbligu tiegħu li jagħmel dan.
  F'dak il-każ, ladarba tinstab din il-prova, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni jeħtiġilha tirritornaha immedjatament, flimkien mat-TC20 mimlija kif suppost, lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq, wara li l-ewwel tkun ivverifikat li l-konsenjatarju awtorizzat ikun ipprovda l-informazzjoni meħtieġa dwar id-data tal-wasla tal-merkanzija u l-kundizzjoni tas-siġilli, u wara li tkun irreġistrat u approvat il-prova. L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni jeħtiġilha tieħu kwalunkwe azzjoni neċessarja fir-rigward tal-konsenjatarju awtorizzat.

- il-prova tat-tmiem tal-proċedura ntbagħtet, iżda ma waslitx għand l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.
  F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni jeħtiġilha tirritorna l-prova lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq, bil-Kaxxa IV tat-TC20 mimlija kif xieraq. Din il-prova tista' tkun jew id-dokument li wasal mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq (il-kopja 1 tad-DAU, l-ewwel kopja tat-TAD, manifest fit-tluq, eċċ.) jew kopja tad-dokument fil-pussess tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni (il-kopja 4 tad-DAU, it-tieni kopja tat-TAD, manifest fid-destinazzjoni jew il-kopja miżmuma tal-lista ta' kull xahar, eċċ.). Din l-awtorità tannota l-kopja bid-data tal-wasla tal-merkanzija u bir-riżultati ta' kwalunkwe kontroll, u tiċċertifikaha.

2. <u>Il-merkanzija ma ġietx ippreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew ikkonsenjata lil konsenjatarju awtorizzat:</u>
   - kien hemm bidla fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni: f'dak il-każ, huwa l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni attwali li jeħtieġlu jirritorna l-prova tat-tmiem tal-proċedura lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq:
     - jekk l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-uffiċċju doganali ddikjarat tad-destinazzjoni setgħet tidentifika l-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni, jeħtiġilha tgħaddilu t-TC20 li turi d-dettalji tal-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni fil-Kaxxa IV, u tinforma lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq billi tibagħtilhom kopja tat-TC20.

- jekk l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-uffiċċju doganali ddikjarat tad-destinazzjoni ma setgħetx tidentifika l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni attwali, it-TC20 annotata tingħadda mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ddikjarat lill-aħħar uffiċċju doganali tat-tranżitu maħsub filwaqt li turi d-dettalji fil-Kaxxa IV. Madankollu, fin-nuqqas ta' uffiċċju doganali tat-tranżitu, it-TC20 għandha tiġi rritornata direttament lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.

- ma kien hemm l-ebda tibdil fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (jekk ma ġie nnotat l-ebda tibdil simili):
  - f'dak il-każ, jekk l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni tistabbilixxi li l-merkanzija ġiet ikkonsenjata direttament lil konsenjatarju mhux awtorizzat, muri fuq it-TC20, jew lil kwalunkwe persuna oħra, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni jeħtiġilha tirritorna t-TC20 u l-kopja tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq. Jeħtiġilha tipprovdi l-informazzjoni relevanti kollha, jekk neċessarju f'dokument addizzjonali, li fih tindika:
    - l-identità tar-riċevitur u ta' individwi oħrajn li jistgħu jkunu involuti;
    - id-data u l-kundizzjonijiet tal-konsenja diretta tal-merkanzija, tan-natura u tal-kwantità tagħhom; u
    - il-proċedura doganali li taħtha tqiegħdet il-merkanzija, jekk ikun xieraq.
  - jekk l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni ma tista' ssib l-ebda traċċa tal-merkanzija inkwistjoni, it-TC20 annotata trid tintbagħat lill-aħħar uffiċċju doganali maħsub tat-tranżitu kif muri fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu. Fin-nuqqas ta' uffiċċju doganali tat-tranżitu, it-TC20 trid tiġi rritornata direttament lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq (l-istess għall-Punt 2, it-tieni inċiż).

Jekk l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni tibgħat it-TC20 lill-aħħar uffiċċju doganali tat-tranżitu maħsub, jeħtiġilha tibgħat ukoll kopja tagħha lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq sabiex tipprovdi informazzjoni dwar fejn tkun waslet f'dak iż-żmien il-proċedura ta' inkjesta.

VII.4.1.6 Reazzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tranżitu għan-notifika ta' inkjesta

L-aħħar uffiċċju doganali tat-tranżitu maħsub li lilu tintbagħat it-TC20 jeħtieġlu jfittex immedjatament in-nota tal-avviż ta' tranżitu

TC10 li tikkorrispondi għall-konsenja inkwistjoni.

Imbagħad, wara din it-tfittxija, il-każijiet ipotetiċi li ġejjin ikunu possibbli:

1. Il-konsenja kienet fil-fatt ippreżentata fl-aħħar uffiċċju doganali tat-tranżitu maħsub u n-nota ta' avviż tat-tranżitu nstabet.
   F'dak il-każ, l-uffiċċju tat-tranżitu jeħtieġlu jehmeż kopja tan-nota ta' avviż tat-tranżitu mat-TC20 u jirritornaha direttament lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.

2. L-ebda nota ta' avviż tat-tranżitu (jew kwalunkwe evidenza oħra ta' tranżitu bħal din) ma nstabet fl-aħħar uffiċċju doganali tat-tranżitu maħsub.
   F'dak il-każ, l-aħħar uffiċċju doganali tat-tranżitu maħsub jeħtieġlu jżid din l-informazzjoni mat-TC20 u jirritornaha lill-uffiċċju doganali tat-tranżitu preċedenti maħsub kif muri fuq id-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew, jekk ma jkun hemm ebda uffiċċju doganali tat-tranżitu maħsub, lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.

Kull uffiċċju doganali tat-tranżitu li suċċessivament jirċievi n-notifika ta' inkjesta jeħtieġlu jipproċedi b'mod simili, billi jiżgura li t-TC20, approvata kif xieraq, tingħadda mingħajr dewmien lill-uffiċċju doganali tat-tranżitu preċedenti maħsub kif muri fuq id-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew, jekk ma jkun hemm ebda uffiċċju doganali tat-tranżitu maħsub, lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq, li tasal għall-konklużjonijiet neċessarji mill-informazzjoni li tirċievi.

Jekk l-uffiċċju doganali tat-tranżitu jibgħat it-TC20 lill-uffiċċju doganali tat-tranżitu preċedenti maħsub, jeħtieġlu jibgħat ukoll kopja lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq sabiex jipprovdi informazzjoni dwar fejn tkun waslet f'dak iż-żmien il-proċedura ta' inkjesta. L-uffiċċju doganali tat-tranżitu maħsub jeħtieġlu jinforma wkoll lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jekk jirċievi n-nota ta' avviż tat-tranżitu mill-uffiċċju doganali tat-tranżitu attwali, wara li jkun diġà bagħat in-notifika ta' inkjesta lill-uffiċċju tat-tranżitu preċedenti maħsub (ara s-sitwazzjoni deskritta taħt il-Punt 1 aktar 'il fuq).

VII.4.1.7 Konsegwenzi tal-proċedura ta' inkjesta

Skont it-tweġibiet riċevuti matul il-proċedura ta' inkjesta, li jinkludu

kwalunkwe informazzjoni mid-detentur tal-proċedura, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tiddetermina jekk il-proċedura ntemmitx jew le u jekk tistax tiġi rrilaxxata.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar id-dejn (doganali) u l-irkupru, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tiddetermina:

- jekk ikunx iġġarrab dejn (doganali) jew le;
- l-individwu/i responsabbli mid-dejn (doganali), jekk ikun xieraq;
- il-post attwali jew preżunt fejn irriżulta d-dejn (doganali) u; konsegwentement, l-awtorità kompetenti sabiex tirkupra d-dejn (doganali), jekk ikun xieraq.

L-Artikolu 114(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 87 KDU

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tiddetermina s-sejbiet tagħha fi żmien mhux aktar tard minn seba' xhur mill-iskadenza tal-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fid-destinazzjoni.

L-Artikolu 77 DA

Dan japplika wkoll meta l-awtorità ma tirċievi l-ebda tweġiba matul il-proċedura ta' inkjesta.

Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali riċevuta jew osservazzjoni magħmula minn awtorità kompetenti b'relazzjoni mal-merkanzija jista' jkollha influwenza fuq ir-riżultati tal-proċedura ta' inkjesta. B'mod partikolari dan ikun il-każ jekk tiġi skoperta irregolarità jew frodi (tneħħija, sostituzzjoni, eċċ.) fil-waqt tal-operazzjoni ta' tranżitu, u/jew jekk il-merkanzija inkwistjoni tkun instabet totalment jew parzjalment barra mis-superviżjoni doganali kif ukoll meta l-individwi responsabbli għal frodi jew għall-irregolaritajiet ikunu ġew identifikati. Skont il-ħtieġa, l-informazzjoni relevanti kollha trid tiġi nnotifikata mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq u, jekk tkun neċessarja, jeħtieġ li tintuża t-TC24 biex jintalab it-trasferiment tal-kompetenza għall-irkupru. Mudell tal-formola TC24 huwa pprovdut fl-Anness VIII.8.2.

L-Artikoli 49(7) u 117(5) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 310(7) IA

Jekk, min-naħa l-oħra, l-operazzjoni ta' tranżitu tista' tiġi rrilaxxata fl-ambitu ta' proċedura ta' inkjesta, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tinforma immedjatament lid-detentur tal-proċedura u lill-garanti li setgħu kienu involuti fil-proċedura ta' inkjesta. L-awtorità kompetenti jista' jkollha bżonn li tinforma wkoll lil awtoritajiet kompetenti oħrajn li bħalissa huma involuti fil-proċedura ta' inkjesta, b'mod partikolati lill-uffiċċju doganali tal-garanzija.

Eżempji oħrajn ta' sitwazzjonijiet relatati mal-proċedura ta' inkjesta huma disponibbli fl-Anness VII.8.5.

VII.5 Proċedura ta' verifika ta' wara r-rilaxx

Dan il-paragrafu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

Il-Paragrafu VII.5.1 jistabbilixxi l-objettivi u l-metodi ta' verifika.

Il-Paragrafu VII.5.2 jittratta d-dokumenti li jeħtieġ li jiġu vverifikati.

Il-Paragrafu VII.5.3 jittratta l-konsegwenzi tar-riżultati.

VII.5.1 Objettivi u metodi ta' verifika ta' wara r-rilaxx

L-Artikolu 52
L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 292 IA

L-awtorità doganali kompetenti tista' twettaq kontrolli ta' wara r-rilaxx tal-informazzjoni fornita u ta' kwalunkwe dokument, formola, awtorizzazzjoni jew *data* relatata mal-operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni sabiex tivverifika l-awtentiċità u l-akkuratezza tal-entrati, l-informazzjoni skambjata u t-timbri.

Il-verifika ta' wara r-rilaxx għandha ssir fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju jew permezz ta' għażla aleatorja. Madankollu, f'każ ta' dubju jew ta' suspett ta' reat jew ta' irregolaritajiet, verifika bħal din trid issir awtomatikament.

Meta awtorità doganali kompetenti tirċievi talba għal kontroll ta' wara r-rilaxx, jeħtiġilha twieġeb mingħajr dewmien.

Jekk l-awtorità doganali kompetenti tat-tluq titlob lill-awtorità doganali kompetenti twettaq kontroll ta' wara r-rilaxx fuq informazzjoni relatata mal-operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet għar-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu ma jitqisux li ġew issodisfati qabel ma jiġu kkonfermati l-awtentiċità u l-akkuratezza tad-*data*.

VII.5.2 Dokumenti soġġetti għal verifika

VII.5.2.1 Dikjarazzjonijiet tat-tranżitu (proċedura tal-kontinwità tal-operat)

Għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni ta' frodi, id-dikjarazzjoni u l-approvazzjonijiet iridu jiġu vverifikati mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż tat-tluq, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni kull fejn jidher li jkun hemm xi żball jew raġuni sabiex wieħed jiddubita l-validità tagħhom.

Din il-verifika trid titwettaq bl-użu tal-formola TC21, li mudell

tagħha huwa pprovdut fl-Anness VII.8.5. L-awtoritajiet kompetenti indirizzati jeħtiġilhom jirritornaw it-TC21 lill-awtoritajiet kompetenti rikjedenti fi żmien xahrejn mid-data tal-formola. Il-formola trid tistabbilixxi r-raġuni għall-verifika. Kull uffiċċju doganali tat-tluq jeħtieġlu jwettaq ukoll kontroll aleatorju tad-dikjarazzjonijiet ta' tranżitu rritornati, filwaqt li jitlob il-verifika ta' mill-inqas żewġ dokumenti minn kull elf.

VII.5.2.2 Dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu

Meta l-merkanzija tiġi ttrasportata bl-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-użu tal-proċedura komuni ta' tranżitu/tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni għal merkanzija ttrasportata bl-ajru, jew bl-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport (ETD) bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni għal merkanzija ttrasportata bil-baħar, il-kontroll doganali jiġi eżerċitat retrospettivament mill-awtoritajiet kompetenti fl-ajruport jew fil-port tad-destinazzjoni. Dan il-kontroll jieħu l-forma ta' verifiki tal-awditjar tas-sistemi bbażati fuq il-livell ta' riskju perċepit. Jekk ikun neċessarju, l-awtoritajiet kompetenti fl-ajruport u fil-port tad-destinazzjoni jistgħu jibagħtu dettalji mill-ETD lill-awtoritajiet kompetenti fl-ajruport jew fil-port tat-tluq għal verifika.

Din il-verifika trid titwettaq bl-użu tal-formola TC21(A), li mudell tagħha huwa pprovdut fl-Anness VII.8.6. Kull formola trid tinkludi estratti ta' dettalji mill-ETD b'rabta ma' inġenju tal-ajru jew ma' bastiment wieħed u ma' operatur awtorizzat wieħed biss.

Il-Partijiet 1, 2 u 3 tal-formola TC21(A) iridu jimtlew mill-awtoritajiet kompetenti fl-ajruport jew fil-port tad-destinazzjoni. Jekk ikun neċessarju, mal-formola jridu jiġu mehmużin siltiet mill-ETD tal-inġenju tal-ajru jew tal-bastiment li jirrelataw mal-konsenji magħżulin għall-verifika.

Il-formoli użati għall-finijiet ta' verifika jistgħu jintbagħtu permezz tal-uffiċċji ċentrali għal operazzjonijiet ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni fil-pajjiżi kkonċernati lill-awtoritajiet kompetenti fl-ajruport jew fil-port tat-tluq.

L-awtoritajiet kompetenti fl-ajruport jew fil-port tat-tluq jeħtiġilhom jivverifikaw id-dettalji tal-ETD ipprovduti fil-formola TC21(A) billi jirreferu għar-rekords kummerċjali miżmumin mill-

operatur awtorizzat. Ir-riżultati tal-verifika jridu jiddaħħlu fil-Partijiet 4 u 5 tal-formola. Kwanlunkwe diskrepanza trid tiġi nnotata fil-Parti 4.

VII.5.2.3 Prova alternattiva

F'każ ta' dubji jew ta' suspett, l-awtorità kompetenti fil-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha titlob verifika tal-prova alternattva ppreżentata. Jeħtiġilha titlob ukoll il-verifika ta' mill-inqas 10 dokumenti minn kull elf.

VII.5.2.4 Dokumenti T2L

Huwa rrakkomandat li ssir talba għall-verifika ta' dokument T2L jekk dokument bħal dan ikun inħareġ retrospettivament biss sabiex jiġi kkoreġut l-effett ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu T1.

It-talba għandha tkun awtomatika meta tiġi ppreżentata t-T2L wara li ssir serje ta' operazzjonijiet ta' tranżitu, koperti b'dikjarazzjonijiet ta' tranżitu maħruġin f'pajjiżi differenti.

Barra minn hekk, żewġ dokumenti T2L minn kull elf ippreżentati f'uffiċċju partikolari jridu jkunu soġġetti għal verifika b'kampjunar aleatorju.

VII.5.2.5 Dokumenti kummerċjali ekwivalenti għal dokument T2L

Huwa rrakkomandat li ssir verifika fejn ikun hemm suspett li jistgħu isiru abbużi jew irregolaritajiet minħabba li jkun qed jintuża dokument kummerċjali minflok T2L.

Jista' jkun hemm suspett ta' abbuż jew ta' irregolarità jekk ikun ċar li l-persuna kkonċernata tkun qed taqsam il-konsenji sabiex ma taqbiżx il-limitu massimu ta' EUR 15 000.

Barra minn hekk, żewġ dokumenti kummerċjali minn kull elf ippreżentati f'uffiċċju partikolari bħala T2L iridu jkunu soġġetti għal verifika b'kampjunar aleatorju.

VII.5.3 Konsegwenzi tal-verifika

L-awtorità kompetenti li titlob il-verifika jeħtiġilha tieħu l-miżura xierqa fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta.

Madankollu, jekk ikun ikkonċernat dejn (doganali) imġarrab matul il-kors ta' operazzjoni ta' tranżitu, hija r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq li tibda l-inkjesti, jekk ikunu neċessarji, u li tiddetermina l-fatti essenzjali dwar id-dejn (doganali), id-debitur u l-awtorità kompetenti għall-irkupru f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar id-dejn u l-irkupru (ara l-Parti VIII).

VII.6 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

VII.7 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

VII.8 Annessi

VII.8.1 Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti

Għall-aħħar verżjoni ta' din il-lista, jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-link li ġejja:

EUROPA:

https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-procedures/what-is-customs-transit/common-union-transit_en

VII.8.2 Mudell ta' ittra ta' informazzjoni lid-detentur tal-proċedura

[Isem l-awtorità kompetenti
tal-pajjiż tat-tluq]

[Post u data]
[Isem u indirizz
tad-detentur tal-proċedura]

Suġġett: Tranżitu komuni/tal-Unjoni
Nuqqas ta' prova tat-tmiem tal-proċedura ta' tranżitu

Għażiż(a) Sinjur/Sinjura,
Inti d-detentur tal-proċedura tad-dikjarazzjoni(jiet) tat-Tranżitu Komuni/tal-Unjoni li ġejja/ġejjin:

[referenzi u dati tad-dikjarazzjoni(jiet) tat-tranżitu]
mill-uffiċċju doganali tat-tluq ta' *[isem l-uffiċċju doganali tat-tluq]*

F'konformità mal-Artikolu 49(2) u (5), u mal-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu/mal-Artikolu 310(2) u (5) u mal-Anness 72-04 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, b'dan qed navżawk li ma rċivejniex prova tat-tmiem tal-proċedura ta' tranżitu għad-dikjarazzjoni(jiet) imsemmija hawn fuq.

Issa qed nitolbuk tibgħat id-dettalji u d-dokumentazzjoni li jipprovaw li l-proċedura ntemmet. Għandek issemmi wkoll kull tibdil li sar fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni u/jew fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu. Inti mitlub(a) tippreżenta l-informazzjoni fi żmien 28 jum mid-data ta' din l-ittra.

- [Id-dejn doganali se jiġġarrab xahar wara dan il-perjodu ta' 28 jum jekk ma tipprovdi l-ebda informazzjoni, jew jekk l-informazzjoni li tipprovdi tkun insuffiċjenti sabiex aħna nkunu nistgħu nwettqu l-inkjesti mal-uffiċċju tad-destinazzjoni.]
- [Ikollna nibdew il-proċedura tal-inkjesta xahrejn wara li jiskadi l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju tad-destinazzjoni.]
- Dan isir f'konformità mal-Artikolu 114(2) u mal-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu/mal-Artikolu 77 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u mal-Anness 72-04 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-

Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Il-prova tista tieħu l-forma ta':

– dokument iċċertifikat mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru jew ta' pajjiż ta' destinazzjoni ta' tranżitu komuni li jidentifika l-merkanzija u li jistabbilixxi li ġiet ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lill-konsenjatarju awtorizzat;
– dokument jew rekord doganali, iċċertifikat mill-awtorità doganali ta' pajjiż li jistabbilixxi li l-merkanzija ħarġet fiżikament mit-territorju doganali tal-Parti Kontraenti
- dokument doganali maħruġ f'pajjiż terz fejn il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura doganali;
– dokument maħruġ f'pajjiż terz, ittimbrat jew iċċertifikat b'mod ieħor mill-awtoritajiet doganali ta' dak il-pajjiż u li jiċċertifika li l-merkanzija hija meqjusa li tinsab f'ċirkolazzjoni libera f'dak il-pajjiż.

Kwalunkwe evidenza li inti tipprovdi trid tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 51 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar il-proċedura komuni ta' tranżitu /mal-Artikolu 312 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Skont it-termini tal-Artikoli 112 u 113 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu /tal-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, jekk ma jkunx possibbli li jiġi stabbilit li l-proċedura ntemmet għad-dikjarazzjoni(jiet) inkwistjoni, inti tinżamm responsabbli għad-dejn marbut mal-merkanzija li kienet soġġetta għal din/dawn id-dikjarazzjoni(jiet) (dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni u imposti oħrajn).

Jekk ma tinsabx f'pożizzjoni li turi li l-proċedura ta' tranżitu inkwistjoni ntemmet, jekk jogħġbok ibgħat kwalunkwe informazzjoni li għandek, flimkien ma' dokumenti ta' evidenza ta' appoġġ, b'mod partikolari tal-post (pajjiż) li minnu inti tikkunsidra li jirriżulta d-dejn li seħħ f'konformità mal-Artikolu 114 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu /mal-Artikoli 87 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Dejjem tiegħek,

VII.8.3 Kampjun ta' notifika ta' inkjesta TC20 u noti ta' spjegazzjoni

TC20 — NOTIFIKA TA' INKJESTA

I. GĦANDHA TIMTELA MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI TAT-TLUQ

A. Dikjarazzjoni tat-tranżitu Nru

B. Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (isem u pajjiż)

Kopja (…) mehmuża.

C. Awtorità kompetenti tat-tluq (isem u indirizz)

D. Uffiċċji doganali tat-tranżitu maħsubin (isem u pajjiż)

1.
2.
3.
4.

E. Identità tal-mezzi tat-trasport:

F. Konsenjatarju (isem u indirizz sħiħ)

G. Skont l-informazzjoni pprovduta mid-detentur tal-proċedura, il-konsenja:

☐ 1. ġiet ippreżentata fl-uffiċċju tiegħek fi |__|__|__| J X S

☐ 2. ikkonsenjata lill-konsenjatarju fi |__|__|__| J X S

☐ 3. ikkonsenjata lil ..... fi |__|__|__| J X S
(isem u indirizz tal-persuna jew tal-kumpanija)

H. Irċevuta għad-dokument maħruġa mill-uffiċċju tiegħek fi |__|__|__| ġiet ippreżentata lili.
J X S

I. Id-detentur tal-proċedura ma jista' jagħti l-ebda informazzjoni dwar fejn tinsab il-konsenja.

Post u data: Firma: Timbru:

II. GĦANDHA TIMTELA MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-PAJJIŻ TAD-DESTINAZZJONI: Talba

Sabiex isiru inkjesti ulterjuri, l-uffiċċju doganali tat-tluq huwa mitlub jibgħat jew jikkomunika:

☐ 1. deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija

☐ 2. kopja tal-fattura

☐ 3. kopja tal-manifest, polza ta' kargu jew polza tal-vjeġġ bl-ajru

☐ 4. isem il-persuna responsabbli mit-twettiq formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

☐ 5. id-dokumenti jew l-informazzjoni li ġejja (jekk jogħġbok speċifika):

Post u data: Firma: Timbru:

III. GĦANDHA TIMTELA MILL-UFFIĊĊJU TAT-TLUQ: TWEĠIBA GĦAT-TALBA

☐ 1. L-informazzjoni, il-kopji jew id-dokumenti huma mehmużin

1 2 3 4 5

☐ 2. L-informazzjoni, il-kopji jew id-dokumenti li qed issir referenza għalihom taħt ☐☐☐☐☐ tat-talba tiegħek ma hijiex/humiex disponibbli.

Post u data: Firma: Timbru:

IV. GĦANDHA TIMTELA MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-PAJJIŻ TAD-DESTINAZZJONI

☐ 1. Il-prova li l-proċedura ntemmet ġiet irritornata fi |__|__|__| kopja approvata ta'
J X S

☐ (a) id-dokument riċevut huwa mehmuż bħala konferma ☐ (b) id-dokument irritornat

☐ 2. Il-prova approvata li l-proċedura ntemmet hija mehmuża ma' din in-notifika ta' inkjesta

☐ 3. L-imposti miġburin.

☐ 4. Qed isiru inkjesti u l-prova li l-proċedura ntemmet se tiġi rritornata mill-aktar fis possibbli.

☐ 5. Il-konsenja ġiet ippreżentata hawn mingħajr id-dokument rilevanti.

☐ 6. Id-dokumenti ġew ippreżentati hawnhekk mingħajr il-konsenja

☐ 7. La l-konsenja u lanqas id-dokument rilevanti ma ġew ippreżentati hawn u
☐ (a) l-ebda informazzjoni dwar dawn ma tista' tinkiseb.
☐ (b) TC20 tintbagħat lill-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni …….. (isem u pajjiż)
☐ (c) TC20 hija mibgħuta lill-aħħar uffiċċju doganali maħsub tat-tranżitu, kif imsemmi fil-kaxxa I. il-punt 5D

Post u data: Firma: Timbru:

V. GĦANDHA TIMTELA MILL-AĦĦAR UFFIĊĊJU DOGANALI TAT-TRANŻITU MAĦSUB

☐ 1. Nota ta' avviż tat-tranżitu ġiet ippreżentata hawnhekk fi |__|__|__|
J X S

☐ 2. Nota ta' avviż tat-tranżitu ntbagħtet lili mill-uffiċċju doganali tat-tranżitu attwali .....(isem) fejn ġiet ippreżentata fi |__|__|__|
J X S

☐ 3. Hawnhekk ma ġietx ippreżentata nota ta' avviż tat-tranżitu. It-TC20 hija trażmessa lill-uffiċċju doganali tat-tranżitu preċedenti maħsub.

Post u data: Firma: Timbru:

VI. GĦANDHA TIMTELA MILL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAT-TRANŻITU PREĊEDENTI MAĦSUB

1. Nota ta' avviż tat-tranżitu ġiet ippreżentata hawnhekk fi |__|__|__|
J X S

2. Nota ta' avviż tat-tranżitu ntbagħtet lili mill-uffiċċju doganali tat-tranżitu attwali .....(isem) fejn ġiet ippreżentata fi |__|__|__|
J X S

3. Hawnhekk ma ġietx ippreżentata nota ta' avviż tat-tranżitu. It-TC20 hija trażmessa lill-uffiċċju doganali tat-tranżitu preċedenti maħsub.

Post u data: Firma: Timbru:

VII. GĦANDHA TIMTELA MILL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAT-TRANŻITU PREĊEDENTI MAĦSUB

☐ 1. Nota ta' avviż tat-tranżitu ġiet ippreżentata hawnhekk fi |__|__|__|
J X S

☐ 2. Nota ta' avviż tat-tranżitu ntbagħtet lili mill-uffiċċju doganali tat-tranżitu attwali .....(isem)
fejn ġiet ippreżentata fi |__|__|__|
J X S

☐ 3. Hawnhekk ma ġietx ippreżentata nota ta' avviż tat-tranżitu. It-TC20 hija trażmessa lill-uffiċċju doganali tat-tranżitu preċedenti maħsub.

Post u data: Firma: Timbru:

VIII. GĦANDHA TIMTELA MILL-UFFIĊĊJU DOGANALI TAT-TRANŻITU PREĊEDENTI MAĦSUB

☐ 1. Nota ta' avviż tat-tranżitu ġiet ippreżentata hawnhekk fi |__|__|__|
J X S

☐ 2. Nota ta' avviż tat-tranżitu ntbagħtet lili mill-uffiċċju doganali tat-tranżitu attwali .....(isem)
fejn ġiet ippreżentata fi |__|__|__|
J X S

☐ 3. Hawnhekk ma ġietx ippreżentata nota ta' avviż tat-tranżitu. It-TC20 hija trażmessa lill-uffiċċju doganali tat-tranżitu preċedenti maħsub.

Post u data: Firma: Timbru:

TC20 – Notifika ta' inkjesta — Noti ta' spjegazzjoni

1. L-informazzjoni u t-tweġibiet għandhom jingħataw billi jintiżżel salib fil-kaxxa pprovduta għal dan l-għan.

2. In-notifika ta' inkjesta tintuża għal kwalunkwe proċedura ta' tranżitu, kemm jekk simplifikata kif ukoll jekk le, li taħtha l-prova li l-proċedura ntemmet trid tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq.

3. Fil-Kaxxa I punt A, l-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba għandha tindika r-referenza tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu (DAU, TAD jew id-dokument tat-trasport użat bħala dikjarazzjoni) li għaliha ma jkollha l-ebda prova li l-proċedura ntemmet. Għandha tkun mehmuża kopja tad-dikjarazzjoni.

4. Fil-Kaxxa I il-punt E, il-mezz tat-trasport użat għandu jkun identifikat, jekk din id-*data* kienet mitluba fid-dikjarazzjoni jew, jekk le, jekk huwiex magħruf mill-awtorità kompetenti (notevolement permezz tad-detentur tal-proċedura).

5. Fil-Kaxxa I il-punt F, l-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba għandha tindika l-konsenjatarju/i, kemm jekk awtorizzati kif ukoll jekk le, kif iddikjarat(i) fejn din id-*data* kienet mitluba fuq id-dikjarazzjoni jew, f'każijiet oħrajn, il-konsenjatarju/i preżunt(i) li setgħu rċivew il-merkanzija fuq il-bażi tal-informazzjoni li l-awtorità għandha fil-pussess tagħha.

6. Fil-Kaxxa I il-punt G-3, il-konsenjatarji attwali, kif identifikati mid-detentur tal-proċedura, jeħtieġ li jkunu ddikjarati.

7. Fil-Kaxxa II il-punt 3, l-awtorità kompetenti indirizzata għandha titlob it-trażmissjoni tad-dokumenti tat-trasport jekk ma jkunux id-dikjarazzjoni tat-tranżitu (f'dan l-aħħar każ għandhom jissemmew taħt I-A).

8. Fil-kaxxa IV, l-awtorità kompetenti indirizzata għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq bir-riżultat tal-inkjesti tagħha li ma jorbtux lil dan l-uffiċċju.

9. Fil-kaxxa IV il-punt 1, l-awtorità kompetenti indirizzata għandha timmarka l-Kaxxa (a) jekk hija tirritorna kopja approvata u ttimbrata tal-kopja 1 tad-DAU jew tal-ewwel kopja tat-TAD, kif riċevuta mill-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba. F'każijiet oħrajn (kopja tal-kopja 4 tad-DAU, tat-tieni kopja tat-TAD jew ta' kwalunkwe dokument ieħor — lista ta' kull xahar ta' tranżitu bl-ajru/bil-baħar ibbażata fuq il-karti, pereżempju — li tipprova t-tmiem tal-proċedura), għandha timmarka l-Kaxxa (b).

Jekk l-awtorità indirizzata tibgħat it-TC20, għandha timmarka l-kaxxa x-xierqa taħt il-punt 7 u ddaħħal id-dettalji, jekk ikunu neċessarji. Hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq billi tipprovdilha kopja tan-notifika ta' inkjesta.

Kull uffiċċju doganali tat-tranżitu għandu jipproċedi bl-istess mod jekk ma jsib l-ebda avviż tat-tranżitu.

10. Għandha tintuża TC20 separata għal kull dikjarazzjoni tat-tranżitu.

VII.8.4 Mudell ta' kif tintbagħat l-informazzjoni TC20A

TC20A

TRANŻITU KOMUNI/TAL-UNJONI

BGĦIT TAL-INFORMAZZJONI / TAD-DOKUMENTI RELATATI MA' OPERAZZJONI TAL-NCTS

1. DIKJARAZZJONI

MRN: ……..

Proċedura ta' inkjesta (referenza):

Proċedura ta' rkupru (referenza):

2. AWTORITÀ KOMPETENTI TAT-TLUQ	**3. AWTORITÀ KOMPETENTI TAD-DESTINAZZJONI**
Isem u indirizz:	Isem u indirizz:
Data ta' kuntatt	*Data* ta' kuntatt
Isem:	Isem:
Tel:	Tel:
Fax:	Fax:
Posta elettronika:	Posta elettronika:

4. DOKUMENTI MEHMUŻIN

□□ 1.

□□ 2.

□□ 3..: ……

...……...

5. ANNESS(I): …… (numru totali)

6. L-AWTORITÀ KOMPETENTI

□□ **FIT-TLUQ** □□ **FID-DESTINAZZJONI**

Post u data: Firma Timbru

VII.8.5 Kampjun ta' talba ta' wara r-rilaxx TC21

TC21 — TALBA GĦAL VERIFIKA

I. AWTORITÀ LI TAGĦMEL IT-TALBA INDIRIZZATA (isem u indirizz sħiħ)

II. AWTORITÀ KOMPETENTI (isem u indirizz sħiħ)

III. TALBA GĦAL VERIFIKA verifika ta' kampjun għar-raġuni indikata taħt C jew D
Jekk jogħġbok ivverifika

A. L-awtentiċità tat-timbru u tal-firma

☐ 1. Fil-kaxxa intestata "Kontroll mill-uffiċċju tad-destinazzjoni" (kaxxa I) fuq il-kopja ta' ritorn DAU jew TAD. .....mehmuż

☐ 2. fil-kaxxa F u/jew G fuq il-kopja ta' ritorn DAU jew TAD. .....mehmuż

☐ 3. fil-kaxxa intestata "Uffiċċju tat-tluq" (kaxxa C) fuq il-kopja 4 tad-DAU jew it-tieni kopja tat-TAD. .....mehmuż

☐ 4. fil-kaxxa intestata "Kontroll mill-uffiċċju tat-tluq" (kaxxa D) fuq il-kopja 4 tad-DAU jew fuq it-tieni kopja tat-TAD .....mehmuż

☐ 5. fil-kaxxa intestata "Pakketti u deskrizzjoni tal-merkanzija" (kaxxa 31) fuq il-kopja 4 tad-DAU jew fuq it-tieni kopja tat-TAD.....mehmuż

☐ 6. fil-fattura Nru ..... ta' ..... / dokument tat-trasport Nru ..... ta' ..... (mehmuż)

B. L-akkuratezza tal-approvazzjoni mdaħħla

☐ 1. F'kaxxa/kaxxi..... (1)

☐ 2. Fid-dokument kummerċjali Nru..... ta' ..... (mehmuż)

C. L-awtentiċità u l-akkuratezza tal-prova alternattiva inkluża.

D. Il-verifika hija mitluba għaliex

☐ 1. it-timbru huwa nieqes

☐ 2. il-firma hija nieqsa

☐ 3 it-timbru ma jinqarax

☐ 4. il-kaxxa ma hijiex mimlija kollha

☐ 5 sar tħassir mingħajr ma kien kitba fuq oħra

☐ 6. il-formola tinkludi tħassir u/jew inizjalat u awtentikat

☐ 7 it-timbru ma huwiex rikonoxxut

☐8 id-*data* marbuta mal-użu jew id-destinazzjoni hija nieqsa

☐ 9. raġunijiet oħrajn (sabiex jiġu speċifikati)

Post....., Data.....
Firma..... (Timbru)

(1) Indika n-numru tal-kaxxi li jikkorrispondu għall-verifika mitluba__

IV. RIŻULTAT TAL-VERIFIKA

☐ A. It-timbru u l-firma huma awtentiċi

☐ B. Il-formola ma kinitx ippreżentata lill-awtoritajiet kompetenti u

☐ 1. it-timbru jidher li kien falz jew iffalsifikat

☐ 2. it-timbru jidher li kien applikat b'mod irregolari

☐ 3. il-firma ma hijiex dik ta' uffiċjal responsabbli tal-awtoritajiet kompetenti

☐ C. L-approvazzjonijiet huma akkurati

☐ D. L-approvazzjonijiet ma humiex akkurati: għandhom jaqraw kif ġej:

☐ E. Kummenti:

☐ 1. it-timbru ġie applikat b'mod li jinqara

☐ 2. il-firma ddaħħlet

☐ 3. il-kaxxa mtliet

☐ 4. it-tħassir ġie inizjalat u awtentikat

☐ 5. it-tħassir u/jew il-kitba fuq oħra kienu dovuti għal:

☐ 6. it-timbru huwa awtentiku u jista' jiġi aċċettat

☐ 7. id-data tniżżlet ☐ 8. il-prova alternattiva tissodisfa r-rekwiżiti u jista' jiġi aċċettat

☐ 9. raġunijiet oħrajn (għandhom jiġu speċifikati)

Post....., Data.....

Firma..... .....(Timbru)__

Noti:
1. Għandha ssir talba separata għal kull formola li għandha tiġi vverifikata
2. L-informazzjoni u t-tweġiba jingħataw billi jitpoġġa salib fil-kaxxi pprovduti għal dak l-għan
3. L-awtorità kompetenti indirizzata għandha tiżgura li tingħata trattament prijoritarju

VII.8.6 Kampjun ta' talba ta' wara r-rilaxx TC21A

TC21 (A) — TALBA GĦAL VERIFIKA

1. Awtorità li tagħmel it-talba (Isem u indirizz sħiħ)	2. Awtorità kompetenti indirizzata (Isem u indirizz sħiħ)
3. VERIFIKA TAL-ISTATUS MITLUBA GĦALL-KONSENJI LI ĠEJJIN LI GĦALIHOM L-ESTRATTI MID-DOKUMENT ELETTRONIKU TAT-TRASPORT TAL-INĠENJU TAL-AJRU/TAL-BASTIMENT * HUMA STIPULATI HAWN TAĦT / MEHMUŻIN*:	
Isem u Indirizz tad-detentur tal-Approvazzjoni	Inġenju tal-Ajru/Bastiment* u data tat-tluq Ajruport/Port* tat-Tluq:

Partita	Dokument elettroniku tat-trasport bl-ajru/bil-baħar bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu Numru	Nri tal-Kontejners (jew marki u Nri)	Merkanzija Deskrizzjoni	Numru ta' Pakketti	Massa (KGs) jew Volum	Status Iddikjarat (T1, T2, TF, TD,C, F, X)
(1)						
(2)						
(3)						
(4)						
(5)						

4. RIŻULTAT TAL-VERIFIKA
Verifika tal-konsenji kollha huma sodisfaċenti **ħlief** għal dawn l-oġġetti li ġejjin:
(Dokumenti ta' appoġġ mehmużin)

5. AWTORITÀ LI TWETTAQ IL-VERIFIKA:

Isem: ..... Firma: .....

Data:..... Timbru: .....

* ħassar kif meħtieġ

Din it-talba għandha tintuża għal kumpanija waħda biss, għal inġenju tal-ajru wieħed jew għal bastiment wieħed.

Wara li timtela, irritorna t-tweġiba fl-uffiċċju muri f'1.

VII.8.7 Eżempji ta' sitwazzjonijiet fil-proċedura tal-inkjesta

Jekk fit-tmiem tal-proċedura tal-inkjesta l-operazzjoni tat-tranżitu tkun għadha ma ġietx irrilaxxata, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tista' ssib dawn l-eżempji ta' sitwazzjonijiet li ġejjin siewja għad-determinazzjoni tal-awtorità kompetenti sabiex tirkupra d-dejn:

a) Operazzjoni ta' tranżitu li ma tinvolvi l-ebda uffiċċju doganali tat-tranżitu (operazzjoni purament interna li tinvolvi parti kontraenti tal-Konvenzjoni).

Sitwazzjoni bħal din tista' tinvolvi biss l-operazzjoni ta' tranżitu tal-Unjoni fl-Unjoni jew operazzjoni ta' tranżitu limitata għat-territorju ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn (operazzjoni li ma tinvolvix tranżitu komuni).

Eżempju:

[Id-Danimarka — il-Ġermanja — Franza — Spanja]

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni (jiġifieri l-awtorità tal-istess Parti Kontraenti jew pajjiż) ma tistax tipprovdi prova tal-preżentazzjoni fid-destinazzjoni.

Il-konsenja "sparixxiet" xi mkien fil-Parti Kontraenti/pajjiż inkwistjoni.

b) Operazzjoni ta' tranżitu li tinvolvi uffiċċji doganali tat-tranżitu mal-ħruġ mill-istess Parti Kontraenti, imbagħad mad-dħul fiha (użu ta' pajjiż terz wieħed jew aktar, minbarra l-pajjiżi ta' tranżitu komuni).

Fil-prattika, l-UE biss tista' tkun involuta f'sitwazzjoni bħal din.

Eżempju:

(Il-Polonja — *l-Ukrajna* — ir-Rumanija)]

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni ma' tista' tipprovdi l-ebda prova tal-preżentazzjoni fid-destinazzjoni, u

I. Il-messaġġ IE118 intbagħat mill-uffiċċju doganali mad-dħul (riintroduzzjoni) fil-Parti Kontraenti inkwistjoni (ir-Rumanija):

il-konsenja kienet riintrodotta fil-Parti Kontraenti inkwistjoni, imbagħad "sparixxiet".

II. Il-messaġġ IE118 intbagħat mill-uffiċċju doganali mal-ħruġ mill-Parti Kontraenti inkwistjoni (il-Polonja) u ma ntbagħatx mill-uffiċċju doganali mad-dħul (riintroduzzjoni) f'din l-istess Parti Kontraenti (ir-Rumanija):

il-konsenja "sparixxiet" bejn iż-żewġ uffiċċji doganali tat-tranżitu, fil-pajjiż terz (l-Ukrajna)

III. Ma ntbagħat l-ebda messaġġ IE118, la mal-ħruġ mill-Parti Kontraenti inkwistjoni (il-Polonja) u lanqas mad-dħul (riintroduzzjoni) f'din l-istess Parti Kontraenti (ir-Rumanija):

il-konsenja ma telqitx mill-Parti Kontraenti inkwistjoni u "sparixxiet" bejn l-uffiċċju doganali tat-tluq u l-ewwel uffiċċju doganali tat-tranżitu mal-ħruġ.

c) Operazzjoni ta' tranżitu li tinvolvi biss uffiċċji doganali tat-tranżitu (mad-dħul) fil-fruntieri bejn il-Partijiet Kontraenti.

Eżempju:

[Il-Polonja — ir-Repubblika Ċeka — il-Ġermanja — l-Iżvizzera - Franza]

I. Il-messaġġ IE118 ma ntbagħatx mill-aħħar uffiċċju doganali tat-tranżitu (mad-dħul fi Franza) iżda ntbagħat mill-uffiċċju doganali tat-tranżitu preċedenti (mad-dħul fl-Iżvizzera):

il-konsenja waslet fl-Iżvizzera iżda "sparixxiet" bejn l-uffiċċju doganali tat-tranżitu mad-dħul fl-Iżvizzera u l-uffiċċju doganali tat-tranżitu mad-dħul fi Franza;

II. Il-messaġġi IE118 lanqas biss intbagħtu.

il-konsenja ma telqitx mill-Parti Kontraenti tat-tluq u "sparixxiet".

d) Operazzjoni ta' tranżitu li tinvolvi uffiċċji doganali tat-tranżitu fil-fruntieri bejn il-Partijiet Kontraenti u ma' pajjiżi terzi

Eżempju:

[Il-Greċja, il-Bulgarija, ir-Rumanija — *l-Ukrajna* — is-Slovakkja — il-Polonja]

Din hija sitwazzjoni kif speċifikata fil-każ (b). Għalhekk, is-sitwazzjoni u s-soluzzjoni huma simili, bil-modifiki neċessarji (*mutatis mutandis*).

PARTI VIII — DEJN U RKUPRU

VIII.1 Kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet

It-Titolu IV l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Dan il-kapitolu jittratta l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dejn u l-irkupru fil-proċedura komuni ta' tranżitu u fil-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

L-Artikoli 79, 84 u 87 KDU

L-Artikoli 77 DA, 85(1) DA, 165 IA, 311 IA

L-iskop tal-Parti VIII huwa li tiġi stabbilita verżjoni armonizzata ta' dawk is-sitwazzjonijiet li fihom jirriżulta dejn matul l-operazzjonijiet ta' tranżitu strettament komuni jew strettament tal-Unjoni, jiġu identifikati d-debituri u jiġu identifikati mingħajr ekwivoku liema pajjiżi jkunu responsabbli għall-irkupru tad-dejn mingħand debituri u garanti. Iżda dawn id-dispożizzjonijiet jieqfu hemm. Iħallu f'idejn kull Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni li tieħu r-responsabbiltà għall-irkupru nnifsu f'konformità mar-regolamenti tal-Parti stess f'dawn il-kwistjonijiet ħlief għal-limiti ta' żmien għall-bidu tal-irkupru. Għall-fini tal-UE, ir-regoli armonizzati dwar id-dejn doganali huma stabbiliti fil-KDU.

VIII.1.1 Definizzjonijiet

Dejn

L-Artikolu 3(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Għall-finijiet tal-Konvenzjoni dwar it-Tranżitu Komuni, "dejn" tfisser l-obbligu fuq persuna li tħallas l-ammont ta' dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni u imposti oħrajn dovuti għal merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu komuni.

Dejn doganali

L-Artikolu 5(18) KDU

Għall-finijiet tal-UE, "dejn doganali" huwa ddefinit bħala "l-obbligu ta' persuna li tħallas l-ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni", bid-dazji li huma stipulati fl-Artikolu 56 tal-KDU. Billi r-regoli tal-Unjoni dwar it-tranżitu għandhom ukoll l-effett li jissospendu "dazji oħrajn" (imposti oħrajn), il-KDU jestendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-KDU sabiex jinkludu "imposti oħra" għall-finijiet ta' garanziji, ta' dejn doganali u ta' rkupru (eż. l-Artikolu 89(2) KDU).

Għall-finijiet ta' dan id-dokument, il-kelma "dejn" tintuża sabiex tkopri ż-żewġ definizzjonijiet ta' hawn fuq.

Irkupru

It-terminu ġeneriku "rkupru", li hawnhekk jintuża fil-kuntest tat-tranżitu "komuni" u tal-Unjoni, għandu jitqies li jfisser il-passi kollha involuti fil-ġbir ta' kwalunkwe somma dovuta.

VIII.1.2 Distinzjoni bejn id-dispożizzjonijiet finanzjarji u penali

L-Artikolu 112, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 79 KDU

B'rabta ma' operazzjoni ta' tranżitu, id-"dejn" sospiż waqt li l-merkanzija kienet taħt il-proċedura għandu jiġi rkuprat jekk il-proċedura ta' tranżitu ma ntemmitx kif meħtieġ wara l-istabbiliment li d-"dejn" ikun iġġarrab minħabba t-tneħħija illegali jew nuqqas ta' konformità b'kundizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura jew l-użu tal-proċedura.

Dawk is-sitwazzjonijiet li jagħtu lok għal dejn ta' spiss jixbhu "reati" jew "irregolaritajiet", li ma jirriżultawx fil-ġbir ta' ammont oġġettivament dovut iżda fl-impożizzjoni ta' sanzjoni amministrattiva u/jew penali. Il-Parti VIII tal-Manwal tat-Tranżitu tkopri biss dawk is-sitwazzjonijiet li fihom jiġġarrab dejn oġġettiv; ma tkoprix l-aspett penali, li jibqa' r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru jew pajjiż ta' tranżitu komuni individwali.

VIII.2 Tiġrib/nuqqas ta' tiġrib ta' dejn, nuqqasijiet, u identifikazzjoni tad-debituri u tal-garanti

Dan il-kapitolu jindirizza:

- it-tiġrib u n-nuqqas ta' tiġrib ta' dejn;
- nuqqasijiet tal-proċedura;
- nuqqasijiet oħrajn ta' konformità mal-proċedura; u
- l-identifikazzjoni tad-debituri u tal-garanti.

VIII.2.1 Tiġrib/nuqqas ta' tiġrib tad-dejn

VIII.2.1.1 Meta jiġġarrab dejn

VIII.2.1.1.1 Tneħħija illegali tal-merkanzija mill-proċedura

L-Artikolu 112(1)(a) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 79(1)(a) u (2)(a) KDU

Id-dejn irid jiġġarrab permezz tan-nuqqas ta' rispett tal-obbligu dwar it-"tneħħija mis-sorveljanza doganali" jew skont it-tifsira tal-Konvenzjoni "mill-proċedura komuni ta' tranżitu". Meta l-merkanzija titneħħa mingħajr rispett tal-obbligi, dejn jiġġarrab malli l-merkanzija titneħħa mill-proċedura.

L-Artikoli 112(3)(a) u 114 l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Ħlief meta l-merkanzija tinsteraq, b'mod flagranti, mill-mezzi tat-trasport tagħha, il-mument preċiż tat-tneħħija spiss ikun diffiċli sabiex jiġi identifikat daqs il-post fejn tkun seħħet, peress li t-tnejn huma ovvjament relatati ma' xulxin. Minkejja dan, l-importanza tal-mument tat-tneħħija hija relattiva, peress li l-merkanzija

L-Artikolu 79 KDU

normalment tibqa' taħt il-proċedura għal perjodu relattivament qasir u, għalhekk, il-fatturi li jidħlu fil-kalkolu tal-ammont tad-dejn ma għandhomx jinbidlu radikalment matul dak il-perjodu. Meta jkun impossibbli li jiġu identifikati l-post u d-data preċiżi, il-post għandu jkun il-pajjiż responsabbli għall-aħħar uffiċċju doganali tat-tranżitu li jinnotifika l-passaġġ fuq il-fruntiera lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew, fin-nuqqas ta' dan, il-pajjiż responsabbli għall-uffiċċju doganali tat-tluq. Id-data trid tkun l-ewwel jum ta' xogħol wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju tad-destinazzjoni.

Il-preżentazzjoni tal-messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) fl-aħħar uffiċċju tat-tranżitu tħaffef ix-xogħol tad-determinazzjoni bħala minimu tal-pajjiż fejn tkun seħħet it-tneħħija kontra l-liġi.

VIII.2.1.1.2 Nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet

L-Artikolu 122(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni
L-Artikolu 79(1) KDU

Dejn jiġġarrab minħabba nuqqas ta' konformità ma' kundizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu jew l-użu ta' dik il-proċedura.

VIII.2.2 Nuqqasijiet tal-proċedura

VIII.2.2.1 Sitwazzjonijiet ta' tneħħija illegali

Fil-prinċipju, is-sitwazzjonijiet kollha li fihom id-dwana ma tibqax f'pożizzjoni li tiżgura li r-regoli doganali u, fejn xieraq, dispożizzjonijiet oħrajn applikabbli għall-merkanzija jkunu osservati jista' jkun kopert mill-kunċett ta' "tneħħija kontra l-liġi" (ara t-Taqsima VIII.2.1.1.1).

Sitwazzjonijiet li jiġġeneraw tneħħija illegali tal-merkanzija mill-proċedura ta' tranżitu / mis-superviżjoni doganali huma, b'mod partikolari:

1. In-nuqqas li tiġi preżentata merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew lil konsenjatarju awtorizzat, inkluži sitwazzjonijiet li fihom:

- parti minnhom jew il-merkanzija kollha jkunu nsterqu jew sparixxew matul it-trasport ("merkanzija nieqsa[79]");
- prova ta' preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni tkun ġiet iffalsifikata;
- it-trasportatur jippreżenta l-merkanzija direttament lil konsenjatarju li ma huwiex konsenjatarju awtorizzat;
- merkanzija oħra ġiet issostitwita għal kulħadd jew għal parti mill-merkanzija ddikjarata.

2. Sostituzzjoni ta' status operazzjoni ta' tranżitu/doganali tal-merkanzija (eż. billi jissostitwixxi d-dikjarazzjoni tat-tranżitu komuni/tal-Unjoni "T1" b'dikjarazzjoni tat-tranżitu komuni/tal-Unjoni "T2" jew bi prova tal-istatus doganali ta' dokument tal-merkanzija tal-Unjoni "T2L" jew "T2LF" — jew ekwivalenti bħall-ittra "C" jew "T2F" fuq dokumenti tal-ajru jew tal-baħar).

VIII.2.2.2 Sitwazzjonijiet li ma jirrappreżentawx it-tneħħija illegali

Ċerti sitwazzjonijiet ma jirrappreżentawx tneħħija illegali. Pereżempju, meta siġill jinkiser waqt li l-konsenja tiġi ppreżentata kif suppost fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Eżempju ieħor, din id-darba għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, huwa li żball fl-istatus doganali ta' merkanzija mhux tal-Unjoni elenkata f'dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-użu tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni għal merkanzija ttrasportata bl-ajru (meta jintuża l-kodiċi "C" minflok "T1"), jitqies li ma jikkostitwixxix tneħħija illegali dment li l-linja tal-ajru tirregolarizza l-istatus doganali tal-merkanzija billi tikklerjaha mid-dwana mal-wasla fid-destinazzjoni tagħha.

Madankollu, il-fatt li l-merkanzija ma tneħħietx illegalment ma jfissirx neċessarjament li ma kienx hemm nuqqas ta' konformità ma' obbligi oħrajn tal-proċedura ta' tranżitu jew li ma ġġarrab l-ebda dejn (ara t-Taqsima VIII.2.3).

VIII.2.2.3 Sitwazzjoni li fiha ma tiġix issodisfata kundizzjoni waħda jew aktar li tirregola t-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura

79 Fl-Unjoni, l-Artikoli 124 KDU u 103 DA jqisu d-dejn estint meta merkanzija mhux tal-Unjoni mqiegħda taħt il-proċedura ta' tranżitu tinsteraq, dment li l-merkanzija tiġi rkuprata fil-pront u terġa' titqiegħed fis-sitwazzjoni doganali inizjali tagħha fl-istat li kienet fiha meta nsterqet.

L-Artikolu 122(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 79(1) KDU

Din is-sitwazzjoni tista' sseħħ matul jew qabel it-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu, fejn il-fatti li kienu jimpedixxu l-għoti tal-permess ma jirriżultawx qabel wara li l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għat-tranżitu. Eżempji possibbli ta' dan in-nuqqas huma merkanzija mdaħħla għall-proċedura:

- mingħajr garanzija valida għall-proċedura ta' tranżitu (għaliex tkun ġiet irrevokata jew ikkanċellata jew għaliex il-perjodu ta' validità tagħha jkun skada), jew ma tkunx valida għat-territorju kkonċernat (minħabba li l-operazzjoni tkun saret fi Stat Membru/Parti Kontraenti ta' tranżitu ma tkunx koperta mill-garanzija) jew minħabba li l-ammont ta' referenza għall-garanzija komprensiva jew għall-eżoneru mill-garanzija jkun inqabeż;
- minn konsenjatur awtorizzat, iżda fejn, għall-kuntrarju tar-regoli jew tar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni:
  - ✓ it-tagħbija ma kinitx issiġillata;
  - ✓ ma ġie stabbilit l-ebda limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-konsenja fid-destinazzjoni;
- mid-detentur ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' simplifikazzjoni li nħarġet fuq il-bażi ta' informazzjoni mhux korretta jew mhux sħiħa;
- wara l-annullament, ir-revoka jew is-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni għall-użu ta' simplifikazzjoni;
- aktar tard jinstab li ma ġietx issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti għall-użu ta' simplifikazzjoni (eżempju: bidla fis-sjieda matul il-proċess ta' awtorizzazzjoni mhux ikkomunikata).

VIII.2.2.4 Dejn imġarrab b'rabta mal-proċedura ta' tranżitu

Id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-proċedura komuni ta' tranżitu jew għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni ma jkoprux avvenimenti li jwasslu għal dejn u għal irkupru li ma jifformawx parti mill-proċedura ta' tranżitu, anki meta jidhru li "jkollhom konnessjoni ma'" operazzjoni ta' tranżitu. Dan it-tip ta' dejn jiġġarrab, pereżempju:

- wara dikjarazzjoni doganali li permezz tagħha d-dejn ikun pagabbli meta l-merkanzija tiġi importata jew wara li tintemm proċedura ta' tranżitu (eż. rilaxx għal ċirkolazzjoni libera); jew
- bħala konsegwenza tal-introduzzjoni illegali (eż. il-kuntrabandu) ta' merkanzija soġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni fil-pajjiż

(a) mingħajr dikjarazzjoni tat-tranżitu ("nuqqas ta' dikjarazzjoni"); jew

(b) taħt il-kopertura ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu li tkopri aktar merkanzija mill-kwantità ddikjarata u mhux imdaħħla għall-proċedura ta' tranżitu.

Is-sitwazzjoni deskritta f'b) normalment ma jkollha l-ebda effett fuq ir-rilaxx tal-proċedura ta' tranżitu inkwistjoni.

Madankollu, meta tqum waħda jew oħra minn dawn is-sitwazzjonijiet ta' "relazzjoni mat-tranżitu" u meta din twassal għal dejn, l-awtorità li tiskopri s-sitwazzjoni għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq dwar kwalunkwe azzjoni li tieħu. Dan sabiex tippermetti lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq sabiex jiġu identifikati irregolaritajiet possibbli fir-rigward tal-merkanzija li kellha titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu.

VIII.2.3 Estinzjoni ta' dejn

L-Artikolu 112(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 124(1)(g) u (h) KDU

L-Artikolu 103(c) DA

L-estinzjoni ta' dejn isseħħ meta:

- It-tneħħija tal-merkanzija mill-proċedura ta' tranżitu jew in-nuqqas ta' konformità ma' kundizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu jew l-użu tal-proċedura ta' tranżitu jirriżulta mill-qerda totali jew mit-telfien permanenti ta' dik il-merkanzija (jiġifieri ssir inutilizzabbli), bħala riżultat tan-natura propja tagħha (jiġifieri evaporazzjoni normali), taċ-ċirkustanzi imprevedibbli, ta' *force majeure*, jew bħala konsegwenza ta' ordni mill-awtorità doganali.
- In-nuqqas li wassal sabiex jiġġarrab dak id-dejn ma kellu l-ebda effett sinifikanti fuq l-operazzjoni korretta tal-proċedura ta' tranżitu u ma kienx jikkostitwixxi tentattiv ta' qerq. Dik id-dispożizzjoni tħalli lil kull Parti Kontraenti tidentifika sitwazzjonijiet li fihom din tista' tapplika u, għalhekk, li tillimita l-ambitu tagħhom.

  Qerq jirreferi għat-twettiq ta' att li jista' jwassal għal proċedimenti tal-qorti kriminali, jew it-tentattiv li jitwettaq tali att.
- Il-formalitajiet kollha neċessarji għar-regolarizzazzjoni tas-sitwazzjoni tal-merkanzija jitwettqu *a posteriori*.

Il-mod kif titwettaq din ir-"regolarizzazzjoni" jiddependi mill-obbligu jew mill-kundizzjoni inkwistjoni. L-Artikolu 103(c) DA jispeċifika li wieħed mill-każijiet fejn iseħħ dak in-nuqqas ikun meta s-superviżjoni doganali tkun ġiet sussegwentement irrestawrata għal merkanzija li ma tkunx koperta minn dikjarazzjoni tat-tranżitu, iżda li qabel kienet f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura speċjali flimkien ma' merkanzija

mqiegħda formalment taħt dik il-proċedura ta' tranżitu[80].

VIII.2.4 Identifikazzjoni tad-debituri u tal-garanti

VIII.2.4.1 Li huma d-debituri

L-Artikolu 113, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 79(3) u (4) KDU

Skont l-Artikolu 113(2) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni (l-Artikolu 79(3) u (4) tal-KDU):

- Fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' wieħed mill-obbligi rigward it-tneħħija tal-merkanzija mis-superviżjoni doganali, id-debitur huwa l-persuna li tkun meħtieġa li tissodisfa l-obbligi.

  Dan jeħtieġlu jkun id-detentur tal-proċedura skont l-Artikolu 8(1) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni (l-Artikolu 233 KDU). Dak l-individwu huwa mingħajr kundizzjoni u kompletament responsabbli għad-dejn. L-ebda element ta' azzjoni deliberata ma jidħol fl-identifikazzjoni tad-detentur tal-proċedura bħala debitur. Madankollu, b'mod konġunt, id-debitur jista' jkun ukoll it-trasportatur jew ir-riċevitur tal-merkanzija (l-Artikolu 8(2) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni (l-Artikolu 233(3) KDU). Fi kwalunkwe każ, l-identifikazzjoni tad-debitur tiddependi fuq liema obbligu speċifiku ma jkunx ġie ssodisfat u l-formulazzjoni tad-dispożizzjoni li ħolqot l-obbligu.

  Barra minn hekk, kwalunkwe individwu li pparteċipa fit-tneħħija (kompliċi) jew kiseb jew żamm il-merkanzija inkwistjoni (riċevituri jew detenturi) isir debitur biss jekk kien jaf jew raġonevolment missu kien jaf li l-merkanzija kienet tneħħiet mis-superviżjoni doganali. Hawnhekk, l-element ta' azzjoni deliberata jiddetermina jekk l-individwi kkonċernati jistgħux jitqiesu li huma d-debituri.

- Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet li jirregolaw it-tqegħid ta' merkanzija taħt il-proċedura, id-debitur ikun il-persuna li tkun meħtieġa li tikkonforma mal-kundizzjonijiet li jirregolaw it-tqegħid.

F'dawn il-każijiet, id-debitur ikun id-detentur tal-proċedura, li jkun il-persuna meħtieġa tikkonforma mal-kundizzjonijiet għat-tqegħid tal-merkanzija taħt proċedura ta' tranżitu, inkluża proċedura simplifikata. Madankollu, jekk l-att ta' tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura kien jimplika li parti terza kienet meħtieġa tkun konformi mal-kundizzjonijiet, dik il-parti tkun ugwalment meqjusa

[80] Proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni biss.

bħala d-debitur, flimkien mad-detentur tal-proċedura.

VIII.2.4.2 Talbiet kontra d-debituri

L-Artikolu 116(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 101 KDU

L-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jibdew il-proċedimenti ta' rkupru hekk kif ikunu fil-pożizzjoni li jikkalkolaw l-ammont tad-dejn u li jidentifikaw lid-debitur (jew lid-debituri).

VIII.2.4.3 Debituri differenti u r-responsabbiltà *in solidum* tagħhom

L-Artikolu 113(4), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 84 KDU

Meta aktar minn debitur wieħed ikunu ġew identifikati bħala responsabbli għall-istess dejn, huma jitqiesu li jkunu responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-ammont tad-dejn. Dan ifisser li l-awtorità responsabbli għall-irkupru tista' titlob lil kwalunkwe mid-debituri jħallas l-ammont u li l-ħlas tad-dejn kollu jew ta' parti minnu minn wieħed mid-debituri jestingwi d-dejn, jew il-parti mħallsa, għad-debituri kollha. Għad-dettalji, huma applikabbli r-regoli tal-Parti Kontraenti kkonċernata[81].

L-Artikolu 108(3) KDU

L-Artikolu 91 DA

<u>L-Istati Membri:</u>

L-awtoritajiet doganali jissospendu l-obbligu li jħallsu d-dazji f'każijiet li fihom tal-anqas debitur wieħed ieħor ikun ġie identifikat u jkun ġie informat bl-ammont tad-dejn. Din is-sospensjoni hija limitata għal sena u hija soġġetta għall-kundizzjoni tal-preżentazzjoni ta' garanzija valida li tkopri l-ammont sħiħ tad-dazji kkonċernati minn garanti (l-imblokkar tal-ammont ta' referenza għall-operazzjoni ta' tranżitu kkonċernata ma huwiex ikkunsidrat bħala garanzija tali). Meta l-persuna tkun saret debitur fuq il-bażi tal-Artikolu 79(3)(a) tal-KDU, din is-sospensjoni ma tiġix applikata fil-każ li din il-persuna titqies bħala debitur f'konformità mal-Artikolu 79(3)(b) jew (c) tal-KDU jew jista' jiġi attribwit qerq jew negliġenza ovvja lil din il-persuna.

81 Għall-UE, l-Artikolu 108(3)(c) KDU u l-Artikolu 91 DA jiddefinixxu l-każijiet u l-kundizzjonijiet li fihom l-obbligu tad-debitur li jħallas id-dazju għandu jiġi sospiż għaliex id-dejn doganali ġġarrab skont l-Artikolu 79 KDU u hemm aktar minn debitur wieħed. Huwa f'idejn il-Partijiet Kontraenti l-oħrajn li jiddeċiedu jekk jadottawx dispożizzjonijiet simili dwar id-dejn li jirriżulta fit-territorju tagħhom stess.

VIII.2.4.4 Notifika lid-debitur

L-Artikolu 116(2) u (3) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 102 u 108 sa 112 KDU

L-ammont tad-dejn jiġi kkomunikat lid-debitur li jrid iħallsu billi juża l-metodi tal-Parti Kontraenti kkonċernata, fil-limitu ta' żmien obbligatorju.

Ġeneralment, din in-notifika tintbagħat meta kollox ikun lest sabiex jibdew il-proċeduri ta' rkupru[82].

VIII.2.4.5 Talbiet kontra l-garanti

VIII.2.4.5.1 Responsabbiltà u rilaxx tal-garanti

L-Artikolu 117(1) L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 98(1) KDU

Ir-responsabbiltà *in solidum* ta' garanti għal kwalunkwe dejn imġarrab mill-klijent tiegħu, id-detentur tal-proċedura, tkompli sakemm jifdal possibbiltà li tali krediti jsiru dovuti, sal-limitu li:

- id-detentur tal-proċedura huwa fil-fatt id-debitur fir-rigward ta' dejn imġarrab fil-kors ta' operazzjoni ta' tranżitu koperta minn garanzija pprovduta mill-garanti;
- id-dejn ikun għadu ma ġiex estint, eż. billi jitħallas, jew xorta jista' jirriżulta;
- l-ammont tad-dejn dovut ma jaqbiżx l-ammont massimu garantit mill-garanti[83];
- il-garanti ma jkunx ġie rrilaxxat mill-obbligi tiegħu minħabba li l-awtorità kompetenti ma tibgħat in-notifika fil-perjodu mogħti.

L-Artikolu 117(3), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 98 KDU

L-Artikolu 85(3) DA.

Għalhekk, il-garanti ma jistax jiġi rrilaxxat mill-obbligi tiegħu filwaqt li l-impenn tiegħu jkun għadu jista' jiġi eżerċitat kif deskritt hawn fuq.

VIII.2.4.5.2 Limitazzjoni tar-responsabbiltà mill-garanti

82 dan huwa "meta jkunu f'pożizzjoni li jiddeterminaw l-ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni u jieħdu deċiżjoni dwar" (l-Artikolu 102(3) Kodiċi).

83 Il-garanti huwa responsabbli *in solidum* li jħallas is-somom sal-limitu tal-ammont massimu li jista' jkun ta' 100 % / 50 % / 30 % tal-ammont ta' referenza. Għal aktar informazzjoni, ara l-Parti III – Garanziji.

Il-Punt 2 tad-dokument ta' garanzija Anness C4 Appendiċi II tal-Konvenzjoni

L-Anness 32-03 DA

Fil-każ ta' garanzija komprensiva, il-garanti jista' jillimita r-responsabbiltà tiegħu, fil-każ ta' talbiet suċċessivi għal ħlas, sal-ammont massimu li huwa jkun speċifika. Madankollu, dan il-limitu japplika biss għal operazzjonijiet ta' tranżitu mibdija qabel it-tletin jum wara talba preċedenti għall-ħlas. Ir-raġuni hija li jżomm ir-riskji finanzjarji tal-garanti fil-limiti aċċettabbli. Madankollu, il-konsegwenza hija li, għal operazzjonijiet li jibdew fi żmien xahar wara t-talba, il-kopertura ta' garanzija tista' tkun insuffiċjenti.

Eżempju:

> Id-dokument ta' garanzija jistabbilixxi ammont massimu ta' EUR 50 000. Il-garanti jirċievi l-ewwel talba għal ħlas għal ammont ta' EUR 40 000 fil-15 ta' Jannar u huwa jħallas dak l-ammont.
>
> Il-garanti jista' jillimita r-responsabbiltà tiegħu għall-bilanċ ta' EUR 10 000 għal kwalunkwe operazzjoni ta' tranżitu li tkun bdiet qabel l-14 ta' Frar. Ma tirriżulta l-ebda konsegwenza jekk din l-operazzjoni tkun bdiet qabel jew wara l-15 ta' Jannar u meta tiġi riċevuta t-talba għall-ħlas.

L-Artikolu 2, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 151 IA

L-Artikolu 82 DA

Madankollu, il-garanti huwa għal darb'oħra responsabbli li jħallas l-ammont mitlub, sa EUR 50 000, jekk it-tieni talba għall-ħlas tkun relatata ma' operazzjoni ta' tranżitu mibdija fl-14 ta' Frar jew wara. Madankollu, il-garanti jista' jikkanċella l-impenn ta' garanzija tiegħu fi kwalunkwe ħin u l-kanċellazzjoni ssir effettiva fis-16-il jum wara d-data li fiha jiġi nnotifikat l-uffiċċju tal-garanzija.

VIII.2.4.5.3 Notifika lill-garanti

Jekk l-operazzjoni ma tkunx ġiet irrilaxxata, il-garanti jeħtieġlu jiġi nnotifikat dwar in-nuqqas ta' rilaxx kif ġej:

L-Artikolu 117(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 85(1) DA

L-Artikolu 117(3), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 85(2)

- mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq bl-użu tal-messaġġ ta' "Notifika tal-Garanti" (IE023) jew ittra ekwivalenti fi żmien disa' xhur mid-data li fiha l-merkanzija missha ġiet ippreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni;u mbagħad
- mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-irkupru fi żmien tliet snin mid-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, li huwa jew għadu jista' jsir responsabbli għal kwalunkwe ammont garantit taħt l-operazzjoni ta' tranżitu komuni/tal-Unjoni inkwistjoni.

DA

L-ewwel notifika[84] trid tiddikjara n-numru u d-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, l-isem tal-uffiċċju doganali tat-tluq, id-detentur tal-proċedura u t-test tan-notifika. Jekk tintuża ittra ekwivalenti minflok IE023, hija rrakkomandata l-istess struttura.

It-tieni notifika trid tiddikjara n-numru u d-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, l-isem tal-uffiċċju doganali tat-tluq, isem id-detentur tal-proċedura u l-ammont involut.

L-Artikolu 10(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Sabiex jiġu ffaċilitati t-talbiet kontra l-garanti, huwa meħtieġ ikun stabbilit fil-Parti Kontraenti fejn tiġi pprovduta l-garanzija għal operazzjoni ta' tranżitu komuni partikolari, u jagħti indirizz għan-notifika jew jaħtar aġent f'kull waħda mill-Partijiet Kontraenti involuti f'dik l-operazzjoni.

L-Artikolu 82(1) DA

Jekk l-Unjoni tkun waħda mill-Partijiet Kontraenti, il-garanti jeħtieġlu jindika indirizz għan-notifika jew jaħtar aġent f'kull wieħed mill-Istat Membri. Peress li l-awtorità kompetenti responsabbli għall-irkupru mhux dejjem tkun dik tal-pajjiż fejn tkun ġiet ipprovduta l-garanzija, l-informazzjoni (isem u indirizz) dwar il-garanti jew l-aġent tiegħu f'dak il-pajjiż mhux neċessarjament tkun disponibbli għall-awtorità responsabbli għall-irkupru.

Il-messaġġ ta' "Mistoqsija dwar il-Garanziji" (IE034) irid jintuża f'każijiet bħal dawn u t-tweġiba trid tingħata bil-messaġġ ta' "Tweġiba għall-Mistoqsija dwar il-Garanziji" (IE037)[85].

Jekk il-messaġġ ta' "Talba ta' Rkupru" (IE150) ikun intbagħat mill-uffiċċju tat-tluq, huwa jista' jinkludi l-informazzjoni dwar il-garanti u l-indirizz għan-notifika tiegħu fil-pajjiż tal-awtorità responsabbli għall-irkupru.

L-Artikolu 117(4), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 85(3) DA

Nota:

Il-garanti jiġi rrilaxxat mill-obbligi tiegħu jekk xi waħda min-notifiki ma tkunx inħarġitlu qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien.

DWANA

Jekk il-garanti ma jwiġibx permezz tal-"indirizz għan-notifika" tiegħu, l-awtorità

84 Din l-informazzjoni hija inkluża fil-messaġġ ta' ‹‹Notifika tal-Garanti›› (IE023).

85 Jew, fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat, għandha tintuża l-ittra TC30 li titlob l-indirizzi (ara l-mudell fl-Anness 8.3) f'każijiet bħal dawn.

kompetenti responsabbli għall-irkupru għandha tikkuntattja lill-uffiċċju tal-garanzija direttament.

VIII.2.4.6 Kalkolu tal-ammont tad-dejn

Dan jiddependi minn dawn:

- id-dazji u imposti oħrajn li jsawru d-dejn — li, min-naħa tiegħu, jiddependi fuq il-proċedura ta' tranżitu involuta; u
- l-avvenimenti l-oħrajn li jagħtu lok għal ħlas li jridu jitqiesu.

Id-dmirijiet u / jew imposti oħrajn ivarjaw skont l-arranġament tat-tranżitu użata u l-kundizzjonijiet li jagħtu lok għad-dejn (il-post fejn jiġġarrab id-dejn). Dawn li ġejjin (minbarra arranġamenti preferenzjali ta' importazzjoni) huma sitwazzjonijiet tipiċi:

Tranżitu komuni

Sitwazzjoni 1:

Operazzjoni ta' tranżitu komuni li tinvolvi merkanzija f'ċirkolazzjoni libera f'Parti Kontraenti[86]

Eżempju 1A:

Proċedura T2 ikkombinata ma' konsenja intra-Unjoni [l-Unjoni — l-Iżvizzera — l-Unjoni][87] (l-Artikolu 2 (3) tal-Konvenzjoni)

- jekk l-avvenimenti li jiġġeneraw dejn imġarrab fl-Unjoni: l-ebda dazju ma jkun dovut (minħabba li din hija merkanzija tal-Unjoni), imposti oħrajn jistgħu jkunu dovuti skont ir-regoli dwar it-taxxi nazzjonali applikabbli għall-merkanzija;
- jekk dejn jiġġarrab fl-Iżvizzera: id-dejn ikun rekuperabbli fl-Iżvizzera (dazji u imposti oħrajn).

Eżempju 1B:

Proċedura T2 flimkien mal-esportazzjoni [l-Unjoni — in-Norveġja]

- jekk l-avvenimenti li jiġġeneraw dejn imġarrab fl-Unjoni: l-

86 Merkanzija titqies li tista' tiċċirkola liberament f'Parti Kontraenti li tibda operazzjoni ta' tranżitu komuni u meta tasal f'Parti Kontraenti oħra tiġi ttrattata bħala merkanzija T_2 (jiġifieri merkanzija tal-Unjoni ttrasportata taħt proċedura komuni ta' tranżitu T2).

87 Din hija wkoll proċedura ta' tranżitu intern tal-Unjoni T2 tat-tip imsemmi fl-Artikolu 227 (2)(a) KDU u fl-Artikolu 293 IA.

ebda dazju ma jkun dovut (minħabba li din hija merkanzija tal-Unjoni — l-ebda tibdil fl-istatus tal-merkanzija), imposti oħrajn jistgħu jkunu dovuti skont ir-regoli dwar it-taxxi nazzjonali applikabbli għall-merkanzija. U l-proċedura ta' esportazzjoni ta' qabel u l-miżuri relatati jridu jiġu invalidati;

- jekk dejn jiġġarrab fin-Norveġja: id-dejn ikun rekuperabbli fin-Norveġja (dazji u imposti oħrajn).

L-Artikolu 148(5) DA

Eżempju 1C:

L-Artikolu 340 IA

Proċedura T1 flimkien mal-esportazzjoni ta' merkanzija soġġetta għal ċerti miżuri ta' esportazzjoni[88] [l-Unjoni — l-Iżvizzera] (l-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni)

- jekk l-avvenimenti li jiġġeneraw dejn seħħew fl-Unjoni: l-ebda dazju ma jkun dovut (minħabba li din hija merkanzija tal-Unjoni), imposti oħrajn jistgħu jkunu dovuti skont ir-regoli dwar it-taxxi nazzjonali applikabbli għall-merkanzija. U l-proċedura ta' esportazzjoni ta' qabel u l-miżuri relatati jridu jiġu invalidati;
- jekk dejn jiġġarrab fl-Iżvizzera: id-dejn ikun rekuperabbli fl-Iżvizzera (dazji u imposti oħrajn).

Sitwazzjoni 2:

Operazzjoni ta' tranżitu komuni li tinvolvi merkanzija minn pajjiżi terzi jew minn Partijiet Kontraenti oħrajn[89]

- dazji u imposti oħrajn huma dovuti fil-pajjiż fejn jiġġarrab dejn.

Tranżitu tal-Unjoni u/jew komuni

L-Artikolu 226(1), KDU

Sitwazzjoni 1:

Operazzjoni ta' tranżitu estern tal-Unjoni T1 li tinvolvi merkanzija mhux tal-Unjoni

- dmirijiet (dejn doganali) u imposti oħrajn huma pagabbli fl-Istat Membru fejn jiġġarrab jew jitqies li ġġarrab id-dejn.

L-Artikolu 227 KDU

Sitwazzjoni 2:

Operazzjoni ta' tranżitu intern tal-Unjoni T2

88 Din is-sitwazzjoni tirreferi għall-Artikolu 226 (2) KDU u għall-Artikolu 189 DA li jkopru merkanzija soġġetta għal ċerti miżuri ta' esportazzjoni.

89 Għall-Unjoni: "merkanzija mhux tal-Unjoni" ttrasportata taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu T1 (l-Artikoli 226(1) KDU).

Din hija operazzjoni ta' tranżitu intern tal-Unjoni T2 bejn żewġ punti fl-Unjoni, permezz ta' pajjiż terz li ma jkunx pajjiż ta' tranżitu komuni. Din it-tip ta' operazzjoni żżomm l-istatus ta' merkanzija tal-Unjoni mingħajr ma jiġi sospiż ebda dazju jew imposta oħra għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha.

- l-ebda dazju ma jkun dovut fl-Unjoni, madankollu imposti oħrajn jistgħu jkunu dovuti skont ir-regoli dwar it-taxxi nazzjonali applikabbli għall-merkanzija.

L-Artikolu 227 KDU

Sitwazzjoni 3:

L-Artikolu 1(35) DA

Operazzjoni ta' tranżitu intern tal-Unjoni T2F

- l-ebda dazju (dejn doganali) ma jkun pagabbli iżda imposti oħrajn ikunu dovuti fl-Istat Membru fejn iġġarrab id-dejn.

L-elementi ta' tassazzjoni li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni huma dawk li għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija elenkata fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu. Iridu jiġu ddebitati bir-rati fis-seħħ fiż-żmien meta jiġġarrab id-dejn fil-pajjiż fejn jiġġarrab. Huma kkalkolati billi jintużaw id-dettalji mogħtija fid-dikjarazzjoni u kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta, pereżempju mill-awtoritajiet involuti, mid-detentur tal-proċedura jew minn kwalunkwe dokument miksub sussegwentement.

VIII.3 Irkupru tad-dejn

Dan il-kapitolu jindirizza:

- l-identifikazzjoni tal-awtorità responsabbli għall-irkupru;
- il-proċedura ta' rkupru; u
- l-identifikazzjoni sussegwenti tal-post fejn jirriżulta dejn.

VIII.3.1 Analiżi ġenerali

Il-bażi ġuridika li tirregola l-kompetenza għall-proċedura ta' rkupru hija bbażata fuq il-prinċipju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq hija responsabbli u għandha rwol importanti fit-tnedija tal-proċedura ta' rkupru, fis-sejbien tal-pajjiż kompetenti għal dawn il-kompiti, jew, jekk applikabbli, fl-aċċettazzjoni ta' talba għat-trasferiment tal-kompetenza.

VIII.3.2 Identifikazzjoni tal-awtorità responsabbli għall-irkupru

VIII.3.2.1 Awtorità responsabbli għall-irkupru

L-Artikolu 114(3), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 101(1) KDU

Għall-ġestjoni tajba tal-proċedura u tal-konsegwenzi finanzjarji ta' din il-ġestjoni, huwa essenzjali li tiġi identifikata l-awtorità responsabbli għall-irkupru. L-awtorità responsabbli hija dik tal-pajjiż fejn iġġarrab jew jitqies li ġġarrab id-dejn.

Din l-awtorità hija responsabbli għall-irkupru kemm tad-dejn kif ukoll ta' imposti oħrajn. Madankollu, jekk il-post fejn iġġarrab id-dejn ġie preżunt (l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq hija responsabbli b'mod prestabbilit), din l-awtorità tkun sempliċement ta' quddiem nett u r-responsabbiltà tista' tgħaddi għand awtorità oħra jekk il-post attwali tad-dejn jiġi identifikat b'mod korrett aktar tard. Jekk jiġri dan, il-passi li jmiss jiddependu fuq jekk ikunux involuti aktar minn Parti Kontraenti waħda jew Stati Membri tal-UE biss (ara t-Taqsima VIII.3.3).

VIII.3.2.2 Post fejn jirriżulta d-dejn

Ma hemm l-ebda regola speċifika dwar kif jiġi ddeterminat il-post fejn jirriżulta d-dejn. Għalhekk, jista' jintuża kwalunkwe metodu (rekords doganali, dokumenti ppreżentati mid-detentur tal-proċedura, eċċ.) dment li jkun sodisfaċenti għall-awtorità tal-pajjiż inkwistjoni.

VIII.3.2.2.1 Post fejn iseħħu l-avvenimenti li jwasslu għad-dejn

L-Artikolu 114(1)(a) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Fil-prinċipju, dan jiddependi mid-determinazzjoni tal-post fejn ikunu seħħew l-avvenimenti li jagħtu lok għal dejn.

L-Artikolu 87(1) it-tieni paragrafu KDU

Għalhekk, skont l-avveniment li jagħti lok għad-dejn, il-post fejn iġġarrab id-dejn ikun fejn il-merkanzija tneħħiet illegalment mill-proċedura, fejn ma ġiex issodisfat obbligu jew fejn ma ġietx issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet għat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura.

L-Artikolu 114(1)(b) l-Appendiċi I tal-

Madankollu, l-identifikazzjoni mhux dejjem tkun possibbli. Għalhekk, il-liġi tippermetti l-post fejn iġġarrab id-dejn jiġi supponut meta l-post

Konvenzjoni

L-Artikolu 87(1) it-tielet paragrafu

L-Artikolu 114(2), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 87(1) it-tielet paragrafu KDU

attwali ma jkunx jista' jiġi ddeterminat. Jista' jiġi assunt li jkun:

- il-post fejn l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li l-merkanzija kienet f'sitwazzjoni li tat lok għad-dejn; jew
- bħala l-aħħar istanza, jew fil-pajjiż responsabbli għall-aħħar uffiċċju tad-dħul li fih jinstab li ġie ppreżentat messaġġ ta' "Avviż ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) f'uffiċċju doganali tat-tranżitu jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-pajjiż responsabbli għall-uffiċċju doganali tat-tluq.

VIII.3.2.2.2 Il-post fejn l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li l-merkanziji kienet f'sitwazzjoni li tat lok għad-dejn

L-Artikolu 114(1)(b) l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 87(1) it-tielet paragrafu KDU

Din il-konklużjoni timplika li l-awtoritajiet doganali jeħtiġilhom ikunu jafu fejn tinsab il-merkanzija. Li wieħed sempliċiment jikkonkludi li dejn iġġarrab mingħajr ma jkun jaf fejn hija l-merkanzija ma huwiex biżżejjed sabiex jalloka r-responsabbiltà għall-irkupru. Dan jevita l-possibbiltà li diversi awtoritajiet jikkonkludu li dejn partikolari rriżulta taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom.

VIII.3.2.2.3 Post determinat b'mod prestabbilit

L-Artikolu 114(2), l-Appendiċi I, il-Konvenzjoni

L-Artikolu 87(2) KDU

L-Artikolu 77 DA

Tapplika r-regola għall-awtorità kompetenti li tiddetermina l-post fejn iġġarrab dejn:

- fi żmien seba' xhur mil-limitu ta' żmien għall-wasla tal-merkanzija fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, jew,
- xahar mill-iskadenza tal-limitu ta' żmien ta' 28 jum mogħti lid-detentur tal-proċedura sabiex jipprovdi informazzjoni (wara li tinbeda l-proċedura ta' inkjesta) meta d-detentur tal-proċedura ma jkunx ipprovda informazzjoni jew biżżejjed informazzjoni għat-talba mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq;

jekk jintwera li kien impossibbli li jiġi ddeterminat il-post jew billi jiġu stabbiliti fejn seħħew attwalment l-avvenimenti jew mill-konklużjoni tal-awtoritajiet li l-merkanzija kienet f'sitwazzjoni li tagħti lok għad-dejn.

L-applikazzjoni ta' din ir-regola tiddependi direttament fuq l-eżitu (jew in-nuqqas ta' eżitu) tal-proċedura ta' inkjesta. Madankollu, bħala l-aħħar istanza, iżda fid-dawl tal-kummenti ta' hawn fuq dwar id-determinazzjoni tal-post attwali jew tas-sitwazzjoni tal-merkanzija,

dan il-metodu japplika għal ħafna mill-każijiet.

Jekk l-ebda post ieħor ma ġie identifikat fl-aħħar tas-seba' xhur, id-dejn jitqies li rriżulta kif dettaljat hawn taħt:

fi tranżitu komuni:

- jew fil-pajjiż responsabbli għall-aħħar uffiċċju doganali tat-tranżitu mad-dħul li fih ikun ġie ppreżentat messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) (jew fi proċedura tal-kontinwità tal-operat TC10 Nota ta' avviż ta' tranżitu);
- jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-pajjiż responsabbli għall-uffiċċju tat-tluq.

Eżempju:

– *Operazzjoni ta' tranżitu komuni (pajjiż ta' tranżitu komuni involut)*

[l-Unjoni (il-Ġermanja) — l-Iżvizzera — l-Unjoni (Franza)

Sitwazzjoni I:

jekk l-aħħar messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) (jew, fi proċedura tal-kontinwità tal-operat, in-Nota ta' avviż ta' tranżitu TC10) ġie ppreżentat f'uffiċċju doganali tat-tranżitu mad-dħul fl-Iżvizzera, l-Iżvizzera ssir il-post fejn id-dejn jitqies li ġġarrab.

Sitwazzjoni II:

jekk l-aħħar messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) (jew, fi proċedura tal-kontinwità tal-operat, in-Nota ta' avviż ta' tranżitu TC10) ġie ppreżentat fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu mad-dħul fl-Unjoni fi Franza, Franza ssir il-post fejn id-dejn jitqies li ġġarrab.

Sitwazzjoni III:

jekk ma jinstab l-ebda messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) (jew, fi proċedura tal-kontinwità tal-operat, in-Nota ta' avviż ta' tranżitu TC10), il-Ġermanja titqies li tkun il-post fejn iġġarrab id-dejn għaliex ikun il-pajjiż tat-tluq.

fi tranżitu tal-Unjoni:

- jew fil-post fejn il-merkanzija ddaħħlet għall-proċedura (l-Istat Membru tat-tluq);

- jew fil-post fejn il-merkanzija daħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni taħt il-kopertura tal-proċedura li ġiet sospiża fit-territorju tal-pajjiż terz.

  Eżempji:
  – *Operazzjoni ta' tranżitu tal-Unjoni ma tgħaddix minn pajjiż terz jew minn pajjiż ta' tranżitu komuni*
  [Id-Danimarka — il-Ġermanja — Franza — Spanja]

  Ma huwa involut l-ebda uffiċċju tat-tranżitu. Bħala l-pajjiż tat-tluq, id-Danimarka titqies li tkun il-post fejn iġġarran id-dejn.

  – *Operazzjoni ta' tranżitu tal-Unjoni li tgħaddi minn pajjiż terz wieħed jew aktar minbarra pajjiżi ta' tranżitu komuni u li tinvolvi uffiċċji tat-tranżitu mat-tluq mill-Unjoni u mad-dħul fiha*
  [L-Unjoni (ir-Rumanija) — l-Ukrajna — (l-Unjoni) [90] il-Polonja]

  Sitwazzjoni I:

  Jekk ikun ġie ppreżentat messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) (jew, fil-każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, Nota ta' avviż ta' tranżitu TC10) fl-uffiċċju tat-tranżitu fejn il-merkanzija inkwistjoni tkun iddaħħlet fil-Polonja taħt il-proċedura, il-Polonja titqies li tkun il-post fejn iġġarrab id-dejn.

  Sitwazzjoni II:

  Jekk ma jinstab l-ebda messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) (jew, fi proċedura tal-kontinwità tal-operat, in-Nota ta' avviż ta' tranżitu TC10), ir-Rumanija (il-pajjiż tat-tluq) titqies li tkun il-post fejn iġġarrab id-dejn.

Artikolu 5 Konvenzjoni

NB: Jekk ikun ġie ppreżentat messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) (jew, fil-każ ta' proċedura tal-kontinwità tal-operat, in-Nota ta' avviż ta' tranżitu TC10) fl-uffiċċju tat-tranżitu mat-tluq mill-Unjoni (il-Greċja) iżda xejn ma kien ippreżentat mad-dħul fit-Turkija, l-ebda dejn ma jitqies li ġġarrab billi kwalunkwe tneħħija illegali tal-merkanzija ma seħħ taħt kopertura tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, iżda f'pajjiż terz li fit-territorju tiġi sospiża l-proċedura (u s-sorveljanza doganali mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi involuti). Din is-sitwazzjoni tista' ssegwi wara l-konklużjoni tal-proċedura ta' inkjesta (għal aktar dettalji dwar il-proċedura ta'

90 Dan hija wkoll proċedura komuni ta' tranżitu estern tat-tip imsemmi fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

inkjesta, ara l-Parti VII).

VIII.3.3 Proċedura ta' rkupru

L-Artikolu 114, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tiddetermina s-sejbiet tagħha fil-limiti ta' żmien stipulati (ara t-Taqsima VIII. 3.2.2.3.).

L-Artikolu 87 KDU

L-Artikolu 77 DA

L-Artikolu 105 KDU

L-Istati Membri:

Id-dejn doganali jrid jiddaħħal fil-kontijiet fi żmien 14-il jum mill-iskadenza tal-limitu ta' żmien ta' seba' xhur sabiex il-merkanzija tasal fid-destinazzjoni tagħha.

VIII.3.3.1 Messaġġi ta' skambju ta' informazzjoni

Sabiex tiġi skambjata informazzjoni addizjonali jew sabiex isiru mistoqsijiet dwar moviment speċifiku, il-messaġġ ta' "Informazzjoni dwar Inkjesta u Rkupru" (IE144) u l-messaġġ ta' "Talba għal Informazzjoni dwar Inkjesta u Rkupru" (IE145) jistgħu jintbagħtu fi kwalunkwe waqt matul il-proċedura ta' inkjesta u ta' rkupru.

Dan l-iskambju ta' informazzjoni jista' jinbeda jew mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni; ma hija meħtieġa l-ebda tweġiba (mhux messaġġi akkoppjati) sabiex titkompla l-proċedura.

Il-messaġġ IE144 jintuża mill-uffiċċju doganali tat-tluq; il-messaġġ IE145 jintuża mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Jekk ikun meħtieġ li jiġu inklużi xi dokumenti addizzjonali fuq il-karti, dawn jistgħu jintbagħtu permezz ta' mezzi oħrajn (fax, posta elettronika, posta, eċċ.) direttament lill-persuna ta' kuntatt indikata fil-messaġġi, b'referenza ċara għall-MRN tal-moviment li jappartjenu għalih u, jekk jintbagħtu b'mezz fuq il-karti, taħt il-kopertura tal-formola TC20A (huwa pprovdut mudell fl-Anness VII.8.4).

VIII.3.3.2 Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bl-għan ta' rkupru

L-Artikolu 13a il-Konvenzjoni,

L-Appendiċi IV tal-Konvenzjoni

Id-Direttiva tal-

Sakemm ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat immedjatament u mingħajr ambigwità l-post attwali fejn seħħ l-avveniment li jagħti lok għal dejn (tneħħija illegali, nuqqas ta' konformità ma' kundizzjoni), l-awtorità kompetenti tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet.

Kunsill 2010/24/UE

L-Artikolu 118, l-ewwel paragrafu l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 165(2) IA

Il-pajjiżi jridu jassistu lil xulxin, mhux biss fl-istadju ta' rkupru nnifsu, iżda wkoll qabel dan, fl-istadju tad-determinazzjoni tal-awtorità responsabbli għall-irkupru. Dan ifisser l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar l-informar tad-detentur tal-proċedura li l-proċedura tiegħu tkun għadha ma tlestietx kif ukoll ir-regoli li jirregolaw il-proċedura ta' inkjesta (Ara l-Parti VII).

L-Artikolu 118, it-tieni paragrafu l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 165 IA

Barra minn hekk, l-assistenza reċiproka trid tinżamm ladarba l-awtorità responsabbli għall-irkupru tkun ġiet iddeterminata. Dik l-awtorità jeħtiġilha żżomm l-uffiċċju doganali tat-tluq u l-uffiċċju doganali tal-garanzija informat bl-azzjoni meħuda sabiex jiġi rkuprat id-dejn bl-użu tan-"Notifika ta' Dispaċċ ta' Rkupru" (IE152). Sabiex tinżamm konformità ma' dan ir-rekwiżit, l-awtorità jeħtiġilha tikkomunika kwalunkwe passi legalment sinifikanti li tkun ħadet li jkollu effett fuq l-irkupru (il-prosekuzzjoni, l-infurzar, il-ħlas).

Il-lista ta' awtoritajiet responsabbli għall-irkupru f'kull pajjiż tidher fuq il-paġna ewlenija tas-sit web ta' Europa "Transit-COL" (http://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/col/col_home.jsp?Lang=en) għall-movimenti tal-NCTS u fl-Anness VIII.8.1 għall-movimenti mibdijin taħt il-proċedura tal-kontinwità tal-operat.

Dawn l-iskambji ta' informazzjoni jsiru wisq aktar importanti meta l-awtorità identifikata bħala responsabbli għall-irkupru ma tkunx l-awtorità tal-pajjiż tat-tluq b'responsabbiltà għall-bidu u għall-monitoraġġ tal-proċedura ta' inkjesta. Jekk ikunu involuti awtoritajiet differenti, huwa importanti li l-awtorità li tagħti bidu għall-proċedura ta' inkjesta tista' tkun żgur li kwalunkwe riżultat li tikseb fil-fatt jittieħed inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-awtorità responsabbli għall-irkupru. Dan l-approċċ jipprevjeni l-ftuħ ta' diversi proċedimenti ta' rkupru għall-istess dejn u kwalunkwe dewmien fin-notifika lid-debitur u lill-garanti — u, għalhekk, ħela ta' riżorsi. Dan japplika wkoll jekk l-awtorità ta' pajjiż ta' destinazzjoni jew ta' pajjiż ta' tranżitu tikkunsidra li — anki qabel jew indipendentement minn meta tirċievi notifika ta' inkjesta — ikollha informazzjoni (evidenza ta' avvenimenti li jwasslu għal dejn jew ta' merkanzija skoperta f'sitwazzjoni li tagħti lok għal dejn) li tistabbilixxi dak il-pajjiż bħala dak responsabbli għall-irkupru.

VIII.3.3.3 Talba ta' rkupru mill-awtorità kompetenti tat-tluq

Għad-determinazzjoni mingħajr ekwivoku liema awtorità hija responsabbli għall-irkupru, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq trid tibda l-proċedura ta' inkjesta, sakemm ma jkunx jista' jiġi stabbilit li l-ebda pajjiż ieħor ma kien involut fl-operazzjoni ta' tranżitu.

L-Artikolu 50(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 311(1) IA

L-Artikolu 114, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 77 DA

Meta l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tikseb evidenza b'liema mezz ikun fir-rigward tal-post fejn jirriżulta d-dejn doganali qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien għall-bidu tal-proċedura ta' rkupru fit-tluq, u dan il-post jidher li jkun fi Stat Membru ieħor jew f'Parti Kontraenti, il-messaġġ ta' "Talba ta' Rkupru" (IE150) irid jintbagħat minnufih lil din l-awtorità sabiex possibbilment tgħaddilu l-kompetenza għall-irkupru (ara wkoll it-Taqsima VIII.3.2.2.3). Imbagħad, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni jista' jew jaċċetta jew jirrifjuta t-talba (ara t-Taqsima VIII.3.3.5).

VIII.3.3.4 Talba ta' rkupru minn awtorità kompetenti oħra

Kwalunkwe awtorità ta' pajjiż involut f'operazzjoni ta' tranżitu li tiskopri sitwazzjoni li, taħt il-proċedura, b'mod inekwivoku tagħti lok għal dejn fil-pajjiż tagħha stess (eż. tneħħija illegali ta' merkanzija matul it-trasport, nuqqas ta' ssodisfar ta' kundizzjoni) jeħtiġilha titlob lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tgħaddi l-kompetenza għall-bidu tal-proċedura ta' rkupru.

Jekk jinstab li l-merkanzija tkun "sparixxiet" matul il-ġarr jew kienet nieqsa fid-destinazzjoni — mhux akkompanjata minn xi informazzjoni dwar il-post fejn tneħħiet illegalment jew fejn tista' tinstab — ma huwiex biżżejjed li jiġi stabbilit li l-awtorità tal-pajjiż li għamlet is-sejba tkun l-awtorità responsabbli għall-irkupru. Hawnhekk, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż li għamlet is-sejba jeħtiġilha titlob lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq billi tibgħat jew:

- il-messaġġ ta' "Tweġiba għal Inkjesta" (IE143) bil-kodiċi tat-tweġiba "4" (Talba ta' Rkupru fid-Destinazzjoni) jekk tkun innotifikat ir-responsabbiltà tagħha bħala parti minn proċedura ta' inkjesta; jew
- il-messaġġ ta' "Talba ta' Rkupru" (IE150) li jitlob it-trasferiment ta' kompetenza jekk tkun skopriet merkanzija f'sitwazzjoni li tagħti lok għal dejn fil-pajjiż tagħha stess. Dan il-messaġġ IE150 jista' jintbagħat minn kull uffiċċju li jqis li jkun kompetenti għall-irkupru fi kwalunkwe waqt matul il-proċedura (wara r-rilaxx għal

tranżitu u sakemm l-istatus tal-moviment ikun "Taħt proċedura ta' rkupru").

Proċedura tal-kontinwità tal-operat

Fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat, kwalunkwe awtorità ta' pajjiż involut li tiskopri sitwazzjoni li tagħti lok għal dejn fil-pajjiż tagħha stess jeħtiġilha tinforma lill-awtorità tal-pajjiż tat-tluq billi tibgħat messaġġ ta' "Notifika ta' informazzjoni" (TC24) li jikkonforma mal-mudell ipprovdut fl-Anness VIII.8.2. li hija trid tieħu r-responsabbiltà għall-irkupru. Din l-informazzjoni trid tasal għand l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq qabel ma tgħaddi l-iskadenza. Din l-awtorità jeħtiġilha tirrikonoxxi li rċiviet il-komunikazzjoni mingħajr dewmien u tindika jekk l-awtorità rikjedenti tkunx responsabbli għall-irkupru billi tirritorna l-messaġġ TC24 komplut.

VIII.3.3.5 Aċċettazzjoni tal-irkupru mill-awtorità li ssirilha t-talba

L-Artikolu 115, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 87(4) KDU

L-Artikolu 311 IA

L-awtorità kompetenti mitluba tirkupra, jew tiddelega l-kompetenza tal-irkupru, jeħtiġilha twieġeb it-talba billi tibgħat il-messaġġ ta' "Notifika ta' Aċċettazzjoni tal-Irkupru" (IE151) filwaqt li tindika "Iva" jew "Le" għat-trasferiment tal-kompetenza (jekk ma jiġi ppreżentat l-ebda messaġġ IE118 jew IE006). Jekk it-tweġiba tkun "Le", il-kompetenza tibqa' tal-pajjiż tat-tluq. Jekk it-tweġiba tkun "Iva", il-kompetenza tiġi ttrasferita lill-pajjiż li jaċċetta t-talba, dak il-pajjiż għandu jibda bil-proċedura ta' rkupru. Il-pajjiż tat-tluq għandu jinforma lid-detentur tal-proċedura b'dan.
Il-messaġġ ta' "Notifika ta' Aċċettazzjoni ta' Rkupru" (IE151) irid jintbagħat fi żmien 28 jum.

Jekk id-dejn doganali jkun anqas minn EUR 10 000, anki jekk l-uffiċċju doganali kompetenti għall-irkupru ma jkunx l-uffiċċju doganali tat-tluq (jiġifieri jkun l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tat-tranżitu), dak l-uffiċċju doganali l-ewwel għandu jibgħat il-messaġġ tal-IE150 lill-uffiċċju doganali tat-tluq, li dejjem iwieġeb bil-messaġġ IE151 filwaqt li jindika "Iva". Imbagħad, l-uffiċċju doganali kompetenti għall-irkupru jdaħħal ir-referenza għall-Artikolu 87(4) tal-Kodiċi[91] fil-messaġġ IE150. Il-kompetenza ma tistax tinbidel mill-uffiċċju doganali tat-tluq, iżda dak l-uffiċċju doganali jrid jiġi informat sabiex jissorvelja kif xieraq il-proċedura kollha ta' rkupru.

[91] Proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni biss.

Nota:
Operazzjonijiet ta' tranżitu komuni (eżempju: L-Italja — l-Iżvizzera — il-Ġermanja):
Jekk jinstab li messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) ikun ġie ppreżentat f'uffiċċju tat-tranżitu mad-dħul f'Parti Kontraenti oħra (fl-Iżvizzera; u ma jkun ġie ppreżentat l-ebda messaġġ IE118 mad-dħul fil-Ġermanja), dik l-awtorità għandha taċċetta t-talba għall-irkupru u tibgħat il-messaġġ tan-"Notifika ta' Aċċettazzjoni ta' Rkupru" (IE151) li jindika "Iva" għat-trasferiment tal-kompetenza mingħajr dewmien (mhux aktar tard minn 28 jum). Imbagħad, il-pajjiż li jaċċetta r-responsabbiltà jibda l-proċedura ta' rkupru.

Operazzjonijiet ta' tranżitu tal-Unjoni bejn żewġ punti fit-territorju doganali tal-Unjoni permezz ta' pajjiż terz (eżempju: l-Unjoni (il-Polonja) — l-Ukrajna — l-Unjoni (ir-Rumanija)
Jekk jinstab li messaġġ ta' "Avviż ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) ikun ġie ppreżentat f'uffiċċju tat-tranżitu fi Stat Membru ieħor (ir-Rumanija) u l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tkun ikkonkludiet li l-Istat Membru li jkun responsabbli għall-irkupru, l-awtorità li tirċievi l-messaġġ ta' "Talba ta' Rkupru" (IE150) jeħtiġilha taċċetta t-talba għall-irkupru u tibgħat il-messaġġ ta' "Notifika ta' Aċċettazzjoni ta' Rkupru" (IE151) billi tindika "Iva" għat-trasferiment tal-kompetenza mingħajr dewmien (fi żmien mhux aktar tard minn 28 jum). Imbagħad, l-Istat Membru li jaċċetta r-responsabbiltà jibda l-proċedura ta' rkupru.

Operazzjonijiet ta' tranżitu tal-Unjoni bejn żewġ punti fit-territorju doganali tal-Unjoni
(eżempju: Il-Litwanja-Franza)
Jekk l-awtorità doganali tal-pajjiż tad-destinazzjoni stabbiliet dejn doganali li għandu jiġġarrab, iżda dak id-dejn ikun anqas minn EUR 10 000, dik l-awtorità tibgħat it-"Talba ta' Rkupru" (IE150) b'referenza għall-Artikolu 87(4) tal-Kodiċi lill-awtorità doganali mat-tluq, u titlob għat-trasferiment tal-kompetenza. L-awtorità li tirċievi dak il-messaġġ jeħtiġilha taċċetta dik it-talba u tibgħat il-messaġġ ta' "Notifika ta' Aċċettazzjoni ta' Rkupru" (IE151) filwaqt li jindika "Iva" għat-trasferiment tal-kompetenza mingħajr dewmien (mhux aktar tard minn 28 jum). Imbagħad, l-Istat Membru li jaċċetta r-responsabbiltà jibda l-proċedura ta' rkupru.

DWANA
L-ebda tweġiba għat-talba ta' rkupru

Jekk l-awtorità kompetenti fid-destinazzjoni ma tirreaġixxix, billi jew tibgħat il-messaġġ ta' "Tweġiba għal Inkjesta" (IE143) jew tieħu aktar responsabbiltà għall-irkupru billi tibgħat il-messaġġ ta' "Avviż ta' Aċċettazzjoni ta' Rkupru" (IE151) fil-limitu ta' żmien miftiehem (mhux aktar tard minn 28 jum), l-uffiċjali lokali ta' tranżitu ta' kollegament (ara l-Ktejjeb tal-Indirizzi tan-Network ta' Tranżitu fuq is-sit web Europa) tal-pajjiż li ssirlu t-talba għandhom jiġu informati, bil-prova neċessarja, sabiex jieħdu azzjoni, minħabba li l-kompetenza għandha tittieħed mill-awtorità li ssirilha t-talba. Jekk dak ma jkollux l-impatt neċessarju, il-helpdesk nazzjonali u l-koordinatur nazzjonali tat-tranżitu tal-pajjiż tat-tluq għandhom jiġu informati sabiex jieħdu azzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tiżgura li l-kompetenza tiġi aċċettata qabel ma tirrevoka l-miżuri ta' rkupru tagħha.
L-istess proċedura tapplika jekk l-awtorità kompetenti għall-irkupru tkun tinsab f'pajjiż ta' tranżitu (jiġifieri jekk il-messaġġ ta' "Notifika ta' Qsim tal-Fruntiera" (IE118) ikun intbagħat lill-uffiċċju doganali tat-tluq, iżda l-merkanzija ma tkunx ġiet ikkonsenjata fil-post tad-destinazzjoni).
Irid jitfakkar li hemm obbligu legali ta' tweġib għal dawn il-messaġġi.

VIII.3.3.6 Komunikazzjoni tal-bidu tal-proċedura ta' rkupru

Meta l-kompetenza għall-irkupru tkun ġiet determinata bl-iskambju tal-messaġġi ta' "Talba ta' Rkupru" (IE150) u "Avviż ta' Aċċettazzjoni ta' Rkupru" (IE151), l-awtorità tal-pajjiż tat-tluq jeħtiġilha tibgħat il-messaġġ ta' "Komunikazzjoni ta' Rkupru" (IE063) lill-uffiċċji kollha li rċevew messaġġ IE001, IE003, IE050 jew IE115 relatat mal-moviment, filwaqt li tgħarrafhom li ma għandhomx ikomplu jistennew moviment b'dak l-MRN. Din il-komunikazzjoni tinforma lill-uffiċċji kkonċernati li l-moviment mhuwiex se jasal u jinsab "Taħt proċedura ta' rkupru" u li l-użu tal-messaġġi ta' "Avviż tal-Wasla" (IE006), ta' "Riżultati tal-Kontroll" (IE018), ta' "Talba ta' Rkupru" (IE150) u "Notifika ta' Aċċettazzjoni ta' Rkupru" (IE151) huma mblokkati. Messaġġi ta' informazzjoni IE144 u IE145 (ara t-Taqsima VIII.3.3.1) xorta jistgħu jiġu skambjati sakemm jitlesta l-irkupru.

Trid issir notifika:

- lid-detentur tal-proċedura billi jintbagħatlu l-messaġġ ta' "Notifika ta' Rkupru" (IE035) jew ittra ekwivalenti,

u,

- lill-garanti billi jintbagħat il-messaġġ ta' "Notifika tal-Garanti" (IE023) jew ittra ekwivalenti (għal aktar informazzjoni, ara t-Taqsima VIII.2.4.5.3).

Il-messaġġ ta' "Notifika ta' Rkupru" (IE035) lid-detentur tal-proċedura jiddikjara n-numru u d-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, l-isem tal-uffiċċju doganali tat-tluq, l-isem tad-detentur tal-proċedura u l-ammont u l-munita mitlubin.

Min-naħa l-oħra, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq, bħala riżultat tas-sejbiet tagħha jew bħala reazzjoni għal messaġġi ta' "Tweġiba għal Inkjesta" (IE143) li jaslu u li jindikaw il-kodiċi "4", messaġġi ta' "Talba ta' Rkupru" (IE150) jew informazzjoni suffiċjenti, jeħtiġilha tittrasferixxi r-responsabilità lil Stat Membru ieħor jew lil Parti Kontraenti jew li taċċetta r-responsabbiltà hija stess.

Fl-aħħar tal-proċedura (meta jinġabru kull dazju u taxxa), l-awtorità responsabbli għall-irkupru (jekk mhux il-pajjiż tat-tluq) trid tinforma lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq dwar l-irkupru tad-dejn billi tibgħat il-messaġġ ta' "Notifika ta' Dispaċċ ta' Rkupru" (IE152). L-awtorità kompetenti tal-pajjiż tat-tluq tgħaddi jew tibgħat il-messaġġ IE152 lill-uffiċċji kollha involuti fil-moviment (ħlief lil dak li jkun bagħtu).

VIII.3.4 Identifikazzjoni sussegwenti tal-post fejn jirriżulta dejn

L-Artikolu 114(1), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 87 KDU

Ir-riżultat tal-proċess ta' identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti b'mod prestabbilit jista' jirriżulta li jkun proviżorju, iżda dan ma jinvalida l-ebda pass diġà meħud sabiex jiġi rkuprat id-dejn inkwistjoni.

VIII.3.4.1 Evidenza ġdida wara l-bidu tal-proċeduri ta' rkupru

Xi drabi l-post ma jiġix identifikat qabel ma jkun għadda ċertu żmien, meta jirriżulta li awtorità differenti missha kienet dik responsabbli għall-irkupru.

L-Artikolu 115, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikoli 311 u 167(1) IA

Kwalunkwe mezz jista' jintuża sabiex l-awtorità, inizjalment iddeterminata bħala dik li jkollha r-responsabbiltà għall-irkupru, tiġi pprovduta b'evidenza tal-post fejn id-dejn fil-fatt irriżulta.

Jekk tiġi pprovduta evidenza bħal din u l-messaġġi ta' "Talba ta' Rkupru" (IE150) u ta' "Notifika ta' Aċċettazzjoni ta' Rkupru" (IE151) diġà jkunu ġew skambjati għat-trasferiment tal-kompetenza għall-irkupru, l-awtorità kompetenti oriġinali tibqa' kompetenti fl-

NCTS (il-kanċellazzjoni tal-messaġġ IE151 mhijiex possibbli) u tirrapporta l-każ kif xieraq fl-NCTS tagħha għal mistoqsijiet possibbli/bħala prova aktar tard. Il-messaġġi ta' "Informazzjoni dwar Inkjesta u Rkupru" (IE144) u ta' "Talba għal Informazzjoni dwar Inkjesta u Rkupru" (IE145) jistgħu jintużaw għal dan l-għan.

L-awtorità inizjalment iddeterminata għal irkupru jeħtiġilha immedjatament tipprovdi lill-awtorità preżunta bħala responsabbli għall-irkupru bid-dokumenti rilevanti kollha, inkluża kopja tal-fatti pprovati, billi tibgħat notifika ta' rkupru TC25 li tikkonforma mal-mudell ipprovdut fl-Anness VIII.8.2. L-awtorità l-ġdida jeħtiġilha tirrikonoxxi r-riċevuta tal-komunikazzjoni u tindika fi żmien 3 xhur minn meta tibgħat it-TC25 jekk taċċettax ir-responsabbiltà għall-irkupru billi jirritorna it-TC25 mimlija lill-awtorità inizjalment iddeterminata għall-irkupru. Fejn ma tiġix riċevuta tweġiba bħal din fil-perjodu ta' tliet xhur, l-awtorità inizjalment iddeterminata bħala responsabbli jeħtiġilha tkompli bl-isforzi ta' rkupru tagħha.

Wara l-ġbir tad-dejn, dan l-uffiċċju ġdid jinforma lill-awtorità kompetenti oriġinali dwar it-tlestija tal-proċedura ta' rkupru sabiex l-awtorità kompetenti oriġinali tkun tista' tibgħat il-messaġġ ta' "Notifika ta' Dispaċċ ta' Rkupru" (IE152) lill-uffiċċju tat-tluq, li jgħaddih lill-uffiċċji l-oħrajn involuti kollha sabiex jagħlqu l-moviment fis-sistemi kollha.

VIII.3.4.2 Awtorità kompetenti ġdida u miżuri ta' rkupru ġodda

L-Artikolu 115, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

Jekk l-awtorità l-ġdida taċċetta t-trasferiment tar-responsabbiltà, jeħtiġilha tibda l-miżuri ta' rkupru tad-dejn tagħha stess.

L-Artikoli 311 u 167(1) u (3) IA

Jekk l-awtorità ġdida tkun kompetenti, jeħtiġilha tinforma immedjatament lill-awtorità kompetenti oriġinali (anki wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet xhur imsemmi aktar 'il fuq), li mbagħad tissospendi l-miżuri ta' rkupru tagħha jekk dawn ma jkunux diġà rriżultaw fi ħlas tal-ammonti kkonċernati. Il-messaġġi ta' "Informazzjoni dwar Inkjesta u Rkupru" (IE144) u ta' "Talba għal Informazzjoni dwar Inkjesta u Rkupru" (IE145) jistgħu jintużaw għal dan l-għan.

Jekk l-awtorità kompetenti oriġinali u l-awtorità l-ġdida jkunu awtoritajiet ta' Stati Membri differenti tal-UE, l-azzjoni ta' rkupru l-

ġdida tinvolvi rkupru ta' imposti_oħrajn biss (għaliex ikunu involuti żewġ territorji fiskali differenti), peress li ma jkun hemm l-ebda dejn doganali x'jiġi rkuprat peress li ż-żewġ Stati Membri jkunu parti mill-istess territorju doganali.

Min-naħa l-oħra, jekk l-awtoritajiet u l-postijiet jappartjenu għal żewġ Partijiet Kontraenti differenti, iridu jiġu rkuprati kemm id-dazju (minħabba li jkunu involuti territorji doganali differenti) kif ukoll imposti oħrajn (minħabba li jkunu involuti territorji fiskali differenti).

VIII.3.4.3 Konsegwenzi għall-irkupru oriġinali

L-Artikolu 118, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 165 IA

Ladarba l-awtorità l-ġdida responsabbli għall-irkupru ttemm proċedimenti ta' rkupru u tkun bagħtet il-messaġġ ta' "Notifika ta' Dispaċċ ta' Rkupru" (IE152), l-awtorità kompetenti oriġinali għall-irkupru:

- jew tannulla l-miżura ta' rkupru li bdiet iżda ma lestietx (u mbagħad issospendiet); jew
- tħallas lura lid-debitur (jew lill-garanti) is-somom li diġà tkun irkuprat.

Nota:

Jekk l-awtoritajiet u l-postijiet ikunu jappartjenu għall-istess Parti Kontraenti, huma biss l-imposti miġburin minbarra d-dazju doganali li jkollhom jitħallsu lura.

VIII.3.4.4 Konsegwenzi għall-irkupru

VIII.3.4.4.1 Notifika lill-uffiċċji doganali tat-tluq u l-garanzija tal-irkupru jew tar-rilaxx

L-Artikolu 118, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 165 IA

L-awtorità responsabbli għall-irkupru jeħtiġilha tinforma lill-uffiċċju tat-tluq dwar il-ġbir ta' dazji u ta' imposti oħrajn bil-messaġġ ta' "Notifika ta' Dispaċċ ta' Rkupru" (IE152), sabiex l-uffiċċju doganali tat-tluq ikun jista' jibgħat il-messaġġ ta' "Notifika ta' Dispaċċ ta' Rkupru" (IE152) lill-uffiċċji kollha involuti fil-moviment. Il-bgħit tal-messaġġ IE152 mill-uffiċċju tat-tluq jirrilaxxa l-moviment fis-sistema.

Barra minn hekk, l-uffiċċju doganali tat-tluq jinforma lill-uffiċċju doganali tal-garanzija billi juża l-messaġġ ta' "Ammont ta' Referenza tal-Kreditu" (IE209) u, jekk dan ma jkunx sar qabel, jinforma lid-detentur tal-proċedura billi juża l-messaġġi ta' "Notifika ta' Rkupru"

(IE035) u ta' "Notifika ta' Kanċellazzjoni" (IE045).

VIII.3.4.4.2 Notifika lill-garanti dwar l-irkupru jew ir-rilaxx

L-Artikolu 117(4), l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 85 DA

Jekk il-garanti jkun ġie nnotifikat li wieħed mill-movimenti tal-klijent tiegħu ma jkunx ġie segwit, l-awtorità kompetenti responsabbli għall-irkupru għandha aktar tard tinforma lilu jekk id-dejn hu sussegwentement irkuprat (mid-debitur) jew il-proċedura sussegwentement rilaxxata bl-użu tal-messaġġ ta' "Avviż ta' rilaxx" (IE045) jew ittra ekwivalenti.

VIII.4 Sitwazzjonijiet speċifiċi (*pro memoria*)

VIII.5 Eċċezzjonijiet (*pro memoria*)

VIII.6 Struzzjonijiet nazzjonali speċifiċi (riżervati)

VIII.7 Parti ristretta għall-użu doganali biss

VIII.8 Annessi

VIII.8.1 Lista ta' awtoritajiet responsabbli għall-irkupru fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat

Għall-aħħar verżjoni ta' din il-lista, jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-link li ġejja:

EUROPA:

https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-procedures/what-is-customs-transit/common-union-transit_en

VIII.8.2 Notifika ta' informazzjoni TC24 u notifika ta' rkupru TC25

TC24
TRANŻITU TAL-UNJONI/KOMUNI

NOTIFIKA TA' INFORMAZZJONI

DETERMINAZZJONI TAL-AWTORITÀ RESPONSABBLI GĦALL-IRKUPRU
f'konformità mal-Artikoli 311 u 167 IA/mal-Artikolu 115, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

1. Awtorità rikjedenti	**2. Awtorità li ssirilha t-talba**
Isem u indirizz sħiħ: Nru ta' Referenza: Fax: Posta elettronika:	Isem u indirizz sħiħ:

3. Dikjarazzjoni tat-Tranżitu

Nru:
Uffiċċju tat-tluq:
Data:

Il-proċedura ta' inkjesta nbdiet: ☐ Iva
Data:
Referenza:
☐ Le

4a. Talba

☐ L-awtorità rikjedeneti tal-pajjiż tat-tluq b'dan tinnotifika li l-awtorità li ssirilha t-talba se tkun responsabbli għall-irkupru tad-dejn fir-rigward tal-operazzjoni ta' tranżitu msemmija aktar 'il fuq. Dan huwa bbażat fuq il-fatti li ġejjin:
……
……
Id-dokumenti li ġejjin huma mehmużin:
……
……
Informazzjoni dwar il-garanti:
……
……

4b. Talba

☐ L-awtorità ta' pajjiż li ma jkunx il-pajjiż tat-tluq u li ssirilha t-talba, b'dan tinnotifika li hija se tkun responsabbli għall-irkupru tad-dejn fir-rigward tal-operazzjoni tat-tranżitu msemmija aktar 'il fuq. Dan huwa bbażat fuq il-fatti li ġejjin:
……
……Id-dokumenti li ġejjin huma mehmużin:
……
……

5. Għall-awtorità rikjedenti

Post:
Data:

Firma: **Timbru**

6a. L-irċevuta u t-tweġiba għat-talba fil-kaxxa 4a. (għandha tintbagħat lura lill-awtorità rikjedenti)

☐ L-awtorità ta' pajjiż li ma jkunx il-pajjiż tat-tluq u li qed issirilha t-talba tirrikonoxxi li rċiviet il-komunikazzjoni u:

☐ tikkonferma li hija responsabbli għall-irkupru tad-dejn fir-rigward tal-operazzjoni ta' tranżitu msemmija aktar 'il fuq.

☐ tinnotifika li ma hijiex responsabbli għall-irkupru tad-dejn fir-rigward tal-operazzjoni ta' tranżitu msemmija aktar 'il fuq. Dan huwa bbażat fuq il-fatti li ġejjin:
……
…….....

6b. L-irċevuta u t-tweġiba għat-talba fil-kaxxa 4b. (għandha tintbagħat lura lill-awtorità rikjedenti)

☐ L-awtorità tal-pajjiż tat-tluq li ssirilha t-talba tirrikonoxxi li rċiviet il-komunikazzjoni u:

☐ tikkonferma li l-awtorità rikjedenti hija responsabbli għall-irkupru tad-dejn fir-rigward tal-operazzjoni ta' tranżitu msemmija aktar 'il fuq.

☐ tinnotifika li l-awtoritajiet rikjedenti ma humiex responsabbli għall-irkupru tad-dejn fir-rigward tal-operazzjoni ta' tranżitu msemmija aktar 'il fuq. Dan huwa bbażat fuq il-fatti li ġejjin:
……
…….....
Informazzjoni dwar il-garanti:

7. Għall-awtorità li ssirilha t-talba

Post:
Data:

Firma: **Timbru**

TC25
TRANŻITU TAL-UNJONI/KOMUNI

NOTIFIKA TA' RKUPRU

DETERMINAZZJONI TAL-AWTORITÀ RESPONSABBLI GĦALL-IRKUPRU
f'konformità mal-Artikoli 311 u 167 IA/mal-Artikolu 115), mal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni

1. Awtorità rikjedenti	**2. Awtorità li ssirilha t-talba**
Isem u indirizz sħiħ: Nru ta' Referenza: Fax: Posta elettronika:	Isem u indirizz sħiħ:

3. Dikjarazzjoni tat-Tranżitu

Nru:
Uffiċċju tat-tluq:
Data:

Il-proċedura ta' inkjesta nbdiet: ☐ Iva
Data:
Referenza:
☐ Le

4. Talba

L-awtorità rikjedenti b'dan tinnotifika li l-awtorità li ssirilha t-talba se tkun responsabbli għall-irkupru tad-dejn fir-rigward tal-operazzjoni ta' tranżitu msemmija aktar 'il fuq. Dan huwa bbażat fuq il-fatti li ġejjin:
……
…….
Id-dokumenti li ġejjin huma mehmużin:
……
……...

5. Informazzjoni dwar il-garanti

6. Għall-awtorità rikjedenti

Post:
Data:
Firma: **Timbru**

7. L-irċevuta (għandha tintbagħat lura lill-awtorità rikjedenti)

L-awtorità li ssirilha t-talba tirrikonoxxi li rċiviet il-komunikazzjoni u tinnotifika li

☐ hija responsabbli għall-irkupru tad-dejn fir-rigward tal-operazzjoni ta' tranżitu msemmija aktar 'il fuq.

☐ ma hijiex responsabbli għall-irkupru tad-dejn fir-rigward tal-operazzjoni ta' tranżitu msemmija aktar 'il fuq. Dan huwa bbażat fuq il-fatti li ġejjin:

……
…….

8. Għall-awtorità li ssirilha t-talba

Post:
Data:

Firma: **Timbru**

VIII.8.3 Talba għall-indirizz(i) TC30

<table>
<tr><td colspan="2">TC30
Garanzija tat-tranżitu tal-Unjoni/komuni: talba għall-indirizz(i)</td></tr>
<tr><td>1. Awtorità rikjedenti
Isem u indirizz sħiħ:</td><td>2. Awtorità li ssirilha t-talba
Isem u indirizz sħiħ</td></tr>
<tr><td colspan="2">3. ☐ Nru taċ-ċertifikat ta’ garanzija komprensiva
☐ Nru tal-Vawċer tal-Garanzija Individwali

Isem u indirizz tad-detentur tal-proċedura

…….
……
……...</td></tr>
<tr><td colspan="2">4. Tista’ jekk jogħġbok timla l-punti ta’ hawn taħt u tirritornali l-formola?

a) Isem u indirizz tal-garanti:
.....……..…
……..……..
b) Isem u indirizz tal-korrispondent tal-garanti fi
...……
……
(pajjiż tal-uffiċċju li jitlob l-informazzjoni)
…….....
c). Referenzi (jekk ikun hemm) għandhom jiġu kkwotati fl-ittra lill-korrispondent tal-garanti:
.....
.....……</td></tr>
<tr><td>5. Għall-awtorità rikjedenti

Post:
Data:

Firma:

Timbru</td><td>6. Għall-awtorità li ssirilha t-talba

Post:
Data:

Firma:

Timbru</td></tr>
</table>

PARTI IX — IL-PROĊEDURA TIR (APPLIKABBLI FL-L-UNJONI)

Il-Parti IX tittratta t-trasport ta' merkanzija taħt il-kopertura ta' carnet TIR.

Il-Paragrafu IX.2 jittratta l-awtorizzazzjonijiet tal-assoċjazzjoni garanti u d-detenturi tal-carnet TIR.

Il-Paragrafu IX.3 jiddeskrivi sistema ta' garanzija TIR fil-kuntest ta' kif tapplika fl-Unjoni.

Il-Paragrafu IX.4 jiddeskrivi azzjonijiet li għandhom jittieħdu fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul u d-diskrepanzi.

Il-Paragrafu IX.5 jiddeskrivi azzjonijiet li għandhom jittieħdu fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ, inċidenti, irregolaritajiet u r-rilaxx tal-operazzjoni TIR.

Il-Paragrafu IX.6 jiddeskrivi l-proċeduri ta' inkjesta u ta' rkupru.

Il-Paragrafu IX.7 jiddeskrivi faċilità ta' konsenjatarju awtorizzat.

Il-Paragrafu IX.8 jinkludi annessi tal-Parti IX.

IX.1 TIR (Transport Internationaux Routiers)

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:
- sfond u leġiżlazzjoni (il-Paragrafu IX.1.1);
- il-prinċipji tas-sistema TIR (il-Paragrafu IX.1.2).

IX.1.1 Sfond u leġiżlazzjoni

L-Artikoli 226(3)(b) u 227(2)(b) KDU

Il-leġiżlazzjoni prinċipali li tirregola l-proċedura TIR hija l-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti koperti b'Carnets tat-TIR (il-Konvenzjoni TIR tal-1975), imfassla taħt il-patroċinju tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE). Il-Konvenzjoni TIR ġiet approvata f'isem l-Unjoni Ewropea bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2112/78 tal-25 ta' Lulju 1978 u daħlet fis-seħħ fl-Unjoni fl-20 ta' Ġunju 1983. Verżjoni konsolidata tal-Konvenzjoni TIR ġiet ippubblikata bħala Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/477/KE tat-28 ta' Mejju 2009. Il-Konvenzjoni tiġi aġġornata regolarment u l-Kummissjoni tippubblika emendi għaliha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-

Unjoni Ewropea, filwaqt li tindika d-data tad-dħul fis-seħħ.

Ir-regoli interni tal-Unjoni dwar il-moviment ta' merkanzija fl-Unjoni taħt il-kopertura tal-proċedura TIR huma deskritti fil-KDU u fl-att ta' implimentazzjoni tiegħu (l-Artikoli 163-164, 167-168, 274-282) u fl-att delegat (l-Artikoli 184, 186-187) tiegħu.

Sas-17 ta' Lulju 2020, il-Konvenzjoni TIR għandha 76 Parti Kontraenti li jinkludu l-Unjoni Ewropea u s-27 Stat Membru tagħha. Madankollu, operazzjoni TIR hija possibbli biss fil-pajjiżi li għandhom assoċjazzjoni garanti awtorizzata (63 pajjiż sat-23 ta' Jannar 2020).

Skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-proċedura TIR tista' tintuża biss fl-Unjoni għal moviment ta' tranżitu li jibda jew jispiċċa 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, jew li jsir bejn żewġ postijiet fit-territorju doganali tal-Unjoni permezz tat-territorju ta' pajjiż terz.

IX.1.2 Il-prinċipji tas-sistema TIR

Is-sistema TIR hija mibnija fuq ħames pilastri ewlenin:

- il-moviment ta' merkanzija f'vetturi li juru pjanċi TIR jew kontejners approvati taħt siġill doganali;

- matul it-trasport TIR, id-dazji u t-taxxi li jridu jitħallsu fuq il-merkanzija jiġu sospiżi u assigurati b'katina ta' garanziji validi internazzjonalment. L-assoċjazzjoni garanti nazzjonali ta' kull Parti Kontraenti tiggarantixxi l-ħlas tal-ammont garantit tad-dejn doganali u ta' imposti oħrajn li jistgħu jsiru dovuti f'każ ta' xi irregolarità li sseħħ f'dak il-pajjiż waqt l-operazzjoni TIR. Kull Parti Kontraenti tistabbilixxi l-limitu tal-garanzija tagħha, iżda l-ammont massimu rakkomandat minn kull assoċjazzjoni nazzjonali f'każ ta' xi irregolarità huwa ta' EUR 100 000 (għall-Unjoni: EUR 100 000 jew l-ekwivalenti ta' dan fil-munita nazzjonali);

- carnet TIR huwa dikjarazzjoni doganali għat-trasport tal-merkanzija. Jipprovdi prova tal-eżistenza tal-garanzija. Il-carnets TIR jitqassmu lill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-garanziji mill-organizzazzjoni internazzjonali awtorizzata mill-Kumitat Amministrattiv TIR (bħalissa l-Unjoni Internazzjonali għat-Trasport bit-Triq (IRU)). Il-carnet TIR huwa validu għal trasport TIR wieħed biss. Jittieħed għall-użu fil-pajjiż tat-tluq u

jippermetti l-kontroll doganali fil-Partijiet Kontraenti tat-tluq, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni;

- il-miżuri ta' kontroll doganali meħudin fil-pajjiż tat-tluq jiġu aċċettati mill-pajjiżi tat-tranżitu u tad-destinazzjoni. B'konsegwenza ta' dan, il-merkanzija li tinġarr taħt il-proċedura TIR f'vetturi jew f'kontejners issiġillati bħala regola ġenerali ma jiġux eżaminati f'uffiċċji doganali f'pajjiżi tat-tranżitu;

- bħala mezz ta' kontroll tal-aċċess tal-proċedura TIR, assoċjazzjonijiet nazzjonali li jixtiequ joħorġu carnets TIR u persuni li jixtiequ jutilizzaw carnets TIR jeħtiġilhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet u mar-rekwiżiti minimi u jeħtiġilhom ikunu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti (normalment id-dwana) tal-pajjiż fejn ikunu stabbiliti.

IX.2 Awtorizzazzjonijiet

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- awtorizzazzjoni tal-assoċjazzjonijiet garanti (il-Paragrafu IX.2.1);

- awtorizzazzjoni tad-detenturi ta' carnet TIR (il-Paragrafu IX.2.2).

IX.2.1 Awtorizzazzjoni tal-assoċjazzjonijiet garanti

L-Artikolu 228 KDU

L-Artikolu 6.1 u L-Anness 9, il-Parti I Il-Konvenzjoni TIR

Għall-finijiet tal-Konvenzjoni TIR, l-Unjoni Ewropea hija kkunsidrata bħala territorju uniku. Wieħed mill-prerekwiżiti tat-TIR huwa li kull pajjiż jew territorju li juża s-sistema jeħtieġlu jkun kopert mis-sistema internazzjonali ta' garanzija. Konsegwentement, l-assoċjazzjonijiet garanti nazzjonali jeħtiġilhom ikunu awtorizzati f'konformità mal-Konvenzjoni TIR.

Il-Konvenzjoni TIR tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti minimi li jridu jintlaħqu qabel ma assoċjazzjoni garanti tkun tista' tiġi awtorizzata toħroġ carnets TIR.

IX.2.1.1 Il-proċess ta' awtorizzazzjoni

L-Anness 9, il-Parti I il-paragrafu 1 il-Konvenzjoni TIR

Hemm żewġ elementi distinti għall-awtorizzazzjoni: il-kriterji bażiċi għall-awtorizzazzjoni u għall-istabbiliment ta' ftehim bil-miktub jew ta' kwalunkwe strument legali ieħor bejn l-assoċjazzjoni garanti u l-awtoritajiet doganali.

IX.2.1.2 Il-kriterji għall-awtorizzazzjoni

L-Anness 9, il-Parti I il-Paragrafu 1(a) sa (d) il-Konvenzjoni TIR

Il-kriterji għall-awtorizzazzjoni jkopru numru ta' kwistjonijiet tekniċi u fattwali, inkluża prova tal-esperjenza u tal-għarfien, sitwazzjoni finanzjarja b'saħħitha u rekord tajjeb ta' konformità. B'mod ġenerali, dawk il-kriterji huma simili ħafna għal dawk applikati fir-rigward tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni/komuni li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' garanzija komprensiva (ara l-Parti III għal dettalji dwar il-garanziji).

IX.2.1.3 Ftehim bil-miktub

L-Anness 9, il-Parti I il-Paragraf u 1(e) il-Konvenzjoni TIR

Il-ftehim bil-miktub jew kwalunkwe strument legali ieħor jinkludi impenn li jinkludi firxa ta' obbligi li jridu jiġu ssodisfati mill-assoċjazzjoni garanti.

Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' armonizzazzjoni, l-Anness IX.8.7 jistabbilixxi mudell tal-ftehim bil-miktub, li jkun fih kundizzjonijiet u rekwiżiti minimi li jistgħu jiġu applikati bejn l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet garanti nazzjonali tagħhom.

IX.2.1.4 Il-monitoraġġ tal-awtorizzazzjoni

Fl-interessi tal-governanza tajba, l-awtorizzazzjoni sabiex jiġi aċċertat jekk l-assoċjazzjoni garanti għadhiex eliġibbli għall-awtorizzazzjoni u tipprovdix assigurazzjoni li l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni għadhom xierqa u neċessarji, filwaqt li jitqies, kif xieraq, kwalunkwe tibdil fiċ-ċirkostanzi notifikati mill-assoċjazzjoni garanti.

IX.2.2 Awtorizzazzjoni tad-detenturi tal-carnet TIR

L-aċċess ikkontrollat għall-użu tas-sistema TIR huwa wieħed mill-hekk imsejħin pilastri tas-sistema TIR.

L-Artikolu 1(o) il-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 184 DA

L-Artikoli 273, 276 IA

It-terminu "Detentur" (detentur tal-carnet TIR) ifisser il-persuna li tkun ingħatatilha awtorizzazzjoni għal ħidma fis-sistema TIR u li f'isimha jiġi ppreżentat il-carnet TIR. Id-detentur tal-carnet TIR huwa responsabbli għall-preżentazzjoni tal-vettura u tal-merkanzija flimkien mal-carnet TIR fl-uffiċċji doganali tat-tluq, *en route* u fid-destinazzjoni. Fit-territorju doganali tal-Unjoni, id-detentur tal-carnet TIR huwa responsabbli wkoll sabiex jissottometti d-*data* tal-carnet TIR għall-operazzjoni TIR fl-uffiċċju/i doganali tat-tluq jew

tad-dħul.

L-Artikolu 6.4 u l-Anness 9, il-Parti II il-Konvenzjoni TIR

Il-kunċett legali ta' "Detentur" (detentur tal-carnet TIR) fil-Konvenzjoni TIR jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti minimi li jeħtieġ jintlaħqu qabel ma detentur tal-carnet TIR ikun jista' jiġi awtorizzat sabiex jużа s-sistema TIR.

IX.2.2.1 Il-proċess ta' awtorizzazzjoni

L-Anness 9, il-Parti II il-paragrafu 3 il-Konvenzjoni TIR

Fil-prattika, il-kompitu ta' valutazzjoni ta' jekk il-kriterji stabbiliti fil-Konvenzjoni TIR intlaħqux jew le huwa kondiviż bejn l-assoċjazzjoni garanti awtorizzata u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fejn ikun irreġistrat l-applikant. Il-Konvenzjoni TIR ma tassenja l-ebda kompitu speċifiku lill-assoċjazzjoni garanti jew lill-awtoritajiet kompetenti. Minflok, tħalli l-istabbiliment tal-proċedura li għandha tiġi segwita għal-liġi, għar-regoli u għall-prattiki nazzjonali.

IX.2.2.2 Kondiviżjoni tal-proċess ta' awtorizzazzjoni

Fil-livell tal-Unjoni, il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati tiegħu huma siekta dwar dan is-suġġett, u għalhekk il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni li għandhom jiġu applikati huma materja ta' kompetenza nazzjonali.

Bħala minimu, l-assoċjazzjoni garanti tqis l-applikazzjonijiet kollha għall-awtorizzazzjoni fl-ewwel istanza. Wara l-kontrolli tal-assoċjazzjoni garanti, l-applikazzjoni, jekk tkun sostnuta mill-assoċjazzjoni garanti, għandha tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti. Jekk dawn tal-aħħar ikunu ssodisfati bil-kontrolli proprja tal-awtoritajiet doganali stess u tal-assoċjazzjoni garanti, l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jawtorizzaw lill-applikant.

Il-konsultazzjoni bejn l-awtorità doganali kompetenti u l-assoċjazzjoni garanti għandha ssir permezz tal-ITDB.

IX.2.2.2.1 Kontrolli tal-awtoritajiet doganali

Mingħajr preġudizzju għall-kontrolli li jistgħu jitwettqu mill-assoċjazzjoni garanti, huwa f'idejn l-awtorità kompetenti li tikkunsidra l-kriterju li jifdal — "in-nuqqas ta' reati serji jew ripetuti kontra l-leġiżlazzjoni doganali jew tat-taxxa".

Filwaqt li l-epitet "serju" jkun kważi b'ċertezza japplika għal ksur

tal-liġi kriminali, dan ma għandux jeskludi l-possibilità li t-twettiq ta' irregolaritajiet amministrattivi u ċivili jitqies huwa wkoll bħala "serju", f'konformità mal-prattika nazzjonali.

L-Anness 9, il-Parti II il-Paragrafu 1(d) il-Konvenzjoni TIR

B'mod simili, "ripetuti" għandha tiġi interpretata mhux biss f'termini tan-numru ta' reati mwettqin, iżda wkoll fir-rigward ta' perjodu ta' żmien. Huwa propost li tliet reati jew aktar imwettqin f'perjodu ta' ħames snin jitqiesu bħala "ripetuti".

IX.2.2.2.2 Il-monitoraġġ tal-awtorizzazzjoni

Noti ta' spjegazzjoni 9 II.4 u 9.II.5 il-Konvenzjoni TIR

Fid-dawl tar-rwol importanti tad-detentur ta' carnet TIR fis-sistema TIR, u b'mod partikolari r-rwol tiegħu bħala dikjarant, huwa importanti li l-lista tad-detenturi ta' carnet TIR awtorizzati miżmuma fil-Bażi ta' *Data* Internazzjonali TIR (l-ITDB) tinżamm aġġornata. L-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa jikkomunikaw fi żmien xieraq lill-Bord Eżekuttiv TIR (TIRExB) informazzjoni aġġornata li tikkonċerna l-istatus tad-detenturi ta' carnet TIR li jkunu awtorizzati minnhom. L-awtoritajiet doganali kompetenti jeħtiġilhom idaħħlu informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet u l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-carnets TIR direttament fl-ITDB.

L-Anness 9, il-Parti II, il-Paragrafi 4 u 5 il-Konvenzjoni TIR

Dan jimplika li l-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ kontinwu sabiex ikun eżaminat jekk id-detentur ta' carnet TIR jibqax eliġibbli għall-awtorizzazzjoni u sabiex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti marbutin mal-awtorizzazzjoni jibqgħu xierqa u neċessarji.

Huwa rrakkomandat ukoll li l-awtorizzazzjonijiet inattivi jiġu rrevokati fil-każijiet kollha li fihom ikun jidher li ma jkun inħareġ l-ebda carnet TIR lid-detentur ta' carnet TIR tul perjodu ta' żmien partikolari (pereżempju sena). L-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jirreġistraw it-tmiem tal-attività fl-ITDB mingħajr dewmien.

L-awtorizzazzjoni għandha tiġi mmonitorjata flimkien mal-assoċjazzjoni garanti. Jekk il-monitoraġġ jiżvela kwalunkwe inċidenza ta' nuqqas ta' ssodisfar tal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-irtirar tal-awtorizzazzjoni.

L-assoċjazzjonijiet garanti għandhom jikkooperaw ukoll mal-awtoritajiet doganali kompetenti u jitolbu modifiki (aġġornament tal-informazzjoni dwar detenturi ta' carnet TIR awtorizzati) permezz tal-ITDB. Talbiet bħal dawn jiġu vvalidati mill-awtoritajiet

doganali kompetenti.

IX.2.2.3 L-irtirar tal-awtorizzazzjoni

L-Anness 9, il-Parti II, il-Paragrafu 6 il-Konvenzjoni TIR

L-assoċjazzjoni garanti tista' tirrifjuta l-permess tad-detentur ta' carnet TIR li juża l-garanzija TIR. Hemm ukoll żewġ modi oħrajn li bihom detentur awtorizzat ta' carnet TIR jista' jiġi mċaħħad l-aċċess għas-sistema TIR:

- huwa jista' jiġi eskluż mis-sistema TIR skont l-Artikolu 38 tal-Kovenzjoni TIR, jew
- jista' jkollu l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-użu tal-carnets TIR irrevokata f'konformità mal-Artikolu 6.4 tal-Konvenzjoni TIR.

L-awtorizzazzjoni tista' tiġi rtirata wkoll mill-awtorità kompetenti bħala tweġiba għal talba magħmula mid-detentur ta' carnet TIR.

L-Artikolu 229 KDU

Deċiżjoni meħuda mill-awtorità doganali ta' Stat Membru għandha tapplika fit-territorju doganali kollu tal-Unjoni għall-operazzjonijiet TIR kollha sottomessi minn dak id-detentur ta' carnet TIR għal aċċettazzjoni minn uffiċċju doganali.

IX.2.2.3.1 Użu tal-Artikolu 38 kontra l-Artikolu 6.4

Kummenti għall-Artikolu 38 u għall-Anness 9 il-Parti II il-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 6.4 jipprevedi għal sanzjoni alternattiva li hija preferibbli f'numru ta' modi għall-Artikolu 38. Minn dak li jkun jidher, kwalunkwe ċirkostanza li tiġi segwita b'esklużjoni skont l-Artikolu 38 tirriżulta b'mod ugwali fir-revoka tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 6.4 u l-Anness 9 il-Parti II.

L-Artikolu 38, il-Konvenzjoni TIR

Għad-detenturi tal-carnet TIR stabbiliti fl-Unjoni, ir-revoka tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 6.4 u l-Anness 9 il-Parti II għandha tiġi applikata dment li r-revoka ta' operatur nazzjonali tkun permanenti. Għad-detenturi ta' carnet TIR temporanjament eskluži jew awtorizzati minn Stat Membru ieħor jew minn Partijiet Kontraenti oħra barra mill-Unjoni, jista' jiġi applikat l-Artikolu 38 biss.

IX.2.2.3.2 Applikazzjoni tal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 38 jipprovdi għall-esklużjoni fuq bażi permanenti jew temporanja. Il-Konvenzjoni TIR ma tiddefinixxix dawn it-termini. Esklużjoni temporanja għandha tfisser li l-awtorizzazzjoni tkun ġiet sospiża għal perjodu ta' żmien speċifiku. Dan jista' joħloq

diffikultajiet loġistiċi għall-Partijiet Kontraenti, li jkollhom bżonn jimmonitorjaw il-perjodu tas-sospensjoni mill-qrib ħafna.

Deċiżjoni sabiex operatur ikun eskluż mis-sistema TIR hija kwistjoni serja ħafna u dejjem trid tkun ġustifikata fl-intier tagħha. Jekk ksur jew irregolarità tiġi kkunsidrata bħala serja biżżejjed sabiex tistħoqq esklużjoni, preferibbilment għandha tkun permanenti. Fuq l-istess nota, huwa konċepibbli li operatur li jkun ġie eskluż b'mod permanenti jista' jiġi awtorizzat mill-ġdid fil-futur jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu.

Madankollu, ċirkostanzi speċifiċi jistgħu jwasslu għal esklużjoni temporanja jekk, pereżempju, l-irregolarità li tiġġustifika dik id-deċiżjoni tkun soġġetta għal rimedju possibbli f'perjodu qasir ta' żmien. (jiġifieri ċertifikazzjonijiet tal-approvazzjoni skaduti, problemi tekniċi fil-kompartimenti tat-tagħbija).

IX.2.2.3.3 Applikazzjoni tal-Artikolu 6.4 tal-Konvenzjoni TIR

L-Anness 9 il-Parti II il-Konvenzjoni TIR u n-Nota ta' Spjegazzjoni 9.II.4

Kwalunkwe detentur ta' carnet TIR li ma jibqax eliġibbli għall-awtorizzazzjoni (għaliex, pereżempju, ma jkunx għadu jissodisfa l-kriterji bażiċi għall-awtorizzazzjoni) jew li ma jkunx għadu adattat għall-awtorizzazzjoni (għaliex, pereżempju, wettaq reati serji jew repetuti) għandu jkollu l-awtorizzazzjoni rrevokata.

Minbarra li jinnotifika lid-detentur ta' carnet TIR, huwa neċessarju li l-Istat Membru jirrevoka l-awtorizzazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni direttament fl-ITDB mingħajr dewmien.

IX.2.2.3.4 Notifika lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri

L-Artikolu 229 KDU

Esklużjonijiet magħmulin skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni TIR għandhom jiġu rreġistrati mill-awtoritajiet doganali kompetenti fl-ITDB mingħajr dewmien. Reġistrazzjoni bħal din hija kkunsidrata bħala notifika lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-oħrajn, kif stipulat fl-Artikolu 229, il-Paragrafu 2 KDU.

L-akkuratezza ta' din id-*data* ma hijiex fil-kontroll tal-Kummissjoni Ewropea u, l-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti meta jirrifjutaw l-aċċess lil operatur għas-sistema TIR. F'każ ta' xi dubju, il-punt fokali TIR għall-Istat Membru li nnotifika l-esklużjoni għandu jiġi kkuntattjat sabiex jikkonferma l-informazzjoni.

IX.2.2.4 Notifika tad-deċiżjonijiet għall-istabbiliment mill-ġdid tal-aċċess għas-sistema TIR

Jista' jkun hemm okkażjonijiet meta Stat Membru jkollu jirrevoka d-deċiżjoni tiegħu li jeskludi detentur ta' carnet TIR jew meta jiddeċiedi li jistabbilixxi l-awtorizzazzjoni mill-ġdid. Minn dan isegwi li huwa wkoll importanti li l-Istati Membri kollha jkunu informati b'dawn id-deċiżjonijiet. Għal dan l-għan, il-proċeduri ta' notifika msemmijin fil-Paragrafu IX.2.2.3 aktar 'il fuq għandhom jiġu applikati wkoll għal dawn id-deċiżjonijiet.

IX.3 Garanziji

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- l-introduzzjoni (il-Paragrafu IX.3.1);
- l-ammont tal-garanzija (il-Paragrafu IX.3.2);
- l-ambitu tal-kopertura tal-garanzija (il-Paragrafu IX.3.3);
- ir-responsabbiltà tal-assoċjazzjonijiet garanti tal-Unjoni (il-Paragrafu IX.3.4);

IX.3.1 Introduzzjoni

L-Artikoli 3(b), 6.1, 8.3, 8.4 u 11 il-Konvenzjoni TIR

Is-sistema tal-garanziji internazzjonali hija wieħed mill-pilastri tas-sistema tat-tranżitu doganali TIR. Il-garanzija hija mfassla sabiex tiżgura li d-dazji doganali u t-taxxi f'riskju jkunu assigurati f'kull ħin waqt l-operazzjonijiet tat-trasport TIR.

IX.3.2 L-ammont tal-garanzija

IX.3.2.1 L-ammont massimu tal-garanzija

L-Artikolu 8.3 u n-Nota ta' Spjegazzjoni 0.8.3 il-Konvenzjoni TIR

Il-limitu monetarju tal-garanzija għal kull carnet TIR għandu jkun iddeterminat minn kull Parti Kontraenti.

L-Artikolu 163 IA

Ġie miftiehem fil-livell tal-Unjoni li dan l-ammont jiġi espress f'euro. Għaldaqstant, l-Unjoni adottat EUR 100 000 bħala l-ammont massimu.

IX.3.2.2 Regoli li jikkonċernaw ir-rata tal-kambju

Ir-regoli li ġejjin japplikaw għall-Istati Membri li ma adottawx l-euro bħala l-munita unika:

L-Artikolu 53(2) KDU

L-Artikolu 48(2)(3) IA

(a) Għall-finijiet tal-Ftehim/tal-Impriża, l-ammont massimu pagabbli għal kull carnet TIR huwa ekwivalenti għall-valur tal-kambju fil-munita nazzjonali ta' EUR 100 000. Ir-rati li għandhom jintużaw għal din il-konverżjoni jiġu ffissati mill-Bank Ċentrali Ewropew darba f'sena fl-ewwel jum ta' xogħol ta' Ottubru u jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni. Din ir-rata tapplika mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

L-Artikolu 53(1)(b) KDU

L-Artikolu 48(1) IA

(b) Fil-każ ta' pretensjoni kontra l-garanzija, ir-rata tal-kambju li għandha tintuża hija dik applikabbli fil-jum tal-aċċettazzjoni tal-carnet TIR fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul. Dawn ir-rati jiġu ffissati darba f'xahar u jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni.

IX.3.3 Ambitu tal-kopertura tal-garanzija

L-Artikolu 2 il-Konvenzjoni TIR

Il-Konvenzjoni TIR ma tagħmilx distinzjoni fir-rigward liema merkanzija tista' tiġi ttrasportata taħt il-kopertura ta' carnet TIR. Madankollu, il-katina tal-garanzija internazzjonali ma tipprovdix kopertura tal-garanzija għall-prodotti tal-alkoħol u tat-tabakk elenkati hawn taħt. Din ir-restrizzjoni tapplika irrispettivament mill-kwantitajiet tal-merkanzija kkonċernata. Għalhekk, l-ammont massimu tal-garanzija msemmi fil-Paragrafu IX.3.2.1 hawn fuq japplika għat-trasport tal-merkanzija kollha minbarra l-prodotti tal-alkoħol u tat-tabakk li ġejjin:

Kodiċi HS	Deskrizzjoni tal-prodott
2207.10	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika ta' 80 %/vol. jew aktar
2208	Bħal hawn fuq, iżda b'qawwa ta' anqas minn 80 %/vol.
2402.10	Sigarri, cheroots u cigarillos li fihom it-tabakk
2402.20	Sigarretti li fihom it-tabakk
2403.11 u 2403.19	Tabakk għat-tipjip, kemm jekk fih xi sostituti tat-tabakk jew le

IX.3.4 Responsabbiltà tal-assoċjazzjonijiet garanti tal-Unjoni

L-Artikolu 228 KDU

L-Unjoni hija kkunsidrata, għall-finijiet tal-proċedura TIR, li tifforma territorju uniku. Madankollu, kull Stat Membru għandu tal-anqas assoċjazzjoni garanti nazzjonali awtorizzata waħda.

L-Artikolu 164 IA

L-Artikolu 11.1 il-Konvenzjoni TIR

Notifika valida ta' nuqqas ta' rilaxx mogħtija mill-awtorità doganali relevanti lill-assoċjazzjoni garanti tagħha f'konformità mal-Konvenzjoni TIR għandha jkollha l-istess effett legali bħallikieku n-notifika ngħatat minn assoċjazzjoni garanti oħra mill-awtorità doganali proprja tagħha.

IX.4 Il-formalitajiet fl-uffiċċju tat-tluq jew tad-dħul

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- l-introduzzjoni (il-Paragrafu IX.4.1);
- l-aċċettazzjoni tad-*data* tal-carnet TIR (il-Paragrafu IX.4.2);
- is-sigurtà tal-vettura/tal-kontejner (il-Paragrafu IX.4.3);
- l-azzjoni fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul (il-Paragrafu IX.4.4);
- it-tagħbija intermedjarja (il-Paragrafu IX.4.5);
- id-diskrepanzi (il-Paragrafu IX.4.6).

IX.4.1 Introduzzjoni

L-Artikolu 1(k) il-Konvenzjoni TIR

Il-Manwal TIR, it-Taqsima 1.2

L-uffiċċju doganali tat-tluq jissodisfa żewġ funzjonijiet distinti u vitali. Dawn il-funzjonijiet jgħoddu għal tlieta mill-ħames pilastri tas-sistema TIR. L-ewwel funzjoni hija l-aċċettazzjoni tal-carnet TIR, l-iżgurar tas-sigurtà fiżika tal-vettura tat-triq/tal-kontejner, u l-applikazzjoni tal-kontrolli doganali.

L-Artikolu 228 KDU

Il-funzjoni l-oħra, daqstant importanti, tikkonċerna r-rilaxx (ara l-Paragrafu IX.5.2) tal-operazzjoni TIR u, fejn neċessarju, l-irkupru tad-dazji u tat-taxxi dovuti (ara l-Paragrafu 6.4). Peress li l-Unjoni hija kkunsidrata li tifforma territorju uniku għall-finijiet tar-regoli li jirregolaw l-użu tal-carnet TIR, ir-rwol u r-responsabbiltà tal-

uffiċċju doganali tat-tluq tal-Unjoni huwa partikolarment sinifikanti.

L-Artikolu 273(1) IA

Is-sistema elettronika ta' tranżitu tal-Unjoni li għandha tintuża għall-iskambju ta' messaġġi għat-TIR hija s-sistema ġdida ta' tranżitu kompjuterizzata (NCTS), li diġà tintuża għat-tranżitu tal-Unjoni.

L-Artikolu 276 IA

Fit-territorju doganali tal-Unjoni, it-terminazzjoni/ir-rilaxx tal-operazzjoni TIR bejn l-uffiċċji doganali tat-tluq jew tad-dħul u l-uffiċċji doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ hija aċċellerata billi jiġi ssostitwit ir-ritorn tal-parti xierqa tal-vawċer Nru 2 bil-bgħit tal-messaġġi li ġejjin: "Avviż tal-Wasla" (IE006) u "Riżultati tal-Kontroll" (IE018).

Nota:

L-NCTS tintuża biss għal operazzjonijiet TIR fl-Unjoni (jiġifieri mhux f'pajjiżi ta' tranżitu komuni). Għal trasport TIR li jidħol fl-Unjoni minn pajjiż terz u li wettaq parti mill-vjaġġ tiegħu f'pajjiż mhux tal-Unjoni qabel reġa' daħal fl-Unjoni, id-detentur ta' carnet TIR (jew ir-rappreżentant tiegħu) ikun responsabbli li jissottometti d-*data* tal-carnet TIR sabiex tinbeda operazzjoni TIR f'kull uffiċċju doganali tad-dħul fl-Unjoni.

Ara l-Anness IX.8.9 għal eżempju.

IX.4.2 Aċċettazzjoni tad-*data* tal-carnet TIR

L-Artikolu 273 IA

Għall-iskambju ta' *data* tal-carnet TIR għall-operazzjonijiet TIR u **għat-tlestija tal-formalitajiet doganali tal-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni**, għandha tintuża l-NCTS.

Id-*data* tal-carnet TIR tiġi skambjata permezz ta' messaġġi elettroniċi fi tliet livelli:

- bejn id-detentur tal-carnet TIR u d-dwana (dominju estern);
- bejn l-uffiċċji doganali ta' pajjiż (dominju nazzjonali); u
- bejn l-amministrazzjonijiet doganali nazzjonali nfushom u mal-Kummissjoni Ewropea (dominju komuni).

B'mod ġenerali, detentur ta' carnet TIR jista' jkollu l-għażliet li ġejjin sabiex jissottometti *data* elettronika tal-carnet TIR, skont l-Istat Membru kkonċernat:

- input dirett min-negozjant (inkluż input permezz ta' sit web doganali);
- skambju elettroniku ta' *data* (EDI);
- input ta' *data* fl-uffiċċju doganali (f'terminal magħmul disponibbli għall-operaturi);
- permezz ta' interfaċċa żviluppata mill-organizzazzjoni internazzjonali (eż. applikazzjoni EPD tal-IRU).

L-użu tal-carnet TIR mingħajr l-iskambju ta' *data* tal-carnet TIR għal operazzjoni TIR fil-każ ta' nuqqas temporanju ta' funzjonament tas-sistemi elettroniċi huwa deskritt fl-Anness IX.8.4 (proċedura ta' riżerva).

L-Artikolu 274 IA

Minkejja li huwa obbligatorju għad-detentur tal-carnet TIR li jissottometti d-*data* tal-carnet TIR fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul billi juża l-NCTS, sabiex jevita kwalunkwe konsegwenza legali li tirriżulta minn diskrepanza bejn il-messaġġ elettroniku u d-*data* tal-carnet TIR, l-awtoritajiet doganali tal-Unjoni huma obbligati jkomplu jimlew il-carnet TIR f'konformità mal-Konvenzjoni TIR.

L-Anness 1 il-Konvenzjoni TIR

F'sitwazzjoni li fiha tirriżulta diskrepanza bejn id-dettalji fl-NCTS u l-carnet TIR, l-informazzjoni tal-carnet TIR tkun deċiżiva u d-*data* elettronika għandha tiġi kkoreġuta mid-detentur tal-carnet TIR sabiex taqbel mal-informazzjoni tal-carnet TIR.

L-Anness 10(4) il-Konvenzjoni TIR

Kull carnet TIR għandu numru ta' referenza uniku. Carnet TIR jista' jkollu 4, 6, 14, jew 20 vawċer. Jintuża par wieħed ta' vawċers għal kull Parti Kontraenti; in-numru ta' vawċers jindika n-numru tal-Partijiet Kontraenti li jistgħu jiġu ttranżitati, inklużi l-Partijiet Kontraenti tat-tluq u tad-destinazzjoni.

Huwa importanti li jiġi żgurat li jiġu aċċettati biss carnets TIR validi. Il-lista ta' carnets TIR irreġistrati bħala invalidi mill-organizzazzjoni internazzjonali jistgħu jitniżżlu mill-bażi ta' *data* elettronika tagħha.

L-IRU hija responsabbli għall-istampar u għad-distribuzzjoni tal-carnet TIR u introduċiet numru ta' miżuri ta' sigurtà sabiex tiżgura li carnet TIR falz jew iffalsifikat jkun jista' jingħaraf. Dawn il-fatturi jinkludu:

- Il-“logo” intaljat tat-trakk fuq il-qoxra ta’ quddiem
- L-użu ta’ linka termokronika għall-istampar

Barcode li jaqbel man-numru alfanumeriku tal-carnet TIR.

L-Artikolu 12 il-Konvenzjoni TIR

Madankollu, anke carnet TIR ġenwin jista’ jkun invalidu jekk, pereżempju, ma jkunx ġie ffirmat u ttimbrat mill-assoċjazzjoni tal-ħruġ jew jekk id-data tal-validità murija fil-Kaxxa 1 tal-qoxra tal-carnet TIR tkun skadiet.

Bħal fil-każ tal-kontrolli doganali kollha, il-grad u l-intensità tal-kontrolli li għandhom jiġu applikati qabel ma jiġi aċċettat il-carnet TIR jiġu ddeterminati fuq il-bażi ta’ analiżi tar-riskju. Dawn il-kontrolli jinkludu l-iżgurar li l-kopertura tal-garanzija tkun disponibbli għall-merkanzija mgħobbija (ara l-Paragrafu IX.3.3).

IX.4.3 Sigurtà tal-vettura/tal-kontejner

L-Anness 2 il-Konvenzjoni TIR

Fid-dawl tar-rikonoxximent reċiproku tal-kontrolli doganali, huwa vitali li l-uffiċċju doganali tat-tluq jiżgura li l-vettura jew il-kontejner ikun approvat għat-trasport ta’ merkanzija taħt il-kopertura ta’ carnet TIR. Fil-maġġoranza tal-każijiet, u f’konformità mal-analiżi tar-riskju, dan ikun limitat għal eżaminazzjoni taċ-Ċertifikat tal-Approvazzjoni tal-vettura. Madankollu, għandu jitfakkar li dawn iċ-ċertifikati jistgħu jkunu faċilment iffalsifikati jew ikkupjati b’imitazzjonijiet. Ċertifikat tal-approvazzjoni nieqes jew invalidu jfisser li ma tista’ tinbeda l-ebda operazzjoni TIR.

IX.4.3.1 Rakkomandazzjoni għall-użu ta’ sistema ta’ kodiċi għar-rapportar ta’ rimarki ta’ difetti fiċ-Ċertifikat tal-Approvazzjoni

L-Annessi 2, 3, 4 tal-Konvenzjoni TIR

Fil-11 ta’ Ġunju 2015, il-Kumitat Amministrattiv għall-Konvenzjoni TIR iddeċieda li jirrakkomanda li l-awtoritajiet doganali, meta jirreġistraw rimarki ta’ difetti fl-entrata Nru 10 taċ-Ċertifikat tal-Approvazzjoni, għandhom jissupplimentaw difetti miktubin bl-idejn b’sistema ta’ kodiċi li tindika l-post u t-tip ta’ kwalunkwe difett. Is-sistema ta’ kodiċi uniformi speċifikata f’din ir-Rakkomandazzjoni għandha tintuża mill-awtoritajiet doganali kollha fl-Unjoni. Madankollu, in-nuqqas ta’ kwalunkwe kodiċi fl-entrata Nru 10 taċ-Ċertifikat tal-Approvazzjoni ma għandux jipprevjeni l-aċċettazzjoni ta’ Ċertifikat tal-Approvazzjoni, dment li jkunu ssodisfati d-dispożizzjonijiet tal-Anness 3 tal-Konvenzjoni TIR.

IX.4.4 Azzjoni fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul

L-Artikolu 276 IA

Minbarra l-preżentazzjoni tal-carnet TIR u tad-dokumenti meħtieġa kollha li jeħtieġ li jakkumpanjawh, il-vettura u l-merkanzija, id-detentur tal-carnet TIR jew ir-rappreżentant tiegħu huwa responsabbli sabiex jippreżenta lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul id-*data* tal-carnet TIR fl-NCTS bil-messaġġ "*Data* tad-Dikjarazzjoni" (IE015), b'rispett tar-regoli u bl-użu tal-kodiċijiet speċifikati għad-dikjarazzjonijiet elettroniċi tat-tranżitu.

L-Appendiċi C2 TDA

L-elementi tad-*data* tal-carnet TIR li jikkorrispondu għall-attributi tad-*data* tal-NCTS jidhru fl-Anness IX.8.2.

L-Anness B-DA

L-Anness B-IA

L-uffiċċji doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ fl-Unjoni fejn għandha tiġi ppreżentata l-merkanzija sabiex tiġi tterminata l-operazzjoni TIR huma pprovduti fil-bażi ta' *data* tal-uffiċċji doganali tal-UE. L-indirizz tas-sit web huwa:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/col/col_search_home.jsp?Lang=en.

L-NCTS tivvalida d-dikjarazzjoni awtomatikament. Il-validazzjoni tista' tinkludi verifika tad-detentur tal-ID tat-TIR permezz tal-ITDB. Dikjarazzjoni mhux korretta, mhux kompluta jew mhux kompatibbli tiġi rrifjutata bil-messaġġ ta' "Dikjarazzjoni Rrifjutata" (IE016).

Meta d-dikjarazzjoni tiġi aċċettata mill-awtoritajiet doganali, is-sistema tiġġenera Numru ta' Referenza tal-Moviment (MRN), li jiġi allokat għall-operazzjoni TIR u kkomunikat bil-messaġġ ta' "MRN Allokat" (IE028) lid-detentur tal-carnet TIR jew lir-rappreżentant tiegħu.

Imbagħad, id-dikjarazzjoni ikollha status "Aċċettata". L-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul jistabbilixxi limitu ta' żmien li sa dan il-merkanzija għandha tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ (ara 4.4.6) u jiddeċiedi dwar il-kontroll tal-merkanzija/tal-vettura, inkluż l-issiġillar tal-vettura.

L-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul jista' jivverifika l-validità tan-numru tal-ID tad-detentur tat-TIR billi juża wieħed mill-metodi li ġejjin:

L-Artikolu 276 IA

- awtomatikament, waqt l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li tgħaqqad it-tranżitu nazzjonali tiegħu mal-ITDB;
- manwalment, qabel ir-rilaxx tal-operazzjoni TIR permezz tal-ITDB;

- manwalment, permezz tal-ITDB fil-każ ta' proċedura ta' riżerva, kif deskritta fl-Anness IX.8.4.

Għall-emenda, għall-kanċellazzjoni u għall-verifika tad-dikjarazzjoni elettronika, ara l-Manwal tat-Tranżitu, il-Parti IV, il-Kapitolu 2.

IX.4.4.1 Użu xieraq tal-carnet TIR

L-użu tal-carnet TIR għandu jikkomplementa l-eżempju tal-carnet TIR mimli kif meħtieġ. Ara l-Anness 8.3 għal struzzjonijiet pass pass ta' kif jimtela l-carnet TIR u dwar il-ġestjoni tal-vawċers f'diversi uffiċċji doganali (mat-tluq, *en route* u fid-destinazzjoni).

L-uffiċċju doganali tat-tluq għandu joqgħod ferm attent ukoll għall-mili xieraq tal-qoxra tal-carnet TIR.

IX.4.4.2 Rakkomandazzjoni dwar l-użu tal-kodiċi SA

Riżoluzzjonijiet u Rakkomandazzjoni Manwal tat-TIR

Fil-31 ta' Jannar 2008, il-Kumitat Amministrattiv għall-Konvenzjoni TIR tal-1975 iddeċieda li jirrakkomanda li d-detenturi tal-carnet TIR jipprovdu l-kodiċi SA b'sitt ċifri, minbarra deskrizzjoni tal-merkanzija, fil-kaxxa 10 tal-manifest tal-merkanzija fuq il-vawċer isfar (mhux għall-użu doganali) tal-carnet TIR.

L-uffiċċji doganali tat-tluq fl-Unjoni jaċċetta wkoll l-inklużjoni tal-kodiċi SA wkoll fuq il-vawċers tal-carnet TIR għall-użu doganali u bħala parti mid-*data* elettronika tal-carnet TIR.

Għandu jiġi nnotat li d-detentur tal-carnet TIR ma huwiex obbligat idaħħal il-kodiċi SA.

F'każi meta jingħata l-kodiċi SA, l-awtoritajiet doganali fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul għandhom jikkontrollaw jekk il-kodiċi SA mogħti jikkorrispondix għal dak muri f'dokumenti doganali, kummerċjali jew tat-trasport oħrajn.

IX.4.4.3 Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni

L-Artikoli 119 u 127 DA

L-Artikolu 207 IA

Meta carnet TIR, bħala dokument uniku tat-trasport maħruġ fi Stat Membru, ikopri l-merkanzija tal-Unjoni miġjuba minn Stat Membru ieħor mit-territorju ta' pajjiż terz, id-detentur tal-carnet TIR jista' jdaħħal il-kodiċi "T2L" (jew "T2LF" għall-merkanzija tal-Unjoni kkonsenjata lejn, minn jew bejn territorji fiskali speċjali) flimkien mal-firma tiegħu (il-Kaxxa 10) fuq il-vawċers relevanti kollha tal-

manifest tal-merkanzija tal-carnet TIR sabiex jipprovdi evidenza tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

Meta l-carnet TIR ikopri wkoll merkanzija mhux tal-Unjoni, għandhom jiddaħħlu b'mod ċar il-kodiċi "T2L" jew "T2LF" u l-firma sabiex jintwera li jirrelata biss ma' merkanzija al-Unjoni.

Il-kodiċi "T2L" jew "T2LF" fuq il-vawċers kollha relevanti tal-carnet TIR għandhom ikunu awtentikati mill-uffiċċju doganali tat-tluq bit-timbru u bil-firma tal-uffiċjal kompetenti.

IX.4.4.4 Preżentazzjoni ta' garanzija

Sabiex il-merkanzija tiġi rrilaxxata għal operazzjoni TIR, hija meħtieġa garanzija. Għall-operazzjonijiet TIR, il-garanzija tiġi ppreżentata fil-forma ta' carnet TIR validu. Fl-NCTS jintużaw il-garanzija tat-tip B u n-numru tal-carnet TIR. Il-Paragrafu IX.3 jipprovdi aktar informazzjoni dwar il-garanziji.

IX.4.4.5 Issiġillar ta' vetturi/ta' kontejners

L-Artikolu 19 il-Konvenzjoni TIR

L-Anness 2 il-Konvenzjoni TIR

Għandha tingħata attenzjoni għall-issiġillar tal-vetturi/tal-kontejners ukoll. Huwa vitali li jkun ikkontrollat in-numru tas-siġilli doganali li għandhom jitwaħħlu u l-lokazzjoni preċiża tagħhom billi jiġu eżaminati ċ-Ċertifikat tal-Approvazzjoni (il-punt 5) u r-ritratti mehmużin tiegħu (jew tpinġijiet). Jekk l-uffiċċju doganali tat-tluq jikkunsidrahom neċessarji, jista' jwaħħal aktar siġilli sabiex jippreveni kwalunkwe ftuħ mhux awtorizzat tal-kompartiment tat-tagħbija.

Is-siġilli doganali mwaħħlin mill-uffiċċju doganali tat-tluq għandhom jiġu applikati bil-mod korrett u s-siġilli diġà applikati għandhom jiġu vverifikati mill-viċin mill-uffiċċju doganali tad-dħul sabiex tiġi identifikata kwalunkwe interferenza kontra l-liġi. L-użu tas-siġilli tal-esportatur jew tat-trasportatur minflok is-siġilli doganali ma huwiex aċċettabli fis-sistema TIR.

IX.4.4.6 Limitu ta' żmien

L-Artikoli 276 u 278 IA

L-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul għandu jiffissa limitu ta' żmien li fih il-merkanzija għandha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ.

Il-limitu ta' żmien stipulat minn dak l-uffiċċju huwa vinkolanti fuq l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li l-merkanzija tidħol fit-territorju tagħhom waqt operazzjoni TIR. Dawk l-Istati Membri ma jistgħux ibiddlu l-limitu ta' żmien stipulat.

Meta l-merkanzija tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien stabbilit mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul, id-detentur tal-carnet TIR għandu jitqies li jkun ikkonforma mal-limitu ta' żmien jekk huwa jew it-trasportatur jagħti prova għas-sodisfazzjon tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ li d-dewmien ma jistax jiġi attribwit lilu.

Meta jiffissa l-limitu ta' żmien, l-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul għandu jqis:

- il-mezz tat-trasport li għandu jintuża;
- l-itinerarju;
- kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar it-trasport jew leġiżlazzjoni oħra li tista' taffettwa l-iffissar ta' limitu ta' żmien (pereżempju: il-leġiżlazzjoni soċjali jew ambjentali li taffettwa l-mod tat-trasport, ir-regolamenti tat-trasport dwar il-ħinijiet tax-xogħol u l-perjodi obbligatorji ta' mistrieħ għas-sewwieqa);
- kwalunkwe informazzjoni kkomunikata mid-detentur tal-carnet TIR, fejn xieraq.

IX.4.4.7 Itinerarju għall-movimenti tal-merkanzija taħt operazzjoni TIR

L-Artikolu 275 IA

Meta l-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul iqis li dan ikun meħtieġ (pereżempju għat-trasport ta' merkanizja li tippreżenta riskju miżjud), għandu jippreskrivi itinerarju għat-trasport, filwaqt li jqis kwalunkwe informazzjoni relevanti kkomunikata mid-detentur tal-carnet TIR.

Ma huwiex fattibbli li jippreskrivi l-itinerarju preċiż li għandu jiġi segwit. Madankollu, bħala minimu, l-Istati Membri fejn għandu jsir it-tranżitu għandhom jiddaħħlu fil-Kaxxa 22 tal-carnet TIR u fl-NCTS.

B'mod ġenerali, ikun mistenni li l-merkanzija ttrasportata taħt operazzjoni TIR, u b'mod speċjali fil-każ ta' annimali ħajjin jew ta' merkanzija li titħassar malajr, tiġi ttrasportata lejn id-destinazzjoni tagħha bl-użu tar-rotta l-aktar iġġustifikata ekonomikament.

IX.4.4.8 Rilaxx ta' operazzjoni TIR

L-Artikolu 276 IA

L-operazzjoni TIR tiġi rilaxxata wara l-aċċettazzjoni ta' *data* tal-carnet TIR u l-kontrolli neċessarji. L-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul għandu jinnotifika lid-detentur tal-carnet TIR bir-rilaxx tal-merkanzija għall-operazzjoni TIR.

L-uffiċċju doganali tat-tluq għandu jirreġistra l-MRN tal-operazzjoni TIR fil-kontromarka Nru 1 tal-carnet TIR, il-Kaxxa 2 (Taħt Nru), u jirritornaha lid-detentur TIR jew lir-rappreżentant tiegħu.

L-Artikolu 184 DA

Ma huwiex obbligatorju li d-Dokument ta' Akkumpanjament fit-Tranżitu (TAD) jew d-Dokument ta' Akkumpanjament fit-Tranżitu/ta' Sigurtà (TSAD) jakkumpanja l-merkanzija mal-carnet TIR, jekk l-MRN fuq il-carnet TIR ikun jista' jinqara faċilment jew l-MRN jiġi sottomess lill-awtoritajiet doganali b'xi mezz ieħor (eż. fil-forma ta' barcode jew muri fuq apparat elettroniku jew mobbli).

Madankollu, id-detentur tal-carnet TIR jista' jitlob lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul jipprovdilu t-TAD jew it-TSAD f'forma stabbilita minn dak l-uffiċċju doganali (bħala verżjoni stampata jew b'mezz elettroniku).

Il-vawċer Nru 1 tal-carnet TIR approvat bl-MRN jinqala' u jinżamm mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

L-Artikolu 276 IA

Mar-rilaxx tal-merkanzija, l-NCTS awtomatikament tittrasferixxi l-"Avviż tal-Wasla Antiċipata" (il-messaġġ IE001) lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ. Jista' jintbagħat ukoll il-messaġġ estern "Rilaxxat għat-Tranżitu" (IE029) lid-detentur tal-carnet TIR jew lir-rappreżentant tiegħu.

IX.4.5 Tagħbija intermedja

L-Artikolu 18 il-Konvenzjoni TIR

Trasport TIR jista' jinvolvi massimu ta' erba'[92] uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni.

Meta aktar merkanzija titgħabba f'uffiċċju doganali intermedju *en route*, dak l-uffiċċju għandu jaġixxi kemm bħala l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni kif ukoll bħala l-uffiċċju doganali tat-tluq għall-

[92] Jista' jkun sa tmienja f'każ li l-emendi għan-notifika tad-depożitarji C.N.99.2021.TREATIES-XI.A.16 jidħlu fis-seħħ f'Marzu 2022.

użu tal-carnet TIR u tad-*data* tal-carnet TIR.

Għandhom jiġu segwiti l-proċeduri deskritti hawn fuq taħt il-punt 4.4. B'mod partikolari, l-operazzjoni preċedenti tingħalaq fl-NCTS u jintbagħtu l-messaġġi IE06 u IE018 (ara l-Paragrafu IX.5.3).

Wara t-tagħbija tal-merkanzija addizzjonali, id-detentur tal-carnet TIR huwa responsabbli sabiex jissottometti dikjarazzjoni ġdida bid-*data* tal-carnet TIR fl-NCTS, li tinkludi d-dettalji kollha tal-konsenji preċedenti (bħal referenza ta' dokumenti preċedenti (MRN)). Ara l-Anness IX.8.9 għal eżempju.

IX.4.5.1 Sospensjoni temporanja tat-trasport TIR

L-Artikolu 26 il-Konvenzjoni TIR

Kummenti dwar l-Artikoli 2 u 26 il-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 26(2) il-Konvenzjoni TIR

Sospensjoni, anke jekk temporanja, ta' trasport TIR tfisser li l-ebda garanzija TIR ma tiġi pprovduta għall-parti sospiża tal-vjaġġ. Trasport TIR għandu jiġi sospiż jekk isir f'Parti mhux Kontraenti tal-Konvenzjoni TIR. Meta trasport TIR jinvolvi parti mhux fit-triq (eż. qsim tal-baħar min-naħa għall-oħra li jinvolvi proċedura ta' tranżitu aktar sempliċi jew l-ebda proċedura ta' tranżitu), id-detentur tal-carnet TIR jista' jitlob lill-awtoritajiet doganali jissospendu t-trasport TIR għal dik il-parti tal-vjaġġ u jerġgħu jibdewh fit-tmiem tal-parti mhux fit-triq.

L-Artikolu 26(3) il-Konvenzjoni TIR

F'dawn il-każijiet, il-kontrolli u l-formalitajiet tal-uffiċċji doganali tal-ħruġ u tad-dħul għandhom jitwettqu rispettivament. Ara l-paragrafi IX.4.4 u IX.5.3.

Kummenti dwar l-Artikoli 2 u 26 il-Konvenzjoni TIR

Madankollu, f'Parti Kontraenti waħda, il-proċedura TIR tista' tiġi applikata għal parti tal-vjaġġ li ma ssirx fit-triq (eż. ferroviji) f'każijiet li fihom l-awtoritajiet doganali jkunu f'pożizzjoni li jiżguraw il-kontrolli u l-formalitajiet għall-bidu u għat-terminazzjoni xierqa tal-proċedura fl-uffiċċji doganali tad-dħul u tal-ħruġ (u tad-destinazzjoni, jekk ikun xieraq).

IX.4.6 Diskrepanzi

IX.4.6.1 Trattament tad-diskrepanzi

Essenzjalment, hemm tliet tipi ta' diskrepanzi jew ta' irregolaritajiet li jikkonċernaw merkanzija li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati:

- Merkanzija mitlufa

- Merkanzija żejda
- Merkanzija deskritta ħażin

Il-mod kif dawn id-diskrepanzi jiġu mmaniġġjati jiddependi fuq jekk l-irregolarità tiġix osservata mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul, u jekk hijiex involuta wkoll dikjarazzjoni tal-esportazzjoni.

IX.4.6.2 Diskrepanzi osservati mill-uffiċċju doganali tat-tluq

L-Artikolu 40 il-Konvenzjoni TIR

Irregolarità osservata mill-uffiċċju doganali tat-tluq qabel ma jiġu aċċettati l-carnet TIR u d-*data* tal-carnet TIR sottomessa għandha tiġi ttrattata bħala irregolarità assoċjata mal-proċedura doganali preċedenti, pereżempju l-ħażna doganali, il-ħażna temporanja jew merkanzija rrilaxxata għall-proċedura tal-esportazzjoni. Dan x'aktarx ikun il-każ meta d-diskrepanza tikkonċerna kwistjonijiet bħad-deskrizzjoni u l-kwantità tal-merkanzija, meta l-informazzjoni relatata mal-proċedura doganali preċedenti tkun ġiet sempliċiment trasposta għall-carnet TIR u għad-*data* tiegħu.

Madankollu, jista' jkun hemm ċirkostanzi li fihom l-irregolarità kienet frodulenti u mfassla sabiex tuża b'mod ħażin jew tabbuża t-TIR u s-sistemi tat-tranżitu billi, pereżempju, tiġi deskritta merkanzija li tippreżenta riskju akbar bħala merkanzija oħra. F'dawn il-każijiet, ikun xieraq li tittieħed azzjoni punittiva skont l-istruzzjonijiet nazzjonali kontra l-partijiet responsabbli.

IX.4.6.3 Diskrepanzi osservati mill-uffiċċju doganali tad-dħul

L-Artikolu 23 il-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 24 il-Konvenzjoni TIR

L-awtoritajiet doganali tal-uffiċċju doganali tad-dħul għandhom jeżaminaw il-merkanzija matul it-trasport TIR issiġillat f'każijiet speċjali biss. F'każ ta' eżaminazzjoni, is-siġilli l-ġodda mwaħħlin u, jekk neċessarji, ir-riżultati tal-kontroll għandhom jiġu rreġistrati minn dawk l-awtoritajiet doganali fil-vawċers tal-carnet TIR li jifdal u fil-kontromarki li jikkorrispondu, kif ukoll fl-NCTS.

L-Artikolu 8.5 il-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 8.7 il-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 79 KDU

Irregolarità osservata mill-uffiċċju doganali tad-dħul jeħtieġ li tiġi ttrattata fuq il-bażi tal-merti tagħha. Jekk il-merkanzija kkonċernata mhux iddikjarata tiġi osservata fil-kompartiment issiġillat tat-tagħbija tal-vettura tat-triq, id-detentur tal-carnet TIR ikun il-persuna prinċipalment u direttament responsabbli, debitur tad-dejn doganali. Għal raġunijiet fiskali, l-ammont garantit ikun kopert bil-garanzija tal-carnet TIR u l-assoċjazzjoni garanti għandha tkun

responsabbli.

Jekk, għal xi raġuni, l-operazzjoni TIR ma tistax tkun permessa tipproċedi, eż. għaliex l-importazzjoni tal-merkanzija hija pprojbita jew ristretta, ikun meħtieġ li l-merkanzija tinżamm fil-fruntiera.

L-Artikolu 8.5 il-Konvenzjoni TIR

Jekk, mill-banda l-oħra, l-operazzjoni TIR tista' tipproċedi, id-dettalji tal-merkanzija osservata għandhom jiġu approvati fuq il-vawċers tal-carnet TIR li jifdal (ara l-kaxxa mmarkata "Għal użu uffiċjali"). L-annotazzjoni fil-kaxxa mmarkata "Għal użu uffiċjali" għandha taqra "Merkanzija Żejda: l-Artikolu 8.5 tal-Konvenzjoni TIR", segwita minn deskrizzjoni tal-merkanzija identifikata u mill-kwantità.

Fl-NCTS, id-*data* għandha tiġi kkoreġuta b'dan il-mod mid-detentur tal-carnet TIR qabel l-aċċettazzjoni tagħha mill-uffiċċju doganali tad-dħul.

Meta tinstab merkanzija żejda li ma tkunx fil-kompartiment issiġillat tat-tagħbija, din għandha tiġi ttrattata bħala merkanzija mdaħħla bħala kuntrabandu b'mod illegali fl-Unjoni, u trid tittieħed azzjoni xierqa. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-assoċjazzjoni garanti ma għandhiex tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dazju u taxxa li jistgħu jirriżultaw, anke jekk is-sewwieq jew id-detentur tal-carnet TIR jistgħu jitqiesu bħala d-debituri doganali.

IX.5 Il-formalitajiet fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- introduzzjoni (il-Paragrafu IX.5.1);
- rilaxx tal-operazzjoni TIR mat-tluq (il-Paragrafu IX.5.2);
- azzjoni fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ (il-Paragrafu IX.5.3);
- bdil tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ (il-Paragrafu IX.5.4);
- inċidenti *en route* u l-użu tar-rapport iċċertifikat (il-Paragrafu IX.5.5);
- irregolaritajiet (il-Paragrafu IX.5.6);

- sistema ta' kontroll għall-carnets TIR (il-Paragrafu IX.5.7);
- ħatt intermedju (il-Paragrafu IX.5.8);
- l-użu tal-carnet TIR għal merkanzija rritornata (il-Paragrafu IX.5.9).

IX.5.1 Introduzzjoni

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ għandu responsabbiltà prinċipali li jiżgura t-terminazzjoni fil-pront tal-operazzjoni TIR.

IX.5.2 Rilaxx tal-operazzjoni TIR mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul

Ir-rilaxx tal-operazzjoni TIR huwa azzjoni ta' sinifikat għoli mill-awtoritajiet kompetenti fit-tluq jew fid-dħul għaliex itemm b'mod effettiv ir-responsabbiltà tal-assoċjazzjoni garanti.

L-Artikolu 10.2 il-Konvenzjoni TIR

L-operazzjoni TIR tista' tiġi rrilaxxata biss jekk tkun ġiet itterminata b'mod korrett.

L-Artikolu 215(2) KDU

L-Artikolu 1(e) il-Konvenzjoni TIR

L-azzjoni ta' rilaxx tal-operazzjoni TIR hija impliċita fis-sens li l-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul ma jieħu l-ebda deċiżjoni jew azzjoni formali. Lanqas ma tintbagħat xi notifika formali lill-assoċjazzjoni garanti li tikkonferma r-rilaxx. Id-detentur tal-carnet TIR u l-assoċjazzjoni garanti jistgħu jqisu l-operazzjoni TIR bħala rrilaxxata jekk ma jkun hemm l-ebda notifika li turi bil-kontra.

IX.5.3 Azzjoni fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ

Artikoli 278-279 IA

Mal-preżentazzjoni tal-merkanzija, il-vettura, il-carnet TIR u l-MRN tal-operazzjoni TIR fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ jivverifika s-siġilli mwaħħla u juża l-MRN sabiex isib id-*data* mill-NCTS u jirreġistraha.

Il-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla" (IE006) jintbagħat lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul sabiex jinformah li l-konsenja waslet.

L-Artikolu 277 IA

Mat-tlestija ta' kwalunkwe kontroll neċessarju bbażat fuq l-informazzjoni li tinsab fil-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla Antiċipata"

(IE001), l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ jibgħat il-messaġġ ta' "Riżultati tal-Kontroll" (IE018) permezz tal-kodiċijiet xierqa, lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul. Dan il-messaġġ irid ikun fih ukoll kwalunkwe informazzjoni miżjuda mar-Rapport Iċċertifikat u mal-kontromarka tal-carnet TIR Nru 1 matul it-trasport. Din tista' tkun informazzjoni dwar kwistjonijiet bħal trasbord, siġilli ġodda, inċidenti jew aċċidenti (il-Paragrafu IX.5.5).

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jaqta' u jżomm iż-żewġ partijiet tal-vawċer carnet TIR Nru 2, jannota l-kontromarka tal-carnet TIR u jirritorna l-carnet TIR lid-detentur tal-carnet TIR.

L-Artikolu 274 IA

Meta l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għal operazzjoni TIR fl-NCTS fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul u s-sistema fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ ma tkunx disponibbli mal-wasla tal-merkanzija, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ jeħtieġlu jwettaq il-kontrolli neċessarji u jtemm il-proċedura fuq il-bażi tal-vawċer tal-carnet TIR Nru 2.

L-entrati fl-NCTS isiru mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ *a posteriori* meta s-sistema terġa' ssir disponibbli, sabiex l-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul ikun jista' jirrilaxxa l-operazzjoni fl-NCTS.

L-Artikolu 274 IA

Meta l-merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għall-operazzjoni TIR fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul, mingħajr skambju tad-*data* tal-carnet TIR għall-operazzjoni TIR, fil-każ ta' nuqqas temporanju ta' funzjonament fuq il-bażi tal-carnet TIR biss, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ għandu jtemm il-proċedura tiegħu fuq il-bażi tal-vawċer tal-carnet TIR Nru 2 u jirritorna l-parti xierqa tiegħu lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

L-Artikolu 279(4) IA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu japprova l-carnet TIR billi jimla l-kontromarka Nru 2 u jżomm il-vawċer Nru 2. Wara l-approvazzjoni l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jirritorna l-carnet TIR lid-detentur tal-carnet TIR. Jekk id-detentur tal-carnet TIR ma jkunx preżenti, il-carnet TIR għandu jiġi rritornat lill-persuna li tkun ippreżentatu, li titqies li taġixxi f'isem id-detentur tal-carnet TIR.

IX.5.4 Bdil tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ

L-Artikolu 1(l) il-Konvenzjoni TIR

Il-Konvenzjoni TIR tippermetti lid-detentur tal-carnet TIR sabiex jippreżenta l-merkanzija u l-carnet TIR u jtemm l-operazzjoni TIR

L-Artikolu 278(3) IA

f'uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ li ma jkunx dak iddikjarat. Imbagħad, dak l-uffiċċju jsir l-uffiċċju tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ.

Hekk kif l-NCTS turi li l-uffiċċju doganali attwali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ ma rċiviex messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla Antiċipata" (IE001) għall-MRN ippreżentat, dak l-uffiċċju doganali għandu jibgħat messaġġ ta' "Tweġiba għal Avviż tal-Wasla Antiċipata" (IE002).

L-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul għandu jwieġeb bil-messaġġ ta' "Tweġiba għal Avviż tal-Wasla Antiċipata" (IE003) u jikkomunika d-*data* fil-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla Antiċipata" (IE001). Imbagħad, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ ikun jista' jibgħat il-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla" (IE006) u jkompli b'azzjonijiet ulterjuri (ara IX.5.3).

Wara li jirċievi l-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla" (IE006), l-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul jeħtieġlu jinforma lill-uffiċċju doganali ddikjarat tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ, billi juża l-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla Mgħoddi" (IE024), li l-merkanzija tkun waslet f'uffiċċju doganali ieħor tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ.

Jekk l-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul ma jsibx l-operazzjoni permezz tal-MRN, għandu jinkludi fil-messaġġ ta' "Tweġiba għal Avviż tal-Wasla Antiċipata" (IE003) ir-raġunijiet (kodifikati 1 sa 4) għalxiex il-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla Antiċipata" (IE001) ma setax jintbagħat.

Ir-raġunijiet possibbli għar-rifjut huma dawn li ġejjin:

Kodiċi 1. l-operazzjoni TIR tkun diġà ġiet ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ ieħor;

Kodiċi 2. l-operazzjoni TIR ġiet ikkanċellata mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul;

Kodiċi 3. l-MRN ma jkunx magħruf (minħabba raġunijiet tekniċi jew minħabba irregolaritajiet) jew;

Kodiċi 4. raġunijiet oħrajn.

(Għal spjegazzjoni tal-kodiċijiet, ara l-Parti I.4.4.5).

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ għandu jeżamina r-raġuni għar-rifjut u, jekk dik ir-raġuni tippermetti dan, itemm l-

operazzjoni TIR u jwaqqaf u jżomm iż-żewġ partijiet tal-vawċer tal-carnet TIR Nru 2. Jeħtieġlu wkoll jannota l-kontromarka tal-carnet TIR Nru 2, jirritorna l-parti xierqa tal-vawċer Nru 2 lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul, u jirritorna l-carnet TIR lid-detentur tal-carnet TIR.

IX.5.5 Inċidenti matul il-moviment ta' merkanzija u l-użu tar-rapport iċċertifikat

L-Artikolu 25 il-Konvenzjoni TIR

Jekk is-siġilli doganali jitkissru jew jekk kwalunkwe merkanzija tinqered jew iġġarrab ħsara f'każ ta' aċċident li jseħħ *en route*, it-trasportatur għandu b'mod immedjat jikkuntattja lill-awtoritajiet doganali, jew jekk dak ma jkunx possibbli, lil kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-pajjiż fejn tkun il-konsenja.

L-Artikolu 277 IA

Jekk it-trasportatur kien obbligat jiddevja mill-itinerarju stipulat mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tiegħu jew jekk l-inċident jew l-aċċident fis-sens tal-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni TIR seħħ fit-territorju doganali tal-Unjoni, it-trasportatur għandu jippreżenta l-merkanzija, il-vettura, il-carnet TIR u l-MRN lill-eqreb awtorità doganali tal-Istat Membru li l-mezz tat-trasport ikun jinsab fit-territorju tiegħu.

L-awtoritajiet ikkonċernati għandhom ifasslu r-rapport iċċertifikat li jinsab fil-carnet TIR bl-anqas dewmien possibbli.

F'każ ta' aċċident li jkun jeħtieġ it-trasferiment tat-tagħbija f'vettura oħra, dan it-trasferiment jista' jitwettaq biss fil-preżenza tal-awtorità kkonċernata. Din l-awtorità għandha tfassal ir-rapport iċċertifikat.

Nota ta' Spjega għall-Artikolu 29 il-Konvenzjoni TIR

Sakemm il-carnet TIR ma jkollux il-kliem "Merkanzija tqila jew kbira", il-vettura jew il-kontejner ta' sostituzzjoni jrid ikun approvat ukoll għat-trasport ta' merkanzija taħt is-siġilli doganali.

Barra minn hekk, għandu jkun issiġillat u d-dettalji tas-siġilli mwaħħlin għandhom ikunu indikati fir-rapport iċċertifikat.

Madankollu, jekk l-ebda vettura jew kontejner ma jkun disponibbli, il-merkanzija tista' tiġi ttrasferita fuq vettura jew fuq kontejner mhux approvat, dment li jipprovdi salvagwardji adegwati. F'dan l-aħħar każ, l-awtoritajiet doganali għandhom jiġġudikaw jekk jippermettux li t-trasport taħt il-kopertura tal-carnet TIR jitkompla f'dik il-vettura jew f'dak il-kontejner.

Fil-każ ta' periklu imminenti li jeħtieġ il-ħatt immedjat tat-tagħbija kollha jew ta' parti minnha, it-trasportatur jista' jieħu azzjoni fuq

inizjattiva tiegħu stess mingħajr ma jistenna l-azzjoni tal-awtoritajiet. Imbagħad, għandu jkun it-trasportatur li jforni prova lill-awtoritajiet doganali li kien imġiegħel jieħu azzjoni bħal din fl-interessi tal-vettura jew tal-kontejner jew tat-tagħbija. Meta l-miżuri preventivi ġew implimentati u l-periklu tnaqqas, it-trasportatur għandu jinnotifika lill-awtoritajiet doganali mingħajr dewmien, sabiex ikunu jistgħu jiġu vverifikati l-fatti, tiġi eżaminata t-tagħbija, tiġi ssiġillata l-vettura jew il-kontejner u jitfassal ir-rapport iċċertifikat.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ jibgħat il-messaġġ ta' "Riżultati tal-Kontroll" (IE018) li jinkludi kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar l-inċident imdaħħla fir-Rapport Iċċertifikat u fil-carnet TIR.

Ir-rapport iċċertifikat għandu jibqa' mehmuż mal-carnet TIR.

IX.5.6 Irregolaritajiet identifikati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ

IX.5.6.1 Irregolaritajiet li jikkonċernaw il-merkanzija

L-Artikolu 8.5 il-Konvenzjoni TIR

Kwalunkwe irregolarità osservata mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ għandha tiġi ttrattata fuq il-bażi tal-merti tagħha. Jekk il-merkanzija kkonċernata mhux iddikjarata tiġi osservata fil-kompartiment tat-tagħbija ssiġillat tal-vettura tat-triq, għal raġunijiet fiskali, din tkun koperta bil-garanzija tal-carnet TIR u l-assoċjazzjoni garanti għandha tkun responsabbli. Il-carnet TIR ikun jeħtieġ li jiġi annotat fil-Kaxxa 27 tal-Vawċer Nru 2 u fil-Kaxxa 5 tal-kontromarka Nru 2.

L-annotazzjoni għandha taqra "Merkanzija żejda: l-Artikolu 8.5 tal-Konvenzjoni TIR", segwita minn deskrizzjoni tal-merkanzija u mill-kwantità. Fl-NCTS, il-messaġġ ta' "Riżultati tal-Kontroll" (IE018) jintbagħat mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ, bil-kodiċi "B" u akkumpanjat mir-rimarka "Tistenna r-riżoluzzjoni tad-diskrepanzi" meta tintalab investigazzjoni mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

Imbagħad, l-operazzjoni jkollha l-istatus "Tistenna r-riżoluzzjoni" fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

Ladarba l-kwistjoni tiġi solvuta, l-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul juża l-messaġġ ta' "Notifika ta' Riżoluzzjoni tad-diskrepanzi" (IE020) sabiex jinforma lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ. Għalhekk, il-merkanzija għandha tiġi rrilaxxata u l-

operazzjoni tiġi rrilaxxata mill-uffiċċju doganali tat-tluq.

Jekk l-irregolarità tinvolvi merkanzija nieqsa jew mhux deskritta tajjeb, azzjoni simili tkun meħtieġa fir-rigward tal-approvazzjoni tal-carnet TIR u tal-bgħit ta' messaġġi fl-NCTS.

IX.5.6.2 Irregolaritajiet li jikkonċernaw is-siġilli

Fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ, id-dwana għandha tikkontrolla jekk is-siġilli mwaħħlin għadhomx intatti. Jekk is-siġilli jkunu nkisru jew ġew imbagħbsa, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni tal-ħruġ għandu jindika din l-informazzjoni fil-messaġġ ta' "Riżultati tal-Kontroll" (IE018) li jibgħat lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

F'dawn il-każijiet, dak l-uffiċċju għandu jiġġudika bil-fatti ppreżentati u jistabbilixxi l-miżuri xierqa li jittieħdu (pereżempju, il-merkanzija tista' tiġi eżaminata) qabel ma jinforma lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

IX.5.6.3 Irregolaritajiet oħrajn

Meta l-irregolarità tkun frodulenti u maħsuba sabiex tuża b'mod ħażin jew tabbuża s-sistema TIR, ikun xieraq li tittieħed azzjoni legali kontra l-partijiet responsabbli.

IX.5.7 Sistema tal-kontroll għall-carnets TIR

L-Artikolu 6.2bis il-Konvenzjoni TIR

L-Anness 10 il-Konvenzjoni TIR

Organizzazzjoni internazzjonali awtorizzata mill-Kumitat Amministrattiv hija responsabbli għall-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll għall-carnets TIR, sabiex jiġi żgurat li s-sistema internazzjonali ta' garanziji tkun organizzata tajjeb u tiffunzjona b'mod effettiv. Bħalissa, din l-organizzazzjoni awtorizzata hija l-Unjoni Internazzjonali għat-Trasport bit-Triq (IRU) li tuża sistema ta' kontrolli elettroniċi (imsejħa SafeTIR).

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni li tikkonċerna t-terminazzjoni jew it-terminazzjoni parzjali tal-operazzjoni TIR fl-NCTS.

Din l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa bl-aktar mezz ta' komunikazzjoni veloċi disponibbli, jekk possibbli kuljum. L-informazzjoni segwenti għandha tal-anqas tinbagħat dwar il-carnets

TIR kollha ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni:

a. in-numru ta' referenza tal-carnet TIR;

b. Id-data u n-numru ta' reġistrazzjoni fir-reġistru doganali (żamma tal-kotba);

c. L-isem jew in-numru tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni;

d. Id-data u n-numru ta' referenza indikat fiċ-ċertifikat tat-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR (il-Kaxex 24-28 tal-Vawċer Nru 2) fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (jekk differenti minn (b));

e. Terminazzjoni parzjali jew finali;

f. Terminazzjoni ċċertifikata b'riżerva jew mingħajr, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 8 u 11 tal-Konvenzjoni TIR;

g. Informazzjoni jew dokumenti oħrajn (mhux obbligatorji);

In-numru tal-paġna tal-carnet TIR li fuqha tkun iċċertifikata t-terminazzjoni.

IX.5.8 Ħatt intermedju

L-Artikolu 18 il-Konvenzjoni TIR

Trasport TIR jista' jinvolvi l-aktar erba'[93] uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni.

Jekk parti mill-merkanzija tinħatt fl-uffiċċju doganali intermedju *en route*, dak l-uffiċċju għandu jaġixxi kemm bħala l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni kif ukoll bħala l-uffiċċju doganali tat-tluq għall-finijiet tal-carnet TIR u tad-*data* tal-carnet TIR.

Għandhom jiġu segwiti l-proċeduri deskritti taħt il-punt IX.5.3. B'mod partikolari, għandha tingħalaq l-operazzjoni aktar bikrija fl-NCTS u jintbagħtu l-messaġġi IE006 u IE018.

Wara l-ħatt, id-detentur tal-carnet TIR huwa responsabbli sabiex jissottometti dikjarazzjoni ġdida tal-merkanzija li jifdal fl-NCTS. Ara l-Anness 8.9. c) għal eżempju.

[93] Dan jista' jkun sa tmienja f'Marzu 2022 (ara n-nota 90 f'qiegħ il-paġna).

IX.5.9 Trattament tat-trasporti TIR irritornati

Nota ta' Spjegazzjoni għall-Artikolu 2 (0.2-1)

Trasport TIR jista' jibda u jispiċċa fl-istess pajjiż jekk parti mill-vjaġġ issir f'Parti Kontraenti oħra.

L-aħjar prattiċi Manwal TIR

Dan jista' jiġi applikat ukoll f'każijiet meta Parti Kontraenti oħra ma tkunx qed tippermetti li t-trasport TIR ikompli fit-territorju tagħha (pereżempju jekk ċerta merkanzija tkun ipprojbita). F'każijiet bħal dawn ikun hemm żewġ xenarji alternattivi:

- L-uffiċċju doganali tad-dħul fil-Parti Kontraenti kkonċernata għandu jibda l-operazzjoni TIR u jiċċertifikaha immedjatament bħala tterminata, filwaqt li jindika r-raġuni preċiża għar-rifjut fil-kaxxa mmarkata "Għal użu uffiċjali" fuq il-vawċers kollha li jifdal. Imbagħad, id-detentur tal-carnet TIR jirritorna fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ tal-pajjiż preċedenti u jitlob bidla fil-pajjiż u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għat-trasport TIR. Għal dan l-għan, id-detentur tal-carnet TIR jitlob lill-awtoritajiet doganali sabiex jiċċertifikaw il-bidliet magħmulin fil-Kaxxa 7 fuq il-paġna 1 tal-kopertura u fil-Kaxxi 6 u 12 tal-vawċers kollha li jifdal.

- L-uffiċċju doganali tad-dħul fil-Parti Kontraenti kkonċernata jirrifjuta li jiċċertifika l-carnet TIR kif deskritt hawn fuq. Imbagħad, id-detentur tal-carnet TIR jirritorna fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ tal-pajjiż preċedenti u jitlob bidla fil-pajjiż u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għat-trasport TIR. Għal dak l-għan, id-detentur tal-carnet TIR jitlob lill-awtoritajiet doganali sabiex jiċċertifikaw il-bidliet magħmulin fil-Kaxxa 7 fuq il-paġna 1 tal-qoxra u fil-Kaxxi 6 u 12 tal-vawċers kollha li jifdal u, barra minn hekk, jitlob lill-awtoritajiet doganali jindikaw fil-kaxxa mmarkata "Għal użu uffiċjali" fuq il-vawċers kollha li jifdal referenza għar-rifjut mill-awtoritajiet tal-pajjiż konsekuttiv li jaċċetta l-carnet TIR.

L-istess carnet TIR (il-paġni li jifdal) jista' jintuża sabiex jitkompla t-trasport TIR.

IX.6 Proċedura ta' inkjesta

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- azzjoni ta' qabel l-inkjesta (il-Paragrafu IX.6.1);

- proċedura tal-inkjesta (il-Paragrafu IX.6.2);
- prova alternattiva tat-terminazzjoni (il-Paragrafu IX.6.3);
- dejn u rkupru (il-Paragrafu IX.6.4);
- pretensjoni kontra assoċjazzjoni garanti (il-Paragrafu IX.6.5);
- applikazzjoni tal-Artikoli 163-164 IA (il-Paragrafu IX.6.6).

IX.6.1 Azzjoni ta' qabel l-inkjesta

F'każijiet meta l-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul ma jirċivix il-messaġġ ta' "Avviż tal-Wasla" (IE006) sal-limitu ta' żmien meta l-merkanzija trid tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ, dawk l-awtoritajiet jeħtiġilhom jużaw il-messaġġ ta' "Talba għall-Istatus" (IE904) sabiex jivverifikaw jekk l-NCTS fl-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ tikkorrispondix għal dak l-istatus. Is-sistema fid-destinazzjoni awtomatikament tivverifika l-istatus u twieġeb bil-messaġġ ta' "Tweġiba tal-Istatus" (IE905). Għal aktar dettalji, ara l-Parti VII.2.5.

IX.6.2 Proċedura ta' inkjesta

L-Artikolu 280 IA

Jekk l-istatus deskritt fil-Paragrafu IX.6.1 jaqbel fiż-żewġ uffiċċji l-ebda messaġġ ma jkun nieqes, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul jeħtiġilhom jew jagħtu bidu għall-proċedura tal-inkjesta sabiex jiksbu l-informazzjoni meħtieġa għar-rilaxx tal-operazzjoni TIR jew, jekk dak ma jkunx possibbli, jistabbilixxu jekk iġġarrabx dejn doganali, jidentifikaw id-debitur u jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-irkupru tad-dejn doganali.

Għal aktar dettalji dwar id-domanda elettronika u d-dejn u l-irkupru, ara l-Partijiet VII u VIII.

Madankollu, sabiex jingħata bidu għall-proċedura ta' inkjesta għall-uffiċċju doganali ddikjarat tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul jivverifikaw l-eżistenza ta' avviż li jikkonċerna t-terminazzjoni tal-operazzjoni mis-sistema elettronika ta' kontrolli mħaddma mill-organizzazzjoni internazzjonali, skont l-Anness 10

tal-Konvenzjoni TIR.

F'każijiet meta l-operazzjoni TIR ma tkunx tista' tiġi rrilaxxata sa mhux aktar tard minn 28 jum wara li tintbagħat it-talba għal inkjesta lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ iddikjarat, l-awtorità doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul għandha titlob lid-detentur tal-carnet TIR u tinforma lill-assoċjazzjoni garanti sabiex ifornu prova li l-operazzjoni TIR ġiet itterminata jew dwar il-post attwali fejn seħħ il-ksur jew l-irregolarità. Il-messaġġ ta' "Talba dwar movimenti li ma waslux" (IE140) jista' jintuża sabiex issir it-talba lid-detentur tal-carnet TIR jew lir-rappreżentant tiegħu u l-messaġġ ta' "Informazzjoni dwar movimenti li ma waslux" (IE141) għat-tweġiba.

Fiż-żewġ każijiet, il-prova (tat-terminazzjoni jew tal-post tal-irregolarità) għandha tiġi fornita mid-detentur tal-carnet TIR fi żmien 28 jum mid-data tat-talba. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż għal 28 jum oħrajn fuq it-talba tad-detentur tal-carnet TIR.

Jekk, wara dak il-perjodu:

- ma jkun hemm l-ebda tweġiba mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ,
- l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma jipprovdi l-ebda konferma, jew jirriżulta li l-carnet TIR ma ġiex ippreżentat,
- ma tingħata l-ebda prova alternattiva li tissodisfa lill-awtorità doganali
- ma jkun hemm l-ebda prova li l-operazzjoni TIR ġiet itterminata, jew
- l-ebda Stat Membru ma jkun talab it-trasferiment tar-responsabbiltà għall-irkupru,

l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul għandhom jinnotifikaw formalment lill-assoċjazzjoni garanti u lid-detentur tal-Carnet TIR dwar in-nuqqas ta' rilaxx tal-operazzjoni TIR. In-notifika, li tista' tintbagħat fl-istess żmien, għandha tintbagħat bil-posta, sabiex jintuża kull mezz possibbli bl-għan li jkun żgurat li n-notifika tiġi riċevuta mid-destinatarju.

L-Artikolu 11(1) tal-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 280(8) IA

F'kull każ, in-notifika trid issir fi żmien sena mid-data tal-aċċettazzjoni tal-carnet TIR.

Meta, matul il-passi ta' proċedura ta' inkjesta, jiġi stabbilit li l-operazzjoni TIR intemmet b'mod korrett, l-awtorità doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul għandha tirrilaxxa l-operazzjoni TIR u għandha tinforma immedjatament lill-assoċjazzjoni garanti u lid-detentur tal-carnet TIR u, fejn xieraq, lil kwalunkwe awtorità doganali li tista' tkun nediet proċedura ta' rkupru.

IX.6.3 Prova alternattiva tat-terminazzjoni

L-Artikolu 281 IA

Bħala prova alternattiva li l-operazzjoni TIR intemmet, l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tat-tluq jew tad-dħul jistgħu jaċċettaw kwalunkwe dokument iċċertifikat mill-awtorità doganali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ fejn ġiet ippreżentata l-merkanzija.

Din il-prova alternattiva trid tidentifika l-merkanzija u tistabbilixxi li ġiet ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ jew ikkonsenjata lil konsenjatarju awtorizzat.

Id-detentur tal-carnet TIR jew l-assoċjazzjoni garanti jistgħu jippreżentaw ukoll bħala prova alternattiva, għas-sodisfazzjon tal-awtorità doganali ta' Stat Membru tat-tluq jew tad-dħul, wieħed mid-dokumenti li ġejjin li jidentifikaw il-merkanzija:

- dokument jew rekord doganali ċċertifikat mill-awtorità doganali ta' Stat Membru, li jistabbilixxi li l-merkanzija ħarġet fiżikament mit-territorju doganali tal-Unjoni;
- dokument doganali maħruġ f'pajjiż terz fejn il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura doganali;
- dokument maħruġ f'pajjiż terz u approvat mill-awtoritajiet doganali ta' dak il-pajjiż, li jiċċertifika li l-merkanzija hija meqjusa li tinsab f'ċirkolazzjoni libera f'dak il-pajjiż.

Bħala prova tista' tiġi pprovduta kopja tad-dokumenti msemmijin hawn fuq, iċċertifikati bħala kopji veri mill-awtoritajiet.

L-Artikolu 280(8) IA

L-uffiċċju responsabbli mill-inkjesta għandu jinforma lid-detentur tal-carnet TIR u lill-assoċjazzjoni garanti jekk ikunx aċċetta l-prova alternattiva prodotta bħala evidenza tat-terminazzjoni tal-proċedura TIR. L-uffiċċju responsabbli mill-inkjesta huwa mistenni wkoll jikkomunika lid-detentur tal-carnet TIR kwalunkwe evidenza li ssostni r-rilaxx tal-proċedura li tkun ġiet skoperta fl-uffiċċju waqt il-proċedura ta' inkjesta.

IX.6.4 Dejn u rkupru

L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul ikunu prinċipalment responsabbli sabiex jagħtu bidu għall-azzjoni ta' rkupru tad-dejn jekk ikun hemm irregolarità li twassal għall-ħlas ta' dejn doganali u/jew ta' imposti oħrajn.

IX.6.4.1 Identifikazzjoni tal-persuna/i direttament responsabbli

L-Artikolu 78 DA

Fin-nuqqas ta' prova li l-operazzjoni TIR ġiet itterminata, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul jeħtiġilhom jiddeterminaw il-post fejn iġġarrab dejn doganali fi żmien seba' xhur mill-aħħar data li fiha l-merkanzija kellha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ. Jeħtiġilhom jidentifikaw ukoll lid-debitur u jiddeterminaw l-Istat Membru kompetenti sabiex jirkupra d-dejn doganali.

L-Artikolu 105 KDU

Id-dejn doganali għandu jiddaħħal fil-kontijiet fil-limitu ta' żmien ta' 14-il jum wara dak il-perjodu ta' seba' xhur.

Għal dan l-għan, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul jistgħu jaġixxu fuq kwalunkwe informazzjoni li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, inkluża kwalunkwe informazzjoni fornita mill-assoċjazzjoni garanti u mid-detentur tal-carnet TIR.

L-Artikolu 11(1) il-Konvenzjoni TIR

L-Artikoli 79, 84 u 87 KDU

L-Artikoli 77 DA, 78 DA, 163 IA, 311 IA,

Sabiex tkun identifikata l-persuna jew persuni responsabbli, għandhom jiġu segwiti d-dispożizzjonijiet ġenerali tal-KDU, tal-IA u tad-DA. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, id-dejn doganali jista' jkun mistenni li jiġġarrab jew permezz tat-tneħħija tal-merkanzija minn "superviżjoni doganali" jew permezz tan-nuqqas ta' ssodisfar tal-obbligi li jirriżultaw mill-użu tal-proċedura TIR. Hekk kif id-detentur tal-carnet TIR huwa responsabbli għall-preżentazzjoni tal-merkanzija eċċ. lill-uffiċċju tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ, huwa maħsub li huwa jew ir-rappreżentant tiegħu jkunu l-persuna/i *prima facie* direttament responsabbli.

Għal aktar dettalji dwar il-proċedura elettronika ta' dejn u ta' rkupru, ara l-Parti VIII.

IX.6.4.2 Irkupru ta' dejn u/jew ta' imposti oħrajn

L-Artikolu 11(2) il-Konvenzjoni TIR

L-irkupru ta' dejn kontra l-persuna jew il-persuni responsabbli jsegwi l-proċeduri standard — ara l-Parti VIII. Skont il-

Konvenzjoni TIR, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jesiġu l-ħlas mill-persuna jew mill-persuni responsabbli li jħallsu d-dazji jew it-taxxi dovuti. Madankollu, f'sitwazzjonijiet li fihom id-detentur tal-carnet TIR ikun residenti fil-pajjiż terz, mhux dejjem ikun possibbli li jkun assigurat il-ħlas tal-imposti dovuti. Il-Konvenzjoni TIR tirrikonoxxi dan permezz tal-użu tagħha tal-frażi "għandhom kemm ikun possibbli jeħtieġu l-ħlas mill-persuna responsabbli".

Il-frażi "kemm ikun possibbli" timplika li l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jagħmlu sforz sabiex jeħtieġu l-ħlas. Bħala minimu, dan l-isforz jinvolvi l-ħruġ ta' talba formali għall-ħlas. It-talba għandha tkun indirizzata lill-persuna.

F'każ li l-ħlas ma jsirx wara perjodu ta' xahar mid-data ta' meta d-dejn ġie kkomunikat lid-debitur, l-ammont — sal-limitu tal-garanzija — għandu jintalab mingħand l-assoċjazzjoni garanti.

IX.6.5 Pretensjoni kontra l-assoċjazzjoni garanti

L-Artikolu 11(3) il-Konvenzjoni TIR

Il-pretensjoni kontra l-assoċjazzjoni garanti tista' ssir mhux qabel tliet xhur mid-data tan-notifika ta' nuqqas ta' rilaxx u f'sentejn mid-data tan-notifika. Għandha tingħata attenzjoni sabiex ma tintbagħatx pretensjoni prematura (jiġifieri pretensjoni li ssir qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien ta' tliet xhur), peress li din tista' tipperikola l-validità tal-pretensjoni.

Fil-prattika, tintuża l-aktar waħda kmieni minn dawn iż-żewġ skadenzi fejn ma jkunx hemm prospett ta' rkupru tad-dejn mingħand il-persuna jew il-persuni responsabbli u fejn il-post attwali tal-ksur jew tal-irregolarità ma jkunx magħruf. L-iskadenza l-aktar tard tintuża meta jkun hemm prospett realistiku ta' rkupru tad-dejn mill-persuna jew mill-persuni responsabbli.

Huwa magħruf li l-pretensjonijiet kollha magħmulin kontra l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali jiġu riferiti lill-IRU. Dan jippermetti li l-IRU "tivverifika" l-validità tal-pretensjonijiet. Għalhekk, huwa importanti li l-pretensjonijiet kollha jkunu ssostanzjati b'dokumentazzjoni ta' appoġġ li turi, bħala minimu, li l-irregolarità wasslet għall-ħlas ta' dazji fuq l-importazzjoni u ta' taxxi, li d-debitur ġie identifikat, li ttieħdet azzjoni kontra d-debitur sabiex jintalab il-ħlas tal-imposti dovuti, u li n-notifiki ntbagħtu b'manjiera xierqa u f'waqtha.

IX.6.6 Applikazzjoni tal-Artikoli 163-164 IA

Peress li t-territorju doganali tal-Unjoni huwa meqjus bħala territorju uniku għall-finijiet tal-proċedura TIR, mhux dejjem ikun faċli li jiġi identifikat l-Istat Membru kompetenti sabiex jittratta irregolaritajiet eċċ. li jinħolqu taħt il-proċedura. Għalhekk, in-notifiki ta' nuqqas ta' rilaxx imsemmijin fil-Paragrafu IX.6.2 għandhom jitqiesu wkoll bħala mibgħuta lill-assoċjazzjonijiet garanti kollha fl-Unjoni.

IX.6.6.1 Trasferiment tar-responsabbiltà għall-irkupru tad-dejn

L-Artikolu 167(1) IA

L-Artikolu 1(o) il-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 11(2) il-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 11(1) il-Konvenzjoni TIR

Meta jkun neċessarju t-trasferiment tar-responsabbiltà għall-irkupru għal Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li jagħti bidu jew rikjedenti għandu jibgħat "id-dokumenti neċessarji kollha" lill-Istat Membru li lilu tkun indirizzata t-talba. It-terminu "dokumenti neċessarji" għandu jinkludi kwalunkwe korrispondenza bejn l-Istat Membru li jagħti bidu u l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali tiegħu.

L-Artikolu 11(2) il-Konvenzjoni TIR

L-Artikolu 11(3) il-Konvenzjoni TIR

Jekk din il-korrispondenza tikkonċerna informazzjoni relevanti magħmula mill-assoċjazzjoni garanti inizjali li tikkonċerna l-validità tan-notifika, l-Istat Membru li ssirlu t-talba jkollu jiddeċiedi jekk jistax isostni pretensjoni kontra l-assoċjazzjoni garanti tiegħu. F'każ ta' appell kontra pretensjoni, l-assoċjazzjoni garanti tal-Istat Membru li ssirlu t-talba tkun tista' tuża din il-korrispondenza sabiex issostni r-raġunijiet tagħha għall-appell kontra t-talba magħmula mill-Istat Membru li ssirlu l-pretensjoni f'konformità mal-liġijiet ċivili ta' dak il-pajjiż.

IX.7 Konsenjatarju awtorizzat

Dan il-paragrafu jipprovdi informazzjoni dwar:

- introduzzjoni (il-Paragrafu IX.7.1);
- awtorità għall-qtugħ u għat-tneħħija ta' siġilli doganali (il-Paragrafu IX.7.2);
- wasla tal-merkanzija (il-Paragrafu IX.7.3);
- preżentazzjoni tal-carnet TIR (il-Paragrafu IX.7.4);
- approvazzjoni u ritorn tal-carnet TIR lid-detentur tal-carnet TIR (il-Paragrafu IX.7.5).

IX.7.1 Introduzzjoni

Ir-regola ġenerali hija li l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura TIR għandha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni flimkien mal-vettura, mal-carnet TIR u mal-MRN tal-operazzjoni TIR.

Madankollu, il-konsenjatarju awtorizzat jista' jirċievi merkanzija fil-bini, jew f'xi post ieħor approvat, mingħajr il-preżentazzjoni tal-merkanzija, tal-vettura, tal-carnet TIR u tal-MRN tal-operazzjoni TIR fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

L-Artikolu 230 KDU

Artikoli 186-187 DA

Il-proċeduri TIR tal-konsenjatarju awtorizzat huma bbażati fuq il-proċeduri ta' tranżitu tal-Unjoni/il-proċeduri komuni ta' tranżitu. Għalhekk, għandhom jiġu segwiti l-proċeduri stabbiliti fil-Parti VI.

L-Artikolu 282 IA

B'paragun mal-operazzjoni TIR standard, l-awtorizzazzjoni bħala konsenjatarju awtorizzat f'operazzjonijiet TIR tapplika biss f'operazzjonijiet TIR li fihom il-post finali tal-ħatt ikun il-bini stipulat f'dik l-awtorizzazzjoni.

IX.7.2 Awtorità għall-qtugħ u għat-tneħħija ta' siġilli doganali

L-Artikolu 282 IA

Ir-rikonoxximent reċiproku ta' kontrolli doganali huwa wieħed mill-pilastri tal-proċedura TIR, u t-twaħħil u t-tneħħija ta' siġilli doganali huwa element essenzjali tagħha. Din hija r-raġuni għaliex l-awtorizzazzjoni għandha tiddikjara b'mod espliċitu li d-detentur tal-carnet TIR tal-awtorizzazzjoni jew ir-rappreżentant tiegħu huwa awtorizzat jaqta' u jneħħi s-siġilli doganali.

Taħt l-ebda ċirkostanza l-konsenjatarju awtorizzat ma jista' jneħħi s-siġilli doganali qabel ma jikseb permess mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fil-forma tal-messaġġ ta' "Permess tal-Ħatt" (IE043).

IX.7.3 Wasla tal-merkanzija

L-Artikolu 282 IA

Il-konsenjatarju awtorizzat għandu jużа l-messaġġ ta' "Notifika tal-Wasla" (IE007) sabiex jinforma lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni dwar il-wasla tal-merkanzija, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni. Dan jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-kontrolli, fejn neċessarji, qabel ma l-konsenjatarju jħott il-merkanzija.

Il-messaġġ "Avviż tal-Wasla" (IE006) jintbagħat lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul sabiex jinformah li l-konsenja waslet.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jippermetti l-ħatt tal-merkanzija bil-messaġġ ta' "Permess tal-Ħatt" (IE043), jekk ma jkollux l-intenzjoni li jivverifika l-merkanzija qabel tinħatt. Il-konsenjatarju awtorizzat għandu jneħħi s-siġilli; jikkontrolla u jħott il-merkanzija, iqabbilha mal-informazzjoni mogħtija fil-carnet TIR u fil-messaġġ tal-"Permess tal-Ħatt"; idaħħal il-merkanzija li tkun inħattet fir-rekords tiegħu u jibgħat, sa mhux aktar tard mit-tielet jum wara l-wasla tal-merkanzija, il-messaġġ ta' "Rimarki dwar il-Ħatt" (IE044) lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Dan il-messaġġ jinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe irregolarità osservata.

IX.7.4 Preżentazzjoni tal-carnet TIR

L-Artikolu 282 IA

Il-carnet TIR u l-MRN tal-operazzjoni TIR għandhom jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-awtorizzazzjoni għall-fini ta' approvazzjoni u ta' terminazzjoni tal-operazzjoni TIR.

IX.7.5 Approvazzjoni u ritorn tal-carnet TIR lid-detentur tal-carnet TIR

L-Artikolu 279(4) IA

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu japprova l-carnet TIR billi jimla l-kontromarka Nru 2 u jżomm il-vawċer Nru 2. Wara l-approvazzjoni, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jirritorna l-carnet TIR lid-detentur tal-carnet TIR jew lir-rappreżentant tiegħu.

Kumment għall-Artikolu 28 il-Konvenzjoni TIR

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jintroduċi l-messaġġ ta' "Riżultati tal-Kontroll" (IE018) fl-NCTS u jittrażmetti d-*data* f'konformità mal-paragrafu IX.5.7.

IX.8 Annessi tal-Parti IX

IX.8.1 Punti fokali fl-Unjoni[94]

Għall-aħħar verżjoni ta' din il-lista ta' punti fokali, jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-link li ġejja:

EUROPA: **https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-procedures/what-is-customs-transit/common-union-transit_en**

94 Il-lista sħiħa tal-punti fokali tat-TIR hija disponibbli fuq http://www.unece.org/tir/focalpoints/login.html

IX.8.2 It-tabella ta' korrelazzjoni

Kontenut tal-Kaxxa TIR	Isem il-Kamp tal-NCTS
Pajjiż(i) tat-Tluq (Kaxxa 6 tal-paġna tal-qoxra)	Pajjiż tad-Dispaċċ (Kaxxa 15)
Pajjiż(i) tad-Destinazzjoni (Kaxxa 7 tal-paġna tal-qoxra)	Pajjiż tad-Destinazzjoni (Kaxxa 17)
Nru tar-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (Kaxxa 8 tal-paġna tal-qoxra)	Identità fit-Tluq (Kaxxa 18)
Ċertifikat(i) tal-Approvazzjoni tal-Vetturi (Kaxxa 9 tal-paġna tal-qoxra)	Dokumenti/Ċertifikati Ppreżentati (Kaxxa 44)
Numru/i tal-Kontejner (Kaxxa 10 tal-paġna tal-qoxra)	Kontejner (Kaxxa 19), Numru tal-kontejner (Kaxxa 31)
Nru tal-Carnet TIR (Kaxxa 1 tal-Volet)	Referenza tad-Dokument Ippreżentat (Kaxxa 44),
Detentur tal-carnet TIR (Kaxxa 4 tal-Volet)	Negozjant Detentur tal-proċedura (Kaxxa 50), numru tal-EORI, numru tad-detentur tal-ID tat-TIR kif iddefinit għall-kaxxa 3 tal-qoxra tal-carnet TIR (ara l-Anness IX.8.3) Negozjant Prinċipali (Kaxxa 50), numru tal-EORI
Pajjiż(i) tat-Tluq (Kaxxa 5 tal-Volet)	Pajjiż tad-Dispaċċ (Kaxxa 15)
Pajjiż(i) tad-Destinazzjoni (Kaxxa 6 tal-Volet)	Pajjiż tad-Destinazzjoni (Kaxxa 17)
Nru tar-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (Kaxxa 7 tal-Volet)	Identità fit-Tluq (Kaxxa 18)
Dokumenti Mehmużin (Kaxxa 8 tal-Volet)	Dokumenti/Ċertifikati Ppreżentati (Kaxxa 44)
Kontejners, Marki u Nri tal-Pakketti (Kaxxa 9 tal-Volet)	Numru tal-kontejner (Kaxxa 31), Marki u Nri. tal-Pakketti (Kaxxa 31)
Numru u Tip ta' Pakketti u ta' Oġġetti, Deskrizzjoni tal-merkanzija (Kaxxa 10 tal-Volet)*	Tip ta' Pakketti (Kaxxa 31), Numru ta' Pakketti (Kaxxa 31), Numru tal-Oġġett (Kaxxa 32), Deskrizzjoni bil-Kliem (Kaxxa 31), Kodiċi SA (Kaxxa 33)
Piż Gross (Kaxxa 11 tal-Volet)	Total tal-Massa Grossa (Kaxxa 35)
Post u Data tad-Dikjarazzjoni (Kaxxa 14 tal-Volet)	Data tad-Dikjarazzjoni (Kaxxa C)

* Skont ir-regoli dwar l-użu tal-carnet TIR, din il-kaxxa tintuża sabiex tiġi indikata "merkanzija tqila jew kbira" kif imsemmija fl-Artikolu 1(p) tal-Konvenzjoni TIR. L-istess japplika għall-każijiet li fihom jintuża s-simbolu "T2L" f'konformità mal-Artikolu 319 tal-IPC

Kontenut tal-Kaxxa TIR	Isem il-Kamp tal-NCTS
Numru u Identifikazzjoni tas-Siġilli (Kaxxa 16 tal-Volet)	Numru tas-Siġilli, Identità tas-Siġilli (Kaxxa D)
Uffiċċju tat-Tluq jew tad-Dħul (Kaxxa 18 tal-Volet)	Nru ta' Referenza tal-Uffiċċju tat-Tluq (Kaxxa C)
Limitu ta' żmien għat-Tranżitu (Kaxxa 20 tal-Volet)	Data ta' Limitu (Kaxxa D)
Nru tar-Reġistru fl-Uffiċċju tat-Tluq (Kaxxa 21 tal-Volet)	Numru ta' Referenza tal-Moviment (MRN)
Uffiċċju tad-Destinazzjoni (Kaxxa 22 tal-Volet)	Uffiċċju Doganali tad-Destinazzjoni (Kaxxa 53), destinatarju ta' IE01
Konsenjatarju (Dokumenti ppreżentati)	Negozjant Konsenjatarju (Kaxxa 8)

IX.8.3 Mili tal-carnet TIR

Il-mili ta' kaxxi tal-carnet TIR

Parti 7.2 L-aħjar prattiki fir-rigward tal-użu tal-carnet TIR, l-Anness I tal-Manwal TIR

Paġna 1 tal-kopertura mimlija mill-assoċjazzjoni jew mid-detentur tal-carnet TIR

Kaxxa 1 Data finali tal-validità (skont il-format jj/xx/ssss) wara li l-carnet TIR ma jkunx jista' jiġi ppreżentat għall-aċċettazzjoni fl-uffiċċju doganali tat-tluq. Dment li jkun ġie aċċettat mill-uffiċċju doganali tat-tluq fi jew qabel id-data finali tal-validità, il-carnet TIR jibqa' validu sat-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. [Nota: ma hija permessa l-ebda korrezzjoni f'din il-kaxxa].

Kaxxa 2 L-isem tal-assoċjazzjoni emittenti nazzjonali.

Kaxxa 3 Numru ta' identifikazzjoni (ID), isem, indirizz u pajjiż tad-detentur tal-carnet TIR. Numru ta' identifikazzjoni (ID) individwali u uniku jiġi assenjat lid-detentur tal-carnet TIR mill-assoċjazzjoni garanti skont il-format armonizzat segwenti: "AAA/BBB/XX…X", b'"AAA" li tirrappreżenta kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż fejn il-persuna li tuża l-carnets TIR tkun ġiet awtorizzata, b'"BBB" li tirrappreżenta kodiċi bi tliet ċifri tal-assoċjazzjoni nazzjonali li permezz tagħha d-detentur tal-carnet TIR ikun ġie awtorizzat, u b'"XX…X" li tirrapreżenta numri konsekuttivi (massimu ta' 10 ċifri), li jidentifikaw il-persuna awtorizzata sabiex tuża l-carnets TIR.

Kaxxa 4 Timbru u firma tal-assoċjazzjoni emittenti.

Kaxxa 5 Firma (ittimbrata) tas-segretarju tal-organizzazzjoni internazzjonali.

Kaxxa 6 Pajjiż(i) fejn jibda t-trasport TIR ta' tagħbija jew ta' parti ta' tagħbija tal-merkanzija.

Kaxxa 7 Pajjiż(i) fejn jispiċċa t-trasport TIR ta' tagħbija jew ta' parti ta' tagħbija tal-merkanzija.

Kaxxa 8 Numru jew numri ta' reġistrazzjoni tal-vettura/i tat-triq, mhux biss ta' vetturi bil-mutur (eż. unità ta' trattur), iżda wkoll in-numru ta' reġistrazzjoni ta' karru jew ta' semitrejler irmunkat minn vettura bħal din. F'każ li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tipprovdix għar-reġistrazzjoni ta' karrijiet jew ta' semitrejlers, l-identifikazzjoni jew

in-numru tal-manifattur għandhom jiġu pprovduti minflok in-numru ta' reġistrazzjoni.

Kaxxa 9 Numru u data taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni TIR.

Kaxxa 10 Numru/i tal-kontejner(s), jekk applikabbli.

Kaxxa 11 Diversi osservazzjonijiet, eż. l-approvazzjoni "Merkanzija tqila jew kbira".

Kaxxa 12 Firma tad-detentur tal-carnet TIR jew tar-rappreżentant tiegħu.

Vawċer Nru 1/Nru 2 (isfar) mhux għall-użu doganali

Id-detentur tal-carnet TIR huwa responsabbli sabiex jimla l-vawċer l-isfar. Il-kontenut fil-folja jrid jikkorrispondi ma' dak tal-vawċers 1-20, jiġifieri l-folji bojod u ħodor. Bħala regola, l-awtoritajiet doganali ma jdaħħlux l-avviżi tagħhom f'din il-folja minbarra f'sitwazzjonijiet meta d-detentur tal-carnet TIR jitlob l-approvazzjoni tal-bidliet.

Riżoluzzjonijiet u Rakkomandazzjoni Manwal tat-TIR

Fil-31 ta' Jannar 2008, il-Kumitat Amministrattiv għall-Konvenzjoni TIR iddeċieda li jirrakkomanda li d-detenturi tal-carnet TIR jipprovdu l-kodiċi SA b'sitt ċifri, minbarra deskrizzjoni tal-merkanzija, fil-Kaxxa 10 tal-manifest tal-merkanzija fuq il-vawċer isfar (mhux għall-użu doganali) tal-carnet TIR.

L-uffiċċju doganali tat-tluq fl-Unjoni jaċċetta l-inklużjoni tal-kodiċi SA fuq il-vawċers tal-carnet TIR għall-użu doganali.

Kun af li d-detentur tal-carnet TIR ma huwiex obbligat idaħħal il-kodiċi SA.

F'każi meta jingħata l-kodiċi SA, l-awtoritajiet doganali fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul (*en route*) għandhom jikkontrollaw jekk il-kodiċi SA mogħti jikkorrispondix għal dak muri f'dokumenti doganali, kummerċjali jew tat-trasport oħrajn.

Vawċer Nru 1 (abjad) mimli mid-detentur tal-carnet TIR

Kaxxa 1 In-numru ta' referenza tal-carnet TIR.

Kaxxa 2 L-uffiċċju/i fejn jibda t-trasport TIR ta' tagħbija jew ta' parti ta' tagħbija tal-merkanzija. In-numru tal-uffiċċji tat-tluq jista' jvarja minn wieħed sa tlieta, skont in-numru ta' uffiċċji tad-destinazzjoni (il-Kaxxa 12 aktar 'il quddiem). In-numru totali tal-uffiċċji doganali

tat-tluq jew tad-destinazzjoni ma jistax jaqbeż l-erbgħa.

Kaxxa 3 L-isem u/jew il-logo tal-organizzazzjoni internazzjonali.

Kaxxa 4 Numru ta' identifikazzjoni (ID), isem, indirizz u pajjiż tad-detentur tal-carnet TIR. Għad-dettalji, jekk jogħġbok irreferi għall-Kaxxa 3 tal-qoxra.

Kaxxa 5 Pajjiż(i) fejn jibda t-trasport TIR ta' tagħbija jew ta' parti ta' tagħbija tal-merkanzija.

Kaxxa 6 Pajjiż(i) fejn jispiċċa t-trasport TIR ta' tagħbija jew ta' parti ta' tagħbija tal-merkanzija.

Kaxxa 7 Numru jew numri ta' reġistrazzjoni tal-vettura/i tat-triq, mhux biss ta' vetturi bil-mutur, iżda wkoll in-numru ta' reġistrazzjoni ta' karru jew ta' semitrejler irmunkat minn vettura bħal din. Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tipprovdix għar-reġistrazzjoni ta' karrijiet jew ta' semitrejlers, l-identifikazzjoni jew in-numru tal-manifattur għandhom jintwerew minflok in-numru ta' reġistrazzjoni.

Kaxxa 8 F'konformità man-Nru 10(c) jew man-Nru 11 tar-Regoli rigward l-Użu tal-carnet TIR, id-dokumenti addizzjonali jistgħu jiġu mehmużin mal-carnet TIR. F'dan il-każ, l-uffiċċju doganali tat-tluq għandu jehmiżhom mal-carnet TIR billi juża stejpils jew apparati oħrajn u billi jittimbrahom b'tali modi li t-tneħħija tagħhom tħalli traċċi ċari fuq il-carnet TIR. Sabiex jiġi evitat li d-dokumenti jiġu mibdula, l-uffiċċju tat-tluq għandu jittimbra kull paġna tad-dokumenti mehmużin. Id-dokumenti għandhom ikunu mehmużin mal-qoxra (jew folja safra) u għal kull vawċer tal-carnet TIR. Id-dettalji ta' dawn id-dokumenti għandhom jiġu indikati f'din il-kaxxa.

Kaxxa 9 a) Numru/i ta' identifikazzjoni tal-kompartiment(i) tat-tagħbija jew tal-kontejner(s) (fejn applikabbli).

b) Marki ta' identifikazzjoni jew numri ta' pakketti jew ta' oġġetti.

Kaxxa 10 In-numru u t-tip ta' pakketti jew ta' oġġetti, deskrizzjoni tal-merkanzija. Id-deskrizzjoni tal-merkanzija għandha tinkludi l-isem kummerċjali (televixins, vidjows, CD-plejers, eċċ.) u trid tippermettilhom jiġu identifikati b'mod ċar. Indikazzjonijiet ġeneriċi, bħal prodotti elettroniċi, apparat domestiku, ħwejjeġ, jew provvisti interni, ma humiex aċċettati bħala deskrizzjonijiet tal-merkanzija. Il-kodiċi SA rrakkomandat (mill-paġna s-safra) jista'

jiddaħħal hawnhekk ukoll. Barra minn hekk, in-numru ta' pakketti relatati ma' kull deskrizzjoni tal-merkanzija jrid jidher fil-manifest tal-merkanzija. F'dak li għandu x'jaqsam ma' merkanzija kbira, trid tiġi ddikjarata l-kwantità tal-merkanzija.

Kaxxa 11 Piż gross f'kilogrammi (KG).

Kaxxa 12 In-numru ta' pakketti intiżi għall-konsenja f'diversi uffiċċji tad-destinazzjoni, in-numru totali tal-pakketti u l-ismijiet (il-postijiet) tal-uffiċċji msemmijin. In-numru ta' uffiċċji doganali tad-destinazzjoni jista' jvarja minn wieħed sa tlieta, skont in-numru ta' uffiċċji doganali tat-tluq (Kaxxa 2 aktar 'il fuq). In-numru totali ta' uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni ma jistax jaqbeż l-erbgħa.

Kaxxi 13-15 Il-post, id-data, u l-firma tad-detentur tal-carnet TIR jew tal-aġent tad-detentur. Permezz tal-mili ta' din il-kaxxa, id-detentur tal-carnet TIR jassumi r-responsabbiltà għall-awtentiċità tal-informazzjoni pprovduta fil-carnet TIR. Dawn l-entrati għandhom isiru fuq il-vawċers kollha tal-carnet TIR.

Vawċer Nru 1 (abjad) ikkumpilat mill-awtoritajiet doganali

Għall-użu uffiċjali Kwalunkwe informazzjoni sabiex jiġi ffaċilitat il-kontroll doganali, eż. in-numru tad-dokument doganali preċedenti, eċċ.

Kaxxa 16 In-numru u d-dettalji ta' identifikazzjoni tas-siġilli jew tal-marki ta' identifikazzjoni applikati. L-aħħar uffiċċju doganali tat-tluq għandu jindika din l-informazzjoni fuq il-vawċers kollha li jifdal.

Kaxxa 17 Id-data (f'konformità mal-format jj/xx/ssss), it-timbru u l-firma ta' uffiċjal kompetenti fl-uffiċċju doganali tat-tluq. Fl-aħħar uffiċċju doganali tat-tluq, l-uffiċjal doganali għandu jiffirma u jittimbra bid-data l-Kaxxa 17 taħt il-manifest fuq il-vawċers kollha li jifdal.

Kaxxa 18 L-isem tal-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

Kaxxa 19 Għandha tiddaħħal X fil-kaxxa xierqa jekk is-siġilli jew marki oħrajn ta' identifikazzjoni jinstabu intatti fil-bidu ta' operazzjoni TIR. L-ewwel uffiċċju doganali tat-tluq ma jimliex din il-kaxxa.

Kaxxa 20 Limitu ta' żmien (skadenza, bid-data mogħtija fil-format jj/xx/ssss u l-ħin, jekk xieraq) għat-tranżitu, li sa dan il-carnet TIR flimkien mal-vettura tat-triq, il-kombinazzjoni ta' vetturi jew il-kontejner, iridu jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ jew tad-

destinazzjoni.

Kaxxa 21 Dettalji ta' identifikazzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul, segwiti min-numru ta' reġistrazzjoni assenjat lill-operazzjoni TIR fir-reġistru doganali.

Kaxxa 22 Mixxellanji, eż. l-uffiċċju *en route* jew l-uffiċċju tad-destinazzjoni fejn trid tiġi ppreżentata l-merkanzija. Jekk ikun neċessarju, ir-rotta stipulata tista' tiġi inkluża hawnhekk.

Kaxxa 23 Id-data (f'konformità mal-format jj/xx/ssss), it-timbru u l-firma ta' uffiċjal kompetenti tal-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

Kontromarka Nru 1 (bajda) mimlija mill-awtoritajiet doganali

Kaxxa 1 Dettalji ta' identifikazzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

Kaxxa 2 In-Numru ta' Referenza tal-Moviment (MRN) jew numru ta' reġistrazzjoni ieħor assenjat għall-operazzjoni TIR.

Kaxxa 3 Meta jkunu applikabbli, in-numru u d-dettalji dwar l-identifikazzjoni tas-siġilli jew tal-marki ta' identifikazzjoni applikati.

Kaxxa 4 Għandha tiddaħħal X fil-kaxxa xierqa jekk is-siġilli jew marki oħrajn ta' identifikazzjoni jinstabu intatti fil-bidu ta' operazzjoni TIR. L-ewwel uffiċċju doganali tat-tluq ma jimliex din il-kaxxa.

Kaxxa 5 Mixxellanji, eż. l-uffiċċju doganali *en route* jew l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fejn trid tiġi ppreżentata l-merkanzija. Meta jkun neċessarju, ir-rotta stipulata tista' tiġi inkluża hawnhekk.

Kaxxa 6 Id-data (f'konformità mal-format jj/xx/ssss), it-timbru u l-firma ta' uffiċjal kompetenti tal-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

Kontromarka 1 Meta l-operazzjoni TIR tkun inbdiet mingħajr skambju ta' *data* tal-carnet TIR (proċedura ta' riżerva/kontinwità tal-operat — il-Paragrafu 8.4), it-timbru (il-mudell fl-Anness 8.6) għandu jiġi indikat fuq il-kontromarka Nru 1 f'post fejn ikun viżibbli b'mod ċar.

Vawċer Nru 2 (aħdar) mimli mid-detentur tal-carnet TIR

Il-mili tal-kaxxi 1-23 tal-Vawċer Nru 2 huwa simili għall-mili tal-

kaxxi li jikkorrispondu għall-Vawċer Nru 1.

Vawċer Nru 2 (aħdar) mimli mill-awtoritajiet doganali

Kaxxa 24 Dettalji ta' identifikazzjoni tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ.

Kaxxa 25 Għandha tiddaħħal X fil-kaxxa xierqa jekk is-siġilli jew il-marki ta' identifikazzjoni l-oħrajn jinstabu intatti.

Kaxxa 26 In-numru ta' pakketti maħtuta. Timtela biss mill-uffiċċji doganali tad-destinazzjoni u mhux mill-uffiċċji tal-ħruġ.

Kaxxa 27 Dan il-kaxxa għandha timtela biss f'każijiet meta jiġu osservati irregolaritajiet, aċċidenti jew inċidenti b'konnessjoni mat-trasport TIR. F'dawk is-sitwazzjonijiet, għandha tiddaħħal R, segwita minn deskrizzjoni ċara ta' kwalunkwe riżerva. Jekk l-awtoritajiet doganali jiċċertifikaw it-terminazzjoni tal-operazzjonijiet TIR soġġetti għal riżervi mhux speċifikati sistematiċi, għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom għal dan.

Kaxxa 28 Id-data (f'konformità mal-format jj/xx/ssss), it-timbru u l-firma ta' uffiċjal kompetenti tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ.

Meta tiġi rritornata l-parti xierqa tal-vawċer Nru 2, jekk l-operazzjoni TIR inbdiet mingħajr l-iskambju tad-*data* tal-carnet TIR (proċedura ta' riżerva/kontinwità tal-operat — il-Paragrafu 8.4), dan li ġej irid jiġi pprovdut fuq wara tal-vawċer: l-indirizz ta' ritorn tal-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul (*en route*), u t-timbru tal-"proċedura ta' riżerva tal-NCTS" (il-mudell fl-Anness 8.6.) fil-kaxxa mmarkata "Għal użu uffiċjali".

Kontromarka Nru 2 (ħadra) mimlija mill-awtoritajiet doganali

Kaxxa 1 Dettalji ta' identifikazzjoni tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ.

Kaxxa 2 Għandha tiddaħħal X fil-kaxxa xierqa jekk is-siġilli jew il-marki ta' identifikazzjoni l-oħrajn jinstabu intatti.

Kaxxa 3 In-numru ta' pakketti maħtuta. Timtela biss mill-uffiċċji doganali tad-destinazzjoni, mhux mill-uffiċċji doganali tal-ħruġ.

Kaxxa 4 Meta jkunu applikabbli, għandhom jiġu applikati n-numru u d-

dettalji dwar l-identifikazzjoni tas-siġilli l-ġodda jew tal-marki ta' identifikazzjoni l-ġodda.

Kaxxa 5 Bħall-Kaxxa 27 tal-vawċer Nru 2, din il-kaxxa għandha timtela biss jekk jinstabu irregolaritajiet, aċċidenti jew inċidenti b'konnessjoni mat-trasport TIR. F'dawk is-sitwazzjonijiet, għandha tiddaħħal R, segwita minn deskrizzjoni ċara ta' kwalunkwe riżerva. Jekk l-awtoritajiet doganali jiċċertifikaw it-terminazzjoni tal-operazzjonijiet TIR soġġetti għal riżervi mhux speċifikati sistematiċi, għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom għal dan.

Kaxxa 6 Id-data (f'konformità mal-format jj/xx/ssss), it-timbru u l-firma ta' uffiċjal kompetenti tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ.

Mili tar-Rapport iċċertifikat tal-Carnet TIR

Kaxxa 1 L-uffiċċju/i doganali tat-tluq.

Kaxxa 2 In-numru tal-carnet TIR.

Kaxxa 3 Isem l-organizzazzjoni internazzjonali.

Kaxxa 4 In-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vettura/i tat-triq.

Kaxxa 5 Id-detentur tal-carnet TIR u n-numru ta' identifikazzjoni.

Kaxxa 6 Il-kundizzjoni tas-siġilli doganali; X fil-kaxxa adattata:

- Kaxxa tax-xellug: is-siġilli huma intatti;

- Kaxxa tal-lemin: is-siġilli nkisru.

Kaxxa 7 Il-kundizzjoni tal-kompartiment tat-tagħbija, kontejner(s):

- Kaxxa tax-xellug: il-kompartiment tat-tagħbija huwa intatt;

- Kaxxa tal-lemin: il-kompartiment tat-tagħbija nfetaħ.

Kaxxa 8 Rimarki / sejbiet

Kaxxa 9 Il-kaxxa mmarkata "L-ebda merkanzija ma dehret nieqsa" trid timtela billi tiddaħħal X:

- Kaxxa tax-xellug: l-ebda merkanzija ma hija nieqsa.

- Kaxxa tal-lemin: merkanzija nieqsa. F'dan l-aħħar każ, il-

Kaxxi 10 sa 13 iridu jimtlew billi jiġi indikat liema merkanzija tkun nieqsa jew meqruda.

Kaxxa 10 a) Il-kompartiment(i) tat-tagħbija jew il-kontejner(s): daħħal id-dettalji ta' identifikazzjoni.

b) Marki u numri ta' pakketti jew ta' oġġetti: daħħal id-dettalji ta' identifikazzjoni.

Kaxxa 11 In-numru u t-tip ta' pakketti jew ta' oġġetti, deskrizzjoni tal-merkanzija.

Kaxxa 12 (M) għal merkanzija nieqsa.

(D) għal merkanzija meqruda.

Kaxxa 13 Rimarki, dettalji dwar il-kwantitajiet niqsin jew meqrudin.

Kaxxa 14 Id-data (jj/xx/ssss), il-post u l-ħin tal-aċċident.

Kaxxa 15 Il-miżuri meħudin sabiex l-operazzjoni TIR tkun tista' tkompli: għandha tiddaħħal X fil-kaxxa xierqa u, fejn ikun jixraq, għandhom jimtlew punti oħrajn:

- Kaxxa ta' fuq: twaħħil tas-siġilli l-ġodda: in-numru u d-deskrizzjoni.

- Kaxxa tan-nofs: trasferiment tat-tagħbija, ara l-Kaxxa 16.

- Kaxxa ta' isfel: oħrajn.

Kaxxa 16 Jekk il-merkanzija ġiet ittrasferita: jimtela l-punt "Deskrizzjoni ta' kull vettura tat-triq/kontejner issostitwit":

a) In-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura; jekk il-vettura tkun ġiet approvata għat-trasport TIR, għandha tiddaħħal X fil-kaxxa tax-xellug. Jekk le, għandha tiddaħħal X fil-kaxxa tal-lemin.

b) In-numru/i ta' identifikazzjoni tal-kontejner(s); jekk il-kontejner(s) ġie/ġew approvat(i) għat-trasport TIR, għandha tiddaħħal X fil-kaxxa tax-xellug. Jekk le, għandha tiddaħħal X fil-kaxxa tal-lemin.

In-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni, jekk xieraq, għandu jiddaħħal fin-naħa tal-lemin tal-kaxxa tal-lemin. In-numru u d-dettalji tas-siġilli mwaħħlin għandhom jiddaħħlu fil-linja fuq il-

lemin tal-kaxxa tal-lemin.

Kaxxa 17 L-isem/it-titlu u d-dettalji tal-awtorità li mliet ir-rapport iċċertifikat; il-post, id-data (jj/xx/ssss), it-timbru u l-firma.

Kaxxa 18 Id-data (jj/xx/ssss), it-timbru u l-firma tal-uffiċċju doganali li jmiss milħuq mit-trasport TIR.

Il-biċċa li tinqata' Il-parti nnumerata tar-rokna li tista' tinqata' fil-folja ta' wara tal-carnet TIR għandha tinqata' u tiġi rritornata lid-detentur tal-carnet TIR jekk il-carnet TIR ikun ittieħed mill-awtoritajiet kompetenti għall-investigazzjoni. Għandha tiġi approvata mill-awtorità li tkun ħadet il-carnet TIR b'timbru u b'firma bi kjarifika.

IX.8.4 Operazzjonijiet TIR f'ċirkostanzi partikolari (il-proċedura ta' riżerva/tal-kontinwità tal-operat)

Użu tal-carnet TIR

L-Artikolu 274 IA Meta l-NCTS jew is-sistema kompjuterizzata użata mid-detenturi tal-carnet TIR sabiex jippreżentaw *data* tal-carnet TIR ma tkunx disponibbli fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul, tintuża l-proċedura ta' riżerva/tal-kontinwità tal-operat u l-operazzjoni TIR tiġi rrilaxxata fuq il-bażi tal-carnet TIR. L-użu tal-proċedura ta' riżerva/kontinwità tal-operat huwa indikat fuq il-kontromarka Nru 1 u billi tiġi ttimbrata l-kaxxa mmarkata "Għal użu uffiċjali" tal-vawċer Nru 2, f'konformità mal-mudell fl-Anness 8.6.

Meta tiġi rritornata l-parti xierqa tal-vawċer Nru 2 fil-proċedura ta' riżerva/tal-kontinwità tal-operat, il-parti ta' wara tal-vawċer trid tkun immarkata bl-indirizz ta' ritorn tal-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul.

L-Artikolu 279(5) IA F'dawn il-każijiet, l-NCTS ma tistax tinuża għat-terminazzjoni jew għar-rilaxx tal-operazzjoni TIR fit-territorju doganali tal-Unjoni.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ jittermina l-proċedura TIR abbażi tal-vawċer Nru 2 tal-carnet TIR u jibgħat il-parti xierqa tiegħu lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul. Dan irid isir fi żmien tmint ijiem mid-data tat-terminazzjoni. L-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul iqabbel l-informazzjoni pprovduta mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ sabiex jirrilaxxa l-proċedura.

Azzjoni ta' qabel l-inkjesta fil-każ tal-proċedura ta' riżerva/tal-kontinwità tal-operat

L-aħjar prattiċi Manwal TIR

Jekk tintuża l-proċedura ta' riżerva/tal-kontinwità tal-operat u l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul ma jkunux irċivew il-parti xierqa tal-vawċer Nru 2 tal-carnet TIR sal-limitu ta' żmien ta' tmint ijiem, huma jistgħu jinterrogaw is-sistema elettronika ta' kontrolli tal-IRU, SafeTIR, sabiex jistabbilixxu jekk il-preżentazzjoni tal-carnet TIR fid-destinazzjoni jew fil-ħruġ ġietx irrapportata hemm. Dak jista' jgħinhom jibagħtu n-notifika ta' inkjesta tal-carnet TIR lill-uffiċċju doganali attwali jew tal-aħħar tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ fl-Unjoni.

Jekk il-konsultazzjoni tindika li l-carnet TIR ma ġiex ippreżentat lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul jistgħu jiddeċiedu li jibdew il-proċedura ta' inkjesta b'mod immedjat mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ iddikjarat fl-Unjoni.

Proċedura ta' inkjesta fil-każ tal-proċedura ta' riżerva/tal-kontinwità tal-operat

L-Artikolu 280(6) IA

Kull meta l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul ma jkunux irċivew prova li l-operazzjoni TIR ġiet itterminata fi żmien xahrejn mid-data tal-aċċettazzjoni tal-carnet TIR, jew jissuspettaw qabel li ma seħħet l-ebda terminazzjoni, huma jibgħatu notifika ta' inkjesta tal-carnet TIR (il-mudell aktar 'il quddiem) lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ. L-istess japplika jekk b'mod sussegwenti joħroġ biċ-ċar li l-prova tat-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR kienet iffalsifikata.

Il-proċedura stabbilita fil-Parti VII, il-Kapitolu 4 (il-proċedura ta' inkjesta) tapplika *mutatis mutandis*.

L-aħjar prattiċi Manwal TIR

Il-mudelli għall-ittra ta' informazzjoni u għan-notifika ta' inkjesta li għandhom jintużaw fi proċedura ta' riżerva/ta' kontinwità tal-operat huma:

IX.8.5 Notifika bil-miktub

Ittra ta' informazzjoni li għandha tintbagħat lill-assoċjazzjoni garanti TIR u lid-detentur tal-carnet TIR

…… …….

(isem sħiħ tal-uffiċċju doganali/tal-amministrazzjoni kkonċernata) (il-post u d-data)

Suġġett: Informazzjoni li tikkonċerna l-carnet TIR Nru……

indirizzata lil…..……

(isem sħiħ u indirizz tad-detentur tal-carnet TIR)

……

(isem sħiħ tal-assoċjazzjoni garanti)

Għażiż(a) Sinjur(a),

Aħna ġentilment ninfurmaw li minkejja l-amministrazzjoni doganali tagħna għadha ma rċevietx il-konferma ta' terminazzjoni b'mod korrett tal-operazzjoni TIR fl-Unjoni Ewropea mwettqa taħt il-carnet TIR Nru …….

Barra minn hekk, aħna kkontrollajna l-istatus ta' dan il-carnet TIR fis-sistema ta' Kontroll għall-carnets TIR u:

(2) ma hemm l-ebda informazzjoni li tikkonferma t-terminazzjoni ta' din l-operazzjoni TIR fl-Unjoni,

(3) hemm reġistrazzjoni li tikkonċerna din l-operazzjoni TIR u aħna diġà kkuntattjajna l-uffiċċju tad-destinazzjoni fi ……sabiex nikkonfermaw din l-informazzjoni SafeTIR iżda s'issa għadna ma rċevejna l-ebda konferma.[951]

Għalhekk, skont l-Artikolu 280(7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u mingħajr preġudizzju għan-notifika li għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 11.1 tal-Konvenzjoni TIR, aħna nitolbuk tipprovdilna d-dokumenti xierqa li juru li din l-operazzjoni TIR ġiet itterminata b'mod korrett fl-Unjoni Ewropea fi żmien 28 ġurnata mid-data ta' din l-ittra.

1 Opzjoni 1 jew 2 li għandha tintgħażel mill-amministrazzjoni doganali kkonċernata.

Il-prova għandha tiġi fornita fil-forma ta' wieħed mid-dokumenti li ġejjin li jidentifika l-merkanzija:

- dokument iċċertifikat mill-awtorità doganali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tat-tluq li jidentifika l-merkanzija u jistabbilixxi li l-merkanzija ġiet ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ, jew li ġiet ikkonsenjata lil konsenjatarju awtorizzat

- dokument jew rekord doganali, iċċertifikat mill-awtorità doganali ta' Stat Membru, li jistabbilixxi li l-merkanzija ħarġet fiżikament mit-territorju doganali tal-Unjoni

- dokument doganali maħruġ f'pajjiż terz fejn il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura doganali

- dokument maħruġ f'pajjiż terz, ittimbrat jew iċċertifikat b'mod ieħor mill-awtorità doganali ta' dak il-pajjiż u li jistabbilixxi li l-merkanzija hija kkunsidrata libera għaċ-ċirkolazzjoni f'dak il-pajjiż.

Kopja tad-dokumenti msemmijin hawn fuq iċċertifikati bħala kopji veri mill-korp li ċċertifika d-dokumenti oriġinali, mill-awtorità tal-pajjiż terz ikkonċernat jew minn awtorità ta' Stat Membru tista' tiġi pprovduta bħala prova.

……..

(timbru tal-uffiċċju doganali/firma tal-persuna responsabbli)

Annessi: kopja tal-vawċer nru 1 tal-carnet TIR

IX.8.6 Mudell tan-notifika ta' inkjesta

Carnet TIR — notifika ta' inkjesta

I. Għandha timtela mill-uffiċċju tat-tluq jew tad-dħul fl-Unjoni
A. Carnet TIR Nru B. Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ mill-Unjoni Kopja tal-vawċer Nru 1 meħmuża (isem u Stat Membru) C. Uffiċċju tat-tluq jew tad-dħul fl-Unjoni D. Numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura jew isem il-bastiment, jekk magħruf (isem, indirizz, Stat Membru) E. Skont l-informazzjoni disponibbli għal dan l-uffiċċju, il-konsenja kienet ☐ 1. ippreżentata lil……fi …./…./…. (uffiċċju doganali jew konsenjatarju awtorizzat) JJ /XX /SS ☐ 2. ikkonsenjata lil ……fi …./…./…. (l-isem u l-indirizz tal-persuna jew ditta) JJ/ XX/ SS ☐ 3. Mhux kwalunkwe informazzjoni dwar fejn tinsab il-merkanzija disponibbli Post u data: Firma Timbru
II. Għandha timtela mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ mill-Unjoni: Talba għal informazzjoni addizzjonali
Sabiex iwettaq l-inkjesti, l-uffiċċju tat-tluq jew tad-dħul fl-Unjoni huwa mitlub jibgħat: ☐ 1. deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija ☐ 2. kopja tal-fattura ☐ 3. kopja tas-CMR ☐ 4. id-dokumenti jew l-informazzjoni li ġejjin: Post u data: Firma Timbru

III Għandha timtela mill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul fl-Unjoni: Tweġiba għat-talba għal informazzjoni addizzjonali
☐ 1. L-informazzjoni, il-kopji u d-dokumenti mitlubin jinsabu annessi ☐ 2. L-informazzjoni, il-kopji jew id-dokumenti msemmijin taħt in-numri 1 2 3 4 ma jkunux disponibbli Post u data: Firma Timbru
IV. Għandha timtela mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ mill-Unjoni
☐ 1. Il-parti xierqa tal-Vawċer Nru 2 irritornata fi …./…./….; il-kopja debitament approvata tal-Vawċer Nru 1 hija mehmuża ☐ 2. Il-parti xierqa tal-Vawċer Nru 2 hija approvata kif xieraq u mehmuża ma' din in-notifika ta' inkjesta ☐ 3. L-inkjesti għaddejjin u kopja tal-Vawċer Nru 2 jew kopja tal-Vawċer Nru 1 jiġu rritornati mill-aktar fis possibbli ☐ 4. Il-konsenja ġiet ippreżentata hawnhekk mingħajr id-dokument relattiv ☐ 5. La l-konsenja u lanqas il-carnet TIR ma ġew ippreżentati hawnhekk u ma tista' tinkiseb l-ebda informazzjoni dwar dawn Post u data Firma Timbru

IX.8.7 Mudell ta' Ftehim/Impenn tal-UE

MUDELL TA' FTEHIM STANDARD TAL-UE BEJN L-AMMINISTRAZZJONIJIET DOGANALI TAL-ISTATI MEMBRI U L-ASSOĊJAZZJONIJIET GARANTI NAZZJONALI TAGĦHOM DWAR IL-PROĊEDURA TIR‡

F'konformità mal-Artikoli 6 u 8, u mal-Anness 9, il-Parti I, il-paragrafu 1(d) tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti koperti b'Carnets tat-TIR magħmula f'Ġinevra fl-14 ta' Novembru 1975, kif emendata aktar tard (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Konvenzjoni TIR), l-[*isem l-Amministrazzjoni Doganali]* u l-*[isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*], bħala assoċjazzjoni approvata mill-imsemmija Awtoritajiet doganali sabiex taġixxi bħala assigurazzjoni għal persuni li jużaw il-proċedura TIR§, b'dan jaqblu kif ġej:

Impenn

F'konformità mal-Artikolu 8 u mal-Anness 9, il-Parti I, il-paragrafu 3(iv) tal-Konvenzjoni TIR, l-[*isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*] tintrabat li tħallas lil [*isem l-Amministrazzjoni Doganali*] l-ammont garantit tad-dejn doganali u ta' imposti oħrajn, flimkien ma' kwalunwe mgħax ta' inadempjenza, dovuti skont ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea u, fejn xieraq, skont il-liġi nazzjonali ta' [*isem l-Istat Membru*] jekk tiġi osservata irregolarità b'konnessjoni ma' operazzjoni TIR.

Dan l-impenn japplika għall-moviment ta' merkanzija taħt il-kopertura ta' kwalunkwe carnet TIR maħruġ minn [*isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*] jew minn kwalunkwe assoċjazzjoni garanti oħra affiljata mal-organizzazzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 6.2 tal-Konvenzjoni TIR.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni TIR, [*isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*] għandha tkun responsabbli *in solidum* mal-persuni li mingħandhom iridu jinġabru l-ammonti msemmijin hawn fuq, għall-ħlas ta' dawn l-ammonti.

F'konformità mal-Artikolu 163 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni l-ammont massimu tal-pretensjoni li jista' jintalab minn [*isem l-Amministrazzjoni Doganali*] minn [*isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*] għandu jkun limitat għal EUR 100 000 (mitt elf) għal kull Carnet TIR jew għal ammont ugwali għal dak l-ammont stabbilit f'konformità

‡ Ftehim amministrattiv TAXUD/1958/2003 Finali

§ L-Artikolu 1(q) tal-Konvenzjoni TIR 1975 jirreferi. Dan il-Ftehim u l-Impenn ma japplikawx għat-trasport ta' prodotti tal-alkoħol u tat-tabakk deskritti fin-Nota ta' Spjegazzjoni 0.8.3 tal-Konvenzjoni TIR.

mal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

[*Isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*] tintrabat li tħallas mal-ewwel applikazzjoni bil-kitba minn [*isem l-Amministrazzjoni Doganali*] u fi żmien il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-Konvenzjoni TIR, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Dan l-impenn ma japplikax għal kwalunkwe multa jew penali li tista' tiġi imposta mill-Istat Membru kkonċernat.

Notifika u Talbiet għall-Ħlas

Sabiex tkun stabbilita liema amministrazzjoni Doganali tal-Unjoni Ewropea tkun kompetenti għall-irkuprar tal-ammonti msemmijin hawn fuq, għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 87 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Għalhekk, [*isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*] hija responsabbli wkoll għall-ħlas tal-ammonti msemmijin hawn fuq f'każ meta jkunu japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 167(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Ir-responsabbiltà ta' [*isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*] tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni TIR. B'mod partikolari, ir-responsabbiltà għandha tinbeda fiż-żminijiet speċifikati fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 tal-Konvenzjoni TIR.

Dispożizzjonijiet oħrajn

[*Isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*] timpenja ruħha wkoll li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Anness 9, il-Parti I, il-paragrafu 3(i) sa (iii) u (v) sa (x) kif ukoll mal-obbligu għas-sottomissjoni tad-*data* f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness 9, il-Parti II tal-Konvenzjoni TIR.

Terminazzjoni tal-Ftehim

Dan il-ftehim preżenti ma għandux data ta' skadenza. Kull parti tista' b'mod unilaterali tittermina l-Ftehim dment li tagħti lill-parti l-oħra notifika bil-miktub ta' mhux anqas minn tliet (3) xhur.

It-terminazzjoni ta' dan il-ftehim għandha tkun mingħajr preġudizzjoni għar-responsabbiltajiet ta' [*isem tal-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*] skont il-Konvenzjoni TIR. Dan ifisser li [*isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*] għandha tibqa' responsabbli għal kull pretensjoni valida għall-ħlas tal-ammont garantit li jirriżulta mill-operazzjonijiet TIR koperti b'dan il-Ftehim u mibdija qabel id-data ta' meta daħlet fis-seħħ it-terminazzjoni tal-Ftehim, anki jekk it-talba għall-ħlas tintbagħat wara dik id-data.

Ġuriżdizzjoni

Fil-kuntest ta' kwalunkwe tilwima li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan il-ftehim, il-post tal-ġuriżdizzjoni u l-liġi nazzjonali applikabbli għandhom ikunu dawk tal-Istat Membru tal-uffiċċju rreġistrat ta' [*isem l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali*].

Dħul fis-seħħ

Dan il-ftehim għandu jkun validu minn…

Iffirmat	Iffirmat
Għall-Assoċjazzjoni Garanti Nazzjonali	Għall-Amministrazzjoni Doganali
Data	Data

IX.8.8 Kampjun tat-timbru għall-proċedura ta' riżerva/tal-kontinwità tal-operat

IL-PROĊEDURA TAL-KONTINWITÀ TAL-OPERAT TAL-NCTS *L-EBDA DATA DISPONIBBLI FIS-SISTEMA* *MIBDIJA FI*_____ *(Data/ħin)*

(dimensjonijiet: 26 x 59 mm, linka ħamra)

Għal-lingwi kollha tat-timbru, ara l-Parti V, l-Anness 8.1

IX.8.9 Eżempji ta' sitwazzjonijiet ta' tidħil tad-*data* elettronika tal-carnet TIR

a) Trasport TIR li jibda minn pajjiż terz u li jinvolvi pajjiż mhux tal-Unjoni matul il-vjaġġ tiegħu:

Eżempju:

[It-Turkija — Kapitan Andreevo (il-Bulgarija) — Siret (ir-Rumanija) — l-Ukrajna — Medyka u Krakovja (il-Polonja)]

Id-detentur tal-carnet TIR huwa responsabbli sabiex jippreżenta d-*data* tal-carnet TIR fl-uffiċċju doganali tad-dħul f'Kapitan Andreevo (il-Bulgarija). L-uffiċċju doganali tal-ħruġ mill-Unjoni f'Siret (ir-Rumanija) jittermina l-operazzjoni TIR u jibgħat il-messaġġi

IE006 u IE018 lill-uffiċċju doganali tad-dħul f'Kapitan Andreevo (il-Bulgarija). Meta l-operazzjoni TIR tidħol mill-ġdid fl-Unjoni, id-detentur tal-carnet TIR jerġa' jkun responsabbli sabiex jippreżenta d-*data* tal-carnet TIR fl-uffiċċju doganali tad-dħul f'Medyka (Polonja). Din hija operazzjoni tal-NCTS/TIR ġdida b'MRN ġdid. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (Krakovja) jittermina l-operazzjoni TIR billi jibgħat il-messaġġi IE006 u IE018 lil Medyka u jaqta' u jżomm iż-żewġ partijiet tal-Vawċer Nru 2 tal-carnet TIR u jannota l-kontromarka tal-carnet TIR.

b) Trasport TIR li jibda mill-Unjoni u li jinvolvi post intermedju tat-tagħbija:

Eżempju:

[Turku (il-Finlandja) — Kotka (il-Finlandja) — ir-Russja]

Id-detentur tal-carnet TIR huwa responsabbli sabiex jippreżenta d-*data* tal-carnet TIR u jippreżenta l-carnet TIR fl-uffiċċju doganali tat-tluq (Turku). Fil-post intermedju tat-tagħbija (Kotka), l-operazzjoni TIR preċedenti (minn Turku) tiġi tterminata billi jintbagħtu l-messaġġi IE006 u IE018 lil Turku u jinqatgħu u jinżammu ż-żewġ partijiet tal-Vawċer Nru 2 tal-carnet TIR u ssir annotazzjoni fuq il-kontromarka tal-carnet TIR. Id-detentur tal-carnet TIR jippreżenta d-*data* tal-carnet TIR inkluża d-*data* tal-operazzjoni preċedenti minn Turku u l-merkanzija mgħobbija f'Kutka u jippreżenta l-carnet TIR f'Kutka sabiex jibda operazzjoni TIR ġdida. L-uffiċċju doganali tal-ħruġ mill-Unjoni (Vaalimaa) jittermina l-operazzjoni TIR billi jibgħat il-messaġġi IE006 u IE018 lil Kotka u jaqta' u jżomm iż-żewġ partijiet tal-Vawċer Nru 2 tal-carnet TIR u jannota l-kontromarka tal-carnet TIR.

c) Trasport TIR li jibda minn pajjiż terz (ir-Russja) u li jinvolvi żewġ postijiet tal-ħatt fl-Unjoni:

Eżempju:

[Murmansk (ir-Russja) — Oulu (il-Finlandja) — Turku (il-Finlandja)]

Id-detentur tal-carnet TIR huwa responsabbli sabiex jippreżenta d-*data* tal-carnet TIR u jippreżenta l-carnet TIR fl-uffiċċju doganali tad-dħul (Rajajooseppi). Fil-post intermedju tal-ħatt (Oulu), l-operazzjoni TIR preċedenti (minn Rajajooseppi) tiġi tterminata billi jintbagħtu l-messaġġi IE006 u IE018 lil Rajajooseppi u jinqatgħu u jinżammu ż-żewġ partijiet tal-Vawċer Nru 2 tal-carnet TIR u ssir annotazzjoni fuq il-kontromarka tal-carnet TIR. Id-detentur tal-carnet TIR jippreżenta d-*data* tal-carnet TIR inkluża d-*data* tal-operazzjoni li jifdal minn Rajajooseppi u jippreżenta l-carnet TIR f'Oulu sabiex jibda operazzjoni TIR ġdida. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni (Turku) jittermina l-operazzjoni TIR billi jibgħat il-messaġġi IE006 u IE018 lil Oulu u jaqta' u jżomm iż-żewġ partijiet tal-Vawċer Nru 2 tal-carnet TIR u jannota l-kontromarka tal-carnet TIR.

IX.9.1. Eżempju ta' sitwazzjoni li tinvolvi l-Irlanda ta' Fuq wara Brexit

It-trasport TIR iseħħ mill-Ġermanja lejn l-Irlanda ta' Fuq (XI), mill-Belġju u mill-Gran Brittanja (GB).

Il-vettura tat-triq, jew il-kontejner, irid jiġi ppreżentat għall-finijiet ta' kontroll lill-uffiċċju doganali tat-tluq f'DE, flimkien mal-Carnet TIR. Meta l-uffiċċju doganali ta' DE jaċċetta l-Carnet TIR, **l-ewwel operazzjoni TIR tibda minn dak l-uffiċċju għall-uffiċċju doganali tal-ħruġ (*en route*) f'BE.** Il-vettura jew il-kontejner flimkien mal-Carnet TIR iridu jiġu ppreżentati lill-Uffiċċju Doganali tal-ħruġ (*en route*) f'BE, fejn din l-operazzjoni TIR tiġi tterminata.

Jekk jogħġbok kun af li minbarra r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni TIR (eż. l-użu tal-Carnet TIR fuq il-karti), l-iskambji tad-*data* tal-carnet TIR bejn iż-żewġ uffiċċji doganali **jsiru permezz tal-ħolqien ta' moviment tal-NCTS TIR** fl-uffiċċju doganali Ġermaniż u jiġu tterminati fl-uffiċċju doganali Belġjan, kif stipulat mill-IA tal-KDU.

Imbagħad, il-vettura tat-triq, jew il-kontejner, jivvjaġġa b'mezz ta' trasport tul korp tal-ilma lejn GB, u b'hekk iħalli t-territorju doganali tal-UE. Il-vettura jew il-kontejner irid jiġi ppreżentat għall-kontroll lill-uffiċċju doganali tad-dħul (*en route*) ta' GB flimkien mal-Carnet TIR għall-aċċettazzjoni**. Hawnhekk tibda t-tieni operazzjoni TIR**. Il-vjaġġ tal-vettura f'GB jintemm fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ (*en route*) ta' GB fejn il-vettura u l-carnet TIR iridu jiġu ppreżentati għall-kontroll u għat-terminazzjoni tal-operazzjoni.

Mad-dħul f'XI, territorju fejn japplika l-qafas legali tal-KDU, il-vettura jew il-kontejner irid jiġi ppreżentat lill-uffiċċju doganali tad-dħul (*en route*) ta' XI għall-kontrolli. **Dan ikun il-bidu tat-tielet u l-aħħar operazzjoni TIR ta' dan it-trasport TIR mid-dwana tad-dħul (*en route*) ta' XI lejn uffiċċju doganali intern tad-destinazzjoni f'XI**. Il-vettura, jew il-kontejner, irid jiġi ppreżentat lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għall-kontrolli, għat-terminazzjoni u għar-rilaxx tal-operazzjoni TIR. Kif stipulat mill-IA tal-KDU, għall-iskambji ta' *data* tal-carnet TIR bejn l-uffiċċju doganali tad-dħul (*en route)* ta' XI u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, moviment TIR tal-NCTS irid jinħoloq fl-uffiċċju doganali tad-dħul ta' XI u jiġi tterminat fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni f'XI.